Nru. 100

31. 8. 94

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Michael Falzon, M.P., Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riżorsi Umani f'isem l-Onor. John Dalli, M.P., Ministru tal-Finanzi, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tas-7 ta' Marzu, 1994.

ATT biex jirregola kumpanniji b'responsabbilta imitata u soċjetajiet kummerċjali oħra minflok l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali.

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati

HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Michael Falzon, M.P., Minister of Education and Human Resources, on behalf of the Hon. John Dalli, M.P., Minister of Finance, and read the First time at the Sitting of the 7th March, 1994.

AN ACT to regulate, in place of the Commercial Partnerships Ordinance, limited liabiltiy companie and other commercial partnerships.

RICHARD J. CAUCHI
Clerk to the House of Representatives

ATT TA' L-1994 DWAR IL-KUMPANNIJI

Arranġament ta' l-Artikoli

1. Titolu fil-qosor

TAQSIMA I — DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

2. Tifsir
3. Riferenzi f'Atti oħra

TAQSIMA II — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

4. Formazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali u diversi xorta ta' soċjetajiet kummerċjali
5. Liġi li tirregola soċjetajiet kummerċjali
6. Wiri ta' partikolaritajiet f'ittri kummerċjali, eċċ.

TAQSIMA III — SOĊJETÀ F'ISEM KOLLETTIV

7. Tifsir
8. Ftehim għall-ħlas ta' sehem mill-profitti
9. Isem soċjali
10. Penalitajiet
11. Kontribuzzjonijiet li jitqiesu magħmula fi proprjetà
12. Kontribuzzjoni ta' dejn dovut lil soċju
13. Kif titwaqqaf soċjetà
14. X'għandu jkun fih att tas-soċjetà
15. Reġistrazzjoni ta' l-att tas-soċjetà
16. Ismijiet permissibbli bħala ismijiet ta' soċjetà
17. Dmir tar-Reġistratur u effetti tar-reġistrazzjoni
18. Meta ma jinħariġx ċertifikat ta' reġistrazzjoni
19. Tibdil f'att tas-soċjetà
20. Meta t-tibdil ikun fl-isem ta' soċjetà
21. Tnaqqis fil-kontribuzzjoni ta' soċju u xoljiment qabel iż-żmien stabbilit għad-dewmien tagħha.
22. Jedd ta' kredituri ta' soċju li jopponu t-tkabbir tad-dewmien tas-soċjetà
23. Dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati Superjuri
24. Kif jista' jinbidel att ta' soċjetà
25. Amministrazzjoni u rappreżentanza ta' soċjetà u kif tista' tintrabat soċjetà
26. Tiżmim ta' *records* ta' kontijiet
27. Soċji ġodda
28. Tqassim ta' profitti
29. Jeddijiet ta' kredituri ta' soċju
30. Soċju ma jistax jikkompeti mas-soċjetà
31. Mewt ta' soċju
32. Tkeċċija ta' soċju
33. Temm milli wieħed jibqa' soċju
34. Jeddijiet ta' persuni li ma jibqgħux soċji
35. Xoljiment ta' soċjetajiet f'isem kollettiv
36. Avviż ta' xoljiment
37. Kif isir stralċ ta' soċjetà f'isem kollettiv
38. Setgħa li jitneħħa stralċjarju
39. Kumpens ta' stralċjarju

40. Spejjeż ta' l-istralċ jitħallsu qabel kull drittijiet oħra
41. Penali
42. Setgħat sakemm isir provdiment għall-istralċ
43. Dmirijiet ta' soċji li jkollhom l-amministrazzjoni
44. Setgħat ta' stralċjarji
45. Stralċjarju ma jqassamx l-attiv qabel ma jħallas id-djun
46. Dmir ta' stralċjarju li jagħti tagħrif, li jagħti rendikont u li jħejji skema ta' tqassim
47. Regoli li japplikaw għal tqassim ta' attiv
48. Approvazzjoni tal-kontijiet u skema ta' tqassim
49. Tħassir ta' isem tas-soċjetà mir-reġistru
50. Konservazzjoni ta' *records* ta' kontijiet u dokumenti wara xoljiment

TAQSIMA IV — SOĊJETÀ IN AKKOMANDITA

51. Tifsir
52. Safejn jgħoddu d-dispożizzjonijiet li jirregolaw soċjetà f'isem kollettiv
53. Isem soċjali
54. Kontribuzzjoni ta' soċju akkomandant ma tinkludix servizzi personali
55. Kontenut ta' att tas-soċjetà
56. Jeddijiet u dmirijiet ta' soċji
57. Amministrazzjoni u rappreżentanza
58. Ħatra ta' soċji biex jamministraw u jirrappreżentaw soċjetà in akkomandita
59. Soċju akkomandant ma jistax jieħu sehem fit-tmexxija ta' soċjetà in akkomandita
60. Tagħrif tal-kontijiet annwali lis-soċji akkomandanti
61. Artikoli li ma japplikawx għal soċji akkomandanti
62. Soċju akkomandant mhux marbut jagħti lura qligħ li jirċievi *in bona fede*
63. Cessjoni ta' nteress minn soċju akkomandant u drittijiet ta' soċji akkomandanti
64. Mewt jew tkeċċija ta' soċju akkomandant
65. Xoljiment ta' soċjetà in akkomandita
66. Taqsim ta' kapital f'azzjonijiet

TAQSIMA V — KUMPANNIJA TA' RESPONSABBILTÀ LIMITATA

Titolu I — Formazzjoni u Funzjoni ta' Kumpanniji

Kapitolu I — Formazzjoni ta' kumpannija u ħwejjeġ inċidentali għaliha

67. Tifsir
68. Kif titwaqqaf kumpannija
69. Kontenut tal-memorandum
70. Isem tal-kumpannija
71. Għanijiet ta' kumpannija
72. L-inqas kapital azzjonarju
73. Kumpens għall-akkwist ta' azzjoni
74. Trasferiment lill-kumpannija fl-ewwel sentejn ta' attiv li ma jkunx flus
75. Statut ta' assoċjazzjoni
76. Reġistrazzjoni ta' memorandum u statut
77. Dmir tar-Reġistratur u effetti tar-reġistrazzjoni
78. Meta ma jinħariġx ċertifikat ta' reġistrazzjoni
79. Tibdil u żidiet fil-memorandum u fl-istatut

80. Tibdil ta' isem il-kumpannija
81. Tibdil fil-memorandum jew fl-istatut b'żieda fir-responsabbiltà ta' kontribuzzjoni għal kapital azzjonarju ma għandhux jorbot membri eżistenti mingħajr il-kunsens tagħhom
82. Awtentikazzjoni ta' dokumenti

Kapitolu II — Tibdil fil-kapital azzjonarju ta' kumpannija

83. Tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ
84. Kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli
85. Żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ u d-dritt ta' diretturi li joħorġu azzjonijiet
86. Ammont imħallas ma' l-għoti ta' azzjonijiet ta' kumpannija pubblika
87. Ammont imħallas ma' l-għoti ta' azzjonijiet ta' kumpannija privata
88. Offerta ta' azzjonijiet fuq bażi ta' prelazzjoni mal-ħruġ

Kapitolu III — Ħruġ ta' kapital minn kumpanniji pubbliċi

89. Ħruġ ta' applikazzjonijiet għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija pubblika jsir bi prospett
90. Data ta' prospett u ħwejjeġ li jingħadu fih
91. Penali
92. Prospett li jkollu dikjarazzjoni minn esperti
93. Reġistrazzjoni ta' prospett
94. Responsabbiltà ċivili għal dikjarazzjonijiet ħżiena fil-prospett
95. Dokument li jkollu offerta għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet għal bejgħ jitqies bħala prospett
96. Tifsir ta' dispożizzjonijiet dwar prospett

Kapitolu IV — Għoti ta' azzjonijiet u obbligazzjonijiet ta' kumpanniji

97. Ebda għoti jekk ma tkunx riċevuta sottoskrizzjoni minima
98. Effett ta' għoti irregolari
99. Żmien tal-ftuħ tal-lista tas-sottoskrizzjoni
100. Irtir ta' applikazzjonijiet għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet
101. Għoti ta' azzjonijiet eċċ., jsir fil-borża
102. Tħaddim ta' l-artikolu 101 ta' dan l-Att meta l-prospett joffri azzjonijiet għall-bejgħ
103. Prospett dwar għoti ta' azzjonijiet

Kapitolu V — Tiżmim ta' kapital azzjonarju u protezzjoni ta' drittijiet ta' klassi

104. Dmir tad-diretturi meta jkun hemm telf serju ta' kapital
105. Kumpannija ma tistax tissottoskrivi għal azzjonijiet tagħha stess
106. Kondizzjonijiet li taħthom kumpannija tista' takkwista l-azzjonijiet tagħha stess
107. Akkwist minn kumpannija ta' l-azzjonijiet tagħha stess mingħajr l-applikazzjoni ta' l-artikolu 106 ta' dan l-Att
108. Azzjonijiet akkwistati jew miżmuma bi ksur ta' l-artikoli 106 u 107 ta' dan l-Att
109. Kondizzjonijiet biex kumpannija takkwista l-azzjonijiet tagħha stess meta permess bil-liġi
110. Impriża ma tistax tissottoskrivi għal azzjonijiet jew takkwista azzjonijiet fil-kumpannija *holding* tagħha jew tipprovdi għajnuna finanzjarja għax-xiri jew sottoskrizzjoni għall-azzjonijiet tagħha stess jew tal-kumpannija *parent* tagħha

111. Effett ta' l-aċċettazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-kumpannija stess bħala sigurtà
112. Azzjonijiet konfiskati jew ċeduti
113. Kondizzjonijiet għall-ħlas lura ta' kummissjonijiet, skonti eċċ.
114. Kif jiġi applikat il-*premium* riċevut mal-ħruġ ta' azzjonijiet
115. Azzjonijiet privileġġati li jistgħu jinfdew
116. Jeddijiet ta' detenturi ta' azzjonijiet ta' klassijiet speċjali u tibdil tagħhom

Kapitolu VI — Dispożizzjonijiet mixxellanji dwar azzjonijiet u obbligazzjonijiet

117. Numerazzjoni ta' azzjonijiet
118. Trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet
119. Reġis razzjoni ta' trasferiment fuq talba ta' min jittrasferixxi
120. Ħruġ ta' ċertifikati
121. *Warrants* dwar azzjonijiet
122. Rahan ta' azzjonijiet
123. Reġistru tal-membri
124. Reġistru ta' obbligazzjonijiet
125. Spezzjoni ta' reġistri
126. Setgħa li jingħalqu reġistri
127. *Trustees* u *nominees*

Kapitolu VII — Laqgħat u Riżoluzzjonijiet

128. Tiżmim ta' laqgħa ġenerali annwali
129. Sejħa ta' laqgħa ġenerali straordinarja fuq talba
130. Żmien għal avviż biex jissejħu laqgħat ġenerali
131. Dispożizzjonijiet ġenerali dwar laqgħat u voti
132. Setgħa tal-Qorti li ssejjaħ laqgħa
133. Prokuri
134. Jedd għal talba ta' votazzjoni
135. Riżoluzzjonijiet ordinarji u straordinarji

Kapitolu VIII — Tmexxija u Amministrazzjoni

136. Jedd tal-kumpannija li tissellef flus, tipoteka jew toħloq piż fuq l-impriża, eċċ.
137. Diretturi
138. Segretarju tal-kumpannija
139. Restrizzjonijiet dwar ħatra ta' diretturi
140. Tneħħija ta' diretturi
141. Vakanza każwali
142. Skwalifika bħala ħatra ta' direttur
143. Diretturi li jikkonkorru mal-kumpannija
144. Projbizzjoni ta' self eċċ, lil diretturi
145. Dmir ta' direttur li jgħid interess li jkollu f'kuntratt mal-kumpannija
146. Prospett dwar tibdil fost diretturi u segretarju tal-kumpannija
147. Ir-responsabbiltà tad-diretturi tkun *in solidum* dwar ksur ta' dmirijiet
148. Dispożizzjonijiet dwar responsabbiltà ta' uffiċjali u udituri
149. Minuti tal-proċeduri

Kapitolu IX — Udituri

150. Ħatra f'laqgħa ġenerali li fiha jkunu preżentati l-kontijiet
151. Ħatra mill-Qorti fin-nuqqas ta' ħatra mill-kumpannija
152. Mili ta' vakanza każwali

153. Kwalifika għal ħatra ta' uditur
154. Jedd għal tagħrif
155. Jedd għal attendenza f'laqgħat tal-kumpannija
156. Kumpens ta' udituri
157. Tneħħija ta' udituri
158. Jeddijiet ta' udituri li jitneħħew u ma jkunux maħtura mill-ġdid
159. Riżenja ta' udituri
160. Jeddijiet ta' udituri li jirriżenjaw
161. Dikjarazzjoni minn persuna li ma tibqax fil-kariga ta' uditur
162. Reati għal ksur ta' l-artikolu 161

Kapitolu X — Kontijiet, Verifika u Prospett Annwali

163. Tiżmim ta' *records* tal-kontijiet
164. Żmien ta' riferenza għall-kontijiet u data ta' riferenza għall-kontijiet
165. Tibdil taż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet
166. Konsegwenza ta' għoti ta' avviż taħt l-artikolu 165 ta' dan l-Att
167. Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kontenut u l-forma ta' kontijiet individwali
168. Kontijiet annwali ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji
169. Kontijiet ta' kumpannija ta' investiment b'kapital varjabbli
170. Dmir li jitħejjew kontijiet konsolidati
171. Forma u kontenut ta' kontijiet konsolidati
172. Eżenzjoni għal kumpanniji *holding* finanzjarji
173. Kontijiet konsolidati — eżenzjoni minħabba daqs
174. Eżenzjoni ta' kumpanniji *parent* inklużi fil-kontijiet ta' gruppi ikbar
175. Wiri meħtieġ fin-noti tal-kontijiet
176. Approvazzjoni u firma ta' kontijiet annwali
177. X'ikun fih ir-rapport tad-diretturi
178. Approvazzjoni u firma tar-rapport tad-diretturi
179. Rapport ta' l-uditur
180. Lil min għandhom jintbagħtu l-kontijiet ta' kumpannija
181. Id-diretturi jqiegħdu l-kontijiet quddiem il-laqgħa ġenerali
182. Żmien għat-tqegħid u approvazzjoni ta' kontijiet
183. Kopji tal-kontijiet jingħataw lir-Reġistratur
184. Prospett annwali
185. Eżenzjonijiet għal kumpanniji żgħar
186. Kapital azzjonarju f'munita barranija
187. Kontijiet f'munita barranija
188. Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti li jibdlu ħtiġiet ta' *accounting*
189. Dispożizzjonijiet konsegwenzjali għall-artikolu 188
190. Ordni tal-Qorti għar-rimedju biex kontijiet jitqiegħdu jew ikunu konsenjati
191. Applikazzjoni għal soċjetajiet kummerċjali oħra

Kapitolu XI — Tqassim ta' qligħ u attiv

192. Ċertu tqassim hu projbit
193. Tqassim minn kumpanniji pubbliċi
194. Tqassim ieħor minn kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss
195. Estensjoni ta' l-artikolu 194 għal kumpanniji oħra
196. Trattament ta' kost ta' żvilupp
197. Tqassim ikun ġustifikat b'riferenzi għall-kontijiet tal-kumpannija
198. Ħtiġiet għall-aħħar kontijiet annwali
199. Ħtiġiet għal kontijiet *interim*
200. Ħtiġiet għal kontijiet inizjali

201. Kif ikun applikat l-artikolu 197 għal tqassim suċċessiv
202. Trattament ta' attiv fil-kontijiet rilevanti
203. Tqassim mhux fi flus
204. Konsegwenzi ta' tqassim illeġittimu
205. Obbligi mposti barra milli bl-artikolu 204 ma jkunux preġudikati
206. Riżerva għal dispożizzjonijiet fi statut li tkun fis-seħħ qabel l-1 ta' Lulju, 1994
207. Tifsiriet għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu
208. Riżerva għal restrizzjonijiet oħra fuq tqassim

Kapitolu XII — Kumpannija Privata

209. Tifsir
210. Riżoluzzjonijiet bil-miktub
211. Kumpannija eżenti
212. Kumpanniji b'membru wieħed
213. Tibdil fl-istat tal-kumpannija

Titolu II — Xoljiment u stralċ konsegwenzjali ta' kumpanniji

214. Kawżi ta' xoljiment u stralċ konsegwenzjali
215. Tifsir ta' kontributorju
216. Responsabbiltà bħala kontributorji ta' membri preżenti u passati
217. Responsabbiltà ta' diretturi u azzjonisti passati

Sub-Titlu I — Stralċ mill-Qorti

Kapitolu I — Dispożizzjonijiet Ġenerali

218. Talba għal xoljiment u stralċ
219. Setgħat tal-Qorti
220. Setgħa biex jitwaqqfu proċedimenti kontra kumpannija
221. Disponimenti ta' proprjetà eċċ. wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment
222. Ma jkunux eżegwiti mandati kontra kumpannija
223. Data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment
224. Konsegwenzi ta' ordni għal stralċ

Kapitolu II — Riċevitur Uffiċjali

225. Riċevitur Uffiċjali
226. Dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpannija tingħata lir-Riċevitur Uffiċjali
227. Rapport minn Riċevitur Uffiċjali

Kapitolu III — Stralċjarji fi stralċ mill-Qorti

228. Ħatra u setgħat ta' amministratur proviżorju
229. Funzjonijiet ta' Riċevitur Uffiċjali dwar il-kariga ta' stralċjarju
230. Għażla ta' stralċjarju f'laqgħat ta' krediturі u kontributorji
231. Laqgħat ta' krediturі u kontributorji
232. Krediturі jkollhom jedd jivvotaw
233. Avviż ta' l-ewwel laqgħa ta' l-uffiċjali tal-kumpannija
234. Sommarju tad-dikjarazzjoni tal-qagħda finanzjarja
235. Meta tkun maħtura bħala stralċjarju persuna li ma tkunx ir-Riċevitur Uffiċjali
236. Dispożizzjonijiet ġenerali dwar stralċjarji
237. Kustodja u kontroll ta' proprjetà tal-kumpannija

238. Setgħa ta' stralċjarju
239. Eżerċizzju u kontroll tas-setgħat ta' l-istralċjarju
240. Kotba li għandhom jinżammu mill-istralċjarju
241. Ħlasijiet ta' l-istralċjarju fil-bank
242. Verifika tal-kontijiet ta' l-istralċjarju
243. Kontroll ta' stralċjarji
244. Ħelsien ta' stralċjarji

Kapitolu IV — Kumitati ta' spezzjon fi stralċ mill-Qorti

245. Deċiżjoni dwar jekk jinħatarx kumitat
246. Għamla u proċedimenti ta' kumitat ta' stralċ
247. Setgħat tar-Riċevitur Uffiċjali meta ma jkunx hemm kumitat

Kapitolu V — Setgħat ġenerali ta' stralċ mill-Qorti fi stralċ mill-Qorti

248. Setgħa li jitwaqqaf l-istralċ
249. Il-lista ta' kontributorji tkun aġġornata u użu ta' l-attiv
250. Konsenja ta' proprjetà lill-istralċjarju
251. Dejn dovut minn kontributorju u limitu ta' tpaċija
252. Setgħa li jsiru sejħiet
253. Ordni tal-Qorti jkun prova konklużiva
254. Ħatra ta' *manager* speċjali
255. Żmien għal prova ta' dejn
256. Aġġustamenti ta' jeddijiet ta' kontributorji
257. Spezzjon ta' kotba tal-kumpannija
258. Ħlas tal-kont ta' l-istralċ mill-attiv
259. Tħarrik ta' persuni suspettati li jkollhom proprjetà tal-kumpannija, eċċ.
260. Setgħa ta' ordni biex ikunu eżaminati promuturi u uffiċjali
261. Setgħa għal arrest ta' kontributorju li jkun se jaħrab
262. Is-setgħat tal-Qorti kumulattivi
263. Stralċjarju jeżerċita ċerti setgħat tal-Qorti
264. Tħassir ta' isem ta' kumpannija mir-reġistru

Sub-Titolu II — Stralċ Volontarju

Kapitolu I — Dispożizzjonijiet Ġenerali

265. Avviż ta' riżoluzzjoni għal xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali
266. Bidu ta' stralċ volontarju
267. Effetti ta' stralċ volontarju
268. Dikjarazzjoni ta' solvenza

Kapitolu II — Dispożizzjonijiet applikabbli għal stralċ volontarju tal-membri

269. Dispożizzjonijiet dwar stralċ volontarju tal-membri
270. Ħatra u rimunerazzjoni ta' stralċjarji
271. Vakanza fil-kariga ta' stralċjarju
272. Dmir ta' stralċjarju f'każ ta' insolvenza
273. Stralċjarju jagħmel laqgħa ġenerali meta l-istralċ idum iktar minn tnax-il xahar
274. Laqgħa finali
275. Tħassir ta' isem ta' kumpannija mir-reġistru
276. Dispożizzjonijiet alternattivi f'każ ta' insolvenza

Kapitolu III — Dispożizzjonijiet applikabbli għal stralċ volontarju tal-kredituri

277. Dispożizzjonijiet applikabbli għal stralċ volontarju tal-kredituri
278. Laqgħa tal-kredituri
279. Ħatra ta' stralċjarju
280. Kumitat ta' stralċ
281. Rimunerazzjoni ta' l-istralċjarju
282. Vakanza fil-kariga ta' stralċjarju
283. Stralċjarju jagħmel laqgħa tal-kumpannija u tal-kredituri meta l-istralċ idum iżjed minn tnax-il xahar
284. Laqgħat finali
285. Tħassir ta' isem ta' kumpannija mir-reġistru

Kapitolu IV — Dispożizzjonijiet applikabbli għal kull stralċ volontarju

286. Dispożizzjonijiet applikabbli għal kull stralċ volontarju
287. Tqassim ta' proprjetà tal-kumpannija
288. Setgħat u dmirijiet ta' stralċjarju
289. Setgħat tal-Qorti li tneħħi stralċjarji
290. Avviż mill-istralċjarju tal-ħatra tiegħu
291. Meta arranġament ikun jorbot lill-membri
292. Il-Qorti tista' tiddeċiedi kwistjonijiet u teżerċita setgħat
293. Spejjeż ta' stralċ volontarju
294. Riżervi għal jeddijiet ta' krediturі u kontributorji

Sub-Titlu III — Dispożizzjonijiet applikabbli għal kull xorta ta' stralċ

Kapitolu I — Effett ta' ħatra ta' stralċjarju u sejħa ta' laqgħat

295. Setgħat tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu
296. Sejħa għal laqgħat
297. Prova ta' avviż u *chairman* tal-laqgħa
298. Riżoluzzjonijiet ta' krediturі u kontributorji
299. Proċeduri oħra f'laqgħat
300. Minuti ta' laqgħat

Kapitolu II — Prova u preċedenza ta' talbiet

301. Djun ta' kull xorta jistgħu jkunu ppruvati
302. Applikazzjoni tar-regoli dwar falliment

Kapitolu III — Effetti ta' stralċ fuq transazzjonijiet li jkunu saru qabel

303. Preferenza bi frodi
304. Responsabbiltajiet u jeddijiet dwar preferenzi bi frodi

Kapitolu IV — Kwalifika ta' stralċjarji u projbizzjoni ta' ċerti trasferimenti minn stralċjarji

305. Kwalifika ta' stralċjarji
306. Projbizzjoni ta' ċerti trasferimenti minn stralċjarji

Kapitolu V — Reati qabel xoljiment jew waqt l-istralċ

307. Frodi qabel xoljiment
308. Frodi minn uffiċjali ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata
309. Reati oħra minn uffiċjali ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata
310. Difiża għal akkuża taħt l-artikolu 309
311. Frodi minn kontributorji
312. Rimedju kontra diretturi, stralċjarji, eċċ., delinkwenti
313. Frodi minn uffiċjali ta' kumpanniji li jkunu qed jiġu xolti
314. Responsabbiltà meta ma jinżammux *records* ta' kontijiet xierqa
315. Responsabbiltà għal kummerċ bi frodi
316. Kummerċ ħażin
317. Restrizzjoni ta' użu mill-ġdid ta' ismijiet tal-kumpannija
318. Stima ta' danni mill-Qorti
319. Prosekuzzjoni ta' uffiċjali delinkwenti eċċ.
320. Ordnijiet ta' skwalifika
321. Rimedji oħra

Kapitolu VI — Dispożizzjonijiet Supplimentari

322. Dikjarazzjoni miqn stralċjarju dwar stralċ pendenti
323. Setgħat supplementari tal-Qorti
324. Disponiment tal-kotba u l-karti ta' kumpannija
325. Kumpanniji li ma joperawx
326. Relazzjoni mal-leġislazzjoni dwar falliment

TAQSIMA VI — RIKOSTRUZZJONIJIET TA' KUMPANNIJI

327. Setgħa ta' kumpannija li tasal f'arranġament ma' krediturі u membri
328. Tagħrif dwar arranġament ikun ċirkolat
329. Dispożizzjonijiet dwar faċilità ta' rikostruzzjoni jew amalgamazzjoni ta' kumpannija

TAQSIMA VII — TIBDIL TA' SOĊJETAJIET KUMMERĊJALI

330. Ħtiġiet għal tibdil ta' soċjetajiet kummerċjali
331. Reġistrazzjoni tal-bdil ta' soċjetajiet kummerċjali
332. Meta soċjetà kummerċjali tieqaf li teżisti mal-bdil
333. Soċji b'responsabbiltà mhux limitata jibqgħu marbutin kemm-il darba l-krediturі ma jaqblux mal-bdil
334. Jedd tal-krediturі li jopponu għal bdil
335. Is-soċjetà kummerċjali ffurmata tidħol minflok is-soċjetà kummerċjali li tieqaf li teżisti

TAQSIMA VIII — AMALGAMAZZJONI TA' SOĊJETAJIET KUMMERĊJALI

Titolu I — Amalgamazzjoni ta' soċjetajiet f'isem kollettiv u in akkomandita

336. Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-337 sat-342 ta' dan l-Att
337. Ħtiġiet għall-amalgamazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali
338. Reġistrazzjoni ta' l-amalgamazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali
339. Meta soċjetà jew soċjetajiet kummerċjali ma jibqgħux jeżistu ma' l-amalgamazzjoni

340. Soċji b'responsabbiltà mhux limitata jibqgħu marbutin kemm-il darba l-krediturima jaqblux ma' l-amalgamazzjoni
341. Jedd ta' krediturili jopponu għal amalgamazzjoni
342. Is-soċjetà kummerċjali li takkwista jew il-ġdida tidħol minflok is-soċjetà li ma tibqax teżisti

Titolu II — Amalgamazzjoni ta' Kumpanniji

343. Amalgamazzjoni fil-forma ta' "għaqda bil-formazzjoni ta' kumpannija ġdida" jew "għaqda b'akkwist"

Kapitolu I — Għaqda b'akkwist

344. Abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda
345. Għaqda approvata b'riżoluzzjoni straordinarja
346. Għemil ta' rapport dettaljat bil-miktub mid-diretturi dwar l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' għaqda
347. F'ċerti każijiet ta' għaqda ma japplikawx is-subartikoli (2), (3) u (4) ta' l-artikolu 87
348. Isir rapport bil-miktub lill-azzjonisti minn espert jew esperti
349. Dokumenti li azzjonisti ta' kumpanniji li jkunu se jingħaqdu għandhom il-jedd li jispezzjonaw
350. Reġistrazzjoni ta' għaqda ta' kumpannija
351. Jeddijiet tal-kredituri li jopponu għaqda
352. Tħaris ta' detenturi ta' obbligazzjonijiet u ta' detenturi ta' sigurtajiet
353. Dmirijiet tar-Reġistratur dwar għaqda
354. Konsegwenzi ta' għaqda
355. Responsabbiltà ta' direttur jew espert għal imġieba ħażina
356. Appell mid-deċiżjoni tar-Reġistratur

Kapitolu II — Għaqda b'formazzjoni ta' kumpannija ġdida

357. Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-344 sat-356 għal għaqda b'formazzjoni ta' kumpannija ġdida

Kapitolu III — Akkwist ta' kumpannija minn oħra li jkollha disgħin fil-mija jew iżjed ta' l-azzjonijiet tagħha

358. Akkwist ta' kumpannija minn oħra li jkollha l-azzjonijiet kollha li jagħtu l-jedd għall-vot
359. Akkwist ta' kumpannija minn oħra li jkollha 90% jew iżjed ta' l-azzjonijiet li jagħti l-jedd għall-vot iżda mhux l-azzjonijiet kollha

TAQSIMA IX — QSIM TA' KUMPANNIJI

360. Qsim ta' kumpannija b'akkwist jew b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda

Kapitolu I — Qsim b'akkwist

361. Abbozz tal-kondizzjonijiet ta' qsim
362. Approvazzjoni ta' qsim b'riżoluzzjoni straordinarja
363. Id-diretturi jagħmlu rapport dettaljat bil-miktub ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim

364. Espert jew esperti jagħmlu rapport bil-miktub lill-azzjonisti
365. Dokumenti li azzjonisti ta' kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fi qsim għandhom jedd jispezzjonaw
366. Meta azzjonisti li għandhom x'jaqsmu fi qsim jaqblu ċerti dispożizzjonijiet ma japplikawx
367. Konsenja ta' riżoluzzjonijiet straordinarji dwar qsim lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni
368. Jeddijiet tal-krediturі li jopponu għal qsim
369. Ħarsien ta' detenturi ta' obbligazzjonijiet u detenturi ta' sigurtajiet
370. Dmirijiet tar-Reġistratur dwar qsim
371. Konsegwenzi ta' qsim
372. Responsabbiltà ta' direttur jew espert ta' mġieba ħażina bir-rieda jew b'negliġenza
373. Appell minn deċiżjonijiet tar-Reġistratur

Kapitolu II — Qsim bil-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda

374. L-artikoli ta' qabel ta' din it-Taqsima japplikaw għal qsim b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda

Kapitolu III — Qsim taħt is-sorveljanza tal-Qorti

375. Rikors lill-Qorti biex tissorvelja qsim u s-setgħat tal-Qorti dwar dan

TAQSIMA X — ASSOĊJAZZJONI IN PARTEĊIPAZZJONI

376. Tifsir
377. Kunsens ta' l-assoċjati meħtieġ biex jidħlu assoċjati oħra
378. Relazzjonijiet tal-partijiet mat-terzi u bejniethom
379. L-assoċjant biss jikseb jeddijiet u jassumi obbligi
380. Jeddijiet ta' l-assoċjant u ta' l-assoċjati
381. Responsabbiltà ta' assoċjat
382. Ftehim permess bejn il-partijiet
383. Formalitajiet meħtieġa għal assoċjazzjoni in parteċipazzjoni

TAQSIMA XI — KORPIJIET ĠURIDIĊI KOSTITWITI BARRA MINN MALTA

Kapitolu I — Dispożizzjonijiet dwar it-twaqqif ta' post tan-negozju f'Malta

384. Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-385 sat-389 ta' dan l-Att
385. Dokumenti eċċ li għandhom ikunu konsenjati minn kumpanniji barranin li jmexxu negozju f'Malta
386. Prospett li għandu jkun konsenjat minn kumpannija barranija meta dokumenti, eċċ jinbidlu
387. Kontijiet ta' kumpannija barranija
388. Obbligi oħra ta' kumpannija barranija
389. Penalitajiet

Kapitolu II — Ħruġ minn kumpanniji reġistrati jew inkorporati jew li se jkunu reġistrati jew inkorporati barra minn Malta

390. Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-391 sat-399 ta' dan l-Att
391. Prospett ta' kumpannija barranija

392. Attentat ta' evażjoni ta' l-artikolu 391 ikun null
393. Il-prospett ikun fih dikjarazzjoni minn espert
394. Restrizzjonijiet fuq għoti jkun żgurat fil-prospett
395. Ċertifikat tal-borża jeżenta mit-tħaris tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att
396. Reġistrazzjoni ta' prospett barrani qabel il-ħruġ
397. Konsegwenzi għal nuqqas ta' tħaris ta' l-artikoli mit-391 sat-396 ta' dan l-Att
398. Supplementari

Kapitolu III — Dispożizzjonijiet dwar stralċ f'Malta ta' l-affarijiet ta' kumpannija barranija f'Malta

399. Affarijiet ta' kumpannija barranija f'Malta jistgħu jkunu stralċjati mill-Qorti

TAQSIMA XII — ĠENERALI

400. Setgħa tal-Ministru li jaħtar Reġistratur
401. Dmirijiet addizzjonali tar-Reġistratur
402. Investigazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali
403. Spezzjoni eċċ ta' dokumenti miżmuma mir-Reġistratur
404. Investigazzjoni ta' kumpannija fuq applikazzjoni tagħha stess jew tal-membri tagħha
405. Investigazzjonijiet oħra ta' kumpannija
406. Setgħat ta' l-ispetturi waqt l-investigazzjoni
407. Produzzjoni ta' dokumenti u xiehda lil spetturi
408. Setgħa ta' spettur li jitlob kontijiet tal-bank tad-diretturi
409. Xkiel ta' spetturi waqt investigazzjoni ta' l-affarijiet tal-kumpannija
410. Rapporti ta' l-ispetturi
411. Setgħa biex jinbdew proċedimenti ċivili f'isem kumpannija
412. Spejjeż ta' l-investigazzjoni ta' l-affarijiet tal-kumpannija
413. Rapport ta' l-ispetturi jkun prova
414. Setgħa għal investigazzjoni dwar min ikun proprjetarju ta' kumpannija
415. Dispożizzjonijiet li japplikaw għal investigazzjoni taħt l-artikolu 414
416. Setgħa li jinkiseb tagħrif mingħand dawk li jkollhom interess f'azzjonijiet, eċċ.
417. Setgħa għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet
418. Setgħa tal-Ministru li jeħtieġ il-produzzjoni ta' dokumenti
419. Dħul u tfittxija f'post
420. Tkun provduta sigurtà dwar tagħrif miksub
421. Piena għal distruzzjoni jew mutilazzjoni eċċ. ta' dokumenti ta' kumpannija
422. Piena għall-għoti ta' tagħrif falz
423. Tagħrif privileġġat
424. Investigazzjoni ta' kumpanniji barranin
425. Setgħa għall-egħmil ta' regolamenti
426. Ksur tar-regolamenti
427. Penalitajiet amministrattivi taħt dan l-Att

TAQSIMA XIII — DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

428. Dispożizzjonijiet tranżitorji
429. Dispożizzjonijiet tranżitorji dwar stralċ ta' soċjetajiet kummerċjali
430. Żminijiet għall-eżerċizzju ta' jeddijiet
431. Tħassir u riżervi.

LISTA TA' SKEDI

L-EWWEL SKEDA	—	Regolamenti li fuqhom timxi kumpannija ta' responsabbilità limitata
IT-TIENI SKEDA	—	Ħwejjeġ li għandhom ikunu speċifikati fi prospett u rapporti li għandhom jitniżżlu fih
IT-TIELET SKEDA	—	Forma u kontenut ta' kontijiet individwali
IR-RABA' SKEDA	—	Forma u kontenut ta' kontijiet konsolidati
IL-ĦAMES SKEDA	—	Kontijiet u Rapport tad-Diretturi ta' kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli
IS-SITT SKEDA	—	Kontenut tar-Rapport tad-Diretturi
IS-SEBA' SKEDA	—	Kontenut u forma ta' prospett annwali
IT-TMIEN SKEDA	—	Regoli ta' konverżjoni li japplikaw meta jkun hemm bdil fil-munita li fiha l-kapital azzjonarju ta' kumpannija jkun espress u l-munita korrispondenti li biha jsiru l-kontijiet
ID-DISA' SKEDA	—	Tifsir ta' espressjonijiet użati fis-subartikoli minn (2) sa (4) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att
L-GĦAXAR SKEDA	—	Penalitajiet
IL-ĦDAX-IL SKEDA	—	Tabella komparattiva

ABBOZZ TA' LIĠI

msejjaħ

ATT biex jirregola kumpanniji b'responsabbiltà limitata u soċjetajiet kummerċjali oħra minflok l-ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1994 dwar il-Kumpanniji u għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' kumpanniji u soċjetajiet kummerċjali oħra jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Titolu fil-qosor.

TAQSIMA I — DISPOŻIZZJONIJIET PRELIMINARI

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem li ġejjin għandhom it-tifsir hawnhekk mogħti lilhom — Tifsir.

"avviż" tfisser avviż bil-miktub ta' kull xorta;

"azzjoni" tinkludi *stock* ħlief meta jkun hemm distinzjoni espressa jew mifhuma bejn *stock* u azzjonijiet;

"azzjonista" tfisser persuna reġistrata fir-reġistru ta' kumpannija skond l-artikolu 123 jew id-detentur *bona fide* ta' *warrant* ta' azzjoni msemmi fl-artikolu 121 ta' dan l-Att;

"ċertifikat ta' reġistrazzjoni" meta wżata dwar kumpannija tfisser ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ taħt dan l-Att jew taħt l-Ordinanza u l-kliem "reġistrazzjoni", "reġistrat" u derivattivi tagħhom għandhom jiftiehmu f'dan is-sens;

"data stabbilita" tfisser id-data stabbilita mill-Ministru għad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att;

"direttur" tfisser kull persuna li jkollha l-kariga ta' direttur ta' kumpannija, ikun x'ikun l-isem tagħha;

"ECU" tfisser l-Unità ta' Flus Ewropea ta' l-Unjoni Europea;

"espert" tfisser uditur sew jekk assistit minn stimatur speċjalizzat sew jekk le;

"impriża" tfisser korp ġuridiku jew mhux inkorporat li jmexxi kummerċ jew negozju;

"interess parteċipanti" tfisser jeddijiet fil-kapital ta' mpriżi oħra, sew jekk rappreżentati b'ċertifikati u sew jekk le, li, bil-ħolqien ta' rabta fit-tul ma' dawk l-impriżi, ikunu maħsuba biex jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' dawk l-impriżi. It-tiżmim ta' għoxrin fil-mija tal-kapital ta' mpriża oħra jitqies li jikkostitwixxi nteress parteċipanti kemm-il darba ma jintwerix il-kuntrarju. Interess f'azzjonijiet jinkludi nteress li jista' jinqaleb għal interess f'azzjonijiet u għażla li jkun akkwistat interess f'azzjonijiet. Interessi f'azzjonijiet miżmuma minn impriżi sussidjarji jew minn terzi persuni f'isem il-kumpannija jew l-impriżi sussidjarji tagħha jitqiesu li huma miżmuma mill-kumpannija;

"isem" dwar individwu tfisser l-isem jew l-ismijiet u l-kunjom ta' l-individwu;

"kontijiet annwali" tfisser kontijiet individwali meħtieġa bl-artikolu 167 ta' dan l-Att u, meta applikabbli, ukoll il-kontijiet konsolidati meħtieġa bl-artikolu 170 ta' dan l-Att;

"kontijiet individwali" tfisser il-kontijiet meħtieġa bl-artikolu 167 ta' dan l-Att;

"kontijiet konsolidati" tfisser il-kontijiet meħtieġa bl-artikolu 170 ta' dan l-Att;

"korp ġuridiku" tfisser kull korp li għandu personalità legali distinta minn dik tal-membri tiegħu, u tinkludi korporazzjoni barranija;

"kumpannija" tfisser kumpannija ffurmata u reġistrata taħt it-Taqsima V ta' dan l-Att jew taħt l-Ordinanza;

"kumpannija barranija" tfisser korp iffurmat u reġistrat jew inkorporat barra minn Malta;

"kumpannija eżentata" tfisser kumpannija li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 211 ta' dan l-Att;

"kumpannija minn grupp" fir-rigward ta' kull kumpannija tfisser kull korp ġuridiku li jkun is-sussidjarju jew *holding* ta' dik il-kumpannija, jew sussidjarju tal-kumpannija *holding* ta' dik il-kumpannija, u l-kelma 'grupp' għandha tiftiehem skond hekk;

"kumpannija *holding* finanzjarja" tfisser kumpannija li l-għan waħdieni tagħha huwa li takkwista *holdings* f'impriżi oħra, u li tamministra dawk il-*holdings* u taqlibhom fi qligħ mingħajr ma tinvolvi ruħha direttament jew indirettament fl-amministrazzjoni ta' dawk l-impriżi, u dan mingħajr preġudizzju għall-jeddijiet bħala azzjonista;

"kumpannija ta' nvestiment b'kapital fiss" tfisser kumpannija li taqa' taħt l-artikolu 194 ta' dan l-Att;

"kumpannija ta' nvestiment b'kapital varjabbli" tfisser kumpannija li taqa' taħt l-artikolu 84 ta' dan l-Att;

"kumpannija privata" tfisser kumpannija privata kif imfisser bl-artikolu 209 ta' dan l-Att;

"kumpannija pubblika" tfisser kumpannija li ma tkunx kumpannija privata;

"liri" tfisser liri Maltin;

"membru" tfisser azzjonista ta' kumpannija u soċju f'kull soċjetà kummerċjali oħra;

"Ministru" tfisser, sakemm ma jingħadx mod ieħor, il-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali;

"obbligazzjoni" tfisser *stock* ta' obbligazzjonijiet, *bonds* u sigurtajiet oħra ta' kumpannija;

"l-Ordinanza" tfisser l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali; Kap. 168.

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmula jew li huma meqjusa li saru taħt dan l-Att, u meta ma jkun hemm ebda regolament dwar ħaġa li tista' jew li għandha tiġi preskritta, tfisser deċiża, approvata jew permessa mill-Ministru;

"prospett" tfisser kull prospett, avviż, ċirkolari, reklam jew stedina oħra, li toffri lill-pubbliku s-sottoskrizzjoni ta' xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija;

"Qorti" tfisser il-Qorti tal-Kummerċ;

"rapport tad-diretturi" dwar kumpannija, tfisser ir-rapport tad-diretturi meħtieġ bl-artikolu 177 ta' dan l-Att;

"Reġistratur" tfisser persuna maħtura mill-Ministru skond l-artikolu 400 ta' dan l-Att;

"residenti", għall-finijiet ta' dan l-Att, tfisser —

(a) persuna naturali li tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħha tkun ordinarjament residenti f'Malta;

(b) kull korp ġuridiku inkorporat taħt xi liġi f'Malta;

"riżoluzzjoni ordinarja" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 135 ta' dan l-Att;

"riżoluzzjoni straordinarja" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 135 ta' dan l-Att;

"Segretarju ta' kumpannija" tfisser uffiċjal ta' kumpannija msemmi fl-artikolu 138 ta' dan l-Att;

"sigurtà" tinkludi azzjoni, obbligazzjoni jew kull strument simili maħruġ minn kumpannija;

"soċjetà kummerċjali" tfisser kumpannija jew soċjetà kummerċjali oħra ffurmata u reġistrata taħt dan l-Att jew ffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza, meta applikabbli;

"stat sewwa u xieraq" tirreferi —

(a) fil-każ ta' kontijiet individwali, għall-ħtieġa ta' l-artikolu 167 ta' dan l-Att, u

(b) fil-każ ta' kontijiet konsolidati, għall-ħtieġa ta' l-artikolu 171 ta' dan l-Att;

Kap. 281.

"uditur" tfisser persuna li hi individwu li jkollha l-*warrant* biex taġixxi bħala uditur maħruġ taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* jew soċjetà ta' udituri reġistrata kif imiss taħt l-istess Att;

"uffiċjal" dwar kumpannija, tinkludi direttur, *manager* jew segretarju tal-kumpannija, iżda ma tinkludix uditur;

"uffiċċju prinċipali" dwar impriża li m'għandhiex uffiċċju reġistrat, tfisser l-uffiċċju li għall-finijiet ta' dik l-impriża jaqdi l-istess skop jew skop simili bħal uffiċċju reġistrat ta' soċjetà kummerċjali taħt dan l-Att;

(2) Għall-finijiet ta' dan l-Att "kumpannija *parent*" hija kumpannija li —

(a) ikollha l-maġġoranza tal-jeddijiet tal-vot ta' l-azzjonisti jew tal-membri tagħha f'impriża oħra (impriża sussidjarja); jew

(b) ikollha l-jedd li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-bord tad-diretturi jew persuni fdati bl-amministrazzjoni ta' mpriża oħra (impriża sussidjarja) u fl-istess ħin tkun azzjonista jew membru f'dik l-impriża; jew

(ċ) ikollha l-jedd li teżerċità influwenza dominanti fuq impriża (impriża sussidjara) li tagħha tkun membru, skond kuntratt li jkun sar ma' dik l-impriża jew skond dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-artikoli ta' dik l-assoċjazzjoni; jew

(d) tkun membru f'impriża u waħedha tikkontrolla, skond ftehim li jkun sar ma' membri oħra ta' dik l-impriża (impriża sussidjarja), maġġoranza tal-jeddijiet tal-vot ta' l-azzjonisti jew membri ta' dik l-impriża; jew

(e) ikollha nteress parteċipanti f'impriża oħra u fil-fatt teżerċita influwenza dominanti fuq dik l-impriża (impriża sussidjarja) jew li tmexxi l-impriża sussidjarja fuq bażi unifikata flimkien magħha;

u "impriża *parent*" għandha tiftiehem f'dan is-sens.

(3) Għall-finijiet tat-tifsira fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Disa' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(4) L-espressjoni "impriżi sussidjarji" għandha tiftiehem skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u għandha tinkludi mpriża sussidjarja jew impriżi ta' mpriża sussidjarja.

(5) F'dan l-Att u f'kull regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Ingliż u t-test Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

Riferenzi f'Atti oħra.

3. (1) Riferenzi f'kull liġi oħra għal dispożizzjoni ta' l-Ordinanza għandhom jiftiehmu safejn japplika bħala riferenza għad-dispożizzjoni korrispondenti ta' dan l-Att u riferenzi f'xi liġi oħra għal soċjetà ffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza, sew jekk il-kwalifika

għall-formazzjoni jew reġistrazzjoni tagħha tkun imfissra jew mifhuma, għandhom jiftiehmu bħala riferenza, jew bħala li jinkludu riferenza għal soċjetà kummerċjali ffurmata u reġistrata taħt dan l-Att.

(2) It-tabella tat-tqabbil murija fil-Ħdax-il Skeda li tinsab ma' dan l-Att tista' tiġi safejn japplika wżata biex jiġi stabbilit id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

TAQSIMA II — DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Formazzjoni ta' soċjetà kummerċjali u diversi forom legali ta' soċjetajiet kummerċjali.

4. (1) Soċjetà kummerċjali tista' tkun ta' xorta minn dawn —

(a) soċjetà f'isem kollettiv; jew

(b) soċjetà in akkomandita; jew

(ċ) kumpannija.

(2) Soċjetà kummerċjali li ma tkunx kumpannija tista' tkun iffurmata għall-eżerċizzju ta' att jew atti kummerċjali.

(3) Kumpannija tista' tkun iffurmata għal kull għan leġittimu u għandu jkollha l-istatus ta' —

(a) kumpannija pubblika; jew

(b) kumpannija privata.

(4) Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.

Liġi li tirregola soċjetajiet kummerċjali.

Kap. 168

5. Soċjetà kummerċjali ffurmata u reġistrata taħt dan l-Att jew taħt l-Ordinanza tkun regolata b'dan l-Att irrispettivament fejn ikun il-post li fih tkun eżerċitata d-direzzjoni jew il-kontroll tas-soċjetà kummerċjali.

Wiri ta' partikolaritajiet f'ittri kummerċjali, eċċ.

6. (1) Fl-ittri kummerċjali u fil-formoli ta' l-ordnijiet tagħha kollha soċjetà kummerċjali għandha ssemmi b'ittri leġibbli l-isem, ix-xorta ta' soċjetà kummerċjali, l-uffiċċju reġistrat u n-numru tar-reġistrazzjoni tagħha.

(2) Fuq l-ittri kummerċjali u fil-formuli ta' l-ordnijiet tiegħu kollha, korp ġuridiku reġistrat taħt it-Taqsima XI ta' dan l-Att għandu jsemmi b'ittri leġibbli l-isem, ix-xorta ta' soċjetà kummerċjali, l-indirizz tal-post tan-negozju prinċipali tiegħu f'Malta, il-pajjiż fejn ikun kostitwit jew inkorporat u n-numru ta' reġistrazzjoni tiegħu taħt it-Taqsima XI ta' dan l-Att.

(3) Fuq l-ittri kummerċjali u l-formoli ta' l-ordnijiet kollha tagħha soċjetà f'isem kollettiv għandha wkoll tagħti f'ittri leġibbli l-ismijiet tas-soċji tagħha b'żieda ma' dak li hemm mitlub fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Fuq l-ittri kummerċjali u l-formoli ta' l-ordnijiet kollha tagħha soċjetà in akkomandita għandha wkoll tagħti f'ittri leġibbli l-ismijiet tas-soċji li r-responsabbiltà tagħhom ma tkunx limitata b'żieda ma' dak li hemm mitlub fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(5) Kull soċjetà kummerċjali u kull korp ġuridiku reġistrat taħt it-Taqsima XI ta' dan l-Att għandu jsemmi l-isem tiegħu b'ittri leġibbli fuq kull avviż u pubblikazzjonijiet uffiċjali oħra, kambjalijiet, *promissory notes,* ċekkijiet u ordnijiet għal flus jew oġġetti li juru li jkunu ffirmati f'ismu, u fuq kull *bills of parcels,* fatturi, riċevuti u ittri ta' kreditu tiegħu.

(6) Uffiċjal li jiffirma dokument f'isem soċjetà kummerċjali jew korp ġuridiku reġistrat taħt it-Taqsima XI ta' dan l-Att għandu jiddikjara l-kariga li biha qed jiffirma.

(7) Meta soċjetà kummerċjali tkun qed tiġi xolta, kull ittra, fattura jew dokument ieħor maħruġ mis-soċjetà kummerċjali jew f'isimha, li jkun dokument li fuqu jew fih jidher l-isem tas-soċjetà kummerċjali, għandhu jkollu, b'żieda mal-ħtiġiet mitluba fis-subartikoli preċedenti ta' dan l-artikolu, dikjarazzjoni li s-soċjetà kummerċjali tkun qed tiġi xolta u, dwar kumpannija għandu jkollu wkoll l-ismijiet ta' l-istralċjarji.

(8) Jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu minn (1) sa (6) ta' dan l-artikolu kull uffiċjal tas-soċjetà kummerċjali li jkun naqas jista' jeħel penali.

(9) Jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu kull stralċjarju li jkun naqas jista' jeħel penali.

TAQSIMA III — SOĊJETÀ F'ISEM KOLLETTIV

Tifsir.

7. Soċjetà f'isem kollettiv (li fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima qed tissejjaħ "soċjetà") tista' tkun iffurmata bejn żewġ soċji jew iżjed u taħdem taħt isem soċjetà u għandha l-obbligazzjonijiet tagħha garantiti bir-responsabbiltà illimitata u *in solidum* tas-soċji kollha:

Iżda ebda azzjoni ma tkun tista' tittieħed kontra s-soċji individwali tagħha jekk qabel ma tkunx diskussa l-proprjetà tas-soċjetà:

Iżda wkoll illi għall-anqas wieħed mis-soċji m'għandux ikun kumpannija.

Ftehim għall-ħlas ta' sehem mill-profitti.

8. Ftehim sabiex jitħallas sehem mill-qligħ ta' soċjetà lil persuna bħala kumpens totali jew parzjali għas-servizzi tagħha m'għandux fih innifsu jagħmel lil dik il-persuna soċju.

Isem soċjali.

9. (1) Jekk f'isem ta' soċjetà ikun inkluż isem ta' persuna li ma tkunx soċju dan għandu jkun konsidrat mill-Qorti sabiex tistabbilixxi jekk dik il-persuna tkunx qed tippreżenta ruħha bħala soċju jew le.

(2) Persuna li qed tippreżenta ruħha bħala soċju tinżamm responsabbli mingħajr limitu u *in solidum* mas-soċji għall-obbligazzjonijiet kollha li jkunu saru mis-soċjetà.

Penalitajiet.

10. Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn isem li juri b'mod falz l-eżistenza ta' soċjetà, tista' teħel penali.

Kontribuzzjonijiet li jitqiesu magħmula fi proprjetà.

11. Kemm-il darba ma jkunx provdut speċifikament fl-att tas-soċjetà, oġġetti kontribwiti fis-soċjetà jitqiesu li jkunu ġew trasferiti fi proprjetà assoluta:

Iżda, meta xi wieħed mis-soċji jikkontribwixxi biss is-servizz tiegħu, il-kontribuzzjonijiet magħmula mis-soċji l-oħra għandhom, kemm-il darba ma jkunx provdut speċifikament fl-att tas-soċjetà, jitqiesu li kienu magħmula b'użufrutt.

Kontribuzzjoni ta' dejn dovut lil soċju.

12. Meta soċju jkun ikkontribwixxa fis-soċjetà dejn dovut lilu, huwa ma jiġix meħlus qabel ma s-soċjetà tikseb il-ħlas ta' l-ammont li għalih id-dejn kien kontribwit u, f'każ ta' nuqqas ta' ħlas fid-data li fiha jkun dovut, ikun responsabbli, *in solidum* mad-debitur, għal dak l-ammont bl-imgħax mid-data li fiha d-dejn kontribwit ikun dovut.

Kif titwaqqaf soċjetà.

13. Soċjetà ma tkunx imwaqqfa validament jekk ma jsirx l-att tas-soċjetà b'mod mitbugħ u ffirmat u ma jkunx maħruġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni dwarha skond dan l-Att.

X'għandu jkun fih att tas-soċjetà.

14. (1) L-att tas-soċjetà għandu jiddikjara —

(a) l-isem u r-residenza ta' kull wieħed mis-soċji;

(b) l-isem tas-soċjetà;

(ċ) l-uffiċċju reġistrat f'Malta tas-soċjetà;

(d) l-għanijiet tas-soċjetà iġifieri jekk l-għanijiet humiex ta' kummerċ ġenerali jew fergħa partikolari tal-kummerċ u, f'dan il-każ, in-natura tal-kummerċ;

(e) il-kontribuzzjoni ta' kull wieħed mis-soċji, fejn ikun speċifikat il-valur tal-kontribuzzjoni relattiva ta' kull soċju.

(f) iż-żmien ta' kemm għandha tibqa' fis-seħħ is-soċjetà, jekk ikun il-każ.

(2) Jekk xi kontenut fl-għanijiet imsemmija fl-att ta' soċjetà jkun eskluż jew imħolli barra, m'għandux iseħħ fir-rigward tat-terzi.

Reġistrazzjoni ta' l-att tas-soċjetà.

15. (1) L-att tas-soċjetà għandu jkun konsenjat għar-reġistrazzjoni lir-Reġistratur li, wara li jkun sodisfatt illi jkun iħares il-ħtiġiet ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att u tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandu jirreġistrah.

(2) Meta l-att tas-soċjetà jkun att pubbliku jew kitba privata tranżuntata fl-atti ta' nutar pubbliku, kopja awtentika tiegħu għandha tiġi konsenjata minflok l-oriġinali.

(3) Il-konsenja fuq imsemmija għandha ssir minn xi wieħed mis-soċji jew mill-aġent tiegħu awtorizzat.

Ismijiet permissibbli bħala ismijiet ta' soċjetà

16. (1) Is-soċjetà ma tkunx reġistrata b'isem li —

(a) ikun l-istess bħal isem ta' soċjetà reġistrata oħra jew hekk jixxibah li fil-fehma tar-Reġistratur jista' joħloq konfużjoni; jew

(b) fil-fehma tar-Reġistratur ikun offensiv jew xort'oħra mhux mixtieq; jew

(ċ) ikun ġie riżervat għar-reġistrazzjoni ta' kumpannija oħra b'avviż bil-miktub lir-Reġistratur mogħti mhux iktar minn tliet xhur qabel id-data tat-tieni talba:

Iżda r-Reġistratur għandu javża kull rifjut taħt dan is-subartikolu lill-persuna li titlob ir-reġistrazzjoni.

(2) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur għandu jagħti każ ta' l-ismijiet tas-soċji, il-kummerċ li qed teżerċità jew bi ħsiebha teżerċita s-soċjetà, u għall-protezzjoni ta' ismijiet ta' individwi li ma huma bl-ebda mod konnessi mas-soċjetà.

Dmir tar-Reġistratur u effetti tar-reġistrazzjoni.

17. (1) Malli jkun reġistrat l-att tas-soċjetà r-Reġistratur għandu jiċċertifika taħt il-firma tiegħu li s-soċjetà hija reġistrata u s-soċjetà tiġi fis-seħħ u tkun tista' tibda n-negozju taħt l-isem tas-soċjetà mid-data taċ-ċertifikat:

Iżda, jekk ir-reġistrazzjoni tinkiseb qabel id-data stabbilita fl-att tas-soċjetà għall-bidu fis-seħħ tas-soċjetà, iċ-ċertifikat għandu juri dik id-data, u s-soċjetà għandha tibda fis-seħħ u tkun tista' tibda n-negozju minn din l-aħħar data.

(2) Ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ dwar soċjetà huwa prova konklusiva li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar ir-reġistrazzjoni u għall-ħwejjeġ oħra preċedenti u inċidentali għaliha ġew imħarsa u li s-soċjetà hija reġistrata kif imiss taħt dan l-Att.

Meta ma jinħarġx ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

18. Kemm-il darba u sakemm ma jkunx inħareġ dwar soċjetà ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt dan l-Att jew sakemm tasal id-data murija fiċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni bħala d-data li fiha soċjetà għandha tibda fis-seħħ —

(a) kull żewġ persuni jew iżjed li jkollhom negozju taħt isem li juri b'mod falz l-eżistenza ta' soċjetà jkollhom, kontra xulxin u limitatament għall-proprjetà miksuba minn dak in-negozju, dawk il-jeddijiet biss mogħtija mill-liġi lil koproprjetarji;

(b) kull obbligazzjoni li tkun saret favur it-terzi *in bona fede* taħt isem li juri b'mod falz l-eżistenza ta' soċjetà għandha torbot *in solidum* lil dawk il-persuni, li, kieku kien inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni, kienu jkunu soċji li jmexxu negozju taħt dak l-isem.

Tibdil f'att tas-soċjetà.

19. (1) Kull tibdil dwar l-amministrazzjoni jew ir-rappreżentanza ta' soċjetà, ix-xoljiment ta' soċjetà qabel iż-żmien stabbilit għad-dewmien tagħha, kull tkabbir ta' dak iż-żmien li ma jkunx espressament provdut fl-att tas-soċjetà u b'mod ġenerali kull tibdil jew żieda għall-att tas-soċjetà għandu jkun debitament iffirmat mis-soċji awtorizzati li jagħmlu dak it-tibdil, u, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' dan l-Att, m'għandux ikollu effett jekk u sakemm id-dokument relattiv jew, meta dak id-dokument ikun att pubbliku jew kitba privata tranżuntata fl-atti ta' nutar pubbliku, kopja awtentika tiegħu tkun konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u tkun reġistrata minnu.

(2) Meta t-tkabbir taż-żmien stabbilit, jekk il-każ, għad-dewmien ta' soċjetà jkun espressament provdut fl-att tas-soċjetà, is-soċju jew soċji li jkollhom l-amministrazzjoni jew ir-rappreżentanza tas-soċjetà għandhom, minkejja l-provdiment fl-att, jagħtu avviż tat-tkabbir taż-żmien tad-dewmien lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u dak it-tkabbir ma jibdix iseħħ kemm-il darba u sakemm l-imsemmi avviż jingħata lir-Reġistratur u jkun reġistrat minnu.

(3) Meta soċju jispiċċa milli jkun soċju jew meta persuna li isimha ma jidhirx fl-att tas-soċjetà jew f'xi tibdil jew żieda ta' l-att issir soċju ta' soċjetà eżistenti, avviż f'dak is-sens għandu, fi żmien xahar, jingħata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni mis-soċju jew soċji li jkollhom l-amministrazzjoni jew ir-rappreżentanza tas-soċjetà:

Iżda kull assenjazzjoni ta' nteress għal kollox jew f'parti ta' xi soċju għandha, kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra fl-att tas-soċjetà, jeħtieġ il-kunsens miktub bil-quddiem tas-soċji l-oħra kollha.

(4) F'każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, is-soċju jew soċji li jkollhom l-amministrazzjoni jew ir-rappreżentanza tas-soċjetà jkunu jistgħu jeħlu penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Meta t-tibdil ikun fl-isem ta' soċjetà.

20. Meta t-tibdil fl-att tas-soċjetà jkun f'bidla ta' l-isem tas-soċjetà, ir-Reġistratur għandu jniżżel l-isem ġdid fir-reġistru minflok l-isem ta' qabel u għandu joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni mibdul skond iċ-ċirkostanzi tal-każ:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 16 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għar-reġistrazzjoni ta' dak l-isem il-ġdid.

Tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet ta' soċju u xoljiment qabel iż-żmien stabbilit għad-dewmien tagħha.

21. (1) Kull tnaqqis fil-kontribuzzjoni ta' soċju, ħlief għall-kontribuzzjoni li tikkonsisti f'servizzi personali, kull xoljiment tas-soċjetà barra milli mat-tmiem taż-żmien, jekk il-każ, stabbilit għad-dewmien tagħha, kull tnaqqis fiż-żmien tad-dewmien tas-soċjetà, jekk il-każ, jew kull assenjazzjoni minn soċju ta' l-interess tiegħu kollu fis-

soċjetà, ma għandhomx jibdew iseħħu qabel tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att dwar id-dokument li joħloq dak it-tnaqqis, xoljiment jew assenjazzjoni.

(2) Kull kreditur tas-soċjetà li d-dejn tagħha kien jeżisti qabel ir-reġistrazzjoni tat-tnaqqis tal-kontribuzzjoni jew tax-xoljiment tas-soċjetà jew it-tnaqqis taż-żmien tad-dewmien jew ta' l-assenjazzjoni ta' l-interess imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' jopponi ruħu għalihom b'ċitazzjoni, fiż-żmien ta' tliet xhur kif intqal qabel u, jekk juri raġuni tajba għaliex m'għandhomx iseħħu, il-Qorti għandha jew tilqa' l-oppożizzjoni jew tħalli li jsir it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni jew ix-xoljiment tas-soċjetà jew l-assenjazjoni ta' l-interess tas-soċju, skond il-każ, wara li tingħata sigurtà biżżejjed mis-soċjetà.

Jedd ta' krediturita' soċju li jopponu t-tkabbir tad-dewmien tas-soċjetà.

22. (1) Meta d-dewmien ta' soċjetà jkun imkabbar għal iżjed miż-żmien stabbilit fl-att tas-soċjetà, jekk il-każ, il-kreditur partikolari ta' soċju jista' jopponi ruħu għal dak it-tkabbir b'ċitazzjoni preżentata fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att dwar id-dokument li joħloq dak it-tkabbir u, meta juri raġuni tajba, il-Qorti għandha tordna lis-soċjetà li tillikwida l-interess ta' dak is-soċju fis-soċjetà fi żmien tliet xhur mis-sentenza.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw meta xi tkabbir taż-żmien stabbilit għad-dewmien tas-soċjetà jkun jew ma jkunx espressament provdut fl-att tas-soċjetà.

Dmirijiet tar-Reġistratur tal-Qrati Superjuri.

23. Ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għandu, bla dewmien, jara li kopja ta' kull ċitazzjoni preżentata skond l-artikoli 21 u 22 ta' dan l-Att u kull sentenza mogħtija dwarha tiġi notifikata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

Kif jista' jinbidel att ta' soċjetà.

24. Sakemm ma jkunx provdut xort'oħra fl-att tas-soċjetà, kull tibdil jew żieda għall-att jista' jsir biss bil-kunsens unanimu tas-soċji.

Amministrazzjoni u rappreżentanza ta' soċjetà.

25. (1) Safejn l-att tas-soċjetà ma jipprovdix xort'oħra, l-amministrazzjoni u r-rappreżentanza tas-soċjetà tkun f'kull wieħed mis-soċji individwalment.

(2) Soċjetà ma tistax tintrabat favur it-terzi ħlief minn soċju li jaġixxi taħt l-isem tas-soċjetà u li jkollu r-rappreżentanza tas-soċjetà jew bis-saħħa ta' l-att tas-soċjetà jew bl-operat tal-liġi.

(3) Meta xi soċju bħal dak ikun aġixxa kif intqal qabel, is-soċjetà tkun marbuta wkoll jekk ma tikseb ebda benefiċċju.

Kif tista' tintrabat soċjetà.

Kap. 13.

26. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 26 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, il-kotba ta' kontijiet ta' soċjetà għandhom jinżammu għal żmien għaxar snin:

Iżda meta l-kotba ta' kontijiet ikunu miżmuma f'forma legata u unifikata, l-għaxar snin jibdew jgħaddu mid-data ta' l-aħħar entratura fihom.

(2) Jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris mill-ħtiġiet tas-subartikolu (l) ta' dan l-artikolu, kull soċju li jkun naqas jista' jeħel penali.

Soċji ġodda.

27. (1) Meta persuna ssir soċju ta' soċjetà diġà eżistenti, issir b'hekk responsabbli għall-obbligi kollha tas-soċjetà, ukoll jekk ikunu saru qabel id-data li fiha jkun sar soċju.

(2) Kull ftehim kuntrarju ma jkollu ebda effett dwar terzi.

Tqassim ta' profitti.

28. Soċjetà ma għandhiex tqassam il-profitti qabel ma tagħmel tajjeb għat-telf kollu.

Jeddijiet ta' kredituri ta' soċju.

29. Il-kredituri partikolari ta' soċju jistgħu jwettqu l-jeddijiet tagħhom, waqt li s-soċjetà tkun għadha fis-seħħ, fuq il-parti tal-profitti dovuta lid-debitur tagħhom u, wara x-xoljiment tas-soċjetà, fuq dik il-parti ta' l-attiv tas-soċjetà li tkun dovuta lid-debitur tagħhom meta s-soċjetà tkun qed tiġi stralċjata.

Soċju ma jistax jikkompeti mas-soċjetà.

30. (1) Soċju ma għandux, b'konkorrenza mas-soċjetà u mingħajr il-kunsens espress tas-soċji l-oħra, jagħmel negozju għalih jew għal ħaddieħor jew ikun soċju b'responsabbiltà llimitata f'soċjetà oħra.

(2) Jekk soċju jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, is-soċjetà tista' b'għażla tagħha, jew tfittex għad-danni u mgħax lil dan is-soċju jew titlob il-ħlas ta' kull profitt magħmul minnu bi ksur ta' l-imsemmija projbizzjoni.

(3) L-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkun preskritt f'għeluq sentejn mid-data tal-kontravenzjoni.

Mewt ta' soċju.

31. (1) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni kuntrarja fl-att tas-soċjetà, fil-każ ta' mewt ta' wieħed mis-soċji, is-soċji l-oħra għandhom jillikwidaw l-interess tas-soċju l-mejjet fis-soċjetà favur l-eredi tiegħu, jekk dawn is-soċji l-oħra ma jagħżlux unanimament jew li jxolju s-soċjetà jew li jkomplu s-soċjetà ma' l-eredi, kemm-il darba, f'dan l-aħħar każ, dawk l-eredi jaċċettaw:

Iżda meta l-eredi kollha ma jaċċettawx, is-soċjetà tista' tkompli ma' dawk li aċċettaw sakemm l-interess fis-soċjetà ta' dawk l-eredi li ma aċċettawx jiġi likwidat favur tagħhom.

(2) Meta s-soċju l-mejjet ikun ħalla l-interess tiegħu b'legat, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw daqslikieku r-riferenzi għall-eredi kienu riferenzi għall-legatarji ta' dak l-interess.

Tkeċċija ta' soċju.

32. (1) Soċju jista' jitkeċċa mis-soċjetà b'deċiżjoni tal-maġġoranza numerika tas-soċji l-oħra kemm-il darba l-att tas-soċjetà ma jeħtieġx maġġoranza oġħla —

(a) jekk ma jagħmilx il-kontribuzzjoni tiegħu skond l-att tas-soċjetà;

(b) jekk jikser serjament xi dmir bħala soċju;

(ċ) jekk jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 30 ta' dan l-Att;

(d) jekk ikun interdett jew inkapaċitat;

(e) f'dawk il-każijiet l-oħra provduti fl-att tas-soċjetà.

(2) Kull deċiżjoni li tittieħed kif intqal qabel għandha tkun komunikata bil-miktub, flimkien mar-raġunijiet għaliex tkun ittieħdet, lis-soċju mkeċċi u ma tibdix isseħħ qabel ma jgħaddu erbatax-il jum minn meta jkun riċevut dak it-tagħrif.

(3) Is-soċju mkeċċi jista', b'ċitazzjoni preżentata fi żmien erbatax-il jum minn meta jirċievi t-tagħrif imsemmi qabel, jopponi ruħu għad-deċiżjoni u l-Qorti jkollha s-setgħa li twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' dik id-deċiżjoni sakemm tingħata s-sentenza minnha.

(4) Meta s-soċjetà tikkonsisti f'żewġ soċji biss, it-tkeċċija ta' soċju tista' biss tiġi ordnata mill-Qorti fuq kawża magħmula mis-soċju l-ieħor.

Temm milli wieħed jibqa' soċju.

33. Soċju ma jistax jibqa' soċju jekk —

(a) ikun dikjarat fallut; jew

(b) l-interess tiegħu fis-soċjetà jkun ġie likwidat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 22 ta' dan l-Att.

Jeddijiet ta' persuni li ma jibqgħux soċji.

34. (1) Soċju li jitkeċċa jew li bis-saħħa ta' l-aħħar artikolu qabel dan ma jkollux jedd li jibqa' soċju jkollu jedd li l-interess tiegħu fis-soċjetà jkun likwidat.

(2) Għandu jkun hemm magħdud fil-likwidazzjoni ta' l-interess ta' soċju li jkun tkeċċa, jew li bis-saħħa ta' l-aħħar artikolu qabel dan ma jkollux jedd li jibqa' soċju, sehem *pro rata* mill-qligħ jew telf tax-xogħol kollu li jkun għadu qed jinħadem fid-data tat-tkeċċija.

Xoljiment ta' soċjetajiet f'isem kollettiv.

35. Ikun hemm xoljiment ta' soċjetà f'isem kollettiv —

(a) meta ż-żmien stabbilit, jekk il-każ, għad-dewmien tagħha jiskadi;

(b) jekk, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' dan l-Att, is-soċji kollha ħekk jiftiehmu;

(ċ) jekk is-soċjetà tkun dikjarata falluta;

(d) jekk, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 21 ta' dan l-Att, fil-fehma tal-Qorti, ikun hemm raġunijiet gravi li jiġġustifikaw ix-xoljiment;

(e) jekk in-numru ta' soċji jiġi ridott għal anqas minn tnejn u jibqa' hekk ridott għal iżjed minn sitt xhur;

(f) f'dawk il-każijiet l-oħra li dwarhom ikun provdut fl-att tas-soċjetà.

Avviż ta' xoljiment.

36. (1) Max-xoljiment tas-soċjetà, u f'ebda każ iktar tard minn erbatax-il jum wara dak ix-xoljiment, is-soċji li jkollhom l-amministrazzjoni jew ir-rappreżentanza tagħha għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni avviż tax-xoljiment:

Iżda meta soċjetà tkun dikjarata falluta jew ixxolji b'ordni tal-Qorti, għandu jingħata avviż kif intqal qabel mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri.

(2) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima għandhom japplikaw għax-xoljiment ta' soċjetà ħlief meta s-soċjetà tkun dikjarata falluta, f'liema każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ li għandhom x'jaqsmu ma' falliment.

Kap. 13.

Kif isir stralċ ta' soċjetà f'isem kollettiv.

37. (1) Meta l-mod li bih għandu jsir l-istralċ ta' soċjetà ma jkunx provdut fl-att tas-soċjetà jew ma jkunx stabbilit bi ftehim bejn is-soċji, is-soċjetà għandha tkun stralċjata minn stralċjarju jew stralċjarji.

(2) Jekk is-soċji ma jaqblux dwar min għandu jinħatar stralċjarju, il-ħatra għandha ssir mill-Qorti wara rikors minn xi wieħed mis-soċji, mill-kredituri jew mir-Reġistratur.

(3) L-istralċjarju għandu, fi żmien erbatax-il jum mill-ħatra tiegħu, jikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni avviż tal-ħatra tiegħu fejn jagħti ismu u l-indirizz tiegħu.

Setgħa li jitneħħa stralċjarju.

38. Stralċjarju, sew jekk jinħatar mis-soċji jew mill-Qorti, jista' jitneħħa mill-kariga jew mis-soċji, jekk hekk jaqblu, jew b'ordni tal-Qorti, fuq talba b'ċitazzjoni magħmula minn xi wieħed mis-soċji, jekk il-Qorti tkun sodisfatta li jkun hemm raġunijiet biżżejjed li jiġġustifikaw it-tneħħija tiegħu.

Kumpens ta' stralċjarju.

39. Il-kumpens ta' l-istralċjarju jista' jkun stabbilit bi ftehim bejn is-soċji u l-istralċjarju, u f'nuqqas ta' ftehim ikun stabbilit mill-Qorti.

Spejjeż ta' l-istralċ jitħallsu qabel kull drittijiet oħra.

40. Kull infieq, ħlasijiet u spejjeż li jsiru b'mod xieraq fl-istralċ, magħdud il-kumpens ta' l-istralċjarju, għandhom jitħallsu mill-attiv tas-soċjetà qabel it-talbiet l-oħra kollha.

Penali.

41. Fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-ħtiġiet ta' l-artikolu 36 u tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 37 ta' dan l-Att, kull soċju jew stralċjarju, skond il-każ, li jkun naqas, jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Setgħat sakemm isir provdiment għall-istralċ.

42. Sakemm isir provdiment għall-istralċ ta' soċjetà, jistgħu jsiru biss dawk l-atti li jkunu ta' amministrazzjoni ordinarja.

Dmirijiet ta' soċji li jkollhom l-amministrazzjoni.

43. (1) Meta jinħatar stralċjarju, is-soċji li jkollhom l-amministrazzjoni tas-soċjetà għandhom —

(a) jikkonsenjaw lill-istralċjarju l-attiv kollu u l-kotba u d-dokumenti l-oħra kollha tas-soċjetà u għandhom ilestu l-kontijiet dwar l-amministrazzjoni tagħhom għal dak iż-żmien minn meta jkunu saru l-kontijiet ta' qabel; u

(b) flimkien ma' l-istralċjarju, ilestu karta tal-bilanċ li turi l-istat tas-soċjetà fid-data tax-xoljiment.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, mal-ħatra ta' stralċjarju s-setgħat kollha ta' amministrazzjoni u rappreżentanza ta' soċjetà mogħtija lil kull soċju, ma tibqax isseħħ.

Setgħat ta' l-istralċjarju.

44. (1) L-istralċjarju għandu jirrapreżenta lis-soċjetà u jkollu setgħa li jagħmel dak kollu li jwassal u li jkun anċillari għall-istralċ tan-negozju tas-soċjetà:

Iżda ma għandu jressaq ebda kwistjoni quddiem arbitraġġ jew jittransiġi jekk ma jkunx hekk awtorizzat bil-miktub mis-soċji.

(2) L-istralċjarju ma jista' jagħmel ebda operazzjoni kummerċjali ġdida.

(3) Meta jinħatru iktar minn stralċjarju wieħed, għandhom jaħdmu flimkien u jkunu responsabbli *in solidum* għal kull ma jagħmlu, jekk ma jkunx provdut xort'oħra mis-soċji.

L-istralċjarju ma jqassamx l-attiv qabel ma jħallas id-djun.

45. (1) L-istralċjarju ma għandu jqassam ebda attiv tas-soċjetà fost is-soċji jekk ma jkunux tħallsu d-djun u l-passiv tas-soċjetà jew ma jkunux twarrbu fondi biżżejjed għall-ħlas tagħhom.

(2) Meta l-attiv tas-soċjetà ma jkunx biżżejjed għall-passiv tagħha, l-istralċjarju jista' jitlob lis-soċji l-ħlas tal-kontribuzzjoni, jekk ikun hemm, dovuta minnhom, indipendentement mid-data ta' l-iskadenza tagħha, u jekk meħtieġ, il-flejjes meħtieġa għall-ħlas ta' l-imsemmi passiv fil-proporzjon kif is-soċji għandhom ibagħtu l-passiv tas-soċjetà.

(3) L-istralċjarju jista' jħallas ukoll lis-soċji l-ħlas tal-kontribuzzjoni, jekk ikun hemm, dovuta minnhom, jew parti minnha, indipendentement mid-data ta' l-iskadenza tagħha għall-fini li jaġġusta d-drittijiet tas-soċji bejniethom.

Dmir ta' l-istralċjarju li jagħti tagħrif, li jagħti rendikont u li jħejji skema ta' tqassim.

46. (1) L-istralċjarju għandu, fuq it-talba ta' xi wieħed mis-soċji, jagħti tagħrif lis-soċji dwar l-istat u l-progress tal-likwidazzjoni.

(2) Malli jsir l-istralċ tan-negozju tas-soċjetà, l-istralċjarju għandu jagħti rendikont ta' l-istralċ u ta' l-irċevuti u l-ħlasijiet tiegħu u jagħmel skema ta' tqassim.

Regoli li japplikaw għal tqassim ta' attiv.

47. Fit-tqassim ta' l-attiv tas-soċjetà, sakemm ma jkunx provdut xort'oħra fl-att tas-soċjetà, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin, jiġifieri —

(a) meta xi ħaġa tkun kontribwita b'użufrutt jew bi tgawdija, din għandha tingħata lura lis-soċju li kkontribwiha u s-soċjetà tinżamm responsabbli għad-danni jekk il-ħaġa tintilef jew titħassar minħabba xi raġuni li tista' tkun attribwita lil xi wieħed mis-soċji, salv id-dritt tas-soċjetá għar-radd lura tal-flejjes hekk imħallsa kontra s-soċju li jkollu l-ħtija;

(b) l-attiv tas-soċjetà għandu l-ewwel ikun applikat għall-ħlas lura tal-kontribuzzjonijiet tas-soċji u kull bilanċ jitqassam bejn is-soċji fil-proporzjon għas-sehem tagħhom mill-qligħ tas-soċjetà;

(ċ) meta jkun hemm ftehim li t-tqassim ta' l-attiv isir in natura, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-qsim ta' proprjetà komuni.

Approvazzjoni tal-kontijiet u skema ta' tqassim.

48. (1) L-istralċjarju għandu b'att ġudizzjarju jinnotifika lil kull wieħed mis-soċji kopja tal-kontijiet u ta' l-iskema ta' tqassim imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 46 ta' dan l-Att.

(2) Il-kontijiet u l-iskema ta' tqassim jitqiesu li jkunu approvati mis-soċji kollha jekk ma tiġix preżentata oppożizzjoni għalihom b'ċitazzjoni minn xi wieħed mis-soċji fi żmien tliet xhur min-notifika ta' l-att ġudizzjarju msemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Tħassir ta' isem tas-soċjetà mir-reġistru.

49. Meta jkunu approvati l-kontijiet, l-istralċjarju għandu jikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż ta' dik l-approvazzjoni u r-Reġistratur għandu jirreġistrah u jħassar l-isem tas-soċjetà mir-reġistru. Ir-Reġistratur għandu minnufih jippubblika avviż li l-istralċ ikun ġie finalizzat u li sar dak it-tħassir mir-reġistru.

Konservazzjoni tal-kotba tal-kontijiet, eċċ. wara xoljiment.

50. (1) Il-kotba tal-kontijiet u d-dokumenti tas-soċjetà għandhom jinżammu mill-istralċjarju, jekk ikun hemm, jew mill-persuna magħżula għalhekk mill-maġġoranza tas-soċji u għandhom hekk jinżammu għal żmien għaxar snin mid-data li fiha isem is-soċjetà jkun tħassar mir-reġistru. L-għażla ta' persuna bħal dik għandha ssir fi żmien erbatax-il ġurnata mir-reġistrazzjoni msemmija fl-artikolu 49 ta' dan l-Att u m'għandhiex tibda sseħħ qabel l-imsemmija persuna tkun għarrfet bil-miktub lis-soċju li tkun aċċettat fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta tkun ġiet magħżula.

Iżda fejn ma jkunx hemm stralċjarju u s-soċji ma jkunux ħatru l-imsemmija persuna fejn dik il-persuna ma taċċettax il-ħatra, il-kotba tal-kontijiet u d-dokumenti għandhom jiġu konsenjati lir-Reġistratur fi żmien erbatax-il ġurnata minn meta l-ħatra ma tkunx ġiet aċċettata jew minn meta ma tkunx saret l-għażla, skond il-każ, u r-Reġistratur għandu jżomm dawn il-kotba u d-dokumenti għall-imsemmi żmien ta' għaxar snin.

(2) Meta persuna tkun ġiet magħżula biex iżżomm il-kotba tal-kontijiet u d-dokumenti tas-soċjetà, jew fejn is-soċji ma jkunux waslu biex jagħżlu persuna bħal dik, is-soċji għandhom jgħarrfu b'dan lir-Reġistratur fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data li fiha l-għażla sseħħ jew minn meta l-għażla ma tkunx saret fiż-żmien stabbilit, skond il-każ, u fin-nuqqas ta' dan, is-soċji jistgħu jeħlu penali.

(3) Jekk l-istralċjarju jew il-persuna magħżula mis-soċji biex iżżomm il-kotba tal-kontijiet u d-dokumenti tas-soċjetà tonqos li żżommhom għaż-żmien stabbilit bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tista' teħel penali.

(4) Jekk l-istralċjarju jew il-persuna magħżula mis-soċji biex iżżomm il-kotba u d-dokumenti tas-soċjetà tmut, l-eredi tagħha għandhom jgħaddu dawk il-kotba u d-dokumenti tas-soċjetà lir-Reġistratur fi żmien sitt xhur, u r-Reġistratur għandu jżommhom għall-bqija taż-żmien preskritt fis-subartikoli (1) ta' dan l-artikolu.

(5) L-eredi msemmija fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jistgħu jeħlu penali jekk jonqsu milli jħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu.

TAQSIMA IV — SOĊJETA IN AKKOMANDITA

Tifsir.

51. Soċjetà in akkomandita taħdem taħt isem soċjali u għandha l-obbligi tagħha garantiti mir-responsabbiltà llimitata u *in solidum* ta' soċju jew soċji, imsejħa soċji solidali, u mir-responsabbiltà, limitata għall-ammont, jekk ikun hemm, mhux imħallas mill-kontribuzzjoni, ta' soċju wieħed jew iżjed, imsejħa soċji akkomandanti.

Safejn jgħoddu d-disposizzjonijiet li jirregolaw soċjetajiet f'isem kollettiv.

52. Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw soċjetajiet f'isem kollettiv għandhom igħoddu għal soċjetajiet in akkomandita sakemm m'humiex inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att.

Isem soċjali.

53. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att għandhom jgħoddu għal soċjetà in akkomandita b'mod illi r-riferenzi għal soċji jiftehmu bħala riferenzi għal soċji solidali.

Kontribuzzjoni ta' soċju akkomandant ma tinkludix servizzi personali.

54. Il-kontribuzzjoni ta' soċju akkomandant ma tistax tinkludi servizzi personali.

Kontenut ta' att tas-soċjetà.

55. L-att tas-soċjetà ta' soċjetà in akkomandita, b'żieda għall-partikolaritajiet stabbiliti fl-artikolu 14 ta' dan l-Att, għandu juri liema mis-soċji huma soċji solidali u liema huma soċji akkomandanti, u fin-nuqqas is-soċjetà għandha tirrisolvi ruħha f'soċjetà f'isem kollettiv.

Jeddijiet u dmirijiet ta' soċji.

56. (1) Kemm-il darba dispożizzjonijiet oħra ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att ma jipprovdux xort'oħra, id-drittijiet u dmirijiet tas-soċji solidali jkunu l-istess bħal dawk ta' soċji f'soċjetà f'isem kollettiv.

(2) Kemm-il darba l-att tas-soċjetà ma jipprovdix xort'oħra, iżda bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, soċji akkomandanti għandu jkollhom biss dawk id-drittijiet u dmirijiet imsemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att.

Amministrazzjoni u rappreżentanza.

57. L-amministrazzjoni u r-rappreżentanza tas-soċjetà in akkomandita ma tistax tkun fdata lil soċju akkomandant.

Ħatra ta' soċji biex jamministraw u jirrappreżentaw soċjetà akkomandita.

58. Is-soċji solidali għandu jkollhom id-dritt li jaħtru s-soċji li għandhom jamministraw u jirrappreżentaw is-soċjetà in akkomandita, u li jkeċċu lil dawk is-soċi hekk maħtura:

Iżda l-att tas-soċjetà jista' jipprovdi illi s-soċji akkomandanti għandu jkollhom dritt jipparteċipaw fil-ħatra jew tkeċċija ta' soċji li jamministraw u jirrappreżentaw lis-soċjetà.

Soċju akkomandant ma jistax jieħu sehem fit-tmexxija ta' soċjetà in akkomandita.

59. (1) Soċju akkomandant ma għandu jagħmel ebda att ta' amministrazzjoni jew jagħmel operazzjoni ta' negozju f'isem is-soċjetà in akkomandita ħlief bis-saħħa ta' prokura mogħtija għal atti jew operazzjonijiet speċifikati.

(2) Jekk soċju akkomandant jaġixxi bi ksur tal-projbizzjoni msemmija qabel, huwa jkun marbut, dwar it-terzi, illimitatament u *in solidum* mas-soċji solidali għall-obbligi kollha tas-soċjetà in akkomandita u jkun jista' wkoll jiġi mkeċċi mis-soċjetà skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 32 ta' dan l-Att:

Iżda soċju akkomandant li jaġixxi bi ksur tal-projbizzjoni li tinsab fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jitkeċċix mis-soċjetà jekk jipprova li hu kien qed jaġixxi fuq l-istruzzjonijiet tas-soċji solidali.

Tagħrif tal-kontijiet annwali lis-soċji akkomandanti.

60. Fit-tmiem ta' kull perijodu tal-kontijiet il-karta tal-bilanċ u l-kont tal-qligħ u telf tas-soċjetà in akkomandita għandhom jiġu mgħarrfa lis-soċji akkomandanti li, biex jiżguraw il-korrettezza tagħhom, ikollhom jedd għal aċċess tar-*records* tal-kontijiet u dokumenti oħra tas-soċjetà.

Artikoli li ma japplikawx għal soċji akkomandanti.

61. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 30 u tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 32 ta' dan l-Att ma japplikawx għal soċju akkomandant.

Soċju akkomandant mhux marbut jagħti lura qligħ li jirċievi *in bona fede*.

62. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 28 ta' dan l-Att, soċju akkomandant ma għandu f'ebda każ ikun marbut li jagħti lura qligħ li jkun irċieva *in bona fede*.

Ċessjoni ta' nteress minn soċju akkomandant u drittijiet ta' soċji akkomandanti.

63. (1) Kemm-il darba l-att tas-soċjetà ma jipprovdix xort'oħra, soċju akkomandant jista' jċedi l-interess tiegħu fis-soċjetà in akkomandita:

Iżda, jekk il-kontribuzzjoni ta' soċju akkomandant ma tkunx imħallsa kollha, kull ċessjoni ta' l-interess tiegħu fis-soċjetà ma jkollhiex seħħ, dwar is-soċjetà, jekk ma tkunx saret bil-kunsens tas-soċji kollha solidali.

(2) Kemm-il darba l-att tas-soċjetà ma jipprovdix xort'oħra, kull tibdil fl-att tas-soċjetà li jċaħħad soċji akkomandanti minn xi jeddijiet tagħhom ikun jeħtieġ il-kunsens unanimu tas-soċji solidali kollha u tas-soċji akkomandanti kollha.

Mewt jew tkeċċija ta' soċju akkomandant.

64. (1) Kemm-il darba l-att tas-soċjetà ma jipprovdix xort'oħra, fil-każ tal-mewt ta' soċju akkomandant, is-soċjetà in akkomandita tkompli mal-werrieta tiegħu.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 32 ta' dan l-Att, interdizzjoni jew inkapaċità ma jkunux raġunijiet biżżejjed għat-tkeċċija ta' soċju akkomandant.

Xoljiment ta' soċjetà in akkomandita.

65. (1) Soċjetà in akkomandita, barra milli tista' tispiċċa minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 35 ta' dan l-Att, għandha xxolji jekk ma jibqa' ebda soċju solidali jew ebda soċju akkomandant, jekk, fi żmien sitt xhur, is-soċju li jkun spiċċa milli jkun soċju ma jkunx ġie sostitwit.

(2) Meta ma jibqa' ebda soċju solidali, is-soċji akkomandanti jistgħu, għaż-żmien imsemmi ta' sitt xhur, jaħtru wieħed minn fosthom għall-esekuzzjoni ta' atti ta' amministrazzjoni ordinarja.

(3) Soċju akkomandant maħtur kif intqal qabel ma jkunx suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 59 ta' l-Att.

Taqsim ta' kapital f'azzjonijiet.

66. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, il-kapital ta' soċjetà in akkomandita jista' jinqasam f'azzjonijiet.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar azzjonijiet f'kumpannija, barra mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 72 ta' dan l-Att, għandhom japplikaw għall-azzjonijiet f'soċjetà in akkomandita safejn dawn ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli IX u X tat-Taqsima V ta' dan l-Att, ħlief għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 184 ta' dan l-Att, għandhom japplikaw għal soċjetà in akkomandita, li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet.

(4) Huwa d-dmir tas-soċju nkarigat mill-amministrazzjoni jew rappreżentanza ta' soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, li jikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni id-dokument jew kopja tiegħu kif meħtieġ bl-artikolu 19 ta' dan l-Att li jibdel jew iżid ma' l-att tas-soċjetà, fi żmien erbatax-il ġurnata mid-data ta' dak il-bdil jew żieda, flimkien ma' kopja mitbugħa ta' l-att tas-soċjetà, kif emendat, u kull test ta' l-att li jkun ġie emendat qabel jista' jiġi mwarrab mir-Reġistratur meta jiġi konsenjat lilu għar-reġistrazzjoni test ġdid emendat:

Iżda f'każ ta' diskrepanza bejn it-test ta' kull att ta' soċjetà emendat u t-test ta' l-att oriġinali tas-soċjetà reġistrat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 17 ta' dan l-Att, it-test ta' l-aħħar, flimkien ma' dawk id-dokumenti reġistrati skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għandu jipprevali.

(5) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 78, tas-subartikoli (5) u (6) ta' l-artikolu 137 u tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 142 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal soċjetà in akkomandita, li l-kapital tagħha huwa maqsum f'azzjonijiet, bis-sostituzzjoni ta' riferenzi għal soċji vestiti bl-amministrazzjoni jew rappreżentanza minflok riferenzi għal diretturi, uffiċjali jew il-bord tad-diretturi; bis-sostituzzjoni ta' riferenzi għal soċjetà in akkomandita bil-kapital maqsum f'azzjonijiet minflok riferenzi għal kumpannija; bis-sostituzzjoni ta' riferenzi għal att ta' soċjetà minflok riferenzi għal memorandum jew memorandum u statut; bis-sostituzzjoni ta' riferenzi għal soċji minflok riferenzi għal azzjonisti;

u bis-sostituzzjoni tal-kliem "deċiżjoni tas-soċji" minflok il-kliem "xi riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali jew minn deċiżjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija" li jinsabu fis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 137.

(6) Fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, kull soċju, fdat bl-amministrazzjoni jew rappreżentanza ta' soċjetà in akkomandita li jkollha l-kapital tagħha maqsum f'azzjonijiet, li jkun fin-nuqqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

TAQSIMA V — KUMPANNIJA TA' RESPONSABBILTÀ LIMITATA

Titolu I — Formazzjoni u Funzjoni ta' Kumpanniji

Kapitolu I — Formazzjoni ta' kumpannija u ħwejjeġ inċidentali għaliha

Tifsir.

67. Kumpannija tkun iffurmata bil-mezz ta' kapital maqsum f'azzjonijiet miżmuma mill-membri tagħha. Ir-responsabbiltà tal-membri tkun limitata għall-ammont, jekk ikun hemm, li ma jkunx tħallas mill-azzjonijiet rispettivament miżmuma minnhom.

Kif titwaqqaf kumpannija.

68. Kumpannija ma tkunx imwaqqfa validament taħt dan l-Att jekk memorandum ta' l-assoċjazzjoni ma jsirx u jiġi sottoskritt minn ta' l-anqas tnejn min-nies, u ma jinħariġx ċertifikat ta' reġistrazzjoni dwarha. Kumpanniji ffurmati u reġistrati taħt l-Ordinanza għandhom iħarsu dan l-Att skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 428.

Kap. 168

Kontenut tal-memorandum.

69. (1) Il-memorandum ta' kull kumpannija għandu jiddikjara —

(a) jekk il-kumpannija hijiex kumpannija pubblika jew kumpannija privata;

(b) l-isem u l-indirizz ta' kull wieħed mill-firmatarji;

(ċ) l-isem tal-kumpannija;

(d) l-uffiċċju reġistrat f'Malta tal-kumpannija;

(e) l-għanijiet tal-kumpannija;

(f) l-ammont tal-kapital azzjonarju li bih il-kumpannija għandha l-ħsieb li tkun reġistrata (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-kapital azzjonarju"), il-qsim tiegħu f'azzjonijiet ta' ammont stabbilit, in-numru ta' azzjonijiet meħuda minn kull wieħed mill-firmatarji u l-ammont imħallas dwar kull azzjoni;

(ġ) in-numru tad-diretturi, l-isem u r-residenza ta' l-ewwel diretturi u, meta xi wieħed mid-diretturi jkun korp ġuridiku, l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-korp ġuridiku, u l-mod kif se tkun eżerċitata r-rappreżentanza tal-kumpannija, u l-isem ta' l-ewwel persuna jew persuni li jkollhom dik ir-rappreżentanza;

(ħ) l-isem u l-indirizz ta' l-ewwel segretarju jew segretarji tal-kumpannija, u fil-każ li xi segretarju tal-kumpannija jkun korp ġuridiku, l-isem u l-uffiċċju reġistrat tal-korp ġuridiku;

(i) iż-żmien stabbilit għad-dewmien tal-kumpannija, sakemm id-dewmien tagħha ma jkunx għal żmien indefinit.

(2) Fil-każ ta' kumpannija pubblika, għandu jkun hemm anness mal-memorandum dokument li jipprovdi:

(a) stima tal-kontijiet kollha li jitħallsu mill-kumpannija jew li jkunu għall-kariga tagħha minħabba l-formazzjoni tagħha sażżmien li tkun awtorizzata li tibda n-negozju; u

(b) deskrizzjoni ta' kull vantaġġ speċjali mogħti qabel iżżmien li l-kumpannija tkun awtorizzata li tibda n-negozju lil xi ħadd li jkun ħa sehem fil-formazzjoni tal-kumpannija jew fi transazzjonijiet li jwasslu għal dik l-awtorizzazzjoni.

Isem tal-kumpannija.

70. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (3) sa (6) ta' dan l-artikolu, kumpannija pubblika tista' tingħata kull isem, iżda dak l-isem għandu jispiċċa bil-kliem *"public limited company"* jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "p.l.c.".

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (3) sa (6) ta' dan l-artikolu, kumpannija privata tista' tingħata kull isem, iżda dak l-isem għandu jispiċċa bil-kliem *"private limited company"* jew bil-kelma *"limited"* jew l-abbrevjazzjoni tagħhom "ltd.".

(3) (a) Meta kumpannija privata tkun kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju fiss jew kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli, l-isem tal-kumpannija għandu jispiċċa bil-kliem *"investment company with fixed share capital"* jew *"investment company with variable share capital"*, skond iċċirkostanzi tal-każ, minflok il-kliem *"private limited company"*, *"limited"* jew l-abbrevjazzjoni tagħha. Minflok il-kliem *"investment company with fixed share capital"* jista' jintuża l-kliem *"investment company"* jew "INVCO" u minflok il-kliem *"investment company with variable share capital"* jista' jintuża "SICAV".

(b) Meta kumpannija pubblika tkun kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju fiss jew kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli, l-isem tal-kumpannija għandu jispiċċa bil-kliem *"investment company with fixed share capital"* jew *"investment company with variable share capital"*, skond iċċirkostanzi tal-każ, minnufih bil-kliem warajhom *"public limited company"* jew l-abrevjazzjoni tagħhom. Minflok il-kliem *"investment company with fixed share capital"* jista' jintuża l-kliem *"investment company"* "INVCO" u minflok il-kliem *"investment company with variable share capital"* jista' jintuża "SICAV".

(4) Kumpanija ma tistax tiġi reġistrata b'isem li —

(a) ikun l-istess bħal isem ta' soċjetà kummerċjali oħra jew hekk jixxibah li fil-fehma tar-Reġistratur jista' joħloq konfużjoni; jew

(b) fil-fehma tar-Reġistratur ikun offensiv jew xort'oħra mhux mixtieq; jew

(ċ) ikun ġie riżervat għar-reġistrazzjoni ta' soċjetà kummerċjali oħra f'avviż bil-miktub lir-Reġistratur mogħti mhux iktar minn tliet xhur qabel id-data tat-tieni talba:

Iżda r-Reġistratur għandu mingħajr dewmien javża kull rifjut taħt dan l-artikolu lill-persuna li titlob ir-reġistrazzjoni:

Iżda wkoll, fl-applikazzjoni tal-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu, ir-Reġistratur għandu jagħti każ tan-negozju jew in-negozju propost tal-kumpannija, tal-protezzjoni ta' ismijiet ta' ndividwi li ma huma bl-ebda mod konnessi mal-kumpannija, u, fil-każ ta' kumpannija privata, ta' l-ismijiet tal-membri.

(5) Kumpannija m'għandhiex tiġi reġistrata b'isem li jinkludi l-kelma *nominee* kemm-il darba ma tkunx kumpannija kwalifikata li tkun reġistrata bħala kumpannija *nominee* jew *nominee* liċenzat taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, jew taħt l-Att dwar it-*Trusts*, jew liċenzata mod ieħor li tuża dak l-isem taħt l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investimenti.

Kap. 330.
Kap. 331.

(6) Persuna jew persuni li jinnegozjaw jew li jmexxu negozju jew attività oħra —

(a) taħt isem jew titolu li jispiċċa bil-kliem *"public limited company"* jew "p.l.c." jew *"private limited company"* jew "ltd.", jew xi taqsir jew imitazzjoni ta' dawk il-kliem u li ma jkunux l-isem ta' kumpannija reġistrata kif imiss; jew

(b) taħt isem jew titolu li jkollu l-kelma *nominee*, jew taqsir jew imitazzjoni tagħha, u li ma jkunx l-isem ta' kumpannija li jkollha *warrant* fis-seħħ, maħruġ taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta jew l-Att ta' l-1994 dwar Servizzi ta' Investiment jew l-Att dwar it-*Trusts*, li jawtorizza lil kumpannija bħal dik li taġixxi ta' kumpannija *nominee* għall-finijiet ta' dawk l-Atti; jew

Kap. 330.
Kap. 331.

(ċ) taħt isem jew titolu li jispiċċa bil-kliem *"investment company with fixed share capital"*, *"investment company"* jew "INVCO" jew tqassir jew imitazzjoni tagħhom, meta l-persuna jew persuni ma humiex kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju fiss; jew

(d) taħt isem jew titolu li jispiċċa bil-kliem *"investment company with variable share capital"* jew "SICAV" jew tqassir jew imitazzjoni tagħhom, meta l-persuna jew persuni ma humiex kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli;

jistgħu jeħlu penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

71. L-għanijiet ta' kumpannija ma jistgħux ikunu mfissra sempliċiment bħala li huma ta' kull għan skond il-liġi jew ta' kummerċ ġenerali: Għanijiet ta' kumpannija.

Iżda jekk xi kontenut fl-għanijiet imsemmija fil-memorandum ikun eskluż jew imħolli barra m'għandux iseħħ fir-rigward tat-terzi.

72. (1) Il-kapital azzjonarju awtorizzat ta' kumpannija għandu jkun — L-inqas kapital azzjonarju.

ta' mhux inqas minn għoxrin elf lira sottoskritti minn għall-anqas żewġ persuni fil-każ ta' kumpannija pubblika; jew

ta' mhux inqas minn ħames mitt lira sottoskritti minn għall-anqas żewġ persuni fil-każ ta' kumpannija privata.

(2) Meta l-kapital azzjonarju awtorizzat ikun daqs l-imsemmi minimu, dan għandu jkun kollu sottoskritt fil-memorandum, u meta jkun iżjed minn dak il-minimu, għall-anqas dak il-minimu għandu jkun sottoskritt fil-memorandum.

(3) Fil-każ ta' kumpannija pubblika, mhux inqas minn ħamsa u għoxrin fil-mija, u fl-każ ta' kumpannija privata, mhux inqas minn għoxrin fil-mija, ta' l-ammont nominali ta' kull azzjoni meħuda għandu jitħallas mal-firma tal-memorandum.

73. (1) Il-kumpens għall-akkwist ta' azzjonijiet f'kumpannija sew jekk mas-sottoskrizzjoni oriġinali jew xort'oħra, jista' jkun biss attiv li jista' jkun valutat ekonomikament, u barra minn hekk, servizzi personali futuri u b'mod ġenerali xi impriżi biex jagħmlu xogħol jew jipprovdu servizzi ma jistgħux jingħataw bħala kumpens. Kumpens għall-akkwist ta' azzjoni.

(2) Meta mas-sottoskrizzjoni oriġinali, l-azzjonijiet jinħarġu għal kumpens li ma jkunx flus, il-kumpens kollu għandu jkun trasferit lill-kumpannija fi żmien ħames snin mid-data li fiha l-kumpannija tkun awtorizzata li tibda n-negozju.

(3) Meta jinħarġu azzjonijiet barra milli mas-sottoskrizzjoni oriġinali għal kumpens li ma jkunx flus, il-kumpens kollu għandu jkun trasferit fi żmien ħames snin mid-data tad-deċiżjoni li jinħarġu l-azzjoniiet.

(4) Qabel ma tkun reġistrata kumpannija jew qabel ma jinħarġu l-azzjonijiet, skond il-każ, għandu jsir rapport dwar kull kumpens li ma jkunx flus minn espert jew esperti indipendenti mill-kumpannija u approvati mir-Reġistratur.

(5) Ir-rapport ta' l-esperti għandu jkun fih għall-inqas deskrizzjoni ta' kull attiv li jikkomprendi l-kumpens kif ukoll il-metodi ta' valutazzjoni wżati u għandu jiddikjara jekk il-valuri stabbiliti bl-applikazzjoni ta' dawk il-metodi jaqblux għall-inqas man-numru u mal-valur nominali, u, meta applikabbli, mal-*premium* fuq l-azzjonijiet li jkunu se jinħarġu għalihom.

(6) Ir-rapport għandu jkun konsenjat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni qabel ma tkun reġistrata l-kumpannija jew qabel ma jinħarġu l-azzjonijiet skond il-każ; u fin-nuqqas, ir-Reġistratur għandu jirrifjuta li jirreġistra l-kumpannija jew il-prospett ta' l-għoti ta' l-azzjonijiet hekk maħruġa, u, f'dan l-aħħar każ, il-ħruġ ikun meqjus null u mingħajr effett.

(7) Meta ammont li jkun qiegħed għall-kreditu ta' xi wieħed mill-kontijiet ta' riserva ta' kumpannija jew tal-kont ta' qliegħ u telf tagħha, jintuża biex jitħallsu sa kull ammont azzjonijiet mogħtija lill-membri ta' kumpannija jew xi *premiums* fuq azzjonijiet hekk mogħtija, l-ammont użat b'dan il-mod ma għandux jitqies bħala kumpens li ma jkunx flus għal dak l-għoti għal finijiet ta' dan l-artikolu.

Trasferiment lill-kumpannija fl-ewwel sentejn ta' attiv li ma jkunx flus.

74. (1) Kumpannija ma tistax takkwista, fi żmien sentejn mill-awtorizzazzjoni tagħha li tibda n-negozju, xi attiv li jkun proprjetà ta' persuna li tkun issottoskrivit għall-memorandum tal-kumpannija jew li tkun membru tal-kumpannija għal xi kumpens li jkun daqs għall-anqas minn għaxra fil-mija tal-kapital maħruġ tal-kumpannija kemm-il darba ma jkunux sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin —

(a) l-attiv li għandu jiġi riċevut mill-kumpannija, u kull kumpens li ma jkunx flus li jingħata mill-kumpannija, irid ikun valutat minn espert jew esperti li jkunu indipendenti mill-kumpannija u approvati mir-Reġistratur;

(b) rapport li juri l-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu jrid ikun sar lill-kumpannija matul is-sitt xhur minnufih qabel id-data tal-ftehim;

(ċ) il-kondizzjonijiet tal-ftehim iridu jkunu ġew approvati b'riżoluzzjoni ordinarja; u

(d) mhux iktar tard mill-għoti ta' l-avviż tal-laqgħa li fiha tkun proposta r-riżoluzzjoni, kopji tar-riżoluzzjoni u tar-rapport iridu jkunu ġew ċirkolati lill-membri tal-kumpannija li għandhom il-jedd li jirċievu avviż tal-laqgħa u, jekk il-persuna li magħha jkun propost li jsir il-ftehim ma tkunx membru tal-kumpannija b'dak il-jedd, lil dik il-persuna.

(2) Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkun konsenjat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni fl-istess ħin li jkun ċirkolat skond il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu. Jekk il-kumpannija tonqos li tħares dan is-subartikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali.

(3) Jekk kumpannija tagħmel xi ftehim li jmur kontra dan l-artikolu u jew —

(a) il-persuna li magħha l-kumpannija tkun għamlet il-ftehim ma tkunx irċeviet ir-rapport ta' l-espert meħtieġ biex ikun hemm tħaris mal-kundizzjonijiet ta' dan l-artikolu; jew

(b) kien hemm xi ksur ieħor ta' dan l-artikolu li dik il-persuna kienet taf jew kellha tkun taf li kien ksur, il-kumpannija jkollha l-jedd li tiġbor lura mingħand dik il-persuna kull kumpens mogħti minnha skond il-ftehim, jew ammont li jkun daqs il-valur tal-kumpens fiż-żmien tal-ftehim, u l-ftehim, safejn ma jkunx ġie sodisfatt, ikun null.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx —

(a) meta jkun parti mix-xogħol ordinarju tal-kumpannija li takkwista, jew tagħmel arranġamenti għal persuni oħra biex jakkwistaw, attiv ta' deskrizzjoni partikolari, għal ftehim magħmul mill-kumpannija fil-kors ordinarju tax-xogħol tagħha għat-trasferiment ta' attiv ta' dik id-deskrizzjoni lilha jew lil dik il-persuna l-oħra, skond il-każ; jew

(b) meta akkwisti isiru mill-kumpannija kif imġegħla minn jew taħt is-sorveljanza tal-Qorti; jew

(ċ) għal akkwisti fuq il-Borża.

Statut ta' assoċjazzjoni.

75. (1) Jista' jiġi reġistrat mal-memorandum, statut ta' assoċjazzjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-istatut") li għandu jkun iffirmat mill-firmatarji tal-memorandum u li jippreskrivi r-regolamenti tal-kumpannija.

(2) Jekk l-istatut ma jkunx reġistrat, jew, jekk l-istatut ikun reġistrat, safejn ma jeskludix jew ma jbiddilx ir-regolamenti li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, dawk ir-regolamenti jkunu r-regolamenti tal-kumpannija bl-istess mod u fl-istess grad daqslikieku kienu fi statut reġistrat kif imiss.

Reġistrazzjoni ta' memorandum u statut.

76. (1) Il-memorandum u l-istatut, jekk ikun hemm, għandhom jiġu konsenjati għar-reġistrazzjoni lir-Reġistratur li, wara li jkun soddisfatt illi l-ħtiġiet kollha ta' l-artikoli minn 68 sa 75 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 139 ta' dan l-Att ikunu ġew imħarsa, għandu jirreġistrahom.

(2) Meta l-memorandum jew l-istatut ikunu magħmula b'att pubbliku jew b'kitba privata tranżuntata fl-atti ta' nutar pubbliku, kopja awtentika tagħhom għandha tiġi konsenjata minflok l-oriġinal.

(3) Il-konsenja fuq imsemmija għandha ssir minn xi wieħed mill-firmatarji tal-memorandum jew mill-aġent awtorizzat ta' xi wieħed mill-firmatarji.

Dmir tar-Reġistratur u effetti tar-reġistrazzjoni.

77. (1) Meta jiġi reġistrat il-memorandum u l-istatut, jekk ikun hemm, ta' kumpannija r-Reġistratur għandu jiċċertifika taħt il-firma tiegħu illi l-kumpannija hija reġistrata, u l-kumpannija tibda sseħħ u tkun tista' tibda taħdem mid-data taċ-ċertifikat:

Iżda jekk ir-reġistrazzjoni tinkiseb qabel id-data, jekk ikun hemm, stabbilita fil-memorandum għall-bidu fis-seħħ tal-kumpannija, iċ-ċertifikat għandu juri dik id-data, u l-kumpannija għandha tiġi fis-seħħ u tkun tista' tibda taħdem minn dik l-aħħar data.

(2) Ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ dwar kumpannija huwa prova konkluživa illi l-kundizzjonijiet ta' dan l-Att dwar reġistrazzjoni u ħwejjeġ preċedenti u nċidentali għalih ikunu ġew imħarsa u li l-kumpannija hija reġistrata kif imiss bħala kumpannija pubblika jew privata taħt dan l-Att.

Meta ma jinħariġx ċertifikat ta' reġistrazzjoni.

78. (1) Il-persuni kollha li jmexxu negozju jew jagħmlu ftehim taħt isem jew għan-nom ta' kumpannija li dwarha ma jkunx inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt dan l-Att, jew qabel id-data murija fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni bħala d-data li fiha dik il-kumpannija għandha tibda sseħħ, ikunu, sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra personalment u solidalment responsabbli dwar terzi għall-atti magħmula taħt dik l-isem.

(2) Fin-nuqqas ta' ftehim kuntrarju, il-persuni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkollhom, kontra xulxin u dwar attiv u passiv li jinqalgħu mit-tmexxija tan-negozju f'isem il-kumpannija jew għan-nom tagħha, il-jeddijiet u l-obbligazzjonijiet li għandhom koproprjetarji.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, in-negozji msemmija f'dak is-subartikolu għandhom, jitqiesu bħallikieku saru mill-kumpannija għar-rigward ta' terzi li trattaw *in bona fede* ma' persuni li aġixxew f'isem jew għan-nom kumpannija li dwarha ma jkunx inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt dan l-Att, jew li ma tkunx għadha ġiet fis-seħħ, b'effett mid-data li fiha l-kumpannija tiġi fis-seħħ; iżda f'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikawx. Il-kumpannija jkollha jedd li tkun indennizzata mill-persuni li jkunu aġixxew f'isimha jew għan-nom tagħha dwar ir-responsabbiltà tagħha taħt dan is-subartikolu lejn l-imsemmija terzi.

Tibdil u żidiet fil-memorandum u fl-istatut.

79. (1) Kumpannija tista' b'riżoluzzjoni straordinarja tibdel jew iżżid fil-memorandum jew fl-istatut tagħha:

Iżda —

(i) meta t-tibdil jikkonsisti f'bidla ta' l-uffiċċju reġistrat f'Malta tal-kumpannija dak it-tibdil jista' jsir b'riżoluzzjoni tad-diretturi; u

(ii) meta t-tibdil jikkonsisti fit-tibdil ta' xi azzjonijiet fi *stock* jew fit-tibdil mill-ġdid ta' dak l-i*stock* f'azzjonijiet, dak it-tibdil jista' jsir biss jekk l-azzjonijiet li għandhom jiġu mibdula jkunu azzjonijiet imħallsa u jekk l-i*stock* ikun mibdul mill-ġdid f'azzjonijiet imħallsa, iżda, jekk il-kumpannija tkun hekk awtorizzata fil-memorandum jew fl-istatut tagħha, tista' b'riżoluzzjoni ordinarja tibdel kull azzjonijiet imħallsa fi *stock* u tibdel mill-ġdid dak l-i*stock* f'azzjonijiet imħallsa ta' kull denominazzjoni.

(2) Ikun dmir id-diretturi u s-segretarju tal-kumpannija li jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja mitbugħa ta' kull riżoluzzjoni kif intqal qabel, fi żmien erbatax-il ġurnata wara d-data tar-riżoluzzjoni, flimkien ma' kopja riveduta u aġġornata tal-memorandum u ta' l-istatut, jekk ikun hemm, kif emendata, u kull test preċedenti emendat tal-memorandum u ta' l-istatut, jekk ikun hemm, jista' jiġi mwarrab mir-Reġistratur meta test sussegwenti emendat ikun konsenjat lilu għar-reġistrazzjoni:

Iżda f'każ ta' diskrepanza bejn it-test ta' xi memorandum u statut emendati, jekk ikun hemm, u t-test tal-memorandum u statut oriġinali, jekk ikun hemm, reġistrati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 76 ta' dan l-Att, it-test ta' l-aħħar flimkien mar-riżoluzzjonijiet reġistrati skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jipprevalu.

(3) Kull tibdil jew żieda fil-memorandum jew fl-istatut ta' kumpannija ma għandux jibda jseħħ, jekk u sakemm ma jkunx reġistrat kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun fin-nuqqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Tibdil ta' isem il-kumpannija.

80. Meta kumpannija tbiddel isimha skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 79 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur għandu jniżżel l-isem ġdid fir-reġistru minflok l-isem ta' qabel u għandu joħroġ ċertifikat tar-reġistrazzjoni mibdul skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

Tibdil fil-memorandum jew fl-istatut b'żieda fir-responsabbiltà ta' kontribuzzjoni għal kapital azzjonarju ma għandux jorbot membri eżistenti mingħajr il-kunsens tagħhom.

81. Minkejja dak kollu li jinsab fil-memorandum jew fl-istatut ta' kumpannija, ebda membru ma jkun marbut b'xi tibdil magħmul fil-memorandum jew fl-istatut wara d-data li fiha jkun sar membru jekk u sakemm il-bidla teħtieġ li huwa jissottoskrivi għal numru akbar ta' azzjonijiet minn dak miżmum minnu fid-data li fiha jkun sar it-tibdil, jew b'xi mod tkabbar ir-responsabbiltà li jkollu f'dik id-data li jikkontribwixxi għall-kapital jew li xort'oħra jħallas flus lill-kumpannija:

Iżda dan l-artikolu ma għandu jgħodd f'ebda każ meta l-membru jaqbel bil-miktub, sew qabel kemm wara li jkun sar it-tibdil, li jkun marbut bih.

Awtentikazzjoni ta' dokumenti.

82. (1) Dokument jew proċedura li jeħtieġu awtentikazzjoni minn kumpannija jistgħu jkunu ffirmati minn direttur, mis-segretarju tal-kumpannija jew uffiċjal ieħor awtorizzat tal-kumpannija.

(2) Id-dokumenti kollha kkonsenjati lir-Reġistratur għandhom ikunu awtentikati skond dan l-artikolu.

Kapitolu II — Tibdil fil-kapital azzjonarju ta' kumpannija

Tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ.

83. (1) B'dak kollu li jinsab fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 79, meta t-tibdil jikkonsisti fit-tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ, kull tnaqqis bħal dak ma jibdix iseħħ qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att dwar ir-riżoluzzjoni li tolqot dak it-tibdil:

Iżda jekk kreditur tal-kumpannija li d-dejn tagħha kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jopponi ruħu għal hekk b'ċitazzjoni preżentata fi żmien tliet xhur kalkolati kif intqal qabel u juri raġuni tajba għaliex dan ma għandux isir, il-Qorti għandha jew tilqa' l-oppożizzjoni jew thalli t-tnaqqis wara li tingħata sigurtà biżżejjed:

Iżda wkoll tnaqqis fil-kapital azzjonarju jkun bla effett sal-limitu li jnaqqas il-kapital għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 72 ta' dan l-Att.

(2) Ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għandu mingħajr dewmien jara li kopja ta' kull ċitazzjoni preżentata taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u ta' kull sentenza mogħtija dwarha tkun notifikata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(3) Ir-rinunzja totali jew parzjali għal ammonti mhux imħallsa ta' azzjonijiet maħruġa u l-ħelsien tad-detenturi ta' dawk l-azzjonijiet mill-obbligu tagħhom li jħallsu dik il-parti mhux imħallsa għandha, minkejja dak kollu li jinsab fil-memorandum jew fl-istatut ta' kumpannija, fil-każijiet kollha titqies bħala tnaqqis fil-kapital azzjonarju.

(4) Meta jkun hemm diversi klassijiet ta' azzjonijiet id-deċiżjoni mill-laqgħa ġenerali dwar tnaqqis fil-kapital maħruġ tkun suġġetta għal vot separat għal kull klassi ta' azzjonisti li l-jeddijiet tagħhom jintlaqtu bit-tnaqqis, u għal kull vot separat li jittieħed l-istess maġġoranza tkun meħtieġa daqslikieku l-azzjonijiet ma kienux maqsuma fi klassijiet differenti.

(5) Tibdil li jikkonsisti fi tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ li l-għan tiegħu hu li jpaċi telf li jkun sar jew li jinkludi somom ta' flus f'riżerva jibda jseħħ malli tiġi reġistrata r-riżoluzzjoni dwar it-tnaqqis u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu dwar id-drittijiet mogħtija lil kredituri ta' kumpannija ma jgħoddux:

Iżda, wara din l-operazzjoni, l-ammont ta' dik ir-riżerva ma jkunx iżjed minn għaxra fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ imnaqqas:

Iżda wkoll, ħlief fil-każ ta' tnaqqis fil-kapital azzjonarju maħruġ, riżerva ta' din ix-xorta m'għandhiex titqassam lill-azzjonisti; u din tista' tintuża biss biex tpaċi telf li jkun sar, jew biex iżżid il-kapital azzjonarju maħruġ bil-kapitalizzazzjoni ta' dik ir-riżerva.

(6) Fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu l-ammonti li jinkisbu mit-tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ

ma jistgħux jintużaw biex isiru ħlasijiet jew tqassim lil azzjonisti jew biex jeħilsu azzjonisti mill-obbligu li jħallsu għal sejħiet fuq l-azzjonijiet tagħhom.

(7) L-avviż li jsejjaħ il-laqgħa ġenerali li fiha tittieħed irriżoluzzjoni straordinarja għat-tnaqqis ta' kapital azzjonarju maħruġ għandu, b'żieda mal-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 135 ta' dan l-Att, jispeċifika wkoll l-għan tat-tnaqqis u l-mod li bih dan ikun se jsir.

Kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli.

84. (1) Kumpannija tista', jekk tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, tkun iffurmata bħala kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli.

(2) (a) Il-memorandum ta' kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli għandu dwar il-kapital azzjonarju tal-kumpannija, minflok il-ħwejjeġ speċifikati fil-paragrafu (f) ta' l-artikolu 69 ta' dan l-Att jiddikjara illi —

(i) il-kapital azzjonarju tal-kumpannija għandu jkun daqs il-valur għal dak iż-żmien tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpannija; u

(ii) l-imsemmi kapital azzjonarju għandu jkun maqsum f'numru speċifikat ta' azzjonijiet mingħajr ma jingħata ebda valur nominali għalihom; u

(b) il-memorandum tal-kumpannija għandu wkoll jiddikjara li l-għan waħdieni tal-kumpannija għandu jkun l-investiment kollettiv tal-fondi tagħha f'sigurtajiet u beni oħra mobbli u mmobbli bil-għan li tifrex ir-riskju ta' investiment u tagħti lill-azzjonisti tal-kumpannija l-benefiċċju tar-riżultati ta' l-amministrazzjoni tal-fondi tagħha u li biex tissodisfa dak il-għan għandu jkollha d-dritt li tagħmel kull att li għandu x'jaqsam miegħu jew anċillari għalih; u

(ċ) il-memorandum jew l-istatut tal-kumpannija għandu jipprovdi —

(i) li l-valur attwali tal-kapital azzjonarju mħallas tal-kumpannija jkun f'kull żmien daqs il-valur ta' l-attiv ta' kull xorta tal-kumpannija wara li jitnaqqas il-passiv; u

(ii) li l-azzjonijiet tal-kumpannija għandhom, fuq it-talba ta' xi wieħed mid-detenturi tagħhom, jinxtraw mill-kumpannija direttament jew indirettament mill-attiv tal-kumpannija.

(3) Azzjoni li tittieħed mill-kumpannija biex tiżgura li l-valur ta' l-azzjonijiet tagħha fuq il-borża ma' jinbidilx mill-valur nett ta' l-attiv tagħha b'iktar minn perċentwali speċifikat fl-istatut tagħha, liema perċentwali ma jistax ikun iżjed minn ħamsa fil-mija, titqies bħala azzjoni meħuda għall-finijiet tas-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli ma tistax toħroġ azzjonijiet imħallsin parzjalment.

(5) Ix-xiri minn kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli ta' l-azzjonijiet tagħha stess isir skond il-kondizzjonijiet u b'dak il-mod li jista' jkun provdut fl-istatut tagħha.

(6) Azzjonijiet ta' kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli li jkunu nxtraw mill-kumpannija nnifisha għandhom ikunu kanċellati u l-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpannija għandu jitnaqqas mill-prezz imħallas mill-kumpannija għax-xiri ta' l-azzjonijiet, u ebda ħaġa f'dan l-Att ma teħtieġ li kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli toħloq xi riżerva.

(7) Bla ħsara għal xi ħtiġiet li jistgħu jkunu imposti fuq kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli skond xi liġi oħra, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 70, l-artikoli 72, 83, 85, 86, 87, 97, 103, 105 sa 112, 115 u Kapitolu XI tat-Taqsima V ta' dan l-Att, ma japplikawx għal kumpannija bħal dik.

(8) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli ma tkunx obbligata li tagħti d-dettalji fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-formola tal-prospett annwali li hemm fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(9) F'dan l-Att, riferenza għal valur nominali ta' azzjoni maħruġa jew mogħtija, jew ta' kapital azzjonarju maħruġ jew mogħti, f'kumpannija għandha tiftiehem, fil-każ ta' kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli, bħala riferenza għall-valur ta' l-attiv nett.

Żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ u dritt ta' diretturi li joħorġu azzjonijiet.

85. (1) Kull żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ ta' kumpannija għandu jkun deċiż b'riżoluzzjoni ordinarja tal-kumpannija, sakemm il-memorandum jew l-istatut ma jeħtieġx perċentwali oġħla minn dak meħtieġ għal riżoluzzjoni ordinarja bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 135 ta' dan l-Att.

(2) Il-memorandum jew l-istatut ta' kumpannija jista' jħalli l-laqgħa ġenerali tawtorizza b'riżoluzzjoni ordinarja lill-bord tad-diretturi biex joħroġ azzjonijiet sa ammont massimu speċifikat fl-istess memorandum u statut, liema awtorizzazzjoni tkun għal żmien massimu ta' ħames snin, li jista' jiġġedded għal żminijiet oħra ta' ħames snin l-wieħed; u meta dik l-awtorizzazzjoni ma tkunx inkluża fil-memorandum jew statut tal-kumpannija, l-istess awtorizzazzjoni tista' tingħata lill-bord tad-diretturi b'riżoluzzjoni straordinarja.

(3) Meta jkun hemm diversi klassijiet ta' azzjonijiet, ir-riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali dwar iż-żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew l-awtorizzazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkunu suġġetti għal vot separat għal kull klassi ta' azzjonisti li l-jeddijiet tagħhom jintlaqtu b'dik ir-riżoluzzjoni jew awtorizzazzjoni, u d-dispożizzjonijiet dwar il-maġġoranza meħtieġa għar-riżoluzzjoni bis-saħħa tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal kull klassi.

(4) Kopja ta' kull riżoluzzjoni ordinarja jew straordinarja bħal dawk imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu għandha tkun konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, u fin-nuqqas ta' dan kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (1) sa (4) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal ħruġ tat-titoli kollha li jistgħu jinbidlu f'azzjonijiet jew li jagħtu l-jedd għal sottoskrizzjoni f'azzjonijiet, iżda mhux għall-konverżjoni ta' dawk it-titoli, lanqas għall-eżerċizzju tal-jedd għal sottoskrizzjoni.

(6) Meta żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ ma titteħidtx kollha, il-kapital azzjonarju maħruġ għandu jiżdied bl-ammont tas-sottoskrizzjonijiet li jkunu daħlu biss jekk il-kondizzjonijiet tal-ħruġ hekk jipprovdu.

Ammont imħallas ma' l-għoti ta' azzjonijiet ta' kumpannija pubblika.

86. Azzjonijiet għandhom jitħallsu malli jingħataw sa mill-inqas ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur nominali tagħhom fil-każ ta' kumpannija pubblika.

Ammont imħallas ma' l-għoti ta' azzjonijiet ta' kumpannija privata.

87. Azzjonijiet għandhom jitħallsu malli jingħataw sa mill-anqas għoxrin fil-mija tal-valur nominali tagħhom fil-każ ta' kumpannija privata.

Offerta ta' azzjonijiet fuq bażi ta' prelazzjoni mal-ħruġ.

88. (1) Kull meta azzjonijiet ta' kumpannija pubblika jkunu proposti biex jiġu mogħtija bi ħlas ta' flus, dawk l-azzjonijiet għandhom ikunu offerti fuq bażi ta' prelazzjoni lill-azzjonisti fil-proporzjon tal-kapital azzjonarju miżmum minnhom.

(2) Meta l-kapital azzjonarju maħruġ ta' kumpannija kif imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li jkollha diversi klassijiet ta' azzjonijiet li jkollhom jeddijiet differenti dwar votazzjoni, jew parteċipazzjoni fit-tqassim, jew sehem ta' attiv fil-każ ta' xoljiment, jiżdied bil-ħruġ ta' azzjonijiet ġodda f'waħda biss minn dawk il-klassijiet, il-jedd ta' prelazzjoni ta' l-azzjonisti tal-klassijiet l-oħra għandu jkun eżerċitat biss wara li l-azzjonisti tal-klassi li fiha jkunu qed jinħarġu l-azzjonijiet il-ġodda jkunu eżerċitaw dan il-jedd.

(3) Kull offerta għal sottoskrizzjoni fuq bażi ta' prelazzjoni u ż-żmien li fih dak il-jedd jista' jkun eżerċitat għandhom ikunu pubblikati, fil-Gazzetta permezz tar-Reġistratur, u f'gazzetta li toħroġ kuljum, mid-diretturi tal-kumpannija:

Iżda meta kumpannija pubblika ma tkunx ħarġet *warrants* dwar azzjonijiet, dik il-pubblikazzjoni ma tkunx meħtieġa sakemm l-azzjonisti kollha tal-kumpannija jkunu mgħarrfa bil-miktub bl-offerta tas-sottoskrizzjoni fuq bażi ta' prelazzjoni u biż-żmien li fih dak il-jedd għandu jkun eżerċitat.

(4) Il-jedd ta' prelazzjoni msemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandu jkun eżerċitat fi żmien li ma jkunx inqas minn erbatax-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-offerta jew mid-data li fiha jintbagħtu l-ittri lill-azzjonisti msemmija fl-istess subartikolu.

(5) Il-jedd ta' prelazzjoni ma jistax ikun ristrett jew iritrat bil-memorandum jew bl-istatut. Iżda dan jista' jsir b'riżoluzzjoni straordinarja tal-laqgħa ġenerali. Il-bord tad-diretturi jkun meħtieġ li jippreżenta lil dik il-laqgħa ġenerali rapport bil-miktub li juri r-raġunijiet għal dik ir-restrizzjoni jew irtirar tal-jedd tal-prelazzjoni u li jiġġustifika l-prezz tal-ħruġ propost.

(6) Kopja tar-riżoluzzjoni msemmija fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu għandha tkun konsenjata mid-diretturi, jew mis-segretarju tal-kumpannija, lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(7) Il-memorandum jew l-istatut jew riżoluzzjoni straordinarja tal-laqgħa ġenerali jistgħu jawtorizzaw lill-bord tad-diretturi li jirrestringi jew jirtira l-jedd ta' prelazzjoni jekk il-bord ikun awtorizzat li joħroġ azzjonijiet skond l-artikolu 85 ta' dan l-Att u sakemm il-bord jibqa' hekk awtorizzat.

(8) Kopja tar-riżoluzzjoni msemmija fis-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu għandha tkun konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(9) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (1) sa (8) ta' dan l-artikolu japplikaw għall-ħruġ tat-titoli kollha konvertibbli f'azzjonijiet jew li jagħtu l-jedd għas-sottoskrizzjoni ta' azzjonijiet, iżda mhux għall-konverżjoni ta' dawk it-titoli, lanqas għall-eżerċizzju tal-jedd ta' sottoskrizzjoni.

(10) Il-jedd ta' prelazzjoni mhux eskluż għall-finijiet tas-subartikoli minn (5) sa (8) ta' dan l-artikolu meta, skond id-deċiżjoni li jingħataw azzjonijiet, jinħarġu azzjonijiet lil banek jew istituzzjonijiet finanzjarji bil-ħsieb li dawn joffruhom lil azzjonisti tal-kumpannija skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(11) Fin-nuqqas ta' tħaris tas-subartikolu (6) jew tas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Kapitolu III — Ħruġ ta' kapital minn kumpanniji pubbliċi

Ħruġ ta' applikazzjonijiet għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija pubblika jsir bi prospett.

89. (1) Ebda formula ta' applikazzjoni għal azzjonijiet jew għal obbligazzjonijiet ta' kumpannija pubblika ma tista' tinħareġ kemm-il darba l-kumpannija ma tkunx reġistrata u l-formula ma tinħariġx bi prospett li jħares il-ħtiġiet ta' l-artikolu 90 ta' dan l-Att:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu ma japplikawx għal formula ta' applikazzjoni maħruġa jew —

(a) dwar stedina *in bona fede* lil persuna biex tidħol fi ftehim ta' sottoskrizzjoni dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet; jew

(b) dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li ma humiex offerti għall-pubbliku; jew

(ċ) minn detentur ta' liċenza skond kif imfisser fl-Att ta' l-1994 dwar is-Servizzi ta' Investiment, kemm-il darba dak il-ħruġ isir skond ir-regoli jew regolamenti magħmula taħt dak l-Att.

(2) Il-ħruġ ta' prospett jew ta' formula ta' applikazzjoni għal azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija lill-membri jew lid-detenturi ta' obbligazzjonijiet eżistenti ma jitqiesx li jkun offerta għall-pubbliku, sew jekk applikant ikollu sew jekk ma jkollux jedd li jirrinunzja favur persuni oħra.

Data ta' prospett u ħwejjeġ li jingħadu fih.

90. (1) Kull prospett għandu jkollu d-data u għandu juri l-ħwejjeġ imsemmija fit-Taqsima I tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att u għandu juri r-rapporti msemmija fit-Taqsima II ta' dik l-Iskeda.

(2) Kondizzjoni li teħtieġ jew li torbot applikant għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li jirrinunzja għat-tħaris ta' xi ħtieġa ta' dan l-artikolu jew li turi li tolqtu b'avviż ta' xi kuntratt, dokument jew ħaġa li mhijiex imsemmija speċifikatament fil-prospett tkun bla effett.

Penali.

91. Kull persuna li tkun responsabbli għall-ħruġ, ċirkolazzjoni jew tqassim ta' prospett jew għall-ħruġ ta' formula ta' applikazzjoni għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 89 jew tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 90 ta' dan l-Att tista' teħel penali:

Iżda direttur jew persuna oħra responsabbli għall-prospett ma titqiesx li hi responsabbli jekk —

(a) dwar xi ħaġa mhux murija tipprova li ma kenitx taf biha; jew

(b) tipprova li l-ksur sar minħabba li għamlet żball ta' fatt onestament; jew

(ċ) il-ksur kien dwar ħwejjeġ li, fil-fehma tal-Qorti, kienu mhux sostanzjali jew xort'oħra kien tali li, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, imissu b'mod raġonevoli jkun skużat:

Iżda wkoll f'każ li ma tkunx imdaħħla fil-prospett dikjarazzjoni dwar ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafu 24 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ebda direttur jew persuna oħra ma tinkorri xi responsabbiltà dwar dak in-nuqqas jekk ma jkunx provat illi kienet taf bil-ħwejjeġ li ma ġewx murija.

Prospett li jkollu dikjarazzjoni minn esperti.

92. (1) Prospett li jkollu dikjarazzjoni li turi li tkun saret minn espert ma għandux jinħareġ jekk —

(a) l-espert ma jkunx ta u jkun, qabel il-konsenja ta' kopja tal-prospett għar-reġistrazzjoni, irtira l-kunsens tiegħu bil-miktub għall-ħruġ ta' dak il-prospett; u

(b) ma tidhirx fil-prospett dikjarazzjoni li huwa jkun ta u ma jkunx irtira l-kunsens tiegħu kif intqal qabel.

(2) Jekk xi prospett jinħareġ bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li xjentement tkun ħadet sehem fil-ħruġ tiegħu tista' teħel penali.

Reġistrazzjoni ta' prospett.

93. (1) Ebda prospett ma għandu jinħareġ jekk, fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu jew qabel, kif provdut fl-artikolu 99 ta' dan l-Att, ma tkunx ġiet konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tiegħu iffirmata minn kull persuna msemmija fih bħala direttur tal-kumpannija, jew mill-aġent tiegħu awtorizzat bil-miktub, u li jkollha mniżżel fuqha jew mwaħħal magħha —

(a) kull kunsens għall-ħruġ tal-prospett meħtieġ bl-aħħar artikolu qabel dan minn xi persuna bħala espert; u

(b) kopja ta' kull kuntratt li bil-paragrafu 23 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jissemma fil-prospett jew, fil-każ ta' kuntratt mhux imniżżel bil-miktub, memorandum li jagħti l-partikolaritajiet kollha tiegħu.

(2) Jekk prospett jinħareġ bi ksur ta' dan l-artikolu, kull persuna li xjentement tkun ħadet parti fil-ħruġ tal-prospett tista' teħel penali u għal kull ġurnata mid-data tal-ħruġ tal-prospett sakemm tiġi konsenjata kopja tiegħu kif intqal qabel bid-dokumenti meħtieġa mniżżla fuqha jew imwaħħla magħha, penali oħra.

Responsabbiltà ċivili għal dikjarazzjonijiet ħżiena fil-prospett.

94. (1) Il-persuni li jkunu responsabbli għall-ħruġ jew li jkunu awtorizzaw il-ħruġ ta' prospett ikunu responsabbli *in solidum* għal kull dannu li jbati min ikun issottoskriva għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet minħabba dak il-prospett, minħabba xi dikjarazzjoni mhux vera li jkun hemm fih:

Iżda persuna li tkun tat il-kunsens tagħha meħtieġ bl-artikolu 92 ta' dan l-Att ma tkunx responsabbli bħala persuna li tkun awtorizzat il-ħruġ ta' prospett ħlief dwar xi dikjarazzjoni mhux vera magħmula minnha bħala espert.

(2) Ebda persuna ma tkun responsabbli skond dan l-artikolu jekk —

(a) tipprova li kellha raġunijiet biżżejjed li temmen, u sakemm ingħataw l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet kienet temmen, illi d-dikjarazzjoni kienet vera; jew

(b) tipprova, dwar dikjarazzjoni mhux vera magħmula minn espert, li kellha raġunijiet biżżejjed li temmen, u sakemm ingħataw l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet kienet temmen, illi l-persuna li għamlet id-dikjarazzjoni kienet kompetenti li tagħmilha; jew

(ċ) kif issir taf bid-dikjarazzjoni mhux vera qabel ma jkun sar ebda għoti bis-saħħa tal-prospett, tkun tat avviż xieraq lill-pubbliku dwar li d-dikjarazzjoni ma kenitx vera.

95. (1) Meta kumpannija pubblika tagħti jew tiftiehem li tagħti xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija bl-iskop li dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet kollha jew x'uħud minnhom jiġu offerti għall-bejgħ lill-pubbliku, kull dokument li bih issir l-offerta għall-bejgħ lill-pubbliku għandu għall-finijiet kollha jitqies li jkun prospett u r-regoli kollha dwar prospett għandhom jgħoddu u jseħħu għal hekk. Dokument li jkollu offerta għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet għal bejgħ jitqies bħala prospett.

(2) Għandu jitqies, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju, illi l-għoti jew il-ftehim ta' għoti kien magħmul bil-ħsieb li l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet jiġu offerti għall-bejgħ lill-pubbliku jekk jintwera —

(a) illi offerta għall-bejgħ lill-pubbliku tkun saret fi żmien sitt xhur wara l-għoti jew il-ftehim ta' għoti; jew

(b) illi fid-data li fiha tkun saret l-offerta l-ammont kollu li kellu jingħabar mill-kumpannija pubblika għall-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma kienx ġie hekk miġbur.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 93 ta' dan l-Att kif applikat b'dan l-artikolu għandu jkollu seħħ —

(a) bħallikieku dak l-artikolu jeħtieġ ukoll illi prospett ikollu mwaħħal miegħu kopja ta' kull kuntratt li bih l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet imsemmija ingħataw jew ser jingħataw jew, f'każ ta' kuntratt mhux imniżżel bil-miktub, memorandum li jagħti l-partikolaritajiet kollha dwar hekk; u

(b) bħallikieku l-persuni li jagħmlu l-offerta kienu persuni msemmija fil-prospett bħala diretturi ta' kumpannija.

96. (1) Għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli minn 89 sa 95 ta' dan l-Att — Tifsir ta' dispożizzjonijiet dwar prospett.

(a) dikjarazzjoni inkluża fi prospett għandha titqies li ma tkunx vera jekk tkun qarrieqa fil-forma u l-kontest li fih tkun inkluża; u

(b) dikjarazzjoni titqies li tkun inkluża fi prospett jekk tkun qiegħda fih jew f'xi dokument li jkun jidher fuq il-wiċċ tiegħu jew li jkun b'riferenza inkorporat fih jew maħruġ miegħu.

(2) F'dan il-kapitlu l-espressjoni "espert" tinkludi inġinier, stimatur, *accountant* u kull persuna oħra li l-professjoni tagħha tagħti awtorità għal dikjarazzjoni magħmula minnha.

Kapitlu IV — Għoti ta' azzjonijiet u obbligazzjonijiet ta' kumpanniji

97. (1) Ebda kapital azzjonarju ta' kumpannija pubblika offert għall-pubbliku għal sottoskrizzjoni ma għandu jingħata — Ebda għoti jekk ma tkunx riċevuta sottoskrizzjoni minima.

(a) jekk ma jkunx ġie sottoskritt u mħallas bi flus l-ammont imsemmi fil-prospett bħala l-inqas ammont li, fil-fehma tad-diretturi, għandu jingħabar bil-ħruġ tal-kapital azzjonarju sabiex jipprovdi għall-ispejjeż preliminari, xiri ta' proprjetà u kapital għan-negozju kif speċifikat fil-prospett; u

(b) sakemm il-kapital ma jkunx sottoskritt kollu, sew bi flus jew le, jew il-kondizzjonijiet imsemmija fl-offerta għall-għoti, meta l-offerta ma tkunx ġiet sottoskritta kollha, ma jkunux ġew sodisfatti.

(2) Jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma jkunux tħarsu fi żmien erbgħin jum wara l-ħruġ tal-prospett, il-flejjes kollha riċevuti mingħand l-applikanti għall-azzjonijiet għandhom minnufih jitħallsu lura lilhom mingħajr imgħax.

(3) Jekk xi flus ma jitħallsux lura fi żmien tmienja u erbgħin jum wara l-ħruġ tal-prospett, id-diretturi tal-kumpannija jkunu responsabbli *in solidum* li jħallsuhom lura bl-imgħax ta' żewġ punti ta' perċentaġġ fuq ir-rata minima ta' skont tal-Bank Ċentrali ta' Malta fis-sena minn meta jagħlqu l-erbgħin jum; iżda direttur ma jkunx hekk responsabbli jekk jipprova li n-nuqqas fil-ħlas lura tal-flus ma kienx dovut għal xi mġieba ħażina jew negliġenza minn naħa tiegħu.

(4) Kull kondizzjoni li teħtieġ jew li torbot lil applikant għal azzjonijiet li jirrinunzja għat-tħaris ta' xi kondizzjoni ta' dan l-artikolu tkun nulla.

(5) Il-flejjes kollha miġbura mingħand applikanti skond il-prospett għandhom jibqgħu proprjetà ta' l-applikanti sa dak iż-żmien li ssir l-għotja b'mod irrevokabbli u ma jkunux disponibbli biex jissoddisfaw id-djun tal-kumpannija. Dawn il-flejjes għandhom jinżammu f'kont tal-bank separat sakemm il-kumpannija tista' tkun responsabbli li tħallashom lura taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu; u jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris ta' dan is-subartikolu, il-kumpannija u kull uffiċjal tagħha li jkun naqas jistgħu jeħlu penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Effett ta' għoti irregolari.

98. (1) Għotja magħmula minn kumpannija bi ksur ta' l-artikolu 97 ta' dan l-Att tista' tiġi annullata fuq it-talba ta' applikant għall-azzjonijiet imsemmi fl-istess artikolu b'ċitazzjoni ppreżentata fi żmien xahar wara d-data ta' l-għotja:

Iżda il-proċedimenti jistgħu jinbdew ukoll jekk il-kumpannija tkun ġiet xolta u tkun fi stat ta' stralċ.

(2) Jekk direttur xjentement jikser jew iħalli jew jawtorizza l-ksur ta' l-artikolu 97 ta' dan l-Att, dan ikun responsabbli li jikkumpensa rispettivament lill-kumpannija u lill-persuna li lilha jkun sar l-għoti dwar kull telf, danni jew spejjeż li l-kumpannija jew dik il-persuna jkunu ġarrbu jew għamlu minħabba l-ksur:

Iżda proċedimenti għall-ġbir lura ta' dak it-telf, danni jew spejjeż jistgħu biss jinbdew b'ċitazzjoni fi żmien sentejn mid-data ta' l-għoti.

Żmien tal-ftuħ tal-lista tas-sottoskrizzjoni

99. (1) Ebda għoti ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija pubblika ma għandu jsir bis-saħħa ta' prospett u ebda proċedimenti ma għandhom jittieħdu fuq applikazzjonijiet magħmula bis-saħħa ta' prospett qabel mill-anqas il-bidu tat-tielet jum tax-xogħol

jew dak iż-żmien aktar tard (jekk ikun hemm) kif ikun imsemmi fil-prospett, wara l-pubblikazzjoni f'gazzetta li tohroġ kuljum ta' avviż li juru li prospett ikun ġie maħruġ.

(2) Il-bidu tat-tielet jum tax-xogħol imsemmi jew dak iż-żmien aktar tard kif intqal qabel huwa iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "iż-żmien tal-ftuħ tal-listi tas-sottoskrizzjoni".

(3) Fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għal prospett li joffri azzjonijiet jew obbligazzjonijiet għal bejgħ, is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandhom ikollhom seħħ bis-sostituzzjoni ta' riferenzi għal bejgħ minflok riferenzi għal għoti.

Irtir ta' applikazzjonijiet għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet.

100. Applikazzjoni għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija pubblika li ssir bis-saħħa ta' prospett ma tkunx tista' tiġi rtirata qabel ma jgħaddi t-tielet jum tax-xogħol wara ż-żmien tal-ftuħ tal-listi tas-sottoskrizzjoni, jew l-għoti, qabel ma jgħaddi t-tielet jum tax-xogħol imsemmi, minn xi persuna responsabbli skond l-artikolu 94 ta' dan l-Att għall-prospett, ta' avviż pubbliku li jkollu effett skond dak l-artikolu li jneħħi r-responsabbiltà tal-persuna li tagħti l-avviż.

Għoti ta' azzjonijiet, eċċ., jsir fil-borża.

101. (1) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu japplikaw meta prospett maħruġ minn jew f'isem kumpannija pubblika jiddikjara li saret jew se ssir applikazzjoni għal permess biex l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet offerti minnha jkunu imniżżla fuq xi borża f'Malta jew barra minn Malta.

(2) Għotja magħmula fuq applikazzjoni skond prospett tkun, issir meta ssir, nulla jekk ma tkunx saret applikazzjoni għall-permess qabel it-tielet jum tax-xogħol wara l-ewwel ħruġ tal-prospett jew jekk il-permess ikun ġie rifjutat qabel ma jgħaddu wieħed u għoxrin jum mid-data ta' l-egħluq tal-lista ta' sottoskrizzjoni jew dak iż-żmien itwal, li ma jkunx iktar minn tnejn u erbgħin jum, kif jista', matul dawk il-wieħed u għoxrin jum, ikun notifikat lill-applikant għal permess minn jew f'isem il-borża.

(3) Jekk ma tkunx saret applikazzjoni għal permess kif meħtieġ bis-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu, jew il-permess ikun ġie rifjutat, il-kumpannija għandha minnufih tħallas lura mingħajr imgħax, il-flejjes kollha riċevuti mingħand l-applikanti skond il-prospett.

(4) Jekk xi flus ma jitħallsux fi żmien tmint ijiem wara li jkunu dovuti mill-kumpannija, id-diretturi tal-kumpannija jkunu responsabbli *in solidum* li jħallsu lura l-flus bl-imgħax bir-rata annwali ta' żewġ punti ta' perċentaġġ fuq ir-rata minima ta' skont tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-jum li l-kumpannija tkun dovuta li tħallas lura, ħlief li direttur ma jkunx responsabbli jekk jipprova li n-nuqqas tal-ħlas lura tal-flus ma kienx dovut minħabba xi mġieba ħażina jew traskuraġni min-naħa tiegħu.

(5) Il-flus kollha miġbura mingħand applikanti skond il-prospett għandhom jibqgħu proprjetà ta' l-applikanti sa dak iż-żmien li ssir l-għotja b'mod irrevokabbli u ma jkunux disponibbli biex

jissoddisfaw id-djun tal-kumpannija. Dawn il-flus għandhom jinżammu f'kont tal-bank separat sakemm il-kumpannija tista' tkun responsabbli li tħallashom lura taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu; u jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris skond dan is-subartikolu, il-kumpannija u kull uffiċjal tagħha li jkun naqas jistgħu jeħlu penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

(6) Kull kondizzjoni li teħtieġ jew li torbot lil applikant għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li jirrinunzja għat-tħaris ta' xi ħtieġa ta' dan l-artikolu tkun nulla.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, permess ma jitqiesx li jkun rifjutat jekk jintwera li l-applikazzjoni għalih, għalkemm tkun għadha ma ngħatatx, tkun se tiġi kunsidrata iktar.

(8) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jkollhom effett dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li dwarhom ikun hemm ftehim ma' persuna li tissottoskrivi offerta għalihom bi prospett daqslikieku dik il-persuna kienet applikat għalihom skond il-prospett.

Tħaddim ta' l-artikolu 101 ta' dan l-Att meta l-prospett joffri azzjonijiet għall-bejgħ.

102. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 101 ta' dan l-Att, barra mis-subartikolu (4) tiegħu, għandhom japplikaw għal prospett li joffri azzjonijiet għall-bejgħ, barra minn għoti, suġġetti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin f'dan l-artikolu.

(2) Is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 101 ta' dan l-Att japplikaw, daqslikieku r-riferenza fl-imsemmi subartikolu (2) ta' l-artikolu 101 għal għoti kienet riferenza għal bejgħ.

(3) Is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 101 ta' dan l-Att għandu japplika daqslikieku r-riferenza għal kumpannija kienet riferenza għal min joffri l-azzjonijiet.

(4) Jekk xi flus ma jitħallsux fi żmien tmint ijiem wara li jkunu dovuti minn min joffri l-azzjonijiet dan ikun responsabbli li jħallas l-imgħax fis-sena fuq is-somma dovuta bir-rata ta' żewġ punti ta' perċentaġġ fuq ir-rata minima ta' skont tal-Bank Ċentrali ta' Malta wara li jagħlaq it-tmien jum.

(5) Is-subartikoli minn (5) sa (8) ta' l-artikolu 101 ta' dan l-Att għandhom japplikaw, ħlief li fis-subartikolu (5) tiegħu —

(a) l-ewwel riferenza għall-kumpannija tiftiehem riferenza għal min joffri l-azzjonijiet; u

(b) ir-riferenza għall-kumpannija u għal kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas tiftiehem bħala riferenza għal xi persuna li minnha jew permezz tagħha l-offerta tkun saret u li xjentement u għax riedet awtorizzat jew ħalliet in-nuqqas.

Prospett dwar għoti ta' azzjonijiet.

103. (1) Kull meta kumpannija tagħmel xi għoti ta' l-azzjonijiet tagħha, il-kumpannija għandha, fi żmien xahar wara hekk, tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni —

(a) prospett ta' l-għoti li juri n-numru u l-ammont nominali ta' l-azzjonijiet li jkunu jinsabu fl-għoti, l-ismijiet u l-indirizzi ta' min lilu jkunu ngħataw u l-ammont imħallas u dak dovut, u li jkollu jitħallas, fuq kull azzjoni, sew jekk akkont tal-valur nominali ta' l-azzjoni jew bħala *premium*; u

(b) fil-każ ta' azzjonijiet mogħtija bħala mħallsa għal kollox jew f'parti xort'oħra milli bi flus, kuntratt bil-miktub jew meta l-kuntratt ma jkunx bil-miktub dokument li juri l-partikularitajiet tal-kuntratt, li jikkostitwixxi t-titolu ta' l-għoti lil min ikun ingħata, flimkien ma' xi kuntratt ta' bejgħ, jew għal servizzi mogħtija jew għal xi kumpens ieħor li dwaru jkun sar l-għoti, u prospett li juri n-numru u l-ammont nominali ta' azzjonijiet hekk mogħtija, safejn għandhom jiġu meqjusa bħala mħallsa, u l-kumpens li għalih ikunu ngħataw; u

(ċ) meta applikabbli, dikjarazzjoni li l-ħtiġiet ta' l-artikolu 97 ta' dan l-Att ikunu ġew imħarsa.

(2) Fin-nuqqas ta' tħaris ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Kapitolu V — Tiżmim ta' kapital azzjonarju u tħaris tal-jeddijiet ta' klassi

Dmir tad-diretturi meta jkun hemm telf serju ta' kapital.

104. (1) Meta l-attiv nett ta' kumpannija jkun nofs jew inqas tal-kapital azzjonarju tagħha maħruġ u msejjaħ, id-diretturi għandhom, mhux iktar tard minn tletin jum mill-iktar jum kmieni li fih direttur tal-kumpannija ikun sar jaf b'dak il-fatt, isejħu kif imiss laqgħa ġenerali tal-kumpannija bil-mezz ta' avviż f'dan is-sens li ssir f'data mhux iktar tard minn erbgħin jum mid-data ta' l-avviż biex tara għandhomx jittieħdu passi, u jekk iva, x'passi għandhom jittieħdu biex jilqgħu s-sitwazzjoni, magħduda konsiderazzjoni jekk il-kumpannija għandhiex tkun xolta.

(2) F'laqgħa msejħa bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jistgħu jiġu kunsidrati biss dawk il-passi msemmija fl-imsemmija subartikolu.

(3) Jekk il-laqgħa ġenerali meħtieġa bis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma tissejjaħx kull wieħed mid-diretturi tal-kumpannija li jkun naqas, jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Kumpannija ma tistax tissottoskrivi għal azzjonijiet tagħha stess.

105. (1) Kumpannija ma tistax tissottoskrivi għal xi azzjonijiet tagħha stess, sew jekk sottoskrizzjoni oriġinali jew sottoskrizzjoni sussegwenti, u jekk xi azzjonijiet tagħha jkunu sottoskritti minn persuna li taġixxi f'isimha stess iżda għan-nom tal-kumpannija dik il-persuna li tissottoskrivi titqies li tkun issottoskriviet għalihom akkont tagħha stess.

(2) Mar-reġistrazzjoni ta' kumpannija, il-firmatarji tal-memorandum ikunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' l-azzjonijiet sottoskritti bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Fil-każ ta' żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ, il-membri u d-diretturi jkunu responsabbli *in solidum* li jħallsu għall-azzjonijiet sottoskritti bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu iżda kull membru jew direttur jista' jinħeles minn dik ir-responsabbiltà jekk jipprova li n-nuqqas ma jkunx sar bi ħtija tiegħu.

Kondizzjonijiet li taħthom kumpannija tista' takkwista l-azzjonijiet tagħha stess.

106. (1) Kumpannija tista' takkwista xi azzjonijiet tagħha stess, iżda mhux b'sottoskrizzjoni, kemm-il darba jitħarsu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin —

(a) issir dispożizzjoni bil-memorandum jew bl-istatut tal-kumpannija li tawtoriżża lill-kumpannija li takkwista l-azzjonijiet tagħha stess;

(b) tingħata awtorizzazzjoni b'riżoluzzjoni straordinarja, liema riżoluzzjoni tistabbilixxi il-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' dawk l-akkwisti u b'mod partikolari l-akbar numru ta' azzjonijiet li jkun se jiġu akkwistati, iż-żmien li għalih tingħata awtorizzazzjoni u li ma jistax ikun iżjed minn tmintax-il xahar u, fil-każ ta' akkwist b'kumpens ta' valur, l-ogħla u l-inqas kumpens;

(ċ) id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 135 ta' dan l-Att għandhom japplikaw dwar ir-riżoluzzjoni straordinarja msemmija fil-paragrafu (b) ta' hawn fuq iżda suġġetti għall-kondizzjoni li azzjonijiet diġà miżmuma mill-kumpannija nnifisha jitqiesu li ma jkollhomx jedd għall-vot;

(d) il-valur nominali ta' l-azzjonijiet akkwistati, magħduda azzjonijiet li kienu akkwistati qabel mill-kumpannija u miżmumin minnha ma għandux ikun iżjed minn għaxra fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ;

(e) ebda akkwisti minn kumpannija ta' l-azzjonijiet tagħha stess ma jistgħu jisiru meta fl-egħluq ta' l-aħħar perijodu tal-kontijiet annwali tal-kumpannija l-attiv nett kif jidher fil-kontijiet annwali tal-kumpannija jkun, jew wara dak it-tqassim ikun, inqas mill-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ flimkien ma' dawk ir-riżervi li ma jistgħux jitqassmu skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew skond il-memorandum jew l-istatut tal-kumpannija; u li f'ebda każ kumpannija ma tkun tista' takkwista l-azzjonijiet tagħha stess ħlief mid-dħul ta' ħruġ ġdid ta' azzjonijiet li jsir speċifikament għal hekk, jew minn profitti li jkunu disponibbli għat-tqassim; u

(f) l-azzjonijiet akkwistati għandhom ikunu azzjonijiet imħallsa għal kollox.

(2) Il-kumpannija għandha tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tar-riżoluzzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu. Jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jinsab ħati jista' jeħel penali, u għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikawx fejn l-akkwist minn kumpannija ta' l-azzjonijiet tagħha stess huwa meħtieġ biex jevita ħsara serja u mminenti lill-kumpannija.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom ukoll ma japplikawx għall-azzjonijiet akkwistati jew mill-kumpannija nnifisha jew minn persuna li taġixxi f'isimha stess iżda għan-nom tal-kumpannija għal tqassim lill-impjegati ta' dik il-kumpannija jew lill-impjegati tal-kumpannija *parent* tagħha jew ta' xi mpriżi sussidjarji tagħha. Dawk l-azzjonijiet għandhom jitqassmu fi żmien sena mill-akkwist tagħhom.

(5) Riferenzi f'dan l-artikolu u fl-artikoli minn 107 sa 110 ta' dan l-Att għal kumpannija li żżomm, takkwista jew xort'oħra tinnegozja fl-azzjonijiet tagħha stess għandhom jitqiesu li jinkludu riferenzi għall-kumpannija li tkun qed tagħmel hekk hija stess jew permezz ta' persuna li tkun qed taġixxi f'isimha iżda għan-nom tal-kumpannija.

Akkwist minn kumpannija ta' l-azzjonijiet tagħha stess mingħajr l-applikazzjoni ta' l-artikolu 106 ta' dan l-Att.

107. (1) Kumpannija tista' takkwista xi azzjonijet tagħha stess imħallsa għal kollox xort'oħra milli b'sottoskrizzjoni mingħajr ma tħares id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 106 ta' dan l-Att meta l-azzjonijiet ikunu —

(a) akkwistati mill-kumpannija matul tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ li jsir skond l-artikolu 83 ta' dan l-Att; jew

(b) is-suġġett ta' applikazzjoni li tkun ġiet revokata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 ta' dan l-Att; jew

(ċ) konfiskati jew ċeduti lura skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 112 ta' dan l-Att; jew

(d) akkwistati f'xi proċedura għat-tibdil, amalgamazzjoni jew qsim ta' kumpanniji skond id-dispożizzjonijiet li jinsabu fit-Taqsima VI fit-Taqsima VIII u fit-Taqsima IX rispettivament ta' dan l-Att; jew

(e) maħruġa mħallsa għal kollox lil banek jew istituzzjonijiet oħra finanzjarji bħala l-ħlas ta' kummissjonijiet għax-xiri; jew

(f) akkwistati mill-kumpannija skond ordni tal-Qorti magħmul taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għax-xiri mill-ġdid ta' azzjonijiet miżmuma minn azzjonisti li ma jkunux jaqblu; jew

(ġ) imħallsa għal kollox u akkwistati minn kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss jew minn kumpannija oħra li tifformat parti mill-istess grupp fuq it-talba tal-membru kemm-il darba dawk l-akkwisti ma jkollhomx l-effett li jnaqqsu l-attiv nett tal-kumpannija għal anqas mill-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ magħdud ma kull riżervi li t-tqassim tagħhom ma' jistax isir skond il-liġi; jew

(h) akkwistati minn kumpannija waqt fidi ta' azzjonijiet privileġġati skond l-artikolu 115 ta' dan l-Att.

(2) Meta azzjonijiet akkwistati skond il-paragrafi minn (b) sa (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ikunu miżmumin mill-kumpannija u ma jsirx id-disponiment tagħhom fi żmien tletin xahar minn meta jkunu akkwistati l-kumpannija għandha b'riżoluzzjoni straordinarja tikkanċella dawk l-azzjonijiet fi żmien sitt xhur mill-egħluq ta' l-imsemmija tletin xahar.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 83 ta' dan l-Att li jittrattaw dwar it-tnaqqis ta' kapital azzjonarju maħruġ għandhom japplikaw meta l-azzjonijiet ikunu kanċellati skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu:

Iżda l-Qorti ma tistax ma tħallix il-kanċellament milli jsir, iżda, fejn hemm raġuni valida, għandha tordna biss illi tingħata sigurtà biżżejjed lill-kreditur li jkun oġġezzjona għall-kanċellament u jekk sigurtà biżżejjed ma tingħatax minnufih, il-Qorti għandha tordna li dik is-sigurtà tingħata minnufih hekk kif din tkun għad-dispożizzjoni tal-kumpannija u ebda tqassim ta' dividend ma jista' jsir mill-kumpannija matul dan iż-żmien.

(4) Jekk il-kumpannija tonqos li tħares is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu fiż-żmien preskritt, kull membru jew direttur tal-kumpannija jista' jagħmel rikors lill-Qorti biex toħroġ ordni li dawk l-azzjonijiet ikunu kanċellati.

(5) Meta l-valur nominali ta' l-azzjonijiet miżmuma mill-kumpannija skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, magħduda azzjonijiet li l-kumpannija tista' tkun akkwistat permezz ta' persuna li tkun qed taġixxi f'isimha proprju iżda għan-nom tal-kumpannija, ma jaqbiżx l-għaxra fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ tagħha, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (2) sa (4) ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw.

Azzjonijiet akkwistati jew miżmuma bi ksur ta' l-artikolu 106 u 107 ta' dan l-Att.

108. (1) Jekk azzjonijiet akkwistati jew miżmuma bi ksur ta' l-artikolu 106 u tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 107 ta' dan l-Att ma jsirx id-disponiment tagħhom fi żmien sena mill-akkwist tagħhom, il-kumpannija għandha tikkanċella dawk l-azzjonijiet fi żmien sitt xhur mill-egħluq ta' l-imsemmija sena.

(2) Jekk azzjonijiet ikunu kanċellati skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 83 ta' dan l-Att japplikaw suġġetti għall-proviso tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 107 ta' dan l-Att.

(3) Jekk il-kumpannija tonqos li tħares is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fiż-żmien preskritt, kull membru jew direttur tal-kumpannija jista' jagħmel rikors lill-Qorti toħroġ ordni biex dawk l-azzjonijiet ikunu kanċellati.

Kondizzjonijiet biex kumpannija takkwista l-azzjonijiet tagħha stess meta permess bil-liġi.

109. Matul iż-żmien li kumpannija żżomm xi azzjonijiet tagħha stess —

(a) dawn ma jagħtux jedd għall-vot minkejja xi dispożizzjonijiet kuntrarji fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija; u

(b) jekk l-azzjonijiet ikunu nklużi ma' l-attiv tal-kumpannija muri fil-karta tal-bilanċ, riżerva għall-istess ammont, li ma tkunx tista' titqassam, għandha tkun inkluża mal-passiv.

Impriża ma tistax tissottoskrivi għal azzjonijiet jew takkwista azzjonijiet fil-kumpannija *holding* tagħha jew tipprovdi għajnuna finanzjarja għax-xiri jew sotto-skrizzjoni għall-azzjonijiet tagħha stess jew tal-kumpannija *parent* tagħha.

110. (1) Ma jkunx permess li mpriża —

(a) tissottoskrivi, iżżomm, takkwista jew b'mod ieħor tinnegozja f'azzjonijiet ta' kumpannija li hija kumpannija *holding* tagħha; jew

(b) tagħti, sew direttament jew indirettament, u sew bil-mezz ta' self, garanzija, għoti ta' sigurtà jew b'mezz ieħor, xi għajnuna finanzjarja bil-għan li, jew in konnessjoni ma' akkwist jew sottoskrizzjoni magħmula jew li jkun ser issir minn xi persuna ta' xi azzjonijiet fil-kumpannija jew fil-kumpannija *parent* tagħha.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw għal transazzjonijiet li jkunu saru minn banek u istituzzjonijiet finanzjarji fil-kors normali tan-negozju tagħhom, jew għal transazzjonijiet li jsiru bil-ħsieb li azzjonijiet ikunu akkwistati minn jew f'isem impjegati tal-kumpannija jew l-impjegati ta' kumpannija minn grupp:

Iżda dawk it-transazzjonijiet ma għandux ikollhom l-effett li jnaqqsu l-attiv nett tal-kumpannija għal inqas mill-ammont speċifikat fil-paragrafu (e) tas-subartiklu (1) ta' l-artikolu 106 ta' dan l-Att.

(3) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux japplika għall-provdiment ta' għajnuna finanzjarja minn kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss għall-għan ta' jew in konnessjoni ma' l-akkwist ta' l-azzjonijiet imħallsa kollha tagħha minn impriża oħra:

Iżda dik il-provvista ta' għajnuna finanzjarja ma għandux ikollha l-effett li tnaqqas l-attiv nett tal-kumpannija għal inqas mill-ammont speċifikat fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 106 ta' dan l-Att.

Effett ta' l-aċċettazzjoni ta' l-azzjonijiet tal-kumpannija stess bħala sigurtà.

111. (1) L-aċċettazzjoni ta' l-azzjoniiet tal-kumpannija stess bħala sigurtà jew bħala garanzija oħra għandha titqies bħala akkwist mill-kumpannija ta' dawk l-azzjonijiet għall-finijiet ta' l-artikoli 106, 107 u 109 ta' dan l-Att.

(2) Is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux japplika għal transazzjonijiet li jkunu saru minn banek jew istituzzjonijiet finanzjarji fil-kors normali tan-negozju tagħhom, mingħajr ħsara għar-regoli li japplikaw għal dawk il-banek u istituzzjonijiet finanzjarji dwar struttura kapitali, fondi tagħhom stess u proporzjonijiet ta' solvenza.

Azzjonijiet konfiskati jew ċeduti.

112. (1) Kull azzjoni f'kumpannija tista' tiġi konfiskata minn għand azzjonista favur il-kumpannija u kull azzjonista jkollu jedd li jċedi l-azzjonijiet kollha tiegħu jew uħud minnhom f'kumpannija favur dik il-kumpannija jekk l-azzjonista jonqos li jħallas xi sejħa jew rata ta' sejħa fil-jum stabbilit għall-ħlas tagħha u sakemm ikun hemm hekk provdut fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 109 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-konfiska jew ċessjoni ta' azzjonijiet sa dak iż-żmien illi l-kumpannija tiddisponi minhom jew xort'oħra tikkanċellahom.

Kondizzjonijiet għall-ħlas lura ta' kummissjonijiet, skonti eċċ.

113. (1) Kumpannija ma tkunx tista' tħallas kummissjoni jew tagħmel skont jew *allowance* lil xi persuna b'kumpens talli jissottoskrivi jew talli jiftiehem li jissottoskrivi, tant għal kollox kemm taħt kondizzjoni, għal xi azzjonijiet fil-kumpannija, jew talli jipprokura jew jiftiehem li jipprokura sottoskrizzjonijiet, tant għal kollox kemm taħt kondizzjoni, għal xi azzjonijiet fil-kumpannija, kemm-il darba —

(a) ma jkunx hemm awtorità dwar hekk fil-memorandum jew fl-istatut; u

(b) il-kummissjoni, skont jew *allowance* ma jkunux iżjed minn għaxra fil-mija tal-prezz li għalih jinħarġu l-azzjonijiet jew l-ammont awtorizzat mill-memorandum jew mill-istatut, liema jkun l-anqas; u

(ċ) l-ammont jew ir-rata fil-mija tal-kummissjoni, skont jew *allowance* kif ukoll in-numru ta' azzjonijiet li persuni jkunu ftehmu minħabba f'hekk li jissottoskrivu għal kollox, għandhom ikunu murija bil-mod meħtieġ fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(2) Jekk jinħarġu azzjonijiet bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu d-detentur tagħhom ikun marbut li jħallas lill-kumpannija ammont li jkun daqs l-ammont tal-kummissjoni, skont jew *allowance* li jkunu ngħataw iżjed minn dak permess b'dan l-artikolu, b'imgħax annwali bir-rata ta' żewġ punti ta' perċentaġġ fuq ir-rata minima ta' skond tal-Bank Ċentrali ta' Malta.

(3) Il-kondizzjonijiet speċifikati fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom, fil-każ ta' azzjonijiet offerti lill-pubbliku għas-sottoskrizzjoni, jintwerew fil-prospett u fil-każ ta' azzjonijiet li ma jkunux hekk offerti —

(a) dawn għandhom jintwerew f'dikjarazzjoni ffirmata minn kull direttur tal-kumpannija jew minn xi persuna oħra awtorizzata bil-miktub biex tirrappreżenta lil xi direttur u konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni qabel il-ħlas attwali tal-kummissjoni, skont jew *allowance*; u

(b) meta tinħareġ ċirkolari jew avviż, li ma jkunx prospett, li jagħti sottoskrizzjoni għall-azzjonijiet, dawn għandhom jintwerew ukoll f'dik iċ-ċirkolari jew f'dak l-avviż.

(4) Fin-nuqqas tat-tħaris tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali.

Kif jiġi applikat il-*premium* riċevut mal-ħruġ ta' azzjonijiet.

114. (1) Meta kumpannija toħroġ azzjonijiet bi *premium*, tant bi flus jew xort'oħra, somma daqs l-ammont jew il-valur totali tal-*premiums* fuq dawk l-azzjonijiet għandha titħallas minnufih sħiħa u tiġi trasferita, għal kont li għandu jissejjaħ "il-kont tal-*premium* ta' l-azzjonijiet", u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar it-tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ ta' kumpannija għandhom, ħlief kif provdut f'dan l-artikolu, japplikaw daqslikieku l-kont tal-*premium* kien kapital azzjonarju mħallas tal-kumpannija.

(2) Il-kont tal-*premium* ta' l-azzjonijiet jista', minkejja dak kollu li hemm fis-subartikolu ta' qabel dan, jiġi applikat mill-kumpannija —

(a) biex tħallas azzjonijiet tal-kumpannija mhux maħruġa biex jinħarġu lil membri tal-kumpannija bħala *bonus shares* imħallsa għal kollox; jew

(b) biex jitħallsu l-ispejjeż preliminari tal-kumpannija jew l-ispejjeż ta' jew il-kummissjoni mħallsa jew l-iskont mogħti fuq kull ħruġ ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija; jew

(ċ) biex jiġi provdut għall-*premium* li jitħallas fuq fidi ta' xi azzjoni privileġġata li tista' tinfeda jew xi obbligazzjonijiet tal-kumpannija.

Azzjonijiet privileġġati li jistgħu jinfdew.

115. (1) Meta kumpannija, awtorizzata kif imiss bil-memorandum jew bl-istatut tagħha, toħroġ azzjonijiet privileġġati li jkunu, jew b'għażla tal-kumpannija jew ta' l-azzjonista, jistgħu jkunu mifdija —

(a) ebda azzjonijiet bħal dawn ma għandhom jiġu mifdija ħlief mill-profitti tal-kumpannija li kieku kienu jkunu disponibbli għad-dividend jew skond is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, mir-rikavat ta' ħruġ ġdid ta' azzjonijiet magħmul għall-finijiet tal-fidi;

(b) il-pattijiet u l-kondizzjonijiet għall-fidi għandhom ikunu stabbiliti fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija;

(ċ) ebda azzjonijiet bħal dawn ma jkunu mifdija jekk ma jkunux imħallsa għal kollox u l-kondizzjonijiet għall-fidi jipprovdu għall-ħlas sħiħ mal-fidi;

(d) il-*premium*, jekk ikun hemm, li għandu jitħallas mal-fidi għandu jkun ġie provdut mill-profitti tal-kumpannija jew mill-kont tal-*premium* ta' l-azzjonijiet tal-kumpannija qabel ma jiġu mifdija l-azzjonijiet;

(e) meta xi azzjonijiet bħal dawn jiġu mifdija xort'oħra milli mir-rikavat ta' ħruġ ġdid, mill-profitti li kieku kienu jkunu disponibbli bħala dividend, għandha tiġi trasferita għal fond ta'

riżerva li għandu jissejjaħ "il-fond tar-riżerva għall-fidi tal-kapital", somma daqs l-ammont nominali tal-azzjonijiet mifdija, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar it-tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ ta' kumpannija għandhom, ħlief kif provdut f'dan l-artikolu, japplikaw bħallikieku l-fond tar-riżerva għall-fidi tal-kapital kien kapital azzjonarju mħallas tal-kumpannija.

(2) Il-fond tar-riżerva għall-fidi tal-kapital jista', minkejja dak kollu li jingħad f'dan l-artikolu, jiġi applikat mill-kumpannija biex tħallas azzjonijiet mhux maħruġa tal-kumpannija biex jinħarġu lil membri tal-kumpannija bħala *bonus shares* imħallsa għal kollox.

(3) Azzjonijiet privileġġati mifdija taħt dan l-artikolu għandhom jitqiesu li kienu kanċellati mal-fidi, u l-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpannija għandu jitnaqqas bil-valur nominali ta' dawk l-azzjonijiet skond hekk:

Iżda l-fidi ta' azzjonijiet privileġġati minn kumpannija ma għandux jitqies li jnaqqas l-ammont tal-kapital azzjonarju awtorizzat tal-kumpannija.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, meta kumpannija tkun se tifdi azzjonijiet privileġġati, din għandha s-setgħa li toħroġ azzjonijiet sal-valur nominali ta' l-azzjonijiet privileġġati li jkunu se jinfdew daqslikieku dawk l-azzjonijiet privileġġati qatt ma nħarġu.

(5) Avviż tal-fidi ta' l-azzjonijiet privileġġati msemmija fis-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu għandu jkun konsenjat mill-kumpannija lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(6) Jekk ikun hemm nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Jeddijiet ta' detenturi ta' azzjonijiet ta' klassijiet speċjali u tibdil tagħhom.

116. (1) Jekk, f'każ ta' kumpannija li jkollha l-kapital azzjonarju tagħha maqsum fi klassijiet differenti ta' azzjonijiet, ikun hemm provdut fil-memorandum jew fl-istatut l-awtorizzazzjoni għal tibdil f'xi azzjonijiet fil-kumpannija minn klassi għal oħra jew għal tibdil tal-jeddijiet marbuta ma' xi klassi ta' azzjonijiet fil-kumpannija, suġġetta għall-kunsens ta' xi proporzjon speċifikata tad-detenturi ta' l-azzjonijiet maħruġa ta' dik il-klassi jew ta' xi klassi oħra li tintlaqat b'dak it-tibdil jew it-twettiq ta' riżoluzzjoni mgħoddija f'laqgħa separata tad-detenturi ta' dawk l-azzjonijiet u tad-detenturi ta' xi azzjonijiet oħra li tintlaqat b'dak it-tibdil, u bis-saħħa ta' l-imsemmi provdiment l-azzjonijiet jinbidlu minn klassi għal oħra jew il-jeddijiet marbuta ma' xi klassi ta' azzjonijiet jinbidlu f'xi żmien, id-detenturi ta' mhux inqas, b'kollox, minn ħmistax fil-mija jew ta' l-azzjonijiet maħruġa ta' dik il-klassi jew ta' xi klassi oħra li tintlaqat, li jkunu persuni li ma qablux jew li ma' vvutawx favur ir-riżoluzzjoni għat-tibdil jew varjazzjoni, jistgħu b'ċitazzjoni preżentata fi żmien wieħed u għoxrin jum mill-kunsens jew mir-riżoluzzjoni, jitlobu illi t-tibdil jew varjazzjoni ma jkollhomx seħħ.

(2) Fuq xi talba bħal din il-Qorti, jekk tkun soddisfatta, wara li tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, illi t-tibdil jew varjazzjoni jippreġudikaw b'mod mhux xieraq id-detenturi ta' azzjonijiet li l-klassi tagħhom tkun ser tinbidel jew li d-drittijiet tagħhom ikunu ser jiġu varjati, jew id-detenturi ta' xi klassi oħra ta' azzjonijiet hekk milquta, għandha tiċħad li jsir dak it-tibdil jew varjazzjoni.

(3) Ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għandu mingħajr dewmien jara li kopja ta' kull ċitazzjoni preżentata skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u ta' kull deċiżjoni mogħtija fuqha tiġi notifikata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, u l-imsemmija ċitazzjoni għandha, fuq piena ta' nullità tinkludi talba għal dak l-effett.

(4) Is-subartikoli (2) u (4) ta' l-artikolu 79 ta' dan l-Att għandhom jgħoddu għal kull kunsens mogħti jew riżoluzzjoni meħuda skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Kapitolu VI. Dispożizzjonijiet mixxellanji dwar azzjonijiet u obbligazzjonijiet

117. Kull azzjoni f'kumpannija għandha tkun distinta bin-numru tagħha xieraq: Numerazzjoni ta' azzjonijiet.

Iżda, jekk f'xi żmien l-azzjonijiet maħruġa kollha f'kumpannija, jew l-azzjonijiet maħruġa kollha tagħha ta' klassi partikolari, ikunu mħallsa għal kollox u jirrankjaw *pari passu* għall-finijiet kollha, ebda waħda minn dawk l-azzjonijiet ma jkollha bżonn wara hekk li jkollha numru distint sakemm tibqa' mħallsa għal kollox u tirrankja *pari passu* għall-finijiet kollha ma' l-azzjonijiet kollha ta' l-istess klassi li jkunu għal dak iż-żmien maħruġa u mħallsa għal kollox.

118. Kumpannija ma tkunx tista' tirreġistra trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jekk ma jkunx ingħata lill-kumpannija dokument regolari tat-trasferiment jew kopja awtentika tiegħu: Trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet.

Iżda bla ħsara għal xi dmir li joħroġ mid-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1993 dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha tippreġudika xi setgħa tal-kumpannija li tirreġistra bħala azzjonista jew detentur ta' obbligazzjonijiet lil xi persuna li lilha d-dritt għal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jkun ġie trasferit *causa mortis*.

119. (1) Fuq talba ta' min jittrasferixxi jew li lilu tkun trasferita xi azzjoni jew obbligazzjoni ta' kumpannija l-kumpannija għandha tniżżel fuq ir-reġistru tagħha tal-membri jew ta' l-obbligazzjonijiet, skond il-każ, l-isem tal-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment u meta t-talba ssir minn min jagħmel it-trasferiment ir-reġistrazzjoni għandha ssir bl-istess mod u suġġetta għall-istess kondizzjonijiet daqslikieku t-talba għar-reġistrazzjoni saret mill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment. Reġistrazzjoni ta' trasferiment fuq talba ta' min jittrasferixxi.

(2) Jekk kumpannija tirrifjuta li tirreġistra trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, din għandha, fi żmien xahrejn mid-data li fiha jkun ippreżentat it-trasferiment, tibgħat avviż ta' rifjut lill-persuna li lilha jkun sar it-trasferiment.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti li jinsabu f'Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda ta' dan l-Att u minkejja dak kollu li hemm fil-memorandum jew statut ta' kumpannija pubblika, id-diretturi ta' kumpannija pubblika għandhom l-obbligu li jirreġistraw it-trasferiment ta' kull azzjonijiet fil-kumpannija favur kull persuna li tkun akkwistat dawk l-azzjonijiet b'riżultat tal-bejgħ bis-subbasta tagħhom.

(4) Jekk ikun hemm nuqqas fit-tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Ħruġ ta' certifikati.

120. (1) Kull kumpannija, fi żmien xahrejn wara l-għoti ta' xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tagħha u fi żmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ta' dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikun ġie reġistrat mal-kumpannija, u fi żmien xahar mid-data li fiha xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet bħal dawk trasmessi *causa mortis* ikunu ġew reġistrati fl-isem tal-persuna li jkollha dritt tkun reġistrata bħala d-detentriċi tagħhom, għandha tikkonsenja ċ-ċertifikati ta' l-azzjonijiet kollha, l-obbligazzjonijiet jew iċ-ċertifikati ta' kull *stock* ta' obbligazzjonijiet mogħtija, trasferiti jew trasmessi *causa mortis* lill-persuni li jkollhom jedd għalihom, jekk il-kondizzjonijiet tal-ħruġ ta' l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ma jipprovdux xort'oħra.

(2) Il-kelma "trasferiment" għall-finijiet ta' dan l-artikolu tfisser trasferiment li fuqu jkun tħallas id-dazju dovut, jekk ikun hemm, u hu xort'oħra validu, u ma tinkludix dak it-trasferiment li l-kumpannija għal xi raġuni jkollha dritt li tiċħad li tirreġistra u li ma tirreġistrax.

(3) Fil-każ ta' trasferiment jew trasmissjoni *causa mortis* ta' azzjonijiet il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum mid-data li fiha t-trasferiment ta' xi azzjonijiet bħal dawk ikun reġistrat mal-kumpannija, u fi żmien xahar mid-data li fiha t-trasmissjoni *causa mortis* ta' xi azzjonijiet bħal dawk tkun reġistrata f'isem il-persuna li jkollha l-jedd li tkun reġistrata bħala d-detentur tagħhom, tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż tat-trasferiment jew tat-transmissjoni *causa mortis* fejn tagħti l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom ikun sar it-trasferiment jew l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li jkollhom il-jedd għall-azzjonijiet trasmessi *causa mortis*, skond il-każ.

(4) Fin-nuqqas tat-tħaris ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali, u għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Warrants dwar azzjonijiet.

121. (1) Kumpannija pubblika, jekk tkun hekk awtorizzata bil-memorandum jew bl-istatut tagħha, tista', dwar azzjonijiet imħallsa għal kollox, toħroġ *warrant* lill-portatur, f'dan l-Att imsejjaħ "*warrant* dwar azzjonijiet", li juri li l-portatur tal-*warrant* ikollu jedd għall-

azzjonijiet imsemmija fih u jista' jaħseb, b'kupuni jew xort'oħra, għall-ħlas tad-dividendi li jkun hemm 'il quddiem fuq azzjonijiet inklużi fil-*warrant*.

(2) L-azzjonijiet imsemmija f'*warrant* dwar azzjonijiet jistgħu jiġu trasferiti bil-konsenja tal-*warrant*.

Rahan ta' azzjonijiet. Kap. 16.

122. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jirregolaw il-kuntratt ta' rahan, azzjonijiet f'kull kumpannija jistgħu sakemm ma jkunx provdut xort'oħra fil-memorandum jew l-istatut tal-kumpannija jkunu mirhuna minn azzjonista favur kull persuna bħala garanzija għal xi obbligu. Ir-rahan ta' l-azzjonijiet isir bil-ħruġ ta' dokument bil-miktub li jsir bejn min jirhan u bejn min favur tiegħu jsir ir-rahan:

Iżda r-rahan ta' *warrants* dwar azzjonijiet isir bil-konsenja tal-*warrant* favur min isir ir-rahan, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (2) sa (5), minn (10) sa (12), (14) u (15) ta' dan l-artikolu ma japplikawx għalih:

Iżda wkoll, f'każ ta' kumpannija privata, azzjonijiet ma jistgħux jingħataw b'rahan, sakemm il-memorandum jew l-istatut tal-kumpannija ma jipprovdux hekk speċifikament.

(2) Avviż tar-rahan għandu jiġi konsenjat minn min jirhan jew favur min isir ir-rahan lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni fi żmien erbatax-il jum mill-ħruġ tar-rahan. Il-kumpannija li fiha azzjonijiet ikunu ġew mirhuna, għandha wkoll tiġi avżata bil-miktub dwar ir-rahan fl-imsemmi żmien u l-kumpannija għandha tirreġistrah fir-reġistru tal-membri.

(3) Ir-rahan ta' l-azzjonijiet għandu jkun effettiv favur terzi biss wara l-pubblikazzjoni ta' l-avviż imsemmi fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att, kemm-il darba favur min isir ir-rahan ma jippruvax li t-terzi kellhom tagħrif dwar dan qabel il-pubblikazzjoni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 401 għandhom xort'oħra japplikaw.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, matul is-seħħ ta' rahan ta' azzjonijiet, kull trasferiment jew assenjazzjoni oħra, sew b'titolu oneruż jew gratuwitu, ta' l-azzjonijiet mirhuna jkun null u bla effett.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, kull trasferiment jew assenjazzjoni oħra ta' azzjonijiet magħmula bil-kunsens ta' persuna li favur tagħha jkun sar ir-rahan ikun validu u l-azzjonijiet li jkunu ser jiġu trasferiti jibqgħu suġġetti għar-rahan.

(6) Bla ħsara għall-jedd tal-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan li tagħmel talba għall-bejgħ ġudizzjarju ta' l-azzjonijiet u minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili, fil-każ ta' nuqqas taħt il-ftehim ta' rahan u ma' l-għoti ta' l-avviż b'ċitazzjoni lill-persuna li tirhan u lill-kumpannija, il-persuna li favur tagħha jkun sar ir-rahan jkollha d-dritt li:

(i) tiddisponi mill-azzjonijiet mirhuna favur tagħha; jew

(ii) tagħmel approprjazzjoni u takkwista l-azzjonijiet għalija nnifisha, b'sodisfazzjon tad-dejn dovut lilha jew parti minnu.

(7) Għall-finijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, il-valur ta' l-azzjonijiet jista' jkun stabbilit bi ftehim bejn min jagħmel ir-rahan u favur min isir wara li avviż tan-nuqqas ikun ingħata mill-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan lil min jirhan skond l-imsemmi subartikolu (6), u ebda ftehim dwaru li jkun sar qabel ma jkun validu:

Iżda, f'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-valur xieraq għall-bejgħ jew approprjazzjoni ta' azzjonijiet jiġi stabbilit minn *accountant* pubbliku ċertifikat jew *accountant* u uditur pubbliku ċertifikat maħtur mill-Qorti tal-Kummerċ fuq rikors tal-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan.

(8) Għall-finijiet tas-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu, il-valur xieraq ta' l-azzjonijiet ikun dak fis-seħħ fid-data ta' l-avviż imsemmi fis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu.

(9) Il-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan tkun obbligata, meta tbiegħ l-azzjonijiet skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, li tfittex li ġġib l-aħjar prezz li ma jkunx anqas mill-valur xieraq tagħhom stabbilit skond is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu. Fil-każ li ma jinstabx xerrej għall-azzjonijiet bil-valur xieraq tagħhom, il-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan għandha tagħmel rikors lill-Qorti sabiex l-azzjonijiet jinbiegħu anqas mill-valur xieraq tagħhom kif intqal qabel taħt dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa.

(10) Fil-każ ta' rahan ta' azzjonijiet ta' kumpannija privata, il-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan tkun obbligata, qabel ma teżerċita d-dritt mogħti bis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, li toffri l-azzjonijiet lil azzjonisti oħra tal-kumpannija skond xi jeddijiet ta' prelazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' trasferiment ta' azzjonijiet kif stabbilit fil-memorandum jew l-istatut ta' dik il-kumpannija, u, fin-nuqqas ta' jeddijiet ta' prelazzjoni, lill-azzjonisti l-oħra kollha tal-kumpannija fi proporzjon tal-kapital azzjonarju miżmum minnhom. F'kull każ l-azzjonisti jkollhom id-dritt li jixtru l-azzjonijiet bil-prezz stabbilit skond is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu. Dik l-offerta għandha tibqa' miftuħa mill-anqas għal għaxart ijiem tax-xogħol.

(11) Fil-każ ta' rahan ta' azzjonijiet ta' kumpannija pubblika li ma tkunx kwotata f'borża u l-memorandum jew l-istatut tagħha jitolbu li jekk xi azzjonista li jixtieq jittrasferixxi azzjonijiet tal-kumpannija biex joffrihom fuq bażi ta' prelazzjoni lil azzjonisti oħrajn tal-kumpannija, il-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan tkun hekk obbligata qabel l-eżerċizzju tad-dritt mogħti bis-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, li toffri l-azzjonijiet lil dawk l-azzjonisti, li jkollhom il-jedd li jixtru l-azzjonijiet bil-prezz stabbilit skond is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu. Dik l-offerta għandha tibqa' miftuħa għal mill-anqas għaxart ijiem tax-xogħol.

(12) Fil-każ ta' rahan ta' azzjonijiet ta' kumpannija pubblika ikkwotata f'borża, id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (7) sa (11) ta' dan l-artikolu ma japplikawx u l-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan għandha fuq avviż lill-persuna li tirhan u lill-kumpannija skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, tbiegħ l-azzjonijiet permezz ta' *stockbroker* liċenzat.

(13) Fl-eżerċizzju tad-drittijiet tagħha taħt dan l-artikolu, persuna li favur tagħha jsir ir-rahan għandha biss tbiegħ jew tagħmel approprjazzjoni ta' dak in-numru ta' azzjonijiet li huma meħtieġa biex jingabru biżżejjed flus biex jitħallas id-dejn dovut. L-azzjonijiet kollha li jibqgħu għandhom jiġu meħlusa favur il-persuna li tirhan.

(14) Il-partijiet fi ftehim ta' rahan ta' azzjonijiet ikunu jistgħu jiftehmu dwar il-persuna jew persuni li għandhom jeżerċitaw il-jeddijiet kollha ta' azzjonista magħduda l-jedd għal vot u l-jedd li jirċievu dividendi:

Iżda, jekk il-ftehim bejn il-partijiet ma jipprovdix għal dawn il-ħwejjeġ, matul is-seħħ tar-rahan ta' l-azzjonijiet, il-jeddijiet kollha ta' azzjonista jkunu eżerċitati minn min jirhan sakemm dan jonqos skond il-ftehim tar-rahan jew sakemm il-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan ma tinfurzax il-garanzija tagħha; u f'każ bħal dan, man-notifika ta' att ġudizzjarju kontra min jirhan u l-kumpannija, il-jeddijiet kollha ta' min jirhan ikunu minnufih jistgħu jiġu eżerċitati mill-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan:

Iżda wkoll, sakemm il-persuna li tirhan u dik li favur tagħha jsir ir-rahan ma jkunux ftehmu mod ieħor fil-ftehim tar-rahan u avviż tiegħu ma jkunx ġie mogħti lill-kumpannija, dividendi dovuti fuq azzjonijiet mirhuna għandhom, matul iż-żmien li r-rahan ikun reġistrat fir-reġistru tal-membri, jitħallsu mill-kumpannija lill-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan li għandha tagħmel dawk l-ammonti riċevuti għall-imgħax dovut fuq id-dejn assigurat bir-rahan, u, jekk ikun hemm eċċess, għall-kapital.

(15) Avviż ta' tmiem ta' rahan għandu jiġi konsenjat minn min jirhan jew mill-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan lir-Reġistratur fi żmien erbatax-il jum mit-tmiem tar-rahan. Il-kumpannija li fiha azzjonijiet ikunu ġew mirhuna, għandha wkoll tkun notifikata bil-miktub bit-tmiem tar-rahan fl-imsemmi żmien u l-kumpannija għandha tagħmel nota ta' dan il-fatt fir-reġistru tal-membri.

(16) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli min-(6) sa (9) u (13) ta' dan l-artikolu, il-pattijiet u l-kundizzjonijiet tar-rahan ta' *warrant* dwar azzjonijiet ikun stabbilit bi ftehim bejn min jirhan u l-persuna li favur tagħha jsir ir-rahan. Ir-rahan ta' *warrant* ta' azzjonijiet ikun effettiv dwar terzi mid-data tal-konsenja tal-*warrant* ta' azzjonijiet lill-persuna li favur tagħha jkun sar ir-rahan.

123. (1) Kull kumpannija għandha żżomm reġistru tal-membri tagħha u tniżżel fih il-partikolaritajiet li ġejjin: Reġistru tal-membri.

(a) l-ismijiet u l-indirizzi tal-membri u dikjarazzjoni ta' l-azzjonijiet li jkollu kull membru li turi kull azzjoni bin-numru tagħha, meta l-azzjoni jkollha numru, u ta' l-ammont imħallas jew miftiehem li jiġi meqjus bħala mħallas fuq l-azzjonijiet ta' kull membru;

(b) id-data li fiha kull persuna tkun tniżżlet fir-reġistru bħala membru; u

(ċ) id-data li fiha xi persuna ma tkunx baqgħet membru:

Iżda mal-ħruġ ta' *warrant* dwar azzjonijiet il-kumpannija għandha tħassar mir-reġistru tal-membri tagħha l-isem tal-membru li kien tniżżel fih bħala d-detentur ta' l-azzjonijiet imsemmija fil-*warrant* u tniżżel, minflok il-ħtiġijiet imsemmija, il-partikolaritajiet li ġejjin —

(i) il-fatt tal-ħruġ tal-*warrant;*

(ii) dikjarazzjoni dwar l-azzjonijiet inklużi fil-*warrant,* li turi kull azzjoni bin-numru tagħha, meta l-azzjoni jkollha numru; u

(iii) id-data tal-ħruġ tal-*warrant:*

Iżda wkoll meta l-kumpannija tkun biddlet xi azzjonijiet tagħha fi *stock* u tkun irreġistrat it-tibdil mar-Reġistratur, ir-reġistru għandu juri l-ammont ta' l-i*stock* miżmum minn kull membru minflok l-ammont ta' azzjonijiet u l-partikolaritajiet dwar azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu.

(2) Meta żewġ persuni jew iktar ikunu detenturi ta' azzjoni jew ta' azzjonijiet f'kumpannija flimkien, dawn għandhom, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqiesu bħala membru wieħed; u sakemm ma jkunx provdut xort'oħra fil-memorandum jew l-istatut, l-isem ta' wieħed biss minn dawk il-persuni għandu jidħol fir-reġistru tal-membri. Din il-persuna għandha tiġi magħżula mid-detenturi flimkien u għandha għal finijiet kollha titqies *vis-a-vis* l-kumpannija li tkun il-membru tal-kumpannija għal dawk l-azzjonijiet hekk miżmuma.

(3) Ir-reġistru tal-membri għandu jinżamm fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija, jew f'post ieħor li jista' jkun indikat fil-memorandum jew fl-istatut.

(4) Fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-ħtiġiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Reġistru ta' obbligazzjonijiet.

124. (1) Kull kumpannija għandha żżomm reġistru ta' obbligazzjonijiet u tniżżel fih l-ismijiet u l-indirizzi tad-detenturi reġistrati u l-partikolaritajiet ta' l-obbligazzjonijiet miżmuma minnhom rispettivament.

(2) Ir-reġistru ta' l-obbligazzjonijiet għandu jinżamm fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija jew f'post ieħor li jista' jkun indikat fil-memorandum jew fl-istatut.

(3) Meta żewġ persuni jew iktar ikunu detenturi ta' obbligazzjoni jew ta' obbligazzjonijiet flimkien, dawn għandhom, għall-finijiet ta' dan l-Att, jitqiesu bħala detentur wieħed; u, jekk mhux provdut xort'oħra fil-memorandum jew fl-istatut, l-isem ta' wieħed biss minn dawn il-persuni għandu jitniżżel fir-reġistru ta' l-obbligazzjonijiet. Din il-persuna għandha tiġi magħżula mid-detenturi kollettivi l-oħra u għall-finijiet u effetti kollha għandha titqies *vis-a-vis* il-kumpannija li hija d-detentur ta' l-obbligazzjonijiet kollha hekk miżmuma.

(4) Fin-nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-ħtiġiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Spezzjoni ta' reġistru.

125. Ħlief waqt li jkun magħluq kif imiss skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 126 ta' dan l-Att, u bla ħsara għal dawk ir-restrizzjonijiet xierqa li l-kumpannija f'laqgħa ġenerali tista' tagħmel —

(a) ir-reġistru tal-membri għandu jinżamm miftuħ għall-ispezzjon ta' kull persuna mingħajr ħlas; u

(b) ir-reġistru ta' l-obbligazzjonijiet għandu jinżamm miftuħ għall-ispezzjon ta' kull persuna mingħajr ħlas.

Setgħa li jingħalqu reġistri.

126. (1) Kumpannija tista', wara li tagħti avviż f'gazzetta li toħroġ kuljum u li tiċċirkola għal kollox jew prinċipalment f'Malta, tagħlaq ir-reġistru tal-membri għal xi żmien jew żminijiet ta' mhux iżjed b'kollox minn tletin jum f'kull sena.

(2) Ir-reġistru ta' l-obbligazzjonijiet jista' jiġi magħluq skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-memorandum jew fl-istatut jew fl-obbligazzjonijiet jew, fil-każ ta' *stock* ta' obbligazzjoni, fiċ-ċertifikati ta' l-*istock*, matul dak iż-żmien jew żminijiet, li ma jkunux iżjed b'kollox minn tletin jum f'xi sena waħda, kif jista' jkun hemm speċifikat.

Trustees u *nominees*.

127. (1) Sakemm mhux provdut xort'oħra fl-istatut tagħha, kumpannija ffurmata u reġistrata f'Malta m'għandhiex tirrikonoxxi xi relazzjoni ta' *nominee* jew *trust* dwar xi obbligazzjoni maħruġa minnu, u l-kumpannija m'għandhiex tirrikonoxxi, ukoll jekk ikollha avviż dwar dan, xi nteress jew dritt ieħor f'dik is-sigurtà, ħlief tad-detentur reġistrat tagħha.

(2) Kull proċedimenti tal-Qorti kontra detentur reġistrat ta' sigurtà minn persuni li jkollhom il-jedd benefiċjarju għas-sigurtà għandhom jinstemgħu *in camera* jekk id-detentur reġistrat ikun *nominee* liċenzat skond kif imfisser fl-Att dwar iċ-Ċentru ta' Malta għal Servizzi Finanzjarji, sakemm il-persuna li jkollha l-jedd benefiċjarju għas-sigurtà ma titlobx li l-proċedimenti jinstemgħu fil-pubbliku. Kap. 330

(3) Minkejja dak kollu li hemm provdut f'dan l-artikolu, il-persuni li għandhom il-jedd benefiċjarju għal sigurtà għandhom jiġu meqjusa, u xi relazzjoni ta' *nominee* m'għandhiex tiġi meqjusa biex ikun determinat l-istatus tal-kumpannija għal fini tal-Kapitolu XII ta' dan it-Titolu.

Kapitolu VII. Laqgħat u Riżoluzzjonijiet

Tiżmim ta' laqgħa ġenerali annwali.

128. (1) Kull kumpannija għandha kull sena żżomm laqgħa ġenerali bħala l-laqgħa ġenerali annwali tagħha b'żieda ma' kull laqgħat oħra f'dik is-sena, u għandha turi illi l-laqgħa hija dik annwali fl-avviżi li

bihom tissejjaħ; u m'għandhomx jgħaddu iżjed minn ħmistax-il xahar bejn id-data ta' laqgħa ġenerali annwali tal-kumpannija u dik ta' warajha:

Iżda sakemm kumpannija żżomm l-ewwel laqgħa ġenerali annwali tagħha fi żmien tmintax-il xahar mir-reġistrazzjoni tagħha ma jkollhiex bżonn iżżommha fis-sena tar-reġistrazzjoni tagħha jew fis-sena ta' wara.

(2) Kull laqgħa ġenerali li ma tkunx il-laqgħa ġenerali annwali tkun laqgħa ġenerali straordinarja.

(3) Fin-nuqqas ta' tħaris mad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jeħel penali u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Sejħa ta' laqgħa ġenerali straordinarja fuq talba.

129. (1) Id-diretturi ta' kumpannija fuq talba ta' membru jew membri tal-kumpannija li jkollhom fid-data tal-konsenja tat-talba mhux anqas minn għaxra waħda minn dak il-kapital azzjonarju imħallas tal-kumpannija li fid-data tal-konsenja jagħti l-jedd għall-vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpannija, għandhom jipproċedu minnufih kif jixraq biex isejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija.

(2) It-talba għandha turi l-iskopijiet tal-laqgħa, u għandha tiġi iffirmata minn min jitlob il-laqgħa u konsenjata fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija u tista' tkun magħmula minn diversi dokumenti ta' l-istess għamla kull wieħed iffirmat minn min ikun qed jitlob il-laqgħa jew jekk ikun hemm iktar minn wieħed li jagħmel it-talba f'xi dokument minnhom kollha.

(3) Jekk id-diretturi fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data tal-konsenja tat-talba ma jipproċedux kif jixraq biex isejħu l-laqgħa, dawk li jkunu talbuha jistgħu huma stess isejħu laqgħa bl-istess mod, kemm jista' jkun, bħal meta laqgħat jiġu msejħa mid-diretturi, iżda laqgħa hekk imsejħa ma għandhiex tinżamm wara li jgħaddu tliet xhur mid-data tad-depożitu tat-talba.

(4) Kull nefqa raġonevoli li ssir minn dawk li jitolbu l-laqgħa minħabba li d-diretturi jkunu naqsu milli jsejħu l-laqgħa kif imiss għandha titħallas lura mill-kumpannija lil dawk li jkunu talbu l-laqgħa, u kull somma hekk imħallsa tkun dovuta personalment mid-diretturi li kienu naqsu u tista' tinżamm mill-kumpannija minn xi ammont dovut jew li għad ikun dovut mill-kumpannija għal drittijiet jew kumpens ieħor għas-servizzi tagħhom lil dawk id-diretturi li kienu naqsu.

Żmien għal avviż biex jissejħu laqgħat ġenerali.

130. Laqgħa ġenerali ta' kumpannija għandha titqies li ma ġietx imsejħa kif imiss jekk ma jingħatax avviż bil-miktub ta' mill-anqas erbatax-il jum, u kull dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija għandha tiftiehem bħala tinħtieġ avviż bil-miktub ta' erbatax-il jum safejn tipprovdi għal sejħa ta' laqgħa ta' kumpannija, li ma tkunx laqgħa aġġornata, b'avviż aqsar:

Iżda laqgħa tal-kumpannija għandha, għalkemm tiġi msejħa b'avviż aqsar, titqies li kienet imsejħa kif imiss jekk ikun hekk miftiehem mill-membri kollha li jkollhom dritt imorru fil-laqgħa u jivvotaw fiha.

Avviż ta' laqgħat ġenerali.

131. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin ikollhom seħħ safejn l-istatut tal-kumpannija ma jkunx fih dispożizzjonijiet differenti dwar hekk —

(a) avviż ta' kull laqgħa ġenerali ta' kumpannija għandu jingħata lil kull membru tal-kumpannija u għandu jkun notifikat bil-mod kif avviżi għandhom ikunu notifikati skond ir-regolamenti li hemm fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att;

(b) żewġ membri preżenti personalment ikunu *quorum*;

(ċ) kull membru magħżul mill-membri preżenti f'laqgħa jista' jkun *chairman* tagħha;

(d) kull membru jkollu vot wieħed dwar kull azzjoni jew dwar kull lira *stock* li jkollu.

Setgħa tal-Qorti li ssejjaħ laqgħa.

132. (1) Jekk għal xi raġuni ma jkunx prattikabbli li tissejjaħ laqgħa ta' kumpannija bil-mod li bih jistgħu jissejħu laqgħat tal-kumpannija, jew li jitmexxew il-laqgħat ta' dik il-kumpannija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-Qorti tista', jew minn rajha jew fuq rikors ta' xi wieħed mid-diretturi tal-kumpannija jew ta' xi membru tal-kumpannija li jkollu dritt jivvota fil-laqgħa, tordna li laqgħa tal-kumpannija tissejjaħ, tinżamm u titmexxa b'dak il-mod li l-Qorti jidhrilha xieraq, u meta jingħata xi ordni bħal dan, tista' tagħti dawk id-direttivi anċillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluża d-direttiva illi membru wieħed tal-kumpannija preżenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgħa.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll għas-sejħiet ta' laqgħat tal-bord tad-diretturi ta' kumpannija, jekk lill-Qorti jidhrilha, li ċ-ċirkustanzi jitolbu li tittieħed azzjoni bħal dik.

Prokuri.

133. (1) Minkejja dak kollu li jkun jinsab fil-memorandum jew fl-istatut ta' kumpannija, kull membru li jkollu dritt imur u jivvota f'laqgħa tal-kumpannija jew f'laqgħa ta' xi klassi ta' membri tal-kumpannija jkollu dritt li jaħtar persuna oħra, tant membru kemm le, bħala prokuratur tiegħu biex imur u jivvota minfloku, u prokuratur hekk maħtur ikollu l-istess dritt tal-membru li jitkellem fil-laqgħa u li jitlob votazzjoni.

(2) Il-ħatra ta' prokuratur għandha tkun bil-miktub.

(3) F'kull avviż li jsejjaħ laqgħa ta' kumpannija għandha tidher f'post prominenti xieraq dikjarazzjoni illi membru li jkollu dritt jattendi u jivvota jkollu dritt li jaħtar prokuratur u illi prokuratur ma hemmx bżonn li jkun membru. Fin-nuqqas ta' tħaris ta' dan is-subartikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali.

(4) Dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija tkun nulla safejn din ikollha effett li teħtieġ li dokument li bih jinħatar prokuratur, jew xi dokument ieħor meħtieġ biex juri l-validità ta', jew xort'oħra dwar, il-ħatra ta' prokuratur, għandu jiġi riċevut mill-kumpannija jew xi persuna oħra iktar minn tmienja u erbgħin siegħa qabel laqgħa jew laqgħa aġġornata sabiex il-ħatra jkollha seħħ.

(5) Kumpannija ma għandhiex toħroġ għas-spejjeż tagħha lil uħud biss mill-membri li jkollhom jedd li jintbagħtilhom avviż tal-laqgħa u li jivvotaw bi prokura, inviti biex jaħtru bħala prokuratur persuna jew waħda minn numru ta' persuni speċifikati fl-inviti. Fin-nuqqas tat-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jeħel penali:

Iżda uffiċjal ma jeħilx penali minħabba biss il-ħruġ lil membru fuq talba tiegħu stess bil-miktub ta' formula ta' ħatra li ssemmi 'l prokuratur, jew lista ta' persuni li jkunu lesti jagħmluha ta' prokuraturi, jekk il-formula jew il-lista jkunu jistgħu jinkisbu fuq talba bil-miktub minn kull membru li jkollu l-jedd li jivvota fil-laqgħa bi prokura.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal laqgħat ta' kull klassi ta' membri ta' kumpannija bħalma japplikaw għal laqgħat ġenerali tal-kumpannija.

Jedd għal talba ta' votazzjoni.

134. (1) Kull dispożizzjoni li tinsab f'memorandum jew fi statut ta' kumpannija tkun nulla safejn ikollha effett jew —

(a) li teskludi l-jedd li tintalab votazzjoni f'laqgħa ġenerali fuq xi kwistjoni li ma tkunx l-elezzjoni taċ-*chairman* tal-laqgħa jew l-aġġornament tal-laqgħa; jew

(b) li tagħmel ineffikaċi talba għal votazzjoni fuq xi kwistjoni bħal din li tkun magħmula jew —

(i) minn mhux anqas minn ħames membri li jkollhom il-jedd jivvotaw fil-laqgħa; jew

(ii) minn membru jew membri li jirrappreżentaw mhux anqas minn għaxra wieħed tal-jeddijiet totali tal-voti tal-membri kollha li jkollhom il-jedd li jivvotaw fil-laqgħa; jew

(iii) minn membru jew membri detenturi ta' azzjonijiet fil-kumpannija li jagħtu l-jedd li jivvotaw fil-laqgħa li jkunu azzjonijiet li fuqhom somma globali tkun tħallset daqs mhux anqas minn minn għaxra waħda tas-somma totali mħallsa fuq l-azzjonijiet kollha li jagħtu dak il-jedd.

(2) Id-dokument li jaħtar prokuratur biex jivvota f'laqgħa tal-kumpannija jitqies li jagħti s-setgħa għal talba jew biex flimkien ma' ħaddieħor issir talba għal votazzjoni; u għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu talba minn persuna bħala prokuratur ta' membru hija l-istess bħal talba tal-membru.

(3) Fuq votazzjoni li tittieħed f'laqgħa tal-kumpannija jew laqgħa ta' xi klassi ta' membri ta' dik il-kumpannija, membru li jkollu jedd għal iktar minn vot wieħed ma għandux għalfejn, jekk jivvota, juża l-voti tiegħu kollha jew jagħti l-voti kollha li juża bl-istess mod.

Riżoluzzjonijiet ordinarji u straordinarji.

135. (1) Riżoluzzjoni tkun riżoluzzjoni straordinarja meta —

(a) tkun ittieħdet f'laqgħa ġenerali li tagħha jkun ingħata avviż kif imiss li juri l-ħsieb li ser tiġi proposta r-riżoluzzjoni bħala riżoluzzjoni straordinarja u jkun ingħata kif imiss il-għan prinċipali tagħha; u

(b) tkun għaddiet minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu u jivvotaw fil-laqgħa li jkollhom flimkien mhux inqas minn ħamsa u sebgħin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet rappreżentati u bil-jedd tal-vot fil-laqgħa jew mhux inqas minn wieħed u ħamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet kollha bil-jedd tal-vot fil-laqgħa jew dak il-perċentaġġ akbar li l-memorandum jew l-istatut jista' jippreskrivi, skond liema minnhom ikun l-ikbar:

Iżda, jekk meta tissejjaħ l-ewwel darba, il-membri preżenti u li jivvotaw favur ir-riżoluzzjoni jkollhom inqas minn wieħed u ħamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet kollha bil-jedd tal-vot fil-laqgħa, jew dak il-perċentaġġ akbar li l-memorandum jew l-istatut jista' jippreskrivi il-laqgħa għandha tkun aġġornata u terġa' tissejjaħ bl-istess aġenda u skond id-dispożizzjonijiet għal sejħa ta' laqgħat. Fil-laqgħa aġġornata r-riżoluzzjoni tista' tgħaddi minn membru jew membri li jkollhom jedd jattendu u jivvotaw fil-laqgħa li jkollhom flimkien mhux inqas minn ħamsa u sebgħin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet rappreżentati u bil-jedd tal-vot fil-laqgħa, jew, jekk iktar minn nofs tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet ikun rappreżentat u bil-jedd tal-vot fil-laqgħa, maġġoranza sempliċi tkun biżżejjed.

(2) Riżoluzzjoni ordinarja tgħaddi minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu u jivvotaw u li flimkien ikollhom iktar minn ħamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet rappreżentanti u bil-jedd tal-vot fil-laqgħa jew dak il-perċentaġġ akbar li l-memorandum jew l-istatut jista' jippreskrivi.

(3) Fil-każ ta' kumpannija privata riżoluzzjoni tkun riżoluzzjoni straordinarja meta —

(a) id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jiġu mħarsa; u

(b) tkun għaddiet minn numru ta' membri li jkollhom il-jedd li jattendu u jivvotaw f'dik il-laqgħa li jkollhom flimkien mhux inqas minn wieħed u ħamsin fil-mija tal-valur nominali tal-azzjonijiet li jagħtu dak il-jedd jew dak il-perċentaġġ akbar li l-memorandum jew l-istatut jista' jippreskrivi.

Jedd tal-kumpannija li tissellef flus, tipoteka jew tohloq piż fuq l-impriża, eċċ.

136. Kumpannija għandu jkollha l-jedd, sakemm mhux provdut mod ieħor fil-memorandum jew fl-istatut tagħha, li tissellef flus u li tipoteka jew toħloq piż fuq l-impriża, proprjetà u kapital mhux imsejjaħ tagħha jew fuq parti minnhom għal kull raġuni li tkun magħdud bħala garanzija fuq l-obbligi tagħha u biex toħroġ obbligazzjoniiet, *stock* ta' obbligazzjonijiet u sigurtajiet oħra sew għal kollox jew bħala garanzija għall-passiv jew obbligi tagħha jew ta' terzi.

Diretturi.

137. (1) Kull kumpannija pubblika għandu jkollha għall-inqas żewġ diretturi.

(2) Kull kumpannija privata għandu jkollha għall-anqas direttur wieħed, u meta kumpannija privata jkollha direttur wieħed, irriferenzi kollha f'dan l-Att għal żewġ diretturi jew iżjed għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal dak id-direttur wieħed.

(3) In-negozju ta' kumpannija jitmexxa mid-diretturi li jistgħu jeżerċitaw dawk is-setgħat kollha tal-kumpannija, magħduda dawk speċifikati fl-artikolu 136 ta' dan l-Att, li b'dan l-Att jew bil-memorandum jew bl-istatut tal-kumpannija, ma jkunux meħtieġa li jiġu eżerċitati mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

(4) Kull ħaġa li tkun saret mill-bord tad-diretturi ta' kumpannija li teċċedi l-limiti tas-setgħat tagħhom jew minn xi direttur barra mis-setgħat tiegħu, tkun torbot lill-kumpannija kemm-il darba l-egħmil ma jeċċedix is-setgħat li jistgħu jingħataw bil-liġi lill-bord tad-diretturi jew lil direttur skond il-każ:

Iżda l-kumpannija ma tkunx marbuta meta l-għemil ma jaqax taħt l-għanijiet tal-kumpannija kemm-il darba ma tipprovax,meta jkun sar l-għemil, li t-terzi kienu jafu li dan ma kienx jaqa' taħt l-għanijiet tal-kumpannija jew li terzi ma setgħux minħabba ċ-ċirkostanzi ma kienux jafu b'dan:

Iżda wkoll il-pubblikazzjoni tal-memorandum u l-istatut tal-kumpannija ma jkunux waħidhom biżżejjed biex ikun pruvat li t-terzi kienu jafu, jew li setgħu jkunu jafu, li l-egħmil ma kienx jaqa' taħt l-għanijiet tal-kumpannija.

(5) Kull limitazzjoni fuq is-setgħat tal-bord tad-diretturi jew ta' xi direttur tal-kumpannija ma tingiebx bħala prova kontra terzi indipendentement jekk dik il-limitazzjoni, pubblikata jew le, toħroġx mill-memorandum u l-istatut jew minn xi riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali jew minn deċiżjoni tal-bord tad-diretturi tal-kumpannija.

(6) Jekk in-numru ta' diretturi ta' kumpannija jinżel inqas minn tnejn kull membru tal-kumpannija jista' f'kull żmien wara li jgħaddu tletin jum minn meta jiġri dan, b'rikors jitlob lill-Qorti biex taħtar direttur jew diretturi tal-kumpannija skond il-memorandum tagħha u dan bla ħsara għall-jedd tad-direttur li jkun baqa' li jimla kull vakanza li hekk tinħoloq skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 141 ta' dan l-Att matul it-tletin jum speċifikati fih jew f'kull żmien ieħor wara sakemm id-direttur ma jkunx maħtur mill-Qorti.

(7) Persuna maħtura mill-Qorti skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu għandha żżomm il-kariga sal-laqgħa ġenerali annwali ta' wara għalkemm din tkun tista' terġa tiġi eletta.

(8) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu għandhom ukoll ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 140 u tas-subparagrafu (iii) u tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att u għall-jedd tal-kumpannija li timla dik il-vakanza f'laqgħa ġenerali.

(9) Meta, u sakemm, ir-rappreżentanza ta' kumpannija ma tkunx tista' tiġi eżerċitata skond il-memorandum tal-kumpannija, kull direttur għandu jirrappreżenta l-kumpannija fi proċeduri ġudizzjali li jsiru kontriha.

Segretarju tal-kumpannija.

138. (1) Kull kumpannija għandu jkollha segretarju tal-kumpannija.

(2) Ebda kumpannija ma għandha:

(a) ikollha bħala segretarju tal-kumpannija direttur uniku jew korp ġuridiku li d-direttur uniku tiegħu jkun id-direttur uniku tal-kumpannija;

(b) ikollha bħala direttur uniku tal-kumpannija korp ġuridiku li d-direttur uniku tiegħu jkun is-segretarju tal-kumpannija.

(3) Ikun id-dmir tad-diretturi ta' kumpannija li jieħdu l-passi kollha xierqa biex jiżguraw li s-segretarju tal-kumpannija jkun persuna li fil-fehma tagħhom ikollu t-tagħrif u l-esperjenza meħtieġa biex taqdi l-funzjonijiet ta' segretarju tal-kumpannija.

(4) Fil-każ li l-kariga ta' segretarju ta' kumpannija tkun vakanti, id-diretturi tal-kumpannija għandhom, fi żmien erbatax-il jum mid-data li fiha l-kariga tkun ġiet vakanti, jaħtru persuna oħra biex timla l-kariga.

(5) Id-diretturi ta' kumpannija jkollhom is-setgħa li jneħħu lis-segretarju tal-kumpannija u għandhom jaħtru persuna oħra minfloku fi żmien erbatax-il jum mid-data tat-tneħħija tiegħu.

(6) Kull ħaġa meħtieġa jew awtorizzata li ssir minn jew lis-segretarju tal-kumpannija tista', jekk il-kariga tkun vakanti jew għal xi raġuni oħra ma jkunx hemm segretarju tal-kumpannija li jista' jagħixxi, għandha ssir minn jew lill-uffiċjal tal-kumpannija awtorizzat b'mod ġenerali jew speċifiku għalhekk mid-diretturi.

(7) Dispożizzjoni li tawtorizza li xi ħaġa għandha ssir minn jew lil direttur u s-segretarju tal-kumpannija ma tkunx sodisfatta jekk din issir minn jew lill-istess persuna li tagħixxi kemm bħala direttur u bħala, jew minflok, is-segretarju tal-kumpannija.

Restrizzjonijiet dwar ħatra ta' diretturi.

139. (1) Persuna ma tkunx tista' tiġi maħtura direttur ta' kumpannija pubblika bil-memorandum jekk, qabel ir-reġistrazzjoni tal-memorandum, ma tkunx hija stess jew permezz ta' l-aġenti tagħha awtorizzat bil-miktub —

(a) iffirmat u ikkonsenjat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kunsens bil-miktub biex taġixxi bħala direttur; u

(b) jew iffirmat il-memorandum għal numru ta' azzjonijiet mhux anqas mill-kwalifika tagħha, jekk ikun hemm, jew iffirmat u kkonsenjat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni rabta bil-miktub li tieħu mingħand il-kumpannija u li tħallas azzjonijiet għall-kwalifika tagħha, jekk ikun hemm.

(2) Mingħajr ħsara għar-restrizzjonijiet imsemmija qabel, meta direttur, bil-memorandum jew bl-istatut ta' kumpannija privata jew pubblika, ikun meħtieġ li jkollu kwalifika partikolari ta' azzjonijiet, u ma jkunx ġa kwalifikat, huwa għandu jitlaq il-kariga tiegħu jekk ma jiksibx il-kwalifika fi żmien xahrejn mill-ħatra tiegħu, jew f'dak iż-żmien aqsar li jista' jiġi iffissat mill-memorandum jew mill-istatut, jew jekk f'xi żmien wara ma jibqax ikollu l-kwalifiki tiegħu; u ma jkunx jista' jerġa' jiġi maħtur direttur tal-kumpannija qabel ma jkun kiseb il-kwalifika tiegħu.

(3) Għall-finijiet ta' kull dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut ta' kumpannija pubblika li teħtieġ direttur jew *manager* li jkollu kwalifika partikolari ta' azzjonijiet, il-portatur ta' *warrant* dwar azzjonijiet ma għandux jitqies li jkun id-detentur ta' l-azzjonijiet imsemmija fil-*warrant*.

Tneħħija ta' diretturi.

140. (1) Kumpannija tista' tneħħi direttur qabel ma jgħaddi ż-żmien tal-kariga tiegħu b'riżoluzzjoni li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpannija u mgħoddija minn membru jew membri li jkollhom il-jedd li jattendu għaliha u li jivvotaw, li flimkien ikollhom mhux inqas minn maġġoranza sempliċi tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet li jagħtu dak il-jedd u miżmuma minn membru jew membri preżenti u li jivvotaw.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa li tinsab fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija jew f'xi ftehim bejnha u d-direttur.

(3) Malli jiġi riċevut avviż ta' riżoluzzjoni maħsuba biex tneħħi direttur skond dan l-artikolu l-kumpannija għandha minnufih tibgħat kopja tiegħu lil dak id-direttur u d-direttur, sew jekk ikun membru tal-kumpannija sew jekk le, ikollu jedd li jiġi mismugħ fuq ir-riżoluzzjoni fil-laqgħa.

(4) Vakanza maħluqa bi tneħħija ta' direttur skond dan l-artikolu, jekk ma timtelix fil-laqgħa li fiha jkun tneħħa, tista' timtela bħala vakanza każwali.

(5) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tittieħed li:

(a) tiċħad lil persuna mneħħija bis-saħħa ta' dan l-artikolu mill-kumpens jew danni li għandhom jitħallsu lilha minħabba t-tmiem tal-ħatra tagħha bħala direttur jew ta' kull ħatra li tispiċċa ma' dik bħala direttur; jew

(b) tnaqqas minn xi setgħa biex jitneħħa direttur li jista' jkun hemm minbarra dan l-artikolu.

Vakanza każwali.

141. (1) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra fil-memorandum jew fl-istatut tal-kumpannija, vakanza każwali tista' timtela mid-direttur jew mid-diretturi li jkunu għadhom fil-kariga, u, bla ħsara għall-imsemmija setgħat tad-diretturi, tista' timtela mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

(2) Persuna maħtura mid-diretturi biex timla vakanza każwali għandha żżomm il-kariga sal-laqgħa ġenerali annwali ta' wara u tkun tista' terġa' tiġi eletta, iżda ma għandux jittieħed kont tagħha fir-rigward tad-diretturi li għandhom jirtiraw b'rotazzjoni f'dik il-laqgħa.

(3) Persuna maħtura biex timla vakanza każwali mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali għandha titqies, biex jiġi ffissat iż-żmien li fih hija jew xi direttur ieħor għandu jirtira, bħallikieku kienet saret direttur fil-ġurnata li fiha l-persuna li minflokha tkun ġiet maħtura kienet maħtura direttur l-aħħar.

Skwalifika bħala ħatra ta' direttur.

142. (1) Persuna ma tkunx kwalifikata biex tkun maħtura jew li żżomm kariga ta' direttur tal-kumpannija jekk —

(a) tkun interdetta jew nieqsa mill-kapaċità jew tkun falluta;

(b) tkun instabet ħatja ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' serq jew ta' frodi jew li xjentement tkun irċeviet proprjetà miksuba b'serq jew bi frodi;

(ċ) tkun minuri; jew

(d) tkun suġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 ta' dan l-Att.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew tal-memorandum u statut tal-kumpannija dwar il-formalitajiet dwar il-ħatra u l-kwalifika ta' direttur jew ta' uffiċjal ieħor, kull irregolarità dwar il-ħatra ta' direttur jew ta' uffiċjal ieħor li titqajjem wara li tkun saret il-pubblikazzjoni tal-ħatra tiegħu ma tistax tinġieb mill-kumpannija kontra terzi kemm-il darba l-kumpannija ma tippruvax li dawk it-terzi kienu jafu bl-irregolarità fiż-żmien rilevanti.

(3) Terzi li ma kienux jafu bl-irregolaritajiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu fiż-żmien rilevanti jistgħu jġibu dik l-irregolarità kontra l-kumpannija.

Diretturi li jikkonkorru mal-kumpannija.

143. (1) Direttur ta' kumpannija ma jistax, b'konkorrenza mal-kumpannija u mingħajr l-approvazzjoni ta' l-istess kumpannija f'laqgħa ġenerali, jinnegozja għalih innifsu jew għal ħaddieħor jew ikun soċju b'responsabbiltà illimitata f'soċjetà oħra li tkun tagħmel konkorrenza ma' dik il-kumpannija.

(2) Meta direttur jaġixxi bi ksur tal-projbizzjoni msemmija f'dan l-artikolu, il-kumpannija tista' tagħżel li tieħu azzjoni għad-danni u imgħax kontrih jew titlob il-ħlas ta' kull profitti li jkun għamel bi ksur ta' dan l-artikolu.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu bla ħsara għal kull rimedju ieħor li kumpannija jista' jkollha kontra direttur għal ksur tad-dmirijiet tiegħu.

Projbizzjoni ta' self eċċ. lil diretturi.

144. Kumpannija ma tistax —

(a) tislef lil min ikun direttur tagħha jew direttur ta' kumpannija li tkun tikkontrollaha, jew tiggarantixxi jew tipprovdi xi sigurtà dwar self magħmul lil persuna bħal din kif intqal qabel minn xi persuna oħra:

Iżda ebda ħaġa f'dan il-paragrafu ma għandha tgħodd sew —

(i) għal xi ħaġa magħmula, bl-approvazzjoni tal-kumpannija mogħtija f'laqgħa ġenerali, biex tipprovdi lil xi persuna bħal dik imsemmija qabel b'fondi għal nefqa magħmula jew li għandha ssir minnha għal skopijiet tal-kumpannija jew biex dik il-persuna tkun tista' taqdi d-dmirijiet tagħha sewwa bħala uffiċjal tal-kumpannija; jew

(ii) fil-każ ta' kumpannija li x-xogħol ordinarju tagħha jinkludi s-self ta' flus jew l-għoti ta' garanzija dwar self magħmul minn persuni oħra, għal kull ħaġa magħmula mill-kumpannija fil-kors ordinarju ta' dak ix-xogħol;

(b) tagħmel xi ħlas lil xi direttur tal-kumpannija bħala kumpens għal telf tal-kariga, jew bħala ħlas għal jew dwar l-irtir tiegħu mill-kariga, mingħajr ma l-partikolaritajiet dwar il-ħlas maħsub, inkluż l-ammont ta' dan il-ħlas jiġu murija lill-membri tal-kumpannija u mingħajr ma l-proposta tkun approvata mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

Dmir ta' direttur li jgħid interess li jkollu f'kuntratt mal-kumpannija.

145. (1) Ikun id-dmir ta' direttur ta' kumpannija li jkun b'xi mod, jew direttament jew indirettament, interessat f'kuntratt jew f'kuntratt maħsub mal-kumpannija li jiddikjara x-xorta ta' l-interess tiegħu lid-diretturi l-oħra jew fil-laqgħa tad-diretturi li fiha l-kwistjoni tad-dħul fil-kuntratt tkun l-ewwel ġiet ikkunsidrata, jew, jekk id-direttur ma kienx fid-data ta' dik il-laqgħa interessat fil-kuntratt jew fil-kuntratt maħsub, fil-laqgħa tad-diretturi li tinżamm wara li jkun sar hekk interessat.

(2) Kull direttur li jonqos milli jħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jista' jeħel penali.

Prospett dwar tibdil fost diretturi u segretarju.

146. (1) Kull kumpannija għandha tibgħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett li juri kull tibdil fost id-diretturi jew is-segretarju tagħha, li juri d-data tat-tibdil, fi żmien erbatax-il jum minn dik il-bidla:

Iżda r-Reġistratur jista', qabel ma jirreġistra l-prospett, jieħu dawk il-passi u jitlob dak it-tagħrif li jkun meħtieġ biex jiżgura l-korrettezza tal-prospett u biex jistabbilixxi jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ikunux tħarsu.

(2) Fin-nuqqas tat-tħaris tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Ir-responsabbiltà tad-diretturi tkun *in solidum*.

147. (1) Ir-responsabbiltà tad-diretturi għad-danni għal xi ksur ta' dmir tkun *in solidum*:

Iżda meta dmir partikolari jkun ġie mogħti lil wieħed jew iżjed mid-diretturi, dak id-direttur jew diretturi biss ikunu responsabbli għad-danni.

(2) Direttur ma jkunx responsabbli għall-egħmil tad-diretturi l-oħra jekk jipprova jew —

(a) li ma kienx jaf bil-ksur tad-dmir qabel jew waqt li jkun qed isir il-ksur u li meta sar jaf bih wara li jkun sar wera minnufih lid-diretturi l-oħra d-disapprovazzjoni tiegħu bil-miktub; jew

(b) illi, meta kien jaf illi d-diretturi l-oħra kellhom ħsieb li jikkommettu ksur ta' dmir, ħa l-passi kollha xierqa biex jevitah.

Dispożizzjonijiet dwar responsabbiltà ta' uffiċjali u udituri.

148. Kull dispożizzjoni, sew jekk tkun fil-memorandum jew fl-istatut ta' kumpannija jew f'xi kuntratt ma' kumpannija jew xorta'oħra biex teżenta lil xi uffiċjal tal-kumpannija jew lil xi persuna mpjegata mill-kumpannija bħala uditur, jew biex tindennizzah, minn xi responsabbiltà li bis-saħħa ta' xi regola tal-liġi kienet fin-nuqqas ta' dik id-dispożizzjoni tolqot lilu minħabba negliġenza, nuqqas jew ksur ta' dmir jew xort'oħra li għalih jista' jkun ħati quddiem il-kumpannija tkun bla effett:

Iżda kumpannija tista', bis-saħħa ta' xi dispożizzjoni bħal din kif intqal qabel, tindennizza lil dak l-uffiċjal jew uditur kontra xi responsabbiltà li jkun daħal fiha biex jiddefendi xi proċeduri li fihom tingħata deċiżjoni favur tiegħu jew li dwarhom jiġi liberat.

Minuti tal-proċeduri.

149. (1) Kull kumpannija għandha tieħu ħsieb li l-minuti tal-proċeduri kollha tal-laqgħat ġenerali u tal-proċeduri kollha tal-laqgħat tad-diretturi tagħha jitniżżlu f'kotba miżmuma għalhekk.

(2) Kull minuti bħal dawk jekk juru li jkunu ffirmati miċ-*chairman* tal-laqgħa li fiha saru l-proċeduri, jew miċ-*chairman* tal-laqgħa li ssir sew sew wara, ikunu prova tal-proċeduri.

(3) Il-kotba li jkollhom il-minuti tal-proċeduri ta' xi laqgħa ġenerali ta' kumpannija għandhom jinżammù fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija, jew f'dak il-post l-ieħor li jkun muri fil-memorandum jew fl-istatut u għandhom, waqt il-ħinijiet tax-xogħol, salvi dawk ir-restrizzjonijiet xierqa li l-kumpannija tista' tagħmel bl-istatut tagħha jew f'laqgħa ġenerali, ikunu miftuħa għall-ispezzjon ta' kull membru mingħajr ħlas.

(4) Jekk kumpannija tonqos milli tħares il-ħtiġiet tas-subartikolu (1) jew (3) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun fin-nuqqas jista' jeħel penali.

Ħatra f'laqgħa ġenerali li fiha jkunu preżentati l-kontijiet.

150. (1) Kumpannija għandha, f'kull laqgħa ġenerali li fiha jkunu preżentati l-kontijiet, taħtar uditur jew udituri biex jibqgħu fil-kariga mit-tmiem ta' dik il-laqgħa sat-tmiem tal-laqgħa ġenerali ta' wara li fiha jkunu preżentati l-kontijiet. Il-kumpannija tista' taħtar udituri flimkien u riferenzi f'dan l-Att għal uditur jew udituri għandhom jitqiesu li jinkludu riferenzi għal udituri waħedhom jew flimkien ma' udituri oħra, skond il-każ.

(2) L-ewwel udituri tal-kumpannija jistgħu jinħatru mid-diretturi f'kull żmien qabel l-ewwel laqgħa ġenerali tal-kumpannija li fiha jkunu preżentati l-kontijiet; u l-udituri hekk maħtura għandhom iżommu l-kariga sat-tmiem ta' dik il-laqgħa.

(3) Jekk id-diretturi jonqsu li jeżerċitaw is-setgħat tagħhom taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, is-setgħat jistgħu jkunu eżerċitati mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

Ħatra mill-Qorti fin-nuqqas ta' ħatra mill-kumpannija.

151. (1) Jekk f'xi każ ma jinħatrux, jew ma jinħatrux mill-ġdid ebda udituri kif meħtieġ bl-artikolu 150 ta' dan l-Att, il-Qorti tista', fuq rikors magħmul minn xi wieħed mid-diretturi jew minn xi membru tal-kumpannija jew mir-Reġistratur, taħtar persuna biex timla l-kariga.

(2) Fil-każ imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija għandha fi żmien ġimgħatejn tal-laqgħa ġenerali li fiha kellhom ikunu maħtura uditur jew udituri bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 150 ta' dan l-Att, tavża lir-Reġistratur li s-setgħa tiegħu li jagħmel rikors lill-Qorti tkun tista' tiġi eżerċitata.

(3) Jekk kumpannija tonqos li tagħti l-avviż meħtieġ bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Mili ta' vakanza każwali.

152. (1) Id-diretturi, jew il-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jistgħu jimlew vakanza każwali fil-kariga ta' uditur.

(2) Sakemm tibqa' dik il-vakanza, kull uditur jew udituri li jibqgħu jew li jkomplu jistgħu jkomplu hekk jaġixxu.

(3) Fejn ikun propost —

(a) biex jinħatar uditur biex jimla vakanza każwali fil-kariga ta' uditur b'riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali; jew

(b) biex jinħatar mill-ġdid b'riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali uditur li jkun qed jirtira u li jkun ġie maħtur mid-diretturi biex jimla' vakanza każwali, bħala uditur, jew biex jinħatar uditur ġdid minflok dak l-uditur,

avviż li jispeċifika l-kundizzjonijiet tar-riżoluzzjoni proposta għandha tingħata minnufih lil persuna proposta li tiġi maħtura u, jekk il-vakanza każwali tinqala' mir-riżenja ta' uditur, lill-uditur li jkun irriżenja.

153. Persuna ma tkunx kwalifikata li tinħatar bħala uditur jew li żżomm il-kariga ta' uditur tal-kumpannija jekk — Kwalifika għal ħatra ta' uditur.

(a) fil-każ ta' individwu, kien fl-aħħar tliet snin —

(i) uffiċjal jew impjegat tal-kumpannija; jew

(ii) soċju, prinċipal jew impjegat ta' uffiċjal tal-kumpannija; jew

(iii) soċju jew impjegat ta' impjegat tal-kumpannija; jew

(iv) qarib bid-demm jew bi żwieġ f'linja diretta, jew, sat-tielet grad, fil-linja kollaterali, ma' xi uffiċjal tal-kumpannija;

(b) fil-każ ta' soċjetà, xi wieħed mis-soċji tagħha jkun individwu li jaqa' taħt il-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu jew is-soċjetà nnifisha taqa' taħt l-imsemmi paragrafu (a):

Iżda t-tielet grad imsemmi fis-sub-paragrafu (iv) ta' dan l-artikolu jitnaqqas għat-tieni grad fil-każ ta' soċjetà jekk is-soċju li għalih tirreferi r-relazzjoni ma jkollu xejn x'jaqsam mal-verifika li tkun.

154. (1) L-udituri ta' kumpannija jkollhom jedd għal aċċess f'kull żmien għall-kotba, kontijiet u *vouchers* tal-kumpannija, u jkollhom jedd li jeħtieġu mingħand l-uffiċjali tal-kumpannija dak it-tagħrif u dawk l-ispjegazzjonijiet li jidhrilhom meħtieġa għall-qadi tad-dmirijiet tagħhom bħala udituri. Jedd għal tagħrif.

(2) Uffiċjal ta' kumpannija li xjentement jew bi traskuraġni jagħmel lill-udituri tal-kumpannija dikjarazzjoni, miktuba jew verbali, li —

(a) tagħti jew hi maħsuba biex tagħti xi tagħrif jew spjegazzjonijiet li jeħtieġu l-udituri, jew li dawn għandhom il-jedd li jeħtieġu, bħala udituri tal-kumpannija; u

(b) tkun tiżgwida, falza jew qarrieqa f'ħaġa sostanzjali,

ikunu ħatja ta' reat u jistgħu jeħlu, meta jinsabu ħatja, multa ta' mhux aktar minn elfejn lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Impriża sussidjarja li tkun reġistrata f'Malta, u l-udituri ta' dik l-impriża, għandhom jagħtu lill-udituri tal-kumpannija *parent* ta' l-impriża sussidjarja dak it-tagħrif u dawk l-ispjegazzjonijiet li huma jkunu jeħtieġu b'mod xieraq sabiex jaqdu d-dmirijiet tagħhom bħala udituri ta' dik il-kumpannija. Jekk impriża sussidjarja tonqos li tħares dan is-subartikolu, kull uffiċjal tagħha li jkun naqas jista' jeħel penali; u jekk uditur jonqos mingħajr raġuni xierqa li jħares dan is-subartikolu dan ikun jista' jeħel penali.

(4) Kumpannija *parent* li jkollha impriża sussidjarja li ma tkunx reġistrata f'Malta għandha, jekk hekk meħtieġa tagħmel mill-udituri tagħha, tieħu dawk il-passi kollha xierqa biex tikseb mingħand l-impriża sussidjarja dak it-tagħrif u dawk l-ispjegazzjonijiet li jkunu b'mod xieraq jeħtieġu għall-finijiet tad-dmirijiet tagħhom bħala udituri tal-kumpannija. Jekk kumpannija *parent* tonqos li tħares dan is-subartikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali.

Jedd għal attendenza f'laqgħat tal-kumpannija.

155. L-udituri ta' kumpannija jkollhom jedd —

(a) li jirċievu l-avviżi kollha ta', u komunikazzjonijiet oħra dwar, kull laqgħa ġenerali li membru tal-kumpannija jkollu jedd jirċievi;

(b) li jattendu kull laqgħa ġenerali tal-kumpannija; u

(ċ) li jinstemgħu f'kull laqgħa ġenerali li jattendu għaliha fil-parti tax-xogħol tal-laqgħa li tolqothom bħala udituri.

Kumpens ta' udituri.

156. (1) Il-kumpens ta' udituri maħtura mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali jkun stabbilit mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew b'dak il-mod li l-kumpannija tista' tistabbilixi f'laqgħa ġenerali. Il-kumpens ta' l-udituri maħtura mid-diretturi jew mill-Qorti għandu jkun stabbilit mid-diretturi jew mill-Qorti skond il-każ.

(2) Għandu jitniżżel f'nota tal-kontijiet annwali tal-kumpannija l-ammont tal-kumpens ta' l-udituri tal-kumpannija fil-kariga tagħhom; u meta jitħejjew kontijiet konsolidati, in-noti mal-kontijiet konsolidati għandhom jagħtu l-kumpens totali mħallsa lill-udituri tal-kumpannija *parent* dwar l-impriżi kollha magħduda fil-konsolidazzjoni, kif ukoll il-kumpens totali mħallas lill-udituri l-oħra kollha dwar dawk l-impriżi.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "kumpens" tinkludi somom imħallsin bħala spejjeż.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw dwar benefiċċji minflok flus bħal ma japplikaw għal ħlasijiet bi flus, u dwar kull benefiċċju bħal dak, riferenzi għall-ammont tiegħu għandhom ikunu valutati f'valur ta' flus. Ix-xorta ta' dak il-benefiċċju għandha wkoll tintwera.

(5) Il-Ministru jista' b'regolamenti jipprovdi sabiex jintwera l-ammont ta' kull kumpens riċevut jew li għandu jkun riċevut mill-udituri ta' kumpannija jew mill-assoċjati tagħhom dwar servizzi barra minn dawk ta' udituri f'dik il-kariga tagħhom, u b'mod partikolari r-regolamenti jistgħu —

(a) ifissru "assoċjat" dwar udituri;

(b) jeħtieġu li jintwera l-kumpens dwar servizzi mogħtija lil impriża assoċjata tal-kumpannija; u

(ċ) ifissru "impriża assoċjata" għal dak l-għan.

Tneħħija ta' udituri.

157. (1) Minkejja dak kollu li hemm fil-memorandum jew statut tal-kumpannija jew f'xi ftehim ieħor, il-kumpannija tista' f'kull żmien tneħħi uditur mill-kariga bl-istess mod speċifikat fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 140 ta' dan l-Att.

(2) Meta riżoluzzjoni għat-tneħħija ta' uditur tgħaddi f'laqgħa ġenerali ta' kumpannija, il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum tagħti avviż tagħha lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni. Jekk kumpannija tonqos li tagħti l-avviż imsemmi f'dan is-subartikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

(3) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma titqies li ttellef lil persuna mneħħija bis-saħħa tiegħu milli tikseb kumpens għal danni li għandhom jitħallsu lilha dwar it-tmiem tal-ħatra tagħha bħala uditur jew ta' xi ħatra li tintemm ma' dik ta' uditur.

(4) Uditur ta' kumpannija li jkun tneħħa għandu, minkejja t-tneħħija tiegħu, il-jeddijiet mogħtija bl-artikolu 155 dwar xi laqgħa ġenerali tal-kumpannija —

(a) li fiha ż-żmien tal-kariga tiegħu kienet xort'oħra tintemm; jew

(b) li fiha jkun hemm propost li timtela l-vakanza li tinħoloq bit-tneħħija tiegħu.

F'każ bħal dan ir-riferenzi f'dak l-artikolu għal ħwejjeġ li jolqtu uditur bħala uditur għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal ħwejjeġ li jolqtuh bħala l-uditur ta' qabel.

Jeddijiet ta' udituri li jitneħħew u ma jkunux maħtura mill-ġdid.

158. (1) Avviż li jispeċifika t-test u r-raġunijiet għar-riżoluzzjoni proposta ta' laqgħa ġenerali ta' kumpannija li permezz tagħha jkun maħsub —

(a) li tneħħi uditur qabel it-tmiem taż-żmien tal-kariga tiegħu; jew

(b) li taħtar bħala uditur persuna li ma tkunx l-uditur li jkun qed jirtira,

għandu jitbagħat minnufih mill-kumpannija lill-persuna li tkun proposta li titneħħa jew, skond il-każ, lill-persuna proposta li tinħatar, u lill-uditur li jkun qed jirtira.

(2) L-uditur propost li jitneħħa jew, skond il-każ, l-uditur li jkun qed jirtira jista' jagħmel, dwar ir-riżoluzzjoni maħsuba, rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-kumpannija li ma jkunux itwal minn dak li hu xieraq u jitlob li avviż tagħhom jingħata lill-membri tal-kumpannija.

(3) Il-kumpannija għandha, kemm-il darba ma tirċevix ir-rappreżentazzjonijiet tard wisq biex tagħmel hekk —

(a) f'kull avviż tar-riżoluzzjoni mogħti lill-membri tal-kumpannija, tiddikjara l-fatt li jkunu saru r-rappreżentazzjonijiet; u

(b) tibgħat kopja tar-rappreżentazzjonijiet lil kull membru tal-kumpannija li lilu jkun qed jintbagħat jew ikun intbagħat avviż tal-laqgħa.

(4) Jekk kopja ta' rappreżentazzjonijiet bħal dawn ma tintbagħatx kif meħtieġ għax tkun waslet tard jew minħabba nuqqas tal-kumpannija, l-uditur jista', bla ħsara għall-jedd tiegħu li jinstema' verbalment jeħtieġ li r-rappreżentazzjonijiet jinqraw fil-laqgħa.

Riżenja ta' udituri.

159. (1) Uditur ta' kumpannija jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jiddepożita avviż bil-miktub f'dan is-sens fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija u għandu hekk jirriżenja jekk ma jibqax kwalifikat bħala uditur jew jekk jonqos li jissodisfa l-kondizzjonijiet ta' kwalifika provduta fl-artikolu 153 ta' dan l-Att. L-avviż ma jkollux seħħ kemm-il darba ma jkollux miegħu d-dikjarazzjoni meħtieġa bl-artikolu 161 ta' dan l-Att.

(2) Avviż ta' riżenja effettiv jibda jseħħ biex itemm iż-żmien tal-kariga ta' uditur mid-data li fiha jkun depożitat l-avviż jew minn dik id-data l-oħra li tkun speċifikata fih.

(3) Il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum tad-depożitu ta' avviż ta' riżenja tibgħat kopja ta' l-avviż lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni. Fin-nuqqas tat-tħaris ta' dan is-subartikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Jeddijiet ta' udituri li jirriżenjaw.

160. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta l-avviż ta' riżenja ta' l-uditur jkollu miegħu dikjarazzjoni ta' ċirkostanzi li fil-fehma tiegħu għandhom ikunu mgħarrfa lill-membri jew lill-krediturі tal-kumpannija.

(2) L-uditur li jkun qed jirriżenja jista' jiddepożita ma' l-avviż rekwiżizzjoni iffirmata li titlob lid-diretturi tal-kumpannija biex minnufih isejħu laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija sabiex jirċievu u jikkunsidraw dik l-ispjegazzjoni taċ-ċirkostanzi li kellhom x'jaqsmu mar-riżenja tiegħu li hu jkun jixtieq iressaq quddiem il-laqgħa.

(3) L-uditur li jkun qed jirriżenja jista' jitlob lill-kumpannija li tiċċirkola lill-membri tagħha —

(a) qabel il-laqgħa msejħa fuq ir-rekwiżizzjoni tiegħu; jew

(b) qabel kull laqgħa ġenerali li fiha ż-żmien tal-kariga tiegħu kien xort'oħra jintemm jew li fiha jkun hemm propost li timtela l-vakanza li tinħoloq bir-riżenja tiegħu,

dispożizzjoni bil-miktub taċ-ċirkostanzi li għandhom x'jaqsmu marriżenja tiegħu kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Il-kumpannija għandha, kemm-il darba ma tirċevix irrappreżentazzjonijiet tard wisq biex tagħmel hekk —

(a) f'kull avviż tal-laqgħa mogħti lill-membri talkumpannija, tiddikjara l-fatt li tkun saret id-dikjarazzjoni; u

(b) tibgħat kopja tad-dikjarazzjoni lil kull membru talkumpannija li lilu jkun qiegħed jew li jkun intbagħat avviż tallaqgħa.

(5) Jekk id-diretturi fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data tad-depożitu ta' rekwiżizzjoni taħt dan l-artikolu ma jgħaddux biex isejħu b'mod xieraq laqgħa għal jum li ma jkunx iktar tard minn tmienja u għoxrin jum wara d-data li fiha jingħata l-avviż li jsejjaħ il-laqgħa, kull direttur li jkun naqas li jieħu l-passi kollha xierqa biex jiżgura li l-laqgħa tissejjaħ kif intqal fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jista' jeħel penali.

(6) Jekk kopja tad-dikjarazzjoni ma tintbagħatx kif meħtieġ għax tkun waslet tard jew minħabba nuqqas tal-kumpannija l-uditur għandu, bla ħsara għall-jedd tiegħu li jinstema' verbalment, jeħtieġ li ddikjarazzjoni tinqara fil-laqgħa.

(7) Uditur li jkun irriżenja jkollu, minkejja r-riżenja tiegħu, il-jeddijiet mogħtija bl-artikolu 155 ta' dan l-Att dwar kull laqgħa ġenerali tal-kumpannija kif imsemmija fil-paragrafi (a) jew (b) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, u, f'każ bħal dan ir-riferenzi f'dak l-artikolu għal ħwejjeġ li jolqtu l-uditur bħala uditur għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal ħwejjeġ li jolqtu lilu bħala li kien uditur.

Dikjarazzjoni minn persuna li ma tibqax fil-kariga ta' uditur.

161. (1) Meta uditur għal xi raġuni ma jibqax fil-kariga, għandu jiddepożita fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija dikjarazzjoni ta' kull ċirkostanzi li kellhom x'jaqsmu mal-fatt li hu ma baqax fil-kariga li filfehma tiegħu għandhom ikunu mgħarrfa lill-membri jew lill-kredituri tal-kumpannija jew, jekk jidhirlu li ma hemm ebda ċirkostanzi bħal dawk, dikjarazzjoni li ma jkunx hemm.

(2) Fil-każ ta' riżenja, id-dikjarazzjoni għandha tkun preżentata flimkien ma' l-avviż tar-riżenja; fil-każ ta' nuqqas li jkun irid jerġa' jinħatar, id-dikjarazzjoni għandha tkun depożitata mhux inqas minn erbatax-il jum qabel il-laqgħa ġenerali li fiha udituri għandhom ikunu maħtura mill-ġdid; f'kull każ ieħor, id-dikjarazzjoni għandha tkun depożitata mhux iktar tard mit-tmiem taż-żmien ta' erbatax-il jum li jibda mid-data li fiha l-uditur ma jibqax iżomm il-kariga.

(3) Jekk id-dikjarazzjoni tkun ta' ċirkostanzi li l-uditur jitlob li għandha tingħieb għall-attenzjoni tal-membri jew kredituri talkumpannija, il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum middepożitu tad-dikjarazzjoni jew —

(a) tibgħat kopja tagħha lil kull persuna li taħt l-artikolu 178 ta' dan l-Att ikollha l-jedd li jintbagħtilha kopja tal-kontijiet; jew

(b) tagħmel rikors lill-Qorti biex tordna li hemm raġunijiet gravi biżżejjed biex id-dikjarazzjoni ma tkunx ċirkolata.

(4) Jekk il-kumpannija tagħmel rikors lill-Qorti, il-Qorti għandha tinnotifika lill-udituri bir-rikors u għandha tisma' liż-żewġ partijiet qabel ma tiddeċiedi fuq it-talba tal-kumpannija.

(5) Kemm-il darba l-uditur ma jirċevix avviż ta' dak ir-rikors qabel it-tmiem taż-żmien ta' wieħed u għoxrin jum li jibda mill-jum li fih hu jkun iddepożita d-dikjarazzjoni, dan għandu fi żmien sebat ijiem oħra jibgħat kopja tad-dikjarazzjoni lir-Reġistratur.

(6) Jekk il-Qorti tkun sodisfatta li l-uditur ikun qed juża d-dikjarazzjoni biex jikseb pubblikità mhux meħtieġa għal ħaġa defamatorja —

(a) din għandha tordna li ma hemmx għalfejn jintbagħtu kopji tad-dikjarazzjoni; u

(b) hi tista' wkoll tordna li l-ispejjeż tal-kumpannija għar-rikors jitħallsu għal kollox jew f'parti mill-uditur, minkejja li hu ma jkunx parti għar-rikors,

u l-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum mid-deċiżjoni tal-Qorti tibgħat lill-persuni msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu dikjarazzjoni li turi l-effett ta' l-ordni.

(7) Jekk il-Qorti ma tkunx hekk sodisfatta, il-kumpannija għandha fi żmien erbatax-il jum mid-deċiżjoni tal-Qorti —

(a) tibgħat kopja tad-dikjarazzjoni lill-persuni msemmija fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu; u

(b) tavża lill-uditur bid-deċiżjoni tal-Qorti,

u l-uditur għandu fi żmien sebat ijiem minn meta jirċievi dak l-avviż jibgħat kopja tad-dikjarazzjoni lir-Reġistratur.

Reati għal ksur ta' l-artikolu 161.

162. (1) Jekk persuna li ma tibqax iżżomm il-ħatra ta' uditur tonqos mingħajr raġuni xierqa li tħares id-dispożizzjonijet ta' l-artikolu 161 ta' dan l-Att tista' teħel penali.

(2) Fil-proċeduri għal reat taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' jingieb bħala difiża tal-persuna akkużata l-fatt li hi tkun ħadet il-passi kollha xierqa u eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat.

(3) Jekk kumpannija tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 161 ta' dan l-Att, kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali, u għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Kapitolu X — Kontijiet, Verifiki u Prospett Annwali

Tiżmim ta' kotba tal-kontijiet.
Kap. 13

163. (1) Minflok il-ħtiġiet ta' l-artikoli minn 13 sa 18 tal-Kodiċi tal-Kummerċ kumpannija tkun meħtieġa li żżomm kotba xierqa tal-kontijiet dwar —

(a) is-somom kollha miġbura u minfuqa mill-kumpannija u l-ħwejjeġ li dwarhom id-dħul u l-infieq isir;

(b) l-attiv u l-passiv tal-kumpannija;

(ċ) jekk il-kummerċ tal-kumpannija jinvolvi negozju ta' oġġetti —

(i) dikjarazzjonijiet ta' l-i*stocks* miżmum mill-kumpannija f'eghluq iż-żmien tal-kontijiet tal-kumpannija;

(ii) id-dikjarazzjonijiet kollha ta' teħid ta' *stocks* li minn dik id-dikjarazzjoni msemmija fis-sub-paragrafu (i) ta' dan il-paragrafu jkun tħejja jew ikun se jitħejja; u

(iii) ħlief fil-każ ta' oġġetti mibjugħa bħala kummerċ bl-imnut ordinarju, dikjarazzjonijiet ta' l-oġġetti kollha mibjugħa u mixtrija, fejn jintwerew l-oġġetti u x-xerrejja u l-bejjiegħa b'dettall biżżejjed biex dawn kollha jkunu jistgħu jiġu identifikati.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jitqiesu li jinżammu kotba xierqa tal-kontijiet dwar l-imsemmija ħwejjeġ jekk dawk il-kotba jkunu biżżejjed biex juru u jispjegaw t-transazzjonijiet tal-kumpannija u jkunu hekk li —

(a) juru bi preċiżjoni xierqa, f'kull żmien, il-qagħda finanzjarja tal-kumpannija f'dak iż-żmien; u

(b) bihom id-diretturi jkunu jistgħu jiżguraw li kull karta tal-bilanċ u kont ta' qligħ u telf imħejjija taħt dan il-Kapitolu jħarsu l-ħtiġiet ta' dan l-Att.

(3) Il-kotba tal-kontijiet għandhom jinżammu fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija jew f'dak il-post l-ieħor li d-diretturi jidhrilhom xierqa, u għandhom ikunu f'kull ħin miftuħa biex ikunu spezzjonati mill-uffiċjali tal-kumpannija:

Iżda jekk il-kotba tal-kontijiet jinżammu f'post barra minn Malta, għandhom jintbagħtu f'Malta u jinżammu hemmhekk u jkunu f'kull ħin miftuħa għall-ispezzjoni ta' l-uffiċjali tal-kumpannija dawk il-kontijiet u prospetti dwar in-negozju li dwarhom jittrattaw il-kotba tal-kontijiet hekk miżmuma u juru bi preċiżjoni xierqa l-qagħda finanzjarja ta' dak in-negozju f'intervalli ta' mhux iżjed minn sitt xhur u li minnhom ikunu jistgħu jitħejjew, skond dan l-Att, il-karta tal-bilanċ u l-kont ta' qligħ u telf tal-kumpannija.

(4) Kumpannija *parent* li għandha impriża sussidjarja, li dwarha ma japplikawx il-ħtiġiet ta' ħawn fuq, għandha tieħu l-passi kollha xierqa biex tiżgura li l-impriża sussidjarja żżomm dawk il-kotba tal-kontijiet sabiex id-diretturi tal-kumpannija *parent* ikunu jistgħu jiżguraw li kull karta tal-bilanċ u kont ta' qligħ u telf imħejjija jkunu jħarsu l-ħtiġiet ta' dan l-Att.

Kap. 13

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 26 tal-Kodiċi Kummerċjali, ir-*records* tal-kontijiet tal-kumpannija għandhom jinżammu għal żmien għaxar snin:

Iżda meta r-*records* tal-kontijiet ikunu miżmumin f'forma llegata u unifikata, l-għaxar snin jibdew jgħaddu mid-data ta' l-aħħar entratura li tkun saret fihom.

(6) Jekk kumpannija tonqos li tħares xi dispożizzjoni tas-subartikoli minn (1) sa (4) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas ikun ħati ta' reat u jista' jeħel multa ta' mhux aktar minn ħamest elef lira, kemm-il darba ma jurix li jkun aġixxa onestament u li ċ-ċirkostanzi li fihom tmexxa n-negozju tal-kumpannija, in-nuqqas jista' jkun skużat.

(7) Jekk kumpannija tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali.

Żmien ta' riferenza għall-kontijiet u data ta' riferenza għall-kontijiet.

164. (1) Iż-żminijiet tal-kontijiet ta' kumpannija huma stabbiliti b'riferenza għad-data ta' riferenza għall-kontijiet tagħha.

(2) Kumpannija tista' tagħti avviż fil-forma preskritta lir-Reġistratur fejn tispeċifika data fis-sena kalendarja bħala d-data ta' riferenza għall-kontijiet tagħha:

Iżda ebda avviż bħal dak ma jkollu seħħ jekk ma jingħatax qabel it-tmiem ta' disa' xhur li jibdew mid-data tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija; u, fin-nuqqas ta' dak l-avviż, id-data ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija tkun il-wieħed u tletin ta' Diċembru.

(3) L-ewwel żmien ta' riferenza għall-kontijiet ta' kumpannija huwa dak iż-żmien li jagħlaq fid-data ta' riferenza għall-kontijiet tagħha kif jibda fid-data tar-reġistrazzjoni tagħha u li jkun żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux iżjed minn tmintax-il xahar; u kull żmien ieħor suċċessiv ta' tnax-il xahar li jibda wara l-eġħluq ta' l-ewwel żmien ta' riferenza għall-kontijiet u li jagħlaq bid-data ta' riferenza għall-kontijiet huwa wkoll żmien tal-kontijiet tal-kumpannija.

(4) L-ewwel żmien tal-kontijiet ta' kumpannija jibda fl-ewwel jum taż-żmien ta' riferenza tal-kontijiet tagħha u jagħlaq f'data li ma tkunx iktar minn sebat ijiem qabel jew wara it-tmiem ta' dak iż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet skond kif jistabbilixxu d-diretturi. Żminijiet tal-kontijiet sussegwenti jibdew fil-jum li jiġi minnufih wara ż-żmien tal-kontijiet ta' qabel tal-kumpannija u li jagħlaq fid-data li ma tkunx iktar minn sebat ijiem qabel jew wara t-tmiem taż-żmien ta' riferenza tal-kontijiet li jmiss skond kif jistabbilixxu d-diretturi.

(5) Id-diretturi ta' kumpannija *parent* għandhom jiżguraw li, ħlief fejn ikun hemm raġunijiet tajba għaliex m'għandux isir hekk, iż-żmien tal-kontijiet ta' kull waħda mill-impriżi sussidjarji tagħhom għandhu jaqbel maż-żmien tal-kontijiet tal-kumpannija *parent* stess.

Tibdil taż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet.

165. (1) F'kull żmien matul żmien li jkun żmien ta' rifernenza għall-kontijiet ta' kumpannija bis-saħħa ta' l-artikolu 164 jew 166 ta' dan l-Att il-kumpannija tista' tagħti avviż fil-formola preskritta lir-Reġistratur li jispeċifika data fis-sena kalendarja ("id-data l-ġdida ta' riferenza għall-kontijiet") li fiha ż-żmien ta' riferenza tal-kontijiet ("iż-żmien kurrenti ta' riferenza għall-kontijiet") u kull żmien ta' riferenza għall-kontijiet sussegwenti tal-kumpannija jitqies li jagħlaq jew, skond il-każ, li jkun għalaq.

(2) F'kull żmien wara l-egħluq taż-żmien li kien iż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet ta' kumpannija bis-saħħa ta' l-artikolu 164 jew 166 ta' dan l-Att il-kumpannija tista' tagħti avviż fil-formula preskritta lir-Reġistratur li jispeċifika data fis-sena kalendarja ("id-data l-ġdida ta' riferenza għall-kontijiet") u li fiha ż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet ("iż-żmien ta' qabel ta' riferenza għall-kontijiet") u kull żmien ta' riferenza għall-kontijiet sussegwenti tal-kumpannija jitqies li jagħlaq jew, skond il-każ, li jkun għalaq.

(3) Avviż taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu —

(a) ma jkollux seħħ kemm-il darba l-kumpannija ma tkunx impriża sussidjarja jew kumpannija *parent* ta' kumpannija oħra u d-data l-ġdida ta' riferenza tal-kontijiet tkun taqbel ma' dik ta' dik il-kumpannija l-oħra; u

(b) ma jkollux seħħ jekk iż-żmien permess taħt l-artikolu 180 ta' dan l-Att għal kunsinna ta' kontijiet dwar iż-żmien ta' qabel ta' riferenza li għandhom jitqiegħdu quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali jkun diġà għalaq fiż-żmien meta jingħata l-avviż.

(4) Avviż taħt dan l-artikolu għandu jgħid jekk iż-żmien kurrenti jew ta' qabel ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija —

(a) għandux jitqies bħala mqassar, biex jagħlaq jew, skond il-każ, biex jitqies li jkun għalaq fid-data l-ġdida ta' riferenza għall-kontijiet fl-ewwel okkażjoni li tasal jew tkun waslet dik id-data wara l-bidu ta' dak iż-żmien tal-kontijiet; jew

(b) għandux jitqies bħala mtawwal, biex jagħlaq jew, skond il-każ, biex jitqies li jkun għalaq fid-data l-ġdida ta' riferenza għall-kontijiet mat-tieni okkażjoni li tasal jew tkun waslet id-data wara l-bidu ta' dak iż-żmien tal-kontijiet.

(5) Avviż li jgħid li ż-żmien tal-kontijiet kurrenti jew ta' qabel għandu jittawwal ma jkollux seħħ jekk iż-żmien tal-kontijiet kurrenti jew ta qabel, kif imtawwal skond l-avviż, ikun iżjed minn tmintax-il xahar.

(6) Bla ħsara għal kull direzzjoni mogħtija mir-Reġistratur taħt is-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu, avviż li jgħid li ż-żmien tal-kontijiet kurrenti jew ta' qabel għandu jittawwal ma jkollux seħħ jekk —

(a) ebda żmien qabel ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija ma jkun ittawwal bis-saħħa ta' avviż mogħti qabel mill-kumpannija taħt dan l-artikolu; jew

(b) l-avviż jingħata mhux inqas minn ħames snin wara d-data li fiha ż-żmien ta' qabel ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija li kien hekk imtawwal ikun għalaq; jew

(ċ) il-kumpannija tkun impriża sussidjarja jew kumpannija *parent* ta' mpriża oħra u d-data l-ġdida ta' riferenza għall-kontijiet ma tkunx taqbel mad-data ta' riferenza għall-kontijiet ta' dik l-impriża l-oħra.

(7) Ir-Reġistratur jista', jekk jidhirlu xieraq, jordna li s-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu ma japplikax għal avviż li jkun diġà ngħata mill-kumpannija taħt dan l-artikolu jew, skond il-każ, dwar avviż li jista' hekk jingħata.

Konsegwenza ta' għoti ta' avviż taħt l-artikolu 165 ta' dan l-Att.

166. (1) Meta kumpannija tkun tat avviż b'seħħ skond l-artikolu 165 ta' dan l-Att u l-avviż ma jkunx inbidel b'avviż ieħor tal-kumpannija li jiġi wara li jkollu dak l-effett, id-data l-ġdida speċifikata fl-avviż tkun id-data ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija minflok dik li bis-saħħa ta' l-artikolu 165 ta' dan l-Att jew ta' dan l-artikolu, kienet id-data ta' riferenza għall-kontijiet meta jkun ingħata l-avviż.

(2) Meta bis-saħħa ta' avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, data tkun sostitwita minflok oħra bħala d-data ta' riferenza għall-kontijiet ta' kumpannija —

(a) iż-żmien kurrenti jew ta' qabel ta' riferenza għall-kontijiet, imqassar jew imtawwal, skond il-każ, skond l-avviż; u

(b) kull żmien suċċessiv ta' tnax-il xahar li jibda' wara l-eġħluq ta' dak iż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet, kif imqassar jew imtawwal, u li jagħlaq bid-data l-ġdida ta' riferenza għall-kontijiet,

għandu jitqies li kien żmien ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija, minflok xi żmien li kien ikun żmien ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija kieku l-avviż ma ngħatax.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 165 ta' dan l-Att u dawk ta' dan l-artikolu m'għandhomx jolqtu xi żmien ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija li —

(a) fil-każ ta' avviż taħt is-subatikolu (1) ta' l-artikolu 165 ta' dan l-Att ikun qabel iż-żmien kurrenti ta' riferenza għall-kontijiet; jew

(b) fil-każ ta' avviż mogħti taħt is-subatikolu (2) ta' l-artikolu 165 ta' dan l-Att ikun qabel iż-żmien ta' qabel ta' riferenza għall-kontijiet.

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kontenut u l-forma ta' kontijiet individwali.

167. (1) Id-diretturi ta' kull kumpannija għandhom iħejju għal kull żmien ta' kontijiet, kontijiet individwali li jkun fihom karta tal-bilanċ kif tkun fl-aħħar jum taż-żmien tal-kontijiet li għalih tirreferi, il-kont ta' qligħ u telf għal dak iż-żmien, u n-noti tal-kontijiet. Dawn id-dokumenti flimkien għandhom jiffurmaw dokument sħiħ.

(2) Il-kontijiet individwali għandhom isiru b'mod ċar u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u skond il-ħtiġiet tal-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati għal dan l-għan, *standards* ta' kontijiet li jistgħu jiġu applikati minn żmien għal żmien skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* jew, fin-nuqqas tagħhom, skond l-*International Accounting Standards* maħruġa mill-*International Accounting Standards Committee*, għandhom jitqiesu li huma konformi mal-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati. Kap. 281.

(3) Il-kontijiet individwali għandhom juru sewwa u xieraq l-attiv, il-passiv, il-qagħda finanzjarja u profitt jew telf tal-kumpannija u għandhom iħarsu l-ħtiġiet tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att dwar il-forma u l-kontenut tal-karta tal-bilanċ u l-kont ta' qligħ u telf u dwar tagħrif addizzjonali li għandu jkun provdut bħala noti tal-kontijiet.

(4) Meta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma tkunx biżżejjed biex turi stat sewwa u xieraq skond kif imfisser fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, għandu jingħata tagħrif addizzjonali.

(5) Meta f'ċirkostanzi eċċezzjonali l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dan l-Att ma tkunx taqbel ma' l-obbligu stabbilit bis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dik id-dispożizzjoni għandu jkun hemm deroga minnha sabiex jintwera stat sewwa u xieraq skond kif imfisser fl-imsemmi subartikolu (3). Kull deroga għal dik għandha tintwera fin-noti tal-kontijiet flimkien ma' spjegazzjoni għar-raġunijiet li wasslu għaliha u dikjarazzjoni ta' l-effett tagħha fuq l-attiv, il-passiv, il-qagħda finanzjarja u profitt jew telf.

Kontijiet annwali ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji.

168. (1) Minkejja d-dispożizzjoniiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 167 u tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 171 ta' dan l-Att, banek regolati bl-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju u istituzzjonijiet finanzjarji regolati bl-Att ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u kumpanniji ta' assigurazzjoni regolati fl-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni m'għandhomx għalfejn iħarsu d-dispożizzjonijet tat-Tielet u tar-Raba' Skeda li jinsabu ma' dan l-Att. Kap. 290.

(2) Banek u istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jimxu skond id-direttivi maħruġa mill-awtorità kompetenti rilevanti taħt l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju u l-Att ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji rispettivament dwar forma u kontenut tal-kontijiet annwali tagħhom u jekk ma jkunux ħarġu ebda direttivi bħal dawk għandhom jimxu skond kull gwidi maħruġa minn dik l-awtorità kompetenti għal dan l-għan.

Kap. 290.

(3) Kumpanniji ta' assigurazzjoni għandhom jimxu skond id-direttivi maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni dwar forma u kontenut tal-kontijiet annwali tagħhom u jekk ma jkunux ħarġu ebda direttivi bħal dawk għandhom jimxu skond kull gwidi maħruġa minn dik l-awtorità kompetenti għal dan l-għan.

(4) Dispożizzjonijiet speċjali jistgħu jkunu preskritti mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta għall-kontijiet annwali ta' kumpanniji ta' investiment b'kapital fiss u ta' kumpanniji *holding* finanzjarji minflok id-dispożizzjonijiet tat-Tielet u tar-Raba' Skeda li jinsabu ma' dan l-Att.

Kontijiet ta' kumpannija ta' investiment b'kapital varjabbli.

169. (1) Minkejja dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 167 ta' dan l-Att safejn jirreferu għall-applikazzjoni tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att għal kontijiet individwali ta' kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli għandhom iħejju l-kontijiet individwali tagħhom skond il-format muri fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(2) Ir-rapport tad-diretturi ta' kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli għandu jipprovdi tagħrif biżżejjed biex investituri jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni nformata fuq l-iżvilupp ta' l-attivitajiet tal-kumpannija u ta' l-istat finanzjarju tagħha.

(3) Dwar kull ħaġa oħra, il-kontijiet annwali u r-rapport tad-diretturi ta' kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli għandhom jitħejjew skond id-dispożizzjonijet applikabbli b'mod ġenerali għal kumpanniji safejn dawn ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel ta' dan l-artikolu u tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

Dmir li jitħejjew kontijiet konsolidati.

170. (1) Jekk f'eghluq żmien tal-kontijiet, kumpannija tkun kumpannija *parent*, id-diretturi għandhom, barra milli jħejju l-kontijiet individwali ta' dik il-kumpannija, iħejju wkoll kontijiet konsolidati.

(2) Kumpannija *parent* u l-impriżi sussidjarji kollha tagħha għandhom ikunu impriżi li jiġu konsolidati jkunu fejn ikunu l-uffiċċji reġistrati jew l-uffiċċji prinċipali ta' dawk l-impriżi sussidjarji.

(3) Impriża sussidjarja tista' tkun eskluża minn konsolidazzjoni jekk l-inklużjoni tagħha ma tkunx materjali biex jintwera stat sewwa u xieraq; iżda żewġ impriżi sussidjarji jew iżjed jistgħu jkunu esklużi biss jekk ma jkunx materjali meta teħodhom kollha flimkien.

(4) Impriża sussidjarja tista' tkun eskluża minn konsolidazzjoni meta —

(a) restrizzjonijiet serji fit-tul itellfu sostanzjalment l-eżerċizzju tal-jeddijiet tal-kumpannija *parent* fuq l-attiv jew it-tmexxija ta' dik l-impriża; jew

(b) jekk it-tagħrif meħtieġ għall-finijiet li jkun inkluż fil-kontijiet konsolidati ma jkunx jista' jinkiseb mingħajr spiża esaġerata jew dewmien bla bżonn; jew

(ċ) l-interess tal-kumpannija *parent* jinżamm eskluživament bil-ħsieb li wara jerġa' jinbiegħ u l-impriża qabel ma tkunx inkluża fil-kontijiet konsolidati mhejjija mill-kumpannija parent.

Ir-riferenza fil-paragarfu (a) għall-jeddijiet tal-kumpannija *parent* u r-riferenza fil-paragrafu (ċ) għall-interess tal-kumpannija *parent* huma, rispettivament, riferenzi għal jeddijiet u interessi miżmuma mill-kumpannija jew attribwiti lilha għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' dan l-Att li fin-nuqqas tagħhom hi ma kienitx tkun kumpannija *parent*.

(5) Meta l-attivitajiet ta' mpriża jew ta' mpriżi sussidjarji jkunu daqshekk differenti minn dawk ta' mpriżi oħra li għandhom ikunu nklużi fil-konsolidazzjoni li l-inklużjoni tagħhom ma tkunx kompatibbli ma' l-obbligu li jintwera l-istat sewwa u xieraq, dawk l-impriżi għandhom ikunu esklużi mill-konsolidazzjoni. Dan is-subartikolu ma japplikax sempliċement għaliex uħud mill-impriżi huma industrijali, uħud kummerċjali u uħud jipprovdu servizzi, jew għax imexxu attivitajiet industrijali jew kummerċjali li jinvolvu prodotti differenti jew jipprovdu servizzi differenti.

(6) Meta l-impriżi sussidjarji kollha ta' kumpannija *parent* ikunu jaqgħu taħt l-esklużjonijiet ta' hawn fuq, ma jkunu meħtieġa ebda kontijiet konsolidati.

(7) Meta mpriża eskluża mill-konsolidazzjoni skond is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu tkun impriża mhux stabbilita f'Malta l-kontijiet individwali tagħha għandhom ikunu annessi mal-kontijiet konsolidati tal-kumpannija *parent* tradotti fl-Ingliż jew fil-Malti meta l-oriġinal ma jkunx f'waħda minn dawk il-lingwi.

(8) Il-ħtiġiet speċifikati fis-subartikoli minn (1) sa (7) ta' dan l-artikolu huma suġġetti għall-kwalifiki li ġejjin —

(a) impriża ma tkunx meħtieġa li tħejji għall-finijiet ta' dan l-artikolu kontijiet li xort'oħra ma jitħejjewx, u jekk ebda kontijiet li jissodisfaw l-imsemmija ħtiġiet ma jitħejjew ebda minnhom ma għandhom għalfejn ikunu annessi;

(b) dokument m'għandux għalfejn ikun anness jekk xort'oħra ma jkunx meħtieġ li jkun pubblikat, jew li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' spezzjoni pubblika, x'imkien fid-dinja, iżda f'dak il-każ ir-raġuni għax ma kienx anness għandha tissemma' f'nota tal-kontijiet tal-kumpannija;

(ċ) meta mpriża u l-impriżi sussidjarji kollha tagħha jkunu esklużi mill-konsolidazzjoni skond is-subartikolu (6) ta' dan l-artikolu, il-kontijiet ta' dawk mill-impriżi sussidjarji ta' dik l-impriża li huma nklużi fil-kontijiet konsolidati tagħha m'għandhomx għalfejn ikunu annessi.

Forma u kontenut ta' kontijiet konsolidati.

171. (1) Kontijiet konsolidati għandhom jinkludu l-karta tal-bilanċ konsolidata kif tkun fl-aħħar jum taż-żmien tal-kontijiet li għalih tirreferi, il-kont ta' qligħ u telf konsolidat għal dak iż-żmien, u n-noti tal-kontijiet konsolidati. Dawn id-dokumenti flimkien għandhom jiffurmaw dokument sħiħ.

(2) Kontijiet konsolidati għandhom isiru b'mod ċar u skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u skond il-ħtiġiet tal-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati. Għal dan il-għan, *standards* ta' kontijiet li jistgħu jiġu applikati minn żmien għal żmien skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* jew, fin-nuqqas tagħhom, skond *International Acounting Standards* maħruġa mill-*International Accounting Standards Committee,* għandhom jitqiesu li huma konformi mal-prinċipji u l-prattika ta' kontijiet ġeneralment aċċettati.

Kap. 281.

(3) Il-kontijiet konsolidati għandhom juru l-istat sewwa u xieraq ta' l-attiv, tal-passiv, tal-qagħda finanzjarja u tal-qligħ jew telf ta' l-impriżi li jkunu mdaħħlin fihom bħala oġġett sħiħ.

(4) Meta l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma tkunx biżżejjed biex turi l-istat sewwa u xieraq skond kif imfisser fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, għandu jingħata tagħrif addizzjonali.

(5) Meta f'każijiet eċċezzjonali l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni ta' dan l-Att ma tkunx taqbel ma' l-obbligu stabbilit bis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, għandu jkun hemm deroga minnha sabiex jintwera l-istat sewwa u xieraq skond kif imfisser fl-imsemmi subartikolu (3). Kull deroga bħal dik għandha tintwera fin-noti tal-kontijiet konsolidati flimkien ma' spjegazzjoni tar-raġunijiet li wasslu għaliha u dikjarazzjoni ta' l-effett tagħha fuq l-attiv, il-passiv, il-qagħda finanzjarja u l-qliegħ u telf.

(6) Kontijiet konsolidati għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att dwar il-forma u l-kontenut tal-karta tal-bilanċ konsolidata u tal-kont tal-qligħ u telf konsolidat u dwar tagħrif addizzjonali li għandu jkun provdut bħala noti tal-kontijiet konsolidati.

Eżenzjoni għal kumpanniji *holding* finanzjarji.

172. (1) Kumpannija *parent* li tkun kumpannija *holding* finanzjarja tkun eżentata mill-ħtieġa li tħejji kontijiet konsolidati jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin —

(a) ma tkunx indaħlet matul iż-żmien tal-kontijiet, la direttament u lanqas indirettament, fit-tmexxija ta' mpriża sussidjarja;

(b) ma tkunx eżerċitat il-jeddijiet tal-vot marbuta ma' l-interess parteċipanti tagħha dwar il-ħatra ta' membru tal-bord tad-diretturi ta' l-impriża sussidjarja matul iż-żmien tal-kontijiet matul il-ħames żminijiet tal-kontijiet ta' qabel; jew, meta l-eżerċizzju tal-jeddijiet tal-vot kien meħtieġ għat-thaddim tal-bord tad-diretturi ta' l-impriża sussidjarja, l-imsemmija jeddijiet tal-vot kienu

eżerċitati mingħajr ebda indħil jew influwenza minn naħa tal-kumpannija *parent* jew minn naħa ta' xi waħda mill-impriżi sussidjarji tagħha, u:

(i) ebda membru b'jeddijiet tal-vot b'maġġoranza f'dik il-kumpannija *parent*; jew

(ii) ebda membru tal-bord tad-diretturi ta' dik il-kumpannija *parent*; jew

(iii) ebda membru tal-bord tad-diretturi ta' membru b'jeddijiet tal-vot b'maġġoranza f'dik il-kumpannija *parent;*

ma jkun membru tal-bord tad-diretturi ta' l-impriża sussidjarja;

(ċ) tkun għamlet self biss lill-impriżi li fihom ikollha interessi parteċipanti kemm-il darba jekk dak is-self ikun sar lill-partijiet oħra, dan irid ikun tħallas lura sa għeluq iż-żmien tal-kontijiet ta' qabel; u

(d) l-eżenzjoni tkun ingħatat mir-Reġistratur wara li jkun ivverifika li l-kondizzjonijiet imsemmija f'dan is-subartikolu jkunu ġew sodisfatti.

(2) Kumpannija *holding* finanzjarja li tkun eżentata mill-ħtieġa li tħejji kontijiet konsolidati skond id-dispożizzjoniiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, tkun ukoll eżentata mill-ħtieġa li tipprovdi t-tagħrif stabbilit fil-paragrafu 32 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att fil-każ li l-*holding* ma tkunx *holding* b'maġġoranza:

Iżda dik l-eżenzjoni mill-ħtieġa li tipprovdi t-tagħrif stabbilit fil-paragrafu 32 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha testendi wkoll għall-*holding* b'maġġoranza fejn fil-fehma tad-diretturi l-wiri meħtieġ ikun hekk li jista' jkun ta' preġudizzju għall-kumpannija, għall-membri tagħha jew għal waħda mis-sussidjarji tagħha. Meta jitħalla barra xi tagħrif wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-proviso, dik it-tħollija barra għandha tintwera fin-noti tal-kontijiet.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artiklu, il-kliem "bord tad-diretturi" tinkludi l-organu tat-tmexxija jew amministrattiv ta' mpriża, ikun x'ikun imsemmi, iffurmat f'Malta jew x'imkien ieħor u li ma jkunx kumpannija iffurmata u reġistrata f'Malta.

Kontijiet konsolidati — eżenzjoni minħabba daqs.

173. (1) Kumpannija *parent* tkun eżentata mill-ħtiġiet li tħejji kontijiet konsolidati jekk fid-data tal-karta tal-bilanċ tagħha l-impriżi li għandhom ikunu konsolidati ma jkunux jeċċedu b'kollox, fuq il-bażi ta' l-aħħar kontijiet individwali tagħhom, il-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji stabbiliti fl-artikolu 185 ta' dan l-Att:

Iżda ebda waħda minn dawk l-impriżi li għandhom ikunu konsolidati ma' tkun kumpannija li s-sigurtajiet tagħha jkunu aċċettati fil-lista uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "sigurtajiet" tinkludi —

(a) azzjonijiet u *stocks;*

(b) obbligazzjonijiet, inkluži *stock* ta' obbligazzjonijiet, *stock* ta' self, *bonds,* ċertifikati ta' depożitu u dokumenti oħra li joħolqu jew jirrikonoxxu debitu;

(ċ) *warrants* jew dokumenti oħra li jagħtu l-jedd lid-detentur li jissottoskrivi għal sigurtajiet li jaqgħu taħt il-paragrafu (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu; u

(d) ċertifikati jew dokumenti oħra li jagħtu —

(i) jeddijiet ta' proprjetà dwar sigurtà li taqa' taħt il-paragrafu (a), (b) jew (ċ) ta' dan is-subartikolu;

(ii) kull jedd għall-akkwist, disponiment ta', sottoskrizzjoni jew konverżjoni ta' sigurtà liema jedd id-detentur kien ikollu dritt għalih li kieku kien id-detentur ta' dik is-sigurtà li għalih jirreferi ċ-ċertifikat jew dokument ieħor; jew

(iii) jedd kontrattwali, barra minn *option*, għall-akkwist ta' xi sigurtà bħal dik barra milli bis-sottoskrizzjoni.

Eżenzjoni ta' kumpanniji *parent* inklużi fil-kontijiet ta' gruppi ikbar.

174. (1) Kumpannija *parent* tkun eżentata mill-ħtieġa li tħejji kontijiet konsolidati jekk hi nnifisha tkun kumpannija sussidjarja fil-każijiet li ġejjin —

(a) jekk l-imsemmija kumpannija *parent* tkun kumpannija sussidjarja li għal kollox tkun proprjetà ta' kumpannija *parent* immedjata iffurmata u irreġistrata taħt il-liġi ta' Malta; jew

(b) meta aktar minn ħamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet fl-imsemmija kumpannija *parent* ikunu miżmuma minn kumpannija *parent* u avviż li jitlob it-tħejjija ta' kontijiet konsolidati ma jkunx ingħata lill-ewwel kumpannija msemmija mill-azzjonisti li flimkien ikollhom mhux inqas minn għaxra fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet kollha tal-kumpannija. Dak l-avviż ma jkunx validu kemm-il darba ma jingħatax mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-bidu taż-żmien tal-kontijiet li għalih jirriferi.

(2) L-eżenzjoni imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun suġġetta għat-tħaris tal-kondizzjonijiet kollha li ġejjin —

(a) li fil-każ li kumpannija *parent* li tkun kumpannija sussidjarja ta' kumpannija *parent* iffurmata u reġistrata taħt il-liġi ta' Malta, dik il-kumpannija tkun inkluża fil-kontijiet konsolidati ta' grupp akbar li jkunu saru sa l-istess data, jew sa data qabel fl-istess żmien ta' kontijiet, minn kumpannija *parent* iffurmata u rreġistrata taħt il-liġi ta' Malta;

(b) li fil-każ ta' kumpannija *parent* li tkun kumpannija sussidjarja ta' mpriża *parent* li ma tkunx stabbilita taħt il-liġi ta' Malta, l-impriża eżentata tkun inkluża fil-kontijiet konsolidati ta' grupp akbar li jkunu saru sa l-istess data, jew sa data qabel fl-istess żmien tal-kontijiet, kemm-il darba dawk il-kontijiet konsolidati u r-rapport tad-diretturi dwarhom jkunu saru b'mod ekwivalenti għal dawk preskritti b'dan l-Att u jkunu ġew verifikati minn persuna jew persuni awtorizzati li jivverifikaw kontijiet taħt il-liġi nazzjonali li tikkontrolla l-impriża li tkun għamlithom;

(ċ) li l-imsemmija kumpannija *parent* turi fil-kontijiet individwali tagħha li hi eżentata mill-obbligu li tħejji u tikkonsenja kontijiet konsolidati;

(d) li l-imsemmija kumpannija *parent* tagħti fil-kontijiet individwali tagħha l-isem ta' l-impriża *parent* li tagħmel il-kontijiet konsoldiati imsemmija fil-paragrafu (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu;

(e) li l-imsemmija kumpannija *parent* tikkonsenja lir-Reġistratur fiż-żmien permess għall-konsenja tal-kontijiet individwali tagħha, kopji ta' dawk il-kontijiet konsolidati imsemmija fil-paragrafu (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu, u tar-rapport tad-diretturi jew ekwivalenti tiegħu flimkien mar-rapport ta' l-udituri dwarhom ta' l-impriża *parent*; u

(f) li jekk xi dokument inkluż fil-kontijiet u fir-rapporti konsenjati skond il-paragrafu (e) ikun f'xi lingwa oħra barra l-Malti jew l-Ingliż, għandu jkun hemm anness mal-kopja ta' dak id-dokument konsenjat traduzzjoni għall-Malti jew għall-Ingliż, ċertifikata bħala traduzzjoni korretta, b'dak il-mod li jista' jkun preskritt.

(3) Din l-eżenzjoni ma tapplikax għal kumpannija *parent* li xi whud mis-sigurtajiet tagħha jkunu fil-lista uffiċjali tal-Borża ta' Malta.

(4) Azzjonijiet miżmuma minn diretturi ta' kumpannija sabiex ikun hemm tħaris ta' xi ħtieġa għal kwalifika ta' azzjonijiet m'għandhomx ikunu kalkolati sabiex ikun stabbilit għall-finijiet tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk il-kumpannija tkunx sussidjarja għal kollox ta' kumpannija.

(5) Għall-finijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu azzjonijiet li jkunu miżmuma minn impriża sussidjarja li tkun għal kollox proprjetà ta' impriża *parent*, jew miżmuma f'isem il-kumpannija *parent* jew impriża sussidjarja li tkun għal kollox proprjetà tal-kumpannija *parent*, għandhom ikunu attribwiti lill-kumpannija *parent*.

(6) Għall-finijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu "sigurtajiet" għandu jkollha l-istess tifsir kif imsemmi fis-subartikolu (2) tal-artikolu 173 ta' dan l-Att.

Wiri meħtieġ fin-noti tal-kontijiet.

175. (1) Meta l-kumpannija ma tkunx meħtieġa li tħejji kontijiet konsolidati, it-tagħrif speċifikat fit-Taqsima III tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att, għandu jingħata fin-noti tal-kontijiet individwali; u meta l-kumpannija tkun meħtieġa li tħejji kontijiet konsolidati, it-tagħrif li għandu jingħata permezz ta' noti fil-kontijiet konsolidati kif speċifikat fir-Raba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandu jingħata.

(2) Jekk id-diretturi tal-kumpannija jkunu tal-fehma li n-numru ta' mpriżi li dwarhom kumpannija tkun meħtieġa li turi tagħrif taħt xi dispożizzjoni tat-Tielet u tar-Raba' Skeda li jinsabu ma' dan l-Att ikunu hekk li t-tħaris ta' dik id-dispożizzjoni jirriżulta f'tagħrif li jkun twil iż-żejjed, it-tagħrif jista' jingħata biss dwar —

(a) il-kumpanniji li r-riżultati jew il-qagħda finanzjarja tagħhom, fil-fehma tad-diretturi, laqtu prinċipalment il-figuri murija fil-kontijiet annwali tal-kumpannija; u

(b) kumpanniji esklużi mill-konsolidazzjoni taħt is-subartikolu (3) jew (4) ta' l-artikolu 170 ta' dan l-Att.

(3) F'kull każ fejn id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu japplikaw —

(a) għandha tkun inkluża fin-noti tal-kontijiet annwali tal-kumpannija dikjarazzjoni li t-tagħrif qed jingħata biss dwar dawk il-kumpanniji li huma msemmija f'dak is-subartikolu; u

(b) it-tagħrif kollu kemm dak li jintwera fin-noti tal-kontijiet jew fin-noti tal-kontijiet konsolidati jew le, għandu jkun anness mal-prospett annwali li jmiss tal-kumpannija.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "prospett annwali li jmiss", tfisser dak il-prospett konsenjat lir-Reġistratur wara li l-kontijiet annwali msemmija f'dan l-artikolu jkunu approvati taħt l-artikolu 176 ta' dan l-Att.

Approvazzjoni u firma ta' kontijiet annwali.

176. (1) Il-kontijiet annwali ta' kumpannija għandhom ikunu approvati mill-bord tad-diretturi u l-karta tal-bilanċ għandha tkun iffirmata u datata f'isem il-bord minn żewġ diretturi tal-kumpannija.

(2) Kull kopja tal-karta tal-bilanċ li titqiegħed quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew li tkun xort'oħra ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, għandha turi l-isem tal-persuna jew persuni li ffirmaw il-karta tal-bilanċ f'isem il-bord.

(3) Il-kopja tal-karta tal-bilanċ tal-kumpannija li għandha tkun konsenjata lir-Reġistratur għandha tkun iffirmata f'isem il-bord mill-istess diretturi li jkunu ffirmaw il-karta tal-bilanċ skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Jekk ikunu approvati kontijiet annwali li ma jkunux iħarsu l-ħtiġiet ta' dan l-Att, kull direttur tal-kumpannija li jkun parti fl-approvazzjoni tagħhom u li jkun jaf li dawn ma jkunux iħarsu l-ħtiġiet jew li jittraskura li jara li jkunu jaqblu mal-ħtiġiet jista' jeħel penali. Għal dan l-għan kull direttur tal-kumpannija li jkun hemm fil-ħin ta' l-approvazzjoni tal-kontijiet jitqies li kien parti fl-approvazzjoni tagħhom kemm-il darba ma jippruvax li jkun ħa l-passi xierqa kollha biex ma jħallix li dawn ikunu approvati.

(5) Jekk kopja tal-kontijiet —

(a) titqiegħed quddiem il-kumpannija, jew xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b'dan l-artikolu jew mingħajr ma jintwera kif meħtieġ isem il-firmatarju; jew

(b) tkun konsenjata lir-Reġistratur mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b'dan l-artikolu;

kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali.

X'ikun fih ir-rapport tad-diretturi.

177. (1) Għal kull żmien tal-kontijiet id-diretturi għandhom iħejju rapport, hawnhekk iżjed il-quddiem imsejjaħ "ir-rapport tad-diretturi".

(2) Ir-rapport tad-diretturi għandu juri l-ismijiet tal-persuni li, f'xi żmien matul iż-żmien tal-kontijiet, kienu diretturi tal-kumpannija u l-attivitajiet prinċipali tal-kumpannija u tas-sussidjarja tagħha matul is-sena u kull tibdil sinifikanti f'dawk l-attivitajiet fis-sena.

(3) Ir-rapport tad-diretturi għandu wkoll iħares is-Sitt Skeda li tinsab ma' dan l-Att dwar il-ħwejjeġ li għandhom jintwerew kif hemmhekk imsemmija.

(4) Fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li kienet direttur tal-kumpannija minnufih qabel l-egħluq taż-żmien biex jitqiegħdu l-kontijiet għaż-żmien tal-kontijiet li jkun, tista' teħel penali. Fil-proċedimenti kontra persuna taħt dan is-subartikolu, dik il-persuna tista' ġġib bħala prova li tkun ħadet il-passi raġonevoli kollha biex tiżgura tħaris mal-ħtiġiet ta' dan l-artikolu.

Approvazzjoni u firma tar-rapport tad-diretturi.

178. (1) Ir-rapport tad-diretturi għandu jkun approvat mill-bord tad-diretturi u ffirmat u datat f'isem il-bord minn direttur jew mis-segretarju tal-kumpannija.

(2) Kull kopja tar-rapport tad-diretturi li titqiegħed quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew li xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, għandha turi isem il-persuna li tkun iffirmatha f'isem il-bord.

(3) Il-kopja tar-rapport tad-diretturi li tkun konsenjata lir-Reġistratur għandha tkun iffirmata u datata f'isem il-bord minn direttur jew mis-segretarju tal-kumpannija.

(4) Jekk kopja tar-rapport tad-diretturi —

(a) titqiegħed quddiem il-kumpannija, jew xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, mingħajr ma r-rapport ikun iffirmat kif meħtieġ b'dan l-artikolu jew mingħajr ma jintwera kif meħtieġ isem il-firmatarju; jew

(b) tkun konsenjata lir-Reġistratur mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b'dan l-artikolu;

kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali.

Rapport ta' l-uditur.

179. (1) L-udituri ta' kumpannija għandhom jagħmlu rapport lill-membri tal-kumpannija fuq il-kontijiet annwali kollha tal-kumpannija li kopji tagħhom jitqiegħdu quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali waqt iż-żmien tal-kariga tagħhom.

(2) Ir-rapport ta' l-udituri għandu jkun fih dikjarazzjoni jekk fil-fehma ta' l-udituri l-kontijiet annwali jkunux tħejjew sewwa skond dan l-Att, u b'mod partikolari jekk jurux stat sewwa u xieraq —

(a) fil-każ ta' karta tal-bilanċ individwali, tal-qagħda tal-kumpannija fl-aħħar taż-żmien tal-kontijiet;

(b) fil-każ ta' kont individwali ta' qligħ u telf, tal-qligħ jew telf tal-kumpannija għaż-żmien tal-kontijiet;

(ċ) fil-każ ta' kontijiet konsolidati, tal-qagħda fl-aħħar taż-żmien tal-kontijiet, u l-qligħ jew telf għaż-żmien tal-kontijiet, ta' l-impriżi li jkunu nklużi fil-konsolidazzjoni bħala oġġett sħiħ, safejn ikun jolqot il-membri tal-kumpannija.

(3) L-udituri għandhom jikkonsidraw jekk it-tagħrif mogħti fir-rapport tad-diretturi għaż-żmien tal-kontijiet li għalih jitħejjew il-kontijiet annwali jkunx jaqbel ma' dawk il-kontijiet; u jekk ikunu tal-fehma li dawn ma jkunux għandhom jiddikjaraw dan il-fatt fir-rapport tagħhom.

(4) Ir-rapport ta' l-udituri għandu jiddikjara l-ismijiet ta' l-udituri u jkun iffirmat u datat minnhom.

(5) Kull kopja tar-rapport ta' l-udituri li titqiegħed quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jew li xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, għandha turi l-isem jew l-ismijiet ta' l-udituri.

(6) Il-kopja tar-rapport ta' l-udituri li tkun konsenjata lir-Reġistratur għandha turi l-ismijiet ta' l-udituri u tkun iffirmata minnhom.

(7) Jekk kopja tar-rapport ta' l-udituri —

(a) titqiegħed quddiem il-kumpannija, jew xort'oħra tkun ċirkolata, pubblikata jew maħruġa, mingħajr ma jintwerew l-ismijiet ta' l-udituri kif meħtieġ; jew

(b) tkun konsenjata lir-Reġistratur mingħajr ma jintwerew l-ismijiet ta' l-udituri kif meħtieġ jew mingħajr ma tkun iffirmata kif meħtieġ b'dan l-artikolu;

kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali.

(8) Riferenzi f'dan l-artikolu għal firma mill-udituri jirreferu, meta l-kariga ta' uditur tkun miżmuma minn soċjetà, għall-firma tas-soċju jew soċji individwali li jiffirmaw f'isem is-soċjetà u awtorizzati li jiffirmaw f'isimha.

Lil min għandhom jintbagħtu l-kontijiet ta' kumpannija.

180. (1) Fil-każ ta' kull kumpannija, kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija għaż-żmien tal-kontijiet għandha, mhux inqas minn erbatax-il jum qabel id-data tal-laqgħa li fiha jkun se jitqiegħdu quddiemha skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 181 ta' dan l-Att, tintbagħat lil kull waħda minn dan il-persuni —

(a) kull membru tal-kumpannija;

(b) kull detentur ta' l-obbligazzjonijiet tal-kumpannija; u

(ċ) il-persuni kollha barra minn membri u detenturi ta' obbligazzjonijiet, li jkollhom jedd jirċievu avviż ta' laqgħat ġenerali.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kopji tal-kontijiet annwali għandhom kemm-il darba l-memorandum jew l-istatut ma jipprovdux xort'oħra, ma jkunux meħtieġa li jintbagħtu lid-detentur ta' azzjonijiet li ma jkollux jedd li jirċievi avviżi għal laqgħat ġenerali.

(3) Jekk kopji tal-kontijiet annwali jintbagħtu inqas minn erbatax-il jum qabel id-data tal-laqgħa, dawn għandhom, minkejja dan il-fatt, jitqiesu li ntbagħtu kif imiss jekk ikun hekk miftiehem mill-membri kollha li jkollhom jedd jattendu għal-laqgħa li jkunu rċevewhom tard.

(4) Fin-nuqqas tat-tħaris tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija u kull uffiċjal li jkun naqas jista' jeħel penali.

(5) Kull membru ta' kumpannija u kull detentur ta' obbligazzjonijiet tal-kumpannija, sew jekk ikollu jew ma jkollux jedd li jintbagħtu kopji tal-kontijiet annwali tal-kumpannija, ikollu jedd li jingħata, fuq talba u mingħajr ħlas, kopja ta' l-aħħar kontijiet annwali tagħha mqegħda quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

(6) Jekk, meta persuna titlob dokument li għandha jedd għalih b'dan l-artikolu, ma tintlaqax it-talba fi żmien sebat ijiem minn meta tkun saret, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Id-diretturi jqiegħdu l-kontijiet quddiem il-laqgħa ġenerali.

181. (1) Dwar kull żmien ta' kontijiet ta' kumpannija d-diretturi għandhom iqiegħdu quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali għall-approvazzjoni kopji tal-kontijiet annwali tal-kumpannija għal dak iż-

żmien. Għandhom jitwaħħlu mal-kontijiet annwali, ir-rapport ta' l-udituri kif speċifikat fl-artikolu 179 ta' dan l-Att u r-rapport tad-diretturi kif speċifikat fl-artikolu 177 ta' dan l-Att.

(2) Ir-rapport ta' l-udituri għandu jinqara quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali, u jkun jista' jiġi spezzjonat minn kull membru tal-kumpannija.

(3) Fin-nuqqas tat-tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew jekk il-kontijiet li jitqiegħdu quddiem il-kumpannija ma jkunux iħarsu l-ħtiġiet ta' dan l-Att, kull persuna li minnufih qabel l-egħluq taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet kienet direttur tal-kumpannija tista' teħel penali u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

(4) Persuna akkużata taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu tista' ġġib bħala prova li hi tħun ħadet il-passi kollha xierqa sabiex tiżgura t-tħaris tal-ħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu qabel l-egħluq taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet. Ma tkunx tista' ġġib bħala prova li d-dokument jew id-dokumenti fil-kwistjoni ma kienux fil-fatt imħejjija kif meħtieġ b'dan l-Att.

Żmien għat-tqegħid u approvazzjoni ta' kontijiet.

182. (1) Iż-żmien permess għat-tqegħid u approvazzjoni mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali tal-kontijiet annwali tal-kumpannija għal żmien tal-kontijiet huwa kif se jingħad f'dan l-artikolu.

(2) Bla ħsara għas-subartikoli li ġejjin ta' dan l-artikolu, iż-żmien permess huwa —

(a) fil-każ ta' kumpannija privata, għaxar xhur wara li jagħlaq iż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet rilevanti; u

(b) fil-każ ta' kumpannija pubblika, seba' xhur wara l-egħluq ta' dak iż-żmien.

(3) Jekk kumpannija tmexxi negozju, jew ikollha interessi, barra minn Malta u dwar żmien ta' kontijiet, id-diretturi qabel l-egħluq taż-żmien permess bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, għandhom jagħtu avviż lir-Reġistratur fuq il-formula preskritta —

(a) fejn jiddikjaraw li l-kumpannija hekk tmexxi negozju jew ikollha dawk l-interessi; u

(b) fejn jitolbu li ż-żmien hekk permess jittawwal bi tliet xhur oħra;

iż-żmien permess dwar dak iż-żmien ta' kontijiet għandu hekk jittawwal.

(4) Meta l-ewwel żmien tal-kontijiet tal-kumpannija ikun żmien ta' iktar minn tnax-il xahar mid-data tar-reġistrazzjoni tagħha, iż-żmien li xort'oħra jkun permess għat-tqegħid quddiem il-kumpannija u l-approvazzjoni f'laqgħa ġenerali ta' kontijiet annwali jitnaqqas bin-

numru ta' jiem li bihom iż-żmien tal-kontijiet rilevanti jkun itwal minn tnax-il xahar. Iżda, iż-żmien permess mhux qed jitnaqqas b'din id-dipożizzjoni għal inqas minn tliet xhur wara t-tmiem ta' dak iż-żmien tal-kontijiet.

(5) Meta ż-żmien tal-kontijiet rilevanti ta' kumpannija jkun tnaqqas minħabba tibdil fid-data ta' riferenza tal-kontijiet, iż-żmien permess għat-tqegħid u konsenja tal-kontijiet huwa —

(a) iż-żmien permess skond is-subartikoli minn (2) sa (4) ta' dan l-artikolu; jew

(b) iż-żmien ta' tliet xhur li jibda bid-data ta' avviż mogħti lir-Reġistratur meta jkun ingħata avviż lir-Reġistratur biex jinbidlu d-dati tal-kontijiet;

skond liema wieħed minn dawk iż-żminijiet jagħlaq l-aħħar.

Kopji tal-kontijiet jingħataw lir-Reġistratur.

183. (1) Id-diretturi ta' kumpannija għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni kopja tal-kontijiet annwali tal-kumpannija imqegħda quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali kif speċifikat fl-artikolu 181 ta' dan l-Att flimkien ma' kopja tar-rapport ta' l-udituri dwarhom, u r-rapport tad-diretturi li jkun mal-kontijiet annwali fi żmien tnejn u erbgħin jum mit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet preskritt bl-artikolu 182 ta' dan l-Att.

(2) Meta, skond l-artikolu 185 ta' dan l-Att, kumpannija tikkwalifika biex tagħmel kontijiet imqassra dwar żmien ta' kontijiet id-diretturi tal-kumpannija jistgħu jikkonsenjaw lir-Reġistratur kontijiet imqassra dwar dak iż-żmien ta' kontijiet u dik il-konsenja tissodisfa l-obbligu tal-kumpannija taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu:

Iżda meta l-kumpannija li tikkwalifika li tagħmel kontijiet imqassra tkun kumpannija eżentata, din tista' tikkonsenja lir-Reġistratur il-karta tal-bilanċ tagħha mqassra, in-noti għall-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-udituri mingħajr il-kont tal-qligħ u telf u r-rapport tad-diretturi.

(3) Meta kumpannija, li tkun kumpannija *parent,* tħejji kontijiet konsolidati skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att din ma għandhiex għalfejn tinkludi kopja tal-kont tal-qligħ u telf tagħha mal-kontijiet li għandhom ikunu konsenjati lir-Reġistratur kif preskritt fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin —

(a) l-applikazzjoni ta' din l-eżenzjoni tintwera fin-noti tal-kontijiet tal-kumpannija *parent* u fin-noti tal-kontijiet konsolidati; u

(b) il-qligħ jew telf tal-kumpannija *parent,* stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għandu jintwera separat jew fuq il-karta tal-bilanċ tal-kumpannija *parent* jew fin-noti tal-kontijiet tal-kumpannija *parent.*

(4) Jekk xi dokument li jkun parti mill-kontijiet ikun f'xi lingwa barra l-Malti jew l-Ingliż, il-kumpannija għandha tgħaqqad malkopja ta' dak id-dokument ikkonsenjat traduzzjoni tiegħu jew bil-Malti jew bl-Ingliż, ċertifikata bħala traduzzjoni korretta f'dak il-mod li jista' jkun preskritt.

(5) Fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, jew meta l-kontijiet konsenjati lir-Reġistratur ma jħarsux id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra. Fil-proċedimenti taħt dan is-subartikolu ma tistax tingieb prova middifiża li d-dokument jew id-dokumenti fil-kwistjoni ma kienux fil-fatt imħejjija kif meħtieġ b'dan l-Att.

Prospett annwali.

184. (1) Kull kumpannija għandha tagħmel prospett fil-forma murija fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att li juri l-ħwejjeġ fiha indikati kif kienu fit-tmiem taż-żmien għat-tqegħid tal-kontijiet preskritt bl-artikolu 182 ta' dan l-Att:

Iżda —

(a) kumpannija ma għandhiex għalfejn tagħmel prospett skond dan is-subartikolu jew fis-sena tar-reġistrazzjoni tagħha jew, jekk ma tkunx meħtieġa bl-artikolu 128 ta' dan l-Att li żżomm laqgħa ġenerali matul is-sena ta' wara, f'dik is-sena;

(b) meta kumpannija tkun bidlet xi azzjonijiet tagħha f'xi *stock* u tkun irreġistrat il-bdil kif provdut fl-artikolu 79 ta' dan l-Att, il-lista tal-membri ta' qabel u preżenti murija fit-Taqsima 3 tas-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tiddikjara l-ammont ta' *stock* miżmum minn kull wieħed mill-membri eżistenti minflok l-ammont ta' azzjonijiet u l-partikolaritajiet dwar azzjonijiet meħtieġa b'dik il-parti;

(ċ) il-prospett jista', f'kull sena, jekk il-prospett għal kull waħda mis-sentejn li jaħbtu minnufih qabel ikun ħa bħala d-data ta' dak il-prospett il-partikolaritajiet kollha meħtieġa bit-Taqsima 3 tas-Seba' Skeda li tinsab ma' dan l-Att li huma l-lista tal-membri ta' qabel u t'issa, jagħti biss dawk il-partikolaritajiet meħtieġa b'dak il-paragrafu li jirreferu għal persuni li ma jibqgħux jew li jsiru membri sa mid-data ta' l-aħħar prospett u għal azzjonijiet trasferiti minn dik id-data jew għal bdil kif imqabbla ma' dik id-data fl-ammont ta' *stock* miżmum minn membru.

(2) Il-prospett annwali, mimli kif imiss, għandu jkun iffirmat minn għall-anqas direttur wieħed tal-kumpannija jew mis-segretarju tal-kumpannija u jintbagħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni fi żmien tnejn u erbgħin jum mill-egħluq taż-żmien għat-tqegħid ta' kontijiet preskritt bl-artikolu 182 ta' dan l-Att.

(3) Fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Eżenzjonijiet għal kumpanniji żgħar.

185. (1) Kumpanniji li fid-dati tal-karta tal-bilanċ tagħhom ma jeċċedux il-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin:

— total tal-karta tal-bilanċ: miljun u mitt elf lira;

— *turnover* nett: żewġ miljuni u mitejn elf lira;

— numru medja ta' mpjegati matul iż-żmien tal-kontijiet: ħamsin;

jistgħu jagħmlu karti tal-bilanċ imqassra u formati mqassra tal-kont ta' qligħ u telf, kif imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u noti mqassra għall-kontijiet kif imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-kelma "imqassra" —

(a) meta wżata dwar karta tal-bilanċ tfisser versjoni mqassra tal-karta tal-bilanċ, li turi biss dawk l-oġġetti li ngħatalhom ittra jew numru Roman fil-formati tal-karta tal-bilanċ murija taħt it-Taqsima I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att, minnufih wara l-paragrafu 13 taħt l-intestatura "Formati tal-Karta tal-Bilanċ", iżda dik il-versjoni għandha, dwar kull ħaġa oħra, taqbel mal-karta tal-bilanċ sħiħa;

(b) meta wżata dwar formati tal-kont tal-qligħ u telf tfisser il-kont ta' qligħ u telf sħiħ ħlief għall-oġġetti li ġejjin li jistgħu jingħaqdu flimkien bħala oġġett wieħed taħt l-intestatura "qligħ jew telf gross" —

(i) l-oġġetti 1, 2, 3 u 6 fil-Format 1;

(ii) l-oġġetti minn 1 sa 5 fil-Format 2;

(iii) l-oġġetti A.1, B.1 u B.2 fil-Format 3; u

(iv) l-oġġetti A.1, A.2 u B.1 sa B.4 fil-Format 4.

Il-formati hawnhekk imsemmija huma dawk murija fit-Taqsima I tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att, minnufih wara l-paragrafu 13, taħt l-intestatura "Formati tal-Kont tal-Qligħ u Telf".

(3) Kumpanniji msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jistgħu jagħmlu noti mqassra għall-kontijiet li jħallsu barra t-tagħrif meħtieġ bl-*indent* (d) u minn (j) sa (o) tal-paragrafu 31 tat-Taqsima III tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Iżda n-noti għall-kontijiet għandhom għandhom jagħtu t-tagħrif imsemmi fl-*indent* (j) ta' l-imsemmi paragrafu 31 sħiħ għall-oġġetti kollha li għandhom x'jaqsmu.

(4) Meta fid-data tal-karta tal-bilanċ li ma tkunx l-ewwel data tal-karta tal-bilanċ tagħha, kumpannija teċċedi jew ma tkomplix teċċedi l-limiti ta' tnejn mit-tliet kriterji murija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dak il-fatt jolqot l-applikazzjoni tad-deroga provduta f'dak is-subartikolu, biss jekk dan jiġri f'żewġ żminijiet ta' kontijiet konsekuttivi.

(5) It-total tal-karta tal-bilanċ imsemmi f'dan l-artikolu jkun magħmul mill-attiv fl-A sa E fl-ordni li hemm fil-Format 1 tal-Formati tal-Karta tal-Bilanċ li hemm fit-Taqsima 1 tat-Tielet Skeda li tinsab ma'

dan l-Att, minnufih wara l-paragrafu 13 jew l-attiv minn A sa E fl-ordni li hemm fil-Format 2 tal-Formati tal-Karta tal-Bilanċ li hemm fl-imsemmija Taqsima ta' l-istess Skeda.

(6) Kumpannija *parent* ma titqiesx li tikkwalifika bħala kumpannija żgħira dwar żmien ta' kontijiet kemm-il darba l-grupp li hi tmexxi ma jikkwalifikax bħala grupp żgħir. Grupp jikkwalifika bħala grupp żgħir dwar żmien ta' kontijiet jekk ma jeċċedix il-limitu ta' tnejn mit-tliet kriterji li ġejjin —

— total aggregat tal-karta tal-bilanċ: miljun u mitt elf lira netti jew miljun u tliet mija u għoxrin elf lira gross;

— *turnover* aggregat: żewġ miljuni u mitejn elf lira netti jew żewġ miljuni, sitt mija u erbgħin elf lira gross;

— numru aggregat ta' mpjegati: ħamsin.

(7) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) għandu japplika għal kumpanniji *parent* bħallikieku riferenza għal kumpannija kienet riferenza għal kumpannija *parent*.

(8) Il-figuri aggregati għandhom ikunu aċċertati billi jingħaddu flimkien il-figuri rilevanti stabbiliti skond is-subartikoli (1) u (6) ta' dan l-artikolu. Dwar il-figuri aggregati għal totali ta' *turnover* u karta tal-bilanċ, "nett" tfisser it-tpaċija u aġġustamenti oħra meħtieġa għat-tħejjija ta' kontijiet konsolidati u "gross" tfisser mingħajr dik it-tpaċija u l-aġġustamenti l-oħra; u kumpannija tista' tissodisfa l-ħtiġiet rilevanti fuq il-bażi tal-figura nett jew tal-figura gross.

(9) Il-figuri għal kull impriża sussidjarja għandhom ikunu dawk inklużi fil-kontijiet għaż-żmien tal-kontijiet rilevanti, jiġifieri —

(a) jekk iż-żmien tal-kontijiet tagħha jagħlaq ma' dak tal-kumpannija *parent*, dak iż-żmien tal-kontijiet; u

(b) jekk le, iż-żmien tal-kontijiet tagħha li jagħlaq l-aħħar qabel it-tmiem taż-żmien tal-kontijiet tal-kumpannija *parent*.

Jekk dawk il-figuri ma jkunux jistgħu jinkisbu mingħajr spiża sproporzjonata jew dewmien żejjed, għandhom jittieħdu l-aħħar figuri li jkunu jistgħu jinkisbu.

Kapital azzjonarju f'munita barranija.

Kap. 204

186. (1) Il-kapital azzjonarju ta' kumpannija jista' jkun denominat f'kull munita li tkun munita konvertibbli skond kif imfisser mill-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta u, għall-finijiet ta' dan il-Kapitlu, ECU huwa munita konvertibbli.

(2) Kumpannija tista' b'riżoluzzjoni straordinarja tibdel il-munita li biha jkun espress il-kapital azzjonarju tagħha, u għal din il-fini, ir-regoli li jinsabu fit-Tmien Skeda ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal kull kumpannija barra minn kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli.

(3) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-inqas kapital azzjonarju, kapital azzjonarju espress f'munita li ma tkunx liri Maltin għandha tinqaleb f'liri Maltin fid-data —

(a) tar-reġistrazzjoni tal-memorandum, fil-każ ta' formazzjoni tal-kumpannija; jew

(b) tar-reġistrazzjoni tar-riżoluzzjoni straordinarja fil-każ imsemmi fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu; jew

(ċ) tar-reġistrazzjoni tar-riżoluzzjoni straordinarja li tagħmel tnaqqis fil-kapital azzjonarju maħruġ, fil-każ li kumpannija tnaqqas il-kapital azzjonarju maħruġ.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 83 ta' dan l-Att, kopja tar-riżoluzzjoni straordinarja imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandha tiġi konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u ma tibdix issehħ sakemm ma tkunx hekk reġistrata.

(5) Ir-rata tal-kambju li għandha tintuża tkun il-medja bejn ir-rata tax-xiri u r-rata tal-bejgħ li jkunu jipprevalu fid-data tar-reġistrazzjoni imsemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, skond il-każ.

(6) Kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli tista' biss tibdel il-munita li fiha jkun espress il-kapital azzjonarju tagħha billi tħares dawk ir-regoli ta' konverzjoni kif jistgħu jiġu preskritti mill-Ministru taħt l-artikolu 188 ta' dan l-Att.

Kontijiet f'munita barranija.

187. (1) Kumpannija hi meħtieġa tagħmel il-kontijiet annwali tagħha fl-istess munita tal-kapital azzjonarju tagħha.

(2) Meta l-kontijiet ta' kumpannija jsiru f'munita li ma tkunx il-lira Maltija, għandu jingħad fuq il-karta tal-bilanċ tal-kumpannija r-rata tal-kambju bejn il-munita wżata u l-lira fid-data tal-karta tal-bilanċ u dik ir-rata tkun il-medja bejn ir-rata tax-xiri u r-rata tal-bejgħ kif tkun f'dik id-data.

(3) Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att li tistabbilixxi ammont b'riferenza għal ammont f'liri Maltin fil-kontijiet annwali ta' kumpannija, dak l-ammont mogħti f'munita barranija fil-kontijiet annwali tal-kumpannija għandu jinqaleb f'liri Maltin billi tintuża r-rata tal-kambju msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti li jibdlu ħtiġiet ta' *accounting*.

188. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu il-Ministru jista' jagħmel regolamenti li —

(a) iżidu l-klassijiet ta' dokumenti li għandhom jitħejjew, jitqiegħdu quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali jew ikunu konsenjati lir-Reġistratur;

(b) jirrestringu l-kategoriji ta' kumpanniji li jkollhom il-benefiċċju għal xi eżenzjoni, eċċezzjoni jew dispożizzjoni speċjali;

(ċ) jeħtieġu li ħwejjeġ addizzjonali jkunu nklużi f'dokument ta' xi klassi;

(d) xort'oħra jagħmlu l-ħtiġiet ta' *accounting* taħt dan l-Att iktar oneruži; jew

(e) jippreskrivi regoli ta' konverżjoni li japplikaw meta jkun hemm bdil ta' munita li fiha l-kapital azzjonarju ta' kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju varjabbli jkun espress.

Dispożizzjonijiet konsegwenzjali għall-artikolu 188.

189. (1) Regolamenti magħmula taħt l-artikolu 188 ta' dan l-Att jistgħu —

(a) jipprovdu b'mod differenti għal każijiet differenti; u

(b) iħassru u jerġgħu jagħmlu dispożizzjonijiet ta' kull regolament b'modifiki ta' forma jew arranġament, sew jekk ikunu jew le modifikati fis-sustanza.

(2) Regolamenti magħmula taħt l-artikolu 188 ta' dan l-Att jista' jkollhom dawk id-dispożizzjonijiet tranżitorji u oħrajn inċidentali u supplementari kif il-Ministru jidhirlu xieraq.

Ordni tal-Qorti għar-rimedju biex kontijiet jitqiegħdu jew ikunu konsenjati.

190. (1) Jekk —

(a) dwar żmien tal-kontijiet ta' kumpannija xi waħda millħtiġiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 182 ta' dan l-Att ma tkunx ġiet imħarsa qabel l-egħluq taż-żmien preskritt b'dak l-artikolu; u

(b) id-diretturi tal-kumpannija jonqsu li jirrimedjaw innuqqas fi żmien erbatax-il jum wara n-notifika lilhom ta' avviż li jeħtiġilhom tħaris —

il-Qorti tista', fuq rikors ta' xi membru jew kreditur tal-kumpannija, jew tar-Reġistratur, tagħmel ordni li jordna li d-diretturi jew xi ħadd minnhom jirrimedja n-nuqqas f'dak iż-żmien li jista' jkun speċifikat flordni.

(2) L-ordni tal-Qorti tista' tipprovdi li l-ispejjeż kollha tarrikors u dawk inċidentali għalih jitħallsu mid-diretturi.

(3) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma ttellef id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar piena għal nuqqas ta' tħaris.

Applikazzjoni għal soċjetajiet kummerċjali oħra.

191. (1) Meta s-soċji kollha ta' soċjetà f'isem kollettiv jew meta s-soċji kollha li jkollhom responsabbiltà mhux limitata f'soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha ma jkunx maqsum f'azzjonijiet ikunu huma nfushom soċjetajiet in akkomandita li l-kapital tagħhom ikun maqsum f'azzjonijiet, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IX u ta' dan il-Kapitolu ta' din it-Taqsima għandhom, safejn ikunu applikabbli, japplikaw għal dik is-soċjetà.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw ukoll meta s-soċji kollha ta' soċjetà f'isem kollettiv jew meta s-soċji kollha jkollhom responsabbiltà mhux limitata f'soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha ma jkunx maqsum f'azzjonijiet ikunu huma nfushom kumpanniji, jew soċjetajiet jew ditti kostitwiti jew inkorporati barra minn Malta li huma ta' għamla li tixtibah ma' dik ta' kumpannija jew ta' soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet kif regolat b'dan l-Att.

(3) Meta s-soċji kollha ta' soċjetà f'isem kollettiv jew meta s-soċji kollha jkollhom responsabbiltà mhux limitata f'soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha ma jkunx maqsum f'azzjonijiet, ikunu huma nfushom kumpanniji jew soċjetajiet in akkomandita li l-kapital tagħhom ikun maqsum f'azzjonijiet, jew ikunu soċjetajiet kummerċjali li għalihom japplikaw is-subartikolu (1) jew is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IX u ta' dan il-Kapitolu ta' din it-Taqsima għandhom, safejn ikunu applikabbli, japplikaw għal dik is-soċjetà.

Kapitolu XI — Tqassim ta' Qligħ u Attiv

Ċertu tqassim hu projbit.

192. (1) Kumpannija ma tistax tagħmel tqassim ħlief mill-qligħ li jkun hemm għal dan l-għan.

(2) Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, "tqassim" tfisser kull deskrizzjoni ta' tqassim ta' l-attiv ta' kumpannija lill-membri tagħha, sew bi flus jew xort'oħra, ħlief tqassim li jsir bħala —

(a) ħruġ ta' azzjonijiet bħala azzjonijiet bonus imħallsa għal kollox jew f'parti;

(b) il-fidi jew ix-xiri ta' xi azzjonijiet tal-kumpannija stess minn kapital, li jinkludi d-dħul minn xi ħruġ ġdid ta' azzjonijiet jew minn riżervi li ma jistgħux jitqassmu kif stipulat fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 193 ta' dan l-Att;

(ċ) it-tnaqqis tal-kapital azzjonarju maħruġ bit-tneħħija jew bit-tnaqqis tar-responsabbiltà ta' xi membru lejn xi azzjonijiet tal-kumpannija dwar kapital azzjonarju maħruġ u mhux imħallas, jew billi jitħallas kapital azzjonarju maħruġ u mħallas; u

(d) tqassim ta' attiv lil membri tal-kumpannija ma l-istralċ tagħha.

(3) Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, qligħ ta' kumpannija li jkun disponibbli għal tqassim huwa l-qligħ tagħha realizzat u akkumulat, safejn ma jkunx qabel intuża għal tqassim jew kapitalizzazzjoni, nieqes it-telf tagħha realizzat u akkumulat, safejn ma jkunx qabel inqata' fit-tnaqqis jew organizzazzjoni mill-ġdid ta' kapital azzjonarju maħruġ. Dan huwa bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 194 u 195 ta' dan l-Att.

(4) Kumpannija ma tistax tuża qligħ mhux realizzat biex tħallas obbligazzjonijiet, jew xi ammonti mhux imħallsa fuq il-kapital azzjonarju maħruġ tagħha.

(5) Meta d-diretturi ta' kumpannija, wara li jagħmlu l-istħarriġ kollu xieraq, ma jkunux jistgħu jistabbilixxu jekk qligħ partikolari magħmul qabel l-ewwel ta' Lulju, 1994 ikunx realizzat jew le, dawn jistgħu jqisu l-qligħ bħala realizzat; u meta wara li jagħmlu dak l-istħarriġ ma jkunux jistgħu jistabbilixxu jekk telf partikolari hekk magħmul ikunx realizzat jew le, dawn jistgħu jqisu t-telf bħala mhux realizzat.

Tqassim minn kumpanniji pubbliċi.

193. (1) Kumpannija pubblika tista' tagħmel tqassim biss f'xi żmien —

(a) jekk f'dak iż-żmien l-ammont ta' l-attiv nett tagħha ma jkunx inqas mill-kapital azzjonarju tagħha maħruġ u msejjaħ u mir-riżervi tagħha li ma jistgħux jitqassmu magħdudin flimkien; u

(b) jekk, u sal-limitu li, it-tqassim ma jnaqqasx l-ammont ta' dak l-attiv għal inqas minn dak l-għadd flimkien.

Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jkunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 194 u 195 ta' dan l-Att.

(2) Fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, "attiv nett" tfisser l-għadd flimkien ta' l-attiv tal-kumpannija nieqes l-għadd flimkien tal-passiv tagħha. "Passiv" tinkludi kull ammont miżmum bħala b'mod xieraq u meħtieġ sabiex jipprovdi għal xi passiv jew telf li jew x'aktarx se jiġġarrab jew li jkun ċert li se jiġġarrab iżda mhux ċert dwar l-ammont tiegħu u d-data li fih dan jiġri.

(3) Ir-riżervi li ma jistgħux jitqassmu ta' kumpannija huma —

(a) il-kont ta' *premium* fuq azzjonijiet;

(b) ir-riżerva tal-fidi ta' kapital;

(ċ) l-ammont li bih il-qligħ mhux realizzat u akkumulat tal-kumpannija, safejn ma jkunx qabel utilizzat għal kapitalizzazzjoni tax-xorta li għalih japplika dan il-paragrafu, jeċċedi t-telf mhux realizzat u akkumulat tagħha, safejn ma jkunx qabel inqata' fit-tnaqqis jew organizzazzjoni mill-ġdid ta' kapital; u

(d) kull riżerva oħra li l-kumpannija ma tkunx tista' tqassam minħabba xi leġislazzjoni jew il-memorandum jew l-istatut; u l-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu japplika għal kull xorta ta' kapitalizzazzjoni ħlief għal trasferiment ta' qligħ tal-kumpannija għar-riżerva ta' fidi ta' kapital fil jew wara l-ewwel ta' Lulju 1994.

(4) Kumpannija pubblika ma għandhiex tinkludi xi kapital azzjonarju maħruġ mhux imsejjaħ bħala attiv f'xi kontijiet rilevanti għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

Tqassim ieħor minn kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss.

194. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss tista' wkoll f'kull żmien tagħmel tqassim mill-qligħ tagħha ta' dħul realizzat u akkumulat, safejn ma jkunx qabel utilizzat għal tqassim jew kapitalizzazzjoni, nieqes it-telf tagħha mid-dħul akkumulat realizzat jew le, safejn ma jkunx qabel inqata' fit-tnaqqis jew organizzazzjoni mill-ġdid ta' kapital —

(a) jekk f'dak iż-żmien l-ammont ta' l-attiv tagħha jkun mill-inqas daqs darba u nofs il-passiv tagħha magħdud flimkien, u

(b) jekk, u sal-limitu li, it-tqassim ma jnaqqasx dak l-ammont għal inqas minn darba u nofs dak l-għadd flimkien.

(2) Fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, "passiv" tinkludi kull provvista għal passiv jew ħlasijiet skond it-tifsir ta' paragrafu (7) tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

(3) Kumpannija ta' nvestiment b'kapital azzjonarju fiss ma għandhiex tinkludi xi kapital azzjonarju maħruġ mhux imsejjaħ bħala attiv f'xi kontijiet rilevanti għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

(4) Kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss ma tistax tagħmel tqassim bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba —

(a) l-azzjonijiet tagħha ma jkunux imniżżlin fil-Borża ta' Malta; u

(b) matul iż-żmien rilevanti ma tkunx —

(i) qassmet xi qligħ kapitali tagħha, jew

(ii) użat xi qligħ mhux realizzat jew xi qligħ kapitali realizzat jew le għall-ħlas ta' obbligazzjonijiet jew ammonti mhux imħallsa fuq il-kapital azzjonarju maħruġ tagħha.

(5) Iż-"żmien rilevanti" taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu huwa ż-żmien li jibda —

(a) mill-ewwel jum taż-żmien ta' riferenza tal-kontijiet li jiġi minnufih qabel dak li fih it-tqassim ikun propost li jsir; jew

(b) meta t-tqassim ikun se jsir fl-ewwel żmien ta' riferenza tal-kontijiet tal-kumpannija, mill-ewwel jum ta' dak iż-żmien,

u jagħlaq mad-data tat-tqassim.

(6) Kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss tfisser kumpannija pubblika li tħares il-ħtiġiet li ġejjin:

(a) in-negozju tal-kumpannija jikkonsisti fl-investiment tal-fondi tagħha prinċipalment f'sigurtajiet, bil-ħsieb li jinxtered ir-riskju ta' investiment u li jingħata lill-membri tal-kumpannija l-benefiċċju tar-riżultati ta' l-amministrazzjoni tal-fondi tagħha;

(b) ebda *holdings* mill-kumpannija f'kumpanniji barra minn dawk, li f'dak iż-żmien, ikunu kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss, ma jirrappreżentaw iktar minn ħmistax fil-mija kalkulat bil-valur ta' l-investimenti tal-kumpannija li tagħmel l-investiment;

(ċ) it-tqassim tal-profitti kapitali tal-kumpannija huwa projbit bil-memorandum jew bl-istatut tagħha; u

(d) il-kumpannija ma tkunx żammet, ħlief bi tħaris ma' dan il-Kapitolu, dwar xi żmien ta' riferenzi ta' kontijiet iktar minn ħmistax fil-mija tad-dħul li tikseb minn sigurtajiet.

Estensjoni ta' l-artikolu 194 għal kumpanniji oħra.

195. (1) Il-Ministru jista' b'regolamenti jestendi d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 194 ta' dan l-Att b'modifiki jew mingħajrhom għal kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju li jvarja jew għal kumpanniji oħra li n-negozju prinċipali tagħhom ikun li jinvestu l-fondi tagħhom f'sigurtajiet, art jew attiv ieħor bil-ħsieb li jinxtered ir-riskju ta' investiment u li jingħata lill-membri tagħhom il-benefiċċju tar-riżultati ta' l-amministrazzjoni ta' l-attiv.

(2) Regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jipprovdu b'mod differenti għal kategoriji differenti ta' kumpanniji u jista' jkollhom dawk id-dispożizzjonijiet tranżitorji u supplementari kif il-Ministru jidhirlu meħtieġ.

Trattament ta' kost ta' żvilupp.

196. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin f'dan l-artikolu, meta l-ispejjeż ta' żvilupp jintwerew bħala attiv fil-kontijiet ta' kumpannija, kull ammont muri dwar dawk l-ispejjeż għandu jkun trattat —

(a) taħt l-artikolu 192 ta' dan l-Att, bħala telf realizzat; u

(b) taħt l-artikolu 194 ta' dan l-Att, bħala telf ta' dħul realizzat.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal xi parti min dak l-ammont li jirrappreżenta qligħ mhux realizzat magħmul fuq rivalutazzjoni ta' dawk l-ispejjeż; lanqas ma japplika jekk —

(a) ikun hemm ċirkostanzi speċjali fil-każ tal-kumpannija li jiġġustifikaw lid-diretturi li jiddeċiedu li l-ammont hemm imsemmi ma għandux ikun trattat kif meħtieġ bis-subartikolu (1); u

(b) in-nota tal-kontijiet meħtieġa bil-paragrafu 18 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att tiddikjara li dak l-ammont ma għandux ikun hekk trattat u tispjega ċ-ċirkostanzi li ġġustifikaw id-deċiżjoni tad-diretturi li jagħmlu hekk.

Tqassim ikun ġustifikat b'riferenzi għall-kontijiet tal-kumpannija.

197. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u l-artikoli minn 198 sa 203 ta' dan l-Att għandhom japplikaw biex jistabbilixxu jekk tqassim jistax isir minn kumpannija mingħajr ma tikser l-artikoli 192, 193 jew 194 ta' dan l-Att.

(2) L-ammont ta' tqassim li jista' jsir ikun stabbilit b'riferenza għall-oġġetti li ġejjin kif dikjarati fil-kontijiet tal-kumpannija —

(a) qligħ, telf, attiv u passiv;

(b) dispożizzjonijiet ta' xi xorta msemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att fil-paragrafi 7, 16 u 17 u dawn il-paragrafi kif applikati bil-paragrafu 28 ta' l-imsemmija Tielet Skeda; u

(ċ) kapital azzjonarju u riżervi, magħduda riżervi li ma jistgħux jitqassmu.

(3) Il-kontijiet tal-kumpannija li jkunu rilevanti għal finijiet ta' dan l-artikolu huma l-aħħar kontijiet annwali tagħha, jiġifieri dawk li jkunu tqegħdu dwar iż-żmien ta' riferenza tal-kontijiet l-aħħar preċedenti li dwaru l-kontijiet imħejjija hekk tqegħdu:

Iżda fiż-żewġ każijiet li ġejjin —

(a) meta t-tqassim jinsab li jikser l-artikolu rilevanti f'dan il-Kapitolu jekk tkun saret riferenza biss għall-aħħar kontijiet annwali tal-kumpannija; jew

(b) meta t-tqassim ikun propost li jsir matul l-ewwel żmien ta' riferenza għall-kontijiet tal-kumpannija, jew qabel ma xi kontijiet jitqiegħdu dwar dak iż-żmien,

il-kontijiet rilevanti taħt dan l-artikolu imsejħa "kontijiet *interim*" fl-ewwel każ, u "kontijiet inizjali" fit-tieni huma dawk meħtieġa sabiex jista' jsir ġudizzju xieraq dwar l-ammonti ta' l-oġġetti msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) L-artikolu rilevanti ta' dan il-Kapitolu jitqies li nkiser fil-każ ta' tqassim kemm-il darba l-ħtiġiet ta' dan l-artikolu u tat-tliet artikoli li jaħbtu wara dan, kif u meta applikabbli, dwar il-kontijiet rilevanti, ma jiġux imħarsa dwar dak it-tqassim.

Ħtiġiet għall-aħħar kontijiet annwali.

198. (1) Jekk l-aħħar kontijiet annwali tal-kumpannija jikkostitwixxu l-uniċi kontijiet rilevanti taħt l-artikolu 197 ta' dan l-Att, il-ħtiġiet imsemmija f'dan l-artikolu għandhom japplikaw dwar dawk il-kontijiet.

(2) Il-kontijiet iridu jkunu mħejjija sew skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ikunu hekk tħejjew suġġetti biss għal ħwejjeġ li ma jkunux materjali sabiex ikun stabbilit, b'riferenza għall-oġġetti msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 197 ta' dan l-Att, jekk it-tqassim ikunx jikser l-artikolu rilevanti ta' dan il-Kapitolu.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu —

(a) dik il-parti mill-kontijiet li tikkonsisti f'karta tal-bilanċ għandha tagħti l-istat sewwa u xieraq ta' l-affarijiet tal-kumpannija fid-data tal-karta tal-bilanċ; u

(b) dik il-parti tal-kontijiet li tikkonsisti fil-kont ta' qligħ u telf għandha tagħti l-istat sewwa u xieraq tal-qligħ jew telf tal-kumpannija għaż-żmien li dwarhom ikunu tħejjew il-kontijiet.

(4) L-udituri jridu jkunu għamlu r-rapport tagħhom fuq il-kontijiet; u s-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu japplika jekk ir-rapport ma jkunx rapport mingħajr kwalifiki fis-sens li fil-fehma ta' l-udituri l-kontijiet ikunu tħejjew b'mod xieraq skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(5) L-udituri għandhom fil-każ imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, ikunu ddikjaraw bil-miktub jew fil-ħin tar-rapport tagħhom jew wara jekk, fil-fehma tagħhom, il-ħaġa li dwarha r-rapport tagħhom ikun kwalifikat, tkunx materjali biex ikun stabbilit, b'riferenza għall-oġġetti msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 197 ta' dan l-Att, jekk it-tqassim jiksirx l-artikolu rilevanti; u kopja tad-dikjarazzjoni trid tkun tqiegħdet quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

(6) Dikjarazzjoni taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu tkun biżżejjed għall-finijiet ta' tqassim partikolari mhux biss jekk tirreferi għal tqassim li jkun propost iżda wkoll għal tqassim ta' kull xorta li jinkludi dak it-tqassim partikolari, minkejja li fiż-żmien tad-dikjarazzjoni dan ma jkunx propost.

Ħtiġiet għal kontijiet *interim*.

199. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jikkostitwixxu l-ħtiġiet dwar kontijiet *interim* imħejjija għal tqassim propost minn kumpannija pubblika.

(2) Il-kontijiet iridu jkunu tħejjew sew, jew ikunu hekk tħejjew suġġetti biss għal ħwejjeġ li ma jkunux materjali sabiex ikun stabbilit, b'riferenza għall-oġġetti msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 197 ta' dan l-Att, jekk it-tqassim propost jiksirx l-artikolu rilevanti ta' dan il-Kapitolu.

(3) "Imħejjija sew" tfisser li l-kontijiet għandhom iħarsu dan l-Att b'dawk il-modifiki li jkunu meħtieġa minħabba li l-kontijiet ikunu mħejjija mod ieħor milli dwar żmien ta' riferenza għal kontijiet u kull karta tal-bilanċ li tkun parti mill-kontijiet trid tkun ġiet iffirmata skond l-artikolu 176 ta' dan l-Att.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu —

(a) dik il-parti mill-kontijiet li tikkonsisti f'karta tal-bilanċ għandha tagħti l-istat sewwa u xieraq ta' l-affarijiet tal-kumpannija fid-data tal-karta tal-bilanċ; u

(b) dik il-parti tal-kontijiet li tikkonsisti fil-kont ta' qligħ u telf għandha tagħti l-istat sewwa u xieraq tal-qligħ jew telf tal-kumpannija għaż-żmien li dwarhom ikunu tħejjew il-kontijiet.

(5) Kopja tal-kontijiet għandha tkun ġiet konsenjata lir-Reġistratur.

(6) Jekk il-kontijiet ikunu f'lingwa barra milli l-Ingliż jew il-Malti, traduzzjoni fl-Ingliż jew fil-Malti tal-kontijiet, ċertifikata bħala traduzzjoni korretta bil-mod li jista' jkun preskritt, għandha wkoll tkun konsenjata lir-Reġistratur.

Ħtiġiet għal kontijiet inizjali.

200. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu huma l-ħtiġiet dwar kontijiet inizjali mħejjija għal tqassim propost minn kumpannija pubblika.

(2) Il-kontijiet iridu jkunu tħejjew sew, jew ikunu hekk tħejjew suġġetti biss għal ħwejjeġ li ma jkunux materjali sabiex ikun stabbilit, b'riferenza għall-oġġetti msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 197 ta' dan l-Att, jekk it-tqassim propost ikunx jikser l-artikolu rilevanti ta' dan il-Kapitolu.

(3) Is-subartikoli (3) u (4) ta' l-artikolu 199 ta' dan l-Att japplika dwar it-tifsir ta' "imħejjija sew".

(4) L-udituri tal-kumpannija jridu jkunu għamlu rapport fejn jiddikjaraw jekk, fil-fehma tagħhom, il-kontijiet ikunux tħejjew sew, u s-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu japplika jekk ir-rapport tagħhom ikun rapport kwalifikat, jiġifieri li ma jkunx rapport mingħajr kwalifika fis-sens li fil-fehma ta' l-udituri l-kontijiet ikunu hekk tħejjew.

(5) L-udituri għandhom fil-każ imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jkunu wkoll iddikjaraw bil-miktub, jekk, fil-fehma tagħhom, il-ħaġa li dwarha r-rapport tagħhom ikun kwalifikat tkunx materjali biex ikun stabbilit, b'riferenza għall-oġġetti msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 197 ta' dan l-Att, jekk it-tqassim jiksirx l-artikolu rilevanti ta' dan il-Kapitolu.

(6) Kopja tal-kontijiet, tar-rapport ta' l-udituri taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u tad-dikjarazzjoni ta' l-udituri jekk ikun hemm taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu għandhom ikunu ġew konsenjati lir-Reġistratur.

(7) Jekk il-kontijiet ikunu, jew ir-rapport ta' l-uditur taħt is-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu jew id-dikjarazzjoni tagħhom, jekk ikun hemm, taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu tkun, f'lingwa barra milli l-Ingliż jew il-Malti, traduzzjoni fl-Ingliż jew fil-Malti tal-kontijiet, tar-rapport jew tad-dikjarazzjoni skond il-każ, ċertifikata bħala traduzzjoni korretta bil-mod li jista' jkun preskritt, għandha wkoll tkun konsenjata lir-Reġistratur.

Kif ikun applikat l-artikolu 197 għal tqassim suċċessiv.

201. Sabiex jiġi stabbilit b'riferenza għal kontijiet partikolari jekk tqassim propost jistax isir minn kumpannija, l-artikolu 197 ta' dan l-Att għandu effett, f'każ fejn tqassim wieħed jew iżjed ikun diġà sar skond kif ikun ġie stabbilit b'riferenza għal dawk l-istess kontijiet, daqslikieku l-ammont tat-tqassim propost kien miżjud bl-ammont tat-tqassim hekk magħmul.

Trattament ta' attiv fil-kontijiet rilevanti.

202. Għall-finijiet ta' l-artikoli 192 u 193 ta' dan l-Att, provdiment ta' kull xorta msemmi fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att fis-sub-paragrafu (1) tal-paragrafu 7 u fil-paragrafi 16 u 17 magħduda dawk il-paragrafi kif applikati bil-paragrafu 28 ta' l-imsemmija Tielet Skeda, għandhom ikunu trattati bħala telf realizzat.

Tqassim mhux fi flus.

203. Meta kumpannija tagħmel tqassim ta', jew li jinkludi attiv li ma jkunx flus, u xi parti mill-ammont li bih ikun muri dak l-attiv fil-kontijiet rilevanti għall-finijiet tat-tqassim skond l-artikoli minn 197 sa 202 ta' dan l-Att jirrappreżenta qligħ mhux realizzat, dak il-qligħ għandu jiġi trattat bħala qligħ realizzat —

(a) sabiex tkun stabbilita l-leġittimità tat-tqassim skond dan il-Kapitolu sew qabel jew wara li jkun sar it-tqassim; u

(b) għall-fini ta' paragrafu 14(ċ)(1) u tas-sub-paragrafu (3) ta' paragrafu 30 tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att dwar kull ħaġa li tkun saret bil-ħsieb li jew li għandha x'taqsam ma' dak it-tqassim.

Konsegwenzi ta' tqassim illeġittimu.

204. Meta tqassim, jew parti minnu, magħmul minn kumpannija lil wieħed mill-membri tagħha jsir bi ksur ta' dan il-Kapitolu u, fil-ħin tat-tqassim, dak il-membru kien jaf jew kellu raġunijiet xierqa biex jaħseb li hekk ikun sar, dan ikun obbligat iħallsu lura, jew dik il-parti minnu, skond il-każ, lill-kumpannija jew, fil-każ ta' tqassim magħmul xort'oħra milli bi flus, li jħallas lill-kumpannija somma li tkun daqs il-valur tat-tqassim, jew parti f'dak iż-żmien.

Obbligi mposti barra milli bl-artikolu 204 ma jkunux preġudikati.

205. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 204 ta' dan l-Att huwa bla ħsara għall-obbligu mpost barra minn dan l-artikolu fuq membru ta' kumpannija li jħallas lura tqassim illeġittimu li jkun sarlu.

Riżerva għal dispożizzjonijiet fi statut li tkun fis-seħħ qabel l-1 ta' Lulju, 1994.

206. Meta minnufih qabel l-ewwel ta' Lulju, 1994 kumpannija kienet awtorizzata b'dispożizzjoni fl-istatut tagħha li tapplika l-qligħ mhux realizzat tagħha biex tħallas għal kollox jew f'parti azzjonijiet mhux maħruġa biex jingħataw lil membri tal-kumpannija bħala azzjonijiet *bonus* imħallsa għal kollox jew f'parti, dik id-dispożizzjoni tkompli, salv xi tibdil fl-istatut, isseħħ bħala awtorità sabiex dak il-qligħ jibqa' jiġi hekk applikat wara dik id-data.

Tifsiriet għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu.

207. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandu jkollhom effett għat-tifsir ta' dan il-Kapitolu.

(2) "Kapitalizzazzjoni", dwar qligħ ta' kumpannija, tfisser kull waħda mill-operazzjonijiet li ġejjin issir meta ssir —

(a) l-applikazzjoni ta' qligħ sabiex jitħallsu għal kollox jew f'parti azzjonijiet mhux maħruġa fil-kumpannija sabiex jingħataw lil membri tal-kumpannija bħala azzjonijiet *bonus* imħallsa għal kollox jew f'parti; jew

(b) it-trasferiment ta' qligħ għar-riżerva ta' fidi ta' kapital.

(3) Riferenzi f'dan il-Kapitolu għal qligħ u telf ta' kull xorta huma rispettivament riferenzi għal qligħ u telf ta' dik ix-xorta li jsiru f'kull żmien u, ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, huma riferenzi rispettivament għal profitti minn dħul jew minn kapital u telf minn dħul jew minn kapital.

Riżerva għal restrizzjonijiet oħra fuq tqassim.

208. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitlu huma bla ħsara għal xi dispożizzjoni oħra tal-liġi, jew xi dispożizzjoni tal-memorandum u l-istatut tal-kumpannija, li jirrestringu s-somom li minnhom, jew il-każi fejn tista' ssir distribuzzjoni.

Kapitolu XII — Kumpannija Privata

Tifsir.

209. (1) Kumpannija privata hija kumpannija li minbarra li tissodisfa l-ħtiġiet ta' dan l-Att sabiex ikollha status ta' kumpannija privata, tkun kumpannija li bil-memorandum jew bl-istatut tagħha —

(a) tillimita l-jedd li tittrasferixxi l-azzjonijiet tagħha; u

(b) tillimita n-numru tal-membri tagħha għal ħamsin; u

(ċ) tipprojbixxi kull stedina lill-pubbliku biex jissottoskrivi għal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija.

(2) Kumpannija privata m'għandhiex —

(a) toffri lill-pubbliku, għal flus jew xort'oħra, xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija; jew

(b) tagħti jew tiftiehem li tagħti, għal flus jew xort'oħra, xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija bil-ħsieb li dawk l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet kollha jew uħud minnhom ikunu offerti għall-bejgħ lill-pubbliku, skond it-tifsira mogħtija fl-artikolu 89 ta' dan l-Att.

(3) Meta kumpannija privata tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tagħha li jkun naqas jista' jeħel penali.

Riżoluzzjonijiet bil-miktub.

210. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, fil-każ ta' kumpannija privata, riżoluzzjoni bil-miktub iffirmata mill-membri kollha li għal dak iż-żmien ikollhom jedd li jirċievu avviż u li jattendu għal laqgħat ġenerali u li jivvotaw fihom tkun valida u effettiva daqslikieku tkun għaddiet f'laqgħa ġenerali tal-kumpannija msejħa u miżmuma b'mod xieraq. Laqgħat ġenerali annwali tal-kumpannija jistgħu jinżammu skond dan l-artikolu:

Iżda riżoluzzjoni bil-miktub kif intqal qabel tkun nulla jekk tkun maħsuba biex tneħħi direttur jew uditur qabel ma jagħlaq iż-żmien tal-kariga tiegħu, jew inkella tkun maħsuba sabiex ma tagħtix lill-udituri l-jeddijiet li huma għandhom permezz tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 155 ta' dan l-Att.

Kumpannija eżenti.

211. (1) Kumpannija privata jkollha status ta' kumpannija eżenti jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkunu jinsabu fil-memorandum jew fl-istatut tagħha.

(2) L-imsemmija kondizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu huma —

(a) li n-numru ta' persuni detenturi ta' obbligazzjonijiet tal-kumpannija ma jkunx iktar minn ħamsin; u

(b) li ebda korp ġuridiku ma jkun detentur ta', jew ikollu xi nteress f'xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija jew ikun direttur tal-kumpannija, u la l-kumpannija u l-anqas xi diretturi tagħha ma jkunu parti f'arranġament li bih il-*policy* tal-kumpannija tkun tista' tiġi deċiża minn persuni li ma jkunux diretturi, membri jew detenturi ta' obbligazzjonijiet tagħha; u

(ċ) li l-għanijiet tal-kumpannija jispeċifikaw liema attività tal-kumpannija se tkun l-attività tan-negozju prinċipali tagħha u n-negozju tal-kumpannija jkun prinċipalment jikkonsisti minn dik l-attività.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu —

(a) azzjonijiet miżmuma minn kumpannija eżenti ma jiskwalifikawx kumpannija li tkun ukoll hekk eżenti jekk, meta jittieħdu l-kumpanniji kollha li ġejjin flimkien, jiġifieri —

(i) il-kumpannija eżenti li tkun, (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-kumpannija rilevanti");

(ii) kull kumpannija li żżomm azzjonijiet li għaliha għandu jkun applikat dan il-paragrafu sabiex ikun stabbilit il-jedd tal-kumpannija rilevanti biex tkun eżenti kif intqal qabel; u

(iii) kull kumpannija oħra li tkun meqjusa għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu sabiex ikun stabbilit il-jedd ta' xi kumpannija li tkun hekk eżenti u li żżomm xi azzjonijiet kif intqal qabel;

in-numru totali ta' persuni detenturi ta' azzjonijiet f'dawk il-kumpanniji ma jkunx iktar minn ħamsin, il-kumpanniji nnifishom ma jingħaddux; u

(b) kull interess tal-kumpannija rilevanti nnifisha f'xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tagħha stess ma għandux ikun kalkolat.

(4) Kumpanniji msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkunu eżenti mill-ħtiġijiet tas-subartikolu (7) ta' l-artikolu 138 u mill-paragrafu (a) ta' l-artikolu 144 ta' dan l-Att.

(5) Direttur waħdu ta' kumpannija eżenti jkollu jedd li jżomm il-kariga bħala segretarju ta' dik il-kumpannija matul iż-żmien li jkun direttur.

(6) Meta kumpannija eżenti jkollha direttur wieħed biss, kull ħtieġa ta' dan l-Att li żewġ diretturi ta' kumpannija għandhom jaġixxu, għandha tkun interpretata dwar il-kumpannija eżenti bħala li teħtieġ direttur wieħed biex jaġixxi.

Kumpanniji b'membru wieħed.

212. (1) Kumpanniji msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 211 ta' dan l-Att jistgħu jikkonsistu f'membru wieħed minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 72 ta' dan l-Att jew ta' xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw għall-kumpanniji li jaqgħu taħt dak li jingħad f'dan l-artikolu.

(3) Kumpannija jista' jkollha membru mar-reġistrazzjoni jew tista' ssir kumpannija b'membru wieħed billi l-azzjonijiet kollha tagħha jkunu akkwistati minn persuna waħda.

(4) Meta kumpannija ssir kumpannija b'membru wieħed billi l-azzjonijiet kollha tagħha jkunu akkwistati minn persuna waħda, il-kumpannija għandha tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż li jispeċifika l-fatt li tkun saret kumpannija b'membru wieħed, u li jagħti l-isem u l-indirizz tal-membru wieħed.

(5) Meta l-membru wieħed ikun akkwista l-azzjonijiet *causa mortis,* dak il-fatt għandu jkun dikjarat fl-avviż imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u dak l-avviż għandu jitqies li jissodisfa l-ħtiġiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 120 ta' dan l-Att.

(6) Jekk ikun hemm nuqqas tat-tħaris tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

(7) Il-membru wieħed għandu jeżerċita s-setgħat tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija u d-deċiżjonijiet li jittieħdu minnu f'dik il-kariga għandhom ikunu reġistrati bħala minuti tal-laqgħa ġenerali u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jirregolaw laqħat ġenerali għandhom jiftehmu f'dan is-sens. Id-deċiżjonijiet msemmija f'dan is-subartikolu għandhom jitqiesu li jkunu riżoluzzjonijiet tal-kumpannija għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att:

Iżda d-dispożizzjonijet ta' dan is-subartikolu ma jkunux ta' ħsara għall-jeddijiet tal-udituri tal-kumpannija skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 155 ta' dan l-Att, u l-jeddijiet mogħtija lill-persuni li huma, skond l-istatut tal-kumpannija, intitolati li jirċievu avviż ta', jattendu għal u jinstemgħu waqt laqgħat ġenerali tal-kumpannija.

(8) Il-membru wieħed għandu jirreġistra bil-miktub kull ftehim li jsir bejnu u l-kumpannija kif rappreżentata minnu fi ktieb tal-minuti miżmum mill-kumpannija speċifikament għal dan l-għan, iżda ma jkunx hemm ħtieġa li jkunu reġistrati f'dak il-ktieb tal-minuti operazzjonijiet kurrenti li jkunu konklużi taħt kondizzjonijiet normali.

(9) Fin-nuqqas tat-tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu, il-membru wieħed jista' jeħel penali.

Tibdil fl-istat tal-kumpannija.

213. (1) Kumpannija privata tista' tibdel l-istatus tagħha għal kumpannija pubblika billi tibdel il-memorandum jew l-istatut u ddaħħal f'dak it-tibdil dak kollu li għandu jinbidel skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att biex kumpannija jkollha l-istatus ta' kumpannija pubblika, magħduda t-tneħħija tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 209 ta' dan l-Att li joħolqu konflitt ma' l-istatus ta' kumpannija pubblika.

(2) It-tibdil imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandux jibda jseħħ kemm-il darba u sakemm ma jkunx reġistrat u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 79 ta' dan l-Att għandhom japplikaw f'dan il-każ.

(3) Ir-Reġistratur għandu, mar-reġistrazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, idaħħal fir-reġistru l-fatt tat-tibdil kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u dan għandu joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni mibdul biex juri dak it-tibdil.

(4) Kumpannija pubblika tista' tibdel l-istatus tagħha għal kumpannija privata jekk, wara li tkun kisbet tħaris tar-restrizzjonijiet li jirriżultaw bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 209 ta' dan l-Att, din tibdel il-memorandum jew l-istatut tagħha, fejn iddaħħal f'dak it-tibdil dak kollu meħtieġ skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att biex kumpannija jkollha l-istatus ta' kumpannija privata, magħduda id-dħul ta' restrizzjonijiet li jirriżultaw bis-saħħa tad-dispożizzjonijet ta' l-artikolu 209 ta' dan l-Att.

(5) It-tibdil imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu ma għandux jibda jseħħ kemm-il darba u sakemm dak it-tibdil, flimkien ma' dikjarazzjoni magħmula mid-diretturi tal-kumpannija li l-kumpannija tkun qiegħda effettivament tħares id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 209 ta' dan l-Att u li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 79 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għaliha.

(6) Ir-Reġistratur għandu, mar-reġistrazzjoni msemmija fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, idaħħal fir-reġistru l-fatt tat-tibdil kif imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u dan għandu joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni mibdul biex juri dak it-tibdil.

(7) Kumpannija privata tista' tibdel l-istatus tagħha għal kumpannija eżenti jekk, wara li tkun kisbet tħaris mal-kondizzjonijiet stabbiliti bl-artikolu 211 ta' dan l-Att, tibdel il-memorandum jew l-istatut tagħha billi ddaħħal fih l-imsemmija kondizzjonijiet kollha.

(8) It-tibdil imsemmi fis-subartikolu (7) ta' dan l-artikolu ma għandux jibda jseħħ kemm-il darba u sakemm dak it-tibdil, flimkien ma' dikjarazzjoni magħmula mid-diretturi tal-kumpannija li l-kumpannija tkun effettivament tħares id-dispożizzjonijet ta' l-artikolu 211 ta' dan l-Att, ma jkunux reġistrati, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 79 ta' dan l-Att għandhom japplikaw f'dan il-każ.

(9) Kumpannija eżenti li tirriżolvi li ma tkunx se tkompli tħares xi kondizzjonijiet ta' l-artikolu 211 ta' dan l-Att, għandha tibdel l-istatus tagħha għal kumpannija privata billi tibdel il-memorandum jew l-istatut tagħha biex tneħħi kull kondizzjonijiet bħal dawk.

(10) It-tibdil imsemmi fis-subartikolu (9) ta' dan l-artikolu ma għandux jibda jseħħ jekk u sakemm ma jkunx reġistrat u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 79 ta' dan l-Att għandhom japplikaw f'dan il-każ.

Titolu II — Xoljiment u stralċ konsegwenzjali ta' kumpanniji

Kawżi ta' xoljiment u stralċ konsegwenzjali.

214. (1) Kumpannija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin —

(a) il-kumpannija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-Qorti;

(b) il-kumpannija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija għandha xxolji u konsegwentement tkun stralċjata volontarjament.

(2) Barra mill-mod ta' xoljiment imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu —

(a) kumpannija tista' xxolji u tkun stralċjata mill-Qorti fiċ-ċirkostanzi li ġejjin —

(i) jekk in-negozju tal-kumpannija jkun sospiż għal perjodu bla waqfien ta' tnax-il xahar;

(ii) il-kumpannija ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha; u

(b) kumpannija għandha tkun xolta bil-Qorti fil-każijiet li ġejjin —

(i) il-kapital azzjonarju tal-kumpannija jkun niżel għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 72 ta' dan l-Att;

(ii) in-numru ta' membri tal-kumpannija jkun niżel għal inqas minn tnejn u jibqa' nieqes għal iktar minn sitt xhur:

Iżda dan ma japplikax għal kumpanniji b'membru wieħed kif imsemmi fl-artikolu 212 ta' dan l-Att;

(iii) in-numru ta' diretturi jkun niżel għal inqas mill-minimu preskritt bl-artikolu 137 ta' dan l-Att u jibqa' hekk nieqes għal aktar minn sitt xhur;

(iv) il-Qorti tkun tal-fehma li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegewentement l-istralċ tal-kumpannija;

(v) meta ż-żmien, jekk ikun hemm, stabbilit għad-dewmien tal-kumpannija, jiskadi jew jiġri dak, jekk il-każ, li mal-ġrajja tiegħu l-kumpannija għandha tkun stralċjata, u l-kumpannija f'laqgħa ġenerali ma tkunx, qabel ma jiskadi ż-żmien jew qabel il-ġrajja, għaddiet riżoluzzjoni biex isir l-istralċ volontarju.

(3) Fil-każijiet ta' xoljiment li jaqgħu taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tiddeċiedi jekk il-kumpannija għandhiex tkun stralċjata mill-Qorti jew volontarjament.

(4) Għall-finijiet tas-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kumpannija titqies li ma tkunx tista' tħallas id-djun tagħha —

(a) jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx għal kollox jew f'parti wara sitt ġimgħat mill-eżekuzzjoni ta' titolu eżekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wieħed mill-atti eżekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; jew

Kap. 12.

(b) jekk ikun ippruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun tagħha, meta din tqis ukoll il-passiv kontinġenti u prospettiv tal-kumpannija.

(5) Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, kumpannija tkun stralċjata mill-Qorti jekk tiġi stralċjata skond id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu I ta' dan it-Titolu; u kumpannija tkun stralċjata volontarjament jekk tiġi stralċjata skond id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu II ta' dan it-Titolu.

Tifsir ta' kontributorju.

215. (1) F'dan l-Att il-kelma "kontributorju" tfisser kull persuna li tkun obbligata tikkontribwixxi għall-attiv tal-kumpannija fil-każ li din tkun qed tiġi xolta, u għall-finijiet tal-proċedimenti kollha sabiex ikunu stabbiliti, u tal-proċedimenti kollha qabel id-deċiżjoni finali ta', il-persuni li għandhom jitqiesu bħala kontributorji, tinkludi kull persuna allegata li hi kontributorja.

(2) Ir-riferenza fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għal persuni obbligati li jikkontribwixxu għall-attiv ma tinkludix persuna hekk obbligata bis-saħħa ta' dikjarazzjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 315 jew l-artikolu 316 ta' dan l-Att.

(3) Riferenza fl-istatut ta' kumpannija għal kontributorju ma tinkludix, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, persuna li tkun kontributorja biss bis-saħħa ta' l-artikolu 217 ta' dan l-Att.

Responsabbiltà bħala kontributorji ta' membri preżenti u passati.

216. (1) Fl-istralċ ta' kumpannija kull membru preżenti u passat ikun obbligat li jikkontribwixxi għall-attiv tal-kumpannija ammont li jkun biżżejjed biex jitħallas id-dejn u l-passiv tagħha, u n-nefqa, il-ħlasijiet u l-ispejjeż ta' l-istralċ, u għall-aġġustament tal-jeddijiet tal-kontributorji bejniethom, salv il-kwalifiki li ġejjin —

(a) ebda kontribuzzjoni ma tkun meħtieġa minn xi membru għal iżjed mill-ammont, jekk il-każ, mhux imħallas fuq azzjonijiet li għalih ikun responsabbli bħala membru preżenti jew passat;

(b) membru passat ma jkunx responsabbli li jikkontribwixxi f'xi waħda minn dawn il-każijiet —

(i) jekk hu ma jkunx baqa' membru għal mill-anqas sena qabel ix-xoljiment tal-kumpannija;

(ii) dwar xi dejn jew responsabbiltà li jkunu saru wara li hu jkun spiċċa minn membru;

(iii) kemm-il darba fil-fehma tal-Qorti l-membri eżistenti ma jkunux jistgħu jissodisfaw il-kontribuzzjonijiet meħtieġa li jsiru minnhom skond dan l-Att;

(ċ) somma dovuta lil xi membru ta' kumpannija, bħala membru, li tkun dividendi, qligħ jew xort'oħra ma titqiesx li hi dejn tal-kumpannija, li għandu jitħallas lil dak il-membru fil-każ ta' kompetizzjoni bejnu u bejn xi kreditur ieħor li ma jkunx membru tal-kumpannija, iżda kull somma bħal dik tista' tiġi meqjusa għall-fini ta' l-aġġustament finali tal-jeddijiet tal-kontributorji bejniethom.

Responsabbilta ta' diretturi u azzjonisti passati.

217. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta wara li tkun xolta, kumpannija —

(a) tkun għamlet ħlas mill-kapital dwar il-fidi jew ix-xiri ta' xi azzjonijiet tagħha stess, liema ħlas qed jissejjaħ fid-dispożizzjonijiet li jmiss ta' dan l-artikolu bħala "il-ħlas rilevanti"; u

(b) l-ammont aggregat ta' l-attiv tal-kumpannija u ta' l-ammonti mħallsa bħala kontribuzzjoni għall-attiv tagħha, barra mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, ma jkunx biżżejjed għall-ħlas tad-dejn u tal-passiv tagħha u għall-ispejjeż ta' l-istralċ.

(2) Jekk ix-xoljiment ikun sar fi żmien tnax-il xahar mid-data li fiha l-ħlas rilevanti jkun sar, allura —

(a) il-persuna li minn għandha l-azzjonijiet ikunu nfdew jew ġew mixtrija, u

(b) id-diretturi li awtorizzaw il-fidi jew ix-xiri,

għandhom, sabiex dak in-nuqqas imsemmi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ikun jista' jiġi rimedjat, l-obbligu li jikkontribwixxu għall-attiv tal-kumpannija sal-limitu msemmi fis-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu.

(3) Persuna li minn għandha xi whud mill-azzjonijiet ikunu nfdew jew mixtrija tkun obbligata li tikkontribwixxi ammont li ma jkunx iżjed daqstant mill-ħlas rilevanti li kien sar mill-kumpannija dwar l-azzjonijiet tagħha; u d-diretturi jkunu responsabbli *in solidum* mal-persuna biex jikkontribwixxu dak l-ammont.

(4) Persuna li tkun ikkontribwiet xi ammont għall-attiv skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tista' tagħmel rikors lill-Qorti biex b'ordni tiddikjara lil xi persuna oħra responsabbli *in solidum* dwar dak l-ammont biex tħallasha dak l-ammont li l-Qorti jidhrilha xieraq.

SUB-TITOLU I — STRALĊ MILL-QORTI

Kapitlu I — Dispożizzjonijiet ġenerali

Talba għal xoljiment u stralċ.

218. (1) Rikors lill-Qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal —

(a) stralċ ta' kumpannija mill-Qorti skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att; jew

(b) xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-Qorti skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att; jew

(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpannija skond il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att,

għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija jew minn xi direttur tagħha, jew minn xi kreditur jew krediturі, jew minn xi kontributorju jew kontributorji, jew minn uħud minnhom jew minnhom ilkoll flimkien jew separatament.

(2) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, kontributorju ma jistax jippreżenta rikors għal stralċ kemm-il darba —

(a) l-azzjonijiet li dwarhom ikun kontributorju, jew uħud minnhom, jew ma kienux oriġinarjament mogħtija lilu, jew ma kienux miżmuma minnu, u reġistrati f'ismu, għal mill-inqas sitt xhur matul it-tmintax-il xahar qabel il-bidu tax-xoljiment tal-kumpannija, jew jekk ma jkunux għaddew għandu mal-mewt ta' detentur ta' qabel; jew

(b) in-numru ta' membri kien imnaqqas u jibqa' mnaqqas taħt il-minimu preskritt bl-artikolu 72 ta' dan l-Att fil-waqt li kien qed iżomm l-ishma li dwarhom ikun kontributorju.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, persuna li tkun responsabbli biex tagħmel kontribuzzjoni għall-attiv ta' kumpannija fil-każ ta' xoljiment skond l-artikolu 217 ta' dan l-Att tista' biss tagħmel rikors għal stralċ fuq waħda mir-raġuniiet imsemmija fis-sub-paragrafu (ii) tal-paragrafu (a) u fis-sub-paragrafu (iv) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att.

(4) Ir-Reġistratur jista' jagħmel rikors għal stralċ meta fil-fehma tiegħu jkun spedjenti u fl-interess tal-pubbliku li dik il-kumpannija tkun xolta u stralċjata għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att.

(5) Rikors għal stralċ jista' jsir minkejja li kumpannija tkun qed tiġi stralċjata volontarjament. Rikors bħal dan jista' jsir ukoll mir-Riċevitur Uffiċjali maħtur skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 225 ta' dan l-Att.

(6) Id-diretturi, is-segretarju tal-kumpannija, u kull kontributorju u kreditur tal-kumpannija jkollhom il-jedd li jagħmlu sottomissjonijiet waqt is-smigħ ta' rikors għal stralċ magħmul taħt dan l-artikolu.

(7) Fil-każ ta' rikors għal stralċ magħmul taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-kumpannija għandha tiġi stralċjata volontarjament, japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-Sub-Titolu II ta' dan it-Titolu.

Setgħat tal-Qorti.

219. (1) Mas-smigħ tar-rikors għal stralċ, il-Qorti tista' jew tiċħdu jew tagħti ordni biex tilqgħu, (aktar 'il quddiem imsejjaħ "ordni għal stralċ") u tagħti dawk l-ordnijiet l-oħra, magħduda ordnijiet *interim*, u taġġorna s-smigħ kondizjonalment jew xort'oħra kif jidhrilha xieraq; iżda ma għandu jsir ebda ordni għal stralċ qabel ma r-rikors ikun notifikat lil dawk il-persuni li l-Qorti fiċ-ċirkostanzi, u fuq tagħrif mogħti mir-rikorrent jidhrilha li ssejjaħ biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.

(2) Il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tagħmel ordni għal stralċ fuq il-bażi biss li l-attiv tal-kumpannija jkun suġġett għal ipoteki, privileġġi jew ħlasijiet oħra f'ammont aggregat li jkun daqs jew iżjed mill-attiv, jew li l-kumpannija ma jkollhiex attiv.

(3) Jekk ir-rikors għal stralċ ikun ippreżentat minn membri tal-kumpannija bħala kontributorji fuq il-bażi li jkun hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u l-istralċ tal-kumpannija, il-Qorti għandha, jekk tkun tal-fehma li dawn ir-raġunijiet jeżistu iżda li r-rikorrenti jkollhom jedd ta' xi rimedju ieħor barra mix-xoljiment u stralċ tal-kumpannija, tagħmel biss ordni għal stralċ sakemm ir-rikorrenti ma jkunux qegħdin jaġixxu b'mod mhux raġonevoli meta jitolbu li l-kumpannija tkun xolta u stralċjata minflok li jfittxu dak ir-rimedju l-ieħor.

Setgħa biex jitwaqqfu proċedimenti kontra kumpannija.

220. F'kull żmien wara li jkun ippreżentat rikors għal stralċ, u qabel ma jingħata ordni għal stralċ, il-kumpannija, jew kull kreditur jew kontributorju, jistgħu jagħmlu rikors lill-Qorti biex twaqqaf il-proċedimenti ġudizzjali tal-Qorti pendenti kontra l-kumpannija, u l-Qorti tista' twaqqaf dawk il-proċedimenti b'dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

Disponimenti ta' proprjetà eċċ. wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment.

221. Fi stralċ mill-Qorti, kull disponiment ta' proprjeta tal-kumpannija, magħduda kull jeddijiet ta' azzjoni, u kull trasferiment ta' azzjonijiet, jew tibdil fl-istat tal-membri tal-kumpannija, li jsir wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment, ikun null, kemm-il darba l-Qorti ma tordnax xort'oħra.

Ma jkunux eżegwiti mandati kontra kumpannija.

222. Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti, kull att jew mandat, sew kawzjonarju jew eżekuttiv, maħruġ jew miġjub kontra l-kumpannija wara d-data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment ikun null.

Data li fiha jkun meqjus li sar ix-xoljiment.

223. (1) Meta, qabel il-preżentata ta' rikors ta' stralċ, tkun għaddiet riżoluzzjoni straordinarja mill-kumpannija għal xoljiment bi stralċ volontarju, il-kumpannija titqies li tkun ġiet xolta fil-ħin li tkun għaddiet ir-riżoluzzjoni, u sakemm il-Qorti, fuq prova ta' frodi jew żball ma taħsibx li għandha tordna xort'oħra, kull proċedimenti li jkunu ttieħdu fl-istralċ volontarju jitqiesu li kienu ttieħdu b'mod validu.

(2) F'kull każ ieħor il-kumpannija titqies li tkun xolta fil-ħin tal-preżentata tar-rikors għal stralċ.

Konsegwenzi ta' ordni għal stralċ.

224. (1) Meta l-Qorti tagħmel ordni għal stralċ kopja ta' l-ordni għandha minnufih tintbagħat mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(2) Meta jkun sar ordni għal stralċ jew ikun inħatar amministratur provviżorju, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 228 ta' dan l-Att, ma tista' tittieħed ebda azzjoni jew jinbdew xi proċeduri kontra l-kumpannija jew il-proprjetà tagħha ħlief bil-permess tal-Qorti u taħt dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-Qorti.

(3) Ordni għal stralċ jaħdem favur il-kredituri kollha tal-kumpannija u tal-kontributorji kollha tal-kumpannija daqslikieku dan ikun inħareġ fuq rikors li jkun sar minn kreditur u kontribitorju flimkien.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu u ta' l-artikoli li jmiss ta' dan is-Sub-Titolu japplikaw biss għal ordni għal stralċ meta jsir stalċ mill-Qorti.

Kapitolu II — Riċevitur Uffiċjali

Riċevitur Uffiċjali.

225. (1) Il-Ministru, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja għandu jaħtar uffiċjal pubbliku biex ikun Riċevitur Uffiċjali għall-finijiet ta' dan l-Att u jista' wkoll, meta għal xi żmien ma jkun hemm ebda uffiċjal li jkollu dik il-kariga, iqabbad lil xi uffiċjal pubbliku biex jaġixxi f'dik il-kariga, u jista' f'kull żmien itemm dik il-kariga jew desinjazzjoni.

(2) Ir-Riċevitur Uffiċjali jkun mgħejjun minn dak il-persunal li l-Ministru jista' jqabbad għal ħekk minn fost uffiċjali pubbliċi.

(3) Il-Ministru jista' jippreskrivi regolamenti dwar drittijiet li għandhom jitħallsu mill-attiv tal-kumpannija għall-qadi tad-dmirijiet ġenerali tar-Riċevitur Uffiċjali bħala Riċevitur Uffiċjali.

Dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpannija tingħata lir-Riċevitur Uffiċjali.

226. (1) Meta l-Qorti tkun għamlet ordni għal stralċ jew ħatret amministratur provviżorju, għandha ssir u tingħata lill-Uffiċjal Riċevitur dikjarazzjoni fuq il-qagħda tal-kumpannija fil-forma preskritta, jew f'dik il-forma l-oħra li tkun aċċettata mir-Riċevitur Uffiċjali, verifikata bil-ġurament, u li turi l-partikolaritajiet tal-kumpannija dwar l-attiv, id-dejn u l-passiv tagħha, l-ismijiet, ir-residenza u l-okkupazzjonijiet tal-kredituri tagħha, is-sigurtajiet miżmuma minnhom rispettivament, id-dati meta s-sigurtajiet kienu rispettivament mogħtija, u dak it-tagħrif l-ieħor li jista' jkun preskritt jew meħtieġ mir-Riċevitur Uffiċjali.

(2) Id-dikjarazzjoni għandha tkun mogħtija u verifikata minn persuna waħda jew iktar li fid-data rilevanti jkunu diretturi tal-kumpannija u minn dawk il-persuni l-oħra hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan is-subartikolu msemmija, li r-Riċevitur Uffiċjali jista' jeħtieġ biex jagħtu u jivverifikaw id-dikjarazzjoni, jiġifieri, persuni —

(a) li huma jew kienu uffiċjali tal-kumpannija f'xi żmien matul it-tliet snin minnufih qabel id-data ta' l-ordni ta' l-istralċ;

(b) li jkunu ħadu sehem fil-formazzjoni tal-kumpannija f'xi żmien matul sena qabel id-data rilevanti;

(ċ) li jkunu fl-impjieg tal-kumpannija, jew li kien ilhom fl-impjieg tal-kumpannija matul l-imsemmija tnax-il xahar, u li fil-fehma tar-Riċevitur Uffiċjali jkunu jistgħu jagħtu t-tagħrif meħtieġ;

(d) li huma jew li kienu matul l-imsemmija tnax-il xahar uffiċjali ta' kumpannija jew impjegati tagħha li, matul l-imsemmija tnax-il xahar, kienu uffiċjali tal-kumpannija li għalih tirreferi d-dikjarazzjoni.

(3) Id-dikjarazzjoni għandha tingħata fi żmien wieħed u għoxrin jum mid-data rilevanti jew f'dak iż-żmien itwal li r-Riċevitur Uffiċjali jista' jistabbilixxi għal raġunijiet speċjali.

(4) Kull persuna li tagħmel jew li taqbel li tagħmel id-dikjarazzjoni u l-ġurament meħtieġa b'dan l-artikolu tingħata, u għandha titħallas mir-Riċevitur Uffiċjali jew mill-amministratur provviżorju, skond il-każ, mill-attiv tal-kumpannija, dak l-infieq u l-ispejjeż fit-tħejjija u dwar it-tħejjija u l-egħmil tad-dikjarazzjoni u ġurament kif ir-Riċevitur Uffiċjali jista' jikkonsidra xieraq, suġġett għal appell lill-Qorti.

(5) Jekk jidhirlu xieraq ir-Riċevitur Uffiċjali jista' —

(a) f'kull żmien jeħles persuna mill-obbligu impost fuqha taħt is-subartikolu (1) jew (2) ta' dan l-artikolu; jew

(b) inkella meta jagħti l-avviż imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jew wara, itawwal iż-żmien hekk imsemmi;

u meta r-Riċevitur Uffiċjali jkun irrifjuta li jeżerċita setgħa mogħtija b'dan is-subartikolu, il-Qorti, jekk jidhrilha xieraq, tista' teżerċita hi dik is-setgħa.

(6) Jekk xi persuna, mingħajr raġuni xierqa, tonqos li tħares il-ħtiġiet ta' dan l-artikolu, din tista' teħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

(7) Kull persuna li bil-miktub tiddikjara lilha nnifisha bħala kreditur jew kontributorju tal-kumpannija jkollha l-jedd jew waħedha jew bil-mezz ta' l-aġent tagħha f'kull żmien xieraq, mal-ħlas tad-dritt preskritt, tispezzjona d-dikjarazzjoni magħmula skond dan l-artikolu, u li tikseb kopja tagħha jew ta' estratti minnha.

(8) F'dan l-artikolu l-espressjoni "data rilevanti" tfisser, f'każ fejn ikun maħtur amministratur provviżorju, id-data tal-ħatra tiegħu, u, fil-każ meta ma ssir ebda ħatra bħal dik, id-data ta' l-ordni għal stralċ.

Rapport minn Riċevitur Uffiċjali.

227. (1) Fil-każ li jkun sar ordni għal stralċ, ir-Riċevitur Uffiċjali għandu, kemm jista' jkun malajr wara li jkun irċieva d-dikjarazzjoni li għandha tingħata taħt l-artikolu 226 ta' dan l-Att jew, f'każ fejn hu jew il-Qorti tordna li ma għandhiex tingħata dikjarazzjoni, kemm jista' jkun malajr wara d-data ta' l-ordni, jagħti rapport preliminari, jekk il-każ, li jidhirlu meħtieġ —

(a) dwar l-ammont tal-kapital maħruġ u mħallas, u l-ammont stmat ta' l-attiv u l-passiv;

(b) jekk il-kumpannija tkun naqset, dwar ir-raġunijiet tan-nuqqas; u

(ċ) jekk fil-fehma tiegħu jkunx hemm ħtieġa ta' iktar stħarriġ dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-promozzjoni, formazzjoni jew nuqqas tal-kumpannija jew it-tmexxija tan-negozju tagħha.

(2) Ir-Riċevitur Uffiċjali jista' wkoll, jekk jidhirlu xieraq, jagħmel rapport ieħor, jew rapporti oħra, fejn jgħid il-mod li bih il-kumpannija kienet iffurmata u jekk fil-fehma tiegħu jkunx sar xi frodi minn xi persuna fil-promozzjoni jew formazzjoni tagħha jew minn xi uffiċjal tal-kumpannija minn meta saret il-formazzjoni tagħha, u kull ħaġa oħra li fil-fehma tiegħu tkun meħtieġa li titgħarraf lill-Qorti.

(3) Jekk ir-Riċevitur Uffiċjali jgħid f'xi rapport ieħor li fil-fehma tiegħu jkun sar frodi kif intqal fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-Qorti jkollha s-setgħat l-oħra mogħtija bl-artikolu 260 ta' dan l-Att, bla ħsara għall-eżerċizzju ta' kull setgħat oħra li jkollha.

Kapitolu III — Stralċjarji fi stralċ mill-Qorti

Ħatra u setgħat ta' amministratur proviżorju.

228. (1) Il-Qorti tista' taħtar amministratur provviżorju f'kull żmien wara li jkun ġie ppreżentat rikors għal stralċ u qabel ma tagħmel ordni għal stralċ, u jista' jkun maħtur jew l-Uffiċjal Riċevitur jew xi persuna oħra kompetenti.

(2) L-amministratur provviżorju għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet li l-Qorti tista' tagħtih.

(3) Meta amministratur provviżorju jkun maħtur mill-Qorti, il-Qorti tista' tillimita u tirrestringi s-setgħat tiegħu, bl-ordni li taħtru.

(4) L-amministratur provviżorju jibqa' jżomm dik il-kariga sa dak iż-żmien li jsir l-ordni għal stralċ.

Funzjonijiet ta' Riċevitur Uffiċjali dwar il-kariga ta' stralċjarju.

229. (1) Ir-Riċevitur Uffiċjali, bis-saħħa tal-kariga tiegħu, isir l-istralċjarju tal-kumpannija u jkompli fil-kariga sakemm persuna oħra ssir stralċjarju skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

(2) Bis-saħħa tal-kariga tiegħu Riċevitur Uffiċjali jkun stralċjarju kull meta ma jkunx hemm stralċjarju ieħor.

(3) F'kull żmien matul li jkun stralċjarju tal-kumpannija, ir-Riċevitur Uffiċjali jista' jsejjaħ laqgħat separati tal-krediturі u kontributorji tal-kumpannija sabiex jagħżel persuna biex tkun stralċjarju tal-kumpannija minflok ir-Riċevitur Uffiċjali.

(4) Huwa d-dmir tar-Riċevitur Uffiċjali —

(a) kemm jista' jkun malajr wara ż-żmien ta' tnax-il ġimgħa li jibdew mill-jum li fih kien sar l-ordni għal stralċ, li jiddeċiedi jekk għandux jeżerċità s-setgħa tiegħu taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu li jsejjaħ laqgħat, u

(b) jekk bis-saħħa tal-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu jiddeċiedi li ma jeżerċitax dik is-setgħa, li jagħti avviż tad-deċiżjoni tiegħu, qabel ma jagħlaq dak iż-żmien, lill-Qorti u lill-krediturі u l-kontributorji tal-kumpannija, u

(ċ) sew jekk iddeċieda jew le li jeżerċità dik is-setgħa tiegħu li jsejjaħ laqgħat taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jekk f'xi żmien ikun mitlub, skond ir-regoli preskritti mill-Ministru taħt dan l-Att, li jagħmel hekk minn kwart, skond il-valur, tal-krediturі tal-kumpannija;

u, għalhekk, meta d-dmir impost bil-paragrafu (ċ) ta' dan is-subartikolu jinqala' qabel ma r-Riċevitur Uffiċjali jkun qeda dmir impost bil-paragrafu (a) jew (b) ta' dan is-subartikolu, dan ma jkunx meħtieġ li jaqdi dan l-aħħar dmir.

(5) Avviż mogħti taħt il-paragrafu (b) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu lill-krediturі tal-kumpannija għandu jkun fih spjegazzjoni tas-setgħa tal-krediturі taħt il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu li jeħtieġ lir-Riċevitur Uffiċjali li jsejjaħ laqgħat tal-krediturі u kontributorji tal-kumpannija.

Għażla ta' stralċjarju f'laqgħat ta' krediturі u kontributorji.

230. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti u jissejħu laqgħat separati tal-krediturі u tal-kontributorji tal-kumpannija sabiex tingħażel persuna biex tkun stralċjarju tal-kumpannija skond l-artikolu 229 ta' dan l-Att.

(2) Il-krediturі u l-kontributorji jistgħu fil-laqgħat rispettivi tagħhom jinnominaw persuna biex tkun stralċjarju.

(3) L-istralċjarju jkun il-persuna nominata mill-krediturі jew, jekk ebda persuna ma tkun hekk nominata, il-persuna, jekk ikun hemm, nominata mill-kontributorji.

(4) Meta ebda persuna ma tkun ġiet nominata jew mill-krediturі jew mill-kontributorji biex tagħmilha ta' stralċjarju, ir-Riċevitur Uffiċjali jista', f'kull żmien, jagħmel rikors lill-Qorti biex taħtar stralċjarju.

Laqgħat ta' kredituri u kontributorji.

231. (1) Id-dati tal-laqgħat tal-kredituri u tal-kontributorji għandhom ikunu stabbiliti u l-laqgħat għandhom jissejħu mill-istralċjarju.

(2) L-avviżi tal-laqgħat tal-kredituri u tal-kontributorji għandhom jagħtu l-ħin u l-post maħtur għall-laqgħat rispettivi.

Kredituri jkollhom jedd jivvotaw.

232. (1) Fil-każ ta' l-ewwel laqgħa tal-kredituri jew ta' aġġornament tagħha persuna ma jkollhiex jedd tivvota bħala kreditur kemm-il darba ma tkunx iddepożitat ma' l-istralċjarju, mhux iktar tard miż-żmien imsemmi għalhekk fl-avviż li jsejjaħ il-laqgħa jew il-laqgħa aġġornata, prova tad-dejn li hi tgħid li jkun dovut lilha mill-kumpannija.

(2) Fil-każ ta' laqgħa oħra tal-kredituri li ssir fi stralċ mill-Qorti, persuna ma jkollhiex jedd li tivvota bħala kreditur kemm-il darba ma tkunx iddepożitat ma' l-istralċjarju prova tad-dejn li hi tgħid li jkun dovut lilha mill-kumpannija u dik il-prova tkun ġiet aċċettata għal kollox jew f'parti qabel id-data li fiha ssir il-laqgħa.

(3) Iċ-*chairman* ikollu s-setgħa li jaċċetta jew jiċħad prova tad-dejn ta' kreditur għall-fini tal-vot, iżda d-deċiżjoni tiegħu tkun suġġetta għall-appell lill-Qorti. Jekk dan ikollu dubju jekk il-prova tad-dejn ta' kreditur għandhiex tkun aċċettata jew miċħuda, iċ-*chairman* għandu jimmarkaha bħala oġġezzjonata u jħalli lill-kreditur jivvota, salv li l-vot jista' jkun invalidat fil-każ li tkun milqugħa l-oġġezzjoni.

(4) Garanti ta' dejn dovut mill-kumpannija ma jkunx kreditur għall-finijiet ta' dan it-Titolu kemm-il darba ma jkunx ħallas id-dejn garantit kollu.

Avviż ta' l-ewwel laqgħa ta' l-uffiċjali tal-kumpannija.

233. (1) Ir-Riċevitur Uffiċjali għandu jagħti lil kull wieħed mill-uffiċjali tal-kumpannija li, fil-fehma tiegħu għandhom jattendu għall-ewwel laqgħat tal-kredituri u kontributorji, avviż ta' sebat ijiem tal-ħin u l-post stabbilit għal kull laqgħa.

(2) Ikun id-dmir ta' kull uffiċjal li jkun ingħata avviż ta' dik il-laqgħa li jattendi jekk hekk meħtieġ mir-Riċevitur Uffiċjali u jekk dak l-uffiċjal jonqos li jattendi, ir-Riċevitur Uffiċjali għandu jirrapporta dak in-nuqqas lill-Qorti.

Sommarju tad-dikjarazzjoni tal-qagħda finanzjarja.

234. (1) Ir-Riċevitur Uffiċjali għandu wkoll, kemm jista' jkun malajr qabel l-ewwel laqgħa, jibgħat lil kull wieħed mill-kredituri msemmija fid-dikjarazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija u lil kull persuna li tkun tidher mill-kotba tal-kumpannija r-*records* ta' kontijiet jew xort'oħra bħala kontributorju tal-kumpannija, sommarju tad-dikjarazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija, li jinkludi r-raġunijiet għan-nuqqas tagħha, u kull osservazzjonijiet fuqhom li r-Riċevitur Uffiċjali jidhirlu xieraq li jagħmel, iżda l-proċedimenti f'laqgħa ma jkunux invalidati minħabba li xi sommarju kif intqal qabel ma jkunx ingħata jew ma jkunx riċevut qabel il-laqgħa.

(2) Meta qabel l-ordni għal stralċ, ikun inbeda stralċ volontarju tal-kumpannija, ir-Riċevitur Uffiċjali jista', jekk fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu hekk jidhirlu xieraq li jagħmel, jibgħat lill-

imsemmija persuni jew lil xi whud minnhom kont ta' dak l-istralċ volontarju li juri kif ikun tmexxa dak l-istralċ u kif il-proprjetà tal-kumpannija tkun ġiet disposta u kull osservazzjonijiet oħra li jkun jidhirlu xierqa li jagħmel.

Meta tkun maħtura bħala stralċjarju persuna li ma tkunx ir-Riċevitur Uffiċjali.

235. (1) Meta fl-istralċ ta' kumpannija mill-Qorti tinħatar bħala stralċjarju persuna li ma tkunx ir-Riċevitur Uffiċjali, dik il-persuna —

(a) ma tkunx tista' taġixxi bħala stralċjarju sakemm ma tkunx avżat bil-ħatra tagħha lir-Reġistratur u tkun tat garanzija xierqa, jekk ikun hemm, għall-qadi sewwa tal-funzjonijiet tagħha kif ordnat mill-Qorti mal-ħatra tagħha, meta l-ħatra ssir mill-Qorti;

(b) għandha tagħti lir-Riċevitur Uffiċjali dak it-tagħrif u dak l-aċċess u l-faċilitajiet biex jispezzjona l-kotba u d-dokumenti tal-kumpannija u b'mod ġenerali dik l-għajnuna li tista' tkun meħtieġa sabiex dak l-uffiċjal ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu taħt dan l-Att.

(2) Ir-Reġistratur għandu meta jirċievi avviż tal-ħatra kif imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jirreġistrah.

(3) Sakemm il-persuna maħtura biex taġixxi ta' stralċjarju tkun tista' taġixxi kif imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-Riċevitur Uffiċjali għandu jkompli jagħmilha ta' stralċjarju.

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar stralċjarji.

236. (1) Stralċjarju maħtur mill-Qorti jista' jirriżenja jew, jekk tintwera raġuni biżżejjed, jitneħħa mill-Qorti.

(2) Meta persuna barra mir-Riċevitur Uffiċjali jinħatru bħala stralċjarju, dik il-persuna titħallas fuq dik il-bażi kif tordna l-Qorti.

(3) Aktar minn persuna waħda tista' tinħatar biex taqdi l-funzjoni ta' stralċjarju ta' kumpannija, u kull stralċjarju hekk maħtur għandu jitħallas fuq dik il-bażi kif tordna l-Qorti.

(4) Vakanza fil-kariga ta' stralċjarju maħtur mill-Qorti għandha timtela mill-qorti.

(5) Jekk jinħatru iktar minn stralċjarju wieħed mill-Qorti, il-Qorti għandha tiddikjara jekk xi għemil li b'dan l-Att hu meħtieġ jew awtorizzat li jsir mill-istralċjarju għandux isir mill-persuni kollha maħtura jew minn waħda jew uħud minnhom.

(6) L-atti ta' stralċjarju jkunu validi minkejja xi difetti li wara jinstab li jkun hemm fil-ħatra jew fil-kwalifika tiegħu.

Kustodja u kontroll ta' proprjetà tal-kumpannija.

237. Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti, l-istralċjarju jew l-amministratur provviżorju, skond il-każ, għandu jieħu taħt il-kustodja jew il-kontroll tiegħu l-proprjetà kollha u l-jeddijiet kollha li hu jkollu raġuni xierqa jaħseb li l-kumpannija jkollha jedd għalihom.

Setgħa ta' stralċjarju.

238. (1) Fl-istralċ mill-Qorti l-istralċjarju jkollu s-setgħa, bis-sanzjoni jew tal-Qorti jew tal-kumitat ta' stralċ maħtur taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV ta' dan is-Sub-Titolu —

(a) li jagħmel jew jiddefendi kull azzjoni jew proċedimenti legali oħra fl-isem u għan-nom tal-kumpannija;

(b) li jmexxi n-negozju tal-kumpannija safejn dan ikun meħtieġ għall-benefiċċju ta' l-istralċ tagħha;

(ċ) li jħallas lill-krediturі skond il-gradwazzjoni tagħhom billiġi;

(d) li jagħmel kull kompromess jew ftehim mal-krediturі jew persuni li jgħidu li huma krediturі, jew li jkollhom jew li jallegaw li jkollhom xi talba, preżenti jew futura, ċerta jew kontinġenti, aċċertata jew li tista' tkun dovuta bħala danni kontra l-kumpannija jew li biha l-kumpannija tista' tinżamm responsabbli u li jirreferi xi kwistjoni bħal din għall-arbitraġġ;

(e) li jagħmel sejħiet lill-kontributorji jew allegati kontributorji u li jagħmel kompromess jew ftehim fuq djun, obbligi u talbiet tal-kumpannija preżenti jew futuri, ċerti jew kontinġenti, aċċertati jew li jistgħu jkunu dovuti bħala danni, li jkunu jeżistu jew meqjusa li jeżistu bejn il-kumpannija u kontributorju jew allegat kontributorju jew debitur ieħor jew allegat debitur u kull kwistjonijiet li b'xi mod għandhom x'jaqsmu ma', jew jolqtu, l-attiv jew l-istralċ tal-kumpannija, b'dawk il-kondizzjonijiet li jkunu miftiehma, u li jieħu kull sigurtà għas-sodisfazzjon ta' kull sejħa, dejn, obbligu jew talba u li jagħti jew jikkompleta sodisfazzjon dwarhom;

(f) li jirrapreżenta lill-kumpannija f'kull ħaġa u li jagħmel dawk il-ħwejjeġ li jkunu meħtieġa biex jiġi stralċjat in-negozju tal-kumpannija u sabiex jitqassam l-attiv tagħha.

(2) Fi stralċ mill-Qorti l-istralċjarju jkollu b'mod partikolari s-setgħa —

(a) li jbiegħ beni mobbli u immobbli, magħdud kull jedd, tal-kumpannija b'irkant pubbliku jew bi ftehim privat bis-setgħa li jittrasferixxi l-intier jew parti minnu;

(b) li jagħmel kull azzjoni u li jesegwixxi, fl-isem jew għan-nom tal-kumpannija, kull att, riċevuta u dokument ieħor;

(ċ) li jiġbor fuq is-sigurtà ta' l-attiv tal-kumpannija kull flus li jkunu meħtieġa;

(d) li jaħtar mandatarju biex jaġixxi għalih fil-kariga tiegħu ta' stralċjarju għal għanijiet partikolari.

(3) Fi stralċ mill-Qorti, l-eżerċizzju tas-setgħat mogħtija lill-istralċjarju b'dan l-artikolu jkunu suġġetti għall-kontroll tal-Qorti, u kull kreditur jew kontributur jista' jagħmel rikors lill-Qorti għal xi eżerċizzju jew eżerċizzju propost ta' xi waħda minn dawk is-setgħat:

Iżda l-Qorti tista' tagħti ordni illi l-istralċjarju jkun jista', fejn ma jkunx hemm kumitat ta' stralċ, jeżerċita xi segħtat msemmija fil-paragrafu (a) jew (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu mingħajr il-permess tal-Qorti.

Eżerċizzju u kontroll tas-setgħat ta' l-istralċjarju.

239. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, stralċjarju ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti għandu, fl-amministrazzjoni ta' l-attiv tal-kumpannija u fit-tqassim tagħhom fost il-krediturі tagħha, jqis kull direttivi li jistgħu jingħataw b'riżoluzzjoni tal-krediturі jew kontributorji f'xi laqgħa ġenerali jew mill-kumitat ta' stralċ, u kull direttivi mogħtija mill-krediturі u l-kontributorji flimkien għandhom, jekk ikunu b'konflitt ma' xi direttivi mogħtija mill-kumitat ta' stralċ, jitqiesu li jreġu dawn ta' l-aħħar; xort'oħra għandhom jreġu d-direttivi mogħtija mill-kumitat ta' stralċ.

(2) L-istralċjarju jista' jsejjaħ laqgħat ġenerali tal-krediturі jew kontributorji sabiex jaċċerta x-xewqat tagħhom, u jkun id-dmir tiegħu li jsejjaħ laqgħat f'dawk iż-żminijiet li l-krediturі jew il-kontributorji, b'riżoluzzjoni, jew fil-laqgħa li taħtar lill-istralċjarju jew xort'oħra, jistgħu jeħtieġu, jew kull meta mitlub bil-miktub biex hekk jagħmel mill-krediturі jew kontributorji skond il-każ, li jkollhom minn għaxra wieħed tal-valur.

(3) L-istralċjarju jista' jagħmel rikors lill-Qorti biex tagħti direttivi dwar kull ħaġa partikolari li tinqala' fl-istralċ.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-istralċjarju jista' juża d-diskrezzjoni tiegħu stess fl-amministrazzjoni tal-beni tal-kumpannija.

(5) Jekk xi persuna tħossa aggravata b'xi egħmil jew deċiżjoni ta' l-istralċjarju, il-persuna tista' tagħmel rikors lill-Qorti u l-Qorti tista' tikkonferma, taqleb jew timmodifika l-egħmil jew id-deċiżjoni li dwarha jsir l-ilment, u tagħmel dak l-ordni dwar dan li jidhrilha ġust.

Kotba li għandhom jinżammu mill-istralċjarju.

240. Kull stralċjarju ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti għandu jżomm kotba xierqa li fihom għandu jieħu ħsieb li jsiru reġistrazzjonijiet jew minuti tal-proċedimenti tal-laqgħat, u ta' kull ħaġa oħra li tista' tkun preskritta.

Ħlasijiet ta' l-istralċjarju fil-bank.

241. (1) Mal-ħatra tiegħu l-istralċjarju għandu javża lir-Reġistratur b'kull kont tal-bank li l-istralċjarju jkun se juża sabiex ikun jista' jirċievi u jagħmel ħlasijiet f'isem il-kumpannija. L-istralċjarju ma jkunx jista' jirċievi u jagħmel ħlasijiet sakemm jagħti dak l-avviż.

(2) Jekk xi stralċjarju jżomm għal iktar min għaxart ijiem somma li tkun iżjed minn mitejn lira jew dak l-ammont l-ieħor li r-Reġistratur f'xi każ partikolari jista' jawtorizzah li jżomm, f'dak il-każ,

jekk ma jispjeġax dak it-tiżmim għas-sodisfazzjoni tar-Reġistratur, dan għandu jħallas l-imgħax fuq l-ammont li hekk iżomm iktar, bir-rata annwali ta' żewġ punti perċentwali 'l fuq mir-rata minima ta' skont tal-Bank Ċentrali ta' Malta u jista' jeħel telf tar-rimunerazzjoni kollha tiegħu jew ta' parti minnha kif il-Qorti jidhrilha xieraq, u jista' jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Qorti, u jkun ukoll responsabbli li jħallas kull spejjeż li jinqalgħu minħabba n-nuqqas tiegħu.

(3) Stralċjarju ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti ma għandux iħallas xi somom riċevuti minnu bħala stralċjarju f'kont jew kontijiet ħlief f'kont jew kontijiet li jkun avżat lir-Reġistratur.

(4) Ma jkunx legali li jinħareġ mandat kawtelatorju jew eżekuttiv fuq xi kontijiet li l-istralċjarju jkun fetaħ skond dan l-artikolu.

Verifika tal-kontijiet ta' l-istralċjarju.

242. (1) Kull stralċjarju ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti għandu, f'dawk iż-żminijiet li jistgħu jkunu preskritti iżda mhux inqas minn darbtejn fis-sena matul il-kariga tiegħu, jibgħat lir-Reġistratur, jew x'imkien ieħor kif ordnat mir-Reġistratur, kont tar-riċevuti u l-ħlasijiet tiegħu bħala stralċjarju.

(2) Il-kont għandu jkun fil-forma preskritta, isir in duplikat, u jkun ċertifikat mill-istralċjarju.

Iżda l-Ministru jista' jagħmel regolamenti li jippreskrivu l-forma meħtieġa biex isir il-kont.

(3) Ir-Reġistratur jista' għas-spejjeż tal-kumpannija jġiegħel li l-kont ikun verifikat, u għall-fini tal-verifika l-istralċjarju għandu jagħti lill-uditur maħtur mir-Reġistratur dawk ir-riċevuti u tagħrif li jkunu meħtieġa mill-uditur u jista' f'kull żmien jeħtieġ il-produzzjoni u l-ispezzjoni ta' kull kotba jew kontijiet miżmuma mill-istralċjarju.

(4) Meta l-kont ikun verifikat, kopja tiegħu għandha tkun konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u l-kopja l-oħra tkun konsenjata lill-Qorti biex tidħol fil-proċess, u kull kopja tkun tista' tiġi spezzjonata minn kull persuna mal-ħlas tad-dritt preskritt.

Kontroll ta' stralċjarji.

243. (1) Jekk isir xi rikors lill-Qorti minn xi kreditur jew kontributorju fejn jilmenta dwar l-imġieba ta' stralċjarju ta' kumpannija l-Qorti għandha tinvestiga l-każ u tieħu dik l-azzjoni li jidhrilha spedjenti.

(2) Ir-Reġistratur jista' f'kull żmien jeħtieġ lil xi stralċjarju ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti li jwieġeb għal kull mistoqsija dwar xi stralċ li minnu jkun inkarigat, u r-Reġistratur jista', jekk jidhirlu xieraq, jagħmel rikors lill-Qorti biex teżamina lill-istralċjarju jew lil xi persuna oħra bil-ġurament dwar l-istralċ.

(3) Ir-Reġistratur jista' jordna wkoll li jsir stħarriġ dwar il-kotba u riċevuti ta' l-istralċjarju.

Ħelsien ta' stralċjarji.

244. (1) Meta l-istralċjarju ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti jkun irrealizza l-proprjetà kollha tal-kumpannija, jew daqshekk minnha, li fil-fehma tiegħu, tkun tista' tiġi realizzata mingħajr ma tittawwal il-likwidazzjoni, u jkun qassam dividend finali, jekk il-każ, lill-kredituri, u jkun aġġusta l-jeddijiet tal-kontributorji bejniethom, u jkun għamel prospett finali, jekk il-każ, lill-kontributorji, jew ikun irriżenja, jew ikun tneħħa mill-kariga, ir-Reġistratur għandu, fuq rikors ta' l-istralċjarju biex jiġi meħlus, iġiegħel li jitħejja rapport fuq il-kontijiet għas-spejjeż tal-kumpannija. Meta jkun soddisfatt li l-istralċjarju jkun ħares il-ħtiġiet kollha tar-Reġistratur, u wara li jieħu konsiderazzjoni tar-rapport u ta' kull oġġezzjoni li tista' titqajjem minn xi kreditur jew kontributorju jew persuna li jkollha nteress li l-istralċjarju ma jkunx meħlus, ir-Reġistratur għandu jew jagħti jew iżomm il-ħelsien skond hekk, suġġett b'danakollu għal appell lill-Qorti magħmul mill-istralċjarju.

(2) Meta l-ħelsien ta' stralċjarju jkun miżmum, il-Qorti tista', fuq rikors ta' xi kreditur jew kontributorju jew persuna nteressata, tagħmel dak l-ordni li jidhrilha ġust, fejn takkuża lill-istralċjarju bil-konsegwenzi ta' kull għemil jew nuqqas li seta' jkun għamel kontra d-dmir tiegħu.

(3) Ordni tar-Reġistratur ta' ħelsien ta' l-istralċjarju teħilsu mir-responsabbiltà kollha dwar kull ħaġa li jkun għamel jew li jkun naqas milli jagħmel fl-amministrazzjoni ta' l-affarijiet tal-kumpannija jew xort'oħra dwar l-imġieba tiegħu bħala stralċjarju, iżda l-Qorti tista', fuq rikors ta' xi kreditur jew kontributorju jew persuna nteressta, tirrevoka dak l-ordni mal-prova li dan ikun inkiseb bi frodi jew billi inżamm lura jew inħeba xi fatt materjali.

(4) Meta stralċjarju ma jkunx qabel irriżenja jew tneħħa, il-ħelsien jitqies bħala tmiem tal-ħatra tiegħu.

(5) Ir-Reġistratur għandu, meta jagħti jew iżomm il-ħelsien imsemmi f'dan l-artikolu, hekk jirreġistrah.

Kapitolu IV — Kumitati ta' stralċ meta jsir stralċ mill-Qorti

Deċiżjoni dwar jekk jinħatarx kumitat.

245. (1) Meta ordni ta' stralċ ikun sar mill-Qorti, il-laqgħa separata tal-kredituri msemmija fl-artikolu 229 ta' dan l-Att imsejħa bil-għan li taħtar stralċjarju minflok Riċevitur Uffiċjali għandha tistabbilixxi wkoll jekk jaħtarx jew le kumitat ta' stralċ biex jaġixxi ma' l-istalċjarju u min se jkunu l-membri tal-kumitat jekk jinħatar.

(2) Meta kumitat ta' stralċ ma jkunx ġie maħtur skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-istralċjarju, li ma jkunx ir-Riċevitur Uffiċjali, jista' f'kull żmien, jekk jidhirlu xieraq, isejjaħ laqgħa separata tal-kredituri tal-kumpannija bil-għan li jiġi stabbilit jekk dan il-kumitat għandux jiġi maħtur jew le u, jekk ikun hekk deċiż, li jinħatar.

(3) Meta kumitat ta' stralċ ma jkunx ġie maħtur skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, l-istralċjarju, li ma jkunx ir-Reċivitur Uffiċjali, għandu jsejjaħ laqgħa tal-krediturí għal ħatra ta' dan il-kumitat jekk ikun hekk mitlub li jagħmel minn, minn għaxra wieħed tal-valur, tal-kredturi tal-kumpannija.

Għamla u proċedimenti ta' kumitat ta' stralċ.

246. (1) Il-kumitat ta' stralċ jkun magħmul minn mhux iżjed minn ħames kredituri tal-kumpannija eletti mil-laqgħa tal-kredituri.

(2) Meta l-laqgħa tal-kredituri ma taħtarx kumitat ta' stralċ, il-laqgħa tal-kontributorji tista' taħtar wieħed mill-membri tagħha biex jagħmel rikors lill-Qorti sabiex din tagħmel ordni lill-istralċjarju biex tissejjaħ laqgħa oħra tal-kredituri sabiex jitwaqqaf kumitat ta' stralċ.

(3) Jekk il-laqgħa tal-kredituri hekk imsejħa ma twaqqafx kumitat ta' stralċ, dan tista' tagħmlu l-laqgħa tal-kontributorji.

(4) F'dak il-każ il-kumitat ikun magħmul minn għall-anqas tlieta u mhux iżjed minn ħames kontributorji eletti b'dik il-laqgħa.

(5) Il-kumitat għandu jiltaqa' f'dawk iż-żminijiet li jista' jistabbilixxi minn żmien għal żmien, u, jekk ma jkunx stabbilit dak iż-żmien, għall-anqas darba kull sitt xhur, u l-istralċjarju jew xi membru tal-kumitat jista' wkoll isejjaħ laqgħa tal-kumitat kif u meta jidhirlu meħtieġ.

(6) Laqgħa tal-kumitat ma tistax tinżamm jekk maġġoranza fin-numru tal-kumitat ma tkunx preżenti u deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'maġġoranza fin-numru ta' membri preżenti fil-laqgħa.

(7) Membru tal-kumitat jista' jirreżenja b'avviż bil-miktub iffirmat minnu u konsenjat lill-istalċjarju.

(8) Jekk membru tal-kumitat jonqos li jattendi għal ħames laqgħat konsekuttivi tal-kumitat mingħajr il-permess ta' dawk il-membri li flimkien miegħu jirrappreżentaw lill-kredituri jew kontributorji, skond il-każ, il-kariga tiegħu għandha ma dan tkun battala.

(9) Membru tal-kumitat jista' jitneħħa b'riżoluzzjoni ta' laqgħa tal-kredituri, jekk jirrappreżenta lill-kredituri, jew b'riżoluzzjoni ta' laqgħa tal-kontributorji, jekk jirrappreżenta kontributorji skond l-artikolu 298 ta' dan l-Att:

Iżda għandu jingħata għall-anqas avviż ta' sebat ijiem għal-laqgħa, fejn jingħata l-għan tal-laqgħa.

(10) Meta tinħoloq vakanza fil-kumitat l-istralċjarju għandu minnufih isejjaħ laqgħa tal-kredituri jew kontributorji, skond il-każ, biex jimla dik il-vakanza, u l-laqgħa tista', b'riżoluzzjoni, taħtar mill-ġdid lill-istess persuna jew taħtar kreditur jew kontributorju ieħor biex jimla l-vakanza:

Iżda jekk l-istralċjarju, meta jqis il-qagħda fl-istralċ, ikun talfehma li ma jkunx hemm ħtieġa li l-vakanza timtela, jista' jagħmel rikors lill-Qorti biex tordna li l-vakanza ma timteliex, jew li ma timteliex ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li jkunu speċifikati fl-ordni.

(11) Il-membri li jibqgħu fil-kumitat, sakemm mhux inqas minn tnejn, jistgħu jaġixxu minkejja kull vakanza fil-kumitat.

Setgħat tar-Riċevitur Uffiċjali meta ma jkunx hemm kumitat.

247. Meta ma jkunx hemm kumitat ta' stralċ, ir-Riċevitur Uffiċjali jista', fuq talba ta' l-istralċjarju, jagħmel kull att jew ħaġa jew jagħti kull direzzjoni jew permess li b'dan l-Att hu awtorizzat jew meħtieġ li jsir mill-kumitat.

Kapitolu V — Setgħat ġenerali ta' stralċ mill-Qorti fi stralċ mill-Qorti

Setgħa li jitwaqqaf l-istralċ.

248. (1) Il-Qorti tista', f'kull żmien wara li jkun sar ordni għal stralċ, fuq ir-rikors jew ta' l-istralċjarju jew tar-Reċevitur Uffiċjali jew ta' xi kreditur jew kontributorju, u mal-prova għas-sodifazzjon tal-Qorti li l-proċedimenti kollha dwar l-istralċ għandhom jitwaqqfu, tagħmel ordni li jwaqqaf il-proċedimenti, jew għal kollox jew għal żmien limitat, b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa.

(2) Fuq rikors taħt dan l-artikolu l-Qorti tista', qabel tagħmel l-ordni, teħtieġ lir-Reċevitur Uffiċjali jew l-istralċjarju li jagħti lill-Qorti rapport dwar xi fatti jew ħwejjeġ li fil-fehma tagħha, ikunu rilevanti għar-rikors.

(3) Kopja ta' kull ordni magħmul taħt dan l-artikolu għandha tintbagħat minnufih mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

Il-lista ta' kontributorji tkun aġġornata u użu ta' l-attiv.

249. Kemm jista' jkun malajr wara ordni għal stralċ, il-Qorti għandha tistabbilixxi lista' tal-kontributorji u jkollha s-setgħa li tirranġa r-reġistru tal-membri, jekk meħtieġ, u għandha ġġiegħel li jinġabar l-attiv tal-kumpannija, u jintuża biex ikun sodisfatt il-passiv tal-kumpannija:

Iżda, meta l-Qorti jidhrilha li ma jkunx meħtieġ li jsiru sejħiet lil kontributorji jew li l-jeddijiet tagħhom ikunu aġġustati, il-Qorti tista' ma tistabbilixxix lista tal-kontributorji.

Konsenja ta' proprjetà lill-istralċjarju.

250. Il-Qorti tista', f'kull żmien wara ordni għal stralċ, teħtieġ —

(a) kull kontributorju li għal dak iż-żmien ikun fuq il-lista tal-kontributorji; u

(b) kull persuna li tkun qed iżżomm f'idejha xi flus, proprjetà jew kotba u karti li *prima facie* jkollha jedd għalihom il-kumpannija, li tħallas, tikkonsenja, tittrasferixxi jew xort'oħra tgħaddi dawk il-flus, proprjetà, kotba jew karti lill-istalċjarju minnufih jew f'dak iż-żmien kif tordna l-Qorti.

Dejn dovut minn kontributorju u limitu ta' tpaċija.

251. (1) Il-Qorti tista' f'kull żmien wara ordni ta' stralċ, tordna lil xi kontributorju li għal dak iż-żmien ikun imniżżel fil-lista ta' kontributorji, li jħallas, bil-mod ordnat, kull flus dovut minnu lill-kumpannija, barra minn kull flus li għandhom jitħallsu minnu bis-saħħa ta' xi sejħa magħmula taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Meta l-krediturí kollha jitħallsu dak li jkollhom jieħdu, kull flus dovuti akkont ta' xi ħaġa lil kontributorju mingħand il-kumpannija jistgħu jitpaċew kontra xi sejħa li ssir wara lilu.

Setgħa li jsiru sejħiet.

252. (1) Il-Qorti tista', f'kull żmien wara ordni għal stralċ, u jew qabel jew wara li tkun aċċertat is-suffiċjenza ta' l-attiv tal-kumpannija, tagħmel sejħiet fuq il-kontributorji, kollha jew uħud minnhom, li għal dak iż-żmien ikunu mniżżlin fil-lista tal-kontributorji sal-limitu tar-responsabbiltà tagħhom, biex iħallsu kull flus li l-Qorti jidħrilha meħtieġa biex ikunu sodisfatti d-djun u l-passiv tal-kumpannija, u l-kost, il-ħlasijiet u l-ispejjeż ta' l-istralċ, u għall-aġġustament tal-jeddijiet tal-kontributorji bejniethom, u li tagħmel ordni għall-ħlas ta' kull sejħiet hekk magħmula.

(2) Fl-egħmil ta' sejħa l-Qorti tista' tikkunsidra l-probabbiltà li wħud mill-kontributorji jistgħu għal kollox jew f'parti jonqsu li jħallsu s-sejħa.

Ordni tal-Qorti jkun prova konklużiva.

253. Ordni magħmul mill-Qorti fuq kontributorju għandu, suġġett għal kull jedd ta' appell, ikun prova konklużiva li l-flus, jekk il-każ, li bih ikunu jidhru li huma dovuti jew ordnati li jitħallsu, huma dovuti; u l-ħwejjeġ l-oħra kollha pertinenti dikjarati fl-ordni għandhom jitqiesu li huma verament dikjarati kontra kull persuni u fil-proċedimenti kollha.

Ħatra ta' *manager* speċjali.

254. (1) L-istralċjarju jew l-amministratur provviżorju jista, jekk ikun sodisfatt li x-xorta tal-beni jew tan-negozju tal-kumpannija, jew l-interessi tal-krediturí jew kontributorji b'mod ġenerali, jeħtieġu l-ħatra ta' *manager* speċjali tal-beni jew tan-negozju tal-kumpannija barra minnu stess, jagħmel rikors lill-Qorti u l-Qorti tista', fuq dak ir-rikors taħtar *manager* speċjali ta' l-imsemmija beni jew negozju biex jaġixxi matul dak iż-żmien li l-Qorti tista' tordna, b'dawk is-setgħat, li jista' jingħata mill-Qorti.

(2) Il-*manager* speċjali għandu jagħti dik is-sigurtà u rendikont b'dak il-mod li tordna l-Qorti.

(3) Il-*manager* speċjali għandu jirċievi dik ir-rimunerazzjoni li tista' tiġi stabbilità mill-Qorti.

Żmien għal provi ta' dejn.

255. Il-Qorti tista' tistabbilixxi żmien jew żminijiet li matulhom il-krediturí għandhom jipprovaw id-djun jew it-talbiet tagħhom jew li jkunu eskluži mill-benefiċċju ta' kull tqassim magħmul qabel ma jkunu pruvati dawk id-djun.

256. Il-Qorti għandha taġġusta l-jeddijiet tal-kontributorji bejniethom u tqassam kull ma jifdal fost il-persuni li jkollhom jedd għalihom. Aġġustamenti ta' jeddijiet ta' kontributorji.

257. (1) Il-Qorti tista', f'kull żmien wara ordni għal stralċ, tagħmel dak l-ordni sabiex ikunu spezzjonati l-kotba u l-karti tal-kumpannija minn kredituri u kontributorji kif il-Qorti jidhrilha xieraq, u kull kotba u karti li jkunu fil-pussess tal-kumpannija jistgħu jkunu spezzjonati minn kredituri u kontributorji skond dak l-ordni. Spezzjon ta' kotba tal-kumpannija.

(2) Ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma titqies li teskludi jew tirrestringi xi jeddijiet statutorji ta' dipartiment tal-gvern jew ta' xi awtorità jew persuna li taġixxi taħt l-awtorità ta' xi dipartiment jew awtorità bħal dawk.

258. (1) Il-Qorti tista', fil-każ li l-attiv ma jkunx biżżejjed biex jitħallas il-passiv, tagħmel ordni dwar il-ħlas minn dak l-attiv tal-kost, ħlasijiet u spejjeż magħmula fix-xoljiment u stralċ f'dak l-ordni ta' prijorità li l-Qorti jidhrilha xieraq. Ħlas tal-kont ta' l-istralċ mill-attiv.

(2) Meta tagħmel hekk il-Qorti għandha tqis l-ordni ta' prijorità ġenerali li ġej —

(a) spejjeż li għandhom jitħallsu lil, jew li jkunu saru mir-Riċevitur Uffiċjali jew mill-istralċjarju fil-konservazzjoni, realizzazzjoni jew ġbir ta' xi attiv tal-kumpannija;

(b) kull spejjeż oħra li jkunu saru jew inħarġu mir-Riċevitur Uffiċjali jew taħt l-awtorità tiegħu, magħduda dawk li jkunu saru fit-tmexxija tan-negozju tal-kumpannija;

(ċ) id-drittijiet li jitħallsu lir-Riċevitur Uffiċjali tad- dmirijiet ġenerali tiegħu bħala Riċevitur Uffiċjali u kull depożitu li jkollu jitħallas lura li jkun sar mir-rikorrent bħala xi sigurtà għal dik id-dritt;

(d) il-kost ta' kull sigurtà provduta minn amministratur provviżorju, stralċjarju jew *manager* speċjali;

(e) ir-rimunerazzjoni l-amministratur provviżorju, jekk il-każ;

(f) kull depożitu magħmul fuq rikors għall-ħatra ta' amministratur provviżorju;

(ġ) l-ispejjeż tar-rikorrent, u ta' kull persuna oħra li tidher fuq ir-rikors liema spejjeż ikunu milqugħa mill-Qorti;

(ħ) ir-rimunerazzjoni tal-*manager* speċjali, jekk ikun hemm;

(i) kull ammont li jkollu jitħallas lil persuna mpjegata jew awtorizzata li tgħin fit-tħejjija tad-dikjarazzjoni tal-qagħda finanzjarja jew tal-kontijiet;

(j) kull *allowance* magħmula b'ordni tal-Qorti, għal spejjeż ta' rikors għal ħelsien mill-obbligu li tingħata dikjarazzjoni tal-qagħda finanzjarja,jew għal estensjoni taż-żmien sabiex tingħata dikjarazzjoni bħal dik;

(k) kull infiq meħtieġ magħmul mil-istralċjarju waqt l-amministrazzjoni tiegħu, magħduda kull spejjeż magħmula minn membri tal-kumitat ta' stralċ jew tar-rappreżentanti tagħhom u aċċettati mill-istralċjarju;

(l) ir-rimunerazzjoni ta' kull persuna mpjegata mill-istralċjarju biex taqdi xi servizzi tal-kumpannija, kif meħtieġ jew awtorizzat bid-dispożizzjoniiet ta' dan l-Att;

(m) ir-rimunerazzjoni ta' l-istralċjarju, sa kull ammont li ma jkunx iktar minn dak li għandu jitħallas lir-Riċevitur Uffiċjali;

(n) l-ammont ta' kull taxxa fuq l-*income* fuq qligħ taxxabbli li jinqala' mar-realizzazzjoni ta' xi attiv tal-kumpannija;

(o) il-bilanċ ta' kull rimunerazzjoni li tkun dovuta lill-istalċjarju.

Tħarrik ta' persuni suspettati li jkollhom proprjetà tal-kumpannija eċċ.

259. (1) Il-Qorti tista', f'kull ħin wara l-ħatra ta' amministratur proviżorju jew wara l-ordni għal stralċ, tħarrek quddiemha kull uffiċjal tal-kumpannija jew persuna magħrufa jew suspettata li jkollha fil-pussess tagħha xi proprjetà tal-kumpannija jew li suppost ikollha dejn lejn il-kumpannija, u kull persuna li fil-fehma tal-Qorti tkun tista' tagħti tagħrif dwar il-promozzjoni, formazzjoni, kummerċ, negozju, affarijiet jew proprjetà tal-kumpannija.

(2) Il-Qorti tista' teżamina lil kull persuna imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, bil-ġurament dwar ħwejjeġ imsemmija hawn fuq, jew *viva voce* jew b'mistoqsijiet bil-miktub, u l-persuna tista' tagħmel bil-kitba t-tweġibiet tagħha u teħtieġlu li jiffirmahom.

(3) Il-Qorti tista' teħtieġ dik il-persuna tipproduċi kull kotba u karti fil-kustodja jew fis-setgħa tagħha dwar il-kumpannija, iżda jekk din il-persuna tiddikjara xi jedd fuq il-kotba jew karti li tkun ipproduċiet, il-produzzjoni tkun bla ħsara għal dak il-jedd, u l-Qorti jkollha ġurisdizzjoni fl-istralċ li tistabbilixxi kull kwistjoni dwar dak il-jedd.

(4) Jekk xi persuna hekk imħarrka tirrifjuta li tidher quddiem il-Qorti fil-ħin stabbilit, mingħajr ma jkollha impediment leġittimu li jkun mgħarraf lill-Qorti fil-ħin jew qabel il-ħin stabbilit għassmigħ u l-Qorti taċċettah, il-Qorti tista' tordna li tkun arrestata u tinġieb quddiem il-Qorti għall-eżami.

Setgħa ta' ordni biex ikunu eżaminati promuturi u uffiċjali.

260. (1) Meta jkun sar ordni għal stralċ mill-Qorti, u r-Riċevitur Uffiċjali jkun għamel rapport taħt dan l-Att fejn jiddikjara li fil-fehma tiegħu jkun twettaq frodi minn xi persuna fil-promozzjoni jew formazzjoni tal-kumpannija jew minn uffiċjal tal-kumpannija dwar il-kumpannija minn mindu kienet iffurmata, il-Qorti tista' tordna li dik il-

persuna jew dak l-uffiċjal jitressaq quddiem il-Qorti f'jum stabbilit mill-Qorti għal dak l-għan u li jkun eżaminat dwar il-promozzjoni jew formazzjoni jew it-tmexxija tan-negozju tal-kumpannija jew dwar l-imġieba u trattament tiegħu bħala uffiċjal tagħha.

(2) Ir-Riċevitur Uffiċjali jieħu sehem fl-eżami, u għal dak l-għan jista' jkun mgħejjun mill-Avukat Ġenerali.

(3) L-istralċjarju, meta r-Riċevitur Uffiċjali ma jkunx l-istralċjarju, u kull kreditur jew kontributorju jista' jieħu sehem fl-eżami jew personalment jew rappreżentat minn avukat.

(4) Il-Qorti tista' tagħmel dawk il-mistoqsijiet lill-persuna eżaminata kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li l-Qorti jidhrilha xierqa.

(5) Il-persuna tkun eżaminata bil-ġurament u għandha twieġeb dawk il-mistoqsijiet li jsirulha mill-Qorti jew li l-Qorti tagħti permess li jsirulha.

(6) Persuna ordnata li tkun eżaminata taħt dan l-artikolu għandha, qabel dak l-eżami, tingħata kopja tar-rapport tar-Riċevitur Uffiċjali u tista', għas-spejjeż tagħha tkun mgħejjuna minn avukat, li jkun jista' jagħmlilha dawk il-mistoqsijiet li l-Qorti jidhrilha xierqa sabiex tkun tista' tispjega jew tikkwalifika kull risposta mogħtija minnha:

Iżda, jekk dik il-persuna tagħmel rikors lill-Qorti biex tkun meħlusa minn xi akkużi magħmula jew allegati kontra tagħha, ikun id-dmir tar-Riċevitur Uffiċjali li jidher għas-smigħ tar-rikors u jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti għal kull ħaġa li fil-fehma tar-Riċevitur Uffiċjali tkun rilevanti, u jekk il-Qorti, wara li tisma' kull provi miġjuba u xhieda msejħa mir-riċevitur Uffiċjali, tilqa' r-rikors, il-Qorti tista' tiddeċiedi favur ir-rikorrent dawk l-ispejjeż li fid-diskrezzjoni tagħha jidhrilha xierqa.

(7) In-noti ta' l-eżami jittieħdu bil-miktub, u jinqraw lil jew minn, u jkunu ffirmati minn, il-persuna eżaminata, u wara jistgħu jintużaw bħala xiehda kontra tagħha, u jkunu miftuħa għall-ispezzjoni ta' kull kreditur jew kontributorju fil-ħinijiet kollha xierqa.

(8) Il-Qorti tista', jekk jidhrilha xieraq, taġġorna l-eżami minn żmien għal ieħor.

(9) Eżami taħt dan l-artikolu jista', jekk il-Qorti hekk tordna, jinżamm quddiem Maġistrat, u s-setgħat tal-Qorti jistgħu, f'kull każ bħal dak, ikunu eżerċitati mill-Maġistrat li quddiemu jkun qed isir l-eżami.

Setgħa għal arrest ta' kontributorju li jkun se jaħrab.

261. Il-Qorti, f'kull żmien qabel jew wara ordni għal stralċ, fuq prova ta' raġuni probabbli li temmen li kontributorju jkun b'xi mod se jħalli Malta jew jaħrab jew se jneħħi jew jaħbi xi proprjetà tiegħu sabiex ikun jista' jevadi l-ħlas ta' sejħiet jew biex jevita li jkun eżaminat dwar l-affarijiet tal-kumpannija, tista' tordna li kontributorju ma jħallix Malta

u li l-kotba u proprjetà mobbli jinqabdu u l-Qorti tista' tordna ukoll id-detenzjoni tal-kontributur u li l-kotba, karti u proprjetà mobbiljari jinżammu fis-sigurtà sakemm il-Qorti jidhrilha xieraq.

Is-setgħat tal-Qorti kumulattivi

262. Kull setgħat li b'dan l-Att huma mogħtija lill-Qorti jkunu b'żieda ma' xi setgħat li tista' teżerċita xi persuna taħt dan l-Att li jinbdew proċeduri kontra kontributorju jew debitur tal-kumpannija jew il-beni ta' xi kontributorju jew debitur, għall-ġbir ta' xi sejħa jew somom oħra.

Stralċjarju jeżerċita ċerti setgħat tal-Qorti.

263. Is-setgħat mogħtija u d-dmirijiet imposti fuq il-Qorti b'dan l-Att dwar il-ħwejjeġ li ġejjin —

(a) kif jinżammu u jitmexxew laqgħat biex ikunu aċċertati x-xewqat tal-krediturі u kontributorji;

(b) il-preparazzjoni tal-listi ta' kontributorji u r-rettifika tar-reġistru tal-membri meta dan ikun meħtieġ, u l-ġbir u l-applikazzjoni ta' l-attiv;

(ċ) il-ħlas, konsenja, twassil, għoti jew trasferiment ta' flus, proprjetà, kotba jew karti lill-istralċjarju;

(d) l-egħmil ta' sejħiet;

(e) li jkun stabbilit iż-żmien li fih djun u talbiet għandhom ikunu pruvati;

jistgħu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u ta' kull dispożizzjoni magħmula taħt dan l-Att, ikunu eżerċitati jew magħmula mill-istralċjarju, suġġett għall-kontroll tal-Qorti:

Iżda l-istralċjarju ma għandhux, mingħajr il-permess speċjali tal-Qorti, jirrettifika r-reġistru tal-membri u ma għandux jagħmel xi sejħa jew mingħajr il-permess speċjali tal-Qorti jew mingħajr is-sanzjoni tal-kumitat ta' stralċ.

Tħassir ta' isem ta' kumpannija mir-reġistru.

264. (1) Meta l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralċjati għal kollox, il-Qorti, jekk l-istralċjarju jagħmel rikors għal hekk, għandha tagħmel ordni li isem il-kumpannija jitħassar mir-reġistru mid-data ta' l-ordni.

(2) Kopja ta' l-ordni għandha fi żmien erbatax-il jum mid-data tiegħu tintbagħat mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri lir-Reġistratur li għandu jħares dak l-ordni.

Sub-Titolu II — Stralċ Volontarju

Kapitolu I — Dispożizzjonijiet Ġenerali

Avviż ta' riżoluzzjoni għal xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali.

265. (1) Meta kumpannija tkun għaddiet riżoluzzjoni għax-xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali, din għandha, fi żmien erbatax-il jum wara li tkun għaddiet ir-riżoluzzjoni, tagħti avviż tar-riżoluzzjoni lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(2) Fin-nuqqas ta' tħaris mill-kumpannija ta' dan l-artikolu, kull stralċjarju jew uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Bidu ta' stralċ volontarju.

266. Stralċ volontarju jibda fil-ħin li tgħaddi r-riżoluzzjoni għax-xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali.

Effetti ta' stralċ volontarju.

267. (1) Fil-każ ta' xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali, il-kumpannija għandha, mill-bidu ta' l-istralċ, tieqaf milli tkompli n-negozju tagħha ħlief safejn dan ikun meħtieġ għall-benefiċċju ta' l-istralċ tagħha.

(2) Kull trasferiment ta' azzjonijiet, li ma jkunx trasferiment magħmul bis-sanzjoni ta' l-istralċjarju, u kull tibdil fl-istat tal-membri tal-kumpannija, magħmula wara, jew ħekk magħmula li jkollhom effett wara, il-bidu ta' l-istralċ volontarju, ikun null.

Dikjarazzjoni ta' solvenza.

268. (1) Meta jkun propost ix-xoljiment u l-istralċ volontarju ta' kumpannija, id-diretturi tal-kumpannija, jew fil-każ ta' kumpannija li jkollha iktar minn żewġ diretturi, il-maġġoranza tad-diretturi, jistgħu, f'laqgħa tad-diretturi jagħmlu dikjarazzjoni fis-sens li jkunu għamlu stħarriġ sħiħ fl-affarijiet tal-kumpannija, u li, wara li għamlu dan, ikunu tal-fehma li l-kumpannija tkun tista' tħallas id-djun tagħha kollha matul dak iż-żmien li ma jkunx iżjed minn tnax-il xahar mill-bidu ta' l-istralċ kif jista' jkun speċifikat fid-dikjarazzjoni.

(2) Dikjarazzjoni magħmula kif intqal qabel ma jkollhiex effett għall-finijiet ta' dan l-Att kemm-il darba —

(a) ma ssirx fi żmien xahar minnufih qabel id-data li fiha tgħaddi r-riżoluzzjoni għax-xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali tal-kumpannija u ma tkunx konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni qabel dik id-data; u

(b) ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv tal-kumpannija magħmula sa data li ma tkunx qabel id-data tad-dikjarazzjoni b'iktar minn xahrejn.

(3) Kull direttur tal-kumpannija li jagħmel dikjarazzjoni taħt dan l-artikolu mingħajr ma jkollu raġunijiet xierqa għall-fehma li l-kumpannija tkun tista' tħallas id-dejn kollu tagħha fiż-żmien speċifikat fid-dikjarazzjoni ikun ħati ta' reat u jekk jinstab ħati jista' jeħel multa ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien; u jekk il-kumpannija tkun stralċjata skond riżoluzzjoni mgħoddija fiż-żmien ta' xahar wara l-egħmil tad-dikjarazzjoni, iżda d-djun tagħha ma jitħallsux jew ma jsirx provediment għalihom fiż-żmien imsemmi fid-dikjarazzjoni, ikun preżunt, sakemm ma jintweriex kuntrarju, li d-direttur ma kellux bażi xierqa għall-fehma tiegħu.

(4) Stralċ li dwaru tkun saret u ġiet konsenjata dikjarazzjoni skond dan l-artikolu qiegħed f'dan l-Att jissejjaħ "stralċ volontarju tal-membri", u stralċ fil-każ li ma tkunx saret u ġiet konsenjata dikjarazzjoni kif intqal qabel qiegħed f'dan l-Att jissejjaħ "stralċ volontarju tal-krediturì".

Kapitolu II — Dispożizzjonijiet applikabbli għal stralċ volontarju tal-membri

Dispożizzjonijiet dwar stralċ volontarju tal-membri.

269. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-artikoli 270 sa 275 ta' dan l-Att għandhom, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 276 ta' dan l-Att, japplikaw dwar stralċ volontarju tal-membri.

Ħatra u rimunerazzjoni ta' stralċjarji.

270. (1) Il-kumpannija għandha, b'riżoluzzjoni straordinarja, taħtar stralċjarju wieħed jew iżjed għall-fini ta' l-istralċ ta' l-affarijiet u t-tqassim ta' l-attiv tal-kumpannija, u tista' tistabbilixxi r-rimunerazzjoni li għandha titħallas lilu jew lilhom.

(2) Ħlief meta kumpannija tkun ħatret stralċjarju fil-laqgħa li fiha r-riżoluzzjoni straordinarja msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att tkun ġiet mgħoddija, id-diretturi għandhom isejħu laqgħa ġenerali tal-kumpannija, li għandha tinżamm sa tletin jum mid-data tax-xoljiment, għall-fini tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Jekk għal xi raġuni, stralċjarju ma jinħatarx mil-laqgħa ġenerali, id-direturi għandhom jagħmlu rikors lill-Qorti għall-ħatra ta' stralċjarju u l-ħatra ssir mill-Qorti; ir-rikors lill-Qorti għall-ħatra ta' stralċjarju taħt dan is-subartikolu għandu jsir mid-diretturi tal-kumpannija sa erbatax-il jum mid-data li għaliha kienet issejħet il-laqgħa ġenerali msemmija fis-subarikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Fin-nuqqas ta' tħaris tad-dispożizzjonijiet tas-subartkoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu mid-diretturi, kull direttur li jkun naqas jista' jeħel penali, u għal kull jum li matulu jkompli in-nuqqas, penali oħra.

Vakanza fil-kariga ta' stralċjarju.

271. (1) Jekk tinħoloq vakanza fil-kariga ta' stralċjarju maħtur mill-kumpannija minħabba mewt, riżenja jew xort'oħra, il-kumpannija tista', b'riżoluzzjoni straordinarju, timla l-vakanza.

(2) Għall-għan tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu laqgħa ġenerali tista' tissejjaħ minn xi membru, kontributorju jew, jekk ikun hemm iktar minn stralċjarju wieħed, mil-likwidatur jew stralċjarji li jibqgħu, u avviż ta' dan jingħata sa erbatax-il jum minn meta tinħoloq il-vakanza msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(3) Il-laqgħa ġenerali ssir bil-mod provdut b'dan l-Att jew bil-memorandum u l-istatut, jew b'dak il-mod li jista' jkun stabbilit mill-Qorti fuq rikors ta' xi membru, kontributorju jew ta' l-istralċjarju li jibqa'.

(4) Jekk għal xi raġuni tkun li tkun stralċjarju ma jinħatarx bil-mod speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull membru, kontributorju jew stralċjarju jew stralċjarji li jibqgħu jistgħu, f'kull żmien wara, jagħmlu rikors lill-Qorti għall-ħatra ta' stralċjarju, u l-ħatra għandha ssir mill-Qorti.

Dmir ta' stralċjarju f'każ ta' insolvenza.

272. (1) Jekk l-istralċjarju, f'xi żmien wara li tkun saret dikjarazzjoni skond l-artikolu 268 ta' dan l-Att, ikun tal-fehma li l-kumpannija mhux se tkun tista' tħallas id-djun tagħha fiż-żmien imsemmi f'dik id-dikjarazzjoni, għandu minnufih isejjaħ laqgħa tal-krediturі, u jqiegħed quddiem il-laqgħa dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv tal-kumpannija.

(2) Jekk l-istralċjarju jonqos li jħares dan l-artikolu jkun jista' jeħel penali.

Stralċjarju jagħmel laqgħa ġenerali meta l-istralċ idum iktar minn tnax-il xahar

273. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 276 ta' dan l-Att, fil-każ li l-istralċ idum iktar minn tnax-il xhar, l-istralċjarju għandu jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija fi tmiem l-ewwel tnax-il xhar mill-bidu ta' l-istralċ, u għal kull żmien sussegwenti ta' tnax-il xhar, jew fl-ewwel data konvenjenti fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' tnax-il xhar jew f'dak iż-żmien itwal li r-Reġistratur jagħti permess għalih, u għandu jqiegħed quddiem il-laqgħa rendikont ta' l-atti u n-negozji tiegħu u tat-tmexxija ta' l-istralċ matul it-tnax-il xhar ta' qabel, flimkien ma' sommarju ta' riċevuti u spejjeż.

(2) Jekk l-istralċjarju jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun jista' jeħel penali.

Laqgħa finali.

274. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 276 ta' dan l-Att, kif l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralċjati finalment, l-istralċjarju għandu jagħmel rendikont ta' l-istralċ, fejn juri kif ikun tmexxa l-istralċ u kif il-proprjetà tal-kumpannija tkun ġiet disposta, u ma' dan għandu jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija sabiex iqiegħed quddiemha r-rendikont, u jagħti spjegazzjoni tiegħu.

(2) Fi żmien sebat ijiem wara l-laqgħa, l-istralċjarju għandu jibgħat lir-Reġistratur kopja tar-rendikont, u għandu jagħmillu prospett tal-laqgħa li tkun saret u bid-data tagħha, u jekk il-kopja ma tintbagħtx u l-prospett ma jsirx skond dan is-subartikolu l-istralċjarju jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra:

Iżda, jekk ma jkunx hemm preżenti *quorum* għal-laqgħa, l-istralċjarju għandu, minflok il-prospett imsemmi f'dan is-subartikolu, jagħmel prospett li l-laqgħa kienet imsejħa kif imiss u ebda *quorum* ma kien preżenti għaliha, u malli jsir dak il-prospett id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu dwar l-egħmil tal-prospett jitqiesu li jkunu tħarsu.

(3) Jekk l-istralċjarju jonqos li jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija kif meħtieġ b'dan l-artikolu, dan jista' jeħel penali.

Tħassir ta' isem ta' kumpannija mir-reġistru.

275. (1) Malli jirċievi r-rendikont u wieħed mill-prospetti imsemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 274 ta' dan l-Att, r-Reġistratur għandu jirreġistrahom minnufih, u malli jgħaddu tliet xhur mir-reġistrazzjoni tal-prospett ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-reġistru.

Iżda l-Qorti tista', fuq rikors magħmul fi żmien it-tliet xhur imsemmija mill-istralċjarju jew minn xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha nteress, tagħmel ordni li jiddiferixxi d-data ta' fiha l-isem

tal-kumpannija għandu jitħassar mir-reġistru għal dak iż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti tista' tagħmel.

(2) Meta l-Qorti tagħmel ordni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għandu minnufih jibgħat kopja tiegħu lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u r-Reġistratur għandu jiddiferixxi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu skond l-ordni mill-Qorti kif imsemmi f'dak is-subartikolu.

Dispożizzjonijiet alternattivi f'każ ta' insolvenza.

276. Meta d-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 272 ta' dan l-Att ikollhom effett, l-artikoli 284 u 285 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-istralċ bl-esklużjoni ta' l-artikoli 273 sa 275 daqslikieku l-istralċ kien stralċ volontarju tal-krediturі u mhux stralċ volontarju tal-membri.

Kapitolu III — Dispożizzjonijiet applikabbli għal stralċ volontarju tal-krediturі

Dispożizzjonijiet applikabbli għal stralċ volontarju tal-krediturі.

277. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-artikoli 278 sa 285 f'dan l-Att għandhom japplikaw dwar stralċ volontarju tal-krediturі.

Laqgħa tal-krediturі.

278. (1) Id-diretturi tal-kumpannija għandhom jieħdu ħsieb li ssir laqgħa tal-krediturі tal-kumpannija li għandha tissejjaħ fil-jum, jew l-għada tal-jum, li fih ikollha ssir il-laqgħa ġenerali tal-kumpannija li fiha tkun se tiġi proposta r-riżoluzzjoni għax-xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali u għandhom jieħdu ħsieb li avviż ta' l-imsemmija laqgħa tal-krediturі tintbagħat bil-posta lill-krediturі flimkien meta jintbagħtu l-avviżi ta' l-imsemmija laqgħa tal-kumpannija.

(2) Id-diretturi tal-kumpannija għandhom —

(a) jieħdu ħsieb li dikjarazzjoni sħiħa tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija, flimkien ma' lista tal-krediturі tal-kumpannija u l-ammont stmat tat-talbiet tagħhom jitqiegħdu quddiem il-laqgħa tal-krediturі li ssir kif intqal qabel; u

(b) jaħtru wieħed minnhom biex jippresjedi l-imsemmija laqgħa.

(3) Ikun id-dmir tad-direttur maħtur biex jippresjedi l-laqgħa tal-krediturі li jattendi l-laqgħa u jippresjedi fiha.

(4) Jekk il-laqgħa tal-kumpannija li fiha tkun se tiġi proposta r-riżoluzzjoni għax-xoljiment u stralċ volontarju konsegwenzjali tkun aġġornata u r-riżoluzzjoni tgħaddi f'laqgħa aġġornata, kull riżoluzzjoni mgħoddija f'laqgħa tal-krediturі li ssir skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkollha effett daqslikieku tkun għaddiet minnufih wara li tkun għaddiet ir-riżoluzzjoni għax-xoljiment u stralċ konsegwenzjali.

(5) Fin-nuqqas tad-diretturi, jew tad-direttur, skond il-każ, li jħarsu xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, kull direttur li jonqos jista' jeħel penali.

279. (1) Il-krediturl u l-kumpannija fil-laqgħat rispettivi tagħhom imsemmija fl-artikolu 278 ta' dan l-Att jistgħu jinnominaw persuna biex tkun stralċjarju għall-fini ta' l-istralċ ta' l-affarijiet u tqassim ta' l-attiv tal-kumpannija. In-nomina mill-kumpannija ta' persuna bħala stralċjarju għandha ssir b'riżoluzzjoni straordinarja. U jekk il-krediturl u l-kumpannija jinnominaw persuni differenti, il-persuna nominata mill-krediturl tkun l-istralċjarju, u jekk ebda persuna ma tkun nominata mill-krediturl, il-persuna, jekk ikun hemm, nominata mill-kumpannija għandha tkun stralċjarju: Ħatra ta' stralċjarju.

Fejn ebda persuna ma tkun nominata bħala stralċjarju jew mill-krediturl jew mill-kumpannija, id-diretturi tal-kumpannija għandhom jagħmlu rikors lill-Qorti għall-ħatra ta' stralċjarju fi żmien erbatax-il jum wara d-data li fiha il-laqgħa tal-krediturl msemmija fl-artikolu 278 ta' dan l-Att tkun ġiet imsejjħa, jew li fiha r-riżoluzzjoni meħuda f'dik il-laqgħa tkun ġiet fis-seħħ skond is-subartikolu (4) ta' l-imsemmi artikolu 278, skond il-każ.

(3) Fin-nuqqas tad-diretturi li jħarsu d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull direttur li jkun fin-nuqqas jista' jeħel penali u għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

280. (1) Il-krediturl fil-laqgħa miżmuma skond l-artikolu 278 ta' dan l-Att, jew f'xi laqgħa wara jistgħu, jekk jidhrilhom xieraq, jaħtru mhux iktar minn ħames rappreżentanti tal-krediturl f'kumitat ta' stralċ, u jekk dak il-kumitat ikun maħtur, il-kumpannija tista' taħtar sa ħames persuni biex jaġixxu bħala rappreżentanti tal-kontributorji fuq il-kumitat: Kumitat ta' stralċ.

Iżda l-krediturl jistgħu, jekk jidhrilhom xieraq, jirriżolvu li l-persuni kollha, jew uħud minnhom, hekk maħtura mill-kumpannija ma għandhomx ikunu membri tal-kumitat ta' stralċ, u, jekk il-krediturl hekk jirriżolvu, il-persuni msemmija fir-riżoluzzjoni ma għandhomx, kemm-il darba l-Qorti ma tordnax xort'oħra, ikunu kwalifikati biex jaġixxu bħala membri tal-kumitat, u fuq kull rikors lill-Qorti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu l-Qorti tista', jekk jidhrilha xieraq, taħtar persuni oħra biex jaġixxu bħala dawk il-membri minflok il-persuni msemmija fir-riżoluzzjoni.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew kif jista' jiġi xort'oħra preskritt, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 246 ta' dan l-Att, barra mis-subartikoli (1) sa (4) tiegħu, għandhom japplikaw dwar kumitat ta' stralċ maħtur taħt dan l-artikolu kif japplikaw dwar kumitat ta' stralċ maħtur fi stralċ mill-Qorti.

281. Il-kumitat ta' stralċ jew, jekk ma jkunx hemm dak il-kumitat, il-krediturl, għandhom jistabbilixxu l-bażi ta' rimunerazzjoni li titħallas lill-istralċjarju jew lill-istralċjarji. Rimunerazzjoni ta' l-istralċjarju.

282. Jekk tinħoloq vakanza fil-kariga ta' likwidatur minħabba mewt, riżenja jew xort'oħra, għandu jinħatar stralċjarju ġdid skond id-dispożizzjonijiet ta' subartikolu (1) ta' l-artikolu 279 ta' dan l-Att: Vakanza fil-kariġ ta' stralċjarju.

Iżda jekk stralċjarju ma jinħatarx skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi subartikolu, kull membru jew kreditur tal-kumpannija jista' jagħmel rikors lill-Qorti għall-ħatra ta' stralċjarju u l-ħatra ssir mill-Qorti.

Stralċjarju jagħmel laqgħa tal-kumpannija u tal-krediturі meta l-istralċ idum iżjed minn tnax-il xahar.

283. (1) Fil-każ li stralċ idum iktar minn tnax-il xhar l-istralċjarju għandu jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija fi tmiem l-ewwel tnax-il xhar minn meta jbda l-istralċ, u fit-tmiem ta' kull tnax-il xhar jew fl-ewwel data konvenjenti fi żmien tliet xhur mit-tmiem tas-sena jew f'dak iż-żmien itwal li r-Reġistratur jista' jagħti permess għaliħ, u għandu jqiegħed quddiem il-laqgħat rendikont ta' l-atti u n-negozju tiegħu u tat-tmexxija ta' l-istralċ matul it-tnax-il xhar ta' qabel u sommarju ta' dħul u nfiq.

(2) Jekk l-istralċjarju jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dan jista' jeħel penali.

Laqgħat finali.

284. (1) Kif l-affarijiet tal-kumpannija jkunu stralċjati finalment, l-istralċjarju għandu jagħmel rendikont ta' l-istralċ, fejn juri kif tmexxa l-istralċ u kif il-proprjetà tal-kumpannija tkun disposta, u ma dan għandu jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija u laqgħa tal-krediturі sabiex iqiegħed quddiem il-laqgħat r-rendikont, u jagħti spjegazzjoni tiegħu.

(2) Fi żmien sebat ijiem wara d-data tal-laqgħat jew, jekk il-laqgħat ma jsirux fl-istess data, wara d-data ta' l-aħħar laqgħa, l-istralċjarju għandu jibgħat kopja tar-rendikont lir-reġistratur, u għandu jagħmel prospett tal-laqgħat li jkunu saru u bid-dati tagħhom; u jekk il-kopja ma tintbagħtx jew il-prospett ma jsirx skond dan is-subartikolu l-istralċjarju jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra:

Iżda, jekk ma jkunx hemm preżenti *quorum* f'xi waħda minn dawk il-laqgħat, l-istralċjarju għandu, minflok il-prospett imsemmi, jagħmel prospett li dik il-laqgħa kienet imsejħa kif imiss u ebda *quorum* ma kien preżenti għaliha, u malli jsir dak il-prospett id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu dwar l-egħmil tal-prospett għandhom, dwar dik il-laqgħa, jitqiesu li jkunu saru.

(3) Jekk l-istralċjarju jonqos li jsejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija jew laqgħa tal-krediturі kif meħtieġ b'dan l-artikolu, dan jista' jeħel penali.

Thassir ta' isem ta' kumpannija mir-reġistru.

285. (1) Malli jirċievi r-rendikont u, dwar kull waħda minn dawk il-laqgħat, il-prospett jew il-prospetti kif imsemmija fl-artikolu 284 ta' dan l-Att ir-Reġistratur għandu jirreġistrahom minnufih, u malli jgħaddu tliet xhur mir-reġistrazzjoni tagħhom ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpannija minn fuq ir-reġistru:

Iżda l-Qorti tista', fuq rikors ta' l-istralċjarju jew ta' xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha nteress li ssir fi żmien l-imsemmija tliet xhur, tagħmel ordni li jiddefferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpannija għandu jitħassar mir-Reġistru għal dak iż-żmien, u skond il-kondizzjonijiet li l-Qorti jidhrilha xieraq.

(2) Meta l-Qorti tagħmel ordni taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri għandu minnufih jibgħat kopja tiegħu lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u r-Reġistratur għandu jiddiferrixxi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu skond l-ordni mogħtija mill-Qorti kif imsemmi f'dak is-subartikolu.

Kapitolu IV — Dispożizzjonijiet applikabbli għal kull stralċ volontarju

Dispożizzjonijiet applikabbli għal kull stralċ volontarju.

286. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-artikoli minn 287 sa 294 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal kull stralċ volontarju sew jekk ikun stralċ tal-membri jew tal-kredituri.

Tqassim ta' proprjetà tal-kumpannija.

287. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ta' kull liġi oħra dwar debiti jew ħlasijiet preferenzjali, il-proprjetà tal-kumpannija għandha, ma' l-istralċ tagħha, tkun applikata għas-sodisfazzjon tal-passiv tagħha pari passu, u, suġġetta għal dik l-applikazzjoni, għandha, kemm il-darba l-istatut ma jipprovdix xort'oħra, titqassam fost il-membri skond il-jeddijiet u l-interessi tagħhom fil-kumpannija.

Setgħat u dmirijiet ta' stralċjarju.

288. (1) L-istralċjarju jista' —

(a) fil-każ ta' stralċ volontarju tal-membri, bis-sanzjoni ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija, u, fil-każ ta' stralċ volontarju tal-kredituri, bis-sanzjoni tal-Qorti jew tal-kumitat ta' stralċ jew, jekk ma jkunx hemm dak il-kumitat, tal-laqgħa tal-kredituri, jista' jeżerċita kull waħda mis-setgħat mogħtija bil-paragrafi (ċ), (d), u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 238 ta' dan l-Att lil stralċjarju fi stralċ mill-Qorti;

(b) mingħajr sanzjoni, jeżerċita kull waħda mis-setgħat mogħtija b'dan l-Att lil stralċjarju fi stralċ mill-Qorti;

(ċ) jeżerċita s-setgħa tal-Qorti taħt dan l-Att għall-aġġustament tal-lista tal-kontributorji, liema lista tkun *prima facie* prova tar-responsabbiltà tal-persuni msemmija fiha bħala kontributorji;

(d) jeżerċita s-setgħa tal-Qorti li tagħmel sejħiet;

(e) isejjaħ laqgħat ġenerali tal-kumpannija sabiex jikseb is-sanzjoni tal-kumpannija b'riżoluzzjoni straordinarja jew għal xi għan ieħor li jidhirlu xieraq.

(2) L-istralċjarju għandu jħallas id-djun tal-kumpannija u għandu jaġġusta l-jeddijiet tal-kontributorji bejniethom.

(3) Meta jkunu maħtura diversi stralċjarji, kull setgħa mogħtija b'dan l-Att tista' tiġi eżerċitata minn wieħed jew iktar minn dawk l-istralċjarji kif ikun stabbilit fil-ħin tal-ħatra tagħhom jew, fin-nuqqas li jkunu hekk stabbiliti, minn kull numru li ma jkunx inqas minn tnejn.

Setgħat tal-Qorti li tneħħi stralċjarji.

289. Il-Qorti tista', fuq rikors ta' kull membru, kreditur jew kontributorju, jekk tintwera raġuni xierqa sabiex dan jitneħħa, tneħħi stralċjarju u taħtar stralċjarju ieħor.

Avviż mill-istralċjarju tal-ħatra tiegħu.

290. (1) L-istralċjarju għandu, fi żmien erbatax-il jum wara li jkun aċċetta l-ħatra tiegħu, jikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni avviż tal-ħatra tiegħu fejn jagħti ismu u r-residenza tiegħu.

(2) Jekk l-istralċjarju jonqos li jħares il-ħtiġiet ta' dan l-artikolu, dan jista' jeħel penali, u, għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Meta arranġament ikun jorbot lill-membri.

291. (1) Kull arranġament li jsir bejn kumpannija waqt l-istralċ tagħha, u l-kredituri tagħha, għandu, suġġett għal jedd ta' appell taħt dan l-artikolu, ikun jorbot lill-kumpannija jekk isir bis-sanzjoni ta' riżoluzzjoni straordinarja, u lill-kredituri jekk miftiehem b'żewġ terzi tal-valur.

(2) Kull kreditur jew kontributorju jista', fi żmien erbatax-il jum minn meta jkun finalizzat l-arranġament, jagħmel rikors lill-Qorti, kontra l-arranġament, u l-Qorti tista', temenda, tibdel jew tikkonferma r-rikors, kif jidhrilha xieraq.

Il-Qorti tista' tiddeċiedi kwistjonijiet u teżerċità setgħat.

292. (1) L-istralċjarju jew xi membru jew xi kontributorju jew kreditur jista' jagħmel rikors lill-Qorti biex tiddeċiedi kull kwistjoni li tinqala' matul l-istralċ tal-kumpannija, jew li teżerċita, dwar l-eżekuzzjoni ta' sejħiet jew xi ħaġa oħra, is-setgħat kollha li l-Qorti tista' teżerċita jekk il-kumpannija kienet qed tiġi stralċjata mill-Qorti jew uħud minnhom.

(2) Il-Qorti, jekk tkun sodisfatta li d-deċiżjoni tal-kwistjoni jew l-eżerċizzju meħtieġ tas-setgħa msemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jkun ġust u ta' benefiċċju, tista' tilqa' r-rikors għal kollox jew f'parti b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa jew tista' tagħmel dak l-ordni l-ieħor fuq ir-rikors kif jidhrilha li jkun xieraq.

(3) Kopja ta' kull ordni magħmul taħt dan l-artikolu li jwaqqaf il-proċedimenti ta' l-istralċ għandu minnufih jintbagħat mir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri lir-Reġistratur li għandu jagħmel minuta ta' l-ordni fir-reġistru dwar il-kumpannija.

Spejjeż ta' stralċ volontarju.

293. Kull nfieq, ħlasijiet u spejjeż li b'mod xieraq ikunu saru għall-istralċ, magħduda r-rimunerazzjoni ta' l-istralċjarju, għandhom jitħallsu mill-attiv tal-kumpannija bi preċedenza għat-talbiet l-oħra kollha, u għandhom jitħallsu fl-ordni tal-preċedenza kif stabbilita taħt l-artikolu 258 ta' dan l-Att.

Riżervi għal jeddijiet ta' kredituri u kontributorji.

294. L-istralċ volontarju ta' kumpannija ma jtellifx il-jedd ta' xi kreditur jew kontributorju li din tkun stralċjata mill-Qorti, iżda fil-każ ta' rikors minn kontributorju l-Qorti għandha tkun sodisfatta li l-jeddijiet tal-kontributorji jkunu preġudikati bi stralċ volontarju.

Sub-Titolu III - Dispożizzjonijiet applikabbli għal kull xorta ta' stralċ

Kapitolu I — Effett ta' ħatra ta' stralċjarju u sejħa ta' laqgħat

Setgħat tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu.

295. Mal-ħatra ta' stralċjarju, is-setgħat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu, sakemm mhux provdut xort'oħra f'dan it-Titolu.

Sejħa għal laqgħat.

296. (1) L-istralċjarju għandu jsejjaħ il-laqgħat kollha tal-krediturі jew kontributorji billi jagħti avviż ta' mhux inqas minn erbatax-il jum tal-ħin u l-post fejn se jkunu se jsiru fil-Gazzetta u f'għall-anqas gazzetta waħda lokali ta' kuljum; u għandu, mhux anqas minn erbatax-il jum qabel il-jum stabbilit għal-laqgħa, jibgħat bil-posta lil kull persuna li tkun tidher fil-kotba tal-kumpannija bħala kreditur tal-kumpannija, avviż tal-laqgħa tal-krediturі, u, lil kull persuna li isimha jkun jidher fil-kotba tal-kumpannija jew xort'oħra bħala kontributorju tal-kumpannija, avviż tal-laqgħa tal-kontributorji.

(2) L-avviż lil kull kreditur għandu jintbagħat fl-indirizz mogħti fil-prova tal-kreditur għad-dejn tiegħu, jew, jekk ma jkunx ipprova d-dejn tiegħu, fl-indirizz mogħti fid-dikjarazzjoni tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija, jekk ikun hemm, jew f'dak l-indirizz l-ieħor li jkun magħruf mill-persuna li ssejjaħ il-laqgħa.

(3) Meta ma jkunx hemm stralċjarju kontinwu, kull kreditur jista' jagħmel rikors lill-Qorti biex tagħmel ordnijiet dwar is-sejħa u t-tiżmim ta' laqgħa.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal laqgħat miżmuma taħt l-artikolu 278 jew l-artikolu 284 ta' dan l-Att.

Prova ta' avviż u *chairman* tal-laqgħa.

297. (1) Ċertifikat mir-Riċevitur Uffiċjali, jew *affidavit* mill-istralċjarju jew kreditur, jew skond il-każ minn xi uffiċjal tal-kumpannija, li l-avviż ta' xi laqgħa jkun impustat kif imiss, ikun prova biżżejjed li dak l-avviż ikun intbagħat kif imiss lill-persuna li lilha kien indirizzat.

(2) Nuqqas involontarju ta' xi avviż meħtieġ li jingħata bl-artikolu 296 jew xi dispożizzjoni oħra ta' dan it-Titolu ta' dan l-Att ma jinvalidax il-laqgħa.

(3) Meta tissejjaħ laqgħa mir-Riċevitur Uffiċjali jew mill-istralċjarju, dan jew xi ħadd ieħor nominat minnu jkun iċ-*chairman* tal-laqgħa.

Riżoluzzjonijiet ta' krediturі u kontributorji.

298. (1) (a) F'laqgħa tal-krediturі riżoluzzjoni titqies li tkun għaddiet meta maġġoranza fil-valur tal-krediturі preżenti personalment jew bi prokura u li jivvotaw fuq ir-riżoluzzjoni jkunu vvotaw favur ir-riżoluzzjoni;

(b) F'laqgħa tal-kontributorji riżoluzzjoni titqies li tkun għaddiet meta b'maġġoranza fil-valur tal-kontributorji preżenti personalment jew bi prokura, u li jivvotaw fuq ir-riżoluzzjoni, jew

tliet kwarti fil-valur tal-kontributorji, ikunu ivvotaw favur ir-riżoluzzjoni. Il-valur tal-kontributorji għandu jkun stabbilit skond in-numru ta' voti mogħtija lil kull kontributorju bil-memorandum u bl-istatut tal-kumpannija jew jekk il-memorandum u l-istatut ma jgħidu xejn dwar dan, skond il-valur tar-responsabbiltà rispettiva tagħhom biex jikkontribwixxu.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u tal-memorandum u l-istatut tal-kumpannija dwar prokuri f'laqgħat ġenerali tal-kumpannija għandhom japplikaw għal laqgħat ta' kredituri u kontributorji, b'dawk il-modifiki u adattamenti li jkunu meħtieġa.

(3) Kopja ta' kull riżoluzzjoni ta' laqgħa ta' kredituri jew kontributorji fi stralċ mill-Qorti għandha tkun ċertifikata mir-Riċevitur Uffiċjali jew mill-istralċjarju, skond il-każ, u ippreżentata fir-Reġistru tal-Qrati Superjuri.

(4) Meta riżoluzzjoni tkun għaddiet f'laqgħa aġġornata ta' xi kredituri jew kontributorji ta' kumpannija, ir-riżoluzzjoni għandha, għall-finijiet kollha, titqies bħala li tkun għaddiet fid-data li fiha tkun fil-fatt għaddiet, u ma għandhiex titqies li tkun għaddiet f'xi data qabel.

Proċeduri oħra f'laqgħat.

299. (1) Laqgħa tal-kredituri jew tal-kontributorji ma tistax taġixxi għal xi għan ħlief għal:

(a) l-elezzjoni ta' *chairman* meta dik l-elezzjoni tkun meħtieġa; jew

(b) il-prova ta' djun; jew

(ċ) l-aġġornament tal-laqgħa:

Iżda, meta jkun hemm preżenti, fil-każ ta' laqgħa tal-kredituri għall-anqas tliet kredituri li għandhom id-dritt tal-vot jew, fil-każ ta' laqgħa tal-kontributorji, għall-inqas tliet kontributorji, jew meta jkunu preżenti l-kredituri kollha li għandhom id-dritt tal-vot jew il-kontributorji kollha jekk in-numru tal-kredituri li għandhom id-dritt tal-vot jew in-numru ta' kontributorji, skond il-każ, ma jkunx aktar minn tlieta, il-limitazzjoni imsemmija f'dan is-subartikolu m'għandhomx japplikaw.

(2) Jekk fi żmien nofs siegħa mill-ħin stabbilit għal-laqgħa, ma jkunx hemm preżenti jew rappreżentat *quorum* ta' kredituri jew kontributorji, skond il-każ, il-laqgħa għandha tkun aġġornata għall-istess jum fil-ġimgħa ta' wara, fl-istess ħin u fl-istess post jew f'dak il-jum jew ħin jew post ieħor li ċ-*chairman* jista' jistabbilixxi, iżda hekk li l-jum stabbilit ma jkunx inqas minn sebgħa u mhux iżjed minn wieħed u għoxrin jum mill-jum li fih il-laqgħa kienet aġġornata, u f'dik il-laqgħa aġġornata n-numru preżenti jew rappreżentat jifforma *quorum* u jista' jaġixxi għal kull għan.

(3) Iċ-*chairman* jista', bil-kunsens tal-laqgħa, jaġġornaha minn ħin għal ieħor u minn post għal ieħor, iżda l-laqgħa aġġornata għandha ssir fl-istess post bħal laqgħa oriġinali kemm-il darba fir-riżoluzzjoni ta' l-aġġornament ma jkunx speċifikat post ieħor jew jekk il-Qorti ma tordnax xort'oħra.

300. (1) Iċ-*chairman* għandu jieħu ħsieb li jsiru minuti tal-proċedimenti tal-laqgħat u li dawn ikunu reġistrati b'mod xieraq fi ktieb miżmum għalhekk u l-minuti jkunu iffirmati minnu. Minuti ta' laqgħat.

(2) Lista ta' kredituri u kontributorji preżenti għal kull laqgħa għandha ssir u tinżamm f'dik il-forma li ċ-*chairman* jidhirlu xieraq jew kif jista' jkun preskritt.

Kapitolu II — Prova u preċedenza ta' talbiet

301. F'kull stralċ ta' kumpannija fejn l-attiv ikun biżżejjed biex jissodisfa l-passiv, kull djun li jkollhom jitħallas b'kontinġenza, u kull talbiet kontra l-kumpannija, preżenti jew futuri, ċerti jew kontinġenti, aċċertati jew li jistgħu jkunu dovuti bħala danni, ikunu aċċettati bħala prova kontra l-kumpannija, fejn issir stima ġusta, kemm jista' jkun tal-valur ta' dawk id-djun jew talbiet li jistgħu jkunu suġġetti għal xi kontinġenza jew li huma dovuti bħala danni iżda mhux aċċertati, jew li għal xi raġuni oħra ma jkollhomx valur ċert. Djun ta' kull xorta jistgħu jkunu ppruvati.

302. Fl-istralċ ta' kumpannija li l-attiv tagħha ma jkunx biżżejjed biex jissodisfa l-passiv, il-jeddijiet ta' kredituri assigurati jew mhux assigurati u l-prijorità u l-preċedenza tad-dejn tagħhom, ikunu regolati bil-liġi fis-seħħ għal dak iż-żmien. Applikazzjoni tar-regoli dwar falliment.

Kapitolu III — Effetti ta' stralċ fuq transazzjonijiet li jkunu saru qabel

303. Kull privileġġ, ipoteka jew piż ieħor, jew trasferiment jew disponiment ieħor ta' proprjetà jew jeddijiet, u kull ħlas, eżekuzzjoni jew att ieħor dwar proprjetà jew jeddijiet magħmula minn jew kontra kumpannija, u kull obbligazzjoni magħmula mill-kumpannija, fi żmien sitt xhur qabel ix-xoljiment tal-kumpannija għandhom jitqiesu li huma preferenza bi frodi kontra l-kredituri tagħha kemm jekk ikunu ta' xorta gratuwita kif ukoll jekk ikunu ta' xorta oneruża, kemm-il darba l-persuna li favur tagħha jkunu saru ma tipprovax li ma kenitx taf u ma kellhiex raġuni taħseb li l-kumpannija kienet x'aktarx se tkun xolta minħabba insolvenza; u fil-każ li l-kumpannija tkun hekk xolta kull preferenza bi frodi tkun nulla. Preferenza bi frodi.

304. (1) Meta xi ħaġa magħmula wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att tkun nulla taħt l-artikolu 303 ta' dan l-Att bħala preferenza bi frodi ta' persuna li jkollha nteress fi proprjetà privileġġata, ipotekata jew xort'oħra mgħobbija b'piż bħala sigurtà tad-dejn tal-kumpannija, f'dan il-każ, bla ħsara għal xi jeddijiet jew responsabbiltajiet li jinqalgħu minbarra id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna preferita tkun suġġetta għall-istess responsabbiltajiet u jkollha l-istess jeddijiet daqslikieku tkun daħlet personalment responsabbli garanti għad-dejn sal-limitu tal-piż fuq il-proprjetà jew il-valur ta' l-interess tagħha, skond liema jkun l-inqas. Responsabbiltajiet u jeddijiet dwar preferenzi bi frodi.

(2) Il-valur ta' l-interess tal-persuna ippreferuta għandu jkun stabbilit kif ikun fid-data tat-transazzjoni li tikkostitwixxi l-preferenza bi frodi, u għandu jkun stabbilit daqslikieku l-interess kien ħieles minn kull piż barra mill-piż għad-dejn tal-kumpannija msemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kif kien suġġett dak iż-żmien.

(3) Fuq rikors magħmul lill-Qorti dwar xi ħlas minħabba li l-ħlas kien preferenza bi frodi ta' garanti, il-Qorti tista' tistabbilixxi kull kwistjonijiet dwar il-ħlas li jinqalgħu bejn il-persuna li lilha jkun sar il-ħlas u l-garanti u li tagħti ħelsien dwar dan.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw, bil-modifiki meħtieġa, dwar transazzjonijiet barra minn ħlasijiet ta' flus, kif japplika dwar dawk il-ħlasijiet.

Kapitolu IV — Kwalifika ta' stralċjarji u projbizzjoni ta' ċerti trasferimenti minn stralċjarji

Kwalifika ta' stralċjarji.

305. Persuna ma tkunx kwalifikata li tagħmilha ta' stralċjarju kemm-il darba ma tkunx avukat, *accountant* pubbliku ċertifikat jew *accountant* u uditur pubbliku ċertifikat, jew persuna reġistrata mar-Reġistratur bħala persuna addattata u xierqa biex teżerċita l-funzjoni ta' stralċjarju.

Projbizzjoni ta' ċerti trasferimenti minn stralċjarji.

306. Stralċjarju ma jkunx jista' jittrasferixxi jew jiddisponi minn xi attiv ta' kumpannija, direttament jew indirettament, favur —

(a) l-istralċjarju nnifsu, is-soċji jew impjegati tiegħu, jew lill-konsoċi tiegħu, jew lil xi persuna oħra qariba bid-demm jew bi żwieġ f'linja diretta, jew sat-tielet grad, fil-linja kollaterali; jew

(b) soċjetà kummerċjali, barra minn kumpannija, li tagħha jkun soċju; jew

(ċ) kumpannija li tagħha jkun direttur, jew li jkun detentur ta' aktar minn nofs tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ tagħha, jew li jkollu dritt għal iżjed minn nofs il-forza tal-votazzjoni tagħha jew ta' sussidjarja jew ta' kumpannija *parent* tagħha:

Kapitolu V — Reati qabel ix-xoljiment jew waqt l-istralċ

Frodi qabel xoljiment.

307. (1) Meta kumpannija tkun xolta skond id-dispożizzjoniiet ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att, kull persuna, li qabel kienet jew li tkun uffiċjal tal-kumpannija, titqies li tkun għamlet reat jekk, fi żmien tnax-il xahar minnufih qabel id-data meqjusa bħala d-data tax-xoljiment, tkun —

(a) ħbiet xi parti tal-proprjetà tal-kumpannija jew tkun ħbiet xi dejn dovut lill-kumpannija jew minnha; jew

(b) bi frodi warrbet xi parti mill-proprjetà tal-kumpannija; jew

(ċ) ħbiet, iddistruġġiet, immutilat jew iffalsifikat xi ktieb jew karta li tolqot jew li għandha x'taqsam mal-proprjetà jew ma' l-affarijiet tal-kumpannija; jew

(d) għamlet xi reġistrazzjoni falza f'xi ktieb jew karta li tolqot jew li jkollha x'taqsam mal-proprjetà jew ma' l-affarijiet tal-kumpannija; jew

(e) bi frodi telqet minn idejha jew bidlet xi dokument li jolqot jew li għandu x'jaqsam mal-proprjetà jew ma' l-affarijiet tal-kumpannija; jew

(f) tat bi pleġġ jew iddisponiet minn xi proprjetà tal-kumpannija li tkun inkisbet bi kreditu u tkun għadha ma tħallsitx, kemm-il darba l-pleġġ jew id-disponiment ma jkunx sar fil-kors ordinarju tan-negozju tal-kumpannija; jew

(ġ) b'xi rappreżentazzjoni falza jew frodi ieħor, kisbet proprjetà għal jew għan-nom tal-kumpannija bi kreditu li l-kumpannija sussegwentement ma tħallasx; jew

(ħ) eżerċitat xi rappreżentanza falza jew frodi bil-għan li tikseb il-kunsens tal-kredituri tal-kumpannija jew ta' uħud minnhom għal ftehim dwar l-affarijiet tal-kumpannija jew dwar ix-xoljiment tagħha.

(2) Persuna bħal dik titqies li tkun għamlet reat jekk fiż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kienet taf li xi ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi (ċ), (d) u (e) tiegħu kienu qed isiru minn xi ħadd ieħor, u titqies li tkun għamlet reat jekk, f'xi żmien wara d-data meqjusa bħala d-data tax-xoljiment, din tagħmel xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi minn (a) sa (ħ) ta' dak is-subartikolu, jew tkun taf li xi ħadd ieħor qed jagħmel xi waħda mill-ħwejjeġ imsemmija fil-paragrafi minn (ċ) sa (e) ta' dak is-subartikolu.

(3) Persuna akkużata tista' ġġib bħala prova li hi ma kellhiex il-ħsieb li tagħmel frodi jew li taħbi l-affarijiet tal-kumpannija jew li tikser il-liġi.

(4) Meta persuna tagħti bi pleġġ jew xort'oħra tiddisponi minn xi proprjetà f'ċirkostanzi li jammontaw għal reat taħt il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tirċievi l-proprjetà bi pleġġ jew xort'oħra tirċievi l-proprjetà meta tkun taf li din tkun pleġġjata jew disposta f'dawk iċ-ċirkostanzi, tkun ħatja ta' reat.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 309 ta' dan l-Att, il-kelma "uffiċjal" għandha tinkludi kull persuna li skond id-direzzjoni jew istruzzjonijiet tagħha id-diretturi ta' kumpannija jkunu normalment jaġixxu.

(6) Persuna ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux aktar minn mitt elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Frodi minn uffiċjali ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata.

308. (1) Meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata mill-Qorti jew volontarjament, persuna titqies li tkun għamlet reat jekk hi, meta tkun uffiċjal tal-kumpannija —

(a) tkun għamlet jew ġegħlet li jsir xi rigal jew trasferiment ta', jew piż fuq, jew tkun ġegħlet jew ħadet sehem fl-eżekuzzjoni ta' xi titolu eżekuttiv kontra l-proprjetà tal-kumpannija; jew

(b) tkun ħbiet jew bi frodi neħħiet xi parti mill-proprjetà tal-kumpannija mid-data, jew fix-xahrejn ta' qabel id-data, ta' xi sentenza jew ordni mhux eżegwit għall-ħlas ta' flus kontra l-kumpannija.

(2) Persuna mhiex ħatja ta' reat taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk tipprova li, fil-ħin ta' l-imġieba li tikkostitwixxi r-reat, hi ma kellha ebda ħsieb li tagħmel frodi lill-krediturì tal-kumpannija.

(3) Persuna ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel multa ta' mhux aktar minn mitt elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Reati oħra minn uffiċjali ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata.

309. Jekk xi persuna, li qabel kienet jew li tkun uffiċjal ta' kumpannija —

(a) skond l-aħjar tagħrif u twemmin tagħha ma tikxifx b'mod komplut u veru lill-istralċjarju l-proprjetà kollha, mobbli u immobbli, korporali jew inkorporali, tal-kumpannija, u kif u lil min u għal-liema konsiderazzjoni u meta l-kumpannija tkun iddisponiet minn xi parti minnha, ħlief għal dik il-parti li tista' tkun disposta fil-kors ordinarju tan-negozju tal-kumpannija; jew

(b) ma tikkonsenjax lill-istralċjarju, jew kif jordna l-istralċjarju, il-proprjetà tal-kumpannija kollha jew dik il-parti minnha li tkun fil-kustodja jew taħt il-kontroll tagħha, u li hi meħtieġa bil-liġi li tikkonsenja; jew

(ċ) ma tikkonsenjax lill-istralċjarju, jew kif jordna l-istralċjarju, il-kotba u l-karti kollha tal-kumpannija li jkunu fil-kustodja jew taħt il-kontroll tagħha, u li hi meħtieġa bil-liġi li tikkonsenja; jew

(d) tagħmel xi nuqqas materjali f'xi dikjarazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-affarijiet tal-kumpannija; jew

(e) meta tkun taf jew temmen li dejn falz ikun ġie ppruvat minn xi persuna fl-istralċ, tonqos li tgħarraf lill-istralċjarju fi żmien xahar; jew

(f) wara x-xoljiment tal-kumpannija ma tħallix li jkun prodott xi ktieb jew karta li tolqot jew li għandha x'taqsam mal-proprjetà jew ma' l-affarijiet tal-kumpannija; jew

(ġ) wara x-xoljiment tal-kumpannija jew f'xi laqgħa tal-krediturì tal-kumpannija li ssir fi żmien tnax-il xahar minnufih qabel ix-xoljiment tal-kumpannija tipprova tikkontja għal xi parti tal-proprjetà tal-kumpannija b'telf jew spejjeż fittizji;

tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja tista' teħel multa ta' mhux aktar minn mitt elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien jekk, fiż-żmien ta' l-egħmil ta' l-allegat reat, il-kumpannija tkun qed tiġi stralċjata, jew mill-Qorti jew volontarjament, jew jekk, wara l-egħmil ta' l-allegat reat, il-kumpannija tkun xolta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att:

Difiża għal akkuża taħt l-artikolu 309.

310. Tista' tingieb bħala difiża għal akkuża taħt xi wieħed mill-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) ta' l-artikolu 309 ta' dan l-Att, il-prova ta' l-akkużat li hu ma kellux ħsieb li jqarraq; u għal akkuża taħt il-paragrafu (f) ta' l-imsemmi artikolu, li jipprova li hu ma kellu ebda ħsieb li jaħbi l-affarijiet tal-kumpannija jew li jikser il-liġi.

Frodi minn kontributorji.

311. Jekk xi kontributorju ta' xi kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata jiddistruġġi, jimmutila, jibdel jew jiffalsifika xi *records* ta' kontijiet, kotba, karti jew sigurtajiet, jew jagħmel jew ikun jaf b'xi reġistrazzjoni falza jew bi frodi f'xi reġistru, *record* ta' kontijiet jew dokument li jkunu tal-kumpannija bil-ħsieb ta' frodi jew qerq ta' xi persuna, dan ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jista' jeħel multa ta' mhux aktar minn mitt elf lira jew priġunerija għal perjodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Rimedju kontra diretturi, stralċjarji, eċċ. delinkwenti.

312. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija sew jekk bil-Qorti jew voluntarjament ikun jidher li persuna li —

(a) tkun jew kienet uffiċjal tal-kumpannija;

(b) kienet taġixxi bħala stralċjarju tal-kumpannija; jew

(ċ) ma tkunx persuna li taqa' taħt il-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu, ikollha jew kellha x'taqsam ma', jew ħadet sehem fil-promozzjoni, formazzjoni jew direzzjoni tal-kumpannija,

tkun użat ħażin jew żammet jew saret responsabbili għal, xi flus jew proprjetà oħra tal-kumpannija jew kienet ħatja ta' xi eżerċizzju ħażin ta' l-awtorità tagħha jew ta' ksur ta' xi fiduċjarju jew dmir ieħor dwar il-kumpannija.

(2) Il-Qorti tista', fuq rikors tar-Riċevitur Uffiċjali jew ta' l-istralċjarju, jew ta' xi kreditur jew kontributorju, teżamina l-imġieba ta' xi persuna li taqa' taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u ġġiegħel —

(a) tħallas lura, tagħti lura jew tagħti kont tal-flus jew proprjetà jew xi parti minnha, b'imgħax b'dik ir-rata li l-Qorti jidhrilha ġust; jew

(b) li tikkontribwixxi dik is-somma lill-attiv tal-kumpannija bħala kumpens dwar l-eżerċizzju ħażin jew ksur ta' fiduċjarju jew dmir ieħor kif il-Qorti jidhrilha ġust.

Frodi minn uffiċjali ta' kumpanniji li jkunu qed jiġu xolti.

313. (1) Jekk xi persuna, li fiż-żmien ta' l-egħmil ta' l-allegat reat tkun uffiċjal ta' kumpannija li wara tkun xolta skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 214 ta' dan l-Att, tkun —

(a) bi pretensjonijiet foloz jew b'mezzi ta' xi frodi oħra tħajjar lil xi persuna li tagħti kreditu lill-kumpannija; jew

(b) bil-ħsieb ta' frodi tal-krediturі tal-kumpannija tkun għamlet jew ġegħlet li jsir xi rigal jew trasferiment ta', jew piż fuq, jew tkun ġegħlet jew ħadet sehem fl-eżekuzzjoni ta' xi titolu eżekuttiv kontra, il-proprjetà tal-kumpannija; jew

(ċ) bil-ħsieb ta' frodi tal-krediturі tal-kumpannija taħbi jew tneħħi xi parti mill-proprjetà tal-kumpannija mid-data, jew fi żmien xahrejn mid-data ta' xi sentenza jew ordni mhux sodisfat għall-ħlas ta' flus li jinkisbu kontra l-kumpannija,

tkun ħatja ta' reat u tista' teħel multa ta' mhux aktar minn mitt elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Persuna ma tkunx ħatja ta' reat taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu minħabba kondotta li tikkostitwixxi reat taħt il-paragrafu (b) ta' l-imsemmi subartikolu li jkun seħħ aktar minn ħames snin qabel id-data tal-preżunt xoljiment.

Responsabbiltà meta ma jinżammux *records* ta' kontijiet xierqa.

314. Jekk, meta kumpannija tkun xolta, ikun muri li ma jkunux inżammu *records* ta' kontijiet xierqa mill-kumpannija matul iż-żmien ta' sentejn minnufih qabel ix-xoljiment jew iż-żmien bejn ir-reġistrazzjoni tal-kumpannija u x-xoljiment, skond liema jkun l-aqsar żmien, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas, sakemm ma jurix li jkun aġixxa b'onestà u li ċ-ċirkostanzi li fihom kien qed jitmexxa n-negozju tal-kumpannija n-nuqqas kien skużabbli, ikun ħati ta' reat u jista' jeħel multa mhux aktar minn ħamest elef lira.

Responsabbiltà għal kummerċ bi frodi.

315. (1) Jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija sew jekk b'ordni tal-Qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi ta' krediturі tal-kumpannija jew ta' krediturі ta' xi persuna oħra jew bil-għan ta' frodi, il-Qorti tista' fuq rikors tar-Riċevitur Uffiċjali, jew ta' l-istralċjarju jew ta' xi kreditur jew ta' xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbiltà għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpannija kif il-Qorti tista' tordna.

(2) Meta n-negozju ta' kumpannija jitmexxa b'dak il-ħsieb jew għal dawk l-għanijiet hekk kif imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kull persuna li xjentement tkun parti fit-tmexxija tan-negozju kif intqal qabel, tkun ħatja ta' reat u tista' teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux aktar minn mitt elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kummerċ ħażin.

316. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta kumpannija tkun ġiet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpannija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpannija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setgħat tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha.

(2) Il-Qorti, fuq ir-rikors ta' l-istralċjarju ta' kumpannija li għaliha japplika dan l-artikolu, tista' tiddikjara li persuna li kienet direttur kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tkun responsabbli li tagħmel dik il-kontribuzzjoni, jekk il-każ, lill-attiv tal-kumpannija kif il-Qorti jidhrilha xieraq.

(3) Il-Qorti ma għandhiex tilqa' rikors taħt dan l-artikolu jekk tkun sodisfatta li l-persuna li kienet direttur kienet taf li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha u skond dan tkun ħadet kull pass li kellha tieħu sabiex tnaqqas it-telf potenzjali għall-krediturі tal-kumpannija.

(4) Għall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, il-fatti li direttur ta' kumpannija għandu jkun jaf jew jaċċerta ruħu minnhom, il-konklużjonijiet li għandu jilħaq u l-passi li għandu jieħu huma dawk li jkunu magħrufa jew aċċertati, jew li jintlaħqu jew jittieħdu, minn persuna li b'mod raġonevoli" tkun diliġenti li jkollha kemm —

(a) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li b'mod raġonevoli jkunu mistennija minn persuna li tmexxi l-istess funzjonijiet kif jitmexxew minn jew mogħtija lil dak id-direttur fir-rigward il-kumpannija; kif ukoll

(b) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li għandu d-direttur.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, direttur jinkludi persuna li skond id-direzzjoni jew istruzzjonijiet tagħha d-diretturi tal-kumpannija normalment jaġixxu.

Restrizzjoni ta' użu mill-ġdid ta' ismijiet tal-kumpannija.

317. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal persuna li, fil-jum stabbilit jew wara kienet direttur ta' kumpannija ("il-kumpannija fil-likwidazzjoni") f'xi żmien matul it-tnax-il xahar qabel ix-xoljiment tagħha u l-kumpannija tkun insolventi fuq dak ix-xoljiment.

(2) Ħlief bil-permess tal-Qorti, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu preskritti, xi persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma għandhiex f'xi żmien matul il-perijodu ta' l-istralċ tal-kumpannija u sa żmien sentejn minn meta isimha jkun tħassar minn fuq ir-reġistru —

(a) tkun direttur ta' xi kumpannija li tkun magħrufa b'isem projbit bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu; jew

(b) b'xi mod, sew direttament jew indirettament, ikollha x'taqsam ma', jew tieħu sehem fil-promozzjoni jew formazzjoni ta' xi kumpannija bħal dik; jew

(ċ) b'xi mod, sew direttament jew indirettament, ikollha x'taqsam ma', jew tieħu sehem fit-tmexxija ta' negozju li jitmexxa, barra minn kumpannija, taħt isem hekk projbit.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, isem ikun isem ipprojbit dwar persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk —

(a) ikun isem li bih il-kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata kienet magħrufa bih f'xi żmien matul dak il-perjodu ta' tnax-il xahar; jew

(b) ikun isem li jkun hekk jixbah isem li jaqa' taħt il-paragrafu (a) li jissuġġerixxi assoċjazzjoni ta' dik il-kumpannija.

(4) Persuna li taġixxi bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja tista' teħel multa ta' mhux aktar minn ħamest elef lira. Dik il-persuna tkun ukoll personalment responsabbli għad-djun ta' kull kumpannija msemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (2) li jkunu saru fil-waqt li kienet qed taġixxi dwar il-kumpannija bil-mod deskritt f'dawk il-paragrafi.

Stima ta' danni mill-Qorti.

318. Jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija sew mill-Qorti jew volontarjament ikun jidher li xi persuna li kienet ħadet sehem fil-formazzjoni jew promozzjoni tal-kumpannija, jew uffiċjal passat jew preżenti, *manager* speċjali jew stralċjarju tal-kumpannija, ikun uża ħażin jew żamm għalih jew sar responsabbli jew ried jagħti kont għal xi flus jew proprjetà tal-kumpannija, jew kien ħati ta' xi għemil ħażin jew ksur ta' dmir dwar il-kumpannija l-qorti tista', fuq ir-rikors tar-Riċevitur Uffiċjali jew ta' l-istralċjarju, jew ta' xi kreditur jew kontributorju, teżamina l-imġieba tal-promotur, uffiċjal passat jew preżenti, *manager* speċjali, jew likwidatur, u tikkundannah li jħallas lura jew jagħti lura l-flus jew il-proprjetà jew xi parti minnha rispettivament bl-imgħax b'dik ir-rata li l-Qorti jidhrilha ġust, jew li jikkontribwixxi dik is-somma lill-attiv tal-kumpannija bħala kumpens dwar l-applikazzjoni ħażina, żamma, għemil ħażin jew ksur ta' fiduċja kif il-Qorti jidhrilha ġust.

Prosekuzzjoni ta' uffiċjali delinkwenti eċċ.

319. (1) Jekk fil-fehma tal-Qorti waqt stralċ mill-Qorti xi uffiċjal passat jew preżenti, jew xi membru tal-kumpannija, jew xi persuna oħra, kienet ħatja ta' xi reat dwar il-kumpannija li jkun reat taħt dan l-Att jew li xort'oħra kienet responsabbli kriminalment għalih, il-Qorti għandha, jew fuq ir-rikors ta' xi persuna li jkollha nteress fl-istralċ jew fuq mozzjoni tagħha stess, tirreferi l-kwistjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija permezz tar-Reġistratur tal-Qrati Superjuri.

(2) Jekk fil-fehma tal-likwidatur waqt stralċ volontarju xi uffiċjal passat jew preżenti, jew xi membru, tal-kumpannija jkun instab ħati ta' reat dwar il-kumpannija li jkun reat taħt dan l-Att jew li xort'oħra jkun responsabbli kriminalment għalih, dan għandu minnufih jirrapporta l-kwistjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Ordnijiet ta' skwalifika.

320. (1) Il-Qorti, fuq rikors ta' l-Avukat Ġenerali jew tar-Reġistratur tista' tagħmel ordni ta' skwalifika kontra xi persuna misjuba ħatja ta' reat taħt dan l-Att, barra minn kontravenzjoni li għaliha jkun hemm biss penali, jew li tkun kisret xi ħtieġa ta' dan l-Att bil-konsegwenza li dik il-persuna jkollha tikkontribwixxi għall-attiv ta' kumpannija jew li ssir personalment responsabbli għad-djun tal-kumpannija.

(2) Il-Qorti, fuq rikors ta' l-Avukat Ġenerali jew tar-Reġistratur, tista' wkoll tagħmel ordni ta' skwalifika kontra xi persuna jekk tkun sodisfatta —

(a) li dik il-persuna hija jew kienet direttur ta' kumpannija li f'xi żmien tkun saret insolventi, sew jekk waqt li kienet direttur jew wara; u

(b) li l-imġieba tagħha bħala direttur tal-kumpannija, jew meħuda għaliha waħedha jew flimkien ma' l-imġieba tagħha bħala direttur ta' xi kumpannija jew kumpanniji oħra, jagħmluha mhux tajba biex ikollha x'taqsam mat-treġija ta' kumpannija.

(3) Ordni ta' skwalifika magħmul taħt dan l-artikolu jista' jkun għal żmien ta' mhux iżjed minn ħmistax-il sena.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artiklu, ordni ta' skwalifika hija ordni li permezz tagħha persuna ma tistax tkun, jekk mhux bil-permess tal-Qorti —

(a) direttur ta' kumpannija; jew

(b) stralċjarju jew amministratur proviżorju ta' kumpannija; jew

(ċ) *manager* speċjali tal-patrimonju jew negozju ta' kumpannija; jew

(d) konċernata b'xi mod, sew direttament jew indirettament, jew tieħu parti fil-promozzjoni, formazzjoni jew tmexxija ta' kumpannija, għal perijodu speċifiku li jibda jseħħ mid-data ta' l-ordni.

(5) Kull persuna li, waqt li tkun soġġetta għal ordni ta' skwalifika, taġixxi bi ksur tagħha, tkun ħatja ta' reat u jekk tinstab ħatja tista' teħel multa ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Rimedji oħra.

321. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu jkunu bla ħsara għal xi reati jew rimedji oħra li jistgħu jkunu jeżistu taħt liġi oħra.

Kapitolu VI — Dispożizzjonijiet supplementari

Dikjarazzjoni minn stralċjarju dwar stralċ pendenti.

322. (1) Jekk, meta kumpannija tkun qed tiġi stralċjata sew jekk bil-Qorti jew volontarjament, l-istralċ ma jintemmx sa żmien tnax-

il xahar wara x-xoljiment tal-kumpannija, l-istralċjarju, li ma jkunx ir-Riċevitur Uffiċjali, għandu, fi żmien tletin jum mit-tmiem ta' l-imsemmija żmien ta' tnax-il xahar, u wara f'intervalli ta' sitt xhur-il wieħed, sakemm jintemm l-istralċ, jibgħat lir-Reġistratur dikjarazzjoni dwar il-proċedimenti u l-qagħda ta' l-istralċ li tibda fid-data li fiha l-istralċjarju kien l-ewwel maħtur u li tingħalaq sat-tmiem taż-żmien li dwaru għandha ssir id-dikjarazzjoni, u magħmula f'dik il-forma u li jkun fiha dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu preskritti. Meta l-attiv tal-kumpannija jkun ġie realizzat u mqassam għal kollox qabel it-tmiem ta' l-intervall ta' sitt xhur għandha tintbagħat dikjarazzjoni finali.

(2) Jekk stralċjarju jonqos li jħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artiklu, dan jista' jeħel penali, u għal kull jum, li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

Setgħat supplimentari tal-Qorti.

323. (1) Il-Qorti tista', dwar il-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu max-xoljiment u stralċ ta' kumpannija, tikkonsidra x-xewqat tal-krediturі jew kontributorji tal-kumpannija, kif lilha ppruvat bi provi biżżejjed, u tista' jekk jidhrilha xieraq, sabiex taċċerta dawk ix-xewqat tordna laqgħat tal-krediturі jew kontributorji jissejħu, jinżammu u jitmexxew b'dak il-mod li l-Qorti jidhrilha xieraq u tista' taħtar persuna biex taġixxi bħala *chairman* ta' xi laqgħa bħal dik u li tirrapporta r-riżultat tagħha lill-Qorti.

(2) Fil-każ tal-krediturі, għandu jkun kunsidrat il-valur tad-dejn ta' kull wieħed mill-krediturі; u fil-każ ta' kontributorji, għandu jkun kunsidrat in-numru ta' voti mogħtija lil kull kontributorju bil-memorandum jew bl-istatut tal-kumpannija jew, jekk ma jkun hemm xejn fil-memorandum u fl-istatut, il-valur tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom biex jikkontribwixxu.

Disponiment tal-kotba u l-karti ta' kumpannija.

324. (1) L-istralċjarju għandu jżomm il-kotba tal-kumpannija għal żmien ta' għaxar snin mid-data tal-pubblikazzjoni tat-tħassir ta' l-isem tal-kumpannija mir-reġistru.

(2) Jekk l-istralċjarju jonqos li jħares is-subartikolu (1) ta' dan l-artiklu dan jista' jeħel penali.

Kumpanniji li ma joperawx.

325. (1) Meta r-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb li kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, dan jista' jibgħat lill-kumpannija ittra bil-posta fejn jistaqsi jekk il-kumpannija tkunx qed tmexxi negozju jew tkunx qed topera.

(2) Jekk ir-Reġistratur jirċievi tweġiba fis-sens li l-kumpannija ma tkunx qed tmexxi negozju jew ma tkunx qed topera, jew jekk ma jirċevix tweġiba fi żmien xahar minn meta jkun bagħat l-ittra, dan jista' jibgħat lill-kumpannija bil-posta u jippubblika avviż fil-Gazzetta u gazzetta li toħroġ kuljum li f'eghluq tliet xhur mid-data ta' dak l-avviż, il-kumpannija msemmija fiha għandha, kemm-il darba ma tintwerix raġuni biex isir kuntrarju, titqies bħala xolta u l-isem tal-kumpannija b'hekk jitħassar minn fuq ir-reġistru; ir-Reġistratur għandu minnufih jippubblika avviż ta' dan fil-Gazzetta u mal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż l-attiv tagħha jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta.

(3) Jekk, f'xi każ fejn kumpannija tkun qed tiġi stralċjata, ir-Reġistratur ikollu raġuni biżżejjed biex jaħseb jew li ebda stralċjarju ma jkun qed jaġixxi jew li l-affarijiet tal-kumpannija jkun stralċjati għal kollox, u li l-prospetti li huma meħtieġa li jsiru mill-istralċjarju ikunu tard b'sitt xhur jew iktar, ir-Reġistratur għandu jibgħat lill-kumpannija jew lill-istralċjarju, jekk ikun hemm, u tippubblika avviż bħal dak kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(4) Malli jgħaddi ż-żmien imsemmi fl-avviż kif provdut fis-subartikolu (3) ta'dan l-artikolu, il-kumpannija għandha, kemm-il darba qabel ma tintwerix raġuni kuntrarju, titqies bħala xolta u b'hekk l-isem tal-kumpannija għandu jitħassar minn fuq ir-reġistru; ir-reġistratur għandu minnufih jippubblika avviż dwar dan fil-Gazzetta, u mal-pubblikazzjoni ta' dak l-avviż il-kumpannija tkun xolta u l-attiv tal-kumpannija jgħaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta:

Iżda —

(a) ir-responsabbiltà, jekk ikun hemm, ta' kull direttur jew uffiċjal ieħor tal-kumpannija u ta' kull membru tal-kumpannija tibqa' sseħħ u tista' tkun infurzata daqslikieku l-kumpannija ma kenitx ġiet xolta; u

(b) ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma ttellef is-setgħa tal-Qorti li tistralċja kumpannija li isimha jkun tħassar mir-reġistru.

(5) Jekk kumpannija jew xi membru jew kreditur tagħha jħossu aggravat bil-fatt li l-isem tal-kumpannija jkun tħassar mir-reġistru, il-Qorti fuq rikors magħmul mill-kumpannija jew minn membru jew kreditur qabel ma jgħaddu sentejn mill-pubblikazzjoni ta' l-avviż provdut fis-subartikoli (2) u (4) ta' dan l-artikolu tista', jekk tkun sodisfatta li l-kumpannija kienet, fiż-żmien tat-tħassir, qed tmexxi negozju jew kienet qed topera, jew xort'oħra li jkun ġust li l-kumpannija terġa' tkun reġistrata fir-reġistru, il-Qorti għandha tordna li l-kumpannija terġa' tkun reġistrata fir-reġistru, u malli kopja uffiċjali ta' l-ordni tkun konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpannija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direttivi u tagħmel dawk il-provedimenti li jidhru ġusti sabiex il-kumpannija u l-persuni l-oħra kollha jerġgħu kemm jista' jkun jitqiegħdu fl-istess qagħda daqslikieku l-isem tal-kumpannija ma kienx tħassar.

(6) Avviż li skond dan l-artikolu għandu jintbagħat lil stralċjarju jista' jkun indirizzat lill-istralċjarju fil-post tan-negozju jew fl-indirizz l-aħħar magħruf, u ittra jew avviż li skond dan l-artikolu għandu jintbagħat lil kumpannija jista' jkun indirizzat lill-kumpannija fl-uffiċċju reġistrat tagħha.

326. (1) It-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ dwar falliment ma għandhomx japplikaw għal kumpannija. Relazzjoni mal-leġislazzjoni dwar falliment. Kap. 13

(2) Riferenzi f'liġijiet oħra barra mit-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ għal fallut għandhom, meta r-rabta tal-kliem hekk Kap. 13

teħtieġ, ikunu mfissra bħala li jinkludu riferenzi għal kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata f'ċirkostanzi ta' insolvenza taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, u riferenzi għal fallut għandhom jiftiehmu f'dan is-sens.

TAQSIMA VI — RIKOSTRUZZJONI TA' KUMPANNIJA

Setgħa ta' kumpannija li tasal f'arranġament ma' kredituri u membri.

327. (1) Meta ftehim jew arranġament ikun propost bejn kumpannija u l-kredituri tagħha, jew xi klassi minnhom, jew bejn il-kumpannija u l-membri tagħha, jew xi klassi minnhom, il-Qorti tista', fuq rikors tal-kumpannija jew ta' xi kreditur jew membru tagħha jew, fil-każ ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata, l-istralċjarju, tordna li laqgħa tal-kredituri jew klassi ta' kredituri, jew tal-membri tal-kumpannija jew klassi ta' membri, skond il-każ, tissejjaħ b'dak il-mod li tordna l-Qorti.

(2) Jekk maġġoranza fin-numru li jirrappreżentaw tliet kwarti tal-valur tal-kredituri jew klassi ta' kredituri jew membri jew klassi ta' membri, skond il-każ, preżenti u li jivvotaw jew personalment jew bi prokura fil-laqgħa, tiftiehem dwar xi ftehim jew arranġament, jekk sanzjonat mill-Qorti, ikun jorbot lill-kredituri kollha jew lill-klassi ta' kredituri jew lill-membri jew klassi ta' membri, skond il-każ, kif ukoll lill-kumpannija jew, fil-każ li l-kumpannija tkun qed tiġi stralċjata, lill-istralċjarju u kontributorji tal-kumpannija.

(3) L-ordni tal-Qorti taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma jkollu ebda effett sakemm kopja tiegħu tkun konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni; u kopja ta' kull ordni bħal dak għandha tkun mehmuża ma' kull kopja tal-memorandum tal-kumpannija maħruġ wara li jkun sar l-ordni.

(4) Jekk kumpannija tonqos li tħares is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija u kull uffiċjal tal-kumpannija li jonqos jista' jeħel penali.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 328 ta' dan l-Att —

(a) "kumpannija" tfisser kumpannija li tista' tiġi xolta u għaldaqstant tiġi stralċjata taħt dan l-Att; u

(b) "arranġament" tinkludi organizzazzjoni mill-ġdid tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija bil-konsolidazzjoni ta' azzjonijiet ta' klassijiet differenti jew bil-qsim ta' azzjonijiet f'azzjonijiet ta' klassijiet differenti, jew b'dawk iż-żewġ metodi.

Tagħrif dwar arranġament ikun ċirkolat.

328. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw meta laqgħa tal-kredituri jew ta' xi klassi ta' kredituri, jew ta' membri jew ta' xi klassi ta' membri, tissejjaħ skond l-artikolu 327 ta' dan l-Att.

(2) Ma' kull avviż li jsejjaħ laqgħa li jintbagħat lil kreditur jew membru għandha tintbagħat ukoll dikjarazzjoni li tispjega l-effett tal-ftehim jew arranġament u b'mod partikolari tiddikjara kull interessi

materjali tad-diretturi tal-kumpannija, kemm bħala diretturi jew membri jew bħala kredituri tal-kumpannija jew xort'oħra, u l-effett fuq dawk l-interessi tal-ftehim jew arranġament, safejn dan ikun differenti mill-effett fuq interessi ta' l-istess xorta ta' persuni oħra.

(3) F'kull avviż li jsejjaħ il-laqgħa li jingħata b'reklam għandha tkun inkluża jew id-dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija jew notifika tal-post li fih, u l-mod li bih, kredituri jew membri li jkollhom jedd jattendu għal-laqgħa jistgħu jiksbu kopji tad-dikjarazzjoni.

(4) Meta l-ftehim jew l-arranġament jolqot il-jeddijiet ta' detenturi ta' obbligazzjonijiet tal-kumpannija, id-dikjarazzjoni għandha tagħti spjegazzjoni ta' l-istess xorta dwar id-detenturi ta' kull sigurtà għall-ħruġ ta' obbligazzjonijiet kif meħtieġa li tingħata dwar id-diretturi tal-kumpannija.

(5) Meta avviż mogħti b'reklam jinkludi notifika li kopji ta' dikjarazzjoni li tispjega l-effett tal-ftehim jew arranġament propost ikunu jistgħu jinkisbu minn kredituri jew membri li jkollhom jedd jattendu għal-laqgħa, kull kreditur jew membru bħal dak għandu, meta japplika bil-mod muri bl-avviż, jingħata mill-kumpannija mingħajr ħlas kopja tad-dikjarazzjoni.

(6) Jekk kumpannija tonqos li tħares xi ħtieġa ta' dan l-artikolu, il-kumpannija u kull uffiċjal tagħha li jonqos jistgħu jeħlu penali; u għal dan l-għan stralċjarju tal-kumpannija jitqies li hu uffiċjal tagħha:

Iżda persuna ma tkunx responsabbli taħt dan is-subartikolu jekk turi li n-nuqqas kien dovut għar-rifjut ta' persuna oħra li hija direttur, biex tagħti d-dettalji meħtieġa ta' l-interessi tagħha.

(7) Ikun id-dmir ta' kull direttur tal-kumpannija li jagħti avviż lill-kumpannija u lil kull detentur ta' obbligazzjonijiet fuq dawk il-ħwejjeġ dwaru li jistgħu jkunu meħtieġa għall-finijiet ta' dan l-artikolu; u kull persuna li tonqos li tħares dan is-subartikolu tista' teħel penali.

Dispożizzjonijiet dwar faċilità ta' rikostruzzjoni jew amalgamazzjoni ta' kumpannija.

329. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta tkun saret talba lill-Qorti taħt l-artikolu 327 ta' dan l-Att għas-sanzjoni ta' ftehim jew arranġament proposta bejn kumpannija u dawk il-persuni l-oħra msemmija f'dak l-artikolu.

(2) Jekk jintwera —

(a) li l-ftehim jew arranġament ikun ġie propost għall-finijiet ta', jew dwar, skema għar-rikostruzzjoni ta' xi kumpannija jew kumpanniji, jew l-amalgamazzjoni ta' xi żewġ kumpanniji jew iżjed; u

(b) li taħt l-iskema l-impriża kollha jew parti minnha jew il-proprjetà ta' xi kumpannija li għandha x'taqsam fl-iskema (f'dan l-artikolu msejjħa "kumpannija li tagħmel it-trasferiment") tkun se tiġi trasferita lil kumpannija oħra (f'dan l-artikolu msejjħa "il-kumpannija li lilha jsir it-trasferiment"),

il-Qorti tista', jew bl-ordni li jissanzjona l-ftehim jew l-arranġament jew b'xi ordni ieħor wara, tipprovdi għall-ħwejjeġ kollha li speċifikati fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu jew uħud minnhom.

(3) Il-ħwejjeġ li l-ordni tal-Qorti jista' jipprovdi għalihom huma —

(a) it-trasferiment lill-kumpannija li lilha jsir it-trasferiment ta' l-impriża kollha jew ta' xi parti minnha u tal-proprjetà jew passiv ta' xi kumpannija li tagħmel it-trasferiment;

(b) l-għoti jew l-approprjazzjoni mill-kumpannija li lilha jsir it-trasferiment ta' kull azzjonijiet, obbligazzjonijiet, sigurtajiet jew interessi ta' l-istess xorta f'dik il-kumpannija li skond il-ftehim jew l-arranġament għandhom jingħataw jew ikunu approprjati minn dik il-kumpannija lil jew għal xi persuna;

(ċ) il-kontinwazzjoni minn jew kontra l-kumpannija li it-trasferiment ta' kull proċedimenti legali pendenti minn jew kontra xi kumpannija li tagħmel it-trasferiment;

(d) ix-xoljiment ta' kull kumpannija li tagħmel it-trasferiment u t-tħassir ta' l-isem tagħha, mingħajr il-ħtieġa li tiġi stralċjata;

(e) il-provdiment li għandu jsir lil xi persuni li, f'dak iż-żmien u b'dak il-mod li tordna l-Qorti topponi għall-ftehim jew għall-arranġament;

(f) dawk il-ħwejjeġ inċidentali, konsegwenzjali u supplementari li jkunu meħtieġa sabiex ikun żgurat li r-rikostruzzjoni jew l-amalgazzjoni ssir għal kollox u b'mod effettiv.

(4) Jekk ordni taħt dan l-artikolu jipprovdi għat-trasferiment ta' proprjetà jew passiv, f'dak il-każ —

(a) dik il-proprjetà tkun bis-saħħa ta' dak l-ordni trasferita lil, u vestita fi, il-kumpannija li lilha jsir it-trasferiment; u

(b) dak il-passiv, bis-saħħa ta' dak l-ordni, ikun trasferit lil dik il-kumpannija u jsir il-passiv tagħha,

u proprjetà, jekk l-ordni hekk jgħid, tkun vestita ħielsa minn kull piż li bis-saħħa tal-ftehim jew arranġament għandu jieqaf milli jkollu seħħ.

(5) Meta jsir ordni taħt dan l-artikolu, kull kumpannija li dwarha jsir l-ordni għandha tieħu ħsieb li kopja ċertifikata ta' l-ordni tkun konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni fi żmien sebat ijiem minn meta jsir; u fin-nuqqas ta' tħaris ta' dan is-subartikolu, il-kumpannija u kull uffiċjal tagħha li jkun naqas jistgħu jeħlu penali, u għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, penali oħra.

TAQSIMA VII — TIBDIL TA' SOĊJETAJIET KUMMERĊJALI

Ħtiġiet għal tibdil ta' soċjetajiet kummerċjali.

330. (1) Soċjetà kummerċjali f'dan il-Kapitolu msejħa "is-soċjetà li tkun se tinbidel" tista', billi tħares il-ħtiġiet stabbiliti għall-formazzjoni, kapital azzjonarju u validità tax-xorta ta' soċjetà kummerċjali li fiha tkun se tiġi mibdula, tkun mibdula f'soċjetà kummerċjali oħra ta' dik ix-xorta (f'dan il-Kapitolu msejħa "is-soċjetà kummerċjali mibdula").

(2) Meta s-soċjetà li tkun se tinbidel tkun jew f'isem kollettiv jew in akkomandita l-bidla tista' ssir biss b'deċiżjoni meħuda skond id-dispożizzjonijiet ta' l-att ta' soċjetà jew fin-nuqqas ta' din id-dispożizzjoni, bil-kunsens tas-soċji kollha:

Iżda meta soċju akkomandant, wieħed jew iżjed, li jkollu bikollox mhux iżjed minn kwart mill-kontribuzzjoni totali tas-soċji akkomandanti ta' soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha ma jkunx maqsum f'azzjonijiet, jew minn għaxra wieħed tal-kapital azzjonarju tas-soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet, ma jkunx ta l-kunsens tiegħu, u s-soċjetà kummerċjali tkompli bit-tibdil, din tkun meħtieġa, għall-finijiet tal-bdil, tillikwida u tagħti lura lis-soċju akkomandant kuntrarju l-interess tiegħu fis-soċjetà kummerċjali jew li tifdi l-azzjonijiet miżmuma minnu b'dawk il-kondizzjonijiet li jkunu miftehma jew kif il-Qorti, fuq talba jew tas-soċjetà kummerċjali jew tas-soċju akkomandant, jidhrilha xieraq li tordna.

(3) Meta s-soċjetà kummerċjali li tkun se tinbidel tkun kumpanija, sew pubblika jew privata, it-tibdil jista' jsir biss jekk ikun ġie approvat b'riżoluzzjoni straordinarja meħuda f'laqgħa ġenerali tal-kumpannija. Il-kumpannija tkun meħtieġa, għall-fini tal-bdil, li tifdi l-azzjonijiet miżmuma mill-membri kuntrarji b'dawk il-kondizzjonijiet li jkunu miftehma jew li l-Qorti, fuq talba tal-kumpannija jew tal-membri kuntrarji, jidhrilha xieraq li tordna.

(4) Is-soċjetà kummerċjali li tkun se tinbidel għandha tiġi xolta mingħajr ma jkun hemm bżonn li tiġi stralċjata skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att dwar kumpannija u bid-dispożizzjonijiet relevanti tat-Taqsima III ta' dan l-Att dwar xorta oħra ta' soċjetajiet kummerċjali; u xoljiment ikun meqjus li seħħ meta t-tibdil isir effettiv skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 332 ta' dan l-Att.

Reġistrazzjoni tal-bdil ta' soċjetajiet kummerċjali.

331. (1) Id-deċiżjoni jew r-riżoluzzjoni li tapprova l-bdil ta' soċjetà kummerċjali flimkien mad-dokumenti li jagħtu seħħ lid-deċiżjoni jew ir-riżoluzzjoni, jew kopja awtentika tagħhom, għandhom ikunu konsenjati għar-reġistrazzjoni lir-Reġistratur li, meta jkun sodisfatt li l-ħtiġiet ta' l-artikolu 330 ta' dan l-Att ikunu tħarsu, għandu jirreġistraha.

(2) L-imsemmija konsenja għandha ssir minn xi wieħed mis-soċji jew diretturi tas-soċjetà kummerċjali l-ġdida skond il-każ.

Meta soċjetà kummerċjali tieqaf li teżisti mal-bdil.

332. (1) Mal-bdil ta' soċjetà kummerċjali li jkun beda jseħħ jew ma' l-iskadenza taż-żmien imsemmi fl-artikolu 334 ta' dan l-Att jew, meta ssir oppożizzjoni skond dak l-artikolu, b'deċiżjoni tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tas-soċjetà kummerċjali li ġiet mibdula mir-reġistru u għandu joħroġ ċertifikat ġdid ta' reġistrazzjoni għas-soċjetà kummerċjali mibdula. Meta bidla li tkun ġiet reġistrata taħt dan l-artikolu ma sseħħx b'deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 334 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur għandu jemenda r-reġistrazzjoni skond hekk.

(2) Ir-Reġistratur għandu, fil-każijiet msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, jew jgħaddi biex jippubblika l-bidla wara li tkun bdiet isseħħ jew jippubblika avviż li l-bidla ma baqgħetx isseħħ b'deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 334 ta' dan l-Att, skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att.

Soċji b'responsabbiltà mhux limitata jibqgħu marbutin kemm-il darba l-krediturì ma jaqblux mal-bdil.

333. Il-bdil ta' soċjetà kummerċjali ma jeħlisx lis-soċji b'responsabbiltà mhux limitata mir-responsabbiltà għall-obligazzjonijiet tas-soċjetà kummerċjali li ttieħdu qabel il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att kemm-il darba ma jkunx ippruvat li l-krediturì tas-soċjetà kummerċjali taw il-kunsens tagħhom għall-bidla.

Jedd tal-krediturì li jopponu għal bdil.

334. (1) Il-bdil ta' soċjetà kummerċjali ma jibdix iseħħ sa tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att dwar id-deċiżjoni jew ir-riżoluzzjoni li tapprova l-bdil.

(2) Matul l-imsemmi żmien ta' tliet xhur kull kreditur tas-soċjetà kummerċjali li d-dejn tiegħu kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' b'ċitazzjoni jopponi għall-bdil u, jekk juri raġuni xierqa għax il-bdil ma għandux iseħħ, il-Qorti tista' jew tilqa' l-oppożizzjoni jew thalli li jsir il-bdil ma' l-għoti ta' garanzija biżżejjed.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu kull soċju jew azzjonista, skond il-każ, tas-soċjetà kummerċjali li qed tinbidel, jew ir-Reġistratur ikollu l-jedd li jattakka l-validità tal-bdil biss fl-imsemmi żmien ta' tliet xhur permezz ta' ċitazzjoni.

(4) Meta minħabba l-proċedimenti li hemm provdut għalihom fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tkun sodisfatta li l-bdil ma jkunx validu, il-Qorti għandha tiċħad l-imsemmi bdil:

Iżda l-Qorti jkollha l-jedd li tissospendi d-deċiżjoni tagħha li tiċħad il-bdil u li tagħti żmien, li ma jkunx iktar minn sitt xhur, lis-soċjetà kummerċjali fin-nuqqas, biex tirrimedja dak in-nuqqas li mħabba fih il-bdil ikun invalidu; u jekk in-nuqqas ikun rimedjat fiż-żmien mogħti, il-bdil għandu jibda jseħħ.

Is-soċjetà kummerċjali ffurmata tidħol minflok is-soċjetà kummerċjali li tieqaf teżisti.

335. (1) Is-soċjetà kummerċjali ffurmata bħala riżultat tal-bdil għandha tidħol fil-jeddijiet u obbligi kollha tas-soċjetà kummerċjali li tkun inbidlet.

(2) Meta s-soċjetà kummerċjali ffurmata bħala riżultat talbdil tkun soċjetà f'isem kollettiv jew soċjetà in akkomandita r-responsabbiltà mhux limitata tas-soċji kollha fis-soċjetà f'isem kollettiv u dik tas-soċji ġenerali fis-soċjetà in akkomandita, skond il-każ, għandha wkoll tgħaddi ma' l-obbligi tas-soċjetà kummerċjali li kienet mibdula.

TAQSIMA VIII — AMALGAMAZZJONI TA' SOĊJETAJIET KUMMERĊJALI

Titolu I — Amalgamazzjoni ta' Soċjetajiet f'isem kollettiv u in akkomandita

Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-337 sat-342 ta' dan l-Att.

336. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli minn 337 sa 342 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-amalgamazzjoni ta' soċjetajiet f'isem kollettiv u in akkomanditi.

(2) Amalgamazzjoni bejn żewġ soċjetajiet kummerċjali jew iżjed (f'din it-Taqsima msejħa "is-soċjetajiet li jkunu se jamalgamaw") tista' ssir meta s-soċjetajiet kummerċjali kollha li jkunu se jamalgamaw ikunu f'isem kollettiv jew meta dawn ikunu kollha in akkomanditi jew meta għall-inqas waħda mis-soċjetajiet li jkun se jamalgamaw tkun f'isem kollettiv u s-soċjetà jew is-soċjetajiet l-oħra jkunu in akkomanditi, jew viċi versa.

Ħtiġiet għall-amalgamazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali.

337. (1) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 330 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-amalgamazzjoni ta' żewġ soċjetajiet kummerċjali jew iżjed sew jekk dik l-amalgamazzjoni tintlaqat bil-formazzjoni ta' soċjetà kummerċjali ġdida (f'din it-Taqsima msejħa "is-soċjetà kummerċjali l-ġdida") minflok is-soċjetajiet kummerċjali eżistenti (f'din it-Taqsima msejħa is-soċjetajiet kummerċjali li se jinbidlu") jew bl-għaqda ta' soċjetà kummerċjali waħda jew iżjed (f'din it-Taqsima msejħa "is-soċjetajiet kummerċjali li se jiġu akkwistati") ma' soċjetà kummerċjali oħra eżistenti (f'din it-Taqsima msejħa "is-soċjetà kummerċjali li se takkwista") daqslikieku riferenzi għal bdil li hemm fih kienu riferenzi għal amalgamazzjoni.

(2) Is-soċjetajiet kummerċjali li se jiġu akkwistati jew, skond il-każ, is-soċjetajiet kummerċjali li se jinbidlu, għandhom jiġu xolti mingħajr il-ħtieġa li jiġu stralċjati skond id-dispożizzjonijiet relevanti tat-Taqsima III ta' dan l-Att, u xoljiment għandu jitqies li seħħ meta l-amalgamazzjoni tibda sseħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 339 ta' dan l-Att.

Reġistrazzjoni ta' l-amalgamazzjoni ta' soċjetàjiet kummerċjali.

338. (1) Id-deċiżjonijiet li jittieħdu minn kull waħda mis-soċjetajiet kummerċjali li jkunu qed jamalgamaw li japprovaw l-amalgamazzjoni, flimkien mad-dokumenti li jagħtuha effett, jew kopja awtentika tagħhom, għandhom ikunu konsenjati għar-reġistrazzjoni lir-Reġistratur, li, meta jkun sodisfatt li l-ħtiġiet ta' l-artikolu 337 ta' dan l-Att ikunu tħarsu, għandu jirreġistrahom.

(2) L-imsemmija konsenja għandha ssir minn xi wieħed mis-soċji fis-soċjetà kummerċjali l-ġdida jew fis-soċjetà kummerċjali li se takkwista, skond il-każ.

Meta soċjetà jew soċjetajiet kummerċjali ma jibqgħux jeżistu ma' l-amalgamazzjoni.

339. (1) Ma' l-amalgamazzjoni ta' żewġ soċjetajiet kummerċjali jew iżjed li tkun saret effettiva jew bl-iskadenza taż-żmien imsemmi fl-artikolu 341 ta' dan l-Att jew meta ssir oppożizzjoni taħt dak l-artikolu, b'deċiżjoni tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tas-soċjetà kummerċjali jew tas-soċjetajiet kummerċjali li ma jkunux baqgħu jeżistu minn fuq ir-Reġistru u skond il-każ, joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid lis-soċjetà kummerċjali l-ġdida, jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni mibdul skond iċ-ċirkostanzi tal-każ lis-soċjetà kummerċjali li se takkwista; u meta amalgamazzjoni li tkun ġiet reġistrata taħt dan l-artikolu ssir ineffettiva b'deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 341 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur għandu jemenda r-reġistrazzjoni skond hekk.

(2) Ir-Reġistratur għandu fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, dwar kull waħda mis-soċjetajiet kummerċjali li jkunu qed jamalgamaw, jew jgħaddi għall-pubblikazzjoni ta' l-amalgamazzjoni wara li tkun saret effettiva jew jippubblika avviż li l-amalgamazzjoni tkun saret ineffettiva b'deċiżjoni tal-Qorti skond l-artikolu 341 ta' dan l-Att, skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att.

Soċji b'responsabbiltà mhux limitata jibqgħu marbutin kemm-il darba l-krediturі ma jaqblux ma' l-amalgamazzjoni.

340. L-amalgamazzjoni ta' żewġ soċjetajiet kummerċjali jew iżjed m'għandhiex teħles lis-soċji b'responsabbiltà mhux limitata mir-responsabbiltà għall-obbligi tas-soċjetajiet kummerċjali li qed jamalgamaw li kellhom qabel il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att, kemm-il darba ma jkunx ippruvat li l-krediturі tas-soċjetajiet kummerċjali li qed jamalgamaw taw il-kunsens tagħhom għall-amalgamazzjoni.

Jedd ta' krediturі li jopponu għal amalgamazzjoni.

341. (1) L-amalgamazzjoni ta' żewġ soċjetajiet kummerċjali jew iktar ma jkollhiex seħħ qabel ma jgħaddu tliet xhur mill-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att dwar id-deċiżjonijiet li japprovaw l-amalgamazzjoni.

(2) Matul l-imsemmi żmien ta' tliet xhur kull kreditur ta' kull waħda mis-soċjetajiet kummerċjali li qed jamalgamaw li d-dejn tiegħu kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' b'ċitazzjoni jopponi għall-amalgamazzjoni u jekk juri raġuni biżżejjed għaliex din ma għandhiex isseħħ, l-Qorti għandha jew tilqa' l-oppożizzjoni jew tagħti permess li tkompli l-amalgamazzjoni ma' l-għoti ta' sigurtà biżżejjed.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu kwalunkwe soċju ta' kwalunkwe soċjetà kummerċjali li tkun qed tamalgama jew ir-Reġistratur ikollu l-jedd li jikkontesta l-validità ta' l-amalgamazzjoni biss fl-imsemmi żmien ta' tliet xhur permezz ta' ċitazzjoni.

(4) Meta bħala riżultat tal-proċedimenti li għalihom hemm provdut fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, il-Qorti tkun sodisfatta li l-amalgamazzjoni ma tkunx valida, il-Qorti għandha tiċħad l-imsemmija amalgamazzjoni:

Iżda l-Qorti jkollha l-jedd tissospendi d-deċiżjoni tagħha li tiċħad l-amalgamazzjoni u li tagħti żmien ta' mhux iktar minn sitt xhur, lis-soċjetà jew is-soċjetajiet kummerċjali li jonqsu sabiex jirrimedjaw dak in-nuqqas li wassal li l-amalgammazzjoni tkun invalida; u jekk in-nuqqas ikun rimedjat fiż-żmien mogħti, l-amalgamazzjoni għandha tibda sseħħ.

Is-soċjetà kummerċjali li takkwista jew il-ġdida tidħol minflok is-soċjetà li ma tibqax teżisti.

342. (1) Soċjetà kummerċjali li tkompli topera jew, meta tkun iffurmata soċjetà kummerċjali ġdida, is-soċjetà kummerċjali l-ġdida, għandha tidħol għall-jeddijiet u r-responsabbiltajiet kollha tas-soċjetà kummerċjali jew tas-soċjetajiet kummerċjali li ma jibqgħux jeżistu.

(2) Meta s-soċjetà kummerċjali li tkompli topera jew is-soċjetà kummerċjali l-ġdida, skond il-każ, tkun soċjetà f'isem kollettiv ir-responabbiltà mhux limitata tas-soċji kollha tagħha, għandha testendi wkoll għall-obbligi tas-soċjetà jew tas-soċjetajiet kummerċjali li ma baqgħux jeżistu.

(3) Meta s-soċjetà kummerċjali li tkompli topera jew is-soċjetà kummerċjali l-ġdida, skond il-każ, tkun soċjetà in akkomandita r-responsabbiltà mhux limitata tas-soċji b'responsabbiltà mhux limitata kollha tagħha, għandha testendi wkoll għall-obbligi tas-soċjetà kummerċjali jew tas-soċjetajiet kummerċjali li ma jibqgħux jeżistu.

Titolu II — Amalgamazzjoni ta' Kumpanniji

Amalgamazzjoni fil-forma ta' "għaqda bil-formazzjoni ta' kumpannija ġdida" jew "għaqda b'akkwist".

343. (1) Amalgamazzjoni ta' żewġ kumpanniji jew iżjed tista' ssir jew —

(a) b'għaqda b'akkwist; jew

(b) b'għaqda bil-formazzjoni ta' kumpannija ġdida.

(2) Għaqda b'akkwist hija l-operazzjoni li biha kumpannija (f'din it-Taqsima msejħa "il-kumpannija li takkwista") takkwista l-attiv u l-passiv ta' kumpannija oħra jew kumpanniji oħrajn (f'din it-Taqsima msejħa "il-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati") bi bdil għall-ħruġ lill-azzjonisti tal-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati ta' azzjonijiet fil-kumpannija li takkwista u ħlas bi flus, jekk il-każ, ta' mhux iżjed minn għaxra fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet hekk maħruġa.

(3) Għaqda b'formazzjoni ta' kumpannija ġdida hija l-operazzjoni fejn żewġ kumpanniji jew iżjed (f'din it-Taqsima msejħa "il-kumpanniji li jkunu se jingħaqdu") jittrasferixxu lil kumpannija li huma jwaqqfu (f'din it-Taqsima msejħa "il-kumpannija l-ġdida") l-attiv u l-passiv kollha tagħhom bi bdil għall-ħruġ lill-azzjonisti tal-kumpanniji li jkunu se jingħaqdu ta' azzjonijiet fil-kumpannija l-ġdida u ħlas ta' flus, jekk ikun hemm, li ma jkunx iżjed minn għaxra fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet hekk maħruġa.

(4) Il-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati jew, skond il-każ, il-kumpanniji li jkunu se jingħaqdu, għandhom ikunu xolti mingħajr ma jkunu stralċjati skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att u xoljiment jitqies li jkun sar meta l-amalgamazzjoni ssir effettiva skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 353 ta' dan l-Att.

(5) Il-fatt li kumpannija waħda jew iżjed li se jkunu akkwistati, jew kumpannija waħda jew iżjed li jkunu se jingħaqdu jkunu ġew xolti volontarjament b'riżoluzzjoni straordinarja, u li dikjarazzjoni ta' solvenza tkun ġiet ippreżentata, ma jtellifx lil dawk il-kumpanniji milli jieħdu sehem fl-amalgamazzjoni, kemm-il darba ebda attiv ta' dawk il-kumpanniji ma jkun tqassam lill-azzjonisti wara x-xoljiment. Kull dispożizzjoni ta' din it-Taqsima li teħtieġ lid-diretturi ta' kumpannija li jagixxu għandha tiftiehem dwar kumpannija li tkun ġiet xolta bħala li teħtieġ stralċjarju biex jagixxi.

(6) Il-fatt li kumpannija waħda jew iżjed li jkunu se jiġu akkwistati jew kumpannija waħda jew iżjed li jkunu se jingħaqdu jkunu ġew xolti skond l-artikolu 214 ta' dan l-Att, u fil-każ ta' stalċ voluntarju ma tkunx ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' solvenza, jinvalida l-amalgamazzjoni dwar il-kumpanniji kollha li jkunu se jamalgamaw.

(7) Kumpannija tista' tiġi amalgamata biss ma' kumpannija waħda jew iżjed, u ma tistax tiġi amalgamata ma' xi xorta oħra ta' soċjetà kummerċjali.

Kapitolu I — Għaqda b'akkwist

Abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda.

344. (1) Id-diretturi ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw għandhom iħejju abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda bil-miktub.

(2) L-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda għandu jispeċifika dan li ġej —

(a) l-istatus, l-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw;

(b) il-proporzjon tal-bdil ta' azzjonijiet u l-ammont ta' kull ħlas bil-flus;

(ċ) il-kondizzjonijiet dwar l-għoti ta' azzjonijiet fil-kumpannija li tkun se takkwista;

(d) id-data minn meta ż-żamma ta' dawk l-azzjonijiet tagħti l-jedd lid-detenturi li jipparteċipaw fil-profitti u kull kondizzjonijiet speċjali li jolqtu dak il-jedd;

(e) id-data minn meta t-tranżazzjonijiet ta' kull kumpannija li tkun se tiġi akkwistata għandhom jitqiesu, għall-fini ta' kontijiet, bħala dawk tal-kumpannija li tkun se takkwista;

(f) il-jeddijiet mogħtija mill-kumpannija li tkun se takkwista lid-detenturi ta' azzjonijiet li jkollhom magħhom jeddijiet speċjali u lid-detenturi ta' obbligazzjonijiet u ta' sigurtajiet oħra, jew il-miżuri proposti dwarhom;

(ġ) kull vantaġġ speċjali mogħti lill-esperti msemmija fl-artikolu 348 ta' dan l-Att li jaġixxu f'isem kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw awtorizzati biex jeżaminaw l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda u li jagħmlu rapport bil-miktub lill-azzjonisti, u lid-diretturi ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw.

(3) L-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda kompletat kif imiss, għandu jkun iffirmat minn għall-inqas direttur wieħed u mis-segretarju tal-kumpannija ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw, u jintbagħat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, li meta jkun sodisfatt li l-ħtiġiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkunu tħarsu, għandu jirreġistrah.

Għaqda approvata b'riżoluzzjoni straordinarja.

345. (1) Għaqda b'akkwist tista' ssir biss jekk tkun approvata b'riżoluzzjoni straordinarja ta' kull waħda mill-kumpanniji li se jkunu amalgamati. Kull waħda minn dawk il-kumpanniji tkun meħtieġa li tifdi l-azzjonijiet miżmuma mill-membri li jopponu għall-għaqda, b'dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu miftiehma jew kif il-Qorti jidhrilha xieraq li tordna, fuq talba jew tal-kumpannija jew tal-membri li jopponu.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, approvazzjoni ma tkunx valida kemm-il darba r-riżoluzzjoni straordinarja ma tkunx adottata għall-inqas xahar wara l-pubblikazzjoni ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda u mhux iktar tard minn tliet xhur minn dik id-data.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar tibdil u żidiet fil-memorandum u fl-istatut għandhom, kif xieraq, japplikaw għal kull tibdil u żidiet fil-memorandum u fl-istatut li jkunu meħtieġa b'xi amalgamazzjoni msemmija f'din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(4) Meta jkun hemm iktar minn klassi waħda ta' azzjonijiet f'xi waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw ir-riżoluzzjonijiet straordinarji ta' dawk il-kumpanniji dwar l-amalgamazzjoni jkunu suġġetti għal vot separat minn għall-inqas kull klassi ta' azzjonisti li l-jeddijiet tagħhom jintlaqtu biha.

(5) Ir-riżoluzzjoni straordinarja li tittieħed minn kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw għandha tolqot kemm l-approvazzjoni ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda kif ukoll kull tibdil u żidiet fil-memorandum u fl-istatut li jkunu meħtieġa minħabba l-amalgamazzjoni.

(6) L-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija li tkun se takkwista ma tkunx meħtieġa jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin —

(a) l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda għall kumpannija li tkun se takkwista jkunu ġew pubblikati kif imiss skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att mir-Reġistratur għall-anqas xahar qabel, u mhux iżjed minn tliet xħur qabel, d-data stabbilita għal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija jew l-aħħar tal-laqgħat ġenerali separti tal-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati li għandhom jiddeċiedu fuq l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda;

(b) għall-anqas xahar qabel id-data speċifikata fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, l-azzjonisti kollha tal-kumpannija li tkun sa takkwista jkollhom il-jedd li jispezzjonaw id-dokumenti msemmija fl-artikolu 349 ta' dan l-Att, fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija li tkun se takkwista; u

(ċ) wieħed jew iżjed mill-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se takkwista li jkollu għall-anqas ħamsa fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-kumpannija bil-jedd tal-vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpannija jkollu l-jedd li jeħtieġ li tissejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija li tkun se takkwista biex tiddeċiedi jekk tapprovax l-amalgamazzjoni.

Għemil ta' rapport dettaljat bil-miktub mid-diretturi dwar l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' għaqda.

346. Id-direttur ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw għandhom jagħmlu rapport dettaljat bil-miktub li jispjega l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda u li jagħti l-bażi legali u ekonomika għalihom, b'mod partikolari il-proporzjon tal-bdil ta' azzjonijiet, u għandu jiddeskrivi kull diffikultajiet speċjali ta' valutazzjoni li jkunu nqalgħu.

F'ċerti każijiet ta' għaqda ma japplikawx is-subartikoli (2), (3) u (4) ta' l-artikolu 87.

347. Fil-każ ta' żieda fil-kapital azzjonarju maħruġ li tkun saret biex tħallas lill-azzjonisti tal-kumpannija li tkun qed tiġi akkwistata biex tingħata seħħ lil amalgamazzjoni, is-subartikoli (2), (3) u (4) ta' l-artikolu 87 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw.

Isir rapport bil-miktub lill-azzjonisti minn espert jew esperti.

348. (1) Espert wieħed jew iżjed li jaġixxu f'isem kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw, iżda indipendenti minnhom u approvati mir-Reġistratur, għandhom jeżaminaw l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda u jagħmlu rapport bil-miktub lill-azzjonisti.

(2) Ir-rapport għandu jispeċifika jekk il-proporzjon tal-bdil ta' azzjonijiet ikunx ġust u xieraq u għal hekk għandu —

(a) juri l-metodu jew metodi użati li wasslu għall-proporzjon tal-bdil ta' l-azzjonijiet propost; u

(b) jgħid jekk dak il-metodu jew dawk il-metodi humiex biżżejjed fil-każ li jkun, juri l-valuri li jkunu waslu għalihom permezz ta' kull wieħed minn dawk il-metodi użati u jagħti fehma fuq l-importanza relattiva mogħtija lil dak il-metodu jew dawk il-metodi li wasslu għall-valur li fuqu ttieħdet id-deċiżjoni.

(3) Ir-rapport għandu jiddeskrivi kull diffikultajiet speċjali ta' valutazzjoni li jkunu nqalgħu.

(4) Kull espert ikollu l-jedd li jikseb mingħand il-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw it-tagħrif u d-dokumenti kollha relevanti u li jagħmel l-istħarriġ meħtieġ kollu.

(5) Espert jew esperti indipendenti jistgħu jinħatru mir-Reġistratur biex jagħmlu rapport wieħed għall-kumpanniji kollha li jkunu se jamalgamaw fuq it-talba li jagħmlu flimkien il-kumpanniji li jkollhom x'jaqsmu.

Dokumenti li azzjonisti ta' kumpanniji li jkunu se jingħaqdu għandhom il-jedd li jisspezzjonaw.

349. (1) L-azzjonisti kollha ta' kull kumpannija li tkun se tamalgama jkollhom il-jedd li jispezzjonaw id-dokumenti li ġejjin fl-uffiċċju reġistrat ta' kull kumpannija għall-anqas xahar qabel id-data stabbilita għal-laqgħa ġenerali li tkun se tiddeċiedi fuq l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda —

(a) l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda;

(b) il-kontijiet annwali u r-rapporti tad-diretturi tal-kumpanniji li jkunu se jamalgaw għat-tliet żminijiet ta' kontijiet ta' qabel;

(ċ) dikjarazzjoni tal-kontijiet magħmula sa data li ma għandhiex tkun iktar kmieni mill-ewwel jum tat-tielet xahar li jaħbat qabel id-data ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda, jekk l-aħħar kontijiet annwali jirreferu għaż-żmien tal-kontijiet li jkun intemm iktar minn sitt xhur qabel dik id-data;

(d) ir-rapporti tad-diretturi tal-kumpanniji li jkunu qed jamalgamaw dwar l-amalgamazzjoni;

(e) ir-rapporti ta' l-esperti dwar l-amalgamazzjoni.

(2) Id-dikjarazzjoni tal-kontijiet li hemm provdut għaliha fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssir bl-użu ta' l-istess metodi u l-istess format kif użati fl-aħħar karta tal-bilanċ annwali:

Iżda —

(a) mhux meħtieġ li jsir inventarju fiżiku ġdid;

(b) il-valutazzjonijiet murija fl-aħħar karta tal-bilanċ annwali tinbidel biss biex turi reġistrazzjonijiet fil-kotba tal-kontijiet; u

(ċ) b'dankollu, dan li ġej għandu jittieħed kont tiegħu: deprezzament u provvedimenti *interim* u tibdil materjali fil-valuri attwali mhux murija fil-kotba tal-kontijiet.

(3) Kull azzjonista jkollu l-jedd li jikseb, fuq talba u mingħajr ħlas, kopji tad-dokumenti sħaħ jew jekk mixtieq partijiet minnhom imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Reġistrazzjoni ta' amalgamazzjoni ta' kumpanniji.

350. Ir-riżoluzzjonijiet straordinarji li jittieħdu minn kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw u li japprovaw l-amalgamazzjoni flimkien mad-dokumenti li jagħtihom effett, jew kopja awtentika tagħhom, għandhom ikunu konsenjati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, li, wara li jkun sodisfatt li l-ħtiġiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att ikun tħarsu, għandu jirreġistrahom.

Jeddijiet tal-krediturі li jopponu amalgamazzjoni.

351. (1) L-amalgamazzjoni ta' żewġ kumpanniji jew iżjed ma tibdiex issehħ qabel ma jgħaddu tliet xhur mid-data ta' l-aħħar pubblikazzjoni dwar ir-riżoluzzjonijiet straordinarji li japprovaw l-amalgamazzjoni, imsemmija fl-artikolu 350 ta' dan l-Att.

(2) Matul l-imsemmi żmien ta' tliet xhur kull kreditur ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw li d-djun tagħhom kienu jeżistu qabel il-pubblikazzjoni ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 345 ta' dan l-Att jista' b'ċitazzjoni jopponi għall-amalgamazzjoni u jekk juri raġuni biżżejjed għaliex din ma għandhiex issehħ, il-Qorti għandha jew tilqa' l-oppożizzjoni jew tagħti l-permess għall-amalgamazzjoni wara li tingħata sigurtà biżżejjed.

Tħaris ta' detenturi ta' obbligazzjonijiet u ta' detenturi ta' sigurtajiet.

352. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 351 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għad-detenturi ta' obbligazzjonijiet ta' kumpanniji li jkunu se jamalgamaw sakemm l-għaqda ma tkunx diġà ġiet approvata mid-detenturi ta' l-obbligazzjonijiet individwalment jew b'laqgħa speċjali tad-detenturi ta' l-obbligazzjonijiet imsejħa speċifikament għal hekk, li fiha d-detenturi kollha ta' l-obbligazzjonijiet għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom.

(2) Id-detenturi ta' sigurtajiet, barra minn azzjonijiet, fil-kumpanniji li se jkunu akkwistati, li magħhom ikunu marbuta jeddijiet speċjali għandhom jingħataw jeddijiet kontra kumpannija li tkun se takkwista skond l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda li jkunu għall-anqas daqs dawk li kellhom fil-kumpannija li tkun se tiġi akkwistata, kemm-il darba —

(a) id-detenturi ta' dawk is-sigurtajiet ma jaqblux individwalment li jinbidlu l-jeddijiet tagħhom; jew

(b) it-tibdil ma jkunx approvat b'laqgħa tad-detenturi ta' dawk is-sigurtajiet imsejħa speċifikament għal hekk, f'liema laqgħa d-detenturi kollha ta' dawk is-sigurtajiet għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom; jew

(ċ) id-detenturi ta' dawk is-sigurtajiet ma jkollhomx jedd li jkollhom is-sigurtajiet tagħhom mixtrija lura mill-kumpannija li tkun se takkwista.

Dmirijiet tar-Reġistratur dwar amalgamazzjonijiet.

353. (1) Ma' l-amalgamazzjoni ta' żewġ kumpanniji jew iżjed li tkun bdiet issehħ jew billi jkun għadda ż-żmien imsemmi fl-artikolu 351 ta' dan l-Att jew meta tkun saret oppożizzjoni taħt dak l-artikolu b'deċiżjoni tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpannija jew tal-kumpanniji li ma jkunux baqgħu jeżistu mir-reġistru

u meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni mibdul biex ikun skond iċ-ċirkostanzi tal-każ; u meta amalgamazzjoni li tkun ġiet reġistrata taħt din it-Taqsima ssir mhux effettiva b'deċiżjoni tal-Qorti skond l-artikolu 351 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur għandu jemenda r-reġistrazzjoni f'dan is-sens.

(2) Ir-Reġistratur għandu dwar kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw jew jgħaddi biex jippubblika avviż ta' l-amalgamazzjoni wara li tkun bdiet isseħħ jew jippubblika avviż li l-amalgamazzjoni ssir mhux effettiva b'deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 351 ta' dan l-Att, fiż-żewġ każijiet kif speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Konsegewnzi ta' amalgamazzjoni.

354. (1) Amalgamazzjoni jkollha l-konsegwenzi li ġejjin —

(a) il-kumpannija li tkun se takkwista tidħol għall-attiv, il-jeddijiet u l-obbligazzjonijiet kollha tal-kumpanniji li se jkunu akkwistati, kemm bejn il-kumpanniji li se jkunu akkwistati u l-kumpannija li se takkwista, kif ukoll fir-rigward ta' terzi;

(b) l-azzjonisti tal-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati għandhom isiru azzjonisti tal-kumpannija li tkun se takkwista; u

(ċ) il-kumpanniji li se jkunu akkwistati għandhom jieqfu jeżistu.

(2) Ebda azzjonijiet fil-kumpannija li tkun se takkwista ma għandhom jinbidlu ma' azzjonijiet fil-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati miżmuma jew —

(a) mill-kumpannija li tkun qed takkwista; jew

(b) mill-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu m'għandhomx jolqtu t-twettiq ta' kull formalitajiet li jistgħu jkunu meħtieġa dwar it-trasferiment ta' kull attiv, jeddijiet u obbligazzjonijiet favur il-kumpannija li tkun se takkwista fir-rigward ta' terzi. Il-kumpannija li tkun se takkwista għandha tagħmel hi nnifisha dawn il-formalitajiet.

Responsabbiltà ta' direttur jew espert għal imġieba ħażina.

355. Kull direttur ta' xi waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw li jkun responsabbli għal imġieba ħażina bir-rieda jew b'negligenza fit-tħejjija u fl-implementazzjoni ta' l-amalgamazzjoni, jew kull espert responsabbli biex jagħmel f'isem xi waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw, ir-rapport fuq l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda li jkun ħati għal imġieba ħażina bir-rieda jew b'negliġenza fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu, jkun responsabbli għad-danni kollha li jiġġarrbu minn xi azzjonist ta' xi waħda mill-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw minħabba n-nuqqas tiegħu.

Appell mid-deċiżjoni tar-Reġistratur.

356. Ikun hemm jedd għal kontestazzjoni fuq l-istanza ta' kull parti nteressata mid-deċiżjoni tar-Reġistratur, li tkun tista' tiġi

eżerċitata jew bis-saħħa ta' l-artikolu 344 jew l-artikolu 350 ta' dan l-Att lill-Qorti skond il-kondizzjonijiet li ġejjin —

(a) il-kontestazzjoni issir b'rikors kontra r-Reġistratur fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni wara r-reġistrazzjoni msemmija fl-artikolu 344 ta' dan l-Att fuq il-bażi li l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda ma jkunx sar skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 344 ta' dan l-Att; jew fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni wara r-reġistrazzjoni msemmija fl-artikolu 350 ta' dan l-Att fuq il-bażi li r-riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali straordinarja kienet nulla jew tista' tkun annullata; avviż tar-rikors għandu jiġi pubblikat mir-Reġistratur fil-Gazzetta;

(b) meta jkun possibbli li difett li jista' jagħmel amalgamazzjoni nulla jew li tista' tkun annullata jkun jista' jiġi rettifikat, il-Qorti għandha tagħti lill-kumpanniji involuti żmien biex fih jirrettifikaw il-qagħda;

(ċ) avviż li d-deċiżjoni tal-Qorti ngħatat għandu jkun pubblikat mir-Reġistratur fil-Gazzetta fejn jgħid, b'mod partikolari, jekk ir-rikors ikunx ġie milqugħ jew miċħud;

(d) deċiżjoni li tiddikjara amalgamazzjoni nulla jew li tista' tkun annullata fiha nnifisha ma ttellifx il-validità ta' obbligi dovuti minn jew dwar il-kumpannija li tkun se takkwista li jkunu nqalgħu qabel ma tkun ingħatat id-deċiżjoni u wara d-data tar-reġistrazzjoni ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda msemmija fl-artikolu 344 ta' dan l-Att jew tar-riżoluzzjonijiet u d-dokumenti l-oħra msemmija fl-artikolu 350 ta' dan l-Att, skond il-każ;

(e) kumpanniji li jkunu parti f'amalgamazzjoni jkunu responsabbli *in solidum* dwar l-obbligi tal-kumpannija li tkun se takkwista msemmija fil-paragrafu (d) ta' dan l-artikolu;

(f) l-amalgamazzjoni ma tibdix isseħħ sakemm jgħaddu t-tliet xhur imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu jew, jekk isir rikors, sad-data meta d-deċiżjoni tkun finali, jekk ir-rikors ikun miċħud;

(ġ) hekk kif tingħata d-deċiżjoni ir-Reġistratur għandu, meta r-rikors ikun milqugħ, hekk jemenda r-reġistrazzjoni daqslikieku l-proċedura ta' l-amalgamazzjoni qatt ma tkun inbdiet.

Kapitolu II — Għaqda b'formazzjoni ta' kumpannija ġdida

Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-344 sat-356 għal għaqda b'formazzjoni ta' kumpannija ġdida.

357. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli mit-344 sat-356, barra mis-subartikolu (6) ta' l-artikolu 345 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal għaqda b'formazzjoni ta' kumpannija ġdida daqslikieku riferenzi għall-kumpannija li tkun se takkwista kienu riferenzi għall-kumpannija l-ġdida u daqslikieku riferenzi għall-kumpanniji li jkunu se jamalgamaw u għall-kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati kienu riferenzi għall-kumpanniji li jkunu se jingħaqdu:

Iżda fil-każ ta' għaqda b'formazzjoni ta' kumpannija ġdida l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda għandhom isiru biss mill-kumpanniji li jkunu se jingħaqdu;

Iżda wkoll fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 344 ta' dan l-Att, ir-riferenza għal kumpanniji li jkunu se jamalgamaw għandha tinkludi wkoll il-kumpannija l-ġdida.

(2) L-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda u l-memorandum u l-istatut tal-kumpannija l-ġdida għandhom ikunu approvati b'riżoluzzjoni straordinarja ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkunu se jingħaqdu.

(3) Il-kumpannija l-ġdida tkun iffurmata skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ħlief li r-regoli dwar il-verifika ta' xi konsiderazzjoni barra minn flus stabbiliti bl-artikolu 73 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw.

(4) Ir-Reġistratur għandu, wara li jneħħi l-isem tal-kumpannija li tkun qed tiġi akkwistata mir-reġistru skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 353 ta' dan l-Att, jgħaddi biex johroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni għall-kumpannijia ġdida li jsemmi l-fatt dwar il-formazzjoni ta' dik il-kumpannija bħala riżultat ta' l-għaqda.

Kapitolu III — Akkwist ta' kumpannija minn oħra li żżomm disgħin fil-mija jew iżjed mill-azzjonijiet tagħha.

Akkwist ta' kumpannija minn oħra li jkollha l-azzjonijiet kollha li jagħtu l-jedd għall-vot.

358. (1) L-operazzjoni fejn l-attiv u l-passiv ta' kumpannija jew kumpanniji jkunu trasferiti lil kumpannija oħra li tkun id-detentur ta' l-azzjonijiet kollha tagħhom li jagħtu l-jedd għall-vot f'laqgħat ġenerali u fejn il-kumpanniji ta' qabel kienu xolti mingħajr ma' kienu stralċjati għandhom ikunu regolati bl-artikoli mit-344 sat-356 ta' dan l-Att barra mid-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi (b), (ċ) u (d) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 344, l-artikolu 346, l-artikolu 348, il-paragrafi (d) u (e) tas-subartikoli (1) ta' l-artikolu 349, il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 354 u l-artikolu 355 ta' dan l-Att.

(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu u ta' l-artikolu 359 kull riferenza għal "abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-akkwist" għandha tittieħed bħala riferenza għal "abbozz ta' kondizzjonijiet ta' għaqda" kif speċifikat fl-artikolu 344 ta' dan l-Att.

(3) L-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali ta' kull waħda mill-kumpanniji li jkollhom x'jaqsmu ma' l-operazzjoni ma tkunx meħtieġa u l-artikolu 345 ta' dan l-Att ma għandux japplika għall-operazzjoni speċifikata fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin —

(a) l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-akkwist dwar kull kumpannija li jkollha x'taqsam fl-operazzjoni għandu jkun konsenjat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u għandu jkun pubblikat minnu għall-anqas tliet xhur qabel ma tibda sseħħ l-operazzjoni;

(b) l-azzjonisti kollha tal-kumpannija li tkun se takkwista jkollhom jedd jispezzjonaw fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija d-dokumenti speċifikati fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 349 ta' dan l-Att li l-istess azzjonisti jkollhom jedd li jispezzjonaw f'każ ta' amalgamazzjoni li ssir b'xi waħda mill-modi kif imsemmi fl-artikolu 343 ta' dan l-Att; u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 349 ta' dan l-Att għandhom japplikaw;

(ċ) l-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se takkwista li jkunu detenturi ta' għall-anqas ħamsa fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ li jagħti l-jedd għall-vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpannija jkollhom il-jedd li jeħtieġu li tissejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija li tkun se takkwista biex tiddeċiedi jekk għandhiex tapprova l-operazzjoni.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1), (2) u (3) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw meta l-azzjonijiet kollha speċifikati fihom ikunu miżmuma mill-kumpannija li tkun se takkwista.

Akkwist ta' kumpannija minn oħra li jkollha 90% jew iżjed ta' l-azzjonijiet li jagħtu l-jedd għall-vot iżda mhux kollha.

359. (1) Meta kumpannija waħda jew iżjed ikunu akkwistati minn kumpannija oħra li jkollha disgħin fil-mija jew iżjed, iżda mhux l-azzjonijiet kollha ta' kull waħda minn dawk il-kumpanniji, li jagħtu l-jedd tal-vot f'laqgħat ġenerali, il-laqgħa ġenerali tal-kumpannija li tkun se takkwista ma jkollhiex għalfejn tapprova l-akkwist kemm-il darba jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-akkwist dwar il-kumpannija li tkun se takkwista għandhom ikunu konsenjati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u għandhom ikunu pubblikati minnu għall-anqas xahar qabel id-data stabbilita għal-laqgħa ġenerali tal-kumpanniji li jkunu qed jiġu akkwistati li għandha tiddeċiedi dwar l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-akkwist;

(b) l-azzjonisti kollha tal-kumpannija li tkun se takkwista jkollhom il-jedd li jispezzjonaw id-dokumenti msemmija fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 358 ta' dan l-Att għall-anqas xahar qabel id-data speċifikata fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu u d-dispożizzjonijiet l-oħra kollha ta' l-imsemmi paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 358 ta' dan l-Att għandhom japplikaw;

(ċ) id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 358 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-akkwist regolat b'dan l-artikolu.

(2) Id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha tal-Kapitolu I ta' din it-Taqsima dwar għaqda b'akkwist għandhom japplikaw:

Iżda d-dispożizzjonijiet dwar l-eġħmil ta' rapport fuq l-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' l-għaqda mid-diretturi u mill-esperti kif speċifikat fl-artikoli 346 u 348 ta' dan l-Att rispettivament u l-jedd ta' l-azzjonisti kollha li jispezzjonaw id-dokumenti speċifikati fl-artikolu 349 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw, sakemm l-azzjonisti b'minoranza li

jipponu, tal-kumpannija jew kumpanniji li jkunu se jiġu akkwistati jkollhom il-jedd li l-azzjonijiet tagħhom jinxtraw mill-kumpannija li tkun se takkwista għal konsiderazzjoni li tikkorrispondi għall-valur xieraq ta' l-azzjonijiet tagħhom u fil-każ ta' nuqqas ta' ftehim dwar il-valur xieraq ta' dik il-konsiderazzjoni, kif jiġi stabbilit mill-Qorti.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw meta l-azzjonijiet kollha speċifikati fihom ikunu miżmuma mill-kumpannija li tkun se takkwista.

TAQSIMA IX — QSIM TA' KUMPANNIJI

Qsim ta' kumpannija b'akkwist jew b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda.

360. (1) Qsim ta' kumpannija f'żewġ kumpanniji jew iżjed jista' jsir bi —

(a) qsim b'akkwist; jew

(b) qsim b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda.

(2) Qsim b'akkwist hu l-operazzjoni li biha kumpannija (f'din it-Taqsima msejħa "il-kumpannija li tkun se tinqasam") tikkonsenja lil żewġ kumpanniji li jeżistu jew iżjed (f'din it-Taqsima msejħa "il-kumpanniji riċevituri") l-attiv u l-passiv kollha tagħha bi bdil ma' l-allokazzjoni lill-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tinqasam ta' azzjonijiet fil-kumpanniji riċevituri u ħlas ta' flus, jekk il-każ, li ma jkunx iżjed minn għaxra fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet hekk maħruġa.

(3) Qsim b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda hu l-istess bħall-operazzjoni deskritta fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ħlief li l-kumpanniji riċevituri jkunu furmati bħala kumpanniji ġodda sabiex jieħdu sehem fil-qsim. L-espressjoni "il-kumpanniji li jkollhom x'jaqsmu fi qsim" użata fil-każ ta' qsim b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda f'din it-Taqsima għandha tiftiehem li tirreferi biss għall-kumpannija li tkun se tinqasam.

(4) Il-kumpannija li tkun se tinqasam għandha tkun xolta mingħajr ma tkun stralċjata skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' Taqsima V ta' dan l-Att; ix-xoljiment għandu jitqies li jkun sar meta l-qsim jibda jseħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 370 ta' dan l-Att.

(5) Il-fatt li kumpannija li tkun se tinqasam tkun ġiet xolta volontarjament b'riżoluzzjoni straordinarja, u dikjarazzjoni ta' solvenza tkun ġiet ippreżentata, ma għandux itellef lil dik il-kumpannija milli tieħu sehem fil-qsim kemm-il darba ebda attiv ta' dik il-kumpannija ma tkun tqassam lill-azzjonisti wara x-xoljiment. Kull dispożizzjoni ta' din it-Taqsima li teħtieġ id-diretturi ta' kumpannija biex jaġixxu għandha tiftiehem dwar kumpannija li tkun ġiet xolta bħala li teħtieġ lill-stralċjarju li jaġixxi.

(6) Il-fatt li l-kumpannija li tkun se tinqasam tkun ġiet xolta skond l-artikolu 214 ta' dan l-Att u fil-każ ta' stralċ volontarju iżda ma tkunx ġiet ippreżentata dikjarazzjoni ta' solvenza, għandu jinvalida l-qsim fir-rigward tal-kumpanniji kollha li għandhom x'jaqsmu fil-qsim.

(7) Qsim ta' kumpannija jista' jsir biss f'żewġ kumpanniji jew iżjed, u ma jistax isir qsim li fih ikollha x'taqsam xi xorta ta' soċjetà kummerċjali oħra.

Kapitolu I — Qsim b'akkwist

Abbozz tal-kondizzjonijiet ta' qsim.

361. (1) Id-diretturi ta' kumpannija li tkun se tinqasam u ta' kull waħda mill-kumpanniji riċevituri (aktar tard f'din it-Taqsima msejħin "il-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu mal-qsim") għandhom jagħmlu abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim bil-miktub.

(2) L-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim għandu jispeċifika dan li ġej —

(a) l-istatus, l-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu mal-qsim;

(b) il-proporzjon ta' kif issir il-bdil ta' azzjonijiet u l-ammont ta' kull ħlas bil-flus;

(ċ) il-kondizzjonijiet dwar l-għoti ta' azzjonijiet f'kull waħda mill-kumpanniji riċevituri;

(d) id-data li minnha min iżomm dawk l-azzjonijiet ikollu l-jedd li jipparteċipa fil-profitti u kull kondizzjonijiet speċjali li jolqtu dak il-jedd;

(e) id-data li minnha t-transazzjonijiet tal-kumpannija li tkun se tinqasam għandhom jitqiesu għall-fini ta' kontijiet bħala li jkunu ta' waħda jew oħra tal-kumpanniji riċevituri;

(f) il-jeddijiet mogħtija minn kull waħda mill-kumpanniji riċevituri lid-detenturi ta' azzjonijiet li jkollhom magħhom jeddijiet speċjali u d-detenturi ta' sigurtajiet barra minn azzjonijiet, jew il-miżuri proposti dwarhom;

(ġ) kull vantaġġ speċjali mogħti lill-esperti msemmija fl-artikolu 364 ta' dan l-Att u lid-diretturi ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu mal-qsim;

(ħ) id-deskrizzjoni preċiża u l-allokazzjoni ta' l-attiv u l-passiv li jkunu se jiġu trasferiti lil kull waħda mill-kumpanniji riċevituri;

(i) l-allokazzjoni lill-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tinqasam ta' azzjonijiet fil-kumpanniji riċevituri u l-kriterju li fuqu tkun bażata dik l-allokazzjoni.

(3) Meta attiv ma jkunx allokat bl-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' qsim u meta skond l-interpretazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet ma jkunx possibbli li tittieħed deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tiegħu, l-attiv jew il-konsiderazzjoni għalih għandha tkun allokata lill-kumpanniji riċevituri kollha fil-proporzjon tas-sehem ta' l-attiv nett allokat lil kull waħda minn dawk il-kumpanniji taħt l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim.

(4) Meta passiv ma jkunx allokat bl-abbozz tal-kondizzjonijiet ta' qsim u meta skond l-interpretazzjoni ta' dawk il-kondizzjonijiet ma jkunx possibbli li tittieħed deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tiegħu, kull waħda mill-kumpanniji riċevituri tkun responsabbli għalih *in solidum:*

Iżda dik ir-responsabbiltà *in solidum* tkun limitata għall-attiv nett allokat lil kull kumpannija.

(5) L-abbozz tal-kundizzjonijiet ta' qsim għal kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu ma' qsim li jkun kompletat kif imiss, għandu jkun iffirmat minn għall-anqas direttur wieħed u s-segretarju tal-kumpannija ta' kull kumpannija li għandha x'taqsam mal-qsim, u jintbagħat lir-Reġistratur minn kull kumpannija għar-reġistrazzjoni, u dan meta jkun sodisfatt li l-ħtiġiet ta' dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu tħarsu, għandu jirreġistrahom.

Approvazzjoni ta' qsim b'riżoluzzjoni straordinarja.

362. (1) Qsim jista' jsir biss jekk ikun ġie approvat b'riżoluzzjoni straordinarja ta' kull kumpannija li għandha x'taqsam mal-qsim li tkun adottata minn kull waħda minn dawk il-kumpanniji għall-anqas xahar wara l-pubblikazzjoni ta' l-abbozz tagħha tal-kondizzjonijiet tal-qsim u mhux iktar tard minn tliet xhur minn dik il-pubblikazzjoni.

(2) Meta azzjonijiet fil-kumpanniji riċevituri jkunu allokati lill-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tinqasam xort'oħra milli fil-proporzjon tal-jeddijiet tagħhom fil-kapital ta' dik il-kumpannija, il-membri ta' dik il-kumpannija li jopponu jistgħu jeżerċitaw il-jedd li l-azzjonijiet tagħhom ikunu mifdija. F'dak il-każ, dawn ikollhom jedd li jirċievu konsiderazzjoni li tikkorrispondi għall-valur ta' l-azzjonijiet tagħhom. F'każ ta' kwistjoni dwar il-konsiderazzjoni, din tkun deċiża mill-Qorti, fuq talba magħmula jew minn xi waħda mill-kumpanniji riċevituri jew minn xi wieħed mill-membri li jopponu tal-kumpannija li tkun se tinqasam.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jirregolaw tibdil u żidiet fil-*memorandum* u fl-istatut għandhom, b'mod xieraq, japplikaw għal kull tibdil jew żidiet fil-*memorandum* u fl-istatut li jkunu saru meħtieġa minħabba xi qsim imsemmi f'din it-Taqsima ta' dan l-Att.

(4) Meta jkun hemm iktar minn klassi waħda ta' azzjonijiet f'xi waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim, ir-riżoluzzjonijiet straordinarji ta' dawk il-kumpanniji dwar il-qsim għandhom ikunu suġġetti għal vot separat minn għall-inqas kull klassi ta' azzjonisti li l-jeddijiet tagħhom ikunu milquta b'dan.

(5) Ir-riżoluzzjoni straordinarja meħudha minn kull waħda mill-kumpanniji li għandha x'taqsam mal-qsim għandha tkopri kemm l-approvazzjoni ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim kif ukoll kull tibdil u żidiet fil-*memorandum* u fl-istatut li jkunu saru meħtieġa bil-qsim.

(6) Il-laqgħa ġenerali ta' kull kumpannija riċevitura ma tkunx meħtieġa jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti —

(a) il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att, kif provdut wara li ssir ir-reġistrazzjoni meħtieġa skond is-subarikolu (5) ta' l-artikolu 361 ta' dan l-Att għandha ssir, għal kull kumpannija riċevitura, għall-anqas xahar qabel u mhux iktar tard minn tliet xhur qabel id-data stabbilta għal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija li tkun se tinqasam li fiha se jkun deċiż l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim;

(b) għall-anqas xahar qabel id-data speċifikata fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu l-azzjonisti kollha ta' kull kumpannija riċevitura għandhom ikunu intitolati li jispezzjonaw id-dokumenti speċifikati fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 365 ta' dan l-Att fl-uffiċċju reġistrat ta' dik il-kumpannija;

(ċ) azzjonist wieħed jew iżjed ta' xi kumpannija riċevitura li jkollhom għall-inqas ħamsa fil-mija tal-kapital azzjonarju maħruġ li jkollu l-jedd tal-vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpannija jkollhom jedd li jeħtieġu li tissejjaħ laqgħa ġenerali ta' dik il-kumpannija riċevitura sabiex tiddeċiedi jekk tapprovax il-qsim.

Id-diretturi jagħmlu rapport dettaljat bil-miktub ta' l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim.

363. (1) Id-diretturi ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fi qsim għandhom jagħmlu rapport dettaljat bil-miktub li jispjega l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim u li jagħti l-bażijiet legali u ekonomiċi għalihom, b'mod partikolari il-proporzjon ta' kif isir il-bdil ta' azzjonijiet u l-kriterju li jistabbilixxi l-allokazzjoni ta' l-azzjonijiet.

(2) Ir-rapport għandu jsemmi kull rapport li jkun tħejja skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 87 ta' dan l-Att.

(3) Id-diretturi ta' kumpannija li tkun se tinqasam għandhom jgħarrfu lill-laqgħa ġenerali ta' dik il-kumpannija b'kull tibdil materjali fl-attiv u fil-passiv bejn id-data li fiha jkun tħejja l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim u d-data tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija li tkun se tinqasam li tkun se tissejjaħ biex tiddeċiedi l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim.

(4) Id-diretturi ta' kumpannija li tkun se tinqasam għandhom barra minn hekk jgħarrfu lid-diretturi tal-kumpannija riċevitura sabiex dawn id-diretturi jkunu jistgħu jgħarrfu lill-laqgħa ġenerali rispettiva b'kull tibdil materjali fl-attiv u fil-passiv kif speċifikat fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

364. (1) Espert jew esperti li jaġixxu għan-nom ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim iżda indipendentement minnhom u approvati mir-Reġistratur, għandhom jeżaminaw l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim u jagħmlu rapport bil-miktub lill-azzjonisti. Espert jew esperti jagħmlu rapport bil-miktub lill-azzjonisti.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (2) sa (5) ta' l-artikolu 348 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għar-rapport.

(3) Ir-rapport dwar konsiderazzjonijiet barra flus imsemmi fis-subartikoli (2), (3) u (4) ta' l-artikolu 87 ta' dan l-Att u r-rapport dwar l-abbozz tal-kondizzjoniiet tal-qsim li jkun sar skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandhom isiru mill-espert jew mill-esperti approvati taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

365. (1) L-azzjonisti kollha tal-kumpanniji li jkollhom x'jaqsmu fil-qsim ikollhom jedd li jispezzjonaw id-dokumenti li ġejjin fl-uffiċċju reġistrat ta' kull kumpannija li għandha x'taqsam fil-qsim għall-anqas xahar qabel id-data tal-laqgħa ġenerali li tkun se tiddeċiedi l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim — Dokumenti li azzjonisti ta' kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fi qsim għandhom jedd jispezzjonaw.

(a) l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim;

(b) il-kontijiet annwali u r-rapporti tad-diretturi tal-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim għat-tliet żminijiet ta' kontijiet ta' qabel;

(ċ) kull dikjarazzjoni ta' kontijiet magħmula sa data li ma għandhiex tkun iktar kmieni mill-ewwel jum tat-tielet xahar li jaħbat qabel id-data ta' l-abbozz tal-kondizzjoniiet tal-qsim, jekk l-aħħar kontijiet annwali jirreferu għal żmien tal-kontijiet li jkun intemm iktar minn sitt xhur qabel dik id-data;

(d) ir-rapporti tad-diretturi tal-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim kif provdut fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 363 ta' dan l-Att;

(e) ir-rapporti kif provdut fl-artikolu 364 ta' dan l-Att.

(2) Id-dikjarazzjoni tal-kontijiet li hemm provdut għaliha fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha ssir bl-użu ta' l-istess metodi u l-istess format kif użati fl-aħħar karta tal-bilanċ annwali:

Iżda —

(a) mhux meħtieġ li jsir inventarju fiżiku ġdid;

(b) il-valutazzjoni murija fl-aħħar karta tal-bilanċ annwali għandha tinbidel biss biex turi reġistrazzjonijiet fil-kotba tal-kontijiet; u

(ċ) b'danakollu, dan li ġej għandu jittieħed kont tiegħu: deprezzament u provvedimenti *interim* u tibdil materjali fil-valur attwali mhux murija fil-kotba tal-kontijiet.

(3) Kull azzjonist ikollu l-jedd li jikseb, fuq talba u mingħajr ħlas, kopji sħaħ jew, jekk mixtieq, partijiet minn kopji tad-dokumenti msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

Meta azzjonisti li għandhom x'jaqsmu fi qsim jaqblu ċerti dispożizzjonijiet ma japplikawx.

366. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 363, is-subartikolu (1) u (2) ta' l-artikolu 364 u l-paragrafi (ċ), (d) u (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 365 ta' dan l-Att ma għandhomx japplikaw jekk l-azzjonisti kollha tal-kumpannija kollha li għandhom x'jaqsmu fi qsim ikunu hekk ftehmu.

Konsenja ta' riżoluzzjonijiet straordinarji dwar qsim lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

367. Ir-riżoluzzjoni straordinarja li tapprova l-qsim mgħoddija mill-kumpannija li tkun se tinqasam u r-riżoluzzjonijiet straordinarji, mgħoddija mill-kumpanniji riċevituri flimkien mad-dokumenti li jagħtu seħħ lill-qsim, jew kopja awtentika tagħhom, għandhom ikunu konsenjati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni li għandu, wara li jkun sodisfatt li l-ħtiġiet tad-dispożizzjonijiet ta' qabel dan ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att ikunu tħarsu, jirreġistrahom.

Jeddijiet tal-krediturì li jopponu għal qsim.

368. (1) Il-qsim ma jibdiex iseħħ qabel tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' artikolu 401 ta' dan l-Att dwar ir-riżoluzzjonijiet straordinarji li japprovaw il-qsim.

(2) Matul l-imsemmi żmien ta' tliet xhur kull kreditur ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fi qsim li d-dejn tiegħu kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att, kif provdut in segwitu tar-reġistrazzjoni meħtieġa bis-saħħa tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 361 ta' dan l-Att jista', b'ċitazzjoni, jopponi għall-qsim, u jekk juri raġuni xierqa għaliex dak il-qsim ma għandux iseħħ, il-Qorti għandha tilqa' l-oppożizzjoni inkella tħalli li jsir il-qsim ma' l-għoti ta' sigurtà biżżejjed.

(3) Safejn kreditur ta' kumpannija li lilha l-obbligu jkun trasferit skond l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim ma jkunx ġie sodisfatt, il-kumpanniji riċevituri jkunu responsabbli *in solidum* għal dak l-obbligu:

Iżda fir-rigward ta' kumpanniji riċevituri barra mill-waħda li lilha jkun ġie trasferit l-obbligu, din ir-respnsabbiltà tkun limitata għall-attiv nett allokat lil kull waħda minn dawk il-kumpanniji;

Iżda wkoll dan is-subartikolu ma japplikax meta l-operazzjoni li tinvolvi l-qsim tkun suġġetta għas-sorveljanza tal-Qorti skond l-artikolu 375 ta' dan l-Att u maġġoranza fin-numru li tirrappreżenta tliet kwarti fil-valur tal-kredituri tal-kumpannija li tkun se tinqasam tkun ftehmet li tirrinunzja għal dik ir-responsabiltà *in solidum* f'laqgħa miżmuma skond il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 375 ta' dan l-Att.

Ħarsien ta' detenturi ta' obbligazzjonijiet u detenturi ta' sigurtajiet.

369. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 368 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal detenturi ta' obbligazzjonijiet tal-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim sakemm il-qsim ma jkunx diġà ġie approvat mid-detenturi ta' l-obbligazzjonijiet, individwalment jew

f'laqgħa speċjali tad-detenturi ta' obbligazzjonijiet imsejħa speċifikament għal dak l-għan, f'liema laqgħa d-detenturi kollha ta' l-obbligazzjonijiet għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom.

(2) Id-detenturi ta' sigurtajiet, barra minn azzjonijiet, li jkollhom magħhom jeddijiet speċjali, għandhom jingħataw il-jeddijiet fil-kumpanniji riċevituri li kontra tagħhom dawk is-sigurtajiet li jistgħu jkunu nvokati skond l-abbozz tal-kondizzjonijiet tal-qsim, għall-inqas daqs il-jeddijiet li kellhom fil-kumpannija li tkun se tinqasam, kemm-il darba —

(a) id-detenturi ta' dawk is-siguratjiet ma jaqblux individwalment li l-jeddijiet tagħhom jinbidlu; jew

(b) it-tibdil ma jkunx ġie approvat b'laqgħa tad-detenturi ta' dawk is-sigurtajiet li tissejjaħ speċifikament għal dak l-għan f'liema laqgħa d-detenturi kollha ta' dawk is-siguratjiet għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom; jew

(ċ) id-detenturi ta' dawk is-sigurtajiet ma jkollhomx il-jedd li jkollhom is-sigurtajiet tagħhom mixtrija lura.

Dmirijiet tar-Reġistratur dwar qsim.

370. (1) Meta l-qsim ikun beda jseħħ jew għax ikun għadda ż-żmien imsemmi fl-artikolu 368 ta' dan l-Att, jew meta ssir oppożizzjoni taħt dak l-artikolu, b'deċiżjoni tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem tal-kumpannija li tkun se tinqasam minn fuq ir-reġistru; u fejn diviżjoni li tkun ġiet reġistrata taħt din it-Taqsima ma ssirx effettiva bis-saħħa ta' deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 368 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur għandu hekk jemenda r-reġistrazzjoni.

(2) Ir-Reġistratur għandu, dwar kull kumpannija li għandha x'taqsam fi qsim, jew jgħaddi biex jippubblika avviż tal-qsim wara li jkun beda jseħħ jew jippubblika avviż li l-qsim ikun sar mhux effettiv b'deċiżjoni tal-Qorti taħt l-artikolu 344 ta' dan l-Att, fiż-żewġ każijiet kif speċifikat fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu. Il-pubblikazzjoni għandha ssir skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att.

Konsegwenzi ta' qsim.

371. (1) Qsim ikollu l-konsegwenzi li ġejjin —

(a) il-kumpanniji riċevituri jidħlu għall-attiv u l-passiv kollu tal-kumpannija li tkun se tinqasam, kemm bejn il-kumpannija li tkun se tinqasam u l-kumpanniji riċevituri u dwar terzi;

(b) l-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tinqasam għandhom isiru azzjonisti ta' waħda jew iżjed mill-kumpanniji riċevituri; u

(ċ) il-kumpannija li tkun se tinqasam għandha tieqaf milli teżisti.

(2) Ebda azzjonijiet f'kumpannija riċevitura ma għandhom jinbidlu f'azzjonijiet miżmuma fil-kumpannija li tkun se tinqasam jew —

(a) minn dik il-kumpannija riċevitura; jew

(b) mill-kumpannija li tkun se tinqasam.

(3) Id-dispożizzjoniiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu ma għandhomx jolqtu it-twettiq ta' xi formalitajiet li jistgħu jkunu meħtieġa għat-trasferiment ta' attiv, jeddijiet u obbligi favur kumpanniji riċevituri dwar terzi. Kull waħda mill-kumpanniji riċevituri għandha tagħmel il-formalitajiet meħtieġa dwar l-attiv, jeddijiet u obbligi li għalihom tkun daħlet.

(4) Id-diviżjoni għandha tkun bla ħsara għad-drittijiet li jgawdu l-krediturі tal-kumpannija li tkun se tinqasam fuq xi attiv ta' dik il-kumpannija.

Responsabbiltà ta' direttur jew espert ta' mġieba ħażina bir-rieda jew b'negliġenza.

372. Kull direttur tal-kumpannija li tkun se tinqasam responsabbli għal imġieba ħażina fit-tħejjija u fl-implimentazzjoni tal-qsim, jew kull espert responsabbli biex jagħmel, f'isem il-kumpannija li tkun se tinqasam, ir-rapport fuq l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim, li jkun responsabbli għall imġieba ħażina bir-rieda jew b'negliġenza fil-qadi ta' dmirijietu jkun responsabbli għad-danni kollha li jiġġarrbu minn kull azzjonist tal-kumpannija li tkun se tinqasam minħabba n-nuqqas tiegħu.

Appell minn deċiżjonijiet tar-Reġistratur.

373. Kull parti nteressata tista' tappella mir-reġistrazzjoni magħmula mir-Reġistratur, bis-saħħa jew ta' l-artikolu 361 ta' l-artikolu 367 ta' dan l-Att lill-Qorti, skond il-kundizzjonijiet li ġejjin —

(a) l-appell għandu jsir b'rikors kontra r-Reġistratur fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni wara r-reġistrazzjoni msemmija fl-artikolu 361 ta' dan l-Att fuq il-bażi illi l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim ma jkunx sar skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 361 ta' dan l-Att; jew fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni wara r-reġistrazzjoni msemmija fl-artikolu 367 ta' dan l-Att fuq il-bażi li r-riżoluzzjoni tal-laqgħa ġenerali straordinarja kienet nulla jew tista' tkun annullata; avviż tar-rikors għandu jiġi pubblikat mir-Reġistratur fil-Gazzetta;

(b) meta jkun possibbli li difett li jista' jagħmel qsim null jew li jista' jkun annullat ikun rettifikat, il-Qorti għandha tagħti lill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu żmien li matulu għandhom jirrettifikaw is-sitwazzjoni;

(ċ) id-deċiżjoni tal-Qorti għandha tkun pubblikata mir-Reġistratur permezz ta' avviż fil-Gazzetta li jgħid, b'mod partikolari, jekk ir-rikors ikunx ġie milqugħ jew miċħud;

(d) deċiżjoni li tiddikjara qsim null jew li jista' jkun annullat ma għandhiex minnha nnifisha tolqot il-validità ta' l-obbligi dovuti minn jew dwar il-kumpanniji riċevituri li jkunu nqalgħu qabel ma tkun ingħatat id-deċiżjoni u wara d-data tar-reġistrazzjoni ta' l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim imsemmija fl-artikolu 361 ta' dan l-Att jew tar-riżoluzzjonijiet u d-dokumenti l-oħra msemmija fl-artikolu 367 ta' dan l-Att, skond il-każ;

(e) kull waħda mill-kumpanniji riċevituri tkun responsabbli għall-obbligi tagħha li jinqalgħu wara d-data li fiha jkun daħal fis-seħħ il-qsim u qabel id-data li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni li tiddikjara l-qsim null;

(f) il-kumpannija li tkun se tinqasam tkun ukoll responsabbli għall-obbligi msemmija fil-paragrafu (e) ta' dan l-artikolu:

Iżda din ir-responsabbiltà tkun limitata għas-sehem ta' l-attiv nett trasferit lill-kumpannija riċevitura li akkont tagħha jkunu nqalgħu l-obbligi bħal dawn.

(ġ) il-qsim ma għandux jibda jseħħ qabel ma jgħaddu t-tliet xhur imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu jew, jekk ikun sar rikors, qabel id-data tad-deċiżjoni finali, jekk ir-rikors ikun ġie miċħud;

(ħ) hekk kif id-deċiżjoni meta r-rikors ikun ġie milqugħ tkun konsenjata, ir-Reġistratur għandu jemenda r-reġistrazzjoni f'dan is-sens daqslikieku l-proċedura għall-qsim qatt ma tkun inbdiet.

Kapitolu II — Qsim bil-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda

L-artikoli ta' qabel dan ta' din it-Taqsima japplikaw għal qsim b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda.

374. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 361, 362, 363, is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 364 u l-artikoli mit-365 sat-373 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal qsim bil-formazzjoni ta' kumpanniji ġodda bħallikieku referenzi għall-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fi qsim kienu referenzi biss għall-kumpannija li tkun se tinqasam.

(2) B'żieda mat-tagħrif speċifikat fis-subatikolu (2) ta' l-artikolu 361 ta' dan l-Att, l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim li, fil-każ ta' diviżjoni, b'formazzjoni ta' kumpanniji ġodda, għandu biss isir mill-kumpannija li tkun se tinqasam, għandu juri l-istatus, l-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' kull waħda mill-kumpanniji l-ġodda.

(3) L-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim tal-kumpannija li tkun se tinqasam u, jekk ikunu jinsabu f'dokument separat, l-abbozz tal-memorandum u l-abbozz ta' l-istatut ta' kull waħda mill-kumpanniji l-ġodda għandhom ikunu approvati b'riżoluzzjoni straordinarja li tittieħed f'laqgħa ġenerali tal-kumpannija li tkun se tinqasam.

(4) Ir-rapport fuq il-konsiderazzjoni barra minn flus kif imsemmi fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 73 ta' dan l-Att u r-rapport ta' l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim tal-kumpannija li tkun se tinqasam kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 364 ta' dan l-Att għandhom isiru mill-istess espert jew esperti.

(5) La l-artikolu 364 u lanqas l-artikolu 365 ta' dan l-Att safejn dawn għandhom x'jaqsmu mar-rapport ta' l-espert, ma għandhom japplikaw meta l-azzjonijiet f'kull waħda mill-kumpanniji l-ġodda jkunu allokati lill-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tinqasam fil-proporzjon tal-jeddijiet tagħhom fil-kapital azzjonarju maħruġ ta' dik il-kumpannija.

(6) Ir-Reġistratur għandu, wara li jħassar l-isem tal-kumpannija li tkun ser tinqasam mir-reġistru skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 370 ta' dan l-Att, jgħaddi li joħroġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni għal kull waħda mill-kumpanniji ġodda li jkunu ġew iffurmati li juru l-fatt tal-formazzjoni tagħha bħala riżultat tal-qsim.

Kapitolu III — Qsim taħt is-sorveljanza tal-Qorti

Rikors lill-Qorti biex tissorvelja qsim u s-setgħat tal-Qorti dwar dan.

375. (1) Il-kumpannija li tkun se tinqasam tista', fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim tagħha, tagħmel rikors lill-Qorti biex tissorvelja l-qsim.

(2) Il-Qorti bħala riżultat għandha ikollha s-setgħa —

(a) li ssejjaħ laqgħa ġenerali ta' l-azzjonisti tal-kumpannija li tkun se tinqasam sabiex tiddeċiedi dwar il-qsim b'riżoluzzjoni straordinarja;

(b) li tiżgura li l-azzjonisti ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim ikunu rċevew jew ikunu jistgħu jiksbu għall-anqas id-dokumenti msemmija fl-artikolu 365 ta' dan l-Att fil-ħin biex ikunu jistgħu jeżaminawhom qabel id-data tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija tagħhom imsejħa biex tiddeċiedi dwar il-qsim:

Iżda jekk bis-saħħa tas-subartikolu (6) ta' l-artikou 362 ta' dan l-Att, il-laqgħa ġenerali ta' xi waħda mill-kumpanniji riċevituri m'għandhiex issir, il-Qorti għandha tiżgura li l-azzjonisti tal-kumpanniji riċevituri għandu jkollhom għall-anqas xahar li matulu jkunu jistgħu jeżerċitaw il-jeddijiet mogħtija lilhom b'dak l-artikolu;

(ċ) li ssejjaħ kull laqgħa tal-krediturі ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu mal-qsim sabiex tiddeċiedi fuq il-qsim;

(d) li tiżgura li l-krediturі ta' kull waħda mill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim ikunu rċevew jew ikunu jistgħu jiksbu għall-anqas l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim fil-ħin biex jeżaminawh qabel id-data msemmija fil-paragrafu (b) ta' dan is-subartikolu;

(e) li tapprova l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim.

(3) Meta l-Qorti tistabbilixxi li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (b) u (d) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkunu sodisfatti u li mhux se jkunu hemm preġudizzju għall-azzjonisti jew krediturі, din tista' —

(a) teħles lir-Reġistratur mill-obbligu dwar il-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att meħtieġ wara r-reġistrazzjoni ta' l-abbozz tal-kundizzjonijiet tal-qsim skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 361 ta' dan l-Att;

(b) teħles lill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim milli japplikaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 362 ta' dan l-Att; u

(ċ) teħles lill-kumpanniji li għandhom x'jaqsmu fil-qsim milli japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 365 ta' dan l-Att, safejn dawn għandhom x'jaqsmu maż-żmien u l-mod preskritt għall-ispezzjoni tad-dokumenti hemm imsemmija.

TAQSIMA X — ASSOĊJAZZJONI B'PARTEĊIPAZZJONI

Tifsir.

376. Assoċjazzjoni b'parteċipazzjoni hija kuntratt li bih persuna iċċedi lil persuna oħra, għal konsiderazzjoni ta' valur kontribwita minn din l-aħħar persuna, sehem mill-qligħ u telf ta' negozju jew ta' operazzjoni jew operazzjonijiet kummerċjali.

Kunsens ta' l-assoċjati meħtieġ biex jidħlu assoċjati oħra.

377. Salv xi ftehim kuntrarju, l-assoċjant ma jistax ikollu assoċjati oħra fl-istess negozju jew operazzjonijiet mingħajr il-kunsens ta' l-assoċjati tiegħu.

Relazzjonijiet tal-partijiet mat-terzi u bejniethom.

378. (1) Dwar terzi l-proprjetà ta', jew jeddijiet oħra fuq, ħaġa kontribwita minn assoċjat tkun vestita fl-assoċjant.

(2) Fir-relazzjonijiet tal-partijiet bejniethom, salv xi ftehim li ħaġa kontribwita għandha tingħata lura in natura, l-assoċjat ikollu, kif tispiċċa l-assoċjazzjoni, il-jedd għar-radd lura tal-valur tal-kontribuzzjoni tiegħu.

L-assoċjant biss jikseb jeddijiet u jassumi obbligi.

379. It-terzi għandhom jiksbu d-drittijiet u jassumu obbligi kontra u favur l-assoċjant biss.

Jeddijiet ta' l-assoċjant u ta' l-assoċjati.

380. L-amministrazzjoni tan-negozju jew ta' l-operazzjonijiet li dwarhom kienet iffurmata l-assoċjazzjoni tkun vestita biss fl-assoċjant:

Iżda l-assoċjat jista', jekk ikun hekk miftiehem u safejn ikun miftiehem, jissorvelja dak in-negozju jew operazzjonijiet:

Iżda wkoll l-assoċjat għandu, fil-każijiet kollha, il-jedd għal rendikont ta' kull operazzjoni li tkun seħħet u, meta l-assoċjazzjoni tkompli għal iżjed minn sena, għal rendikont annwali ta' l-amministrazzjoni tan-negozju jew operazzjonijiet li dwarhom tkun ġiet iffurmata l-assoċjazzjoni.

Responsabbiltà ta' assoċjat.

381. Sakemm ma jkunx miftiehem xort'oħra, l-assoċjat għandu jbati t-telf fl-istess proporzjon li huwa jieħu mill-qligħ, u r-responsabbiltà tiegħu tkun limitata għall-kontribuzzjoni tiegħu.

Ftehim permess bejn il-partijiet.

382. Salv għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli ta' qabel din it-Taqsima, assoċjazzjoni b'parteċipazzjoni tista' tkun iffurmata b'dak il-mod, f'dawk il-proporzjonijiet ta' nteress u b'dawk il-kundizzjonijiet li jistgħu jkunu miftiehma bejn il-partijiet.

Formalitajiet meħtieġa għal assoċjazzjoni in parteċipazzjoni.

383. Assoċjazzjoni b'parteċipazzjoni għandha tiġi furmata b'dokument bil-miktub għalkemm kull assoċjazzjoni hekk iffurmata ma tkun suġġetta għal xi formalitajiet oħra preskritti dwar soċjetajiet u ma jkolla personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha.

TAQSIMA XI — KORPI ĠURIDIĊI KOSTITWITI BARRA MINN MALTA

Kapitolu I — Dispożizzjonijiet dwar it-twaqqif ta' post tan-negozju f'Malta

Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-385 sat-389 ta' dan l-Att.

384. L-artikoli mit-385 sat-389 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-korpijiet ġuridiċi kollha, tkun xi tkun l-għamla tagħhom, kostitwiti jew inkorporati barra minn Malta (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan il-Kapitolu u fil-Kapitolu III ta' din it-Taqsima imsejħa "kumpanniji barranin") li jistabilixxu post ta' negozju f'Malta.

Dokumenti eċċ. li għandhom ikunu konsenjati minn kumpanniji barrannin li jmexxu negozju f'Malta.

385. (1) Kumpanniji barranin li, fil-jum stabbilit jew wara, jistabbilixxu post ta' negozju f'Malta għandhom, fi żmien xahar mit-twaqqif tal-post tan-negozju, jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni —

(a) kopja awtentika taċ-*charter*, statuti jew memorandum u artikoli tal-kumpannija barrannija jew dokument ieħor li jikkonstitwixxi jew li jfisser il-kostituzzjoni tal-kumpannija barranija, u, jekk id-dokument ma jkunx miktub bl-Ingliż jew bil-Malti, traduzzjoni tiegħu f'xi waħda minn dawk il-lingwi, ċertifikata li hija traduzzjoni korretta f'dik il-manjiera li tista' tiġi preskritta;

(b) lista tad-diretturi u segretarju ta' kumpannija, jekk ikun hemm, jew tal-persuni li għandhom l-amministazzjoni jew ir-rappreżentanza tal-kumpannija barranija, fejn dik il-kumpannija ma jkollhiex diretturi jew segretarju flimkien mal-partikolaritajiet li ġejjin, jiġifieri —

(i) fil-każ ta' ndividwu, ismu, l-indirizz tar-residenza normali tiegħu, in-nazzjonalità tiegħu u l-okkupazzjoni tax-xogħol tiegħu, jekk ikollu, jew, jekk ma jkollu ebda okkupazzjoni ta' xogħol, partikolaritajiet dwar kull post ta' direttur li jista' jkollu; u

(ii) fil-każ ta' korp ġuridiku, l-isem reġistrat jew ġuridiku tiegħu u l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali;

(ċ) l-ismijiet u l-indirizzi ta' xi individwu jew individwi residenti f'Malta awtorizzati li jirrappreżentaw lill-kumpannija barrannija f'Malta.

(2) Kumpanniji barranin kostitwiti jew inkorporati barra minn Malta li, qabel il-jum stabbilit ikunu ġew reġistrati mar-Reġistratur skond id-dispożizzjonijiet tat-taqsima VIII ta' l-Ordinanza għandhom jitqiesu li jkunu reġistrati skond id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima:

Kap. 168.

Iżda kumpanniji barranin li qabel il-jum stabbilit kienu stabbilew post ta' negozju f'Malta u jkomplu jkollhom stabbilit post ta' negozju f'Malta fil-jum stabbilit għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u b'mod partrikolari għandhom jikkonsenjaw lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni d-dokumenti u l-partikolaritajiet msemmija taħt il-paragrafi (a), (b) u (ċ) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fi żmien sitt xhur mill-jum stabbilt, kemm-il darba ma jkunux diġà reġistraw dawk id-dokumenti u l-partikolaritajiet taħt l-Ordinanza.

Prospett li għandu jkun konsenjat minn kumpannija barranija meta dokumenti, eċċ. jinbidlu.

386. Jekk isir xi tibdil fi —

(a) iċ-*charter*, statuti jew memorandum u artikoli ta' kumpannija barranija jew xi dokument ieħor dan kif intqal qabel; jew

(b) id-diretturi jew segretarju ta' kumpannija barranija jew il-partikolaritajiet li hemm fil-lista tad-diretturi u segretarju; jew

(ċ) l-ismijiet jew l-indirizzi ta' l-individwi awtorizzati li jirrappreżentaw kumpannija barranija f'Malta,

il-kumpannija għandha, għeluq xahar minn xi tibdil bħal dan, tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni prospett li jkun fih il-partikolaritajiet tat-tibdil, iffirmat minn direttur, is-segretarju tal-kumpannija jew uffiċjal ieħor awtorizzat tal-kumpannija.

Kontijiet ta' kumpannija barranija.

387. (1) Kull kumpannija barranija għandha, kull sena kalendarja, tagħmel u tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni karta tal-bilanċ, kont tal-qligħ u telf u n-noti għall-kontijiet f'dik il-forma, u li jkun fihom dawk il-partikolaritajiet u li jinkludu dawk id-dokumenti li, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, id-diretturi kienu, kieku l-kumpannija kienet kumpannija ffurmata u reġistrata skond dan l-Att, ikunu meħtieġa li jagħmlu u jqiegħdu quddiem il-kumpannija f'laqgħa ġenerali:

Iżda r-Reġistratur jista' jaċċetta għar-reġistrazzjoni karta tal-bilanċ, kont tal-qligħ u telf u n-noti għall-kontijiet preparati fil-forma meħtieġa skond il-liġi tal-post tal-kostituzzjoni jew inkorporazzjoni tal-kumpannija jekk, fil-fehma tiegħu, jew kif preskritt, dawk il-kontijiet jagħtu sostanzjalment l-istess tagħrif bħal, jew tagħrif aktar minn, dak meħtieġ li jingħata fil-kontijiet imsemmija fl-artikolu 167 ta' dan l-Att.

(2) Għalkemm il-karta tal-bilanċ, l-kont tal-qligħ u telf imħejjija fil-forma meħtieġa skond il-liġi tal-post tal-kostituzzjoni jew inkorporazzjoni tal-kumpannija ma jagħtux sostanzjalment daqstant tagħrif kif meħtieġ fil-kontijiet imsemmija fl-artikolu 167 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur jista', fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, b'danakollu jaqbel li jaċċetta dawk il-kontijiet għar-reġistrazzjoni skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu; iżda f'dak il-każ, suġġett kif provdut bis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija għandha wkoll tikkonsenja lir-Reġistratur għar-reġistazzjoni —

(a) kont tal-qligħ u telf magħmul kemm jista' jkun fil-forma u li jkollu l-partikolaritajiet meħtieġa bid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu X tat-Titolu I tat-Taqsima V u tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att li jirregolaw il-kont ta' qligħ u telf ta' kumpanniji furmati u reġistrati f'Malta u li jagħti l-istat sewwa u xieraq tal-qligħ u telf, matul il-perijodu li għalih jirreferi, fuq ix-xogħol tal-kumpannija f'Malta bħallikieku dak ix-xogħol ikun tmexxa minn kumpannija separata ffurmata u ireġistrata f'Malta taħt dan l-Att;

(b) dikjarazzjoni, skond kif fit-tmiem tal-perijodu li għalih il-kont tal-qligħ u telf imsemmi fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu jirreferixxi, li turi l-attiv tal-kumpannija li jkun qiegħed lokalment f'Malta klassifikat, separatament u valutat skond id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kontijiet ta' kumpanniji reġistrati f'Malta li jinsabu fil-Kapitolu X tat-Titolu I tat-Taqsima V tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att, u x-xorta u l-ammont tal-piż speċifiku fuq dak l-attiv; u

(ċ) in-noti għall-kontijiet li jagħtu tagħrif addizzjonali minn dak mogħti fil-kont tal-qligħ u telf u fil-karta tal-bilanċ msemmija fil-paragrafi (a) u (b) ta' dan is-subartikolu li għandu x'jaqsam max-xogħol tal-kumpannija f'Malta u l-attiv li qiegħed lokalment f'Malta, magħmula skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu X tat-Titolu I tat-Taqsima V u tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att li tirregola in-noti għall-kontijiet ta' kumpannija furmati u reġistrati f'Malta; u

(d) rapport dwar il-kont u d-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu minn uditur kwalifikat skond l-artikolu 153 ta' dan l-Att li jgħid li fil-fehma tiegħu u fl-aħjar tagħrif tiegħu l-kontijiet u d-dikjarazzjonijiet huma skond ir-*records* tal-kontijiet tal-kumpannija u jagħtu t-tagħrif meħtieġ b'dan l-Att bil-mod fih meħtieġ u jagħtu l-istat sewwa u xieraq tal-ħwejjeġ fihom imsemmija:

Iżda id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ma japplikawx għal xi kumpannija li f'xi żmien għamlet f'Malta xi stedina lill-pubbliku biex jikseb xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tagħha jew biex jiddepożita flus magħha.

(3) Fil-kont ta' qligħ u telf imsemmi fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, il-kumpannija jkollha jedd li tagħmel dak it-tqassim u żżid dawk it-tifsiriet li jkunu, fil-fehma tagħha,meħtieġa jew mixtieqa sabiex jagħtu l-istat sewwa u xierqa dwar il-qligħ u telf tax-xogħlijiet tagħha f'Malta u għal dan l-iskop tista' taddebita rata raġonevoli ta' imgħax fuq il-kapital impjegat f'Malta.

(4) Għalkemm ir-Reġistratur jaqbel li jaċċetta karta tal-bilanċ, kont tal-qligħ u telf u n-noti għall-kontijiet skond is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jista' jirrinunzja għat-tħaris tal-paragrafi (a), (b), (ċ) u (d) ta' dak is-subartikolu jew ta' xi wieħed minn dawk il-paragrafi jekk ikun sodisfatt li t-tħaris tagħhom ikun imprattikabbli wara li jittieħed kont tax-xorta tax-xogħlijiet tal-kumpannija f'Malta.

(5) Jekk xi dokument bħal dak kif imsemmi fis-subartikoli minn (1) sa (4) ta' dan l-artikolu ma jkunx miktub bil-Malti jew bl-Ingliż għandu jiġi mwaħħal miegħu traduzzjoni tiegħu f'xi waħda minn dawk il-lingwi, ċertifikata li hija traduzzjoni korretta f'dik il-manjiera li tista' tiġi preskritta.

Obbligi oħra ta' kumpannija barranija.

388. Kull kumpannija barranija għandha f'kull prospett li jistieden sottoskrizzjonijiet għall-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tagħha f'Malta tiddikjara l-pajjiż li fiha l-kumpannija tkun kostitwita jew inkorporata.

Penalijiet.

389. Jekk kumpannija barranija tonqos milli tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, kull uffiċjal jew aġent tal-kumpannija li jkun fin-nuqqas jista' jeħel penali, u, fil-każ ta' nuqqas kontinwat, penali oħra għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas.

Kapitolu II — Ħruġ minn kumpanniji kostitwiti jew inkorporati jew li se jkunu kostitwiti jew inkorporati barra minn Malta

Applikazzjoni ta' l-artikoli mit-391 sat-399 ta' dan l-Att.

390. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli mit-391 sat-399 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-kumpanniji kostitwiti jew inkorporati jew li ser ikunu kostitwiti jew inkorporati barra minn Malta.

Prospett ta' kumpannija barranija.

391. (1)Ma jkunx legali għall-ebda persuna li toħroġ, tiċċirkola jew tqassam f'Malta xi prospett li joffri sottoskrizzjoni f'azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija kostitiwti jew inkorporata jew li se tkun kostitwita jew inkorporata barra minn Malta, sew jekk il-kumpannija tkun waqqfet jew le, jew meta tkun iffurmata tkun se twaqqaf jew le, post ta' negozju f'Malta, kemm-il darba l-prospett ma jkunx iħares il-ħtiġiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu.

(2) Il-prospett għandu jkun datat u għandu jkollu l-partikolaritajiet dwar il-ħwjieġ li ġejjin —

(a) id-dokument li jikkonstitwixxi jew ifisser il-kostituzzjoni tal-kumpannija;

(b) il-liġijiet, jew dispożizzjonijiet li jkollhom saħħa ta' liġi, li bihom jew bis-saħħa tagħhom tkun seħħet il-kostituzzjoni jew l-inkorporazzjoni tal-kumpannija;

(ċ) inridizz f'Malta fejn dak id-dokument, u dawk il-liġijiet jew dispożizzjonijiet, jew kopji tagħhom, u, jekk dawn ma jkunux bil-Malti jew bl-Ingliż, traduzzjoni tagħhom f'waħda minn dawk il-lingwi, ċertifikata li hija traduzzjoni korretta f'dik il-manjiera li tista' tiġi preskritta jistgħu jkunu spezzjonati;

(d) id-data li fiha, u l-pajjiż li fih, il-kumpannija kienet kostitwita jew inkorporata; u

(e) jekk il-kumpannija tkunx waqqfet post ta' negozju f'Malta u, jekk hekk, l-indirizz f'Malta ta' dak il-post fejn in-negozju jkun prinċipalment qed isir f'Malta.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-prospett għandu jħares —

(a) it-Taqsima I tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, dwar il-ħwejjeġ li għandhom ikunu speċifikati fil-prospett; u

(b) it-Taqsima II tat-Tieni Skeda dwar ir-rapporti li għandhom jingħataw.

(4) Il-paragrafi minn (a) sa (ċ) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' prospett maħruġ iktar minn sentejn wara li l-kumpannija kellha l-jedd tibda n-negozju, u, fl-applikazzjoni tat-Taqsima I tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att għall-finijiet ta' dan is-subartikolu; riferenzi għall-artikoli ta' kumpannija għandhom ikunu nterpretati bħala riferenzi għall-kostituzzjoni jew inkorporazzjoni tal-kumpannija.

(5) Ma tkunx legali li persuna toħroġ lil xi persuna oħra f'Malta formola ta' applikazzjoni għal azzjoniijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' dik il-kumpannija jew kumpannija maħsuba kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu kemm-il darba l-formula ma tkunx maħruġa ma' prospett li jħares dan il-Kapitolu u li l-ħruġ tagħha f'Malta ma jkunx jikser id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 393 u 394 ta' dan l-Att:

Iżda dan is-subartikolu ma japplikax jekk ikun muri li l-formula ta' l-applikazzjoni kienet maħruġa dwar stedina *bona fede* lil persuna biex tagħmel ftehim ta' rabta dwar l-azzjoniiet jew l-obbligazzjonijiet.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu —

(a) m'għandhomx japplikaw għall-ħruġ lil membri jew lil detenturi ta' obbligazzjonijiet eżistenti ta' kumpannija ta' prospett jew formola ta' applikazzjoni dwar azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija, sew jekk applikant għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikollux jedd jew le li jirrinunzja favur persuni oħra; u

(b) ħlief safejn jeħtieġ li prospett ikun datat, ma għandux japplika għall-ħruġ ta' prospett dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li huma jew li se jkunu f'kull dettal uniformi ma' l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet maħruġa qabel u li għal dak iż-żmien ikunu mniżżla f'borża preskritta; iżda suġġett kif intqal qabel, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw għal prospett jew formula ta' applikazzjoni sew jekk maħruġa mal-formazzjoni jew b'riferenza għall-formazzjoni ta' kumpannija jew wara.

Attentat ta' evażjoni ta' l-artikolu 391 ikun null.

392. Kondizzjoni li teħtieġ jew torbot lil applikant għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li jirrinunzja għal tħaris ta' xi waħda mill-ħtiġiet imposti —

(a) bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 391 ta' dan l-Att, dwar il-partikolaritajiet li għandhom ikunu jinsabu fi prospett; jew

(b) bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 391 ta' dan l-Att dwar it-tħaris tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att,

jew bil-ħsieb li tolqot applikant b'avviż ta' xi kuntratt, dokument jew ħaġa li ma tkunx speċifikament imsemmija fil-prospett, tkun nulla.

Il-prospett ikun fih dikjarazzjoni minn espert.

393. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw fil-każ ta' prospett li joffri għas-sottoskrizzjoni azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija kostitwita jew inkorporata jew li tkun se tiġi kostitwita jew nkorporta barra minn Malta, sew jekk tkun stabbiliet jew le, jew meta tkun iffurmata tkun se tistabbilixxi jew le, post ta' negozju f'Malta, jekk il-prospett jinkludi dikjarazzjoni li turi li tkun saret minn espert.

(2) Ma jkunx legali għal xi persuna li toħroġ, tiċċirkola jew tqassam f'Malta prospett bħal dak jekk —

(a) l-espert ma jkunx ta, jew qabel il-konsenja tal-prospett għar-reġistrazzjoni jkun irtira, il-kunsens tiegħu bil-miktub għall-ħruġ tal-prospett bid-dikjarazzjoni nkluża fil-forma u fil-kontest li fiha tkun inkluża; jew

(b) ma jkunx jidher fil-prospett dikjarazzjoni li hu jkun ta u li ma jkunx irtira l-kunsens tiegħu kif intqal hawn fuq.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, dikjarazzjoni titqies li tkun inkluża fi prospett jekk tkun tinsab fih, jew f'xi rapport jew memorandum li jkun jidher fuq il-wiċċ tiegħu, jew b'riferenza nkorporata fil-prospett jew maħruġa miegħu.

Restrizzjonijiet fuq għoti jkun żgurat fil-prospett.

394. (1) Ma tkunx legali għal persuna li toħroġ, tiċċirkola jew tqassam f'Malta prospett li joffri għas-sottoskrizzjoni azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija kostitwita jew inkorporata jew li tkun se tiġi kostitwita jew inkorporata barra minn Malta, sew jekk il-kumpannija tkun stabbilit jew le, jew meta tkun iffurmata tkun se tistabbilixxi jew le, post ta' negozju f'Malta, kemm-il darba l-prospett ma jkunx iħares il-kondizzjoni murija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.

(2) Il-prospett għandu jkollu l-effett, meta ssir applikazzjoni bis-saħħa tiegħu, li jagħmel il-persuni kollha li għandhom x'jaqsmu marbuta bid-dispożizzjonijiet kollha ta' l-artikoli 99, 101 u 102 ta' dan l-Att safejn ikunu applikabbli.

Ċertifikat talborża jeżenta mit-tħaris tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

395. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw meta —

(a) ikun propost li jkunu offerti għall-pubbliku bi prospett xi azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija kostitwita jew inkorporata jew li tkun se tiġi kostitwita jew inkorporata barra

minn Malta, sew jekk il-kumpannija tkun stabbiliet jew le, jew meta tkun iffurmata tkun se tistabbilixxi jew le, post ta' negozju f'Malta; u

(b) issir applikazzjoni lil borża preskritta għal permess sabiex dawk l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet ikunu mniżżla f'dik il-borża.

(2) Fuq talba ta' l-applikant jista' jingħata mill-borża jew f'isimha ċertifikat li t-tħaris tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att ikun ta' piż żejjed, meta jitqiesu l-proposti, kif dikjarati fuq it-talba, dwar id-daqs u ċirkostanzi oħra tal-ħruġ ta' l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet u dwar xi limitazzjoni fuq in-numru u klassi ta' persuni li lilhom tkun se ssir l-offerta.

(3) Jekk jingħata ċertifikat taħt is-subatikolu (2) ta' dan l-artikolu, u jekk il-proposti hawn fuq imsemmija jkunu tħarsu u l-partikolaritajiet u t-tagħrif meħtieġa li jkunu pubblikati dwar l-applikazzjoni għal permess lil dik il-borża jkunu ġew pubblikati —

(a) prospett li jagħti l-partikolaritajiet u t-tagħrif fil-forma li huma meħtieġa li jkunu pubblikati għandu jitqies li jħares it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att; u

(b) ħlief dwar il-ħtieġa li l-prospett ikun datat, l-artikolu 391 ta' dan l-Att ma għandux japplika għal xi ħruġ, wara li l-permess li tkun saret applikazzjoni għalih ikun ingħata, ta' prospett jew formula ta' applikazzjoni dwar l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet.

Reġistrazzjoni ta' prospett barrani qabel il-ħruġ.

396. (1) Ma jkunx legali għal persuna li toħroġ, tiċċirkola jew tqassam f'Malta propsett li joffri għas-sottoskrizzjoni azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija kostitwita jew inkorporata jew li tkun se tiġi kostitwita jew inkorporata barra minn Malta, sew jekk il-kumpannija tkun stabbiliet jew le, jew meta tkun iffurmata tkun se tistabbilixxi jew le, post ta' negozju f'Malta, kemm-il darba qabel dak il-ħruġ, ċirkolazzjoni jew tqassim il-ħtiġiet ta' dan l-artikolu ma jkunux tħarsu.

(2) Kopja tal-prospett, ċertifikata minn żewġ diretturi jew persuni li għandhom kariga ekwivalenti tal-kumpannija bħala li tkun approvata b'riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi jew korp ekwivalenti trid tkun konsenjata għar-reġistrazzjoni lir-Reġistratur.

(3) Il-prospett għandu jgħid fuq il-faċċata tiegħu li kopja tkun ġiet konsenjata lir-Reġistratur u dan li ġej għandu jkun kontrosenjat jew anness mal-kopja tal-prospett —

(a) kull kunsens għall-ħruġ tal-prospett li hu meħtieġ bl-artikolu 393 ta' dan l-Att; u

(b) kopja ta' kull kuntratt meħtieġ bil-paragrafu 23 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att li jkun dikjarat fil-prospett jew, fil-każ ta' kuntratt li ma jkunx bil-miktub, memorandum li jagħti l-partikolaritajiet kollha tiegħu.

(4) Meta f'każ ta' prospett meqjus bis-saħħa ta' ċertifikat taħt l-artikolu 395 ta' dan l-Att li jħares it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kuntratt jew kopja tiegħu, jew memorandum ta' kuntratt, ikun meħtieġ li jitqiegħed għal spezzjoni dwar applikazzjoni taħt dak l-artikolu lill-borża, kopja, jew skond il-każ, memorandum tal-kuntratt għandu jkun kontrosenjat jew anness mal-kopja tal-prospett konsenjata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni.

(5) Riferenzi fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) u fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għall-kopja tal-kuntratt għandhom jitqiesu fil-każ ta' kuntratt li jkun għal kollox jew f'parti b'lingwa barrannija, riferenzi għal kopja ta' traduzzjoni tal-kuntratt fil-Malti jew fl-Ingliż, jew kopja li jkollha fiha traduzzjoni bil-Malti jew bl-Ingliż tal-partijiet f'lingwa barrannija, skond il-każ, u —

(a) it-traduzzjoni għandha f'kull każ tkun ċertifikata bħala traduzzjoni korretta f'dik il-manjiera li tista' tiġi preskritta; u

(b) ir-riferenza fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu għall-kopja ta' kuntratt meħtieġ li jitqiegħed għall-ispezzjoni jinkludi kopja ta' traduzzjoni tiegħu jew kopja li jkunu fiha traduzzjoni ta' partijiet tiegħu, ċertifikata kif intqal qabel.

Konsegwenzi għal nuqqas ta' tħaris ta' l-artikoli mit-391 sat-396 ta' dan l-Att.

397. (1) Persuna li tkun xjentement responsabbli għall-ħruġ, ċirkolazzjoni jew tqassim ta' prospett, jew għall-ħruġ ta' formola ta' applikazzjoni għal azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli mit-391 sat-396 ta' dan l-Att tista' teħel penali.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 94 ta' dan l-Att għandu jestendi għal kull prospett li joffri għas-sottoskrizzjoni azzjonijiet fi jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija kostitwita jew inkorporata jew li tkun se tiġi kostitwita jew inkorporata barra minn Malta, sew jekk il-kumpannija tkun stabbiliet jew le, jew meta tkun iffurmata tkun se tistabilixxi jew le, post ta' negozju f'Malta, bis-sostituzzjoni għal kull riferenza għall-artikolu 92 ta' dan l-Att b'riferenza għall-artikolu 393 ta' dan l-Att.

(3) Fil-każ ta' nuqqas ta' tħaris ma' jew kontravvenzjoni ta' xi waħda mill-ħtiġiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 391 ta' dan l-Att dwar il-partikolaritajiet li għandhom ikunu jinsabu fil-prospett, jew tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 391 ta' dan l-Att dwar tħaris tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, direttur jew persuna oħra responsabbli għall-prospett m'għandhiex teħel bi ħtija minħabba n-nuqqas ta' tħaris jew ksur jekk —

(a) dwar xi ħaġa li ma tinkixifx, tipprova li ma kinitx taf biha; jew

(b) tipprova li n-nuqqas ta' tħaris jew ksur inqala' minn żball onest ta' fatt min-naħa tagħha; jew

(ċ) in-nuqqas ta' tħaris jew kontravenzjoni kienet dwar ħwejjeġ li, fil-fehma tal-Qorti, kienu immaterjali jew xorta kienu hekk li, fil-fehma tal-Qorti meta tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ikunu skużati b'mod xieraq.

(4) Fil-każ ta' nuqqas biex tkun inkluża fi prospett li għalih tapplika din it-Taqsima dikjarazzjoni dwar il-ħwejjeġ li jinsabu fil-paragrafu 24 tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, ebda direttur jew persuna oħra ma għandha teħel bi ħtija dwar in-nuqqas kemm-il darba ma jkunx ippruvat li hi kienet taf bil-ħwejjeġ li ma jkunux mikxufa.

(5) Ebda ħaġa li tinsab fl-artikolu 391 jew 392 ta' dan l-Att jew f'dan l-artikolu, ma tillimita jew tnaqqas xi responsabbiltà li persuna jista' jkollha taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra fis-seħħ f'Malta barra minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Supplementari.

398. (1) Meta dokument li bih l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet ta' kumpannija ffurmata u reġistrata barra minn Malta jkunu offruti għall-bejgħ lill-pubbliku kien ikun, jekk il-kumpannija kienet kumpannija reġistrata taħt dan l-Att, meqjus bis-saħħa ta' l-artikolu 95 ta' dan l-Att bħala prospett maħruġ mill-kumpannija, dak id-dokument għandu jitqies, għall-finijiet ta' din it-Taqsima prospett hekk maħruġ.

(2) Offerta ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet għal sottoskrizzjoni jew bejgħ lil persuna li x-xogħol ordinarju tagħha huwa li tixtri jew tbiegħ azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, sew bħala prinċipal jew aġent, m'għandhiex titqies li tkun offerta lill-pubbliku għal dawk l-għanijiet.

(3) F'din it-Taqsima "azzjonijiet" u "obbligazzjonijiet" għandhom l-istess tifsira bħal meta dawn l-espressjonijiet huma użati x'imkien ieħor f'dan l-Att, dwar kumpannija ffurmata u reġistrata taħt dan l-Att.

Kapitolu III — Dispożizzjonijiet dwar stralċ ta' l-affarijiet f'Malta ta' kumpannija barrannija.

Affarijiet ta' kumpannija barrannija f'Malta jistgħu jkunu stralċjati mill-Qorti.

399. (1) Il-Qorti tista' tillikwida l-affarijiet f'Malta ta' kumpannija barrannija ffurmata u reġistrata barra minn Malta f'wieħed mill-każi msemmija fl-artikolu 214 ta' dan l-Att li fihom tista' xxolji u tistralċja kumpannija reġistrata f'Malta.

(2) Il-Qorti tista' teżerċita d-dritt tagħha taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, sew jekk il-kumpannija barranija tkun qed tiġi jew tkun ġiet stralċjata, jew xort'oħra xolta jew tkun waqfet mis-seħħ bħala kumpannija taħt il-liġi tal-pajjiż fejn ikun kostitwita jew inkorporata minkejja l-fatt li l-kumpannija barranija tista' tkun xolta jew xort'oħra tieqaf mis-seħħ bħala kumpannija taħt il-liġi ta' xi pajjiż ieħor.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kull persuna li tkun responsabbli li tħallas jew tikkontribwixxi għall-ħlas ta' xi dejn jew responsabbiltà ta' kumpannija barrannija, jew li tħallas jew

tikkontribwixxi għall-ħlas ta' xi somma għall-aġġustament tal-jeddijiet ta' membri bejniethom, jew li tħallas jew tikkontribwixxi għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-istralċ tal-kumpannija, għandha titqies li hija kontributorja.

(4) Kull kontributorju jkun responsabbli li jikkontribwixxi għall-attiv tal-kumpannija barrannija s-somom kollha dovuti minnu dwar dik ir-responsabbiltà msemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(5) Bla ħsara għas-subartikoli minn (1) sa (4) ta' dan l-artikolu, l-istralċ ta' l-affarijiet f'Malta tal-kumpannija barrannija għandu jsir bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att, b'dik il-modifika li tkun meħtieġa biex takkomoda l-fatt li l-kumpannija barranija, li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu stralċjati hija kumpannija kostitwita jew inkorporata barra minn Malta.

TAQSIMA XII — ĠENERALI

Setgħa tal-Ministru li jaħtar Reġistratur.

400. (1) Il-Ministru għandu jaħtar persuna li tkun Reġistratur tal-Kumpannija u ta' Soċjetajiet Kummerċjali oħra, li għandu jissejjaħ "Reġistratur tal-Kumpanniji", u jista' jaħtar persuni biex jgħinu lil dan ir-Reġistratur, billi jagħti lil kull persuna bħal din is-setgħat kollha jew xi setgħa tar-Reġistratur taħt dan l-Att, jew taħt xi liġi oħra.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-Reġistratur jista' jawtorizza bil-miktub lil kull uffiċjal pubbliku li jservi fl-uffiċċju tar-Reġistratur sabiex iwettaq funzjonijiet mogħtija lir-Reġistratur bis-saħħa ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra.

Dmirijiet addizzjonali tar-Reġistratur.

401. (1) B'żieda mad-dmirijiet l-oħra preskritti b'dan l-Att, ikun dmir tar-Reġistratur —

(a) li jiżgura t-tħaris ta' kull dispożizzjonii ta' dan l-Att li teħtieġ li att isir jew jonqos milli jsir sew taħt penali sew jekk le; u li jikkonsulta lir-Riċevitur Uffiċjali meta dawk l-atti jirreferu għal ħwejjeġ li jaqgħu taħt it-Titlu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att;

(b) li jiġbor penalitajiet taħt dan l-Att skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (3) sa (17) ta' dan l-artikolu;

(ċ) li jeżerċità kull setgħa ta' investigazzjoni delegata lilu taħt dan l-Att;

(d) li jżomm u jirreġistra kull dokument li jkun meħtieġ li jiġi konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu għal reġistrazzjoni skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(e) meta skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att —

(i) xi dokument ikun meħtieġ li jiġi konsenjat jew mogħti jew notifikat lilu għal reġistrazzjoni; jew

(ii) xi ċertifikat ikun maħruġ minnu wara r-reġistrazzjoni jew bdil ta' isem jew tibdil jew amalgamazzjoni jew qsim ta' soċjetà, jew l-isem ta' soċjetà jkun tħassar mir-reġistru,

li jara mingħajr dewmien li dikjarazzjoni tkun pubblikata fil-Gazzetta li turi d-data li fiha r-reġistrazzjoni, konsenja jew notifika tkun saret, jew li fiha ċ-ċertifikat kien maħruġ jew li fiha l-isem tas-soċjetà kummerċjali kien imħassar mir-reġistru, u x-xorta ġenerali tad-dokument jew ċertifikat, u li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jkunu meħtieġa li jiddistingwu s-soċjetà li għaliha d-dikjarazzjoni tirreferixxi.

(f) li jagħti kopji, kopji ċertifikati jew kopji verifikati u ċertifikati ta' dokumenti reġistrati skond dan l-artikolu mal-ħlas tad-dritt preskritt lil xi persuna li titlobhom.

(2) Kull dokument, ċertifikat jew partikolari ieħor meħtieġ li jkun konsenjat, mogħti jew notifikat lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni jista' jintuża biss mis-soċjetà kontra terzi biss jekk ikun pubblikat skond il-paragrafu (e) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, kemm-il darba s-soċjetà kummerċjali ma tippruvax li t-terzi kienu jafu b'dan f'liema każ is-soċjetà kummerċjali tista' tuża kull dokument, ċertifikat jew partikolar ieħor dan minkejja li ma jkunx hekk pubblikat. Kull transazzjonijiet li jsiru qabel is-sittax-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' xi dokument, ċertifikat jew partikolar ieħor bħal dak ma jistgħux jintużaw kontra terzi li jippruvaw li ma kienx possibbli għalihom li kien ikollhom tagħrif dwaru:

Iżda f'kull ħin it-terzi jistgħu dejjem jużaw kull dokument, ċertifikat jew partikolar ieħor, ukoll meta l-formalitajiet tal-pubblikazzjoni dwarhom ma kienux tħarsu f'dak iż-żmien:

Iżda wkoll meta dan l-Att jeħtieġ li xi dispożizzjoni ma għandhiex tibda sseħħ qabel ma jgħaddi żmien partikolari, id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom jibdew iseħħu biss wara li jgħaddi l-aħħar żmien.

(3) Meta r-Reġistratur jagħti avviż bil-miktub lil xi persuna li dik il-persuna saret suġġetta għal penali taħt dan l-Att li jispeċifika x-xorta tal-ksur tal-liġi u jindika ammont dovut bħala penali għal dak ir-reat, il-persuna li lilha jkun ingħata l-avviż titqies, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (17) ta' dan l-artikolu, li tkun weħlet penali taħt dan l-Att, kif ukoll xi penali dovuta għal kull jum li matulu n-nuqqas ikompli u l-ammont indikat kif intqal qabel li hu dovut bħala penali għandu jitqies li jkun il-penali dovut taħt dan l-Att għall-ksur tal-liġi speċifikat fl-avviż.

(4) Avviż kif imsemmi fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu għandu, man-notifika ta' kopja tiegħu bil-mezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna murija fl-avviż, jikkostitwixxi titlu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili kemm-il darba dik il-persuna fi żmien tletin jum mid-data ta' dik in-notifika ma tibdix proċedimenti quddiem il-Qorti fejn toġġezzjona għall-penali hekk stabbilita.

Kap. 12.

(5) Meta xi persuna tkun tixtieq tibda proċedimenti biex toġġezzjona għal penali imsemmija fis-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu, dawk il-proċedimenti għandhom jibdew b'rikors kontra r-Reġistratur.

(6) Ir-rikors għandu, taħt piena ta' nullità, jgħid b'mod ċar u fil-qosor ix-xorta ta' l-oġġezzjoni, il-fatti li minnhom inqalgħet l-oġġezzjoni, ir-raġunijiet għaliex dik l-oġġezzjoni għandha tkun milqugħa, u t-talba li l-penali ma tkunx dovuta skond il-liġi jew tkun dovuta skond il-liġi f'ammont iżgħar.

(7) Il-Qorti ma għandiex tannulla jew tnaqqas penali kif intqal qabel kemm-il darba dik il-penali ma tkunx tista' skond il-liġi tkun imposta fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jew ma tistax skond il-liġi tkun imposta fl-ammont stabbilit mir-Reġistrtur.

(8) Ir-rikorrent għandu jehmeż mar-rikors dawk id-dokumenti kollha li jsostnu t-talba tiegħu li jkun jista' jipproduċi, u għandu jindika fir-rikors tiegħu l-ismijiet tax-xhieda kollha li jkun bi ħsiebu jressaq u jgħid, dwar kull wieħed, il-prova li jkun bi ħsiebu jagħmel.

(9) Il-Qorti għandha, mingħajr dewmien, tqiegħed ir-rikors għas-smigħ f'data kmieni, liema data ma għandha f'ebda każ tkun iktar tard minn tletin jum mid-data tal-preżentata tar-rikors.

(10) Ir-rikors, u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ, ikunu notifikati lir-Reġistrtur mingħajr dewmien, u l-imsemmi Reġistrtur għandu jippreżenta r-risposta tiegħu fi żmien ħmistax-il jum mid-data tan-notifika tar-rikors.

(11) Ir-Reġistratur għandu, fir-risposta tiegħu, jgħid b'mod ċar u fil-qosor jekk jaqbilx mal-fatti dikjarati fir-rikors, u r-raġunijiet għaliex joġġezzjona għat-talba; dan għandu ukoll jiddikjara fir-risposta tiegħu x-xhieda li jsostnu r-raġunijiet tiegħu u jehmeż magħha d-dokumenti kollha li jsostnuhom.

(12) Fil-jum stabbilit għas-smigħ tar-rikors, il-Qorti għandha tikkunsidra l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jkunu biss aċċertati mir-rikors, risposta jew dokumenti ppreżentati, minn kull waħda mill-partijiet, jew mix-xiehda ndikati minn kull waħda mill-partijiet fir-rikors jew fir-risposta, skond il-każ, jew mis-sottomissjonijiet verbali ta' kull waħda mill-partijiet.

(13) Il-Qorti għandha tisma' r-rikors sakemm ikun mitmum fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mid-data stabbilita għas-smigħ oriġinali tar-rikors, u ma jingħata ebda aġġornament ħlief jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, jew għal raġuni eċċezzjonali li tkun reġistrata mill-Qorti, u dik id-data aġġornata għandha tkun mhux iktar tard minn dak li hu ġustifikat għal dik ir-raġuni.

(14) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar provedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom japplikaw dwar kull rikors bħal dak. Kap. 12.

Kap. 12.

(15) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 256 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, it-titlu eżekutiv imsemmi fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu ma jkunx jista' jiġi nfurzat qabel ma jgħaddu tletin jum min-notifika ta' l-att ġudizzjarju hemmhekk imsemmi.

(16) Id-deċiżjoni tal-Qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, li tikkonferma l-impożizzjoni ta' penali stabbilita mir-Reġistratur jew li tnaqqas dik il-penali, għandha,meta ssir *res judicata*, titqies li hi deċiżjoni tal-Qorti li tordna l-ħlas mir-rikorrent tal-penali kif konfermata jew imnaqqsa.

(17) Appell minn deċiżjoni tal-Qorti fuq rikors imsemmi fis-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, għandu jsir bil-mezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell fi żmien sitt ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni; il-persuna li kontra tagħha jkun sar ir-rikors għanda fi żmien sitt ijiem tax-xogħol min-notifika lilha tar-rikors tippreżenta risposta għall-appell.

Investigazzjoni ta' Soċjetajiet kummerċjali.

402. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli minn 403 sa 413 u minn 418 sa 423 ta' dan l-Att li jirregolaw l-investigazzjoni ta' l-affarijiet tal-kumpanniji, għandhom japplikaw ukoll għal soċjetajiet kummerċjali oħra daqslikieku riferenzi għal "kumpanniji" jinkludu riferenzi għal "soċjetajiet kummerċjali", riferenzi għal "azzjonijiet" u għal "kapital azzjonarju maħruġ" jinkludu riferenzi għal "interessi fis-soċjetà", u riferenzi għal "diretturi" jinkludu riferenzi għal "soċji barra minn soċji b'responsabbiltà limitata".

Spezzjon eċċ. ta' dokumenti miżmuma mir-Reġistratur.

403. Kull persuna tista' —

(a) tispezzjona d-dokumenti miżmuma mir-Reġistratur;

(b) tikseb kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni ta' kull kumpannija jew kopja jew estratt ta' kull dokument ieħor, u teħtieġ li dan ikun ċertifikat mir-Reġistratur bħala vera kopja.

Investigazzjoni ta' kumpannija fuq applikazzjoni tagħha stess jew tal-membri tagħha.

404. (1) Ir-Reġistratur jista' b'ittra ta' awtorità jaħtar lil spettur jew spetturi biex jinvestigaw l-affarijiet ta' kumpannija u biex jirrapportaw dwarhom bil-mod li jista' jordna.

(2) Il-ħatra tista' ssir fuq talba ta' mhux inqas minn mitejn membru jew ta' membri li jkollhom mhux inqas minn għaxra wieħed tal-kapital azzjonarju maħruġ jew fuq applikazzjoni tal-kumpannija.

(3) It-talba għandu jkollha magħha dawk il-provi li r-Reġistratur jista' jeħtieġ sabiex juri li l-applikant jew l-applikanti għandhom raġuni tajba biex jeħtieġu dik l-investigazzjoni.

(4) Ir-Reġistratur jista', qabel jaħtar spetturi, jeħtieġ li l-persuna jew persuni li jagħmlu t-talba jagħtu dik il-garanzija, li hu jista' jeħtieġ għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-investigazzjoni.

(5) Ir-Reġistratur jista' jeżerċita s-setgħat mogħtija b'dan l-artikolu dwar kumpannija li tkun se tiġi stralċjata volontarjament.

Investigazzjonijiet oħra ta' kumpanniji.

405. (1) Meta l-Qorti tiddikjara b'ordni li l-affarijiet ta' kumpannija għandhom ikunu investigati, ir-Reġistratur, għandu b'ittra ta' awtorità jaħtar spettur jew spetturi biex jinvestigaw l-affarijiet ta' dik il-kumpannija u biex jirrapportaw dwarhom bil-mod li jista' jordna.

(2) Il-Qorti għandha tagħmel ordni kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jekk jidhrilha li hemm ċirkostanzi li juru —

(a) li l-affarijiet tal-kumpannija huma jew kienu mmexxija bil-ħsieb ta' frodi tal-krediturі tagħha jew xort'oħra għal għan ta' frodi jew għan illeġittimu jew b'mod li jkunu ta' preġudizzju mhux xieraq għal xi wħud mill-membri tagħha; jew

(b) li xi għemil attwali jew propost jew nuqqas tal-kumpannija huwa jew jista' jkun ħekk ta' preġudizzju, jew li dik il-kumpannija kienet iffurmata għal xi għan ta' frodi jew illeġittimu; jew

(ċ) li persuni li jkollhom x'jaqsmu mal-formazzjoni tal-kumpannija jew it-tmexxija ta' l-affarijiet tagħha kienu dwar dan instabu ħatja ta' frodi, jew imġieba ħażina oħra kontra l-kumpannija jew il-membri tagħha; jew

(d) li l-membri tal-kumpannija ma jkunux ingħataw it-tagħrif kollu dwar l-affarijiet tal-kumpannija li huma b'mod reġonevoli jistgħu jistennew.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu għandhom jgħoddu bla ħsara għas-setgħat tar-Reġistratur taħt l-artikolu 404 ta' dan l-Att.

(4) Is-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jkunu eżerċitabbli dwar kumpannija minkejja li tkun fil-kors ta' stralċ volontarju.

Setgħat ta' l-ispetturi waqt l-investigazzjoni.

406. (1) Jekk spetturi maħtura taħt l-artikolu 404 jew 405 ta' dan l-Att biex jinvestigaw l-affarijiet ta' kumpannija jidhrilhom li jkun meħtieġ għall-fini ta' l-investigazzjoni li jinvestigaw ukoll l-affarijiet ta' korp ġuridiku ieħor li jkun jew f'xi żmien rilevanti kien sussidjarju jew kumpannija *holding* tal-kumpannija jew sussidjarju tal-kumpannija *holding* tagħha jew kumpannija *holding* tas-sussidjarja tagħha, dawn ikollhom is-setgħa li jagħmlu hekk; u dawn għandhom jirrapportaw l-affarijiet tal-korp ġuridiku l-ieħor safejn jaħsbu li r-riżultati ta' l-investigazzjoni ta' l-affarijiet tiegħu jkunu rilevanti għall-invesitgazzjoni ta' l-affarijiet tal-kumpannija hawn fuq l-ewwel imsemmija.

(2) Spetturi maħtura taħt xi wieħed mill-artikoli 404 jew 405 ta' dan l-Att jistgħu f'kull żmien waqt l-investigazzjoni tagħhom, mingħajr il-ħtieġa li jagħmlu rapport *interim*, jgħarrfu lir-Reġistratur bi ħwejjeġ li jkunu saru jafu bihom bħala riżultat ta' l-investigazzjoni li juru li x'aktarx ikun sar nuqqas jew offiża.

Produzzjoni ta' dokumenti u xiehda lil spetturi.

407. (1) Meta jinħatru spetturi taħt l-artikolu 404 jew 405 ta' dan l-Att, ikun id-dmir ta' l-uffiċjali u l-aġenti kollha tal-kumpannija, u ta' l-uffiċjali u l-aġenti kollha ta' kull korp ġuridiku ieħor li l-affarijiet tagħhom ikunu qed jiġu investigati taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 406 ta' dan l-Att —

(a) li jipproduċu lill-ispetturi l-kotba u d-dokumenti kollha ta' jew dwar il-kumpannija jew, skond il-każ, il-korp ġuridiku l-ieħor li jkun taħt il-kustodja jew setgħa tagħhom meta jintalbu jagħmlu hekk;

(b) li jattendu quddiem l-ispetturi meta hekk meħtieġa jagħmlu; u

(ċ) xort'oħra biex jagħtu lill-ispeturi l-għajnuna kollha dwar l-investigazzjoni li huma b'mod raġonevoli jkunu jistgħu jagħtu.

(2) Jekk l-ispetturi jikkunsidraw persuna barra minn uffiċjal jew aġent tal-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor hija jew tista' tkun fil-pussess ta' tagħrif dwar l-affarijiet tagħha, dawn jistgħu jieħtieġu lil dik il-persuna li tipproduċilhom kull kotba jew dokumenti li jkunu fil-kustodja jew setgħa tagħha dwar il-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor, biex tattendi quddiemhom u xort'oħra biex tagħtihom l-għajnuna kollha dwar l-investigazzjoni li hi tkun tista' b'mod raġonevoli tagħti, u jkun id-dmir ta' dik il-persuna li tħares dik il-ħtieġa.

(3) Spettur jista' jeżamina bil-ġurament lill-uffiċjali u l-aġenti tal-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor, u lil kull persuna msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, dwar l-affarijiet tal-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor, u jista' għal dan jagħti l-ġurament.

(4) F'dan l-artikolu riferenza għal uffiċjali jew aġenti tinkludi kemm uffiċjali jew aġenti, skond il-każ, preżenti kif ukoll passati; u "aġenti", dwar kumpannija jew korp ġuridiku ieħor, tinkludi lill-bankiera tagħha u persuni maħtura minnha bħala udituri, sew jekk dawn il-persuni jkunu jew le uffiċjali tal-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor.

Setgħa ta' spettur li jitlob kontijiet tal-bank tad-diretturi.

408. (1) Jekk spettur ikollu raġuni biżżejjed jaħseb li direttur jew direttur passat tal-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 406 ta' dan l-Att li l-affarijiet tiegħu jkunu qed jiġu nvestigati jkollu jew kellu kont mal-bank ta' xi deskrizzjoni, jew waħdu jew flimkien ma' xi persuna oħra u sew f'Malta jew barra minn Malta, li fih jew minnu tħallsu —

(a) il-ħlas jew parti mill-ħlas tal-kariga tiegħu bħala direttur kif intqal qabel, sew jekk murija jew le fil-kontijiet tal-kumpannija; jew

(b) xi flus li rriżultaw minn, jew intużaw fil-finanzjament ta' xi transazzjoni, arranġament jew ftehim mhux mikxuf; jew

(ċ) xi flus li b'xi mod ikollhom x'jaqsmu ma għemil jew nuqqas, jew sensila ta' għemejjel jew nuqqasijiet li kienu jikkostitwixxu mġieba ħażina tad-direttur, sew bi frodi jew le, lejn il-kumpannija jew korp ġuridiku jew il-membri tiegħu,

l-ispettur jista' jeħtieġ lid-direttur li jipproduċilu d-dokumenti kollha li jkunu fil-pussess tad-direttur, jew taħt il-kontroll tiegħu, li jkollhom x'jaqsmu ma' dak il-kont tal-bank.

Xkiel ta' spetturi waqt investigazzjoni ta' l-affarijiet ta' kumpannija.

409. Kull persuna msemmija fl-artikolu 407 ta' dan l-Att —

(a) li tirrifjuta li tipproduċi xi ktieb jew dokument li hi għandha d-dmir li tipproduċi taħt l-artikolu 407 jew 408 ta' dan l-Att lill-ispetturi ; jew

(b) li tirrifjuta li tattendi quddiem l-ispetturi meta hekk meħtieġa tagħmel; jew

(ċ) li tirrifjuta li twieġeb għal xi mistoqsija li ssirilha minn spetturi dwar l-affarijiet tal-kumpannija jew tal-korp ġuridiku ieħor, kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 406 ta' dan l-Att, skond il-każ,

tkun ħatja ta' reat u tista' teħel multa ta' mhux aktar minn elfejn lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa u priġunerija flimkien.

Rapporti ta' l-ispetturi.

410. (1) L-ispetturi għandhom, jagħmlu rapporti *interim* lir-Reġistratur u mat-tmiem ta' l-investigazzjoni tagħhom jagħmlulu rapport finali.

(2) Jekk l-ispetturi jkunu maħtura taħt l-artikolu 405 ta' dan l-Att skond ordni tal-Qorti, ir-Reġistratur għandu jagħti kopja ta' kull rapport tagħhom lill-Qorti.

(3) Ir-Reġistratur jista', jekk jidhirlu xieraq —

(a) jibgħat kopja ta' kull rapport magħmul mill-ispetturi lill-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija;

(b) jagħti kopja fuq talba u mal-ħlas preskritt lil —

(i) kull membru tal-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor li jkun is-suġġett tar-rapport;

(ii) kull persuna li ssir riferenza għall-imġieba tagħha fir-rapport;

(iii) l-udituri ta' dik il-kumpannija jew tal-korp ġuridiku;

(iv) lill-applikanti għall-investigazzjoni;

(v) lil kull persuna oħra li fil-fehma tar-Reġistratur l-interessi finanzjarji tagħha jkunu milquta b'dak li jkun ittrattat fir-rapport, kemm jekk bħala kreditur tal-kumpannija jew korp ġuridiku, jew xort'oħra; u

(ċ) iġiegħel li kull rapport bħal dak ikun pubblikat.

Setgħa biex jinbdew proċedimenti ċivili f'isem kumpannija.

411. (1) Jekk, minn xi rapport magħmul taħt l-artikolu 410 ta' dan l-Att jew minn tagħrif jew dokumenti li jinkisbu taħt l-artikolu 418 jew 419 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur jidhirlu li xi proċedimenti ċivili għandhom fl-interess pubbliku jinġiebu 'l quddiem minn xi korp ġuridiku, hu nnifsu jista' jibda dawk il-proċedimenti f'isem u għall-korp ġuridiku.

(2) Ir-Reġistratur għandu jindennizza lill-korp ġuridiku kontra kull infieq jew spejjeż li jsiru minnu fil-proċedimenti li jinbdew taħt dan l-artikolu jew dwarhom.

Spejjeż ta' l-investigazzjoni ta' affarijiet tal-kumpannija.

412. (1) L-ispejjeż ta', u inċidentali għal, investigazzjoni minn spetturi maħtura mir-Reġistratur għandhom jitħallsu minnu; iżda l-persuni msemmija fis-subartikoli (2) sa (5) ta' dan l-artikolu jkunu responsabbli, sal-limitu hemm speċifikat, li jħallsu lura lir-Reġistratur.

(2) Persuna li tkun misjuba ħatja fuq akkuża li tkun saret bħala riżultat ta' l-investigazzjoni, jew li tkun ordnata li tħallas l-ispejjeż kollha jew parti minnhom tal-proċedimenti li jinbdew taħt l-artikolu 411 ta' dan l-Att tista' tkun ordnata fl-istess proċedimenti li tħallas dawk l-ispejjeż sal-limitu li jkun speċifikat fl-ordni.

(3) Korp ġuridiku li f'ismu jinbdew il-proċedimenti taħt l-artikolu 411 ta' dan l-Att, ikun responsabbli għall-ammont jew valur ta' somom jew proprjetà li tittieħed lura minnha bħala riżultat ta' dawk il-proċedimenti; u kull ammont li għalih korp ġuridiku jkun responsabbli taħt dan is-subartikolu jkun l-ewwel piż fuq is-somom jew proprjetà li hekk tittieħed lura.

(4) Korp ġuridiku trattat mir-rapport ta' l-ispetturi, ikun responsabbli għall-ispejjeż ta', u inċidentali għall-investigazzjoni, ħlief meta dak il-korp ġuridiku kien l-applikant għall-investigazzjoni u ħlief safejn ir-Reġistraur ma jordnax xort'oħra.

(5) L-applikant jew l-applikanti għall-investigazzjoni, meta l-ispetturi jkunu maħtura taħt l-artikolu 404 ta' dan l-Att, ikun jew ikunu responsabbli sal-limitu, jekk il-każ, li r-Reġistratur jista' jordna.

(6) Ir-rapport ta' l-ispetturi jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar l-ordnijiet li jidhrilhom xierqa, fid-dawl ta' l-investigazzjoni tagħhom, li għandhom jingħataw taħt is-subartikolu (4) jew (5) ta' dan l-artikolu.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, kull infieq jew spejjeż li jsiru mir-Reġistratur fil-proċedimenti jew dwar il-proċedimenti li jinbdew taħt l-artikolu 411 ta' dan l-Att, għandhom jitqiesu bħala spejjeż ta' l-investigazzjoni li fuqha jinbdew il-proċedimenti.

(8) Kull responsabbiltà għall-ħlas lura lir-Reġistratur imposta bis-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu, salv is-sodisfazzjon tad-dritt tar-Reġistratur għall-ħlas lura, responsabbiltà hi wkoll li tindennizza kull persuna kontra responsabbiltà taħt is-subartikoli (4) u (5) u kull responsabbiltà bħal dik imposta bis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, tkun, salv kif issemma' hawn fuq, responsabbiltà wkoll li tindennizza lill-persuni kollha kontra r-responsabbiltà taħt is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

(9) Persuna responsabbli taħt xi wieħed minn dawk is-subartikoli msemmija taħt subartikolu (8) ta' dan l-artikolu jkollha jedd għall-kontribuzzjoni minn kull persuna oħra responsabbli taħt l-istess subartikolu, skond l-ammont tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom taħt dak is-subartikolu.

(10) Spejjeż li skond dan l-artikolu għandhom jinħarġu mir-Reġistratur għandhom, safejn ma jinġabrux lura skond id-dispożizzjonijiet tiegħu, jitħallsu minn fondi pubbliċi.

Rapport ta' l-ispetturi jkun prova.

413. Kopja ta' kull rapport ta' l-ispetturi maħtura taħt l-artikolu 404 jew 405 ta' dan l-Att ċertifikata mir-Reġistratur bħala vera kopja, tista' tingieb bħala prova f'kull proċedimenti legali tal-fehma ta' l-ispetturi dwar kull ħaġa li jkun fih ir-rapport.

Setgħa għal investigazzjoni ta' min ikun proprjetarju ta' kumpannija.

414. (1) Fejn jidher lir-Reġistratur li hemm raġuni tajba biex jaħtar spettur wieħed jew aktar biex jinvestigaw u jirrappurtaw fuq il-membri ta' kumpannija għall-għan li jagħraf min kienu l-persuni veri li huma jew kellhom interess finanzjarju fis-suċċess jew nuqqas ta' suċċess tal-kumpannija jew li jistgħu jikkontrollaw jew jinfluwenzaw b'mod materjali l-*policy* tagħha, jista' b'ittra ta' awtorità jaħtar spettur wieħed jew iżjed għal dan il-għan.

(2) Il-ħatra ta' spetturi magħmula skond dan l-artikolu, tista' tistabbilixxi l-għan ta' l-investigazzjoni tagħhom, sew jekk tkun dwar is-suġġett jew iż-żmien li għalih għandha tapplika jew mod ieħor, u b'mod partikolari tista' tillimita l-investigazzjoni għal ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet partikolari.

(3) Jekk talba għal investigazzjoni taħt dan l-artikolu dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet partikolari ta' kumpannija ssir lir-Reġistratur minn membri tal-kumpannija, u n-numru ta' persuni li jagħmlu t-talba jew l-ammont ta' l-azzjonijiet miżmuma minnhom ma jkunux inqas minn dak meħtieġ għal applikazzjoni biex jinħatru spetturi skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 404 ta' dan l-Att —

(a) ir-Reġistratur għandu jaħtar spetturi biex imexxu l-investigazzjoni kemm-il darba jkun sodisfatt li t-talba ma tkunx vessatorja; u

(b) ir-Reġistratur jista' jeskludi mill-għan ta' l-investigazzjoni xi ħaġa li jkun sodisfatt li ma jkunx xieraq li dik il-ħaġa tkun investigata.

(4) Bla ħsara għall-kondizzjonijiet tal-ħatra tagħhom, is-setgħat ta' l-ispetturi jestendu għall-investigazzjoni ta' kull ċirkostanzi li juru l-eżistenza ta' arranġament jew ftehim li, għalkemm ma jkunx jorbot legalment, huwa jew kien imħares jew li x'aktarx ikun imħares fil-prattika u li jkun rilevanti għall-finijiet ta' l-investigazzjoni.

Dispożizzjonijiet li japplikaw għal investigazzjoni taħt l-artikolu 414.

415. (1) Għall-finijiet ta' investigazzjoni taħt l-artikolu 414, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 406 u l-artikoli 407, 408 u 409 ta' dan l-Att għandhom japplikaw bil-modifiki ta' riferenzi meħtieġa għall-affarijiet tal-kumpannija jew ta' dawk ta' xi korp ġuridiku ieħor, suġġetti iżda għas-subartikoli (2) sa (4) ta' dan l-artikolu.

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu japplikaw għal —

(a) il-persuni kollha li huma jew li kienu, jew li l-ispettur ikollu raġuni xierqa jaħseb li huma jew li kienu, finanzjarjament interessati fis-suċċess jew fin-nuqqas ta' suċċess tal-kumpannija jew ta' xi korp ġuridiku ieħor li l-membri tiegħu jkunu qed jiġu nvestigati ma' dawk ta' dik il-kumpannija, jew li huma kapaċi li jikkontrollaw jew jinfluwenzaw b'mod materjali l-*policy* tagħha, magħduda persuni li jkollhom x'jaqsmu biss f'isem ħaddieħor; u

(b) kull persuna oħra li l-ispettur ikollu raġuni xierqa jaħseb li jkollha tagħrif li jkollu x'jaqsam ma' l-investigazzjoni;

kif japplikaw dwar uffiċjali u aġenti tal-kumpannija jew korp ġuridiku ieħor li l-membri tagħha jkunu qed jiġu investigati, skond ma jkun il-każ. "Uffiċjali" u "aġenti" huma mfissra fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 407.

(3) Jekk ir-Reġistratur ikun tal-fehma li jkun hemm raġuni tajba għaliex ma għandux jikxef xi parti ta' rapport magħmul bis-saħħa ta' l-artikolu 414 ta' dan l-Att u ta' dan l-artikolu, hu jista' jibgħat jew jikkonsenja kopja tar-rapport skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 410 ta' dan l-Att bin-nuqqas ta' dik il-parti.

(4) L-ispejjeż ta' investigazzjoni taħt l-artikolu 414 ta' dan l-Att għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi.

Setgħa li jinkiseb tagħrif mingħand dawk li jkollhom interess f'azzjonijiet, eċċ.

416. (1) Jekk fil-fehma tar-Reġistratur ikun hemm raġuni xierqa li jiġi investigat min hu s-sid ta' xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ta' kumpannija u li ma jkunx meħtieġ li jinħatru spetturi għal dak l-għan, dan jista' jeħtieġ lil kull persuna li hu jkollu raġuni xierqa jaħseb li jkollha jew li tista' tikseb xi tagħrif dwar l-interessi preżenti jew passati f'dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet u l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni nteressati u ta' kull persuni li jaġixxu jew li jkunu aġixxew f'isimhom dwar l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet li tagħti dak it-tagħrif lir-Reġistratur.

(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna tkun meqjusa li għandha nteress f'azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, jekk hi jkollha xi jedd li takkwista jew tiddisponi xi nteress fihom, jew li tivvota dwarhom,

jew jekk il-kunsens tagħha jkun meħtieġ għall-eżerċizzju ta' xi wieħed mill-jeddijiet ta' persuni oħra nteressati fihom, jew jekk persuni oħra nterresati fihom jistgħu jkunu meħtieġa, jew huma mdorrija, li jeżerċitaw il-jeddijiet tagħhom skond dawk l-istruzzjonijiet.

(3) Persuna li tonqos li tagħti tagħrif meħtieġ minnha taħt dan l-artikolu, jew meta tagħti dak it-tagħrif tagħmel dikjarazzjoni li tkun taf li hi falza f'partikular materjali, jew bi traskuraġni tagħmel xi dikjarazzjoni li tkun falza f'materjal partikolari, tkun ħatja ta' reat u meta tinsab ħatja tista' teħel multa ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Setgħa għall-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet dwar azzjonijiet jew obbligazzjonijiet.

417. (1) Meta dwar investigazzjoni taħt l-artikoli 415 jew 416 ta' dan l-Att ikun jidher lir-Reġistratur li jkun hemm diffikultà biex jinkiseb tagħrif rilevanti dwar xi azzjonijiet, sew maħruġa jew li jkunu se jinħarġu, u li d-diffikultà tkun għal kollox jew prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' rieda tal-persuni msemmija fiż-żewġ artikoli msemmija biex jgħinu fl-investigazzjoni kif meħtieġ b'dan l-Att, ir-Reġistratur jista' b'ordni jordna li l-azzjonijiet ikunu suġġetti, sakemm joħroġ ordni ieħor, għar-restrizzjonijiet imposti bis-subartikoli minn (2) sa (7) ta' dan l-artikolu.

(2) Ordni magħmul skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jkollu l-effetti li ġejjin —

(a) kull trasferiment ta' dawk l-azzjonijiet, jew fil-każ ta' xi azzjonijiet mhux maħruġa, kull trasferiment tal-jedd li jinħareġ magħhom u kull ħruġ tagħhom, ikun null;

(b) ebda jedd tal-vot ma jkun jista' jerġa' jiġi eżerċitat dwar dawk l-azzjoniiet;

(ċ) ebda azzjonijiet oħra ma jinħarġu b'jedd għal dawk l-azzjonijiet jew skond xi offerta magħmula lid-detentur tagħhom;

(d) ħlief fi stralċ, ma għandu jsir ebda ħlas ta' xi somom dovuti mill-kumpannija fuq dawk l-azzjonijiet, sew dwar kapital jew xort'oħra.

(3) Meta r-Reġistratur jagħmel ordni li jordna li l-azzjonijiet ikunu suġġetti għar-restrizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull persuna li tkun aggravata b'dan tista' tagħmel rikors lill-Qorti u l-Qorti tista', jekk jidhrilha xieraq, tordna li l-azzjonijiet ma jibqgħux ikunu suġġetti għall-imsemmija restrizzjonijiet.

(4) Kull avviż tar-Reġistratur jew ordni tal-Qorti jista' jgħid li l-azzjonijiet ma jibqgħux suġġetti għar-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, bil-ħsieb li jħalli li jsir trasferiment ta' dawk l-azzjonijiet u jista' jkompli r-restrizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi (ċ) u (d) tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, jew għal kollox jew f'parti, safejn dawn jirreferu għal xi jedd akkwistat jew offerta magħmula qabel it-trasferiment.

(5) Kull persuna li —

(a) teżerċità jew tkun tidher li qed teżerċità xi jedd li tiddisponi minn xi azzjonijiet li, skond it-tagħrif tagħha, jkunu għal dak iż-żmien suġġetti għar-restrizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu jew għal xi jedd biex jinħareġ ma' xi azzjonijiet bħal dawk; jew

(b) tivvota dwar xi azzjonijiet bħal dawk, sew bħala detentur jew bħala prokuratur, jew taħtar prokuratur biex jivvota dwarhom,

tkun ħatja ta' reat u tista' teħel multa ta' mhux aktar minn elfejn lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(6) Meta azzjonijiet f'xi kumpannija jinħarġu bi ksur tar-restrizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull uffiċjal tal-kumpannija li jkun naqas ikun ħati ta' reat u jista' jeħel multa ta' mhux aktar minn ħamest elef lira.

(7) Dan l-artikolu għandu japplika dwar obbligazzjonijiet kif japplika dwar azzjonijiet.

Setgħa tal-Ministru li jeħtieġ il-produzzjoni ta' dokumenti.

418. (1) Is-setgħat ta' dan l-artikolu jistgħu jkunu eżerċitati dwar il-persuni li ġejjin fir-rigward tal-korp rispettiv kif ġej:

(a) (i) l-uffiċjali ta' kumpannija;

(ii) is-soċji li għandhom l-amministrazzjoni u r-rappreżentanza ta' xi soċjetà kummerċjali oħra; u

(b) il-persuni li għandhom l-amministrazzjoni jew il-kontroll f'Malta ta', jew dawk l-individwi awtorizzati li jirrappreżentaw f'Malta, korp ġuridiku kostitwit jew inkorporat barra minn Malta li jkun qed imexxi xogħol f'Malta jew li jkun f'xi żmien mexxa xogħol f'Malta.

(2) Ir-Reġistratur jista' f'kull żmien, jekk jidhirlu li hemm raġuni tajba li jagħmel hekk, jagħti ordnijiet lil kull persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu fejn jeħtiġilha, f'dak il-ħin u l-post li jistgħu jkunu speċifikati fl-ordnijiet, li tipproduċi dawk il-kotba jew karti li jistgħu jkunu hekk speċifikati.

(3) Meta bis-saħħa tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ir-Reġistratur ikollu s-setgħa li jeħtieġ il-produzzjoni ta' kotba jew karti, mingħand xi persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ikollu l-istess setgħa li jeħtieġ il-produzzjoni ta' dawk il-kotba jew karti mingħand kull persuna li fil-fehma tiegħu ikollha pussess tagħhom; iżda meta xi persuna bħal dik tiddikjara li l-kotba jew karti prodotti minnha jkunu miżmuma b'rahan jew piż ieħor għandha, il-produzzjoni tkun bla ħsara għal dak ir-rahan jew piż.

(4) Is-setgħa taħt dan l-artikolu li teħtieġ persuna msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jew persuna oħra li tipproduċi kotba jew karti tinkludi s-setgħa —

(a) jekk il-kotba jew il-karti jkunu prodotti —

(i) li jittieħdu kopji tagħhom jew estratti minnhom; u

(ii) li dik il-persuna, jew xi persuna oħra li tkun uffiċjal preżenti jew passat ta', jew tkun jew kienet f'xi żmien impjegata minn, dak il-korp, tkun meħtieġa li tagħti spjegazzjoni għal kull ħaġa minnhom;

(b) jekk il-kotba jew karti ma jkunux prodotti, li teħtieġ lill-persuna li kienet meħtieġa li tipproduċihom biex tgħid, skond l-aħjar tagħrif u fehma tagħha, fejn ikunu.

(5) Jekk il-ħtieġa għall-produzzjoni ta' kotba jew karti jew li tingħata spjegazzjoni jew li ssir dikjarazzjoni ma tkunx tħarset, il-persuna li fuqha tkun imposta l-ħtieġa tkun ħatja ta' reat u tista' teħel multa ta' mhux aktar minn ħamest elef lira.

(6) Meta persuna tkun akkużata b'reat taħt is-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu dwar ħtieġa li tipproduċi xi kotba jew karti, din tista' tipprova bħala difiża li dawn ma kienux fil-pussess jew kontroll tagħha u li b'mod xieraq ma kienx prattikabbli għaliha li tħares il-ħtieġa.

Dħul u tfittxija f'post.

419. (1) Jekk ir-Reġistratur ikun sodisfatt li jkun hemm raġunijiet xierqa ta' suspett li f'xi post ikun hemm kotba jew karti li l-produzzjoni tagħhom kienet meħtieġa taħt l-artikolu 418 ta' dan l-Att u li ma jkunux ġew prodotti skond dik il-ħtieġa, huwa jkollu l-jedd li jidħol u jfittex f'kull post bħal dan skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) ta' dan l-artikolu.

(2) Ir-Reġistratur ikun awtorizzat li jitlob l-għajnuna tal-Pulizija sabiex jeżerċita l-jedd tiegħu biex jidħol fil-post imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu u li jagħmel tfittxija f'dak il-post u li jieħu pussess ta' kull kotba jew karti li jidhru li jkunu l-kotba jew il-karti imsemmija f'dak is-subartikolu, jew li jieħu, dwar dawk il-kotba jew karti, kull passi oħra li jidhru li jkun meħtieġa biex jikkonservahom u biex ma jħallix li ssir xi interferenza dwarhom.

(3) Il-jedd mogħti lir-Reġistratur bis-saħħa tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu jista' jkun eżerċitat matul il-jiem tax-xogħol, bejn is-sebgħa ta' fil-għodu u d-disgħa ta' fil-għaxija.

(4) Kull kotba jew karti li jittieħed il-pussess tagħhom taħt dan l-artikolu jistgħu jinżammu —

(a) għal perijodu ta' disgħin jum; jew

(b) jekk f'dak il-perijodu jinbdew xi proċedimenti kriminali kif imsemmi fil-paragrafu (a) jew (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 420 ta' dan l-Att, li jkunu proċedimenti li għalihom ikunu rilevanti il-kotba jew il-karti, sat-tmiem ta' dawk il-proċedimenti.

(5) Persuna li tfixkel l-eżerċizzju ta' jedd għal dħul jew tfittxija mogħti bis-saħħa ta' dan l-artikolu, jew li tfixkel l-eżerċizzju ta' jedd mogħti biex jittieħed pussess ta' xi kotba jew karti, tkun ħatja ta' reat u tista' teħel multa ta' mhux aktar minn elfejn lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Tkun provduta sigurtà dwar tagħrif miksub.

420. (1) Ebda tagħrif jew dokument dwar korp kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 418 ta' dan l-Att li jkun inkiseb taħt l-imsemmi artikolu 418 jew 419 ta' dan l-Att ma għandu, mingħajr il-kunsens miktub bil-quddiem ta' dak il-korp, ikun pubblikat jew mikxuf, kemm-il darba l-pubblikazzjoni jew il-kxif ma jkunx meħtieġ —

(a) bil-ħsieb li jinbdew, jew xort'oħra għall-fini ta', xi proċedimenti kriminali skond, jew li joħorġu minn, dan l-Att, jew xi liġi oħra;

(b) għall-finijiet ta' l-eżami ta' xi persuna minn spetturi maħtura taħt din it-Taqsima waqt l-investigazzjoni tagħhom;

(ċ) sabiex il-Ministru responsabbli, ir-Reġistratur jew l-Awtorità Kompetenti jkunu jistgħu jeżerċitaw dwar dak il-korp jew xi korp ieħor, xi waħda mill-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att, l-Att dwar il-Kummerċ ta' Assigurazzjoni, l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, l-Att dwar il-Borża ta' Malta, l-Att ta' l-1994 kontra *Insider Dealing*, l-Att ta' l-1994 dwar is-Servizzi ta' Investiment, l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju u l-Att ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

Kap. 290.
Kap. 330.
Kap. 345.

(d) għall-finijiet ta' proċedimenti taħt l-artikolu 419 ta' dan l-Att.

(2) Persuna li tippubblika jew tikxef xi tagħrif jew dokument bi ksur ta' dan l-artikolu tkun ħatja ta' reat u tista' teħel multa ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "Awtorità Kompetenti" tfisser —

(a) il-Bank Ċentrali ta' Malta;

(b) l-Awtorità Kompetenti taħt l-Att ta' l-1994 dwar is-Servizzi ta' Investiment;

Kap. 290.

(ċ) spettur maħtur taħt l-artikoli 18 u 19 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni;

(d) spettur maħtur taħt l-Att ta' l-1994 dwar il-Kummerċ Bankarju;

(e) iċ-Ċentru dwar Servizzi Finanzjarji ta' Malta li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt l-Att dwar iċ-Ċentru għas-Servizz Finanzjarju ta' Malta; Kap. 330.

(f) il-Borża fil-qadi tal-funzjoni tagħha taħt l-Att dwar il-Borża ta' Malta. Kap. 345.

(ġ) l-Awtorità Kompetenti taħt l-Att ta' l-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji.

Piena għal distruzzjoni jew multilazzjoni eċċ. ta' dokumenti ta' kumpannija.

421. (1) Persuna, li tkun uffiċjal ta' xi korp hekk kif imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 418 ta' dan l-Att, li—

(a) tiddistruġġi, timmutila jew tiffalsifika, jew tħalli li ssir jew li jkollha x'taqsam mad-distruzzjoni, mutilazzjoni jew falsifikazzjoni ta' dokument li jolqot jew li jkollu x'jaqsam ma' proprjetà jew affarijiet tal-korp; jew

(b) tagħmel jew tħalli li sir jew ikollha x'taqsam mar-reġistrazzjoni falza fuq xi dokument bħal dak;

tkun ħatja ta' reat.

(2) Kull persuna kif imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu li b'qerq jew tiddisponi minn, tibdel jew tagħmel nuqqas f'xi dokument bħal dak kif imsemmi f'dak is-subartikolu jew li tħalli li jsir jew li jkollha x'taqsam ma' disponiment b'qerq, tibdil b'qerq jew għemil b'qerq ta' nuqqas, f'xi dokument bħal dak, tkun ħatja ta' reat.

(3) Persuna ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu tista' teħel multa ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Piena għall-għoti ta' tagħrif falz.

422. Persuna li, fit-tħaris ta' ħtieġa mposta taħt l-artikolu 418 ta' dan l-Att biex tagħti spjegazzjoni jew tagħmel dikjarazzjoni, tipprovdi jew tagħmel spjegazzjoni jew dikjarazzjoni li tkun taf li hi falza f'partikolar sostanzjali jew bi traskuraġni tagħti spjegazzjoni jew tagħmel dikjarazzjoni li tkun falza, tkun ħatja ta' reat u tista' teħel multa ta' mhux aktar minn għoxrin elf lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn tliet snin jew dik il-priġunerija u multa flimkien.

Tagħrif privileġġat.

423. (1) Ebda ħaġa fl-artikoli mill-404 sa l-417 ta' dan l-Att ma teħtieġ il-kxif lir-Reġistrtur jew lil spettur maħtur minnu —

(a) ta' kommunikazzjonijiet li huma privileġġati bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 588 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; Kap. 12.

(b) minn bankiera ta' kumpannija ta' tagħrif dwar l-affarijiet ta' xi wieħed mill-klijenti tagħhom barra mill-kumpannija nnifisha.

Kap. 12.

(2) Ebda ħaġa li tinsab fl-artikoli minn 418 sa 422 ta' dan l-Att ma għandha titqies li tobbliga lil xi persuna bħal dik imsemmija fl-artikolu 588 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li tipproduċi xi dokument li jkun fih komunikazzjoni privileġġjata skond dak l-artikolu, jew li tawtorizza t-teħid tal-pussess ta' xi dokument bħal dak li jkun fil-pussess tal-persuna.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta l-artikolu 418 ta' dan l-Att, ir-Reġistratur ma għandux jeħtieġ il-produzzjoni minn xi persuna li tkun qed tmexxi kummerċ bankarju ta' dokument dwar l-affarijiet ta' klijent kemm-il darba ir-Reġistratur ma jidhirlux li hu meħtieġ li jsir hekk sabiex ikunu investigati l-affarijiet ta' dik il-persuna li tkun qed tmexxi kummerċ bankarju tal-klijent, li jkun korp skond l-artikolu 418 ta' dan l-Att.

Investigazzjoni ta' kumpanniji barranin.

424. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli mill-405 sa l-410, 412, 413 u s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 423 ta' dan l-Att għandhom japplikaw għall-korpi ġuridiċi kollha kostitwiti jew inkorporati barra minn Malta li jkunu qed imexxu jew f'xi żmien ikunu mexxew negozju f'Malta daqslikieku kienu kumpanniji taħt dan l-Att, iżda suġġetti għal dawk l-addatamenti u modifiki li jistgħu jkunu preskritti.

Setgha għall-eġħmil ta' regolamenti.

425. (1) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jagħti seħħ id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u jista', bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, b'dawn ir-regolamenti —

(a) jippreskrivi d-drittijiet li għandhom jinġabru u jitħallsu għar-reġistrazzjoni, pubblikazzjoni, spezzjoni jew ħruġ ta' dokumenti, ċertifikati, kopji jew estratti, meħtieġa jew permessi taħt dan l-Att, u drittijiet differenti jistgħu jiġu mposti għal xorta jew kategoriji differenti ta' soċjetajiet kummerċjali, u jista' wkoll jippreskrivi drittijiet differenti għal kumpanniji skond l-istatus tagħhom;

(b) jippreskrivi l-formoli li għandhom jintużaw taħt dan l-Att;

(ċ) jemenda, jirrevoka jew jissostitwixxi l-kapital azzjonarju minimu meħtieġ kif stabbilit bl-artikolu 72 ta' dan l-Att u l-kriterji murija fl-artikolu 185 ta' dan l-Att;

(d) jemenda kull Skeda li tinsab ma' dan l-Att barra mid-Disa', l-Għaxar, u l-Ħdax-il Skeda;

(e) jippreskrivi l-kwalifiki meħtieġa biex wieħed jagħmilha ta' segretarju ta' kumpannija, kif ukoll kull kwalifiki ta' residenza, kif jidhirlu xieraq;

(f) jippreskrivi regolamenti, mhux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, għat-tmexxija ta' proċedimenti ta' stralċ taħt it-Titolu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att, u jippreskrivi kriterji biex jiġi stabbilit min jista' jkun meqjus bħala persuna addattata u xierqa biex tagħmilha ta' stralċjarju għall-finijiet ta' l-artikolu 305 ta' dan l-Att;

(ġ) jippreskrivi ħtiġiet għall-ħruġ u għat-trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, in-numerazzjoni tagħhom, ir-reġistrazzjoni tagħhom mal-kumpannija u mar-Reġistratur, iż-żamma

tar-reġistru tal-membri u ta' l-obbligazzjonijiet, u l-ħruġ taċ-ċertifikati rilevanti ta' azzjonijiet u obbligazzjonijiet dwar ħruġ jew trasferiment ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, dwar kumpanniji kwotati fuq xi borża u dwar kumpanniji ta' nvestiment b'kapital varjabbli, u dawk il-ħtiġiet li jkunu preskritti jistgħu wkoll ikunu minflok id-dispożizzjonijiet rilevanti li jinsabu fil-Kapitoli IV u VI tat-Titolu I tat-Taqsima V ta' dan l-Att;

(ħ) jispeċifika l-kategoriji ta' kumpanniji pubbliċi li ma jistgħux joħorġu *warrant* ta' azzjonijiet; u

(i) jippreskrivi dak kollu li jista' jkun preskritt u b'mod ġenerali jagħmel kull ħaġa oħra li hi inċidentali jew supplementari għal xi waħda mill-ħwejjeġ ta' hawn fuq.

(2) Meta dwar xi wieħed mis-servizzi jew atti oħra magħmula mir-Reġistratur hemm preskritt dritt taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ir-regolamenti jistgħu jippreskrivu li r-Reġistratur jista' jirrifjuta li jagħmel dak is-servizz jew att ieħor sakemm jitħallas id-dritt xieraq; u li kull att, avviż, prospett jew dokument ieħor konsenjat, mogħti jew mibgħut lir-Reġistrtur taħt dan l-Att għandu, jekk ikun hemm dritt preskritt kif intqal qabel dwar ir-reġistrazzjoni jew pubblikazzjoni tiegħu, jitqies li ma jkunx ġie konsenjat, mogħti jew mibgħut kif meħtieġ b'dan l-Att sakemm jitħallas id-dritt xieraq.

Ksur tar-regolamenti.

426. (1) Is-setgħa li jsiru regolamenti taħt l-artikolu 425 ta' dan l-Att tinkludi s-setgħa li jiġi preskritt li xi persuna li tikser xi dispożizzjoni ta' xi regolament bħal dak tkun ħatja ta' reat u, meta tinstab ħatja, tista' teħel multa ta' mhux aktar minn elfejn lira jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn sitt xhur jew multa u priġunerija flimkien kif jista' jiġi preskritt.

(2) Is-setgħa li jsiru regolamenti taħt l-artikolu 425 ta' dan l-Att tinkludi s-setgħa li jiġi preskritt illi xi persuna li tikser xi regolament bħal dak tista' teħel penali ta' mhux aktar minn elf lira u, fejn ikun il-każ, penali oħra ta' għoxrin lira għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, liema penali tkun imposta mir-Reġistratur skond l-artikolu 401 ta' dan l-Att.

Pieni murija fl-Għaxar Skeda.

427. (1) Meta xi dispożizzjoni ta' dan l-Att tipprovdi għall-impożizzjoni ta' penali, l-ammont ta' dik il-penali għandu jkun stabbilit b'riferenza għall-Għaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att, li turi l-penali massima li tista' tiġi mposta mir-Reġistratur taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att.

(2) Fl-Għaxar Skeda li tinsab ma' dan l-Att, l-ewwel kolonna turi l-artikolu u s-subartikolu ta' dan l-Att li jippreskrivi li penali għandha tkun imposta, it-tieni kolonna tagħti deskrizzjoni ġenerali tal-ksur liema deskrizzjoni m'għandhiex titqies li tagħti tifsir lil xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, it-tielet kolonna tippreskrivi l-penali massima, u r-raba' kolonna tippreskrivi l-penali massima għal kull jum ta' nuqqas, jekk il-każ. Il-penali għal kull jum ta' nuqqas tkun dovuta għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas, u għandha tiżdied minn dik il-ġurnata li fiha r-Reġistratur jagħti avviż taħt is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att li tkun dovuta penali.

(3) Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dan l-Att tkun preskritta hekk kif jgħaddu sentejn minn meta n-nuqqas ikun sar.

PARTI XIII — DISPOŻIZZJONIJIET TRANSITORJI

Dispożizzjonijiet tranżitorji.

428. (1) Mill-jum stabbilit, soċjetà kummerċjali m'għandhiex tiġi ffurmata u reġistrata kemm-il darba ma tħarisx id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, mill-jum stabbilit, is-soċjetajiet kollha ffurmati u reġistrati taħt l-Ordinanza għandhom jitqiesu li huma ffurmati u reġistrati taħt dan l-Att, u għandhom iżomm l-istess personalità ġuridika u għandhom iżommu l-jeddijiet u r-responsabbilitajiet eżistenti kollha.

(3) Kumpanniji ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli ffurmati u reġistrati qabel il-jum stabbilit għandhom iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fi żmien xahar mill-jum stabbilit u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (13) barra mis-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu m'għandhomx japplikaw għalihom.

Kap. 168.

(4) Soċjetajiet kummerċjali ffurmati u reġistrati taħt l-Ordinanza għandhom, sakemm mhux provdut xort'oħra f'dan l-artikolu, iħarsu d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fi żmien sentejn mill-jum stabbilit, u għandhom, sa dak iż-żmien, ikomplu jiġu regolati bil-liġi kif fis-seħħ qabel il-jum stabbilit:

Iżda soċjetà kummerċjali tista' jekk tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att qabel ma jagħlaq l-imsemmi żmien ta' sentejn, tagħżel li tkun regolata bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att billi tavża lir-Reġistratur bil-miktub skond hekk.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli IX u X tat-Taqsima V ta' dan l-Att għandhom, dwar kumpanniji ffurmati u reġistrati taħt l-Ordinanza, japplikaw għal żminijiet ta' kontijiet li jibdew wara t-30 ta' Diċembru, 1995.

Kap. 168.

(6) Kumpannija privata ffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza għandha, billi tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar kumpanniji privati, fiż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, tkompli bħala kumpannija privata taħt dan l-Att kemm-il darba ma taqbilx għal kumpannija pubblika skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (1) sa (3) ta' l-artikolu 213 ta' dan l-Att.

Kap. 168.

(7) Kumpannija pubblika ffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza għandha, billi tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar kumpanniji pubbliċi fiż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, tkompli bħala kumpannija pubblika taħt dan l-Att kemm-il darba ma taqlibx għal kumpannija privata skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (4) sa (6) ta' l-artikolu 213 ta' dan l-Att.

(8) Jekk soċjetà kummerċjali ffurmata u reġistrata qabel id-data stabbilita tonqos li tħares id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4), (6) jew (7) ta' dan l-artikolu, fiż-żminijiet rispettivi stabbiliti kemm, dik is-soċjetà kummerċjali għandha tkun meqjusa xolta u r-Reġistratur jista', fil-każ ta' kumpannija, f'kull żmien, jagħmel rikors lill-Qorti

għall-istralċ mill-Qorti ta' dik il-kumpannija skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tat-Taqsima V ta' dan l-Att; u fil-każ ta' soċjetà kummerċjali barra minn kumpannija, ir-Reġistratur jista' f'kull żmien, jagħmel rikors lill-Qorti biex jinħatar stralċjarju u l-istralċjarju hekk maħtur għandu jistralċja dik is-soċjetà kummerċjali skond id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III ta' dan l-Att dwar l-istralċ:

Iżda l-Qorti tista', jekk jidhrilha xieraq, tagħti żmien ieħor ta' mhux aktar minn sena mid-data tad-deċiżjoni tagħha f'liema żmien is-soċjetà kummerċjali tista' tirremedja n-nuqqas.

(9) Xi tibdil li jsir meħtieġ bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3), (4), (6) jew (7) ta' dan l-artikolu għandu jseħħ bil-kunsens tal-maġġoranza tas-soċji dwar soċjetà f'isem kollettiv; bl-approvoazzjoni tal-maġġoranza tas-soċji ġenerali u tal-maġġoranza tas-soċji limitati dwar soċjetà in akkomandita; u bil-mezzi ta' riżoluzzjoni straordinarja fil-każ ta' kumpannija eżistenti:

Iżda, fil-każ ta' kumpannija, azzjonista li ma jivvutax favur jew li ma jagħtix il-kunsens għat-tibdil imsemmi f'dan is-subartikolu, ma jistax ikun imġiegħel li jissottoskrivi għal aktar azzjonijiet min-numru ta' azzjonijiet miżmuma minnu fid-data li fiha jsir it-tibdil.

(10) Il-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (6) ta' l-artikolu 70 ta' dan l-Att m'għandux japplika dwar kumpannija ffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza qabel il-jum stabbilit sa għeluq żmien sentejn mid-data tal-jum stabbilit. Kap. 168.

(11) Assoċjazzjoni b'parteċipazzjoni kostitwita qabel il-jum stabbilit għandha tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att fi żmien sentejn mid-data tal-jum stabbilit.

(12) Għal żmien ħames snin mill-jum stabbilit, il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 135 ta' dan l-Att u l-proviso tiegħu għandhom, dwar kumpanniji reġistrati taħt l-Ordinanza, ikunu sostitwiti b'dan li ġej: Kap. 168.

> "(b) tkun għaddiet minn numru ta' membri li jkollhom jedd u jivvotaw f'xi laqgħa bħal dik u li jkollhom flimkien mhux inqas minn wieħed u ħamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet li jagħti dak il-jedd jew dak il-perċentaġġ akbar li l-memorandum jew l-istatut jista' jippreskrivi."

429. (1) Ix-xoljiment ta' soċjetà kummerċjali li jseħħ qabel, mas-sitt xhur jew fi żmien sitt xhur mill-jum stabbilit għandu wara l-jum stabbilit, ikompli jkun skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza u l-istralċ li jirriżulta wara ta' dik is-soċjetà kummerċjali għandu jkun regolat skond hekk: Dispożizzjonijiet tranżitorji dwar stalċ ta' soċjetajiet kummerċjali. Kap. 168.

Iżda, jekk wara li jgħaddi ż-żmien ta' sentejn imsemmi fis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 428 ta' dan l-Att, l-isem ta' kull soċjetà kummerċjali li għalih japplika dan is-subartikolu ma jkunx għadu tħassar mir-reġistru, ir-Reġistratur jista', f'kull żmien wara, jagħmel rikors lill-Qorti li tordna li l-istralċ ta' l-affarijiet ta' dik is-soċjetà kummerċjali għandu, minn dak il-ħin 'il quddiem, ikun skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar stralċ mill-Qorti, u li taħtar, meta

jkun meħtieġ, stralċjarju jew stralċjarji jew li tissostitwixxi stralċjarju jew stralċjarji eżistenti biex jiffinalizzaw dak l-istralċ.

(2) Kull xoljiment ta' soċjetà kummerċjali li jseħħ wara għeluq żmien sitt xhur mill-jum stabbilit, għandu jkun skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u l-istralċ li jirriżulta wara ta' dik is-soċjetà kummerċjali għandu jkun regolat skond hekk.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 304 ta' dan l-Att għandhom, fejn kumpannija tkun ffurmata u reġistrata taħt l-Ordinanza, jibdew iseħħu ma' għeluq is-sitt xhur mill-jum stabbilit.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 326 ta' dan l-Att għandhom jidħlu fis-seħħ ma' għeluq is-sitt xhur mill-jum stabbilit.

(5) Proċeduri ta' falliment mibdija kontra kumpannija qabel, fil-jum stabbilit jew fi żmien sitt xhur mill-jum stabbilit għandhom, wara l-jum stabbilit, ikomplu jkunu gvernati mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Kodiċi Kummerċjali li għandhom x'jaqsmu ma' falliment.

Żminijiet għall-eżerċizzju ta' jeddijiet.

430. Meta għall-eżerċizzju ta' jedd dan l-Att jistabbilixxi żmien iqsar minn dak stabbilit b'xi liġi oħra, iż-żmien stabbilit b'dan l-Att għandu japplika wkoll għal dawk il-jeddijiet li setgħu nqalgħu qabel il-jum stabbilit iżda għandhom jibdew jgħoddu minn dak il-jum:

Iżda meta, fil-jum stabbilit, iż-żmien li jkun fadallu jgħaddi taħt dik il-liġi l-oħra jkun iqsar minn dak stabbilit b'dan l-Att, kalkolat kif intqal qabel, iż-żmien stabbilit b'dik il-liġi l-oħra għandu jkompli japplika.

Tħassir u riżervi.

431. (1) Minkejja kull m'hemm kuntrarju fl-artikoli 428 u 429 ta' dan l-Att —

(a) kumpanniji *offshore* ffurmati u reġistrati taħt l-Att dwar iċ-Ċentru tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għandhom, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att, ikomplu jkunu regolati mill-Ordinanza, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att m'għandhomx jgħoddu għalihom, għal dak iż-żmien jew sa dak iż-żmien li jista' jiġi stabbilit taħt l-Att dwar iċ-Ċentru tas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

Kap. 330.

Kap. 168.

Kap. 330.

(b) kumpanniji privati, barra minn kumpanniji *offshore* imsemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu, li l-għanijiet u l-attivitajiet tagħhom ikunu limitati biss għall-proprjetà, tmexxija, amministrazzjoni jew it-tħaddim ta' bastimenti u għal transazzjonijiet anċillari għalihom, sew jekk iffurmati u reġistrati qabel, fil-jum jew wara l-jum stabbilit, għandhom ikunu regolati mill-Ordinanza u għandhom jibqgħu hekk regolati sa dik id-data li l-Ministru b'ordni fil-Gazzetta jista' jistabbilixxi, mil-liema data, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jibdew jgħoddu għalihom. F'dan il-paragrafu, "bastimenti" għandha t-tifsira mgħotija lilha bl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili.

Kap. 168.

Kap. 431.

Iżda, fl-ordni tiegħu, il-Ministru jista' jeżenta kumpanniji bħal dawn minn waħda jew iżjed mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att b'dawk il-kwalifikazzjonijiet jew taħt dawk il-kundizzjonijiet li tistgħu ikunu speċifikati fl-ordni.

(2) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, fl-artikoli 428 u 429 jew f'xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att u ta' l-Att ta' l-1994 dwar Soċjetajiet Kummerċjali (Dispożizzjonijiet Speċjali), qed jiġu b'dan imħassra:

Iżda, minkejja t-tħassir tagħhom —

(a) kull ħaġa li tkun saret leġittimament bis-saħħa ta' l-Ordinanza u ta' l-Att ta' l-1994 dwar Soċjetajiet Kummerċjali (Dispożizzjonijiet Speċjali), għandha tibqa' fis-seħħ, ħlief sakemm ma tkunx inkonsistenti ma' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; u Kap. 168

(b) ir-regolamenti kollha magħmula taħt l-Ordinanza u taħt l-Att ta' l-1994 dwar Soċjetajiet Kummerċjali (Dispożizzjonijiet Speċjali), għandhom jibqgħu fis-seħħ u jkomplu jkollhom effett daqslikieku kienu magħmula taħt dan l-Att, ħlief sakemm xi regoli ma jkunux inkonsistenti ma' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u sakemm ma jkunux imħassra; u Kap. 168

(ċ) kull ħtija għall-penali taħt xi dispożizzjoni ta' l-Ordinanza tibqa' sseħħ minkejja t-tħassir ta' l-Ordinanza. Id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 401 ta' dan l-Att għandu wkoll jgħodd għall-penalitajiet iffissati mir-Reġistratur taħt l-Ordinanza sakemm proċedimenti għall-ġbir ta' dawk il-penalitajiet ma jkunux diġà ġew istitwiti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza qabel il-jum stabbilit. Kap. 168. Kap. 168. Kap. 168. Kap. 168. Kap. 168.

L-EWWEL SKEDA

(Artikolu 75)

TAQSIMA I — REGOLAMENTI GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMPANNIJA B'RESPONSABBILTÀ LIMITATA

Il-Kapital Azzjonarju u Bdil ta' Drittijiet

1. Mingħajr ħsara għal xi drittijiet speċjali mogħtija qabel lid-detenturi ta' xi azzjonijiet jew klassi ta' azzjonijiet eżistenti, kull azzjoni fil-kumpannija tista' toħroġ b'dawk id-drittijiet privileġġati, differiti jew bi drittijiet oħrajn speċjali jew b'dawk il-limitazzjonijiet, kemm dwar dividend, votazzjoni, radd lura tal-kapital kemm xort'oħra kif il-kumpannija tiddeċiedi minn żmien għal żmien b'riżoluzzjoni ordinarja.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 115 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ l-Att), l-azzjonijiet privileġġati jistgħu, bl-approvazzjoni ta' riżoluzzjoni ordinarja, jinħarġu bil-pattijiet li għandhom, jew li b'għażla tal-kumpannija jistgħu, jiġu mifdija b'dawk il-pattijiet u b'dak il-mod kif il-kumpannija qabel il-ħruġ ta' l-azzjonijiet tista' tiddeċiedi b'riżoluzzjoni straordinarja.

3. Jekk f'xi żmien il-kapital azzjonarju jkun maqsum fi klassijiet differenti ta' azzjonijiet, il-bdil ta' xi azzjonijiet minn klassi għall-oħra jew il-modifika tad-drittijiet li jkollha xi klassi (sakemm ma jkunx provdut xort'oħra bil-pattijiet ta' ħruġ ta' l-azzjonijiet ta' dik il-klassi li tkun ser tinbidel jew id-drittijiet li jkollha jkunu ser jiġu modifikati, skond il-każ) jistgħu, sew jekk il-kumpannija tkun qed tiġi stralċjata sew jekk le, isiru bil-kunsens bil-miktub tad-detenturi ta' tliet kwarti ta' l-azzjonijiet maħruġin ta' dik il-klassi, u tad-detenturi ta' tliet kwarti ta' l-azzjonijiet maħruġin ta'xi klassi oħra li tkun ser tintlaqat minnhom. Din il-bidla jew modifika tista' wkoll issir bl-approvazzjoni ta' riżoluzzjoni straordinarja mgħoddija f'laqgħa ġenerali separata tad-detenturi ta' l-azzjonijiet maħruġin ta' dik il-klassi u ta' riżoluzzjoni straordinarja mgħoddija f'laqgħa ġenerali separata tad-detenturi ta' l-azzjonijiet maħruġin ta' xi klassi oħra li tkun ser tintlaqat minnhom. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti dwar laqgħat ġenerali għandhom jgħoddu għal kull laqgħa ġenerali separata bħal din.

4. Il-kumpannija tista' tuża s-setgħa li tħallas kummissjonijiet jew tagħmel skontijiet jew *allowances* sakemm tħares il-ħtiġiet ta' l-artikolu 113 ta' dan l-Att. Din il-kummissjoni tista' titħallas bi flus jew bl-għoti ta' azzjonijiet imħallsa għal kollox jew f'parti jew parti b'mod u parti b'mod ieħor.

5. Kull persuna li isimha jkun imniżżel bħala membru fir-reġistru tal-membri jkollha dritt li tirċievi mingħajr ħlas ċertifikat wieħed għall-azzjonijiet kollha tagħha jew diversi ċertifikati kull wieħed għal azzjoni waħda jew iżjed wara ħlas ta' 20c għal kull ċertifikat wara l-ewwel wieħed jew dik is-somma l-oħra iċken li d-diretturi jistgħu minn żmien għal żmien jiddeċiedu. Jekk ċertifikat ta' azzjoni jkun imħassar, mitluf jew meqrud, jista' jsir wieħed ġdid floku bi ħlas ta' dritt ta' 20c jew ta' dik is-somma anqas u b'dawk il-kondizzjonijiet, jekk ikun hemm, dwar il-prova u l-indennizz u l-ħlas ta' spejjeż li jsiru mill-kumpannija għall-eżami tal-provi kif id-diretturi jidhrilhom xieraq.

Sejħiet dwar Azzjonijiet

6. Id-diretturi jistgħu minn żmien għal żmien jagħmlu sejħiet lill-membri dwar xi flejjes mhux imħallsa fuq l-azzjonijiet tagħhom (kemm akkont tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet kemm bħala *premium)* u mhux bil-kondizzjonijiet ta' għoti tagħhom li

għandhom jitħallsu fi żminijiet stabbiliti, iżda ebda sejħa ma għandha tkun iżjed minn kwart tal-valur nominali ta' l-azzjoni jew titħallas fi żmien anqas minn xahar mid-data stabbilita għall-ħlas ta' l-aħħar sejħa ta' qabel, u kull membru għandu (kemm-il darba jirċievi mill-anqas avviż ta' erbatax-il jum li juri ż-żmien jew żminijiet u l-post ta' ħlas) iħallas lill-kumpannija, fil-ħin jew ħinijiet u post hekk imsemmija, l-ammont imsejjaħ dwar l-azzjonijiet tiegħu. Sejħa tista' tiġi mħassra jew posposta kif jiddeċiedu d-diretturi.

7. Id-detenturi flimkien ta' azzjoni jkunu responsabbli *in solidum* li jħallsu s-sejħiet kollha dwarha.

8. Jekk somma msejħa dwar azzjoni ma tkunx imħallsa qabel jew fid-data stabbilita għall-ħlas tagħha, il-persuna li minnha tkun dovuta s-somma għandha tħallas l-imgħax fuqha mill-ġurnata stabbilita għall-ħlas tagħha saż-żmien tal-ħlas effettiv b'dik ir-rata ta' mhux iżjed minn żewġ punti ta' perċentaġġ fuq ir-rata minima ta' skont tal-Bank Ċentrali ta' Malta kif id-diretturi jiddeċiedu, iżda d-diretturi jkunu jistgħu jirrinunzjaw għall-ħlas ta' dak l-imgħax kemm kollu jew f'parti.

9. Kull somma li bil-pattijiet ta' ħruġ ta' azzjoni għandha titħallas ma' l-għoti ta' l-azzjoni jew f'xi data stabbilita, sew akkont tal-valur nominali ta' l-azzjoni sew bħala *premium,* għandha għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti titqies li tkun sejħa magħmula kif imiss u li titħallas fid-data li fiha, skond il-pattijiet ta' ħruġ, l-istess għandha titħallas, u f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, id-dispożizzjonijiet kollha relattivi ta' dawn ir-regolamenti dwar ħlas ta' imgħax u spejjeż, konfiska jew ħaġa oħra għandhom jgħoddu bħallikieku dik is-somma kellha titħallas bis-saħħa ta' sejħa magħmula u notifikata kif imiss.

10. Id-diretturi jistgħu, fil-ħruġ ta' azzjonijiet, jagħmlu distinzjoni bejn id-detenturi dwar l-ammont ta' sejħiet li għandhom jitħallsu u ż-żminijiet ta' ħlas.

11. Id-diretturi jistgħu, jekk jidhrilhom xieraq, jirċievu mingħand kull membru li jkun irid javvanza l-istess, is-somom kollha jew parti minnhom mhux imsejħa u mhux imħallsa fuq xi azzjonijiet miżmuma minnu, u fuq is-somom kollha jew parti minnhom hekk avvanżati jistgħu (sakemm l-istess, li kieku ma kienx għal dak l-avvanz, kien ikollhom jitħallsu) iħallsu imgħax b'dik ir-rata ta' mhux iżjed minn żewġ punti ta' perċentaġġ fuq ir-rata minima ta' skont tal-Bank Ċentrali ta' Malta, kif jista' jiġi miftiehem bejn id-diretturi u l-membru li jħallas dik is-somma bil-quddiem.

Trasferiment u Trasmissjoni ta' Azzjonijiet

12. L-att ta' trasferiment ta' kull azzjoni għandu jkun eżegwit minn jew f'isem min jittrasferixxi u min jiġi lilu trasferit u min jittrasferixxi għandu jitqies li jibqa' detentur ta' l-azzjoni sakemm isem ta' min jiġi lilu trasferit jitniżżel fir-reġistru tal-membri dwar dik l-azzjoni.

13. Bla ħsara għar-restrizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti li jistgħu jgħoddu, kull membru jista' jittrasferixxi l-azzjonijiet tiegħu kollha jew parti minnhom b'dokument bil-miktub f'xi forma tas-soltu jew ordinarja jew b'kull forma oħra li japprovaw id-diretturi.

14. Id-diretturi jistgħu jirrifjutaw li jirreġistraw it-trasferiment ta' azzjoni (li ma tkunx azzjoni mħallsa għal kollox) favur persuna li ma tkunx approvata minnhom.

15. Id-diretturi jistgħu jirrifjutaw ukoll li jirrikonoxxu xi dokument ta' trasferiment jekk —

(a) id-dokument ta' trasferiment ma jkollux miegħu ċ-ċertifikat ta' l-azzjonijiet li għalihom jirriferixxi, u dik il-prova l-oħra li d-diretturi jistgħu jitolbu b'mod xieraq biex turi d-dritt ta' min jittrasferixxi li jagħmel it-trasferiment; u

(b) id-dokument ta' trasferiment ma jkunx dwar klassi waħda biss ta' azzjoni.

16. Jekk id-diretturi jirrifjutaw li jirreġistraw trasferiment huma għandhom fi żmien xahrejn wara d-data li fiha t-trasferiment ikun ġie preżentat lill-kumpannija jibagħtu lil min ikun sar it-trasferiment avviż taċ-ċaħda.

17. Ir-reġistrazzjoni ta' trasferimenti tista' tiġi sospiża f'dawk iż-żminijiet u għal dawk il-perijodi li d-diretturi jistgħu jiddeċiedu minn żmien għal żmien, iżda dejjem illi dik ir-reġistrazzjoni ma tkunx sospiża għal iżjed minn tletin jum f'kull sena.

18. Kull persuna li tikseb dritt għal azzjoni minħabba l-mewt ta' membru tista', wara li tiġi prodotta dik il-prova dwar hekk li tista' minn żmien għal żmien tkun meħtieġa kif imiss mid-diretturi u salv kif maħsub iżjed 'il quddiem, tagħżel jew li tkun reġistrata hija stess bħala detentur ta' l-azzjoni jew li jkollha xi persuna nominata minnha reġistrata bħala l-persuna li lilha ġiet trasferita l-azzjoni, iżda d-diretturi, f'kull każ, għandu jkollhom l-istess dritt li jirrifjutaw jew li jissospendu r-reġistrazzjoni bħal ma kien ikollhom fil-każ ta' trasferiment ta' l-azzjoni minn dak il-membru qabel il-mewt tiegħu.

19. Jekk il-persuna li ssir hekk intitolata tagħżel li tkun reġistrata hija stess, għandha tikkonsenja jew tibgħat lill-kumpannija avviż bil-miktub iffirmat minnha fejn tgħid li hija tagħżel hekk. Jekk tagħżel li jkollha persuna oħra reġistrata hija għandha tipprova l-għażla tagħha billi tagħmel favur dik il-persuna trasferiment ta' l-azzjoni. Il-limitazzjonijiet, restrizzjonijiet u d-disposizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti dwar id-dritt ta' trasferiment u r-reġistrazzjoni ta' trasferimenti ta' azzjonijiet għandhom jgħoddu għal kull avviż jew trasferiment kif intqal qabel daqslikieku l-mewt tal-membru ma kenitx ġrat u l-avviż jew it-trasferiment kien trasferiment iffirmat minn dak il-membru.

20. Persuna li jkollha dritt għal azzjoni minħabba l-mewt tad-detentur ikollha dritt għall-istess dividendi u vantaġġi oħra li għalihom kien ikollha dritt kieku kienet id-detentur reġistrat ta' l-azzjoni, ħlief li ma jkollhiex, qabel ma tkun reġistrata bħala membru dwar l-azzjoni, dritt li teżerċita xi jedd mogħti lil membru dwar azzjoni relattivament għal laqgħat tal-kumpannija.

21. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 20, id-diretturi jistgħu f'kull żmien jagħtu avviż li jkun jenħtieġ xi persuna msemmija f'dak ir-regolament li tagħżel jew li tkun reġistrata hija stess jew li tittrasferixxi l-azzjoni, u jekk l-avviż ma jkunx imħares fi żmien disgħin ġurnata d-diretturi jistgħu wara dak iż-żmien iżommu l-ħlas kollu ta' dividendi, *bonuses* jew flejjes oħra li jitħallsu dwar l-azzjoni sakemm il-ħtiġiet ta' l-avviż ma jkunux ġew imħarsa.

Konfiska jew ċediment ta' Azzjonijiet

22. Jekk membru jonqos li jħallas xi sejħa jew rata ta' sejħa fil-ġurnata stabbilita għall-ħlas tagħha, id-diretturi jistgħu, f'kull żmien wara matul dak iż-żmien sakemm parti minn dik is-sejħa jew rata tibqa' mhux imħallsa, jeħtieġu ħlas ta' tant mis-sejħa jew rata li ma tkunx imħallsa, flimkien ma' kull imgħax li jista' jkun dovut bil-mezz ta' avviż

li għandu jsemmi wkoll jum ieħor (mhux qabel ma jgħaddu erbatax-il jum mid-data tan-notifika ta' l-avviż) li fih jew qablu għandu jsir il-ħlas meħtieġ bl-avviż, u għandu juri li f'każ ta' nuqqas ta' ħlas, fiż-żmien stabbilit jew qabel, l-azzjonijiet li dwarhom is-sejħa tkun saret ikunu jistgħu jiġu konfiskati.

23. Jekk il-ħtiġijiet ta' xi avviż kif intqal qabel ma jkunux imħarsa, kull azzjoni li dwarha l-avviż ikun ingħata tista', f'kull żmien wara, qabel ma jkun sar il-ħlas meħtieġ bl-avviż, tiġi konfiskata b'riżoluzzjoni tad-diretturi f'dak is-sens, jew xort'oħra ċeduta favur il-kumpannija mill-membru li lilu jkun ingħata l-imsemmi avviż, jekk id-diretturi tal-kumpannija jaċċettaw dak iċ-ċediment.

24. Azzjoni konfiskata jew ċeduta tista' tinbiegħ jew xort'oħra tingħata b'dawk il-pattijiet u b'dak il-mod kif id-diretturi jidhrilhom xieraq, u l-kumpannija tista' tirċievi l-kumpens, jekk ikun hemm, mogħti għall-azzjoni fuq xi bejgħ jew għoti tagħha u tista' tesegwixxi trasferiment ta' l-azzjoni favur il-persuna li lilha tkun ġiet mibjugħa jew mogħtija l-azzjoni, li tkun wara dan reġistrata bħala detentur ta' l-azzjoni. F'kull żmien qabel il-bejgħ jew għoti l-konfiska jew ċediment jistgħu jiġu mħassra b'dawk il-pattijiet kif łd-diretturi jidhrilhom xieraq.

25. Persuna li l-azzjonijiet tagħha jkunu ġew konfiskati jew li tkun ċediet l-azzjonijiet tagħha lill-kumpannija ma tibqax membru dwar l-azzjonijiet konfiskati jew ċeduti, iżda għandha, b'danakollu, tibqa' responsabbli li tħallas lill-kumpannija l-flejjes kollha li, fid-data tal-konfiska jew ċediment, kellhom jitħallsu minnha lill-kumpannija dwar l-azzjonijiet; iżda r-responsabbiltà tagħha għandha tispiċċa jekk u meta l-kumpannija tkun irċiviet il-ħlas kollu ta' dawk il-flejjes kollha dwar l-azzjonijiet.

Tibdil ta' Azzjonijiet fi Stock

26. Il-kumpannija tista' b'riżoluzzjoni ordinarja tibdel kull azzjoni mħallsa fi *stock*, u terġa tibdel kull *stock* f'azzjonijiet imħallsa ta' kull xorta.

27. Id-detenturi ta' *stock* jistgħu jittrasferixxu l-i*stock* jew xi parti minnu, bl-istess mod u suġġett għall-istess regolamenti, kif setgħu kienu suġġetti li jiġu trasferiti l-azzjonijiet li minnhom l-i*stock* ikun inħoloq qabel it-tibdil, jew kemm jista' jkun hekk skond ma ċ-ċirkostanzi jippermettu; u d-diretturi jistgħu minn żmien għal żmien jiffissaw l-anqas ammont ta' *stock* trasferibbli iżda b'mod li dak il-minimu ma għandux ikun iżjed mill-ammont nominali ta' l-azzjonijiet li minnhom l-i*stock* ikun inħoloq.

28. Id-detenturi ta' *stock* ikollhom, skond l-ammont ta' *stock* miżmum minnhom, l-istess drittijiet, privileġġi u vantaġġi dwar dividendi, votazzjoni f'laqgħat tal-kumpannija u ħwejjeġ oħra bħallikieku kellhom l-azzjonijiet li minnhom l-i*stock* ikun inħoloq, iżda ebda privileġġi jew vantaġġ bħal dan (ħlief it-teħid ta' sehem mid-dividendi u qligħ tal-kumpannija u mill-attiv waqt l-istralċ) ma għandu jingħata minn xi ammont ta' *stock* li, kieku eżistenti f'azzjonijiet, ma kienx jagħti dak il-privileġġ jew vantaġġ.

29. Dawk ir-regolamenti tal-kumpannija li jkunu jgħoddu għall-azzjonijiet imħallsa għandhom jgħoddu għal *stock*, u l-kliem "azzjoni" u "detentur ta' azzjoni" li jinsabu fihom għandhom jinkludu "*stock*" u "detentur ta' *stock*".

Laqgħat Ġenerali

30. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att il-laqgħat ġenerali annwali għandhom isiru f'dak iż-żmien u post li d-diretturi jistabbilixxu.

31. Il-laqgħat ġenerali kollha ħlief il-laqgħat ġenerali annwali għandhom jissejħu laqgħat ġenerali straordinarji.

32. Id-diretturi jistgħu, kull meta jidhrilhom xieraq, isejħu laqgħa ġenerali straordinarja, u laqgħat ġenerali straordinarji għandhom jissejħu wkoll fuq dik it-talba, jew, f'nuqqas, jistgħu jissejħu minn dawk li jkunu hekk talbu, kif provdut bl-artikolu 129 ta' l-Att. Jekk f'xi żmien ma jkunx hemm f'Malta diretturi biżżejjed li jkunu jistgħu jiffurmaw *quorum*, kull direttur jew kull żewġ membri tal-kumpannija jistgħu isejħu laqgħa ġenerali straordinarja bl-istess mod, kemm jista' jkun, bħal dak li bih laqgħat jistgħu jissejħu mid-diretturi.

Avviż ta' Laqgħat Ġenerali

33. Laqgħa ġenerali tal-kumpannija għandha tissejjaħ b'avviż bil-miktub ta' mill-anqas erbatax-il jum. L-avviż ma jinkludix il-jum li fih jiġi notifikat jew li jitqies li jkun notifikat u l-jum li għaliħ jingħata, u għandu jsemmi l-post, il-ġurnata u l-ħin tal-laqgħa u, f'każ ta' xogħol speċjali, ix-xorta ġenerali ta' dak ix-xogħol, u għandu jingħata, b'mod iżjed 'il quddiem imsemmi jew b'dak il-mod ieħor, jekk ikun hemm, kif jista' jiġi preskritt mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali, lil dawk il-persuni li jkollhom, skond l-Att u taħt ir-regolamenti tal-kumpannija, dritt li jirċievu avviżi bħal dawk mill-kumpannija:

Iżda laqgħa tal-kumpannija għandha, għalkemm tiġi msejħa b'avviż aqsar minn dak imsemmi f'dan ir-regolament, titqies li tkun ġiet imsejħa kif imiss jekk jiġi hekk miftiehem mill-membri kollha li jkollhom dritt li jattendu u jivvotaw fil-laqgħa.

34. In-nuqqas aċċidentali li jingħata avviż ta' laqgħa lil, jew jekk ma jiġix riċevut l-avviż ta' laqgħa minn, xi persuna li għandha dritt li tirċievi avviż ma għandux jinvalida l-proċeduri ta' dik il-laqgħa.

Proċeduri f'Laqgħat Ġenerali

35. Ix-xogħol kollu li jsir f'laqgħa ġenerali straordinarja għandu jitqies speċjali, kif ukoll kull ma jsir f'laqgħa ġenerali annwali, ħlief id-dikjarazzjoni ta' dividend, l-eżami tal-kontijiet, tal-karti tal-bilanċ u tar-rapporti tad-diretturi u ta' l-udituri, l-elezzjoni ta' diretturi minflok dawk li jkunu ser jirtiraw u l-ħatra ta' l-udituri u l-iffissar tal-kumpens tagħhom.

36. Ebda xogħol ma għandu jsir f'laqgħa ġenerali jekk ma jkunx hemm preżenti *quorum* ta' membri fil-ħin meta l-laqgħa tibda; salv kif hawn maħsub xorta oħra, membru jew membri preżenti personalment jew bi prokura, li jkollhom b'kollox mhux anqas minn għaxra wieħed tal-kapital azzjonarju mħallas tal-kumpannija li jagħti d-dritt għal attendenza u vot f'laqgħat ġenerali tal-kumpannija fid-data li fiha tinżamm il-laqgħa, ikun *quorum*.

37. Jekk fi żmien nofs siegħa mill-ħin stabbilit għal-laqgħa ma jkunx hemm *quorum*, il-laqgħa, jekk tkun imsejħa fuq talba ta' membri, għandha tinħall; f'kull każ ieħor tibqa' aġġornata għall-istess ġurnata fil-ġimgħa ta' wara, fl-istess ħin u post jew għal kull jum ieħor u f'kull ħin u post ieħor li d-diretturi jiddeċiedu, u jekk fil-laqgħa aġġornata ma jkunx hemm *quorum* eġħluq nofs siegħa mill-ħin stabbilit għal-laqgħa l-membru jew membri preżenti jkunu *quorum*.

38. Iċ-*chairman*, jekk ikun hemm, tal-bord tad-diretturi għandu jippresjedi bħala *chairman* f'kull laqgħa ġenerali tal-kumpannija, jew jekk ma jkunx hemm dak iċ-*chairman*, jew jekk ma jkunx preżenti eghluq ħmistax-il minuta wara l-ħin stabbilit biex tinżamm il-laqgħa jew ma jkunx irid jagixxi, id-diretturi preżenti għandhom jagħżlu wieħed minnhom biex ikun *chairman* tal-laqgħa.

39. Jekk f'xi laqgħa ebda direttur ma jkun irid jagixxi ta' *chairman* jew jekk ebda direttur ma jkun preżenti eghluq ħmistax-il minuta wara l-ħin stabbilit biex tinżamm il-laqgħa, il-membri preżenti għandhom jagħżlu wieħed minnhom stess biex ikun *chairman* tal-laqgħa.

40. Iċ-*chairman* jista', bil-kunsens ta' kull laqgħa li jkun fiha *quorum* (u għandu jekk ikun hekk ordnat mil-laqgħa), jagġorna l-laqgħa minn żmien għal żmien u minn post għal ieħor, iżda ebda xogħol ma għandu jiġi diskuss f'xi laqgħa agġornata ħlief dak ix-xogħol li ma jkunx sar fil-laqgħa li minnha jkun sar l-agġornament. Meta laqgħa tkun agġornata għal tletin jum jew iżjed, avviż tal-laqgħa agġornata għandu jingħata bħal fil-każ ta' laqgħa oriġinali. Salv kif intqal qabel ma jkunx meħtieġ li jingħata avviż ta' agġornament jew tax-xogħol li ser jiġi diskuss f'laqgħa agġornata.

41. F'kull laqgħa ġenerali riżoluzzjoni mqegħda għall-voti tal-laqgħa għandha tingħata b'wiri ta' l-idejn jekk ma tiġix mitluba votazzjoni (qabel jew mad-dikjarazzjoni tar-riżultat tal-wiri ta' idejn) —

(a) miċ-*chariman*; jew

(b) minn mill-anqas tliet membri preżenti personalment jew bi prokura; jew

(ċ) minn xi membru jew membri preżenti personalment jew bi prokura u li jirrappreżentaw mhux anqas minn minn għaxra wieħed tad-drittijiet kollha tal-voti tal-membri kollha li jkollhom id-dritt li jivvotaw fil-laqgħa; jew

(d) minn membru jew membri li jkollhom azzjonijiet fil-kumpannija li jagħtu dritt għal vot fil-laqgħa li jkunu azzjonijiet li fuqhom tkun tħallset somma totali ta' mhux anqas minn wieħed minn għaxra tas-somma kollha mħallsa fuq l-azzjonijiet kollha li jagħtu dak id-dritt.

Jekk ma tintalabx votazzjoni b'dan il-mod dikjarazzjoni miċ-*chairman* illi riżoluzzjoni tkun b'wiri ta' idejn għaddiet jew għaddiet unanimament, jew b'maġġoranza partikolari, jew ma għaddietx u reġistrazzjoni f'dak is-sens fil-ktieb tal-minuti tal-proċeduri tal-kumpannija jkunu prova konkluživa tal-fatt mingħajr il-prova tan-numru jew il-proporzjon tal-voti reġistrati favur jew kontra dik ir-riżoluzzjoni:

Iżda meta riżoluzzjoni teħtieġ maġġoranza partikolari fil-valur, ir-riżoluzzjoni ma għandhiex titqies li tkun għaddiet b'wiri ta' idejn bil-maġġoranza meħtieġa jekk ma jkunx hemm preżenti f'dik il-laqgħa, sew personalment jew bi prokura, numru ta' membri li jkollhom flimkien il-maġġoranza meħtieġa kif intqal qabel.

It-talba biex issir votazzjoni tista' tiġi rtirata.

42. Ħlief kif hemm maħsub fir-regolament 44, jekk tintalab votazzjoni kif imiss din għandha ssir b'dak il-mod kif jordna iċ-*chairman* u r-riżultat tal-votazzjoni għandu jitqies li jkun ir-riżoluzzjoni tal-laqgħa li fiha l-votazzjoni tkun ġiet mitluba.

43. F'każ li l-voti jkunu ndaqs, sew b'wiri ta' idejn sew b'votazzjoni, iċ-*chairman* tal-laqgħa li fiha jsir il-wiri ta' idejn jew li fiha tintalab il-votazzjoni, ikollu dritt għal vot ieħor jew vot deċiżiv.

44. Votazzjoni mitluba dwar elezzjoni ta' *chairman* jew dwar kwistjoni ta' aġġornament għandha ssir minnufih. Votazzjoni mitluba dwar kull kwistjoni oħra għandha tittieħed f'dak il-ħin li ċ-*chairman* tal-laqgħa jordna, u kull xogħol ħlief dak li għalih tkun intalbet votazzjoni jista' jitkompla sakemm issir il-votazzjoni.

Voti ta' Membri

45. Bla ħsara ta' kull drittijiet jew limitazzjonijiet li għal dak iż-żmien ikollha xi klassi jew klassijiet ta' azzjonijiet, fuq wiri ta' idejn kull membru preżenti personalment jkollu vot wieħed, u f'votazzjoni kull membru jkollu vot wieħed għal kull azzjoni li jkollu. F'votazzjoni l-voti jistgħu jingħataw sew personalment jew bi prokuratur.

46. Ebda membru ma jkollu dritt li jivvota f'xi laqgħa ġenerali jekk is-sejħiet kollha jew somom oħra li f'dak iż-żmien ikunu dovuti minnu dwar azzjonijiet fil-kumpannija ma jkunux tħallsu.

47. Ma tista' ssir ebda oġġezzjoni għall-kwalifika ta' xi votant ħlief fil-laqgħa jew fil-laqgħa aġġornata li fiha l-vot oġġezzjonat jingħata jew jiġi mressaq, u kull vot li ma jkunx miċħud f'dik il-laqgħa jkun validu għall-finijiet kollha. Kull oġġezzjoni bħal din li ssir fil-ħin xieraq għandha tingħieb quddiem iċ-*chairman* tal-laqgħa, u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali u konklużiva.

48. Id-dokument li jaħtar prokuratur u l-prokura jew awtorità oħra, jekk ikun hemm, li bis-saħħa tagħha tkun iffirmata jew kopja awtentikata minn nutar ta' dik il-prokura jew awtorità għandha tiġi depożitata fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija jew f'dak il-post l-ieħor f'Malta kif imsemmi għal dak l-iskop fl-avviż li jsejjaħ il-laqgħa, mhux anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-ħin li fih tkun ser tinżamm il-laqgħa jew il-laqgħa aġġornata, li fiha l-persuna msemmija fid-dokument tkun se tivvota, jew, f'każ ta' votazzjoni, mhux anqas minn erbgħa u għoxrin siegħa qabel il-ħin stabbilit għat-teħid tal-votazzjoni, u f'nuqqas id-dokument ta' prokura ma għandux jitqies bħala validu.

49. Dokument li jaħtar prokuratur għandu jkun fil-forma li ġejja jew f'forma kemm jista' jkun bħalha kemm iċ-ċirkostanzi jippermettu:

..... (isem tal-kumpannija)

"Jiena/Aħna ....., ta' .....

li noqgħod/u ..... bħala membru/i tal-

kumpannija fuq imsemmija, naħtar/naħtru b'din lil .....

ta' ....., jew f'nuqqas tiegħu

lil ..... ta' .....

bħala prokuratur tiegħi/tagħna biex jivvota għalija/għalina f'ismi/f'isimna fil-laqgħa ġenerali tal-kumpannija (annwali jew straordinarja, skond il-każ) li għandha tinżamm fil-..... 19 , u f'kull aġġornament tagħha.

Iffirmat illum ta' 19

favur*

Din il-formula għandha tintuża _____ ir-riżoluzzjoni. Kemm-il darba ma

kontra

jkunx ordnat xort'oħra, il-prokuratur jivvota kif jidhirlu xieraq".

Diretturi

50. Il-kumpens tad-diretturi għandu minn żmien għal żmien ikun stabbilit mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali. Dan il-kumpens għandu jitqies li jingħema' minn ġurnata għal oħra. Id-diretturi jistgħu wkoll jitħallsu l-ispejjeż kollha tat-trasport, tal-lukanda u l-ispejjeż l-oħra li jsiru kif jixraq minnhom biex imorru għal u jerġgħu lura mil-laqgħat tad-diretturi jew ta' xi kumitat tad-diretturi jew laqgħat ġenerali tal-kumpannija jew dwar negozju tal-kumpannija.

51. Il-kwalifika ta' diretturi dwar tiżmim ta' azzjonijiet tista' tiġi stabbilita mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali u jekk u sakemm ma tkunx hekk stabbilita ebda kwalifika ma tkun meħtieġa.

Setgħat u Dmirijiet tad-Diretturi

52. Id-diretturi għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom bla ħsara ta' kull wieħed minn dawn ir-regolamenti, tad-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawk ir-regolamenti, li ma jkunux inkonsistenti mar-regolamenti jew dispożizzjonijiet imsemmija qabel, kif jiġu stabbiliti mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali; iżda ebda regolament magħmul mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali ma għandu iħassar xi għemil ta' qabel tad-diretturi li kien ikun validu kieku dak ir-regolament ma kienx magħmul.

* Ħassar kif mixtieq.

53. Id-diretturi jkollhom setgħa li jaħtru lil xi persuna bħala prokuratur tal-kumpannija għal dawk il-finijiet u b'dawk is-setgħat, awtoritajiet u diskrezzjoni (li ma jkunux iżjed minn dawk mogħtija lil jew li jistgħu jiġu eżerċitati mid-diretturi skond dawn ir-regolamenti) u għal dak iż-żmien u suġġetti għal dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, u dawk il-prokuri jista' jkollhom dawk id-dispożizzjonijiet għall-protezzjoni u konvenjenza ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' dak il-prokuratur kif id-diretturi jidhrilhom xieraq, u jistgħu wkoll jawtorizzaw lil xi prokuratur bħal dan li jiddelega s-setgħat, l-awtoritajiet u d-diskrezzjonijet kollha jew parti minn dawk li huwa jkollu.

54. Direttur ma għandux jivvota f'laqgħa tad-diretturi dwar xi kuntratt jew ftehim li fih ikun interessat, u jekk jagħmel hekk il-vot tiegħu ma għandux jingħadd, u huwa anqas ma għandu jingħadd mal-*quorum* preżenti fil-laqgħa, iżda ebda waħda minn dawn il-projbizzjonijiet ma għandha tgħodd għal —

(a) xi ftehim biex tingħata lil xi direttur xi sigurtà jew indennizz dwar flus mislufa minnu jew obbligi assunti minnu għall-ġid tal-kumpannija; jew

(b) xi ftehim biex tingħata mill-kumpannija xi sigurtà lil terzi dwar dejn jew obbligu tal-kumpannija li dwaru d-direttur stess ikun assuma r-responsabbiltà totali jew f'parti taħt garanzija jew indennizz jew bid-depożitu ta' sigurtà; jew

(ċ) xi kuntratt minn direttur biex jissottoskrivi jew jieħu azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija; jew

(d) xi kuntratt jew arranġament ma' xi kumpannija oħra li fiha huwa jkun interessat biss bħala uffiċjal tal-kumpannija jew bħala detentur ta' azzjonijiet jew sigurtajiet oħra,

u dawn il-projbizzjonijiet jistgħu f'kull żmien jiġu sospiżi jew illaxkati sa kull limitu, u sew b'mod ġenerali sew dwar xi kuntratt, ftehim jew transazzjoni partikolari, mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

55. Id-diretturi għandhom iniżżlu minuti fil-kotba li jkun hemm għal hekk —

(a) tal-ħatriet kollha ta' uffiċjali magħmula mid-diretturi;

(b) ta' l-ismijiet tad-diretturi preżenti f'kull laqgħa tad-diretturi u ta' kull kumitat tad-diretturi;

(ċ) tar-riżoluzzjonijiet u proċeduri kollha fil-laqgħat kollha tal-kumpannija, u tad-diretturi, u tal-kumitati ta' diretturi.

56. Id-diretturi f'isem il-kumpannija jistgħu jħallsu gratifikazzjoni jew pensjoni jew *allowance* fl-irtir tiegħu lil kull direttur li kellu xi kariga oħra b'salarju jew kariga ta' profitt mal-kumpannija jew lill-armla jew dipendenti tiegħu u jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet f'xi fond u jħallsu *premiums* għax-xiri jew għoti ta' xi gratifikazzjoni, pensjoni jew *allowance* bħal dik.

Rotazzjoni ta' Diretturi

57. Fl-ewwel laqgħa ġenerali annwali tal-kumpannija d-diretturi kollha għandhom jirtiraw mill-kariga, u fil-laqgħa ġenerali annwali f'kull sena ta' wara terz mid-diretturi li f'dak iż-żmien ikunu fil-kariga jew, jekk in-numru tagħhom ma jkunx tlieta jew multiplu ta' tlieta, in-numru l-aktar viċin għal terz, għandu jirtira mill-kariga.

58. Id-diretturi li għandhom jirtiraw f'kull sena jkunu dawk li jkun ilhom l-iżjed fil-kariga mill-aħħar elezzjoni tagħhom, iżda bejn persuni li jkunu saru diretturi fl-istess ġurnata (sakemm ma jaqblux xort'oħra bejniethom) min għandu jirtira minnhom ikun deċiż bil-polza.

59. Direttur li jkun se jirtira jista' jerġa' jiġi elett.

60. Il-kumpannija fil-laqgħa li fiha direttur jirtira bil-mod imsemmi qabel tista' timla l-kariga vakanti billi teleġġi persuna għal dik il-kariga.

61. Ebda persuna ħlief direttur li jirtira fil-laqgħa ma tkun, jekk ma tkunx rikmandata mid-diretturi, tista' tiġi eletta għall-kariga ta' direttur f'xi laqgħa ġenerali jekk mhux anqas minn tlieta u mhux iżjed minn erbatax-il jum qabel id-data stabbilita għal-laqgħa ma jkunx tħalla avviż bil-miktub fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija, iffirmat minn membru kwalifikat kif imiss biex ikun preżenti u jivvota fil-laqgħa li għaliha dak l-avviż jingħata, tal-ħsieb tiegħu li jipproponi lil dik il-persuna għall-elezzjoni, kif ukoll avviż bil-miktub iffirmat minn dik il-persuna tar-rieda tagħha li tiġi eletta.

Proċeduri tad-Diretturi

62. Id-diretturi jistgħu jiltaqgħu flimkien għat-tmexxija tax-xogħol, jaġġornaw u jirregolaw il-laqgħat tagħhom xort'oħra, kif jidhrilhom xieraq. Il-kwistjonijiet li jinqalgħu f'xi laqgħa jiġu deċiżi b'maġġoranza tal-voti. F'każ li l-voti jkunu ndaqs, iċ-*chairman* ikollu vot ieħor jew vot deċiżiv. Direttur jista', u s-segretarju tal-kumpannija fuq talba ta' direttur għandu, f'kull żmien isejjaħ laqgħa tad-diretturi. Ma jkunx meħtieġ li jingħata avviż ta' laqgħa ta' diretturi lil xi direttur li f'dak iż-żmien ikun nieqes minn Malta.

63. Il-*quorum* meħtieġ għat-tmexxija tax-xogħol tad-diretturi jista' jiġi stabbilit mid-diretturi, u jekk ma jiġix hekk stabbilit ikun ta' tnejn.

64. Id-diretturi li jkunu baqgħu fil-kariga jistgħu jaġixxu għalkemm ikun hemm xi vakanza fil-korp tagħhom, iżda jekk u sakemm in-numru tagħhom ma jinżilx taħt in-numru stabbilit jew skond ir-regolamenti tal-kumpannija bħala l-*quorum* ta' diretturi meħtieġ, id-diretturi jew direttur li jkun baqa' fil-kariga jista' jaġixxi biex iżid in-numru ta' diretturi għal dak in-numru, jew biex isejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija, iżda għal ebda skop ieħor.

65. Id-diretturi jistgħu jeleġġu *chairman* tal-laqgħat tagħhom u jistabbilixxu ż-żmien li matulu għandu jibqa' fil-kariga; iżda jekk ma jinħatar ebda *chairman* bħal dan, jew jekk f'xi laqgħa iċ-*chairman* ma jkunx preżenti egħluq ħames minuti wara l-ħin stabbilit biex tinżamm l-istess laqgħa, id-diretturi preżenti jistgħu jagħżlu wieħed minnhom bħala *chairman* tal-laqgħa.

66. Riżoluzzjoni bil-miktub, iffirmata mid-diretturi kollha li dak iż-żmien ikollhom dritt jirċievu avviż ta' laqgħa tad-diretturi, tkun tiswa u tkun effettiva bħallikieku kienet għaddiet f'laqgħa tad-diretturi msejħa u miżmuma kif jixraq.

Delega tas-setgħat tad-diretturi

67. Id-diretturi jistgħu minn żmien għal żmien jaħtru *managing director* jew direttur jew diretturi li jkollhom xi kariga jew karigi eżekuttivi oħra minn fosthom fejn jiddelegaw lid-direttur jew lid-diretturi kull setgħat provduti fir-regolament 70.

68. Kull kariga bħal dik tkun għal dak iż-żmien u b'dawk il-pattijiet li d-diretturi jidhrilhom xierqa, u salv għall-kondizzjonijiet ta' kull ftehim li jsir f'xi każ partikolari, id-diretturi jistgħu jirrevokaw dik il-ħatra. Kull direttur hekk maħtur ma għandux, fil-waqt li jkun qiegħed f'dik il-kariga, ikun suġġett għall-irtir b'rotazzjoni jew li jingħadd sabiex tiġi stabbilita r-rotazzjoni jew l-irtir tad-diretturi, iżda l-ħatra tiegħu tintemm awtomatikament jekk għal xi raġuni ma jibqax direttur.

69. *Managing director* jew direttur li jkollu xi kariga eżekuttiva oħra għandu jirċievi dik ir-rimunerazzjoni li d-diretturi, suġġetti għall-approvazzjoni tal-kumpannija f'laqgħa ġenerali, jistgħu jistabbilixxu minn żmien għal żmien.

70. Id-diretturi jistgħu jiddelegaw lil kull *managing director,* jew lil direttur li jkollu xi kariga eżekuttiva oħra, kull waħda mis-setgħat li huma jistgħu jeżerċitaw b'dawk il-pattijiet u l-kondizzjonijiet u b'dawk ir-restrizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, u sew flimkien kemm bl-esklużjoni tas-setgħat tagħhom stess u jistgħu minn żmien għal żmien iħassru, jirtiraw jew ivarjaw dawk is-setgħat kollha jew xi waħda minnhom.

71. Id-diretturi jistgħu wkoll jaħtru kumitat li jikkonsisti minn persuna waħda jew iżjed magħżula minn fosthom fejn jeddelegawlu kull waħda mis-setgħat tagħhom. Dik id-delega tista' tingħata suġġetta għal kull kondizzjoni jew ħtieġa li d-diretturi jistgħu jimponu, u sew flimkien kemm bl-esklużjoni tas-setgħat tagħhom stess u jistgħu minn żmien għal żmien iħassru, jirtiraw, ibiddlu jew ivarjaw dawk is-setgħat kollha jew xi waħda minnhom. Kumitat bħal dan għandu, suġġett għal kull kondizzjoni jew ħtieġa msemmija, jirregola l-proċedimenti tiegħu nnifsu, safejn jista' jkun bl-istess mod daqslikieku l-laqgħat tiegħu kienu laqgħat tad-diretturi.

Segretarju tal-Kumpannija

72. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-Att li jirregolaw il-ħatra u l-funzjonijiet tas-segretarju tal-kumpannija, il-ħatra jew il-bdil ta' segretarju tal-kumpannija u l-kondizzjonijiet biex tinżamm dik il-kariga jkunu stabbiliti mid-diretturi. Is-segretarju tal-kumpannija jkun responsabbli jżomm:

— il-ktieb tal-minuti tal-laqgħat ġenerali tal-kumpannija;

— il-ktieb tal-minuti tal-laqgħat tad-diretturi;

— ir-reġistru tal-membri;

— ir-reġistru ta' l-obbligazzjonijiet; u

— dawk ir-reġistri u *records* oħra, li s-segretarju tal-kumpannija jista' jkun meħtieġ li jżomm mill-bord tad-diretturi.

Is-segretarju tal-kumpannija għandu:

— jiżgura li jingħataw avviżi xierqa tal-laqgħat kollha;

— jiżgura li l-prospetti kollha u dokumenti oħra tal-kumpannija jkunu magħmula u jkunu konsenjati skond il-ħtiġiet ta' l-Att.

Dividendi u Riżerva

73. Il-kumpannija f'laqgħa ġenerali tista' tiddikjara dividendi, iżda ebda dividend ma għandu jkun iżjed mill-ammont rakkomandat mid-diretturi.

74. Id-diretturi jistgħu minn żmien għal żmien iħallsu lill-membri dawk id-dividendi provviżorji li jidher lid-diretturi li jkunu ġustifikati bil-qligħ tal-kumpannija.

75. Id-diretturi jistgħu, qabel ma jirrakomandaw xi dividend, iwarrbu mill-qligħ tal-kumpannija dawk is-somom li jidhrilhom xierqa bħala riżerva jew riżervi li għandhom, fid-diskrezzjoni tad-diretturi, jiġu applikati għal xi skop li għalih il-qligħ tal-kumpannija jista' jiġi applikat sewwa, u sakemm issir dik l-applikazzjoni jistgħu, bl-istess diskrezzjoni, jew jiġu impjegati fin-negozju tal-kumpannija jew ikunu investiti f'dawk l-investimenti, li ma jkunux azzjonijiet tal-kumpannija, kif id-diretturi minn żmien għal żmien jidhrilhom xieraq. Id-diretturi jistgħu wkoll mingħajr ma jqiegħdu fl-istess f'riżerva jfaddlu xi qligħ li jidhrilhom aħjar li ma jqassmux.

76. Bla ħsara għad-drittijiet ta' persuni, jekk ikun hemm, intitolati għal azzjonijiet bi drittijiet speċjali dwar dividendi, id-dividendi kollha għandhom jiġu dikjarati u mħallsa skond l-ammonti mħallsa jew kreditati bħala mħallsa dwar l-azzjonijiet li għalihom dividend jitħallas, iżda ebda ammont imħallas jew kreditat bħala imħallas fuq azzjoni bil-quddiem ta' sejħiet ma jiġi kunsidrat għall-fini ta' dan ir-regolament bħala mħallas fuq l-azzjoni. Id-dividendi kollha jiġu maqsuma u mħallsa proporzjonatament għall-ammonti mħallsa jew kreditati bħala mħallsa fuq l-azzjonijiet waqt kull sehem jew ishma taż-żmien li dwaru d-dividend jitħallas; iżda jekk xi azzjoni toħroġ fuq pattijiet li jipprovdu illi jkollha dritt għal xi dividend minn xi data partikolari dik l-azzjoni għandu jkollha hekk dritt għal dividend.

77. Id-diretturi jistgħu jnaqqsu minn kull dividend li għandu jitħallas lil xi membru s-somom ta' flus kollha, jekk ikun hemm, li għandhom dak iż-żmien jitħallsu minnu lill-kumpannija akkont tas-sejħiet jew xort'oħra dwar l-azzjonijiet tal-kumpannija.

78. Ebda dividend ma jgħaddi bl-imgħax kontra l-kumpannija.

Kontijiet

79. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 180 ta' l-Att, id-diretturi għandhom minn żmien għal ieħor jiddeċiedu jekk u sa liema limitu u f'liema ħinijiet u postijiet u taħt liema kondizzjonijiet jew regolamenti l-kontijiet annwali u r-*records* tal-kontijiet tal-kumpannija jew xi wieħed minnhom ikun miftuħ għall-ispezzjon ta' membri li ma jkunux diretturi, u ebda membru, li ma jkunx direttur, ma jkollu xi dritt li jispezzjona xi kont jew ktieb jew dokument tal-kumpannija ħlief kif mogħti b'liġi jew awtorizzat mid-diretturi jew mill-kumpannija f'laqgħa ġenerali.

Kapitalizzazzjoni ta' Qligħ

80. Il-kumpannija f'laqgħa ġenerali tista' fuq rakkomandazzjoni tad-diretturi tgħaddi riżoluzzjoni illi jkun mixtieq li tikkapitalizza xi parti mill-ammont li għal dak iż-żmien ikun imniżżel bħala kreditu ta' xi kont tar-riżerva tal-kumpannija jew bħala

kreditu tal-kont tal-qligħ u telf jew xort'oħra disponibbli għat-tqassim, u li għalhekk dik is-somma tiġi liberata għat-tqassim bejn il-membri li kien ikollhom dritt għaliha kieku tiġi mqassma permezz ta' dividendi u fl-istess proporzjonijiet bil-kondizzjoni illi l-istess ma tiġix imħallsa bi flus iżda jew tiġi applikata fil-ħlas jew favur il-ħlas ta' xi ammonti li għal dak iż-żmien ikunu mhux imħallsa fuq xi azzjonijiet li jkollhom dawk il-membri rispettivament jew li jħallsu għal kollox azzjonijiet jew obbligazzjonijiet mhux maħruġa tal-kumpannija li għandhom jingħataw lil u jitqassmu kreditati bħala mħallsa għal kollox bejn dawk il-membri fil-proporzjon imsemmi qabel, jew parti mod u parti ieħor, u d-diretturi għandhom jagħtu seħħ lil dik ir-riżoluzzjoni:

Iżda kont ta' *share premium* u fond tar-riżerva tal-fidwa ta' kapitali jista', għall-finijiet ta' dan ir-regolament, jiġi applikat biss fil-ħlas ta' azzjonijiet mhux maħruġa li għandhom jinħarġu lill-membri tal-kumpannija bħala *shares* bil-*bonus* imħallsa għal kollox:

Iżda wkoll id-diretturi jistgħu meta jagħtu seħħ lil dik ir-riżoluzzjoni jipprovdu hekk bi ħlas ta' flus jew xort'oħra kif jidhrilhom xieraq għal każ ta' azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li jkunu ser jiġu mqassma fi frazzjonijiet.

Avviż

81. Avviż jista' jingħata mill-kumpannija lil kull membru tant personalment kemm billi jintbagħat lilu bil-posta jew fl-indirizz tiegħu reġistrat, jew, jekk ma jkollux indirizz reġistrat f'Malta, fl-indirizz, jekk ikollu, f'Malta mogħti minnu lill-kumpannija għall-għoti ta' avviż lilu. Meta avviż jintbagħat bil-posta, għandha titqies li tkun saret notifika ta' l-avviż billi ittra li jkun fiha l-avviż tiġi indirizzata sewwa, il-pustaġġ ikun imħallas qabel u mpustata, u li tkun saret fil-każ ta' avviż ta' laqgħa meta jgħaddu tmienja u erbgħin siegħa minn mindu l-ittra li jkollha dak l-avviż tkun ġiet impustata, u f'kull każ ieħor fil-ħin li l-ittra tiġi konsenjata fil-kors ordinarju tal-posta.

82. Avviż ta' kull laqgħa ġenerali għandu jingħata bil-mod hawn qabel awtorizzat lil —

(a) kull membru reġistrat ħlief dawk il-membri li (billi ma jkollhomx indirizz reġistrat f'Malta) ma jkunux taw lill-kumpannija indirizz f'Malta għall-għoti lilhom ta' avviżi; u

(b) l-uditur tal-kumpannija għal dak iż-żmien.

Ebda persuna oħra ma jkollha dritt li tirċievi avviżi ta' laqgħa ġenerali.

Indennizz

83. Kull *managing director,* direttur li jkollu xi kariga eżekkutiva oħra jew xi direttur ieħor, u kull aġent, uditur jew segretarju ta' kumpannija u b'mod ġenerali kull uffiċjal ieħor għal dak iż-żmien tal-kumpannija jkun indennizzat mill-attiv tal-kumpannija kontra kull responsabbiltà meħuda minnu fid-difiża ta' xi proċeduri li fihom tingħata deċiżjoni favur tiegħu jew li fihom ikun ġie liberat.

TAQSIMA II — REGOLAMENTI GĦAT-TMEXXIJA TA' KUMPANNIJA PRIVATA

1. Ir-regolamenti li hemm fit-Taqsima I ta' din l-Iskeda (ħlief ir-regolament 14) għandhom japplikaw.

2. Il-kumpannija hija kumpannija privata u għalhekk —

(a) id-dritt ta' trasferiment ta' azzjonijiet huwa limitat bil-mod iżjed 'il quddiem stabbilit;

(b) in-numru ta' membri tal-kumpannija huwa limitat għal ħamsin;

(ċ) kull invit lill-pubbliku biex jissottoskrivi għal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija huwa projbit;

(d) il-kumpannija ma jkollhiex setgħa li toħroġ *share warrants* f'isem il-portatur.

3. Id-diretturi jistgħu, fid-diskrezzjoni assoluta tagħhom u mingħajr ma jagħtu ebda raġuni dwar hekk, jiċħdu li jirreġistraw xi trasferiment ta' xi azzjoni, sew jekk tkun imħallsa għal kollox sew jekk le.

4. Id-diretturi jistgħu f'kull żmien jeħtieġu lil kull persuna li isimha jkun imniżżel fir-reġistru tal-membri tal-kumpannija biex tagħtihom kull tagħrif, konfermat, jekk id-diretturi hekk jeħtieġu, b'affidavit, li jistgħu jqiesu meħtieġ sabiex jiddeċiedu sew jekk il-kumpannija tissoddisfax il-kondizzjonijiet ta' kwalifika bħala kumpannija eżentata kif imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 212 ta' dan l-Att.

IT-TIENI SKEDA

(Kapitolu III tat-Titolu I tat-Taqsima V u Kapitolu II tat-Taqsima XI ta' dan l-Att)

ĦWEJJEĠ LI GĦANDHOM IKUNU SPEĊIFIKATI FI PROSPETT U RAPPORT LI GĦANDHOM JITNIŻŻLU FIH

Taqsima I — Ħwejjeġ li Għandhom ikunu Speċifikati

Riferenzi ġenerali

1. (a) Riferenzi f'din l-Iskeda għall-kumpannija li tagħmel il-ħruġ huma riferenzi għall-kumpannija msemmija fl-artikolu 89 jew fl-artikolu 391 ta' dan l-Att skond il-każ.

(b) Riferenzi għal sigurtajiet ta' dejn għandhom jinkludu riferenzi għal obbligazzjonijiet u sigurtajiet oħra simili fis-sustanza għal obbligazzjonijiet.

2. Meta l-prospett jirreferi għal sigurtajiet ta' dejn garantiti minn persuna jew persuni legali, it-tagħrif meħtieġ b'din l-Iskeda għandu jkun prodott sew dwar il-kumpannija li tagħmel il-ħruġ u sew dwar il-garanti wieħed jew iżjed. Meta l-prospett jirreferi għal sigurtajiet ta' dejn konvertibbli jew sigurtajiet ta' dejn bil-*warrant* jew għall-*warrants* innifishom, it-tagħrif għandu ukoll jingħata dwar ix-xorta ta' l-azzjonijiet jew sigurtajiet ta' dejn li lilhom jagħtu d-dritt u l-kondizzjonijiet u l-proċeduri ta' bdil, kambju jew sottoskrizzjoni. Meta l-kumpannija li toħroġ is-sigurtajiet jew il-*warrants* ma tkunx il-kumpannija li tagħmel il-ħruġ tas-sigurtajiet li fihom dawn ikunu se jibidlu, it-tagħrif meħtieġ b'din l-Iskeda għandu jkun prodott sew dwar il-kumpannija li toħroġ is-sigurtajiet jew *warrants* konvertibbli u sew dwar il-kumpannija li toħroġ is-sigurtajiet li fihom jistgħu jinbidlu.

Prinċipji ġenerali

3. Il-prospett għandu jkun fih it-tagħrif li, skond ix-xorta partikolari tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ u tas-sigurtajiet trasferibbli offerti għall-pubbliku, ikun meħtieġ sabiex l-investituri jkunu jistgħu jagħmlu stima nformata ta' l-attiv u l-passiv, tal-qagħda finanzjarja, tal-qligħ u telf u tal-prospetti tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ u tad-drittijiet li jkunu marbuta mas-sigurtajiet trasferibbli.

4. Meta ċertu tagħrif speċifikat f'din l-Iskeda jinsab li ma jkunx xieraq dwar l-ambjent ta' l-attività jew il-forma legali tal-kumpanniji li tagħmel il-ħruġ jew dwar is-sigurtajiet trasferibbli li jkun qed jiġu offerti, għandu jingħata tagħrif ekwivalenti. Meta ċertu tagħrif speċifikat f'din l-Iskeda jinsab li ma jkunx applikabbli għall-ħruġ partikolari jew għall-forma legali jew natura kummerċjali tal-ħruġ, it-tagħrif meħtieġ jista' ma jingħatax sakemm il-prospett jirreferi b'mod speċifiku għal dak il-ħruġ partikolari, u jgħid illi t-tagħrif mhux qed jingħata u jispjega b'mod xieraq ir-raġunijiet għal dan.

5. Meta kumpannija li tagħmel il-ħruġ tkun ilha teżisti għal anqas minn xi żmien li dwaru għandu jingħata tagħrif skond din l-Iskeda, it-tagħrif jista' jingħata biss għaż-żmien li l-kumpannija tkun ilha teżisti.

Ħwejjeġ li għandhom ikunu speċifikati

6. Il-paragrafi minn 7 sa 25 ta' din it-Taqsima juru l-ħwejjeġ speċifiċi li għandhom ikunu speċifikati fi prospett.

Il-persuni responsabbli għall-prospett

7. L-ismijiet, il-funzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet mill-persuni responsabbli għall-prospett li skond l-aħjar tagħrif tagħhom l-informazzjoni li tkun fil-prospett tkun skond il-fatti u l-prospett ma jkollu xejn inqas li x'aktarx jolqot is-sustanza tiegħu.

L-offerta għall-pubbliku

8. Id-dettalji li ġejjin ta' l-offerta, sakemm huma applikabbli għax-xorta ta' strument offrut:

— ix-xorta tas-sigurtajiet li jkun qed jiġu offruti;

— l-ammont u l-iskop tal-ħruġ;

— in-numru tas-sigurtajiet maħruġa u d-drittijiet marbuta magħhom;

— it-taxxa fuq l-*income* miżmuma minn ras il-għajn;

— iż-żmien li matulha se tkun miftuħa l-offerta;

— il-ħin tal-ftuħ tal-listi ta' sottoskrizzjoni;

— id-data meta jinħoloq id-dritt għal dividendi jew imgħax;

— il-persuna li tissottoskrivi jew tiggarantixxi l-offerta;

— kull restrizzjonijiet fuq it-trasferiment liberu tas-sigurtajiet li jkunu qed jiġu offerti u s-swieq li fuqhom jistgħu jkunu negozjati;

— l-istabbilimenti li jagħmluha ta' aġenti tal-ħlas;

— metodi ta' ħlas;

— il-proċeduri għall-eżerċizzju ta' xi jedd ta' preimpożizjoni;

— il-metodi u l-limiti ta' żmein għall-konsenja tas-sigurtajiet; u

— is-sistema u d-dati għall-egħluq tar-reġistru tal-membri jew ta' l-obbligazzjonijiet, skond il-liġi.

9. L-ammont jew valur perċentwali li għandu jitħallas ma' l-applikazzjoni u għoti ta' kull azzjoni, u, fil-każ tat-tieni offerta jew offerta oħra wara l-ammont offert għas-sottoskrizzjoni fuq kull għoti li jkun sar matul is-sentejn ta' qabel, l-ammont fil-fatt mogħti, u l-ammont, jekk ikun hemm, imħallas fuq l-azzjonijiet hekk mogħtija.

10. In-numru, id-deskrizzjoni u l-ammont ta' kull azzjonijiet fi, jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija li kull persuna għandha, jew għandha d-dritt li jkollha, għażla li tissottoskrivi għalihom, flimkien mal-partikolaritajiet ta' l-għażla, jiġifieri:

— iż-żmien li fih tista' tiġi eżerċitata;

— l-ammont jew valur perċentwali li għandu jitħallas għall-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet sottoskritti taħtha;

— il-kunsiderazzjoni, jekk il-każ, mogħtija jew li jkollha tingħata għaliha jew għad-dritt għaliha;

— l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni li lilhom tkun ingħatat jew id-dritt għaliha jkun ingħata jew, jekk tingħata lil azzjonisti jew detenturi ta' obbligazzjonijiet eżistenti bħala tali, l-azzjonijiet jew l-obbligazzjonijiet rilevanti.

Dettalji tal-kumpannija li taħgmel il-ħruġ

11. Id-dettalji li ġejjin tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ:

— Isem;

— Uffiċċju reġistrat u numru tar-reġistrazzjoni;

— Data tar-reġistrazzjoni jew ta' l-inkorporazzjoni;

— Il-forma legali tal-kumpannija;

— L-għanijiet tal-kumpannija;

— Il-kapital azzjonarju tal-kumpannija:

— ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ;

— in-numru u l-partikolaritajiet ewlenin tas-sigurtajiet li minnhom ikun magħmul il-kapital azzjonarju u kull parti tal-kapital azzjonarju li għad irid jitħallas;

— l-ammont ta' kull sigurtajiet ta' dejn konvertibbli, sigurtajiet ta' dejn li jistgħu jinbidlu jew sigurtajiet ta' dejn bil-*warrants* u l-proċeduri għal konversjoni, bdil jew sottoskrizzjoni;

— in-numru ta' azzjonijiet fondaturi jew ta' tmexxija jew differiti, jekk ikun hemm, u x-xorta u l-limitu ta' l-interess tad-detenturi fil-proprjetà u profitti tal-kumpannija;

— l-ammont tal-kapital azzjonarju awtorizzat u ż-żmien ta' l-awtorizzazzjoni tad-diretturi li jagħtu dak il-kapital;

— Meta xieraq, il-grupp ta' mpriżi li l-kumpannija li tagħmel il-ħruġ tagħmel parti minnhom;

— Safejn ikunu mgħrufa, indikazzjoni ta' l-azzjonisti li direttament jew indirettament jeżerċitaw jew jistgħu jeżerċitaw sehem deċiżiv fit-tmexxija tal-kumpannija.

12. In-numru u l-ammont ta' azzjonijiet u obbligazzjonijiet li jkunu ħarġu matul is-sentejn ta' qabel, jew li kienu miftiehma li jinħarġu, bħala mħallsin għal kollox jew f'parti xort'oħra milli bi flus, u l-fatħar każ il-limitu li jkunu hekk imħallsa, u f'kull każ il-konsiderazzjoni li għalihom dawk l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet ikunu nħarġu jew kienu proposti jew maħsuba li jinħarġu.

13. Jekk il-kapital azzjonarju tal-kumpannija jkun maqsum fi klassijiet ta' azzjonijiet, il-jedd tal-vot f'laqgħat tal-kumpannija mogħtija minn, u d-drittijiet dwar kapital azzjonarju u dividendi marbut ma', id-diversi klassijiet ta' l-azzjonijiet rispettivament.

L-attivitajiet prinċipali tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ

14. Dekrizzjoni ta' l-attivitajiet prinċipali tal-kumpannija:

— meta xieraq, kull fatturi eċċezzjonali li jkunu nfluwenzaw l-attivitajiet tal-kumpannija;

— kull dipendenza fuq *patents*, liċenzi jew kuntratti jekk dawn ikunu ta' importanza fundamentali;

— tagħrif dwar investimenti li jkunu qed isiru meta dawn ikunu sinifikanti;

— kull proċedimenti legali li jkollhom effett importanti fuq il-qagħda finanzjarja tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ.

It-tmexxija tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ

15. L-ismijiet, l-indirizzi, il-funzjonijiet u r-rimunerazzjoni ta' diretturi.

16. In-numru ta' azzjonijiet, jekk ikun hemm, stabbilit bl-istatut bħala kwalifika ta' direttur, u kull provediment fl-istatut dwar ir-rimunerazzjoni tad-diretturi.

L-għan ta' l-offerta u spejjeż li jkunu diġà saru

17. Partikolaritajiet dwar:

— l-ammont li, fil-fehma tad-diretturi, għandu jingħabar bil-ħruġ ta' l-azzjonijiet sabiex jipprovdi s-somom, jew, jekk xi parti minnha tkun se titħallas b'xi mod ieħor, il-bilanċ tas-somom, meħtieġ li jkun provdut dwar kull waħda mill-ħwejjeġ li ġejjin:

— il-prezz tax-xiri ta' xi proprjetà mixtrija jew li tkun se tinxtara li jkun se jitħallas għal kollox jew f'parti mir-rikavat tal-ħruġ;

— kull spejjeż preliminari li għandhom jitħallsu mill-kumpannija u kull kummissjoni li għandha hekk titħallas lil xi persuna b'kumpens għall-ftehim tagħha li tissottoskrivi għal, jew li tikseb jew li tiftiehem li tikseb sottoskrizzjonijiet għal, xi azzjonijiet fil-kumpannija;

— il-ħlas lura ta' kull flejjes li l-kumpannija tkun isselfet dwar xi waħda mill-ħwejjeġ fuq imsemmija;

— kapital attiv; u

— l-ammonti li għandhom ikunu provduti dwar il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija barra mir-rikavat tal-ħruġ u l-għejjun li minnhom ikunu se jiġu provduti dawk l-ammonti.

18. Dwar kull proprjetà mixtrija jew akkwistata mill-kumpannija jew li tkun proposta li hekk tinxtara jew tkun akkwistta, li tkun se titħallas għal kollox jew f'parti mir-rikavat tal-ħruġ offert għas-sottoskrizzjoni mill-prospett, il-partikolaritajiet li ġejjin:

— l-ismijiet u l-indirizzi taċ-bejjiegħa;

— l-ammont imħallas jew li għandu jitħallas bi flus, azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-bejjiegħ, li juri l-ammont, jekk ikun hemm, dwar l-avvjament, u, meta jkun hemm iżjed minn bejjiegħ wieħed, jew il-kumpannija tkunx xtrat mingħand min ikun xtara, l-ammont li għandu hekk jitħallas lil kull bejjiegħ;

— partikolaritajiet fil-qosor ta' kull operazzjoni dwar il-proprjetà li tkun saret matul is-sentejn ta' qabel li fihom xi bejjiegħ tal-proprjetà lill-kumpannija jew xi persuna li tkun, jew kienet fiż-żmien ta' l-operazzjoni, promotur jew direttur tal-kumpannija kellha xi nteress dirett jew indirett.

Kull persuna għandha għall-finijiet ta' din l-Iskeda titqies li tkun bejjiegħ li jkun intrabat b'kuntratt, assolut jew taħt kondizzjoni, għall-bejgħ jew xiri, jew għal xi għażla ta' xiri, ta' xi proprjetà biex tinkiseb mill-kumpannija, f'kull każ meta —

— il-flus tax-xiri ma jkunux imħallsa kollha fid-data tal-ħruġ tal-prospett;

— il-flus tax-xiri għandhom jitħallsu jew ikunu sodisfatti għal kollox jew f'parti mir-rikavat tal-ħruġ offert għal sottoskrizzjoni mill-prospett;

— il-kuntratt għal validità jew twettiq tiegħu jiddependi mir-riżultat ta' dak il-ħruġ.

F'dan il-paragrfu l-kelma "bejjiegħ" tinkludi min jagħti b'enfitewsi u min jagħti b'kiri, u l-kelma "bejgħ" tinkludi konċessjoni enfitewtika u kiri u l-fraži "flus tax-xiri" tinkludi l-kumpens għall-konnessjoni enfitewtika jew għall-kiri, u l-fraži "xerrej mingħand min ikun xtara" tinkludi subenfitewta u sullokatur.

19. Fil-każ ta' kumpannija li tkun ilha tmexxi n-negozju, jew ta' negozju li jkun ilu jitmexxa għal anqas minn tliet snin, it-tul ta' żmien li matulu n-negozju tal-kumpannija jew in-negozju li jkunu se jiġi akkwistat, ikun tmexxa.

Benefiċċji għal terzi u nfieq ieħor

20. L-ammont, jekk ikun hemm, imħallas matul is-sentejn ta' qabel, jew li għandu jitħallas, bħala kummissjoni, iżda li ma jinkludix kummissjoni tas-sottofirmatarji, talli tissottoskrivi jew tiftiehem li tissottoskrivi, jew tipprokura jew tiftiehem li tipprokura sottoskrizzjonijiet, għal xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet tal-kumpannija, jew ir-rata ta' xi kummissjoni bħal din.

21. L-ammont jew l-ammont stmat ta' spejjeż preliminari u l-persuni li minnhom xi parti minn dawk l-ispejjeż tkun tħallset jew tkun ser titħallas, u l-ammont jew ammont stmat ta' spejjeż tal-ħruġ u l-persuni li minnhom xi parti minn dawk l-ispejjeż tkun tħallset jew tkun ser titħallas.

22. Kull ammont jew benefiċċju mħallas jew mogħti matul is-sentejn ta' qabel jew bi ħsieb li jitħallas jew jingħata lil xi promutur, u l-kumpens għall-ħlas jew għoti tal-benefiċċju.

23. Id-dati, il-partijiet, l-isem tan-nutar riċevitur, jekk ikun hemm, u x-xorta ġenerali ta' kull kuntratt materjali, li ma jkunx kuntratt magħmul fil-kors tan-negozju ordinarju li jitmexxa jew li jkun maħsub li se jitmexxa mill-kumpannija jew kuntratt li jkun sar iktar minn sentejn qabel id-data tal-ħruġ tal-prospett.

24. Il-partikolaritajiet kollha tax-xorta u l-limitu ta' l-interessi, jekk ikun hemm, ta' kull direttur fit-tmexija 'l quddiem tal-kumpannija, jew fil-proprjetà maħsuba li tinkiseb minnha, jew meta l-interess ta' dan id-direttur jikkonsisti filli jkun soċju f'soċjetà jew komproprjetarju ta' ditta jew azjenda oħra li ma tkunx kumpannija, ix-xorta u l-limitu ta' l-interess tas-soċjetà tad-ditta jew ta' l-azjenda, b'dikjarazzjoni tas-somom kollha mħallsa jew miftehma li jitħallsu lilu jew lis-soċjetà, lid-ditta jew azjenda bi flus jew azzjonijiet jew xort'oħra minn xi persuna jew biex tħajru li jsir, jew biex tikkwalifikah bħala direttur, jew inkella għal servizzi mogħtija minnu jew mis-soċjetà, mid-ditta jew minn azjenda dwar it-tmexxija 'l quddiem jew twaqqif tal-kumpannija.

Tagħrif ieħor sinifikanti

25. Tagħrif ieħor sinifikanti li għandu jiġi provdut jinkludi:

— sal-limitu li dak it-tagħrif ikun jolqot b'mod sinifkanti xi stima li tista' ssir tal-kumpannija, żvilupp riċenti fin-negozju tagħha u prospetti;

— ix-xejriet riċenti u l-iktar sinifikanti dwar l-iżvilupp tal-kumpannija mit-tmiem ta' l-aħħar żmien tal-kontijiet;

— tagħrif fuq il-prospetti tal-kumpannijaa dwar għall-anqas iż-żmien tal-kontijiet kurrenti.

Taqsima II — Rapporti li Għandhom Isiru

26. Il-kontijiet individwali, u meta jkunu jeżistu, il-kontijiet konsolidati tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ, flimkien mar-rapport tad-diretturi u r-rapport ta' l-edituri għat-tliet żminijiet ta' kontijiet minnufih qabel il-ħruġ tal-prospett:

Iżda jekk ebda kontijiet ma jkunu saru dwar xi wieħed mit-tlett żminijiet ta' kontijiet imsemmija, jew ta' xi parti minnu, li jagħlaq f'data tliet xhur qabel il-ħruġ tal-prospett, rapport li jkun fih dikjarazzjoni ta' dak il-fatt.

27. Kontijiet *interim*, jekk dawn ikunu ġew pubblikati mill-kumpannija li tagħmel il-ħruġ mit-tmiem ta' l-aħħar żmien tal-kontijiet.

28. Jekk ir-rikavat, jew xi parti mir-rikavat, tal-ħruġ ta' l-azzjonijiet jew obbligazzjonijiet li ikun ser jiġi applikat, direttament jew indirettament fix-xiri ta' xi negozju jew fil-ksib mill-kumpannija ta' azzjonijiet f'xi kumpannija oħra li, minħabba dak il-ksib jew xi ħaġa li għandha ssir minħabba f'hekk jew in konnessjoni miegħu, issir sussidjarja tal-kumpannija, it-tagħrif meħtieġ bil-paragrafi 26 u 27 għandu wkoll jingħata dwar il-kumpannija li tkun se tiġi hekk miksuba.

29. Fuq il-bażi tad-dokumenti msemmija fil-paragrafi mis-26 sat-28, l-udituri tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ għandhom iħejju rapport sommarju tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija li tagħmel il-ħruġ, u tal-kumpannija li tkun se tinkiseb. Ir-rapport għandu jittratta b'mod partikolari r-rati tad-dividendi, jekk ikun hemm, imħallsa mill-kumpannija li tagħmel il-ħruġ dwar kull klassi ta' azzjonijiet għal kull wieħed mit-tliet żminijiet tal-kontijiet, jew dak in-numru inqas ta' żminijiet kif intqal qabel, minnufih qabel il-ħruġ tal-prospett, bil-partikolaritajiet ta' kull waħda minn dawk il-klassijiet ta' azzjonijiet li fuqha jkunu tħallsu dawk id-dividendi u partikolaritajiet tal-każijiet li fihom ebda dividendi ma jkunux tħallsu dwar xi klassi ta' azzjonijiet għal xi wieħed minn dawk iż-żminijiet.

IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 167)

FORMA U KONTENUT TA' KONTIJIET INDIVIDWALI

Taqsima I — Regoli Ġenerali u Formati

Regoli Ġenerali

1. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din l-Iskeda —

(a) kull karta tal-bilanċ ta' kumpannija għandha turi l-oġġetti mniżżlin f'waħda mill-formati tal-karta tal-bilanċ murija minnufih wara l-paragrafu 13 ta' din l-Iskeda; u

(b) kull kont tal-qligħ u telf ta' kumpannija għandu juri l-oġġetti mniżżlin f'xi wieħed mill-formati ta' kont ta' qligħ u telf murija minnufih wara l-formati tal-karta tal-bilanċ;

f'kull każ fl-ordni u taħt l-intestaturi u sotto-intestaturi mogħtija fil-format użat. Għal dan l-għan il-kliem fil-parentesi kontra l-intestaturi, is-sotto-intestaturi u oġġetti huma spjegattivi u ma hemmx għalfejn ikunu prodotti fil-kontijiet individwali.

(2) Is-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu m'għandux jiftiehem li jeħtieġ li xi oġett, jew li l-intestatura jew is-sotto-intestatura għal xi oġġett, ikunu magħrufa b'xi ittra jew numru mogħti lilhom fil-format użat.

2. (1) Meta skond il-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda il-karta tal-bilanċ jew il-kont tal-qligħ u telf ta' kumpannija għal xi perijodu ta' kontijiet ikunu tħejjew b'riferenza għal xi wieħed mill-formati murija hawnhekk, id-diretturi tal-kumpannija għandhom jużaw l-istess format fit-tħejjija tal-kontijiet għal perijodi ta' kontijiet sussegwenti tal-kumpannija kemm-il darba fil-fehma tagħhom ma jkunx hemm raġunijiet speċjali biex isir tibdil.

(2) Partikolaritajiet ta' xi tibdil fil-format użat fit-tħejjija tal-karta tal-bilanċ jew tal-kont tal-qligħ u telf ta' kumpannija skond il-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda għandhom jintwerew, u r-raġunijiet għal dak it-tibdil għandhom ikunu spjegati, fin-noti mal-kontijiet li fihom il-format il-ġdid ikun qed jintuża l-ewwel darba.

3. (1) Kull oġġett li skond il-paragrafu 1 ta' din l-Iskeda għandu jintwera fil-karta tal-bilanċ jew fil-kont tal-qligħ u telf ta' kumpannija jista' jintwera b'aktar dettal minn dak meħtieġ bil-format użat.

(2) Il-karta tal-bilanċ jew il-kont tal-qligħ u telf ta' kumpannija jistgħu jinkludu oġġett li jirrappreżenta jew li jkopri l-ammont ta' xi attiv jew passiv, dħul jew infiq li m'humiex xort'oħra koperti b'xi wieħed mill-oġġetti mniżżlin fil-format użat, iżda dawn li ġejjin ma jitqiesux bħala attiv fil-karta tal-bilanċ ta' kumpannija —

(a) l-ispejjeż ta' kull ħruġ ta' azzjonijiet jew obligazzjonijiet u l-kummissjoni fuqhom; u

(b) il-kost ta' riċerki.

Kull oġġetti addizzjonali kif intqal qabel għandhom jidħlu jew taħt intestatura jew sotto-intestatura li jkunu jeżistu jew taħt intestatura jew sotto-intestatura ġodda, skond kif jixraq.

(3) L-ordni, in-nomenklatura u t-terminoloġija ta' oġġetti fil-karta tal-bilanċ u fil-kont tal-qligħ u telf preċedenti b'numri għarabi għandhom ikunu adattati meta x-xorta speċjali ta' mpriża hekk teħtieġ.

(4) L-oġġetti li ngħatalhom numri għarabi f'xi wieħed mill-formati hawn murija jistgħu jkunu kombinati f'kontijiet individwali ta' kumpanniji f'xi żmien ta' kontijiet jekk jew —

(a) l-ammonti individwali tagħhom ma jkunux materjali biex ikunu stmati l-qagħda ta' l-affarijiet jew il-profitt jew telf tal-kumpannija għal dik is-sena; jew

(b) il-kombinazzjoni tagħmel l-istima iktar faċli;

iżda meta jkun japplika l-paragrfu (b) ta' dan is-sub-paragrafu, l-ammonti individwali ta' kull oġġetti hekk kombinati għandhom jintwerew fin-noti mal-kontijiet.

(5) Ħlief fejn hemm oġġett korrispondenti għaż-żmien tal-kontijiet preċedenti, oġġett tal-karta tal-bilanċ jew tal-kont tal-qligħ u telf li dwaru ma jkunx hemm ammont m'għandux jintwera. F'dak il-każ, l-intestatura jew is-sotto-intestatura dwar dak l-oġġett lanqas ma tintwera jekk dak ikun l-uniku oġġett imniżżel taħt dik l-intestatura jew sotto-intestatura.

4. (1) Dwar kull oġġett muri fil-karta tal-bilanċ jew fil-kont tal-qligħ u telf jew fin-noti mal-kontijiet ta' kumpannija, għandu jkun muri ukoll l-ammont korrispondenti għaż-żmien tal-kontijiet li jaħbat minnufih qabel dak li għalih il-kontijiet invidiwali jirreferu.

(2) Meta dak l-ammont korrispondenti ma jkunx jista' jitqabbel ma' l-ammont li għandu jintwera għal dak l-oġġett dwar iż-żmien tal-kontijiet li għalih jirreferu l-kontijiet individwali, l-ewwel ammont għandu jkun aġġustat u l-partikolaritajiet ta' l-aġġustament u r-raġunijiet għax ikun sar għandhom jintwerew fin-noti mal-kontijiet. Dawn l-aġġustamenti għandhom isiru skond il-prinċipji u prattika ta' *accounting* aċċettati b'mod ġenerali.

5. Ħlief kif provdut fil-paragrafu 8 ta' din l-Iskeda ma' tista' ssir ebda tpaċija bejn oġġetti ta' attiv u passiv, jew bejn oġġetti ta' dħul u nfieq.

6. (1) Sabiex jiġi stabbilit jekk xi attiv partikolari għandux jintwera bħala attiv marbut jew attiv kurrenti għandha ssir riferenza għall-iskop li għalih ikun maħsub.

(2) Attiv marbut jinkludi dak l-attiv li jkun maħsub li jinżamm fuq bażi kontinwa dwar l-attivitajiet ta' l-impriża.

(3) Meta attiv jew passiv jirreferi għal iktar minn oġġett wieħed fil-lista, ir-relazzjoni tiegħu ma' l-oġġett l-ieħor jew ma' l-oġġetti l-oħra għandha tintwera jew taħt l-oġġett fejn jidher jew fin-nota mal-kontijiet, jekk dak il-wiri jkun meħtieġ sabiex jiftiehmu l-kontijiet individwali.

(4) Azzjonijiet tal-kumpannija stess u azzjonijiet f'impriżi ta' grupp jistgħu jintwerew biss taħt l-oġġetti preskritti għal dak l-għan.

7. (1) "Proviżjonijiet għal djun jew ħlasijiet" huma maħsuba biex ikopru telf jew dejn li x-xorta tagħhom tkun definita u li fid-data tal-karta tal-bilanċ ikunu jew x'aktarx se jiġu, jew ċerti li se jiġu iżda ma jkunux ċerti dwar l-ammont jew id-data meta jkunu se jinqalgħu.

(2) "Proviżjonijiet għal djun u ħlasijiet" ma jistgħux jintużaw biex ikun aġġustat valur ta' attiv.

8. (1) "Impriża Assoċjata" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha bil-paragrafu 21 tar-Raba' Skeda ta' dan l-Att.

(2) "Bejgħ" tinkludi l-ammonti li jinkisbu mill-bejgħ ta' prodotti u l-provdiment ta' servizzi li jaqgħu taħt l-attivitajiet ordinarji tal-kumpannija, wara li jitnaqqsu skonti u taxxi tal-bejgħ li jkunu direttament marbuta mal-bejgħ.

9. (1) Dħul u ħlasijiet li jinqalgħu xort'oħra milli fil-kors ordinarju ta' l-attivitajiet tal-kumpannija għandhom jintwerew taħt "Dħul Straordinarju" u "Ħlasijiet Straordinarji".

(2) Sakemm id-dħul u l-ħlasijiet imsemmija fis-sub-pargrafu (1) ta' dan il-paragrafu ma jkunux immaterjali għall-istima tar-riżultati, spjegazzjonijiet ta' l-ammont u tax-xorta tagħhom għandhom jingħataw fin-noti mal-kontijiet. L-istess għandu japplika għal dħul u ħlasijiet dwar żmien ta' kontijiet oħra.

10. (1) Kull kont tal-qligħ u telf ta' kumpannija għandu juri l-ammont tal-qligħ jew telf tal-kumpannija fuq attivitajiet ordinarji qabel it-taxxa.

(2) Taxxi fuq il-profitt jew telf ta' attivitajiet ordinarji u taxxi fuq il-qligħ jew telf straordinarju jistgħu jintwerew b'total bħala oġġett wieħed fil-kont tal-qligħ u telf qabel "Taxxi Oħra li m'humiex murija taħt l-oġġetti ta' hawn fuq". F'dak il-każ, "Qligħ jew Telf fuq Attivitajiet Ordinarji wara t-Taxxa" għandu jitħalla barra mil-lista tal-kont tal-qligħ u telf preskritta f'din l-Iskeda.

(3) Meta din id-deroga tkun applikata għandu jintwera fin-noti tal-kontijiet il-limitu safejn it-taxxi fuq il-qligħ jew telf jolqot il-qligħ jew telf fuq attivitajiet ordinarji u l-qligħ jew telf straordinarju.

11. Kull kont tal-qligħ u telf ta' kumpannija għandu juri separatament bħala oġġetti addizzjonali:—

(a) kull ammont li jitwarrab jew li hu propost li jitwarrab għar-riżervi jew li jkun irtirat jew li hu propost li jkun irtirat, mir-riżervi; u

(b) l-ammonti aggregati:

(i) ta' kull dividendi imħallsa; u

(ii) kull dividendi proposti.

12. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandhom jiftiehmu b'riferenza għall-applikazzjoni ta' prinċipji u prattika ta' *accounting* aċċettati b'mod ġenerali biex jagħtu l-istat sewwa u xieraq skond kif imfisser fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 167 ta' dan l-Att. Għal dan l-għan ħarsien ta' *accounting standards* kif minn żmien għal żmien jistgħu jkunu magħmula skond l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy* (Kap. 281)

jew, fin-nuqqas tagħhom, ma' l-*International Accounting Standards* maħruġa mill-*International Accounting Standards Committee*, jistgħu jitqiesu li jiżguraw t-tħaris ta' prinċipji u prattika ta' *accounting* aċċettati b'mod ġenerali.

(2) Ammonti li fil-kontest partikolari ta' xi dispożizzjoni ta' din l-Iskeda ma jkunx materjali jistgħu jitħallew barra għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni.

Formati meħtieġa għal kontijiet

13. Riferenzi f'din l-Iskeda għall-oġġetti mniżżlin f'xi waħda mill-formati murija hawn taħt huma għal dawk l-oġġetti li jinqraw flimkien ma' xi whud min-noti fil-formati li japplikaw għal dawk l-oġġetti, u l-ħtieġa mposta bil-pargrafu 1 li jintwerew l-oġġetti mniżżlin f'xi format bħal dak fl-ordni adottat fil-format hi suġġetta għal kull dispożizzjoni f'dawk in-noti għal possizzjonijiet alternattivi għal xi oġġetti partikolari.

FORMATI TAL-KARTA TAL-BILANĊ — FORMAT 1

A. Kapital Azzjonarju Maħruġ u Mhux Imħallas (jista' jintwera f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

B. Spejjeż tal-Formazzjoni jistgħu jintwerew bħala l-ewwel oġġett taħt "Attiv mhux Tanġibbli"

Ċ. Attiv Marbut

1. Attiv mhux Tanġibbli

1. Kost ta' żvilupp

2. Konċessjonijiet, *patents*, liċenzi, *trade marks* u drittijiet u attivi oħra simili (jekk dawn kienu akkwistati b'konsiderazzjoni ta' valur u ma jintwerewx taħt l-avvjament jew jekk dawn kienu maħluqa mill-kumpannija nnifisha)

3. Avvjament (biss sal-limiti li dan kien akkwistat b'konsiderazzjoni ta' valur)

4. Ħlasijiet akkont

II. Attiv Tanġibbli

1. Art u bini (magħduda l-jeddijiet kollha fuq immobbli)

2. Impjant u makkinarju

3. Fissi oħra, *fittings*, għodod u tagħmir

4. Ħlasijiet akkont u attiv tanġibbli waqt il-kostruzzjoni

III. Attiv Finanzjarju

1. Azzjonijiet f'impriżi ta' grupp

2. Self lil impriżi ta' grupp

3. Azzjonijiet f'impriżi assoċjati

4. Self lil impriżi assoċjati

5. Investimenti oħra barra self

6. Self ieħor

7. Azzjonijiet tal-kumpannija nnifisha (il-valur nominali ta' l-azzjonijiet miżmuma għandhom jintwerew separatament fin-noti mal-kontijiet)

D. Attiv Kurrenti

I. Stokkijiet

1. Materja prima u oġġetti ta' konsum

2. Xogħol li jkun għadu qed jinħadem

3. Oġġetti maħduma u oġġetti biex jerġgħu jinbiegħu

4. Ħlasijiet akkont

II. Debituri (l-ammont li jkun dovut wara iktar minn sena għandu jintwera separatament għal kull oġġett inkluż taħt id-debituri)

1. Debituri tal-kummerċ

2. Ammonti dovuti minn impriżi ta' grupp

3. Ammonti dovuti minn impriżi assoċjati

4. Debituri oħra

5. Kapital azzjonarju maħruġ u mhux imħallas (jista' jintwera f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

6. Ħlasijiet bil-quddiem u dħul *accrued* (jistgħu jintwerew f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

III. Investimenti

1. Azzjonijiet f'impriżi ta' gruppi

2. Azzjonijiet tal-kumpannija nnifisha (il-valur nominali jew, ta' l-azzjonijiet miżmuma għandhom jintwerew separatament fin-noti mal-kontijiet)

3. Investimenti oħra

IV. Flus fil-bank jew fl-idejn

E. Ħlasijiet bil-quddiem u dħul *accrued* (jistgħu jintwerew f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

F. Krediturі: Ammonti li jkunu dovuti fi żmien sena

1. Self ta' obbligazzjonijiet (l-ammont ta' xi self konvertibbli għandu jintwera separatament fin-noti mal-kontijiet)

2. Self minn banek u *overdrafts*

3. Ħlasijiet riċevuti akkont (ħlasijiet riċevuti akkont ta' ordnijiet għandhom jitniżżlu hawnhekk safejn dawn ma jintwerewx bħala tnaqqis mill-istokkijiet)

4. Krediturі tal-kummerċ

5. Kambjalijiet pagabbli

6. Ammonti dovuti lil impriżi ta' grupp

7. Ammonti dovuti lil impriżi assoċjati

8. Krediturі oħra magħduda t-taxxa u s-sigurtà soċjali (l-ammonti għal krediturі dwar taxxa u sigurtà soċjali għandhom jintwerew separatament mill-ammont għal krediturі oħra)

9. *Accruals* u dħul differit

Ġ. Attiv/Passiv Nett Kurrenti (sabiex jiġi stabbilit l-ammont għal dan l-oġġett kull ammonti murija taħt "ħlasijiet bil-quddiem u dħul *accrued*" għandu jittieħed kont tagħhom kull fejn jintwerew)

Ħ. Attiv Totali nieqes Passiv Kurrenti

I. Krediturі: Ammonti li jkunu dovuti wara iktar minn sena

1. Self ta' obbligazzjonijiet (l-ammonti ta' kull self konvertibbli għandhom jintwerew separatament fin-noti mal-kontijiet)

2. Self mill-banek u *overdrafts*

3. Ħlasijiet riċevuti akkont (ħlasijiet riċevuti akkont ta' ordnijiet għandhom jintwerew hawnhekk safejn dawn ma jintwerewx bħala tnaqqis mill-istokkijiet)

4. Krediturі tal-kummerċ

5. Kambjalijiet pagabbli

6. Ammonti dovuti lil impriżi ta' grupp

7. Ammonti dovuti lil impriżi assoċjati

8. Krediturі oħra magħduda t-taxxa u s-sigurtà soċjali (l-ammonti għal krediturі dwar taxxa u sigurtà soċjali għandhom jintwerew separatament mill-ammont għal krediturі oħra)

9. *Accruals* u dħul differit

J. Proviżjonijiet għal Passiv u Ħlasijiet

1. Pensjonijiet u obbligazzjonijiet simili

2. Taxxa, inklużi taxxa differita

3. Proviżjonijiet oħra

K. Kapital u Riżervi

I. Kapital Azzjonarju Msejjaħ u Maħruġ (b'żieda, l-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ u l-ammont tal-kapital azzjonarju msejjaħ u maħruġ li jkun tħallas għandhom jintwerew separatament fin-noti mal-kontijiet)

II. Il-Kont tax-*Share Premium*

III. Riżerva ta' Rivalutazzjoni

IV. Riżervi Oħra

1. Riżerva għall-fidi ta' kapital

2. Riżerva għal azzjonijiet tal-kumpannija nnifisha

3. Riżervi provudt għalihom bl-istatut ta' l-assoċjazzjoni

4. Riżervi oħra

V. Kont tal-Qligħ u Telf

FORMATI TAL-KARTA TAL-BILANĊ — FORMAT 2

ATTIV

A. Kapital Azzjonarju Msejjaħ u Maħruġ Mhux Imħallas (jista' jintwera f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

B. Spejjeż tal-Formazzjoni (jistgħu jintwerew bħala l-ewwel oġġett taħt "Attiv mhux Tanġibbli")

Ċ. Attiv Marbut

I. Attiv mhux Tanġibbli

1. Kost ta' żvilupp

2. Konċessjonijiet, *patents*, liċenzi, *trade marks* u drittijiet u attiv oħra simili (jekk dawn kienu akkwistati b'konsiderazzjoni ta' valur u ma jintwerewx taħt l-avvjament jew jekk dawn kienu maħluqa mill-kumpannija nnifisha)

3. Avvjament (biss sal-limitu li dan kien akkwistat b'konsiderazzjoni ta' valur)

4. Ħlasijiet akkont

II. Attiv Tanġibbli

1. Art u bini (magħduda l-jeddijiet kollha fuq immobbli)

2. Impjant u makkinarju

3. Fissi oħra, *fittings*, għodod u tagħmir

4. Ħlasijiet akkont u attiv tanġibbli waqt il-kostruzzjoni

III. Attiv Finanzjarju

1. Azzjonijiet f'impriżi ta' grupp

2. Self lil impriżi ta' grupp

3. Azzjonijiet f'impriżi assoċjati

4. Self lil impriżi assoċjati

5. Investimenti oħra barra self

6. Self ieħor

7. Azzjonijiet tal-kumpannija nnifisha (il-valur nominali ta' l-azzjonijiet miżmuma għandhom jintwerew separatament)

D. Attiv Kurrenti

I. Stokkijiet

1. Materja prima u oġġetti ta' konsum

2. Xogħol li jkun qed jinħadem

3. Oġġetti maħduma u oġġetti biex jerġgħu jinbiegħu

4. Ħlasijiet akkont

II. Debituri (l-ammont li jkun dovut wara iktar minn sena għandu jintwera separatament għal kull oġġett taħt id-debituri)

1. Debituri tal-kummerċ

2. Ammonti dovuti minn impriżi ta' grupp

3. Ammonti dovuti minn impriżi assoċjati

4. Debituri oħra

5. Kapital azzjonarju msejjaħ u maħruġ mhux imħallas (jista' jintwera f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

6. Ħlasijiet bil-quddiem u dħul *accrued* (jistgħu jintwerew f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

III. Investimenti

1. Azzjonijiet f'impriżi ta' gruppi

2. Azzjonijiet tal-kumpannija nnifisha (il-valur nominali ta' l-azzjonijiet miżmuma, għandhom jintwerew separatament)

3. Investimenti oħra

IV. Flus fil-Banek jew fl-Idejn

E. Ħlasijiet bil-quddiem u Dħul *Accrued* (jistgħu jintwerew f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

PASSIV

A. Kapital u Riżervi

I. Kapital Azzjonarju Msejjaħ u Maħruġ (b'żieda, l-ammont tal-kapital azzjonarju maħruġ u l-ammont tal-kapital azzjonarju msejjaħ u maħruġ li jkun tħallas għandhom jintwerew separatament)

II. Il-Kont tax-*Share Premium*

III. Riżerva ta' Rivalutazzjoni

IV. Riżervi Oħra

1. Riżerva għall-fidi ta' kapital

2. Riżerva għal azzjonijiet tal-kumpannija innifisha

3. Riżervi provdut għalihom fl-istatut ta' l-assoċjazzjoni

4. Riżervi oħra

V. Kont tal-Qligħ u Telf

B. Proviżjonijiet għal Passiv u Ħlasijiet

1. Pensjonijiet u obbligazzjonijiet simili

2. Taxxa, inkluża taxxa differita

3. Proviżjonijiet oħra

Ċ. Krediturі (Ammonti li jkunu dovuti fi żmien sena u wara sena għandhom jintwerew separatament għal kull wieħed minn dawk l-oġġetti u t-total tagħhom jintwera separatament għal dawk l-oġġetti kollha fin-noti mal-kontijiet)

1. Self ta' obbligazzjonijiet (l-ammonti ta' kull self konvertibbli għandhom jintwerew separatament fin-noti mal-kontijiet)

2. Self mill-banek u *overdrafts*

3. Ħlasijiet riċevuti akkont (ħlasijiet riċevuti akkont ta' ordnijiet għandhom jintwerew hawnhekk safejn dawn ma jintwerewx bħala tnaqqis mill-istokkijiet)

4. Krediturі tal-kummerċ

5. Kambjalijiet pagabbli

6. Ammonti dovuti lil impriżi ta' grupp

7. Ammonti dovuti lil impriżi assoċjati

8. Krediturі oħra magħduda t-taxxa u sigurtà soċjali (l-ammont għal krediturі dwar taxxa u sigurtà soċjali għandu jintwera separat mill-ammont għal krediturі oħra)

9. *Accruals* u dħul differit (jistgħu jintwerew f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

D. *Accruals* u Dħul Differit (jistgħu jintwerew f'waħda miż-żewġ pożizzjonijiet ta' hawnhekk)

FORMATI TAL-KONT TAL-QLIGĦ U TELF

FORMAT 1

1. Bejgħ

2. Kost tal-bejgħ (wara li jkunu kalkolati kull proviżjonijiet meħtieġa għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur ta' l-attiv)

3. Qligħ jew telf gross

4. Kostijiet ta' tqassim (wara li jkunu kalkolati kull proviżjonijiet meħtieġa għal deprezzament jew tnaqqas fil-valur ta' l-attiv)

5. Spejjeż amministrattivi (wara li jkunu kalkolati kull proviżjonijiet meħtieġa għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur ta' l-attiv)

6. Dħul ieħor minn operazzjonijiet

7. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi ta' grupp

8. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi assoċjati

9. Dħul minn attiv marbut ieħor finanzjarjament (dħul, magħdud imgħax, li jinkiseb minn impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament minn dħul miksub minn għejjun oħra)

10. Mgħax ieħor riċevibbli u dħul simili (mgħax u dħul simili miksuba minn impriżi ta' grupp għandhom jintwerew separatament minn dawk miksubna minn għejjun oħra)

11. Ammonti maqtugħin dwar attiv marbut finanzjarju u investimenti miżmuma bħala attiv kurrenti

12. Mgħax pagabbli u ħlasijiet simili (l-ammont pagabbli lil impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament)

13. Taxxa fuq qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji

14. Qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji wara ħlas tat-taxxa

15. Dħul straordinarju

16. Ħlasijiet straordinarji

17. Qligħ jew telf straordinarju

18. Taxxa fuq qligħ jew telf straordinarju

19. Taxxi oħra mhux murija hawn fuq

20. Qligħ jew telf għaż-żmien tal-kontijiet

L-ammont ta' kull proviżjonijiet għal deprezzament u tnaqqis fil-valur ta' attiv marbut tanġibbli jew mhux tanġibbli, magħduda spejjeż ta' formazzjoni, li għandhom jintwerew taħt 7(a) u A(4)(a) rispettivament fil-Formati 2 u 4 għandhom jintwerew fin-noti mal-kontijiet f'kull każ meta l-kont tal-qligħ u telf jitħejja b'riferenza għal dan il-Format.

FORMATI TAL-KONT TAL-QLIGĦ U TELF — FORMAT 2

1. Bejgħ

2. Tibdil fl-istokkijiet ta' oġġetti maħduma u xogħol li jkun qed jinħadem

3. Ix-xogħol tal-kumpannija nnifisha kapitalizzat

4. Dħul ieħor minn operazzjonijiet

5. (a) Materja prima u oġġetti ta' konsum
(b) Ħlasijiet esterni oħra

6. Kost ta' persunal:—

(a) pagi u salarji
(b) kost ta' sigurtà soċjali
(ċ) kost ieħor ta' pensjonijiet

7. (a) Deprezzament u ammonti oħra maqtugħin minn attiv marbut tanġibbli u mhux tanġibbli, magħduda spejjeż ta' formazzjoni

(b) Ammonti eċċezzjonali maqtugħin minn attiv kurrenti

8. Ħlasijiet oħra għal operazzjonijiet

9. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi ta' grupp

10. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi assoċjati

11. Dħul minn attiv marbut ieħor finanzjarju (dħul, magħdud imgħax, li jinkiseb minn impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament minn dħul miksub minn għejjun oħra)

12. Imgħax ieħor riċevibbli u dħul simili (imgħax u dħul simili miksuba minn impriżi ta' grupp għandhom jintwerew separatament minn dawk miksuba minn għejjun oħra)

13. Ammonti maqtugħin dwar attiv marbut finanzjarju u investimenti miżmuma bħala attiv kurrenti

14. Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili (l-ammont pagabbli lil impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament)

15. Taxxa fuq qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji

16. Qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji wara ħlas tat-taxxa

17. Dħul straordinarju

18. Ħlasijiet straordinarji

19. Qligħ jew telf straordinarju

20. Taxxa fuq qligħ jew telf straordinarju

21. Taxxi oħra mhux murija hawn fuq

22. Qligħ jew telf għas-sena finanzjarja

FORMATI TAL-KONT TAL-QLIGĦ U TELF — FORMAT 3

A. Ħlasijiet

1. Kost tal-bejgħ (wara li jkunu kalkolati kull proviżjonijiet meħtieġa għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur ta' l-attiv)

2. Kostijiet ta' tqassim (wara li jkunu kalkolati kull proviżjonijiet meħtieġa għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur ta' l-attiv)

3. Spejjeż amministrattivi (wara li jkunu kalkolati kull proviżjonijiet meħtieġa għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur ta' l-attiv)

4. Ammonti maqtugħin dwar attiv marbut finanzjarju u investimenti miżmuma bħala attiv kurrenti

5. Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili (l-ammont pagabbli lil impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament)

6. Taxxa fuq qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji

7. Qligħ jew telf fuq attivitajiet ordinarji wara ħlas tat-taxxa

8. Ħlasijiet straordinarji

9. Taxxa fuq qligħ jew telf straordinarju

10. Taxxi oħra mhux murija hawn fuq

11. Qligħ jew telf għaż-żmien tal-kontijiet

B. Dħul

1. Bejgħ

2. Dħul ieħor minn operazzjoniiet

3. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi ta' grupp

4. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi assoċjati

5. Dħul minn attiv fiss ieħor finanzjarju (dħul, magħdud imgħax, li jinkiseb minn impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament minn dħul miksub minn għejjun oħra)

6. Imgħax ieħor riċevibbli u dħul simili (imgħax u dħul simili miksuba minn impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament minn dħul miksub minn għejjun oħra)

7. Qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji wara ħlas tat-taxxa

8. Dħul straordinarju

9. Qligħ jew telf għall-perjodu ta' kontijiet

L-ammont ta' kull proviżjonijiet għal deprezzament u tnaqqis fil-valur ta' attiv marbut tanġibbli jew mhux tanġibbli, magħduda spejjeż ta' formazzjoni, li għandhom jintwerew taħt 7(a) u A(4)(a) rispettivament fil-Formati 2 u 4 għandhom jintwerew fin-noti mal-kontijiet f'kull każ meta l-kont tal-qligħ u telf jitħejja b'riferenza għal dan il-Format.

FORMATI TAL-KONT TAL-QLIGĦ U TELF — FORMAT 4

A. Ħlasijiet

1. Tnaqqis fl-istokkijiet ta' oġġetti maħduma u xogħol li jkun qed jinħadem

2. (a) Materja prima u oġġetti ta' konsum
(b) Ħlasijiet esterni oħra

3. Kost ta' persunal:—

(a) pagi u salarji
(b) kost ta' sigurtà soċjali
(ċ) kost ieħor ta' pensjonijiet

4. (a) Deprezzament u ammonti oħra maqtugħin minn attiv marbut tanġibbli u mhux tanġibbli, magħduda spejjeż ta' formazzjoni

(b) Ammonti eċċezzjonali maqtugħin minn attiv kurrenti

5. Ħlasijiet oħra għal operazzjonijiet

6. Ammonti maqtugħin dwar attiv marbut finanzjarju u investimenti miżmuma bħala attiv kurrenti

7. Imgħax pagabbli u ħlasijiet simili (l-ammont pagabbli lil impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament)

8. Taxxa fuq qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji

9. Qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji wara ħlas tat-taxxa

10. Ħlasijiet straordinarji

11. Taxxa fuq qligħ jew telf straordinarju

12. Taxxi oħra mhux murija hawn fuq

13. Qligħ jew telf għas-sena finanzjarja

B. Dħul

1. Bejgħ

2. Żidiet fi stokkijiet ta' oġġetti maħduma u xogħol li jkun qed jinħadem

3. Ix-xogħol tal-kumpannija nnifisha kapitalizzat

4. Dħul ieħor minn operazzjonijiet

5. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi ta' grupp

6. Dħul minn azzjonijiet f'impriżi assoċjati

7. Dħul minn attiv marbut ieħor finanzjarju (dħul, magħdud imgħax, li jinkiseb minn impriżi ta' grupp għandhom jintwerew separatament minn dawk miksuba minn għejjun oħra)

8. Imgħax ieħor riċevibbli u dħul simili (imgħax u dħul simili miksuba minn impriżi ta' grupp għandu jintwera separatament minn dak miksub minn għejjun oħra)

9. Qligħ jew telf minn attivitajiet ordinarji wara ħlas tat-Taxxa

10. Dħul straordinarju

11. Qligħ jew telf għas-sena finanzjarja

TAQSIMA II — PRINĊIPJI U REGOLI TA' *ACCOUNTING*

Prinċipji ta' *accounting*

14. Oġġetti murija f'kontijiet individwali għandhom ikunu valutati skond il-prinċipji ġenerali li ġejjin —

(a) il-kumpannija titqies li qed tmexxi n-negozju tagħha bħala mpriża attiva;

(b) il-metodi ta' valutazzjoni għandhom ikunu applikati konsistentement minn żmien ta' kontijiet għall-ieħor;

(ċ) valutazzjoni għandha ssir bil-prudenza b'mod partikolari:—

(i) jista' jkun nkluż biss qligħ, fil-kont ta' qligħ u telf, magħmul fid-data tal-karta tal-bilanċ;

(ii) għandhom jitqiesu kull passiv prevedibbli u kull telf potenzjali li jinqalgħu matul iż-żmien tal-kontijiet jew qabel, ukoll jekk dak il-passiv jew telf isir jidher biss bejn id-data tal-karta tal-bilanċ u d-data li fiha din issir;

(iii) għandu jitqies kull deprezzament sew jekk il-perijodu tal-kontijiet jirriżulta fi qligħ jew fi profitt;

(d) għandhom jitqiesu d-dħul u l-ħlasijiet li jirreferu għall-perijodu tal-kontijiet, tkun xi tkun id-data li d-dħul ikun riċevut jew li l-ħlas isir;

(e) l-oġġetti li jagħmlu parti mill-attiv u mill-passiv għandhom ikunu valutati separatament;

(f) il-karta tal-bilanċ fil-bidu ta' żmien tal-kontijiet għandha tkun taqbel mal-karta tal-bilanċ ta' l-egħluq għaż-żmien tal-kontijiet ta' qabel.

Regoli dwar kontijiet b'kost storiku

15. (1) L-ispejjeż ta' formazzjoni murija bħala attiv fil-karta tal-bilanċ għandhom jinqatgħu fi żmien ta' mhux iktar minn ħames snin.

(2) L-ammonti mniżżlin taħt "Spejjeż ta' Formazzjoni" għandhom ikunu mfissra fin-noti tal-kontijiet.

16. (1) Fil-każ ta' attiv marbut li l-ħajja ta' l-użu ekonomiku tiegħu tkun limitata, l-ammont —

(a) tal-prezz li bih ikun inxtara jew tal-kost tal-produzzjoni tiegħu; jew

(b) meta jkun kalkolat li dak l-attiv ikollu valur residwu meta jispiċċa ż-żmien tal-ħajja ta' l-użu ekonomiku tiegħu, tal-prezz li bih ikun inxtara jew tal-kost tal-produzzjoni tiegħu nieqes il-valur residwu kalkolat,

għandu jitnaqqas billi jsiru proviżjonijiet għal deprezzament maħsuba biex jaqtgħu dak l-ammont b'mod sistematiku matul il-ħajja ta' l-użu ekonomiku ta' dak l-attiv. Dawk il-proviżjonijiet għandhom jidħlu fil-kont ta' qligħ u telf.

(2) Il-prezz tax-xiri ta' attiv għandu jkun stabbilit billi mal-prezz mħallas jiżdiedu kull spejjeż inċidentali għall-akkwist tiegħu.

(3) Il-kost tal-produzzjoni ta' attiv għandu jkun stabbilit billi mal-prezz tax-xiri tal-materja prima u ta' l-oġġetti ta' konsum li jkunu wżati jiżdied l-ammont tal-kost li jkun sar mill-kumpannija li jkun attribwiti għall-produzzjoni ta' dak l-attiv.

(4) B'żieda mal-kost speċifikat fis-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu għandhom jiżdiedu mal-kost tal-produzzjoni ta' attiv —

(a) proporzjon xieraq tal-kostijiet li jkunu saru mill-kumpannija li jkunu biss indirettament attribwiti għall-produzzjoni ta' l-attiv, iżda biss sal-limitu li dawn jirrefru għaż-żmien tal-produzzjoni; u

(b) imgħax fuq kapital li jinsilef biex jiffinanzja l-produzzjoni ta' dak l-attiv, sal-limitu li jirreferi għaż-żmien tal-produzzjoni. Iż-żieda ta' dak l-imgħax u l-ammont tiegħu għandha tintwera fin-noti tal-kontijiet.

(5) Investimenti għandhom jiġu kkuntjati skond ir-regoli li ġejjin —

(a) investimenti għandhom ikunu nklużi fil-kontijiet individwali tal-kumpannija bl-użu tal-metodu tal-kost:

Iżda fil-każ ta' nteressi parteċipanti l-metodu ta' ekwità jista' jintuża kif hemm provdut fil-paragrafi 20 u 21 tar-Raba' Skeda ma' dan l-Att;

(b) il-metodu tal-kost imsemmi fis-sub-paragrafu 5(a) ta' dan il-paragrafu huwa metodu ta' kontijiet fejn l-investiment ikun reġistrat bil-kost. Il-kont tal-qligħ u telf juri dħul minn investiment biss sal-limitu li t-tqassim ikun riċevut jew jista' jiġi riċevut mill-investitur mill-profitti netti akkumulati ta' l-investiment li jkun hemm wara d-data ta' l-akkwist;

(ċ) meta l-metodu ta' ekwità tal-kontijiet ikun użat fil-każ ta' nteressi parteċipanti d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 21 tar-Raba' Skeda ma' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* u riferenzi għal kontijiet konsolidati, karta ta' bilanċ konsolidata, il-kont tal-qligħ u telf konsolidat u noti għall-kont konsolidat għandhom hekk jinftiehmu;

(d) fejn il-proporzjon ta' profitt mill-interessi parteċipanti jaqbeż l-ammont ta' diviendi li jkunu diġà ġew riċevuti jew li l-pagament tagħhom jista' jintalab, l-ammont tad-differenza għandu jitqiegħed f'riżerva li m'għandhiex titqassam lill-azzjonisti.

17. (1) Meta attiv marbut finanzjarju jkun naqas fil-valur, tista' ssir proviżjoni dwaru għat-tnaqqis fil-valur u l-ammont li għandu jkun inkluż dwaru jista' jitnaqqas bl-istess mod. Kull proviżjonijiet bħal dawk għandhom jidħlu fil-kont tal-qligħ u telf u jekk ma jintwerewx separatament fil-kont tal-qligħ u telf għandhom jintwerew (jew separatament jew fit-total) fin-noti tal-kontijiet:

Iżda kumpannija ta' nvestiment tista', sakemm turi kollox fin-noti tal-kontijiet, tpaċi dawk il-proviżjonijiet għal tnaqqis fil-valur ta' l-investimenti direttament mal-kapital u riżervi. Ammonti bħal dawn għandhom jintwerew separatament fil-karta tal-bilanċ:

Iżda wkoll, fil-każ ta' kumpannija ta' nvestiment b'kapital varjabbli, l-ammonti m'għandhomx jintwerew separatament fil-karta tal-bilanċ kif provdut fil-proviso ta' qabel dan.

(2) Għandha ssir ukoll proviżjoni għal tnaqqis fil-valur dwar kull attiv marbut li jkun naqas fil-valur meta t-tnaqqis fil-valur hu mistenni li jkun permanenti (sew jekk il-ħajja ekonomika tiegħu tkun limitata u sew jekk le), u l-ammont li għandu jkun inkluż dwaru għandu jitnaqqas bl-istess mod. Kull proviżjoni bħal dik għandha tidħol fil-kont tal-qligħ u telf u jekk ma tkunx murija separatament fil-kont tal-qligħ u telf għandha tintwera (jew separatament jew fit-total) fin-noti tal-kontijiet.

(3) Meta r-raġunijiet li għalihom tkun saret proviżjoni skond is-sub-paragrafu (1) jew (2) ta' dan il-paragrafu jieqfu milli japplikaw sa xi limitu, il-proviżjoni għandha tiżdied lura sal-limitu li ma tkunx iktar meħtieġa. Kull ammonti miżjudin lura skond dan is-sub-paragrafu li ma jintwerewx separatament fil-kont tal-qligħ u telf għandhom jintwerew (jew separatament jew fit-total) f'nota tal-kontijiet.

18. (1) Minkejja li oġġett dwar "kostijiet ta' żvilupp" jitniżżel taħt "attiv marbut" fil-formati tal-karta tal-bilanċ li jinsabu f'din l-Iskeda, kull ammont jista' biss jidħol fil-karta tal-bilanċ ta' kumpannija dwar kostijiet ta' żvilupp f'ċirkostanzi speċjali.

(2) Jekk xi ammont jitniżżel fil-karta tal-bilanċ dwar kostijiet ta' żvilupp it-tagħrif li ġej għandu jingħata fin-noti tal-kontijiet —

(a) iż-żmien li matulu l-ammont ta' dawk il-kostijiet oriġinarjament kapitalizzati jkun qed jew ikun se jinqata'; u

(b) ir-raġunijiet għaliex dawk il-kostijiet ta' żvilupp ikunu ġew kapitalizzati.

19. (1) Meta avvjament jitqies bħala attiv għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan il-paragrafu.

(2) Bla ħsara għall-paragrafi (3) u (4) ta' dan il-paragrafu, l-ammont tal-konsiderazzjoni għal xi avvjament akkwistat minn kumpannija għandu jitnaqqas bi proviżjonijiet għal ammotizzament kalkolata biex jinqatà dak l-ammont b'mod sistematiku matul żmien magħżul mid-diretturi tal-kumpannija.

(3) Iż-żmien magħżul m'għandux ikun itwal mill-ħajja ta' l-użu ekonomiku ta' dak l-avvjament.

(4) F'kull każ meta xi avvjament akkwistat minn kumpannija jintwera jew ikun inkluż bħala attiv fil-karta tal-bilanċ tal-kumpannija ż-żmien magħżul biex tkun maqtugħa l-konsiderazzjoni ta' dak l-avvjament u r-raġunijiet għaliex ingħażel dak iż-żmien għandhom jintwerew fin-noti tal-kontijiet.

20. (1) Bla ħsara għall-paragrafu li ġej, attiv li għandu jkun inkluż —

(a) ma' l-attiv marbut ta' kumpannija taħt "attiv tanġibbli"; jew

(b) ma' l-attiv kurrenti ta' kumpannija taħt "materja prima u oġġetti ta' konsum";

jista' jkun inkluż fi kwantità u valur fissi.

(2) Is-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu japplika għal attiv ta' xorta li jkun qed jinbidel kontinwament, meta —

(a) il-valur totali tiegħu ma jkunx materjali biex tkun stmata l-qagħda ta' kumpannija; u

(b) il-kwantità, il-valur u l-kompożizzjoni tiegħu ma jkunux suġġetti għal tibdil materjali.

21. (1) Bla ħsara għas-sub-paragrafi (2) u (3) ta' dan il-paragrafu, l-ammont li għandu jkun inkluż dwar xi attiv kurrenti għandu, safejn applikabbli, ikun il-prezz tax-xiri jew il-kost tal-produzzjoni.

(2) Meta l-valur nett li jġib xi attiv kurrenti jkun inqas mill-prezz tax-xiri jew mill-kost tal-produzzjoni tiegħu, l-ammont li għandu jkun inkluż dwar dak l-attiv ikun il-valur nett li jġib.

(3) Meta r-raġunijiet li għalihom tkun saret proviżjoni għal tnaqqis fil-valur skond is-sub-paragrafu (2) ta' dan il-paragrafu jieqfu milli japplikaw sa xi limitu, dik il-proviżjoni għandha tiżdied lura sal-limitu li ma tkunx iktar meħtieġa.

22. Il-metodu ta' kif jiġi stabbilit il-prezz tax-xiri u l-metodu ta' kif jiġi stabbilit il-kost tal-produzzjoni mogħtija fil-paragrafu 16 ta' din l-Iskeda għandhom japplikaw għal-finijiet tal-paragrafu 21 ta' din l-Iskeda. Barra minn hekk, kostijiet ta' tqassim ma jistgħux ikunu nklużi fil-kostijiet tal-produzzjoni.

23. (1) Bla ħsara għall-kwalifika imsemmija fis-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu, il-prezz tax-xiri jew il-prezz tal-produzzjoni —

(a) ta' xi attiv li għandu jitniżżel taħt xi oġġett li jidhru fil-karta tal-bilanċ ta' kumpannija taħt is-sotto-intestatura "stokkijiet"; u

(b) ta' xi attiv li hu attiv funġibbli (magħduda investimenti);

għandu jkun stabbilit bl-applikazzjoni ta' xi wieħed mill-metodi msemmija fis-sub-paragrafu (2) ta' dan il-paragrafu dwar kull attiv bħal dak fl-istess klassi.

(2) Il-metodi msemmija fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu huma —

(a) il-metodu magħruf bħala "first in, first out" (FIFO);

(b) il-metodu tal-prezz medju *weighted*; u

(ċ) kull metodu ieħor simili għal xi wieħed mill-metodu hawn fuq imsemmija.

(3) Il-metodu fil-fatt magħżul għall-finijiet ta' dan il-paragrafu għandu jkun dak li fil-fehma tad-diretturi jkun xieraq għaċ-ċirkostanzi tal-kumpannija.

(4) Meta fil-każ ta' xi kumpannija —

(a) il-prezz tax-xiri jew il-kost tal-produzzjoni ta' attiv għandu jkun inkluż taħt xi oġġett li jidher fil-karta tal-bilanċ tal-kumpannija jkun ġie stabbilit bl-applikazzjoni ta' xi metodu permess b'dan il-paragrafu; u

(b) l-ammont muri dwar dak l-oġġett ivarja materjalment mill-ammont alternattiv rilevanti mogħti fis-sub-paragrafu (4) ta' dan il-paragrafu,

l-ammont ta' dik id-differenza għandu jintwera fin-noti tal-kontijiet.

(5) Bla ħsara għas-sub-paragrafu (5) ta' dan il-paragrafu, għall-finijiet tas-sub-paragrafu 3(b) ta' dan il-paragrafu, l-ammont alternattiv rilevanti, dwar xi oġġett li jidher fil-karta tal-bilanċ ta' kumpannija, huwa dak l-ammont li kien ikun muri dwar dak l-oġġett jekk attiv ta' xi klassi nkluż taħt dak l-oġġett b'ammont stabbilit b'xi mod permess b'dan il-paragrafu kien minflok inkluż fil-kost tar-ripjazzament tiegħu fid-data tal-karta tal-bilanċ.

(6) L-ammont alternattiv rilevanti jista' jiġi stabbilit b'riferenza għall-prezz tax-xiri jew kost tal-produzzjoni attwali u l-iktar riċenti qabel id-data tal-karta tal-bilanċ, ta' attiv ta' xi klassi mħdaħħla taħt l-oġġett li jkun, minflok milli b'riferenza għall-kost tar-ripjazzjament tiegħu f'dik id-data, iżda biss jekk l-ewwel metodu, fil-fehma tad-diretturi tal-kumpannija, jikkostitwixxi livell ta' paragun iktar xieraq fil-każ ta' attiv ta' dik il-klassi.

(7) Għall-fini ta' dan il-paragrafu, attiv ta' xi deskrizzjoni jitqies bħala funġibbli jekk l-elementi ta' l-attiv ta' dik id-deskrizzjoni ma jkunux jistgħu sostanzjalment jintgħarfu minn xulxin.

24. (1) Meta l-ammont li għandu jitħallas lura fuq xi dejn li jkollha tagħti kumpannija jkun iktar mill-valur tal-konsiderazzjoni riċevuta fit-transazzjoni li tkun is-suġġett tad-dejn, l-ammont tad-differenza jista' jiġi trattat bħala attiv.

(2) Meta xi ammont kif imsemmi fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu jkun ittrattat bħala attiv —

(a) dan għandu jinqata' b'ammonti xierqa kull sena;

(b) dan għandu jinqata' għal kollox qabel il-ħlas lura tad-dejn; u

(ċ) jekk l-ammont kurrenti ma jintweriex separatament fil-karta tal-bilanċ tal-kumpannija dan għandu jintwera fin-noti tal-kontijiet.

25. (1) Proviżjonijiet għal passiv u ħlasijiet ma jistgħux jeċċedu fl-ammont dak li b'mod xieraq ikun meħtieġ.

(2) Il-proviżjonijiet murija fil-karta tal-bilanċ taħt "Proviżjonijiet Oħra" għandhom jintwerew fin-noti tal-kontijiet meta dawn ikunu materjali.

Regoli alternattivi ta' *accounting*

26. (1) Bla ħsara għall-paragrafi 28, 29 u 30 ta' din l-Iskeda, l-ammonti li għandhom ikunu nklużi dwar attiv ta' xi deskrizzjoni msemmi fil-paragrafu 27 ta' din l-Iskeda jistgħu jiġu stabbiliti fuq kull bażi msemmija f'dak il-paragrafu.

(2) Riferenzi fil-paragrafi minn 27 sa 30 ta' din l-Iskeda għal "regoli ta' diprezzament" huma għar-regoli li jinsabu fil-paragrafi 16, 17, 18, 20, 21 u 24 ta' din l-Iskeda.

27. (1) Attiv marbut tanġibbli jista' jkun inkluż bil-valur tas-suq stabbilit fid-data ta' l-aħħar valutazzjoni tiegħu.

(2) Investimenti ta' kull deskrizzjoni li għandhom ikunu nklużi taħt xi wieħed mill-formati tal-karta tal-bilanċ li jinsabu fit-Taqsima I ta' din l-Iskeda jistgħu jkunu nklużi jew —

(a) bil-valur tas-suq stabbilit fid-data ta' l-aħħar valutazzjoni tagħhom; jew

(b) bil-valur stabbilit fuq xi bażi li fil-fehma tad-diretturi tkun xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-kumpannija;

iżda fil-każ ta' l-aħħar, il-partikolaritajiet tal-metodu ta' valutazzjoni użat u r-raġunijiet għaliex intuża għandhom jintwerew fin-noti tal-kontijiet.

(3) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' din l-Iskeda investimenti li fihom kumpanniji ta' nvestiment ikun investew il-fondi tagħhom għandhom ikunu valutati fuq il-bażi tal-valur tas-suq stabbilit fid-data tal-karta tal-bilanċ.

28. (1) Meta l-valur ta' xi attiv ikun ġie stabbilit fuq il-bażi msemmija fil-paragrafu 27 ta' din l-Iskeda dak il-valur għandu jkun il-punt ta' tluq sabiex ikun stabbilit l-ammont li għandu jkun inkluż dwar dak l-attiv fil-kontijiet individwali tal-kumpannija, minflok il-prezz tax-xiri jew il-kost tal-produzzjoni jew xi valur li qabel ikun ġie hekk stabbilit għal dak l-attiv; u r-regoli ta' deprezzament għandhom japplikaw bl-istess mod dwar kull attiv bħal dak bis-sostituzzjoni minflok kull riferenza tal-prezz tax-xiri jew tal-kost tal-produzzjoni tiegħu, ta' riferenza għall-valur l-aħħar stabbilit għal dak l-attiv fuq xi bażi msemmija fil-paragrafu 27 ta' din l-Iskeda.

(2) L-ammont ta' xi proviżjoni meħtieġa għal deprezzament fil-każ ta' xi attiv marbut kif japplika bis-saħħa tas-sub-paragrfu (1) ta' dan il-paragrafu qed jissejjaħ fis-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu bħala l-ammont aġġustat u l-ammont ta' kull proviżjoni li tkun meħtieġa dwar dak l-attiv skond ir-regoli ta' *accounting* għall-kost storiku qed jissejjaħ l-ammont tal-kost storiku.

(3) Meta s-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu japplika fil-każ ta' xi attiv marbut, l-ammont ta' kull proviżjoni għal deprezzament dwar dak l-attiv —

(a) inkluż f'xi oġġett muri fil-kont ta' qligħ u telf dwar l-ammonti maqtugħin kontra l-attiv tad-deskrizzjoni li tkun; jew

(b) li jkun meqjus fid-dikjarazzjoni ta' xi oġġett hekk muri li hu bin-noti fil-formati tal-kont ta' qligħ u telf li jinsabu fit-Taqsima I ta' din l-Iskeda meħtieġ li jkun dikjarat wara li jitqiesu kull proviżjonijiet meħtieġa għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur ta' attiv inkluż taħtu,

jista' jkun l-ammont tal-kost storiku minflok l-ammont aġġustat, kemm-il darba l-ammont ta' xi differenza bejn it-tnejn ikun meqjus fil-kont ta' qligħ u telf u muri separatament fih jew fin-noti tal-kontijiet.

29. (1) Dan il-paragrafu japplika meta l-ammonti li għandhom ikunu nklużi dwar attiv li jkun kopert b'xi oġġett muri fil-kontijiet individwali tal-kumpannija jkun ġie stabbilit fuq xi bażi msemmija fil-paragrafu 27 ta' din l-Iskeda.

(2) L-oġġetti milqutin u l-bażi ta' valutazzjoni wżata sabiex jiġu stabbiliti l-ammont ta' l-attiv li jkunu fil-każ ta' kull oġġett bħal dak għandhom ikunu murija fin-noti tal-kontijiet.

(3) Fil-każ ta' kull oġġett tal-karta tal-bilanċ milqut —

(a) l-ammonti komparabbli stabbiliti skond ir-regoli ta' *accounting* għall-kost storiku; jew

(b) id-differenzi bejn dawk l-ammonti u l-ammonti korrispondenti li fil-fatt ikunu murija fil-karta tal-bilanċ dwar dak l-oġġett,

għandhom jintwerew separatament fil-karta tal-bilanċ jew fin-noti tal-kontijiet.

(4) Fis-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu, riferenzi dwar xi oġġett għall-ammonti komparabbli stabbiliti kif hemmhekk imsemmi huma riferenzi għal —

(a) l-ammont aggregat li jkun meħtieġ li jintwera dwar dak l-oġġetti jekk l-ammonti li għandhom ikunu nklużi dwar l-attiv kollu kopert b'dak l-oġġett kienu stabbiliti skond ir-regoli ta' *accounting* għal kost storiku; u

(b) l-ammont aggregat tal-proviżjonijiet kumulattivi għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur li jkun permess jew meħiteġ sabiex ikunu stabbiliti dawk l-ammonti skond dawk ir-regoli.

30. (1) Dwar biex jiġi stabbilit il-valur ta' attiv tal-kumpannija fuq xi bażi msemmija fil-paragrafu 27 ta' din l-Iskeda l-ammont ta' kull qligħ jew telf li joħroġ meta l-valur ikun qed jiġi hekk stabbilit għandu jkun kreditat jew, skond il-każ, debitat lil riżerva separata li għandha tissejjaħ "ir-riżerva ta' rivalutazzjoni" wara li jitqiesu, meta xieraq, kull proviżjonijiet għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur li jkun sar xort'oħra milli b'riferenza għall-valur hekk stabbilit u għal kull aġġustamenti ta' kull proviżjonijiet bħal dawk magħmula mħabba dak l-istabbiliment.

(2) L-ammont ta' riżerva ta' rivalutazzjoni għandu jintwera fil-karta tal-bilanċ tal-kumpannija taħt sotto-intestatura separata fil-pożizzjoni mogħtija għall-oġġett "riżerva ta' rivalutazzjoni fil-format 1 jew 2 tal-formati tal-karta tal-bilanċ li jinsabu f'dik l-Iskeda, iżda ma jkunx hemm għalfejn jintwerew taħt dak l-isem.

(3) Ir-riżerva ta' rivalutazzjoni għandha titnaqqas sal-limitu li l-ammonti li jkunu fil-kreditu ta' dik ir-riżerva ma jkunux, fil-fehma tad-diretturi, iktar meħtieġa għall-fini tal-*policies* ta' *accounting* adottati mill-kumpannija; iżda ammont jista' jkun biss trasferit mir-riżerva għall-kont ta' qligħ u telf jekk —

(a) l-ammont li jkun qabel kien tnaqqas minn dak il-kont; jew

(b) ikunu jirrappreżenta profitt realizzat.

(4) Kull ammonti trasferiti mir-riżerva ta' valutazzjoni għall-kont ta' qligħ u telf skond id-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrfu għandhom jintwerew separatament fil-kont ta' qligħ u telf.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu l-bilanċ li jitqiegħed għall-kreditu tar-riżerva ta' rivalutazzjoni jista' jkun kapitalizzat għal kollox jew f'parti f'kull ħin.

(6) It-trattament għall-fini ta' taxxa ta' ammonti kreditati jew debitati fir-riżerva ta' valutazzjoni għandu jintwera fin-noti tal-kontijiet.

TAQSIMA III — IN-NOTI TAL-KONTIJIET

31. Kull tagħrif meħtieġ fil-każ ta' kull kumpannija bid-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandu, jekk ma jingħatax fil-karta tal-bilanċ jew fil-kont ta' qligħ u telf, jingħata bħala n-noti tal-kontijiet. Għall-anqas għandu jingħata tagħrif dwar il-ħwejjeġ li ġejjin —

(a) Il-metodi ta' valutazzjoni applikati għad-diversi oġġetti fil-kontijiet individwali, u l-metodi użati fil-kalkolu tal-proviżjonijiet għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur. Għal oġġetti nklużi fil-kontijiet individwali li huma jew li oriġinarjament kienu espressi f'munita barranija, il-bażijiet ta' kostruzzjoni użati biex dawn ikunu espressi f'munita lokali għandhom jintwerew;

(b) In-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet sottoskritti matul iż-żmien tal-kontijiet fil-limiti tal-kapital awtorizzat;

(ċ) Meta jkun hemm iktar minn klassi waħda ta' azzjonijiet, in-numru u l-valur nominali għal kull klassi, dwar kemm l-azzjonijiet awtorizzati kif ukoll dawk maħruġa;

(d) L-eżistenza ta' xi ċertifikati ta' parteċipazzjoni, obbligazzjonijiet konvertibbli jew sigurtajiet jew drittijiet bħal dawn, flimkien ma' indikazzjoni tan-numru tagħhom u d-dritt li jagħtu;

(e) Tagħrif dwar l-akkwist minn kumpannija ta' l-azzjonijiet tagħha stess, jew minnha nnifisha jew bil-mezz ta' persuna li taġixxi f'isimha stess iżda għan-nom tal-kumpannija, dwar —

(i) ir-raġuniiet għall-akkwisti li jkunu saru fiż-żmien tal-kontijiet;

(ii) in-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet akkwistati u trasferiti matul iż-żmien tal-kontijiet u l-proporzjon tal-kapital azzjonarju maħruġ li jirrappreżentaw;

(iii) fil-każ ta' akkwist jew trasferiment għal valur, il-konsiderazzjoni għall-azzjonijiet;

(iv) in-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet kollha akkwistati u miżmuma mill-kumpannija u l-proporzjon tal-kapital azzjonarju maħruġ li jirrappreżentaw;

(f) L-isem, l-uffiċċju reġistrat u x-xorta ta' kull waħda mis-soċjetajiet li tagħhom il-kumpannija tkun membru b'responsabbiltà mhux limitata; iżda dan it-tagħrif jista' jitħalla barra jekk ma jkunx materjali;

(ġ) Informazzjoni dwar kull oġġett li jintwera jew li kieku mhux għas-sub-paragrafu (4)(b) tal-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda kien jintwera taħt l-oġġett ġenerali "attiv marbut" fil-karta tal-bilanċ tal-kumpannija dwar —

(i) l-ammont tal-prezz tax-xiri jew tal-kost tal-produzzjoni, u jitħalla barra minnu d-deprezzament jew tnaqqis fil-valur dwar dak l-oġġett, fid-data tal-bidu taż-żmien tal-kontijiet u fid-data tal-karta tal-bilanċ rispettivament;

(ii) l-effett fuq kull ammont muri fil-karta tal-bilanċ dwar dak l-oġġett fi —

— kull reviżjoni ta' l-ammont dwar xi attiv inkluż f'dak l-oġġett li tkun saret matul dak iż-żmien,

— akkwisti ta' xi attiv magħmula matul dak iż-żmien,

— disponimenti ta' xi attiv magħmula matul dak iż-żmien, u

— kull trasferimenti ta' attiv tal-kumpannija minn jew għal dak l-oġġett matul dak iż-żmien;

(ħ) Dwar kull oġġett li jaqa' taħt l-*indent* (ġ) ta' dan il-paragarfu —

(i) l-ammont kumulattiv ta' proviżjonijiet għal deprezzament jew tnaqqis fil-valur ta' attiv inkluż taħt dak l-oġġett f'kull waħda mid-dati msemmija fl-*indent* (ġ) (i) ta' dan il-paragrafu;

(ii) l-ammont ta' kull proviżjonijiet bħal dawk dwar iż-żmien tal-kontijiet;

(iii) l-ammont ta' kull aġġustamenti dwar xi proviżjonijiet bħal dawk magħmula matul dak iż-żmien minħabba disponiment ta' xi attiv; u

(iv) l-ammont ta' kull aġġustamenti oħra magħmula dwar xi proviżjonijiet bħal dawk matul dak iż-żmien;

(i) It-tagħrif li hu meħtieġ li jintwera bis-saħħa ta' l-*indents* (ġ) u (ħ) ta' dan il-paragrafu għandu jkun ukoll provdut fil-każ ta' "Spejjeż ta' Formazzjoni" meta dan l-oġġett jintwera separatament minn "Attiv Marbut" fil-karta tal-bilanċ.

(j) Ammonti dovuti mill-kumpannija u li jkunu dovuti u li jkollhom jitħallsu wara iktar minn ħames snin kif ukoll id-djun kollha tal-kumpannija li għalihom tkun ingħatat garanzija ta' valur mill-kumpannija b'indikazzjoni tax-xorta u l-forma tal-garanzija. It-tagħrif għandu jintwera saparatament għal kull oġġett tal-krediturі, kif provdut fil-formati deskritti fit-Taqsima I ta' din l-Iskeda;

(k) L-ammont totali ta' kull rabtiet finanzjarji li ma jkunux inklużi fil-karta tal-bilanċ, safejn dak it-tagħrif ikun ta' għajnuna biex tkun stmata l-qagħda finanzjarja. Kull rabtiet dwar pensjonijiet u mpriżi ta' grupp għandhom jintwerew separatament;

(l) Il-bejgħ skond kif imfisser fil-paragrafu 8 ta' din l-Iskeda, maqsum f'kategoriji ta' attività u fi swieq ġeografiċi safejn, meta jitqies il-mod li bih il-bejgħ ta' prodotti u l-provdiment ta' servizzi li jaqgħu taħt l-attivitajiet ordinarji tal-kumpannija jkunu organizzati, dawk il-kategoriji u s-swieq ivarjaw sostanzjalament wieħed mill-ieħor;

(m) Il-medja tan-nies impjegati matul iż-żmien tal-kontijiet, maqsuma f'kategoriji u, jekk ma jkunux murija separatament fil-kont ta' qligħ u telf, il-kost tal-persunal dwar iż-żmien tal-kontijiet maqsum kif xort'oħra meħtieġ fil-formati 2 u 4 tal-kont ta' qligħ u telf;

(n) Id-differenza bejn it-taxxa ntaxxata għaż-żmien tal-kontijiet u għal żminijiet tal-kontijiet ta' qabel u l-ammont tat-taxxa li jkollha titħallas dwar dawk iż-żminijiet, kemm-il darba dik id-differenza tkun materjali għall-fini ta' tassazzjoni futura. Dak l-ammont għandu wkoll jintwera fil-karta tal-bilanċ bħala ammont kumulattiv taħt oġġett separat b'intestatura xierqa;

(o) L-ammont ta' l-emolumenti mogħtija dwar iż-żmien tal-kontijiet lid-diretturi tal-kumpannija u kull rabtiet li jinqalgħu jew li jkunu saru dwar pensjonijiet ta' rtir ta' diretturi tal-kumpannija li jkunu spiċċaw b'indikazzjoni tat-total għal kull kategorija; iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta minħabba fihom, tkun tista' tiġi stabbilita l-identifikazzjoni tal-pożizzjoni ta' xi direttur bħal dak;

(p) L-ammont ta' avvanzi u krediti mogħtija lil diretturi ta' kumpannija b'indikazzjonijiet tar-rati ta' l-imgħax, kondizzjonijiet ewlenin u kull ammonti mħallsin lura, kif ukoll rabtiet li jsiru f'isimhom bħala granzija ta' kull xorta, b'indikazzjoni tat-total għal kull garanzija;

(q) L-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' l-impriża li tagħmel il-kontijiet konsolidati ta' l-ikbar korp ta' l-impriżi li minnhom il-kumpanija tagħmel parti bħala mpriża sussidjarja;

(r) L-isem u l-uffiċċju reġistrat ta' l-impriża li tagħmel il-kontijiet konsolidati ta' l-iżgħar korp ta' l-impriżi li minnhom il-kumpanija tkun tagħmel parti bħala mpriża sussidjarja; u

(s) Meta l-kumpaniji *parent* imsemmija fl-*indents* (q) u (r) ta' hawn fuq ma jkunux reġistrati f'Malta l-post minn fejn jistgħu jinkisbu l-kontijiet konsolidati msemmija f'dawn l-*indents*, kemm-il darba dawn ikunu jistgħu jiġu akkwistati mill-pubbliku.

32. (1) Jekk fit-tmiem taż-żmien tal-kontijiet tagħha, il-kumpanija jkollha mpriża waħda jew iżjed sussidjarja jew interessi parteċipanti f'impriżi oħra, it-tagħrif li ġej, meta applikabbli, għandu jingħata dwar kull waħda minn dawk l-impriżi —

(a) ix-xorta l-isem u l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali ta' kull impriża;

(b) dwar l-azzjonijiet ta' kull klassi ta' kull impriża miżmuma mill-kumpannija, l-identità ta' kull klassi u l-proporzjon tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet maħruġa ta' dik il-klassi rappreżentat bl-azzjonijet miżmuma fit-tmiem taż-żmien tal-kontijet rilevanti ta' l-impriża; u

(ċ) l-ammont aggregat tal-kapital u tar-riżervi ta' kull impriża fit-tmiem taż-żmien tal-kontijiet rilevanti, u l-qligħ jew telf tagħha għal dak iż-żmien.

(2) Għall-finijiet tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu ż-żmien tal-kontijiet rilevanti huwa —

(a) jekk iż-żmien tal-kontijiet ta' l-impriża jintemm ma' dak tal-kumpanija li tagħti t-tagħrif fin-noti tal-kontijiet tagħha, dak iż-żmien ta' kontijiet; u

(b) jekk mhux hekk, iż-żmien tal-kontijiet ta' l-impriża li jintemm l-aħħar qabel it-tmiem taż-żmien tal-kontijiet tal-kumpanija li tagħti dak it-tagħrif.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu huma suġġetti għall-eċċezzjonijiet u dispożizzjonijiet oħra li jinsabu fil-paragrafi 33 u 34 ta' din l-Iskeda.

33. (1) It-tagħrif xort'oħra meħtieġ bis-sub-paragrafu (1) (ċ) tal-paragrafu 32 ta' din l-Iskeda ma għandux għalfejn jingħata dwar impriża sussidjarja ta' kumpannija jekk sew —

(a) il-kumpannija tkun eżentata mill-ħtieġa li tħejji kontijiet konsolidati; jew

(b) il-kumpannija tħejji kontijiet konsolidati u —

(i) il-kontijiet ta' l-impriża sussidjarja jkunu nklużi fil-kontijiet konsolidati, jew

(ii) l-investiment tal-kumpannija fl-azzjonijiet ta' l-impriża sussidjarja jkun inkluż fil-kontijiet konsolidati, jew fin-noti tal-kontijiet konsolidati bil-mezz tal-metodu ta' ekwità ta' kontijiet.

(2) It-tagħrif xort'oħra meħtieġ bis-sub-paragrafu (1) (ċ) tal-paragrafu 32 ta' din l-Iskeda ma għandux jingħata dwar impriża oħra li fiha l-kumpannija għandha azzjonijiet jekk l-investiment tal-kumpannija f'dawk l-azzjonijiet huwa magħdud mal-kontijiet individwali jew fin-noti tal-kontijiet bil-mezz tal-metodu ta' ekwità ta' kontijiet.

(3) It-tagħrif xort'oħra meħtieġ bis-sub-paragrafu (1) (ċ) tal-paragrafu 32 ta' din l-Iskeda ma għandux għalfejn jingħata jekk —

(a) l-impriża ma tkunx meħtieġa b'dispożizzjoni ta' dan l-Att li tagħti kopja tal-karta tal-bilanċ tagħha għaż-żmien tal-kontijiet rilevanti msemmi fil-paragrafu 32 ta' din l-Iskeda ma tkunx xort'oħra tippubblika dik il-karta tal-bilanċ f'Malta jew x'imkien ieħor; u

(b) l-azzjonijiet miżmuma mill-kumpannija, jew direttament jew indirettament, f'dik l-impriża jammontaw għal inqas min-nofs tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ ta' l-impriża.

(4) Tagħrif xort'oħra meħtieġ bis-sub-paragrafu (1) tal-paragrafu 32 ta' din l-Iskeda ma għandux jingħata jekk ma jkunx materjali.

(5) Riferenzi f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 32 ta' din l-Iskeda għal azzjonijiet ta' mpriżi għandhom jinkludu riferenzi għal interessi benefiċjarji f'impriżi fejn il-kapital ta' dawn l-impriżi mhux maqsum f'azzjonijiet.

34. (1) It-tagħrif imsemmi fil-paragrafi 32 u 33 ta' din l-Iskeda jista' jintwera bħala dikjarazzjoni separata li tista' tkun ippreżentata lir-Reġistratur flimkien mal-kontijiet individwali tal-kumpanija skond l-artikolu 183 ta' dan l-Att.

(2) Meta t-tagħrif imsemmi fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu jintwera f'dikjarazzjoni separata dan il-fatt għandu jintwera fin-noti tal-kontijiet.

(3) It-tagħrif imsemmi fl-*indent* (l) tal-paragrafu 30 u fil-paragrafi 32 u 33 ta' din l-Iskeda jista' jitħalla barra meta fil-fehma tad-diretturi x-xorta tiegħu tkun hekk li dan ikun ta' preġudizzju serju għal xi waħda mill-impriżi milquta f'dawn id-dispożizzjonijiet u r-Reġistratur jaqbel li dak it-tagħrif ma għandux għalfejn jintwera.

(4) Meta xi tagħrif jitħalla barra min-noti tal-kontijiet bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu dak il-fatt għandu jintwera fin-noti tal-kontijiet.

35. (1) Għandhon jingħataw fin-noti tal-kontijiet partikolaritajiet ta' kull piż fuq l-atti tal-kumpanija biex jiggarantixxi l-passiv ta' xi persuna oħra inkluż, meta prattikabbli, l-ammont garantit.

(2) It-tagħrif li ġej għandu jingħata dwar kull passiv kontinġenti ieħor li ma jkunx provdut għalih —

(a) l-ammont jew l-ammont stmat ta' dak il-passiv;

(b) ix-xorta legali tiegħu; u

(ċ) jekk xi garanzija ta' valur tkunx ġiet provduta mill-kumpanija dwar dak il-passiv, u fil-każ li dan ikun sar, liema sigurtà ta' valur tkun hekk mogħtija.

(3) Meta jkun prattikabbli, għandhom ikunu dikjarati —

(a) l-ammont aggregat jew l-ammont stmat ta' kuntratti għal nfieq kapitali, safejn dan ma jkunx ġie provdut għalih; u

(b) l-ammont aggregat u l-ammont stmat ta' nfieq kapitali awtorizzat mid-diretturi li jkun għadu ma ġiex kuntrattat.

(4) Rabtiet skond xi wieħed mis-sub-paragrafi ta' qabel dan f'dan il-paragrafu li jkunu saru f'isem jew għall-benefiċċju ta' mpriża ta' grupp għandhom ikunu dikjarati separatament minn rabtiet oħra skond dak is-sub-paragrafu.

36. (1) Meta xi ammont ikun trasferit —

(a) lil jew minn xi riżerva; jew

(b) lil xi proviżjoni għal passiv jew piżijiet; jew

(ċ) minn xi proviżjoni għal passiv u piżijiet xort'oħra milli għall-fini li għalih il-proviżjoni kienet stabbilita,

u r-riżervi jew il-proviżjonijiet jintwerew bħala oġġetti separati fil-karta tal-bilanċ tal-kumpannija jew fin-noti tal-kontijiet, it-tagħrif imsemmi fis-sub-paragrafu (2) ta' dan il-paragrafu għandu jingħata dwar ir-riżervi jew proviżjonijiet aggregati nklużi fl-istess oġġett.

(2) Dak it-tagħrif li għalih hemm riferenza fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu huwa —

(a) l-ammont tar-riżervi jew proviżjonijiet kif kien fid-data tal-bidu taż-żmien tal-kontijiet u fid-data tal-karta tal-bilanċ rispettivament;

(b) kull ammonti trasferiti lil jew minn riżervi jew proviżjonijiet matul dak il-perijodu; u

(ċ) l-għajn u l-applikazzjoni rispettivament ta' kull ammonti hekk trasferiti.

Taqsima IV — Arranġament Tranżitorju

37. (1) Jekk, meta jsiru l-kontijiet individwali skond id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għall-ewwel darba, il-prezz tax-xiri jew il-kont tal-produzzjoni ta' attiv marbut ma jkunx jista' jiġi stabbilit mingħajr spiża jew dewmien mhux meħtieġ, l-ammont nett tal-kotba fil-bidu taż-żmien tal-kontijiet jista' jitqies bħala l-prezz tax-xiri jew il-kost tal-produzzjoni.

(2) Kull applikazzjoni tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandha tkun murija fin-noti tal-kontijiet.

IR-RABA' SKEDA

(Artikolu 171)

Forma u Kontenut ta' Kontijiet Konsolidati

Regoli Ġenerali

1. (1) Il-kontijiet konsolidati għandhom, safejn ikun prattikabbli, iħarsu d-dispożizzjonijiet tat-Tielet Skeda daqslikieku l-impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni kienu kumpannija waħda.

(2) B'mod partikolari, bla ħsara għall-artikolu 168 ta' dan l-Att u tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda u meta jitqiesu l-aġġustamenti essenzjali li jirriżultaw minn karettistiċi partikolari ta' kontijiet konsolidati kif imqabbla ma' kontijiet individwali, id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I tat-Tielet Skeda għandhom japplikaw dwar l-ordni ta' kontijiet konsolidati.

(3) Meta l-kumpannija *parent* tkun trattata bħala kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju fiss għall-finijiet tat-Tielet Skeda l-grupp għandu jkun trattat bl-istess mod.

(4) Riferenzi f'din l-Iskeda għal azzjonijiet f'impriżi għandhom jinkludu riferenzi għal interessi benefiċjarji f'impriżi li l-kapital tagħhom mhux maqsum f'azzjonijiet; u riferenzi għal "azzjonijiet rilevanti", "il-ħruġ ta' azzjonijiet b'ekwità", "il-kapital azzjonarju maħruġ" u "il-valur nominali ta' l-azzjonijiet b'ekwità" għandhom jinftehmu skond il-każ.

2. Il-karta tal-bilanċ u l-kont ta' qligħ u telf konsolidati għandhom jiġbru fihom it-tagħrif kollu li jkun jinsab fil-kontijiet individwali ta' l-impriżi li jkunu parti fil-konsolidazzjoni, suġġetti għal dawk l-aġġustamenti (jekk ikun hemm) li jistgħu kunu xierqa skond prinċipji jew prattika ta' *accounting* aċċettati b'mod ġenerali.

3. (1) Il-kontijiet konsolidati għandhom isiru bl-istess data tal-kontijiet individwali tal-kumpannija *parent*.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu, kontijiet konsolidati jistgħu jsiru b'data li ma tkunx id-data tal-kontijiet individwali tal-kumpannija *parent* meta fil-fehma tad-diretturi tal-kumpannija *parent* ikun iktar xieraq li jsir hekk meta jitqiesu d-dati tal-karta tal-bilanċ ta' l-akbar numru u ta' l-iktar importanti ta' l-impriżi sussidjarji nklużi fil-konsolidazzjoni:

Iżda dik id-data trid tkun fi żmien tliet xhur mid-data tal-kontijiet individwali tal-kumpannija *parent*.

(3) Meta l-kontijiet konsolidati jsiru f'data li ma tkunx id-data tal-kontijiet individwali tal-kumpannija *parent* skond id-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (2) ta' dan il-paragrafu, dan il-fatt għandu jintwera fin-noti tal-kontijiet konsolidati flimkien mar-raġunijiet għal dan.

(4) Għandhom jitqiesu ħwejjeġ materjali, jew wiri li jsir ta' ġrajjiet importanti dwar l-attiv u l-passiv, il-qagħda finanzjarja jew il-qligħ jew telf ta' mpriżi li jkunu nklużi fil-konsolidazzjoni li jkunu ġraw bejn id-data tal-karta tal-bilanċ ta' l-impriża u d-data tal-karta tal-bilanċ konsolidata.

(5) Meta data tal-karta tal-bilanċ ta' mpriża sussidjarja tkun qabel id-data tal-karta tal-bilanċ konsolidata b'iktar minn tliet xhur, l-impriża għandha tkun konsolidata fuq il-bażi ta' kontijiet *interim* magħmula fid-data tal-karta tal-bilanċ konsolidata.

4. (1) Attiv u passiv li jkunu nklużi f'kontijiet konsolidati għandhom ikunu valutati skond metodi uniformi.

(2) Meta attiv u passiv li jkunu sa jiġu nklużi fil-kontijiet konsolidati jkunu ġew valutati jew xort'oħra stabbiliti minn impriżi skond ir-regoli ta' kontijiet li ma jkunux jaqblu ma' dawk użati għall-kontijiet konsolidati, il-valuri jew l-ammonti għandhom ikunu aġġustati sabiex ikunu jaqblu mar-regoli wżati għall-kontijiet konsolidati.

(3) Jekk fil-fehma tad-diretturi tal-kumpannija *parent* ikun hemm raġunijiet speċjali biex ma jsirx skond ma jingħad fis-sub-paragrafu (2) ta' dan il-paragrafu dawn jistgħu jagħmlu hekk, iżda dan il-fatt u r-raġunijiet għalih u l-effett tiegħu għandhom jingħataw fin-noti għall-kontijiet konsolidati.

(4) L-aġġustamenti msemmija fis-sub-paragrafu (2) ta' dan il-paragrafu ma għandhomx għalfejn isiru jekk ma jkunux materjali sabiex jingħata l-istat sewwa u xieraq.

(5) Kull differenzi fir-regoli tal-kontijiet bejn il-kontijiet individwali tal-kumpannija *parent* għal xi żmien tal-kontijiet u l-kontijiet konsolidati tagħha għandhom jintwerew fin-noti tal-kontijiet konsolidati u għandhom jingħataw ir-raġunijiet għal xi differenzi bħal dawk.

5. (1) Il-metodi ta' konsolidazzjoni għandhom ikunu applikabbli b'mod konsistenti minn żmien ta' kontijiet għal ieħor.

(2) Derogi mid-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu jistgħu jsiru f'każijiet eċċezzjonali. Kull derogi bħal dawk għandhom jintwerew fin-noti tal-kontijiet konsolidati u r-raġunijiet għal dawk id-derogi flimkien ma' l-effett tagħhom fuq l-attiv, il-passiv, il-qagħda finanzjarja u l-qligħ jew telf ta' l-impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni meħuda bħala ħaġa waħda.

(3) Meta l-kompożizzjoni ta' l-impriżi nklużi f'konsolidazzjoni tkun inbidlet b'mod sinifikanti matul żmien tal-kontijiet, il-kontijiet konsolidati għandhom jinkludu tagħrif li jagħmel il-paragun ta' settijiet ta' kontijiet konsolidati suċċessivi jiftiehem.

6. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda għandhom jitfissru b'riferenza għall-applikazzjoni ta' prinċipji u prattika ta' *accounting* aċċettata b'mod ġenerali biex jagħtu stat sewwa u xieraq skond kif imfisser fl-artikolu 171 ta' dan l-Att. Għal dan l-għan tħaris ta' l-*International Accounting Standards* maħruġa mill-*International Accounting Standards Committee* kif minn żmien għal żmien magħmula applikabbli minn korp rikonoxxut taħt l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, jiżgura tħaris ma' prinċipji u prattika ta' *accounting* aċċettati b'mod ġenerali.

(2) Ammonti li fil-kontenut partikolari ta' din l-Iskeda ma jkunux materjali jistgħu ma jitteħidx kont tagħhom għall-fini ta' dik id-dispożizzjoni.

Eliminazzjoni ta' transazzjonijiet ta' gruppi

7. (1) Kontijiet konsolidati juru l-attiv, il-passiv, il-qagħdiet finanzjarji u qliegħ u telf ta' l-impriżi nklużi f'konsolidazzjoni daqslikieku dawn kienu mpriża waħda.

(2) Djun u talbiet bejn impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni, u dħul u nfieq li għandhom x'jaqsmu ma' transazzjonijiet bejn dawk l-impriżi, għandhom ikunu eliminati fit-tħejjija tal-kontijiet konsolidati.

(3) Meta qligħ jew telf li jirriżulta minn transazzjonijiet bejn impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni jkunu nklużi bil-valur ta' l-attiv skond il-kotba tal-kontijiet, dawn ikunu eliminati fit-tħejjija tal-kontijiet konsolidati.

(4) Is-sub-paragrafi (2) u (3) ta' dan il-paragrafu ma jkunx hemm għalfejn jitħarsu jekk l-ammonti ma jkunux materjali sabiex jingħata l-istat sewwa u xieraq.

(5) L-eliminazzjoni meħtieġa bis-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu tista' ssir skond il-proporzjon ta' l-interess tal-grupp fl-azzjonijiet ta' l-impriżi.

Kontijiet għal akkwisti u "merger"

8. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi minn 9 sa 17 ta' din l-Iskeda, għandhom japplikaw meta mpriża ssir impriża sussidjara tal-kumpannija *parent*, liema ġrajja qed tissejjaħ f'dawk id-dispożizzjonijiet bħala "akkwist", u riferenza għal "impriża akkwistata" għandhom jiftiehmu f'dan is-sens.

9. Akkwist għandu jsir il-kont dwaru bil-metodu ta' *accounting* għal akkwisti kemm-il darba ma jkunux sodisfatti l-kondizzjonijiet għal *accounting* bħala *merger* u ma jintużax il-metodu ta' *accounting* għal *merger*.

10. (1) Il-metodu ta' *accounting* għal akkwisti huwa dak dettaljat f'dan il-paragrafu.

(2) L-attiv u l-passiv li jistgħu jkunu identifikati ta' l-impriża akkwistata għandhom ikunu nklużi fil-karta tal-bilanċ konsolidata bil-valuri ġusti tagħhom fid-data ta' l-akkwist.

F'dan il-paragrafu l-fraži attiv jew passiv "li jistgħu jkunu identifikati" ta' l-impriża akkwistata tfisser l-attiv u l-passiv li jkunu jistgħu jiġu disposti jew sodisfatti separatament, mingħajr ma jkun dispost in-negozju ta' l-impriża.

(3) Id-dħul u l-infieq ta' l-impriża akkwistata għandhom jiddaħħlu fil-kontijiet konsolidati biss mid-data ta' l-akkwist.

(4) Għandu jkun hemm tpaċija mal-kont ta' l-akkwist ta' l-interess fl-azzjonijiet ta' l-impriża miżmuma mill-kumpannija *parent* u l-impriżi sussidjarji tagħha, l-interess tal-kumpannija *parent* u l-impriżi sussidjarji tagħha fil-kapital u r-riżervi aġġustati ta' l-impriża akkwistata.

Għall-fini ta' dan is-sub-paragrafu —

"kont ta' l-akkwist" tfisser l-ammont ta' kull konsiderazzjoni ta' flus u l-valur xieraq ta' kull konsiderazzjoni oħra, flimkien ma' dak l-ammont, jekk ikun hemm, dwar drittijiet u spejjeż oħra ta' l-akkwist kif il-kumpannija tiddeċiedi, u "il-kapital

u r-riżervi aġġustati" ta' l-impriża akkwistata tfisser il-kapital u r-riżervi tagħha fid-data ta' l-akkwist wara li jkunu aġġustati l-attiv u l-passiv identifikabbli ta' l-impriża għall-valuri xierqa f'dik id-data.

(5) L-ammont li jirriżulta mit-tpaċija kif provdut fis-sub-paragrafu (4) ta' dan il-paragrafu, jekk ikun pożittiv, għandu jitqies bħala avvjament u jekk ikun negattiv, bħala differenza negattiva tal-konsolidazzjoni.

(6) L-avvjament għandu jkun trattat skond ir-regoli stabbiliti fil-paragrafu 19 tat-Tielet Skeda.

11. (1) Il-kondizzjonijiet ta' *accounting* għal akkwist bħala *merger* huma —

(a) li għall-anqas disgħin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet rilevanti, fl-impriża akkwistata jinżammu minn jew f'isem il-kumpannija *parent* u l-impriżi sussidjarji tagħha;

(b) li l-proporzjon imsemmi fil-paragrafu (a) ikun inkiseb bis-saħħa ta' arranġament li jipprovdi għall-ħruġ ta' azzjonijiet b'ekwità mill-kumpannija *parent* jew minn waħda jew iżjed mill-impriżi sussidjarji tagħha;

(ċ) li l-valur ġust ta' kull konsiderazzjoni barra mill-ħruġ ta' azzjonijiet b'ekwità jkun iżjed minn għaxra fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet b'ekwità maħruġa; u

(d) l-użu tal-metodu ta' *accounting* tal-*merger* ikun jaqbel ma' prinċipji u prattika ta' *accounting* aċċettati b'mod ġenerali.

(2) Ir-riferenza fis-sub-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) għal "azzjonijiet rilevanti" f'impriża akkwistata hija għal dawk li jkollhom jeddijiet mhux ristretti biex jipparteċipaw kemm fit-tqassim u fit-taqsim ta' l-attiv mill-membri f'każ ta' stralċ ta' l-impriża.

12. (1) Il-metodu ta' *accounting* tal-*merger* għandu jkun speċifikat f'dan il-paragrafu.

(2) L-attiv u l-passiv ta' l-impriża akkwistata għandhom jidħlu fil-kontijiet konsolidati bil-figuri li jkunu jidhru fil-kontijiet ta' l-impriża, suġġetti għal kull aġġustament permess jew meħtieġ b'din l-Iskeda.

(3) Id-dħul u l-infieq ta' l-impriża akkwistata għandhom jidħlu fil-kontijiet konsolidati għaż-żmien tal-kontijiet kollu magħdud iż-żmien qabel l-akkwist.

(4) Il-kontijiet konsolidati għandhom juru l-ammonti korrispondenti dwar iż-żmien tal-kontijiet ta' qabel daqslikieku l-impriża akkwistata kienet inkluża fil-konsolidazzjoni matul dik is-sena kollha.

(5) Għandu jkun hemm tpaċija ma' l-aggregat ta' —

(a) l-ammont xieraq dwar azzjonijiet maħruġa mill-kumpannija *parent* jew l-impriżi sussidjarji b'kunsiderazzjoni għall-akkwist ta' azzjonijiet fl-impriża akkwistata; u

(b) il-valur xieraq ta' kull kunsiderazzjoni oħra għall-akkwist ta' azzjonijiet fl-impriża akkwistata, stabbilit fid-data meta dawk l-azzjonijiet kienu akkwistati;

mal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ ta' l-impriża akkwistata li jkun miżmum mill-kumpannija *parent* u l-impriżi sussidjarji tagħha.

(6) L-ammont li jirriżulta għandu jkun muri bħala aġġustament għar-riżervi konsolidati.

13. (1) Meta grupp ikun akkwistat, il-paragrafi minn 10 sa 12 ta' din l-Iskeda japplikaw bl-adattamenti murija f'dan il-paragrafu.

(2) Riferenza għal azzjonijiet ta' l-impriża akkwistata għandha tiftiehem bħala riferenza għal azzjonijiet ta' l-impriża *parent* tal-grupp.

(3) Riferenzi oħra għall-impriżi akkwistata għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għall-grupp; u riferenzi għall-attiv u l-passiv, dħul u nfieq u kapital u riżervi ta' l-impriża akkwistata għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għall-attiv u passiv, dħul u nfieq u kapital u riżervi tal-grupp wara li jsiru t-tpaċija u aġġustamenti oħra meħtieġa b'din l-Iskeda fil-każ ta' kontijiet konsolidati.

14. (1) It-tagħrif dettaljat f'dan il-paragrafu dwar akkwisti li jsiru fiż-żmien tal-kontijiet għandu jingħata fin-noti tal-kontijiet konsolidati.

(2) Għandu jingħad —

(a) l-isem ta' l-impriża akkwistata jew, meta jkun akkwistat grupp, l-isem tal-kumpannija *parent* u l-indirizz ta' l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali ta' dik l-impriża, u

(b) id-data effettiva ta' l-akkwist għall-finijiet tal-kontijiet, u

(ċ) jekk l-akkwist ikunx sar kont dwaru bil-metodu ta' *accounting* ta' l-akkwist jew tal-*merger*,

u dwar akkwist li jolqot b'mod sinifikanti l-figuri murija fil-kontijiet konsolidati, għandu jingħata tagħrif ieħor skond is-sub-paragrafi minn (3) sa (7) ta' dan il-paragrafu.

(3) Il-kompożizzjoni u l-valur xieraq tal-konsiderazzjoni għall-akkwist mill-kumpannija *parent* u l-impriżi sussidjarji tagħha għandhom ikunu dikjarati.

(4) Meta jkun użat il-metodu ta' *accounting* ta' akkwist, il-valuri tal-kotba kif kienu minnufih qabel l-akkwist, u l-valuri xierqa fid-data ta' l-akkwist, ta' kull klassi ta' attiv u passiv ta' l-impriża jew grupp akkwistat għandhom jingħataw f'forma ta' kolonni, magħduda dikjarazzjoni ta' l-ammont ta' kull avvjament jew differenza ta' konsolidazzjoni negattiva li tinqala' ma' l-akkwist, flimkien ma' spjegazzjoni ta' kull aġġustamenti sinifikanti magħmula u fil-każ ta' avvjament it-trattament tiegħu u ż-żmien ta' ammortizzament, skond liema jkun japplika.

(5) Meta jkun użat il-metodu ta' *accounting* ta' *merger*, għandha tingħata spjegazzjoni ta' kull aġġustamenti sinfikanti magħmula dwar l-ammonti ta' l-attiv u l-passiv ta' l-impriża jew grupp akkwistat, flimkien ma' dikjarazzjoni ta' kull aġġustament li jirriżulta għar-riżervi konsolidati, magħduda dikjarazzjoni mill-ġdid tar-riżervi konsolidati tal-ftuħ.

(6) Meta jkun użat il-metodu ta' *accounting* ta' *merger* għandhom jingħataw dettalji tal-qligħ u telf ta' l-impriża jew grupp akkwistat għall-perijodu mill-bidu taż-żmien tal-kontijiet ta' l-impriża jew, skond il-każ, tal-kumpannija *parent* tal-grupp, sad-data ta' l-akkwist u għandha tingħata wkoll id-data li fiha jkun beda ż-żmien tal-kontijiet.

(7) Sabiex ikun aċċertat għall-finijiet tas-sub-paragrafi (4), (5) u (6) ta' dan il-paragrafu, il-qligħ jew telf ta' grupp, il-valuri tal-kotba u l-valuri xierqa ta' l-attiv u l-passiv tal-grupp jew l-ammont ta' l-attiv u passiv ta' grupp, għandhom isiru dwarhom tpaċija u aġġustamenti oħra meħtieġa b'din l-Iskeda fil-każ ta' kontijiet konsolidati.

15. (1) Għandu jkun dikjarat ukoll fin-noti tal-kontijiet konsolidati l-ammont kumulativ ta' l-avvjament li jirriżulta mill-akkwist f'dawk iż-żminijiet tal-kontijiet u qabel li jkun inqata'.

(2) Il-figura meħtieġa skond is-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu għandha tintwera netta minn kull avvjament attribwit għal impriżi jew negozji sussidjarji li jkunu disposti qabel id-data tal-karta tal-bilanċ.

16. (1) Meta matul żmien tal-kontijiet ikun hemm disponiment ta' mpriża jew grupp li jolqot b'mod sinifikanti l-figuri murija fil-kontijiet konsolidati, għandu jkun hemm dikjarati fin-noti tal-kontijiet konsolidati —

(a) l-isem ta' dik l-impriża jew, skond il-każ, tal-kumpannija *parent* ta' dak il-grupp, u

(b) safejn dak il-qligħ jew telf muri fil-kontijiet konsolidati jkun jista' jiġi attribwit bil-qligħ jew telf ta' dik l-impriża jew grupp.

17. It-tagħrif meħtieġ bil-paragrafi 14, 15 jew 16 ta' din l-Iskeda ma għandux għalfejn jintwera dwar impriża li —

(a) tkun stabbilta taħt il-liġi ta' pajjiż barra minn Malta, jew

(b) tmexxi n-negozju barra minn Malta,

jekk fil-fehma tad-diretturi tal-kumpannija *parent* il-wiri jkun ta' preġudizzju serju għal dik l-impriża jew għan-negozju tal-kumpannija *parent* jew xi mpriżi sussidjarji, u r-Registrar ikun jaqbel li t-tagħrif ma għandux jintwera.

Interessi tal-minorità

18. (1) L-ammont li jkun attribwit għal azzjonijiet f'impriżi sussidjarji nklużi fil-konsolidazzjoni li jkunu miżmuma minn persuni li ma jkunux impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni għandu jintwera fil-karta tal-bilanċ konsolidata bħala oġġett separat b'intestatura xierqa.

(2) L-ammont ta' kull qligħ jew telf fuq attivitajiet ordinarji li jkunu attribwiti għal azzjonijiet f'impriżi sussidjarji nklużi fil-konsolidazzjoni miżmuma minn persuni li ma jkunux l-impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni għandu jintwera fil-kont ta' qligħ u telf konsolidat bħala oġġett separat b'intestatura xierqa.

(3) L-ammont ta' kull qligħ jew telf fuq attivitajiet ordinarji li jkun attribwit għal azzjonijiet f'impriżi sussidjarji nklużi fil-konsolidazzjoni miżmuma minn persuni li ma jkunux l-impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni għandu jintwera fil-kont ta' qligħ u telf bħala oġġett separat b'intestatura xierqa.

Interess f'impriżi sussidjarji eskluži minn konsolidazzjoni

19. L-interess tal-grupp f'impriżi sussidjarji eskluži mill-konsolidazzjoni taħt is-subartikolu (5) ta' l-artikolu 170 ta' dan l-Att u l-ammont ta' qligħ jew telf li jkun attribwit għal dak l-interess, għandhom jintwerew fil-karta tal-bilanċ konsolidata u fil-kont ta' qligħ u telf konsolidat rispettivament bil-metodu ta' *accounting* ta' ekwità.

Joint venture

20. Meta mpriża nkluża fil-konsolidazzjoni tidderiġi mpriża oħra flimkien ma' mpriża oħra jew iżjed li ma jkunux inklużi fil-konsolidazzjoni, l-impriża l-oħra (il-*'joint venture')* tista', jekk ma tkunx impriża sussidjara tal-kumpannija *parent* u ma tkunx ġiet trattata bħala mpriża assoċjata skond kif imfisser fil-paragrafu 21 ta' din l-Iskeda, tkun inkluża fil-kontijiet konsolidati fil-proporzjon tal-jeddijiet fil-kapital tagħha miżmuma mill-impriża nkluża fil-konsolidazzjoni (magħrufa bħala konsolidazzjoni proporzjonali).

Impriżi assoċjati

21. (1) Meta mpriża nkluża f'konsolidazzjoni teżerċita nfluwenza sinifikanti fuq il-*policy* operattiva u finanzjarja ta' mpriża li ma tkunx inkluża fil-konsolidazzjoni (impriża assoċjata) li fiha jkollha nteress parteċipanti, l-interess parteċipanti għandu jintwera fil-karta tal-bilanċ konsolidata bħala oġġett separat b'intestatura xierqa.

(2) Impriża titqies li teżerċita nfluwenza sinifikanti fuq impriża oħra meta jkollha għoxrin fil-mija jew iżjed tal-jeddijiet tal-vot ta' l-azzjonisti jew tal-membri fl-impriża.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Iskeda IX ta' dan l-Att għandhom jitqiesu sabiex ikun stabbilit għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jekk impriża jkollhiex għoxrin fil-mija jew iżjed tal-jeddijiet tal-vot f'impriża oħra.

(4) Il-proporzjon tal-qligħ jew telf ta' l-impriżi assoċjati li għandhom ikunu attribwiti lil dawk l-interessi parteċipanti għandha tintwera fil-kont ta' qligħ u telf konsolidat bħala oġġett separat taħt intestatura xierqa.

(5) L-eliminazzjoni msemmija fis-sub-paragrafu (2) tal-paragrafu 7 ta' din l-Iskeda għandha ssir safejn il-fatti jkunu magħrufa jew jistgħu jkunu aċċertati. Dik l-eliminazzjoni, iżda, ma tistax issir meta l-ammonti ma jkunux materjali sabiex jingħata l-istat sewwa u xieraq.

(6) Meta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu jkunu applikati l-ewwel darba għal interess parteċipanti msemmi fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu, l-interess parteċipanti għandu jkun muri fil-karta tal-bilanċ konsolidata bil-valur tiegħu tal-kotba kalkolat skond ir-regoli ta' valutazzjoni stabbiliti fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Id-differenza bejn dak il-valur u l-ammont korrispondenti għall-proporzjon tal-kapital u riżervi rappreżentati b'dak l-interess parteċipanti għandha tintwera separatament fil-karta tal-bilanċ konsolidata jew fin-noti tal-kontijiet konsolidati. Id-differenza tista' tkun kalkolata kif kienet fid-data li fiha dak il-metodu jkun intuża għall-ewwel darba jew kif muri fis-sub-paragrafu (7) ta' dan il-paragrafu.

(7) Id-differenza msemmija fis-sub-paragrafu (6) ta' dan il-paragrafu tista' tkun kalkolata kif kienet fid-data ta' l-akkwist ta' l-azzjonijiet jew, meta dawn kienu akkwistati f'żewġ stadji jew iżjed, kif kienet fid-data li fiha l-impriża kienet saret impriża assoċjata.

(8) Meta attiv jew passiv ta' mpriża assoċjata jkunu ġew valutati b'metodi differenti minn dawk użati għall-konsolidazzjoni, dawn għandhom, sabiex tkun kalkolata d-differenza msemmija fis-sub-paragrafu (6) ta' dan il-paragrafu, ikunu valutati mill-ġdid bil-metodi wżati għal konsolidazzjoni:

Iżda d-diretturi ta' kumpannija li għaliha japplika l-artikolu 170 ta' dan l-Att jistgħu jiddeċiedu li ma jagħmlux dik il-valutazzjoni mill-ġdid f'liema każ dak il-fatt għandu jkun muri fin-noti tal-kontijiet konsolidati.

(9) Il-valur tal-kotba msemmi fis-sub-paragrafu (6) ta' dan il-paragrafu għandu jiżdied jew jitnaqqas bl-ammont ta' kull tibdil li jkun sar matul iż-żmien tal-kontijiet fil-proporzjon tal-kapital u r-riżervi ta' l-impriża assoċjata rappreżentat b'dak l-interess parteċipanti; barra minn hekk għandu jitnaqqas bl-ammont tad-dividendi li jkollhom x'jaqsmu ma' dak l-interess parteċipanti.

(10) Safejn id-differenza pożittiva msemmija fis-sub-paragrafu (6) ta' dan il-paragrafu ma tkunx tista' tiġi relatata ma' xi kategorija ta' attiv u passiv din għandha tkun trattata skond ir-regoli stabbiliti għall-oġġett "avvjament" fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att. Dik id-differenza pożittiva tista', iżda, jekk id-diretturi ta' kumpannija li għaliha japplika l-artikolu 170 ta' dan l-Att hekk jiddeċiedu, tkun minnufih u b'mod ċar imnaqqsa mir-riżervi.

(11) Meta mpriża assoċjata tagħmel kontijiet konsolidati, id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-kapital u riżervi murija f'dawk il-kontijiet konsolidati.

(12) Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx għalfejn ikunu applikati meta l-interess parteċipanti fil-kapital ta' l-impriża assoċjata ma jkunx materjali sabiex jingħata l-istat sewwa u xieraq.

Tagħrif b'noti tal-kontijiet konsolidati

22. B'żieda mat-tagħrif meħtieġ taħt xi dispożizzjonijiet oħra ta' din l-Iskeda, in-noti tal-kontijiet konsolidati għandhom, għall-anqas, jagħtu tagħrif dwar dan li ġej —

(1) Il-metodi ta' valutazzjoni applikati għad-diversi oġġetti fil-kontijiet konsolidati, u l-metodi wżati fil-kalkolu ta' l-aġġustamenti tal-valur. Għal oġġetti nkluži fil-kontijiet konsolidati li huma jew li kienu oriġinarjament espressi f'munita barranija, għandha tintwera l-bażi tal-konverżjoni wżata biex ikunu espressi fil-munita li fiha jkunu saru l-kontijiet konsolidati.

(2) (a) L-ismijiet u l-indirizzi ta' l-uffiċċji reġistrati jew prinċipali ta' l-impriżi nkluži fil-konsolidazzjoni, il-proporzjon tal-kapital miżmum f'impriżi nkluži fil-konsolidzzjoni, barra mill-impriża *parent*, mill-impriżi nkluži fil-konsolidazzjoni liema mill-kondizzjonijiet imsemmija fit-tifsira ta' kumpannija *parent*, fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 2 ta' dan l-Att, iffurmaw il-bażi li fuqha tkun saret il-konsolidazzjoni.

(b) It-tagħrif muri fil-paragrafu (a) ta' dan is-sub-paragrafu, safejn japplika, għandu jingħata dwar impriżi esklużi minn konsolidazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli minn (3) sa (7) ta' l-artikolu 170 u spjegazzjoni għandha tingħata għall-esklużjoni ta' l-impriżi msemmija fis-subartikolu (5) ta' dak l-artikolu.

3. (a) L-ismijiet u l-uffiċċji reġistrati jew prinċipali ta' mpriżi assoċjati ma' mpriża nkluża fil-konsolidazzjoni kif deskritta fil-paragrafu 21 ta' din l-Iskeda u l-proporzjon tal-kapital tagħhom miżmum minn impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni jew minn persuni f'isimhom stess iżda għan-nom ta' dawk l-impriżi.

(b) It-tagħrif muri fil-paragrafu (a) ta' dan is-sub-paragrafu għandu jingħata dwar l-impriżi assoċjati msemmija fis-sub-paragrafu (12) tal-paragrafu 21 ta' din l-Iskeda, flimkien mar-raġunijiet għaliex qed tkun applikata dik id-dispożizzjoni.

(4) L-ismijiet u l-uffiċċji reġistrati jew prinċipali ta' mpriżi konsolidati proporzjonalment skond il-paragrafu 20 ta' din l-Iskeda, il-fatturi li fuqhom tkun ibbażata t-tmexxija flimkien, u l-proporzjon tal-kapital tagħhom miżmum mill-impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni jew minn persuni f'isimhom stess iżda għan-nom ta' dawk l-impriżi.

(5) L-isem u l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali ta' kull waħda mill-impriżi, barra minn dawk imsemmija fis-sub-paragrafi (2), (3) u (4) ta' dan il-paragrafu, li fihom impriżi nklużi fil-konsolidazzjoni u dawk esklużi bis-saħħa tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 170, jew huma nfushom jew bil-mezz ta' persuni oħra li jaġixxu f'isimhom stess iżda għan-nom ta' dawk l-impriżi, ikollhom għall-inqas għoxrin fil-mija tal-kapital li juri l-proporzjon tal-kapital miżmum, l-ammont tal-kapital u riżervi, u l-qligħ jew telf għall-aħħar żmien tal-kontijiet ta' l-impriża li tkun li għaliha jkunu adottati l-kontijiet. Meta t-tagħrif ikun meqjus mid-diretturi ta' kumpannija li għaliha japplika l-artikolu 170 ta' dan l-Att li ma jkunx materjali biex jingħata l-istat sewwa u xieraq, dan jista' jitħalla barra. It-tagħrif dwar kapital u riżervi u l-qligħ jew telf jista' jitħalla barra wkoll meta l-impriża li tkun ma tippubblikax il-karta tal-bilanċ tagħha u meta inqas minn ħamsin fil-mija tal-kapital tagħha jkun miżmum, direttament jew indirettament, mill-impriżi hawn fuq imsemmija.

(6) Il-medja tan-numru ta' persuni mpjegati matul iż-żmien tal-kontijiet mill-impriżi li għalihom ikun applikat il-paragrafu 20 ta' din l-Iskeda għandha tkun murija separatament.

(7) L-ammont ta' l-emolumenti mħallsa dwar iż-żmien tal-kontijiet lill-membri tal-Bord tad-diretturi tal-kumpannija *parent* minħabba r-responsabbiltajiet tagħhom fil-kumpannija *parent* u fl-impriżi sussidjarji tagħha, u kull rabtiet li jinqalgħu jew li jkunu saru taħt l-istess kondizzjonijiet dwar pensjonijiet ta' rtir għal membri preċedenti ta' dawk il-korpi, b'indikazzjoni tat-total għal kull kategorija.

(8) L-ammont ta' avvanzi u krediti mogħtija lill-bord tad-diretturi tal-kumpannija *parent* minn dik l-impriża jew minn waħda mill-impriżi sussidjarji tagħha, b'indikazzjonijiet tar-rati ta' l-imgħax, kondizzjonijiet prinċipali u kull ammonti mħallsa lura, kif ukoll rabtiet li jkunu saru f'isimhom bħala garanzija ta' kull xorta b'indikazzjoni tat-total għal kull kategorija.

(9) Is-sub-paragrafi (7) u (8) ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw bl-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dan l-Att.

23. (1) It-tagħrif li jinsab fis-sub-paragrafi (2), (3) u (4) tal-paragrafu 22 ta' din l-Iskeda jista' jintwera f'dikjarazzjoni separata li għandha tkun ippreżentata lir-Reġistratur flimkien mal-kontijiet annwali tal-kumpannija *parent* skond l-artikolu 183 ta' dan l-Att.

(2) Meta dan it-tagħrif ikun muri f'dikjarazzjoni separata kif imsemmi fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu dan il-fatt għandu jkun muri fin-noti tal-kontijiet konsolidati.

24. (1) It-tagħrif li jinsab fis-sub-paragrafi (2), (3) u (4) tal-paragrafu 22 ta' din l-Iskeda jista' jitħalla barra jekk fil-fehma tad-diretturi ta' kumpannija li għaliha japplika l-artikolu 170 ta' dan l-Att ix-xorta tiegħu tkun hekk li toħloq preġudizzju serju lil xi waħda mill-impriżi milquta b'dawk id-dispożizzjonijiet, u r-Reġistratur ikun jaqbel li dak it-tagħrif ma għandux jintwera.

(2) Meta xi tagħrif jitħalla barra min-noti tal-kontijiet konsolidati bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu, dak il-fatt għandu jintwera fl-imsemmija noti tal-kontijiet konsolidati.

IL-ĦAMES SKEDA

(Artikolu 169)

Kontijiet Individwali u Rapport tad-Diretturi ta' kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli

Bla ħsara għal kull ħtiġiet stabbiliti mill-Awtorità Kompetenti taħt l-Att ta' l-1994 dwar is-Servizzi ta' Investiment, il-kontijiet ta' kumpannija ta' investiment b'kapital azzjonarju varjabbli għandhom għall-inqas juru t-tagħrif speċifikat fid-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' din l-Iskeda.

1. Dikjarazzjoni ta' attiv u passiv li turi:

   — sigurtajiet
   — dokumenti dwar dejn
   — bilanċi tal-Bank
   — attiv ieħor
   — attiv totali
   — passiv
   — valur nett ta' l-attiv
   — dettalji tal-*policies* dwar kontijiet u valutazzjoni.

2. In-numru ta' unitajiet jew azzjonijiet fiċ-ċirkolazzjoni.

3. Il-valur nett ta' l-attiv kull unità jew azzjoni.

4. Kif ikun magħmul il-*portfolio*, fejn issir distinzjoni bejn:

   (a) sigurtajiet trasferibbli li jkunu imdaħħlin fil-lista uffiċjali tal-borża;

   (b) sigurtajiet trasferibbli negozjati fuq kull suq ieħor regolat;

   (ċ) sigurtajiet trasferibbli li jkunu għadhom kemm ħarġu;

   (d) sigurtajiet trasferibbli mhux inklużi hawn fuq;

   (e) dokumenti dwar dejn mhux inklużi hawn fuq;

   (f) investimenti oħra kif applikabbli.

Riferenzi fis-sub-paragrafu (ċ) ta' dan il-paragrafu għal sigurtajiet trasferibbli li jkunu għadhom kemm ħarġu huma għal sigurtajiet li mal-kondizzjonijiet tal-ħruġ tagħhom tkun inkluża garanzija li tkun se ssir applikazzjoni għad-dħul fil-lista uffiċjali tal-borża jew f'xi suq ieħor regolat.

Il-*portfolio* għandu jkun analizzat fuq bażi ekonomika, ġeografika, ta' munita jew kriterji xierqa oħra meta titqies il-*policy* ta' investiment tal-kumpannija. Dak l-analiżi għandu juri l-valur ta' kull kategorija ta' investiment bħala perċentwali ta' l-attiv nett u bħala perċentwali ta' l-attiv totali tal-kumpannija.

Kull tibdil materjali fil-kompożizzjoni tal-*portfolio* ta' l-investiment magħmul matul żmien tal-kontijiet għandu jkun dikjarat.

5. Dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet ta' l-iżviluppi dwar l-attiv tal-kumpannija li jkunu saru matul iż-żmien tal-kontijiet u inklużi, fost ħwejjeġ oħra, dawn li ġejjin:

— dħul minn investimenti;
— dħul ieħor;
— spejjeż ta' direzzjoni;
— spejjeż tad-depożitarji;
— spejjeż oħra u taxxi;
— dħul nett;
— tqassim u dħul investit mill-ġdid;
— tibdil fil-kont kapitali;
— apprezzament jew deprezzament fil-valur ta' l-investimenti;
— tibdil ieħor li jolqot il-valur ta' l-attiv u l-passiv tal-kumpannija.

6. Tabella komparattiva li tkopri l-aħħar tliet żminijiet tal-kontijiet u magħduda, għal kull żmien tal-kontijiet, fit-tmiem ta' dak iż-żmien il-valur ta' l-attiv nett totali tal-kumpannija u l-valur ta' l-attiv nett kull unità jew azzjoni.

Matul l-ewwel, it-tieni u t-tielet żmien tal-kontijiet, kumpannija għandha turi t-tagħrif ta' hawn fuq għaż-żminijiet tal-kontijiet kollha mir-reġistrazzjoni tagħha.

7. Dettalji skond il-kategorija tat-transazzjoni ta' l-ammont li jirriżulta mir-rabtiet.

Riferenzi f'dan il-paragrafu għal rabtiet huma għal rabtiet li jinħolqu mill-użu ta' metodi tekniċi u strumenti għal finijiet ta' *portfolio management* effiċjenti, li jinkludi, fost ħwejjeġ oħra, il-protezzjoni kontra r-riskji ta' kambju, rata ta' mgħax u swieq.

IS-SITT SKEDA

(Artikolu 177)

Kontenut tar-Rapport tad-Diretturi

1. Ir-rapport tad-diretturi għandu jkun fih —

(a) partikolaritajiet ta' kull ġrajjiet importanti li jolqtu l-kumpannija jew xi waħda mill-impriżi sussidjarji tagħha li jkunu ġraw mit-tmiem ta' l-aħħar żmien tal-kontijiet;

(b) indikazzjoni ta' l-iżviluppi li x'aktarx ikun hemm fil-futur fin-negozju tal-kumpannija u ta' l-impriżi sussidjarji tagħha;

(ċ) indikazzjoni ta' l-attivitajiet, jekk ikun hemm, tal-kumpannija u ta' l-impriżi sussidjarji tagħha fil-qasam ta' l-iżvilupp u tar-riċerka; u

(d) l-ammont, jekk ikun hemm, li huma jirrakkomandaw biex jitħallas bħala dividend u l-ammont, jekk ikun hemm, li huma jipproponu li jqiegħdu fir-riżervi.

2. Ir-rapport tad-diretturi għandu jiddikjara t-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' din l-Iskeda meta matul żmien tal-kontijiet azzjonijiet f'kumpannija —

(a) ikunu nxtraw mill-kumpannija jew ikunu akkwistati minnha b'konfiska jew ċessjoni minflok konfiska, jew fil-każ ta' l-akkwist mill-kumpannija ta' azzjonijiet tagħha stess, jew

(b) ikunu akkwistati minn persuna oħra f'ċirkostanzi fejn l-akkwist ikun minn nominat tal-kumpannija, jew minn xi ħadd ieħor bl-għajnuna finanzjarja tal-kumpannija, u l-kumpannija nnifisha jkollha nteress benefiċjarju, jew

(ċ) ikunu magħmula suġġetti għal rahan jew privileġġ, għal ipoteka jew xi piż ieħor favur il-kumpannija;

3. It-tagħrif li għandu jintwera fir-rapport tad-diretturi skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' din l-Iskeda għandu jkun dan li ġej:

(a) ir-raġunijiet għal dawk it-transazzjonijiet jew ġrajjiet;

(b) in-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet hekk mixtrija, l-ammont aggregat tal-konsiderazzjoni mħallsa mill-kumpannija għal dawk l-azzjonijiet u r-raġunijiet għax-xiri tagħhom;

(ċ) in-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet hekk mixtrija mill-kumpannija, jew akkwistata minn persuna oħra f'dawk iċ-ċirkostanzi jew hekk imħallsa rispettivament matul iż-żmien tal-kontijiet;

(d) l-akbar numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet li, meta jkunu hekk akkwistati mill-kumpannija, akkwistati minn persuna oħra f'dawk iċ-ċirkostanzi jew hekk imħallsa, sew jekk matul dak iż-żmien jew le, ikunu miżmuma f'kull żmien mill-kumpannija jew minn dik il-persuna l-oħra matul dak iż-żmien;

(e) in-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet hekk akkwistati mill-kumpannija, akkwistati minn persuna oħra f'dawk iċ-ċirkostanzi jew hekk imħallsa, sew jekk matul dak iż-żmien jew le, li jkunu disposti mill-kumpannija jew li jkunu kanċellati mill-kumpannija matul dak iż-żmien;

(f) meta n-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet ta' xi deskrizzjoni partikolari jkunu dikjarati skond xi wieħed mis-sub-paragrafi ta' qabel dan, il-perċentwali tal-kapital azzjonarju msejjaħ u maħruġ li l-azzjonijiet ta' dik id-deskrizzjoni jkunu jirrappreżentaw;

(ġ) meta xi whud mill-azzjonijiet ikunu hekk thallsu l-ammont tal-ħlas f'kull każ; u

(h) meta xi whud mill-azzjonijiet ikunu disposti mill-kumpannija għall-persuna li tkun akkwistathom f'dawk iċ-ċirkostanzi għal flus jew dak li jiswa flus, l-ammont jew valur tal-konsiderazzjoni f'kull każ.

4. Ir-rapport tad-diretturi għandu wkoll jiddikjara n-numru u l-valur nominali ta' l-azzjonijiet kollha tal-kumpannija *parent* miżmuma, minn dik il-kumpannija nnifisha, minn kumpanniji sussidjarji ta' dik il-kumpannija:

Iżda l-partikolaritajiet imsemmija f'dan il-paragrafu ma għandhomx għalfejn jintwerew fir-rapport tad-diretturi jekk ikunu nklużi fin-noti tal-kontijiet.

IS-SEBA' SKEDA

(Artikolu 184)

Kontenut u Formula ta' Prospett Annwali

PROSPETT ANNWALI ta' ..... (isem tal-kumpannija)

Data ta' riferenza tal-kontijiet: .....

Xorta ta' kumpannija: Pubblika/Privata (ħassar kif meħtieġ)

Sa liema data dan il-prospett hu magħmul * .....

* Seba' xhur wara li jgħalaq iż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet rilevanti (kumpannija pubblika)

* Għaxar xhur wara li jgħalaq iż-żmien ta' riferenza għall-kontijiet rilevanti (kumpannija privata)

1. *Indirizz*

(Indirizz ta' l-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija)

2. *Sommarju tal-Kapital Azzjonarju u Obbligazzjonijiet*

L-ammonti kollha f'liri Maltin għandhom jitniżżlu bis-simbolu Lm quddiemhom. Is-simboli wżati għal muniti oħra għandhom jiġu ndikati (meta applikabbli):

Munita	Simbolu
.....	.....
.....	.....
.....	.....
.....	.....

(a) Kapital Azzjonarju Nominali

Kapital Azzjonarju Nominali ..... maqsum fi:

(niżżel in-numru u l-klassi) azzjonijiet ta' ..... kull waħda

.... azzjonijiet ta' ..... kull waħda

.... azzjonijiet ta' ..... kull waħda

.... azzjonijiet ta' ..... kull waħda

.... azzjonijiet ta' ..... kull waħda

(b) Kapital Azzjonarju u Obbligazzjonijiet Maħruġa

	Numru	Klassi
Numru ta' azzjonijiet ta' kull klassi li jkunu ttieħdu sad-data ta' dan il-prospett liema numru għandu jaqbel mat-total muri fil-lista li għandhom il-membri eżistenti).	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
Numru ta' azzjonijiet ta' kull klassi maħruġa suġġetti għall-ħlas għal kollox fi flus.	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
Numru ta' azzjonijiet ta' kull klassi maħruġa bħala mħallsa għal kollox għal kumpens li ma jkunx flus.	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
Numru ta' azzjonijiet ta' kull klassi maħruġa bħala parti mħallsa għal kumpens li ma jkunx flus u safejn kull azzjoni bħal din tkun hekk imħallsa.	maħruġa bħala mħallsa sa ..... kull azzjoni	azzjonijiet
	maħruġa bħala mħallsa sa ..... kull azzjoni	azzjonijiet
	maħruġa bħala mħallsa sa ..... kull azzjoni	azzjonijiet
	maħruġa bħala mħallsa sa ..... kull azzjoni	azzjonijiet
Numru ta' azzjonijiet, jekk ikun hemm, ta' kull klassi maħruġa bi skont.	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
	.....	..... azzjonijiet
Ammont ta' skont fuq il-ħruġ ta' azzjonijiet li ma kienx imħassar fid-data ta' dan il-prospett.	....	

		Numru	Klassi	
Ammont imsejjaħ fuq numru ta' azzjonijiet ta' kull klassi.	..... kull azzjoni fuq	.....	.....	azzjonijiet
	..... kull azzjoni fuq	.....	.....	azzjonijiet
	..... kull azzjoni fuq	.....	.....	azzjonijiet
	..... kull azzjoni fuq	.....	.....	azzjonijiet
Ammont totali ta' sejħiet riċevuti, magħduda ħlasijiet ma' l-applikazzjoni u għoti u kull somom riċevuti fuq azzjonijiet konfiskati.		.....		
Ammont totali, jekk ikun hemm, miftiehem li jkun meqjus bħala mħallas fuq numru ta' azzjonijiet ta' kull klassi maħruġa bħala mħallsa għal kollox għal kumpens li ma jkunx flus.	..... fuq	.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
Ammont totali, jekk ikun hemm, miftiehem li jkun meqjus bħala mħallas fuq numru ta' azzjonijiet ta' kull klassi maħruġa bħala mħallsa għal kollox għal kumpens li ma jkunx flus.	..... fuq	.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
		.....	.....	azzjonijiet
Ammont totali ta' sejħiet mhux imħallsa		.....	.....	
Ammont totali tas-somom, jekk ikun hemm, imħallsa permezz ta' kummissjoni dwar xi azzjonijiet jew obbligazzjonijiet		.....	.....	
Ammont totali tas-somom, jekk ikun hemm, imħolli bħala skont dwar xi obbligazzjonijiet mid-data ta' l-aħħar prospett		.....	.....	

	Numru	Klassi	
Numru totali ta' azzjonijiet ta' kull klassi konfiskati	.....	.....	azzjonijiet
	.....	.....	azzjonijiet
	.....	.....	azzjonijiet
	.....	.....	azzjonijiet
Ammont totali mħallas, jekk ikun hemm, fuq azzjonijiet konfiskati ..	.....		
Ammont totali ta' azzjonijiet li x-*share warrant* ikunu pendenti	.....		
Ammont totali ta' *share warrants* maħruġa u mogħtija lura rispettivament mid-data ta' l-aħħar prospett.	Maħruġa:	.....	
	Mogħtija lura:	.....	
Numru ta' azzjonijiet imdaħħla f'kull *share warrant*, billi jiġi muri fil-każ ta' *warrants* ta' diversi xorta, partikolaritajiet ta' kull xorta.	.....	.....	

3. *Lista ta' Membri Passati u Preżenti*

Lista ta' persuni li jkollhom azzjonijiet jew *stock* fil-kumpannija sad-data li fiha jsir dan il-prospett, u ta' persuni li kellhom azzjonijiet jew *stock* fiha f'kull żmien mid-data ta' l-aħħar prospett, jew fil-każ ta' l-ewwel prospett, mir-reġistrazzjoni tal-kumpannija.

Folio fir-reġistru tal-*ledger* li jkollu partikolaritajiet	Ismijiet u indirizzi	Kont ta' Azzjonijiet			Rimarki
		Numru ta' azzjonijiet miżmuma minn membri eżistenti fid-data tal-prospett*§	Partikolaritajiet ta' azzjonijiet trasferiti mid-data ta' l-aħħar prospett jew, fil-każ ta' l-ewwel prospett, mir-reġistrazzjoni tal-kumpannija, minn (a) persuni li għadhom membri u (b) persuni li ma baqgħux membri **		
			Numru §	Data tar-reġistrazzjoni jew trasferiment	
			(a)	(b)	

* In-numru aggregat ta' azzjonijiet miżmuma minn kull membru għandu jiġi dikjarat u l-aggregati għandhom jingħaddu sabiex jaqblu man-numru ta' azzjonijiet dikjarati fis-Sommarju tal-Kapital Azzjonarju u l-Obbligazzjonijiet li kienu ttieħdu.

§ Meta l-azzjonijiet ikunu diviżi fi klassijiet differenti dawn il-kolonni għandhom ikunu suddiviżi sabiex in-numru ta' kull klassi miżmuma, jew trasferita, jistgħu jiġu murija separatament. Meta xi azzjonijiet ikunu ġew konvertiti fi *stock* l-ammonti ta' l-*istock* miżmum minn kull membru għandu jkun muri.

** Id-data tar-reġistrazzjoni ta' kull trasferiment għandha tingħata kif ukoll in-numru ta' azzjonijiet trasferiti f'kull data. Il-partikolaritajiet għandhom jitqegħdu kontra l-isem ta' min jittrasferixxi u mhux kontra dak li lilu jiġu trasferiti, iżda l-isem ta' min lilu jiġu trasferiti jista' jitniżżel fil-kolonna tar-"Rimarki" minnufih kontra l-partikolaritajiet ta' kull trasferiment.

4. *Partikolaritajiet ta' Diretturi*

Partikolaritajiet tal-persuni li jkunu diretturi tal-kumpannija fid-data ta' dan il-prospett.

Isem (Fil-każ ta' individwu, isem jew ismijiet u kunjom. Fil-każ ta' korp ġuridiku, l-isem tal-korp)	Nazzjonalità	Indirizz residenzjali tas-soltu. (Fil-każ ta' korp ġuridiku, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali)	Okkupazzjoni fin-negozju u partikolaritajiet ta' kariġi oħra ta' direttur u ta' segretarju ta' kumpannija

5. *Partikolaritajiet tas-Segretarju tal-Kumpannija*

Partikolaritajiet tal-persuna li tkun segretarju tal-kumpannija fid-data ta' dan il-prospett.

Isem (Fil-każ ta' individwu, isem jew ismijiet u kunjom. Fil-każ ta' korp ġuridiku, l-isem tal-korp)	Nazzjonalità	Indirizz residenzjali tas-soltu. (Fil-każ ta' korp ġuridiku, l-uffiċċju reġistrat jew prinċipali)	Okkupazzjoni fin-negozju u partikolaritajiet ta' kariġi ta' direttur

Firmat .....Direttur/Segretarju

IT-TMIEN SKEDA
(Artikolu 186)

REGOLI TA' KONVERŻJONI LI JAPPLIKAW META JKUN HEMM BDIL FIL-MUNITA LI FIHA L-KAPITAL AZZJONARJU TA' KUMPANNIJA JKUN ESPRESS U L-MUNITA KORRISPONDENTI LI BIHA JSIRU L-KONTIJIET

1. F'din l-Iskeda, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Medja annwali ta' rati tal-kambju" tfisser medja tar-rati tal-kambju li kienu fis-seħħ matul żmien tal-kontijiet. Għall-fini tal-kalkolu ta' din il-medja jkun biżżejjed li tittieħed il-medja tar-rata medja applikabbli fl-aħħar jum tax-xogħol ta' kull ġimgħa li tkun tinsab fl-imsemmi żmien tal-kontijiet;

"Munita barranija" tfisser munita barra mill-munita li biha jsiru l-kontijiet;

"Munita li biha jsiru l-kontijiet" tfisser il-munita wżata meta jkunu preżentati l-kontijiet annwali skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 187 ta' dan l-Att. Mal-bdil fil-munita li biha jsiru l-kontijiet b'konsegwenza ta' bdil fil-munita li fiha l-kapital azzjonarju ta' kumpannija jkun espress skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 186 ta' dan l-Att il-frażi "il-munita oriġinali li biha jsiru l-kontijiet" għandha tirreferi għall-munita li biha kienu jsiru l-kontijiet qabel il-bdil; u l-frażi "il-munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet" għandha tirreferi għall-munita li biha jsiru l-kontijiet applikabbli wara l-bdil, u fil-każi li l-bdil isir fl-ewwel żmien tal-kontijiet, tirreferi għall-munita li biha jsiru l-kontijiet li kienet tintuża li kieku ma jkunx sar dak il-bdil.

"Oġġetti monetarji" huma flus miżmuma u oġġetti jew li għandhom ikunu riċevuti jew li għandhom jitħallsu bi flus. L-attiv u l-passiv l-ieħor kollu huma "oġġetti mhux monetarji";

"Rata medja" tfisser ir-rata tal-kambju medja f'jum partikolari għall-kambju ta' muniti f'dak il-jum;

"Rata ta' l-għluq" tfisser ir-rata medja li teżisti fid-data tal-karta tal-bilanċ li taħbat minnufih qabel iż-żmien tal-kontijiet li għalih japplika l-bdil fil-munita li fiha jsiru l-kontijiet;

"Rata tal-kambju" tfisser ir-rata li biha l-muniti ta' żewġ pajjiżi jinbidlu f'ħin partikolari;

2. Mal-bdil fil-munita li fiha jsiru l-kontijiet, il-munita l-ġdida li fiha jsiru l-kontijiet għandha tkun applikabbli mill-ewwel jum taż-żmien tal-kontijiet li għalih japplika l-bdil tal-munita li biha jsiru l-kontijiet, liema jum qed jissejjaħ id-data applikabbli fil-bqija ta' l-Iskeda.

3. (1) L-oġġetti tal-karta tal-bilanċ li kienu jeżistu fid-data applikabbli għandhom ikunu konvertiti mill-munita oriġinali li biha jsiru l-kontiiet għall-munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet skond ir-regoli fil-paragrafi li ġejjin ta' dan l-Iskeda.

(2) Dik il-konverżjoni għandha titqies li tkun saret qabel ma jsiru kontijiet għal xi transazzjonijiet matul iż-żmien tal-kontijiet li għalih il-bdil fil-munita li jsiru l-kontijiet japplika.

4. (1) Il-kapital azzjonarju mħallas u l-bilanċ fuq kont tax-*share premium* għandhom ikunu konvertiti bir-rata jew bir-rati tal-kambju applikabbli fid-data jew fid-dati rispettivi meta dawk l-azzjonijiet kienu maħruġa mill-kumpannija.

(2) L-ammont li jkun għadu mhux imsejjaħ fuq xi azzjonijiet maħruġa mill-kumpannija għandu jkun konvertit bir-rata jew bir-rati tal-kambju applikabbli fid-data jew fid-dati rispettivi meta dawk l-azzjonijiet kienu maħruġa.

(3) Il-valur nominali għal kull azzjoni fil-munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet għandu jkun kalkolat billi jingħaddu flimkien il-kapital azzjonarju mħallas konvertit kif muri fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu u l-ammont mhux imsejjaħ, jekk ikun hemm, fuq xi azzjonijiet maħruġa mill-kumpannija konvertiti skond is-sub-paragrafu (2) ta' dan il-paragrafu, u billi dawk iż-żewġ ammonti magħdudin flimkien (il-kapital azzjonarju maħruġ) ikunu diviżi bin-numru ta' azzjonijiet maħruġa:

Iżda meta jkunu hemm —

(a) azzjonijiet privileġġati jew klassijiet differenti ta' azzjonijiet privileġġati; jew

(b) klassijiet differenti ta' azzjonijiet ordinarji u meta l-valur nominali kull azzjoni jvarja bejn klassi u oħra,

il-konverżjoni tal-valur nominali kull azzjoni għall-munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet għandha ssir separatament għall-azzjonijiet ordinarji u l-azzjonijiet privileġġati, jew għal kull klassi ta' azzjonijiet ordinarji safejn il-valur nominali kull azzjoni jvarja bejn klassi u oħra, skond il-każ.

(4) Il-kapital azzjonarju awtorizzat tal-kumpannija għandu jkun konvertit billi jingħaddu flimkien —

(a) l-ammonti magħdudin flimkien kif imsemmi fis-sub-paragrafu (3) ta' dan il-paragrafu (il-kapital azzjonarju maħruġ konvertit); u

(b) l-ammont tal-kapital azzjonarju awtorizzat, li jkun għadu mhux maħruġ, konvertit mill-kapital azzjonarju oriġinali fid-data ta' l-eghluq.

5. (1) Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-frażijiet "riżervi maħluqa mill-profitti" u "telf akkumulat" għandhom ikunu kalkolati għal kull żmien tal-kontijiet billi jittieħdu l-profitti jew it-telf għal dak iż-żmien bl-esklużjoni ta' xi proviżjonijiet għal varjazzjoni fil-kambju.

(2) Riżervi maħluqa mill-profitti, magħduda profitti miżmuma, għandhom ikunu konvertiti bil-medja annwali tar-rata tal-kambju li tkun tgħodd għaż-żmien tal-kontijiet li matulu jkun inqala' l-qligħ li minnu jkunu nħolqu dawk ir-riżervi.

(3) Sabiex ikun stabbilit l-ammont ta' qligħ dwar żmien tal-kontijiet li minnu jkunu nħolqu r-riżervi għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin —

(a) meta dividendi jitħallsu minn profitti u ż-żmien tal-kontijiet li għalih jirreferu dawk il-profitti ma jkunx ġie nominat, dawk id-dividendi għandhom jitqiesu li jkunu tħallsu fuq bażi ta' l-ewwel ġewwa l-ewwel barra;

(b) telf li jirriżulta matul iż-żmien tal-kontijiet ma għandux jitpaċa ma' profitti li jkunu saru matul żminijiet tal-kontijiet oħra, iżda għandu jkun konvertit bil-medja annwali tar-rata tal-kambju għaż-żmien tal-kontijiet li matulu jkun sar dak it-telf.

(4) Meta fid-data tal-konverżjoni jkun hemm ammont li jirrappreżenta t-telf akkumulat dak l-ammont għandu jkun konvertit bil-medja annwali tar-rata tal-kambju għaż-żmien jew għaż-żminijiet li matulu dak it-telf ikun sar.

(5) Għall-finijiet tas-sub-paragrafu (4) ta' hawn fuq, kull qligħ li jinqala' matul xi żmien tal-kontijiet ma għandhux jitpaċa ma' xi telf li jkun sar matul żminijiet tal-kontijiet oħra, iżda għandu jkun konvertit bil-medja annwali tar-rata tal-kambju għaż-żmien jew żminijiet tal-kontijiet li matulhom ikun inqala' dak il-qligħ.

(6) Riżervi li ma jkunux inħolqu minn profitti għandhom ikunu konvertiti bir-rata jew bir-rati tal-kambju applikabbli fid-data jew dati meta jkunu nħolqu dawk ir-riżervi.

6. (1) L-oġġetti monetarji kollha għandhom ikunu konvertiti bir-rata ta' l-eqħluq.

(2) Oġġetti mhux monetarji li jkunu reġistrati dwar ġrajjiet passati (bħal *historical cost*), għandhom ikunu konvertiti bil-medja annwali tar-rati tal-kambju għaż-żmien tal-kontijiet rilevanti.

(3) Oġġetti mhux monetarji li jkunu valutati mill-ġdid għandhom ikunu konvertiti bir-rati tal-kambji li kienu jeżistu fid-dati tal-valutazzjonijiet mill-ġdid tagħhom.

(4) Proviżjonijiet għal deprezzament jew għal tnaqqis fil-valur ta' attiv mhux monetarju għandhom ikunu konvertiti bil-medja tar-rata tal-kambju annwali applikata biex tikkonverti l-kost jew l-ammont valutat mill-ġdid ta' l-attiv relattiv skond id-dispożizzjonijiet tas-sub-paragrafu (2) jew (3) ta' dan il-paragrafu.

7. (1) Meta wara l-konverżjoni għall-munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet l-attiv totali jkunu iżjed mill-passiv totali u l-fondi attribwibbli lill-azzjonisti magħdudin flimkien, l-ammont li jkun iżjed għandu jintwera bħala oġġett separat mar-riżervi taħt l-intestatura "Differenza fil-konverżjoni ta' munita li biha jsiru l-kontijiet".

(2) Id-differenza fil-konverzjoni ta' munita li biha jsiru l-kontijiet ma titqassamx bħala dividendi.

(3) Meta wara konverżjoni għall-munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet il-passiv totali u l-fondi attribwibbli lill-azzjonisti flimkien ikunu iżjed mill-attiv totali, l-ammont iżjed għandu jitpaċa mar-riżervi distribwibbli jew jiżdied mat-telf akkumulat, skond il-każ.

8. (1) Fil-kontijiet annwali taż-żmien tal-kontijiet li għalih japplika l-bdil fil-munita li biha jsiru l-kontijiet, l-ammonti taż-żmien tal-kontijiet ta' qabel li jikkorrispondu għall-oġġetti inklużi fil-karta tal-bilanċ u, meta applikabbli, fin-noti tal-kontijiet, sew individwali kemm konsolidati, għandhom ikunu dikjarati fil-munita l-ġdida li biha jsiru l-kontijiet wara li jkunu applikati r-regoli ta' konverżjoni murija fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' din l-Iskeda.

(2) Fil-kontijiet annwali taż-żmien tal-kontijiet li għalih japplika l-bdil fil-munita li biha jsiru l-kontijiet, l-ammonti taż-żmien tal-kontijiet ta' qabel li jikkorrispondu għall-oġġetti inklużi fil-kont ta' qligħ u telf u, meta applikabbli, fin-noti tal-kontijiet, sew individwali kemm konsolidati, għandhom ikunu konvertiti għall-munita l-ġdida li fiha jsiru l-kontijiet bil-medja annwali tar-rata tal-kambju għaż-żmien tal-kontijiet ta' qabel.

9. Fl-ewwel kontijiet annwali wara l-konverzjoni, in-noti tal-kontijiet, sew individwali kemm konsolidati, għandhom jinkludu d-dettalji kollha tal-metodu tal-konverżjoni u r-rati tal-kambju użati għal kull kategorija ta' attiv u passiv skond il-kategoriji murija f'din l-Iskeda.

ID-DISA' SKEDA

Tifsir ta' espressjonijiet użati fis-subartikoli minn (2) sa (4) ta' l-artikolu 2 ta' l-Att u dispożizzjonijiet supplimentari għalih

Jeddijiet għal vot f'impriża

1. (a) Riferenzi għal jeddijiet tal-vot f'impriża huma għall-jeddijiet mogħtija lil azzjonisti dwar l-azzjonijiet tagħhom jew, fil-każ ta' mpriża li ma jkollhiex kapital azzjonarju, lil membri, li jivvotaw f'laqgħat ġenerali ta' l-impriża fuq il-ħwejjeġ kollha, jew sostanzjalment kollha.

(b) Riferenzi għal diretturi għandhom jinftiehmu li jinkludu riferenzi għal persuni fdati bl-amministrazzjoni ta' impriżi li ma jkollhomx diretturi u riferenzi għall-bord tad-diretturi għandhom jinftiehmu li jinkludu korp ekwivalenti f'dawk l-impriżi.

2. Dwar impriża li ma jkollhiex laqgħat ġenerali li fihom ikunu deċiżi affarijiet bl-eżerċizzju tal-jedd tal-vot, ir-riferenzi għat-tiżmim ta' maġġoranza tal-jeddijiet tal-vot fl-impriża għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għall-jedd taħt il-kostituzzjoni ta' l-impriża tad-dritt għat-tmexxija tal-*policy* ġenerali ta' l-impriża jew għat-tibdil tal-kondizzjonijiet tal-kostituzzjoni tagħha.

Jedd għal ħatra u tneħħija ta' maġġoranza tad-diretturi

3. Riferenza għall-jedd ta' ħatra jew tneħħija ta' maġġoranza tal-bord tad-diretturi hija għall-jedd ta' ħatra jew tneħħija ta' diretturi li jkollhom maġġoranza tal-jeddijiet tal-vot f'laqgħat tal-bord fuq il-ħwejjeġ kollha, jew sostanzjalment kollha.

4. Impriża għandha titqies li jkollha l-jedd li taħtar direttorat jekk —

(a) ħatra ta' persuna fiha tkun bilfors issegwi l-ħatra tagħha bħala direttur ta' l-impriża; jew

(b) id-direttorat ikun miżmum mill-impriża nnifisha.

5. Il-jedd għal ħatra jew tneħħija li hu eżerċitabbli biss bil-kunsens jew bi ftehim ma' persuna oħra ma għandux jitqies kemm-il darba ebda persuna oħra ma jkollha jedd li taħtar jew, skond il-każ, tneħħi persuni mid-direttorat.

Jedd ta' l-eżerċizzju ta' influwenza dominanti

6. Impriża ma titqiesx li jkollha l-jedd li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra kemm-il darba ma jkollhiex jedd li tagħti direttivi dwar il-*policies* ta' xogħol u finanzjarji ta' dik l-impriża l-oħra li d-diretturi tagħha huma obbligati li jħarsu, sew jekk dawk id-direttivi jkunu għall-benefiċċju ta' dik l-impriża l-oħra u sew jekk le.

Jeddijiet li jkunu eżerċitati biss f'ċerti ċirkostanzi

7. Jeddijiet li jistgħu jkunu eżerċitati biss f'ċerti ċirkostanzi jkunu meqjusa biss —

(a) meta jkunu nqalgħu ċ-ċirkostanzi, u safejn dawn jibqgħu hemm; jew

(b) meta ċ-ċirkostanzi jkunu taħt il-kontroll tal-persuna li jkollha l-jeddijiet.

8. Jeddijiet li normalment jistgħu jkunu eżerċitat iżda li temporanjament ma jkunux jistgħu jkunu eżerċitati għandhom ikomplu jitqiesu.

Jeddijiet miżmuma minn persuna f'isem ħaddieħor

9. Jeddijiet miżmuma minn persuna f'kariga fiduċjarja ma għandhomx jitqiesu li jkunu miżmuma minnha.

10. Jeddijiet miżmuma minn persuna bħala *nominee* għal ħaddieħor għandhom jitqiesu li jkunu miżmuma minn dak l-ieħor.

11. Jeddijiet jitqiesu li huma miżmuma minn persuna bħala *nominee* għal ħaddieħor jekk dawn ikunu jistgħu jiġu eżerċitati fuq l-istruzzjonijiet ta' dan ta' l-aħħar jew bil-kunsens tiegħu jew bi ftehim miegħu.

Jeddijiet marbuta ma' azzjonijiet bħala sigurtà

12. Jeddijiet marbuta ma' azzjonijiet bħala sigurtà għandhom jitqiesu bħala miżmuma mill-persuna li tipprovdi s-sigurtà —

(a) meta, barra mill-jedd li jkunu eżerċitati sabiex jinżamm il-valur tas-sigurtà, jew biex ikun realizzat, il-jeddijiet jistgħu jkunu eżerċitati biss skond l-istruzzjonijiet tal-persuna li tipprovdi s-sigurtà; u

(b) meta l-azzjonijiet ikunu miżmuma dwar l-għoti ta' self bħala parti mill-attivitajiet tan-negozju normali u barra mill-jedd li jkunu eżerċitati sabiex jinżamm il-valur tas-sigurtà, jew biex ikun realizzat, il-jeddijiet ikunu eżerċitati biss fl-interessi tal-persuna li tipprovdi s-sigurtà.

Jeddijiet attribwiti lil impriża "parent"

13. Jeddijiet għandhom jitqiesu li huma miżmuma minn impriża *parent* jekk ikunu miżmuma minn xi waħda mill-impriżi sussidjarji tagħha.

Ċerti jeddijiet ma jitqiesux

14. Il-jeddijiet tal-vot f'impriża għandhom jitnaqqsu b'kull jeddijiet miżmuma mill-impriża nnifisha.

L-GĦAXAR SKEDA

(Artikolu 427)

Penalitajiet

Artikolu	Nuqqas	Penali	Penali kull jum
6(8)	Nuqqas li jintwerew partikolaritajiet dwar is-soċjetà kummerċjali fuq ittri tan-negozju eċċ., u uffiċjal ta' soċjetà kummerċjali li jonqos li juri l-kariga li biha jkun qed jiffirma għan-nom tas-soċjetà kummerċjali	200 lira	xejn
6(9)	Stralċjarju li jonqos li jinkludi dikjarazzjoni fuq ittri tan-negozju eċċ., tas-soċjetà kummerċjali li din tkun qed tiġi stralċjata jew li jonqos li jinkludi l-ismijiet ta' l-istralċjarji ta' kumpannija li tkun qed tiġi stralċjata	200 lira	xejn
10	Kull persuna li tinkludi isem ta' persuna li ma tkunx soċju jew isem fittizju fl-isem tas-soċjetà	1000 lra	xejn
19(4)	Soċji li jonqsu li jagħtu avviż meta persuna tkun daħlet jew spiċċat minn soċju ta' soċjetà	200 lira	10 liri
26(2)	Soċji li jonqsu li jżommu *records* ta' kontijiet għal għaxar snin	500 lira	xejn
41	Nuqqas tas-soċji li jagħtu avviż tax-xoljiment ta' soċjetà jew nuqqas ta' stralċjarju li jagħti avviż tal-ħatra tiegħu	200 lira	10 liri
50(2)	Nuqqas tas-soċji li jipprovdu għall-*records*/dokumenti wara stralċ	200 lira	xejn
50(3)	Nuqqas ta' stralċjarju jew tal-persuna magħżula li żżomm *records*/dokumenti tas-soċjetà għaż-żmien preskritt	500 lira	xejn
50(5)	Nuqqas ta' eredi tal-persuna magħżula li tikkonsenja *records*/dokumenti ta' soċjetà	200 lira	xejn
66(6)	Nuqqas ta' soċju fdat bl-amministrazzjoni jew rappreżentanza li jikkonsenja lir-Reġistratur kopja ta' kull dokument li jibdel jew iżid ma' l-att ta' soċjetà ta' soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha jkun maqsum f'azzjonijiet jew nuqqas li jikkonsenja att emendat tas-soċjetà	200 lira	10 liri
70(6)	Kummerċ jew tmexxija ta' negozju taħt ċerti ismijiet projbiti	200 lira	xejn
74(2)	Nuqqas ta' kumpannija li tippreżenta rapport ta' proposta għall-akkwist ta' attiv ta' sottoskrivent jew ta' azzjonista tal-maġġoranza lir-Reġistratur	500 lira	xejn

L-GĦAXAR SKEDA

(Artikolu 427)

Penalitajiet

Artikolu	Nuqqas	Penali	Penali kull jum
79(4)	Nuqqas ta' uffiċjal li jikkonsenja kopja ta' riżoluzzjoni li tibdel jew iżżid mal-memorandum jew l-istatut ta' kumpannija lir-Reġistratur jew nuqqas li jikkonsenja memorandum jew statut emendat	200 lira	10 liri
85(4)	Nuqqas ta' uffiċjal li jippreżenta kopja ta' riżoluzzjoni li żżid il-kapital azzjonarju	200 lira	10 liri
88(11)	Nuqqas ta' uffiċjal ta' kumpannija li jikkonsenja lir-Reġistratur kopja ta' riżoluzzjoni li tirrestringi jew tirtira l-jedd ta' prelazjoni	200 lira	10 lir1
91	Ksur ta' l-artikolu 89 jew 90 (1) dwar l-obbligu li jinħareġ prospett	1000 lira	xejn
92(2)	Ħruġ ta' prospett bi ksur ta' l-artikolu 92 (1)	1000 lira	xejn
93(2)	Ħruġ ta' prospett qabel ma dan ikun reġistrat	1000 lira	20 lira
97(5)	Nuqqas ta' kumpannija u ta' l-uffiċjali tagħha li jżommu f'kont separat il-flus riċevuti minn applikanti skond prospett	1000 lira	20 lira
101(5)	Nuqqas ta' kumpannija u ta' l-uffiċjali tagħha li jżommu f'kont separat il-flus riċevuti minn applikanti skond prospett imniżżel fuq borża	1000 lira	20 lira
103(2)	Nuqqas li jsir prospett dwar għoti	200 lira	10 liri
104(3)	Nuqqas tad-diretturi li jsejħu laqgħa ġenerali fil-każ ta' telf serju ta' kapital	200 lira	10 liri
106(2)	Nuqqas ta' uffiċjali ta' kumpannija li jagħtu lir-Reġistratur kopja ta' riżoluzzjoni ta' kumpannija biex takkwista l-azzjonijiet tagħha stess mhux bil-mezz ta' sottoskrizzjoni	200 lira	10 liri
113(4)	Nuqqas ta' uffiċjal li juri kummissjonijiet, skonti, eċċ fuq ħruġ ta' azzjonijiet	200 lira	10 liri
115(6)	Nuqqas ta' uffiċjali li jipprovdu lir-Reġistratur b'avviż ta' fidwa ta' azzjonijiet privileġġati	200 lira	10 liri
119(4)	Nuqqas ta' kumpannija li tibgħat avviż lil min ikun se jsir trasferiment ta' rifjut li tirreġistra t-trasferiment ta' azzjonijiet u obbligazzjonijiet	200 lira	10 liri

L-GĦAXAR SKEDA

(Artikolu 427)

Penalitajiet

Artikolu	Nuqqas	Penali	Penali kull jum
120(4)	Nuqqas ta' uffiċjali ta' kumpannija li jħarsu d-dispożizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' ċertifikati ta' azzjonijiet	200 lira	10 liri
123(4)	Nuqqas ta' uffiċjali ta' kumpannija li jħarsu d-dispożizzjonijiet dwar reġistru tal-membri	200 lira	10 liri
124(4)	Nuqqas ta' uffiċjali tal-kumpannija li jżommu reġistru xieraq ta' obbligazzjonijiet	200 lira	10 liri
128(3)	Nuqqas ta' uffiċjali tal-kumpannija li jagħmlu l-laqgħa annwali ġenerali	1000 lira	20 lira
133(3)	Nuqqas ta' uffiċjali tal-kumpannija li jagħtu avviż lill-membri dwar il-jedd li jivvotaw bi prokura f'laqgħa tal-kumpannija	200 lira	xejn
133(5)	Uffiċjal ta' kumpannija li jikser dispożizzjonijiet oħra dwar il-vot bil-prokura f'laqgħat tal-kumpannija	200 lira	xejn
145(2)	Direttur li jonqos li jagħti tagħrif dwar interess f'kuntratt	1000 lira	xejn
146(2)	Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jagħmlu prospett dwar tibdil tad-diretturi jew tas-segretarju	200 lira	10 liri
149(4)	Uffiċjali tal-kumpannija li jonqsu li jagħmlu l-minuti ta' laqgħat ġenerali u li jżommu ktieb tal-minuti fl-uffiċċju reġistrat	500 lira	xejn
151(3)	Uffiċjali tal-kumpannija li jonqsu li jagħtu avviż lir-Reġistratur fin-nuqqas tal-ħatra ta' udituri	200 lira	10 lira
154(3)	Uffiċjali u udituri ta' mpriża sussidjara li jonqsu li jagħtu tagħrif lill-udituri tal-kumpannija *parent*	200 lira	xejn
154(4)	Uffiċjali ta' kumpannija *parent* li jonqsu li jagħtu tagħrif lill-udituri dwar kumpannija barranija sussidjarja	200 lira	xejn
157(2)	Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jagħtu lir-Reġistratur riżoluzzjoni li tneħħi udituri	200 lira	10 liri
159(3)	Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jagħtu avviż lir-Reġistratur dwar riżenja ta' udituri	1000 lira	20 lira
160(5)	Diretturi li jonqsu li jieħdu l-passi xierqa biex isejħu laqgħa mitluba minn uditur li jirriżenja	1000 lira	xejn

L-GĦAXAR SKEDA

(Artikolu 427)

Penalitajiet

Artikolu	Nuqqas	Penali	Penali kull jum
162(1)	Uditur li jonqos li jħares l-artikolu 161 meta jispiċċa mill-kariga	500 lira	15 lira
162(3)	Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jħarsu l-artikolu 161 meta uditur jispiċċa mill-kariga	500 lira	15 lira
163(7)	Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jżommu *records* għal għaxar snin	500 lira	xejn
176(4)	Diretturi li japprovaw kontijiet difettużi	1000 lira	xejn
176(5)	Uffiċjali ta' kumpannija li joħorġu jew jikkonsenjaw lir-Reġistratur kontijiet li ma jkunux iffirmati kif imiss	200 lira	xejn
177(4)	Diretturi li jonqsu li jħarsu l-ħtiġiet dwar ir-rapport tad-diretturi	500 lira	xejn
178(4)	Uffiċjal li jiċċirkola jew li jippreżenta rapport tad-diretturi li ma jkunx iffirmat	500 lira	xejn
179(6)	Uffiċjali tal-kumpannija li jonqsu li jiddikjaraw l-ismijiet ta' l-udituri fir-rapport ta' l-udituri	200 lira	xejn
180(4)	Kumpannija u l-uffiċjali tagħha li jonqsu li jibgħatu kopji tal-kontijiet annwali lil persuni li jkollhom jedd għalihom	500 lira	xejn
180(6)	Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jipprovdu dokument fuq talba ta' persuna li jkollha jedd għalih	200 lira	10 liri
181(3)	Diretturi li jonqsu li jqiegħdu l-kontijiet jew li jqiegħdu kontijiet difettivi quddiem laqgħa ġenerali	1000 lira	20 lira
183(5)	Diretturi li jonqsu li jikkonsenjaw jew li jikkonsenjaw kontijiet difettużi lir-Reġistratur	1000 lira	20 lira
184(3)	Uffiċjali ta' kumpannija li jonqsu li jippreżentaw il-prospett annwali	1000 lira	20 lira
209(3)	Uffiċjali ta' kumpannija privata li joffru azzjonijiet jew obbligazzjonijiet għall-bejgħ lill-pubbliku	1000 lira	xejn

L-GĦAXAR SKEDA

(Artikolu 427)

Penalitajiet

